MT

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA



# SELEZZJONI TAS-SENTENZI EWLENIN SENA 2024

**KOLLEZZJONI TAS-SUNTI
TAD-DIRETTORAT TAR-RIĊERKA U TAD-DOKUMENTAZZJONI**

# Werrej

**Daħla** .......... **12**

**Kapitolu 1 – Il-Qorti tal-Ġustizzja** .......... **13**

**I. Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea** .......... **13**

**1. Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva** .......... **13**

Sentenza tal-11 ta’ Lulju 2024 (Awla Manja), Hann-Invest *et* (C-554/21, C-622/21 u C-727/21, EU:C:2024:594) .......... 13

Sentenza tad-29 ta’ Lulju 2024 (Awla Manja), protectus (C-185/23, EU:C:2024:657) .......... 16

**2. Prinċipju ta’ *ne bis in idem*** .......... **19**

Sentenza tal-25 ta’ Jannar 2024, Parchetul de pe lângă Curtea de Apel Craiova (C-58/22, EU:C:2024:70) .......... 19

**II. Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni: prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività** .......... **22**

Sentenza tad-9 ta’ April 2024 (Awla Manja), Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid ta’ proċedura magħluqa permezz ta’ sentenza definittiva) (C-582/21, EU:C:2024:282) .......... 22

**III. Protezzjoni tad-data personali** .......... **27**

**1. Komunikazzjonijiet telefoniċi u elettroniċi** .......... **27**

Sentenza tat-30 ta’ April 2024 (Seduta Plenarja), La Quadrature du Net *et* (Data personali u ġlieda kontra l-kontrafazzjoni) (C-470/21, EU:C:2024:370) .......... 27

Sentenza tat-30 ta’ April 2024 (Awla Manja), Procura della Repubblica presso il Tribunale di Bolzano (C-178/22, EU:C:2024:371) .......... 31

Sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Bezirkshauptmannschaft Landeck (Tentattiv ta’ aċċess għad-data personali maħżuna fuq telefon ċellulari) (C-548/21, EU:C:2024:830) .......... 34

**2. Data bijometrika u ġenetika** .......... **37**

Sentenza tat-30 ta’ Jannar 2024 (Awla Manja), Direktor na Glavna direktsia “Natsionalna politsia” pri MVR – Sofia (C-118/22, EU:C:2024:97) .......... 37

**3. Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)** .......... **40**

**a. Kamp ta’ applikazzjoni** .......... **40**

Sentenza tas-16 ta’ Jannar 2024 (Awla Manja), Österreichische Datenschutzbehörde (C-33/22, EU:C:2024:46) .......... 40

**b. Kunċett ta’ “kontrollur responsabbli għall-ipproċessar”** .......... **43**

Sentenza tal-11 ta’ Jannar 2024, État belge (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7) .......... 43

**c. Rimedji fil-każ ta’ ksur tal-GDPR** .......... **45**

Sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Lindenapotheke (C-21/23, EU:C:2024:846) .......... 45

IV. Ċittadinanza tal-Unjoni ........ 49

1. Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera taċ-ċittadini tal-Unjoni ........ 49

Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Mirin (C-4/23, EU:C:2024:845) ........ 49

2. Dritt tal-vot u tal-kandidatura għall-elezzjonijiet muniċipali u għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ........ 51

Sentenza tad-19 ta' Novembru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (Eliġibbiltà u kwalità ta' membru ta' partit politiku) (C-808/21, EU:C:2024:962) ........ 51

Sentenza tad-19 ta' Novembru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Eliġibbiltà u kwalità ta' membru ta' partit politiku) (C-814/21, EU:C:2024:963) ........ 55

V. Libertajiet ta' moviment tal-Unjoni: libertà ta' stabbiliment ........ 59

Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2024 (Awla Manja), Halmer Rechtsanwaltsgesellschaft (C-295/23, EU:C:2024:1037) ........ 59

VI. Dispożizzjonijiet istituzzjonali: dritt ta' aċċess tal-pubbliku għal dokumenti ........ 63

Sentenza tal-5 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni *et* (C-588/21 P, EU:C:2024:201) ........ 63

VII. Kawżi tal-Unjoni ........ 66

1. Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ........ 66

Sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), Valančius (C-119/23, EU:C:2024:653) ........ 66

2. Rinviju għal deċiżjoni preliminari ........ 69

a. Klassifikazzjoni tal-korp tar-rinviju bħala "qorti" ........ 69

Sentenza tad-9 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), G. *et* (Ħatra tal-imħallfin ordinarji fil-Polonja) (C-181/21 u C-269/21, EU:C:2024:1) ........ 69

Sentenza tas-7 ta' Mejju 2024 (Awla Manja), NADA *et* (C-115/22, EU:C:2024:384) ........ 71

b. Obbligu tal-qrati tal-aħħar istanza li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari ........ 73

Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), KUBERA (C-144/23, EU:C:2024:881) ........ 73

VIII. Agrikoltura u sajd ........ 78

Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Herbaria Kräuterparadies II (C-240/23, EU:C:2024:852) ........ 78

IX. Kontroll fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni ........ 81

1. Politika tal-ażil ........ 81

a. Kundizzjonijiet għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali ........ 81

Sentenza tas-16 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), Intervyuirasht organ na DAB pri MS (Nisa vittmi ta' vjolenza domestika) (C-621/21, EU:C:2024:47) ........ 81

Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi) (C-646/21, EU:C:2024:487) ........ 84

Sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Ministerstvo vnitra České republiky, Odbor azylové a migrační politiky (C-406/22, EU:C:2024:841) ....86

**b. Modalitajiet ta’ eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fil-każ li tiġi ppreżentata applikazzjoni għal-ażil ġdida ....89**

Sentenza tat-8 ta’ Frar 2024 (Awla Manja), Bundesrepublik Deutschland (Ammissibbiltà ta’ applikazzjoni sussegwenti) (C-216/22, EU:C:2024:122) ....89

Sentenza tat-18 ta’ Ġunju 2024 (Awla Manja), Bundesrepublik Deutschland (Effett ta’ deċiżjoni li tagħti l-istatus ta’ refuġjat) (C-753/22, EU:C:2024:524) ....91

**c. Effett tad-deċiżjoni li tagħti l-istatus ta’ refuġjat fil-każ ta’ talba għal estradizzjoni mressqa minn Stat terz ....94**

Sentenza tat-18 ta’ Ġunju 2024 (Awla Manja), Generalstaatsanwaltschaft Hamm (Talba għall-estradizzjoni ta’ refuġjat lejn it-Turkija) (C-352/22, EU:C:2024:521) ....94

**d. Protezzjoni temporanja fil-każ ta’ influss bil-massa ta’ persuni spostati ....96**

Sentenza tad-19 ta’ Diċembru 2024 (Awla Manja), Kaduna (C-244/24 u C-290/24, EU:C:2024:1038) ....96

**2. Politika tal-immigrazzjoni ....101**

Sentenza tat-30 ta’ Jannar 2024 (Awla Manja), Landeshauptmann von Wien (Riunifikazzjoni tal-familja ma’ minorenni refuġjat) (C-560/20, EU:C:2024:96) ....101

Sentenza tad-29 ta’ Lulju 2024 (Awla Manja), CU u ND (Assistenza soċjali – Diskriminazzjoni indiretta) (C-112/22 u C-223/22, EU:C:2024:636) ....103

**3. Kontroll fil-fruntieri ....105**

Sentenza tal-21 ta’ Marzu 2024 (Awla Manja), Landeshauptstadt Wiesbaden (C-61/22, EU:C:2024:251) ....105

**X. Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali ....110**

**1. Mandat ta’ arrest Ewropew ....110**

Sentenza tad-29 ta’ Lulju 2024, Breian (C-318/24 PPU, EU:C:2024:658) ....110

**2. Ordni ta’ investigazzjoni Ewropea f’materji kriminali ....113**

Sentenza tat-30 ta’ April 2024 (Awla Manja), M.N. (EncroChat) (C-670/22, EU:C:2024:372) ....113

**3. Ipproċessar ta’ data personali minn Europol ....115**

Sentenza tal-5 ta’ Marzu 2024 (Awla Manja), Kočner vs Europol (C-755/21 P, EU:C:2024:202) ....115

**XI. Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji ċivili ....120**

**1. Regolament Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ deċiżjonijiet fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri ....120**

Sentenza tal-20 ta’ Ġunju 2024, Greislzel (C-35/23, EU:C:2024:532) ....120

2. Regolament Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali ............ 122

Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Real Madrid Club de Fútbol (C-633/22, EU:C:2024:843) ............ 122

XII. Transport ............ 125

Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Il-Litwanja *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pakkett dwar il-mobbiltà) (C-541/20 sa C-555/20, EU:C:2024:818) ............ 125

XIII. Kompetizzjoni ............ 133

1. Akkordji (Artikolu 101 TFUE) ............ 133

Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs Servier *et* (C-176/19, EU:C:2024:549) ............ 133

Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs KRKA (C-151/19 P, EU:C:2024:546) ............ 133

Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, FIFA (C-650/22, EU:C:2024:824) ............ 140

2. Abbuż minn pożizzjoni dominanti (Artikolu 102 TFUE) ............ 144

Sentenza tat-18 ta' April 2024 (Awla Manja), Heureka Group (Komparaturi tal-prezzijiet online) (C-605/21, EU:C:2024:324) ............ 144

Sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping) (C-48/22 P, EU:C:2024:726) ............ 147

3. Konċentrazzjonijiet ............ 151

Sentenza tat-3 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Illumina u Grail vs Il-Kummissjoni (C-611/22 P u C-625/22 P, EU:C:2024:677) ............ 151

4. Għajnuna mill-Istat ............ 155

Sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* (C-465/20 P, EU:C:2024:724) ............ 155

5. Rimbors ta' multa ............ 161

Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Deutsche Telekom (C-221/22 P, EU:C:2024:488) ............ 161

XIV. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet ............ 165

1. Disinni Komunitarji ............ 165

Sentenza tas-27 ta' Frar 2024 (Awla Manja), EUIPO vs The KaiKai Company Jaeger Wichmann (C-382/21 P, EU:C:2024:172) ............ 165

2. Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ............ 167

Sentenza tal-14 ta' Marzu 2024, D & A Pharma vs Il-Kummissjoni (C-291/22 P, EU:C:2024:228) ............ 167

3. Kontroll tal-akkwist u tal-pussess ta' armi tan-nar ............ 171

Sentenza tal-5 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), Défense Active des Amateurs d'Armes *et* (C-234/21, EU:C:2024:200) ............ 171

**XV. Politika ekonomika u monetarja ........ 176**

Sentenza tat-18 ta’ Ġunju 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs SRB (C-551/22 P, EU:C:2024:520) ........ 176

**XVI. Kuntratti pubbliċi ........ 182**

Sentenza tat-22 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Kolin Inşaat Turizm Sanayi ve Ticaret (C-652/22, EU:C:2024:910) ........ 182

**XVII. Politika soċjali ........ 186**

**1. Protezzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat ........ 186**

Sentenza tal-20 ta’ Frar 2024 (Awla Manja), X (Assenza ta’ raġunijiet ta’ xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139) ........ 186

**2. Protezzjoni tal-ħaddiema part-time ........ 188**

Sentenza tad-29 ta’ Lulju 2024, KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation (C-184/22 u C-185/22, EU:C:2024:637) ........ 188

**XVIII. Ambjent ........ 191**

Sentenza tal-25 ta’ Ġunju 2024 (Awla Manja), Ilva *et* (C-626/22, EU:C:2024:542) ........ 191

**XIX. Ftehimiet internazzjonali ........ 194**

**1. Negozjati u konklużjoni ........ 194**

Sentenza tad-9 ta’ April 2024, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Iffirmar ta’ ftehimiet internazzjonali) (C-551/21, EU:C:2024:281) ........ 194

**2. Kontenut u portata ........ 196**

**a. Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija ........ 196**

Sentenza tad-29 ta’ Frar 2024, Raad van bestuur va de Sociale verzekeringsbank (Trasferiment ta’ benefiċċji tas-superstiti) (C-549/22, EU:C:2024:184) ........ 196

**b. Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Euratom u r-Renju Unit ........ 199**

Sentenza tad-29 ta’ Lulju 2024 (Awla Manja), Alchaster (C-202/24, EU:C:2024:649) ........ 199

**c. Ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni mar-Renju tal-Marokk .. 201**

Sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Confédération paysanne (Bettieħ u tadam mis-Saħara tal-Punent) (C-399/22, EU:C:2024:839) ........ 201

Sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario (C-778/21 P u C-798/21 P, EU:C:2024:833) ........ 204

Sentenza tal-4 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario (C-779/21 P u C-799/21 P, EU:C:2024:835) ........ 204

**XX. Politika estera u ta’ sigurtà komuni ........ 211**

**1. Miżuri restrittivi ........ 211**

Sentenza tal-5 ta’ Settembru 2024, Jemerak (C-109/23, EU:C:2024:681) ........ 211

Sentenza tal-10 ta’ Settembru 2024 (Awla Manja), Neves 77 Solutions (C-351/22, EU:C:2024:723) ....213

**2. Rikors għad-danni ....216**

Sentenza tal-10 ta’ Settembru 2024 (Awla Manja), KS *et* vs Il-Kunsill *et* (C-29/22 P u C-44/22 P, EU:C:2024:725) ....216

**Kapitolu 2 – Il-Qorti Ġenerali....222**

**I. Kawżi tal-Unjoni....222**

**1. Rikors għal annullament ....222**

Digriet tal-4 ta’ Ġunju 2024 (Awla Manja), Medel *et* vs Il-Kunsill (Kawżi magħquda T-530/22 sa T-533/22, EU:T:2024:363)....222

**2. Rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali ....224**

Sentenza tat-23 ta’ Ottubru 2024, Keserű Művek vs L-Unjoni Ewropea (T-519/23, EU:T:2024:733)....224

**II. Dritt istituzzjonali: attività inkompatibbli mal-funzjonijiet ....227**

Sentenza tal-11 ta’ Settembru 2024, CQ vs Il-Qorti tal-Awdituri (T-386/19, EU:T:2024:613)....227

**III. Kompetizzjoni ....230**

**1. Akkordji (Artikolu 101 TFUE) ....230**

Sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2024, Crown Holdings u Crown Cork & Seal Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-587/22, EU:T:2024:661)....230

Sentenza tas-6 ta’ Novembru 2024, Crédit agricole *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-386/21 u T-406/21, EU:T:2024:776) ....233

**2. Konċentrazzjonijiet ....240**

Sentenza tat-13 ta’ Novembru 2024, NetCologne vs Il-Kummissjoni (T-58/20, EU:T:2024:813)....240

Sentenza tat-13 ta’ Novembru 2024, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-64/20, EU:T:2024:815) ....240

Sentenza tat-13 ta’ Novembru 2024, Tele Columbus vs Il-Kummissjoni (T-69/20, EU:T:2024:816)....240

**3. Għajnuna mill-Istat ....247**

Sentenza tal-24 ta’ Jannar 2024, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-409/21, EU:T:2024:34)....247

Sentenza tat-28 ta’ Frar 2024, Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-390/20, EU:T:2024:126)....249

Sentenza tat-28 ta’ Frar 2024, Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni (T-364/20, EU:T:2024:125)....253

Sentenza tal-10 ta’ April 2024, Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni (T-486/18 RENV, EU:T:2024:217) ....256

Sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2024, European Food *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-624/15 RENV, T-694/15 RENV u T-704/15 RENV, EU:T:2024:659)....259

**IV. Proprjetà intellettwali ......... 264**

**1. Trade mark tal-Unjoni Ewropea ......... 264**

Digriet tat-8 ta’ Frar 2024, Fly Persia u Barmodeh vs EUIPO – Dubai Aviation (flyPersia) (T-30/23, EU:T:2024:86) ......... 264

Sentenza tat-13 ta’ Novembru 2024, Administration of the State Border Guard Service of Ukraine vs EUIPO (RUSSIAN WARSHIP, GO F**K YOURSELF) (T-82/24, EU:T:2020:821) ......... 265

**2. Disinni ......... 267**

Sentenza tat-23 ta’ Ottubru 2024, Orgatex vs EUIPO – Longton (Marki fl-art) (T-25/23, EU:T:2024:725) ......... 267

**V. Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi ......... 269**

**1. Il-Bjelorussja ......... 269**

Sentenza tal-20 ta’ Marzu 2024, Belshyna vs Il-Kunsill (T-115/22, EU:T:2024:187) ......... 269

**2. L-Ukraina ......... 270**

Sentenza tal-11 ta’ Settembru 2024 (Awla Manja), Timchenko u Timchenko vs Il-Kunsill (T-644/22, EU:T:2024:621) ......... 270

Sentenza tal-11 ta’ Settembru 2024 (Awla Manja), Fridman *et* vs Il-Kunsill (T-635/22, EU:T:2024:620) ......... 273

**3. Ir-Russja ......... 276**

Sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2024 (Awla Manja), Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles *et* vs Il-Kunsill (T-797/22, EU:T:2024:670) ......... 276

**VI. Servizzi diġitali ......... 279**

Sentenza tas-17 ta’ Lulju 2024, Bytedance vs Il-Kummissjoni (T-1077/23, EU:T:2024:478) ......... 279

**VII. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ......... 287**

Sentenza tas-7 ta’ Frar 2024, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (T-501/22, EU:T:2024:71) ......... 287

**VIII. Saħħa pubblika ......... 290**

Sentenza tal-21 ta’ Frar 2024, PAN Europe vs Il-Kummissjoni (T-536/22, EU:T:2024:98) ......... 290

Sentenza tal-15 ta’ Mejju 2024, Fresenius Kabi Austria *et* vs Il-Kummissjoni (T-416/22, EU:T:2024:316) ......... 292

**IX. Enerġija ......... 295**

Sentenza tas-27 ta’ Novembru 2024, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19 RENV, EU:T:2024:864) ......... 295

**X. Politika kummerċjali komuni ......... 299**

Sentenza tal-21 ta’ Frar 2024, Sinopec Chongqing SVW Chemical *et* vs Il-Kummissjoni (T-762/20, EU:T:2024:113) ......... 299

Sentenza tal-21 ta’ Frar 2024, Inner Mongolia Shuangxin Environment-Friendly Material vs Il-Kummissjoni (T-763/20, EU:T:2024:114) ......... 301

**XI. Politika ekonomika u monetarja ........................................ 305**

**1. Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni ........................................ 305**

Sentenza tal-10 ta' Lulju 2024, Franza vs SRB (T-540/22, EU:T:2024:459) ........................................ 305

**2. Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu ........................................ 307**

Sentenza tat-28 ta' Frar 2024, Sber vs BĊE (Kawżi magħquda T-647/21 u T-99/22, EU:T:2024:127) ........................................ 307

Sentenza tat-28 ta' Frar 2024, BAWAG PSK vs BĊE (T-667/21, EU:T:2024:131) ........................................ 307

Sentenza tal-10 ta' Lulju 2024, PH *et* vs BĊE (T-323/22, EU:T:2024:460) ........................................ 311

**XII. Kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ........................................ 314**

Sentenza tal-21 ta' Frar 2024, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni (T-38/21, EU:T:2024:100) ........................................ 314

Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, VC vs EU-OSHA (Esklużjoni mill-kuntratti pubbliċi abbażi ta' deċiżjoni amministrattiva nazzjonali sospiża) (T-126/23, EU:T:2024:666) ........................................ 315

**XIII. Klawżola ta' arbitraġġ ........................................ 320**

Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2024, UIV Servizi vs REA (T-440/22, EU:T:2024:898) ........................................ 320

**XIV. Baġit tal-Unjoni ........................................ 323**

Sentenza tal-4 ta' Settembru 2024, IMG vs Il-Kummissjoni (T-509/21, EU:T:2024:590) ........................................ 323

**XV. Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet ........................................ 330**

**1. Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji ........................................ 330**

Sentenza tal-10 ta' Lulju 2024, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (T-104/22, EU:T:2022:391) ........................................ 330

**2. Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-persuna ........................................ 332**

Sentenza tat-8 ta' Mejju 2024, Izuzquiza *et* vs Il-Parlament (T-375/22, EU:T:2024:296) ........................................ 332

**XVI. Servizz pubbliku ........................................ 336**

**1. Proċedura dixxiplinari ........................................ 336**

Sentenza tad-29 ta' Mejju 2024, Canel Ferreiro vs Il-Kunsill (T-766/22, EU:T:2024:336) ........................................ 336

**2. Allowances ........................................ 337**

Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2024, VA vs Il-Kummissjoni (T-123/23, EU:T:2024:359) ........................................ 337

Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2024, Paraskevaidis vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-698/21, EU:T:2024:425) ........................................ 339

**3. Status ta' informatur ........................................ 340**

Sentenza tal-11 ta' Settembru 2024, TU vs Il-Parlament (T-793/22, EU:T:2024:614) ........................................ 340

**XVII. Talbiet għal miżuri provviżorji ........................................ 344**

Digriet tad-9 ta' Frar 2024, Bytedance vs Il-Kummissjoni (T-1077/23 R, EU:T:2024:94) ........................................ 344

Digriet tat-13 ta' Ġunju 2024, Vivendi vs Il-Kummissjoni (T-1097/23 R-RENV, EU:T:2024:381) ........................................ 346

Digriet tat-13 ta’ Ġunju 2024, Lagardère vs Il-Kummissjoni (T-1119/23 R-RENV, EU:T:2024:382) ... 346

Digriet tat-12 ta’ Awwissu 2024, Nuctech Warsaw Company Limited u Nuctech Netherlands vs Il-Kummissjoni (T-284/24 R, EU:T:2024:564) ... 348

Digriet tat-22 ta’ Novembru 2024, UniCredit vs BĊE (T-324/24 R, EU:T:2024:858) ... 350

# Daħla

Is-*Selezzjoni tas-sentenzi ewlenin* hija pubblikazzjoni annwali ppreparata mid-Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni li tiġbor fiha s-sunti tad-deċiżjonijiet ewlenin tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Din il-pubblikazzjoni tidentifika l-iktar żviluppi importanti fil-ġurisprudenza kif identifikati miż-żewġ qrati. B'hekk hija toffri lill-professjonisti tad-dritt analiżi sintetika tal-kontribuzzjonijiet prinċipali tal-ġurisprudenza mogħtija matul is-sena li għaddiet.

Is-*Selezzjoni tas-sentenzi ewlenin* tieħu l-forma ta' kompilazzjoni ta' sunti, organizzati tema b'tema f'ordni ispirat mill-istruttura tat-Trattati tal-Unjoni Ewropea. Għal kull sunt, qiegħed jingħata hyperlink għat-test tad-deċiżjoni, sabiex b'hekk ikun possibbli aċċess immedjat għall-kontenut tagħha. Fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-pubblikazzjoni tippreżenta d-deċiżjonijiet mogħtija mill-Awla Manja, kif ukoll uħud mis-sentenzi tal-awli b'ħames imħallfin, fid-dawl tal-importanza tagħhom, tas-suġġetti ttrattati, tal-interess tagħhom għall-pubblika u tal-oriġinalità tagħhom. Is-selezzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali ssegwi loġika simili.

Disponibbli kompletament f'verżjoni diġitali, is-*Selezzjoni tas-sentenzi ewlenin* hija direttament aċċessibbli, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, fis-sit internet tal-istituzzjoni.

Celestina Iannone
*Direttriċi*
*Riċerka u Dokumentazzjoni*

# Kapitolu 1 – Il-Qorti tal-Ġustizzja

## I. Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea [1]

### 1. Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

**Sentenza tal-11 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), Hann-Invest *et* (C-554/21, C-622/21 u C-727/21, EU:C:2024:594)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni – Indipendenza tal-imħallfin – Qorti stabbilita qabel mil-liġi – Smigħ xieraq – Dipartiment ta' reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-istabbiliment ta' mħallef tar-reġistrazzjoni, fil-qrati tat-tieni istanza, li jkollu, fil-prattika, is-setgħa li jissospendi l-għoti ta' deċiżjoni, li jagħti istruzzjonijiet lill-kulleġġ ġudikanti u li jitlob il-konvokazzjoni ta' laqgħa tas-sezzjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi s-setgħa, għas-seduti ta' sezzjoni jew tal-imħallfin kollha ta' qorti, li toħroġ 'pożizzjonijiet legali' vinkolanti, inklużi għall-kawżi li jkunu diġà ġew iddeliberati"*

---

[1] F'din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll dawn is-sentenzi: is-sentenza tat-30 ta' April 2024 (Seduta Plenarja), ***La Quadrature du Net et (Data personali u ġlieda kontra l-kontrafazzjoni)*** (C-470/21, EU:C:2024:370), is-sentenza tat-30 ta' April 2024 (Awla Manja), ***Procura della Repubblica presso il Tribunale di Bolzano*** (C-178/22, EU:C:2024:371), is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Bezirkshauptmannschaft Landeck (Tentattiv ta' aċċess għad-data personali maħżuna fuq telefon portabbli)*** (C-548/21, EU:C:2024:830), ippreżentati fit-Taqsima III.1, "Komunikazzjonijiet telefoniċi u elettroniċi"; is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), ***Direktor na Glavna direktsia "Natsionalna politsia" pri MVR – Sofia*** (C-118/22, EU:C:2024:97), ippreżentata fit-Taqsima III.2, "Data biometrika u ġenetika"; is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Mirin*** (C-4/23, EU:C:2024:845), ippreżentata fit-Taqsima IV.1, "Dritt għal moviment liberu u għal residenza libera taċ-ċittadini tal-Unjoni"; is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2024 (Awla Manja), ***Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (Eliġibbiltà u kwalità ta' membru ta' partit politiku)*** (C-808/21, EU:C:2024:962), is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2024 (Awla Manja), ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Eliġibbiltà u kwalità ta' membru ta' partit politiku)*** (C-814/21, EU:C:2024:963), ippreżentati fit-Taqsima IV.2, "Dritt ta' vot u eliġibbiltà għall-elezzjonijiet muniċipali u għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew"; is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), ***Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni et*** (C-588/21 P, EU:C:2024:201), ippreżentata fit-Taqsima VI, "Dispożizzjonijiet istituzzjonali: dritt ta' aċċess tal-pubbliku għal dokumenti"; is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), ***Valančius*** (C-119/23, EU:C:2024:653), ippreżentata fit-Taqsima VII.1, "Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja"; is-sentenza tad-9 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), ***G. et (Ħatra tal-imħallfin tal-qrati ordinarji fil-Polonja)*** (C-181/21 u C-269/21, EU:C:2024:1), is-sentenza tas-7 ta' Mejju 2024 (Awla Manja), ***NADA et*** (C-115/22, EU:C:2024:384), is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***KUBERA*** (C-144/23, EU:C:2024:881), ippreżentati fit-Taqsima VII.2, "Rinviju għal deċiżjoni preliminari"; is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), ***Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi)*** (C-646/21, EU:C:2024:487), is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), ***Generalstaatsanwaltschaft Hamm (Talba għall-estradizzjoni ta' refuġjat lejn it-Turkija)*** (C-352/22, EU:C:2024:521), is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), ***Bundesrepublik Deutschland (Effett ta' deċiżjoni li tagħti l-istatus ta' refuġjat)*** (C-753/22, EU:C:2024:524), ippreżentati fit-Taqsima IX.1, "Politika tal-ażil"; is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), ***Landeshauptmann von Wien (Riunifikazzjoni tal-familja ma' minorenni refuġjat)*** (C-560/20, EU:C:2024:96), is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), ***CU u ND (Assistenza soċjali – Diskriminazzjoni indiretta)*** (C-112/22 u C-223/22, EU:C:2024:636), ippreżentati fit-Taqsima IX.2, "Politika tal-immigrazzjoni"; is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), ***Landeshauptstadt Wiesbaden*** (C-61/22, EU:C:2024:251), ippreżentata fit-Taqsima IX.3, "Kontrolli fil-fruntieri"; is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, ***Breian*** (C-318/24 PPU, EU:C:2024:658), ippreżentata fit-Taqsima X.1, "Mandat ta' arrest Ewropew"; is-sentenza tat-30 ta' April 2024, (Awla Manja), ***M.N. (EncroChat)*** (C-670/22, EU:C:2024:372), ippreżentata fit-Taqsima X.2, "Ordni ta' investigazzjoni Ewropea fil-qasam kriminali"; is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Real Madrid Club de Fútbol*** (C-633/22, EU:C:2024:843), ippreżentata fit-Taqsima XI.2, "Regolament Nru 44/2001 dwar il-ġurisprudenza, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fil-qasam ċivili"; is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2024, ***D & A Pharma vs Il-Kummissjoni*** (C-291/22 P, EU:C:2024:228), ippreżentata fit-Taqsima XIV.2, "Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem"; is-sentenza tal-5 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), ***Défense Active des Amateurs d'Armes et*** (C-234/21, EU:C:2024:200), ippreżentata fit-Taqsima XIV.3, "Kontroll tal-akkwist u tal-pussess ta' armi tan-nar"; is-sentenza tal-20 ta' Frar 2024, (Awla Manja), ***X (Assenza ta' raġunijiet ta' xoljiment)*** (C-715/20, EU:C:2024:139), ippreżentata fit-Taqsima XVII.1, "Protezzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat"; is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), ***Ilva et*** (C-626/22, EU:C:2024:542), ippreżentata fit-Taqsima XVIII, "Ambjent"; is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), ***Alchaster*** (C-202/24, EU:C:2024:649), ippreżentata fit-Taqsima XIX.2, "Kontenut u portata"; is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), ***Neves 77 Solutions*** (C-351/22, EU:C:2024:723), ippreżentata fit-Taqsima XX.1, "Miżuri restrittivi"; is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), ***KS et vs Il-Kunsill et*** (C-29/22 P u C-44/22 P, EU:C:2024:725), ippreżentata fit-Taqsima XX.2, "Rikors għad-danni".

L-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif ukoll għal smigħ xieraq, mekkaniżmu intern għal qorti nazzjonali li kien jipprevedi l-intervent, fil-proċess deċiżjonali tal-kulleġġ ġudikanti responsabbli għal kawża, ta' mħallfin oħra tal-qorti kkonċernata, sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-ġurisprudenza tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija dwar dan is-suġġett mill-Visoki trgovački sud (il-Qorti Kummerċjali tal-Appell, il-Kroazja), li kienet ġiet adita bi tliet appelli minn digrieti mogħtija fil-kuntest ta' proċeduri ta' insolvenza. Il-qorti tar-rinviju, sedenti f'kulleġġi ġudikanti bi tliet Imħallfin, eżaminat dawn it-tliet appelli u ċaħdithom b'unanimità, u b'hekk ikkonfermat id-deċiżjonijiet mogħtija fl-ewwel istanza. L-imħallfin ta' din il-qorti ffirmaw is-sentenzi tagħhom u ttrażmettewhom sussegwentement lid-dipartiment tar-reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji tagħha [2].

Issa, l-imħallef tad-dipartiment tar-reġistrazzjoni (iktar 'il quddiem l-"imħallef tar-reġistrazzjoni") irrifjuta li jirreġistra dawn it-tliet deċiżjonijiet ġudizzjarji u bagħathom lura lill-kulleġġi ġudikanti rispettivi, flimkien ma' ittra li tindika li huwa ma kienx jaqbel mas-soluzzjonijiet adottati. Fi tnejn minn dawn il-kawżi (C-554/21 u C-622/21), dan l-imħallef semma deċiżjonijiet oħra tal-qorti tar-rinviju li adottaw soluzzjonijiet differenti minn dawk fil-kawżi prinċipali. Fit-tielet kawża (C-727/21), huwa indika n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-interpretazzjoni ġuridika adottata mill-kulleġġ ġudikanti, mingħajr madankollu ma invoka ebda deċiżjoni ġudizzjarja.

Sussegwentement, fil-Kawża C-727/21, il-kulleġġ ġudikanti ltaqa' għal deliberazzjonijiet ġodda. Wara li eżamina mill-ġdid l-appell u l-opinjoni tal-imħallef tar-reġistrazzjoni, huwa ddeċieda li ma jibdilx is-soluzzjoni preċedenti tiegħu. Għaldaqstant, huwa ta deċiżjoni ġudizzjarja ġdida u bagħatha lid-dipartiment tar-reġistrazzjoni.

Filwaqt li pprefera soluzzjoni legali differenti, l-imħallef tar-reġistrazzjoni ttrasferixxa l-imsemmija kawża prinċipali lis-sezzjoni tal-kontenzjuż kummerċjali u kawżi oħra tal-qorti tar-rinviju. Din is-sezzjoni sussegwentement adottat "pożizzjoni legali", li fiha hija adottat is-soluzzjoni ppreferuta mill-imħallef tar-reġistrazzjoni. L-istess kawża prinċipali ġiet sussegwentement mibgħuta lura quddiem il-kulleġġ ġudikanti kkonċernat sabiex dan jagħti deċiżjoni konformement ma' din il-"pożizzjoni legali".

Peress li kellha dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-mekkaniżmu li jipprevedi l-intervent, fil-proċess deċiżjonali tagħha, tal-imħallef tar-reġistrazzjoni u ta' mħallfin oħra ta' qorti li tadotta "pożizzjonijiet legali", il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, qabelxejn, li kull miżura jew prassi nazzjonali intiża li jiġu evitati diverġenzi fil-ġurisprudenza jew li jiġu rrimedjati dawn id-diverġenzi, u biex b'hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza legali inerenti għall-prinċipju tal-Istat tad-dritt, għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

Fl-ewwel lok, hija eżaminat, fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti, il-prassi li permezz tagħha d-deċiżjoni ġudizzjarja adottata mill-kulleġġ ġudikanti responsabbli għall-kawża tkun tista' titqies li tkun definittiva u tkun tista' tintbagħat lill-partijiet biss jekk il-kontenut tagħha jkun ġie approvat minn imħallef tar-reġistrazzjoni li ma jagħmilx parti minn dan il-kulleġġ ġudikanti.

---

**2** Skont l-Artikolu 177(3) tas-Sudski poslovnik (ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qrati), li jistabbilixxi: "Quddiem qorti tat-tieni istanza, kawża hija kkunsidrata magħluqa fid-data meta tintbagħat id-deċiżjoni mill-uffiċċju tal-imħallef ikkonċernat, wara li l-kawża tirritorna mid-dipartiment tar-reġistrazzjoni. Sa mid-data minn meta jirċievi l-proċess, id-dipartiment tar-reġistrazzjoni għandu jibagħtu lura lill-uffiċċju tal-imħallef fl-iqsar żmien possibbli. Sussegwentement, id-deċiżjoni għandha tintbagħat f'terminu ġdid ta' tmint'ijiem.".

F'dan ir-rigward, hija osservat li, għalkemm l-imħallef tar-reġistrazzjoni ma setax jissostitwixxi l-evalwazzjoni tiegħu għal dik tal-kulleġġ ġudikanti responsabbli għall-kawża, huwa seta', fil-fatt, jimblokka r-reġistrazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja adottata u, b'hekk, jostakola l-konklużjoni tal-proċess deċiżjonali u n-notifika ta' din id-deċiżjoni lill-partijiet. Huwa seta' għalhekk jibgħat lura l-kawża lil dan il-kulleġġ ġudikanti għal eżami mill-ġdid tal-imsemmija deċiżjoni fid-dawl tal-osservazzjonijiet legali tiegħu stess u, fil-każ ta' persistenza ta' nuqqas ta' qbil mal-imsemmi kulleġġ ġudikanti, jistieden lill-President tas-sezzjoni kkonċernata jsejjaħ laqgħa tas-sezzjoni għall-finijiet tal-adozzjoni, minn din tal-aħħar, ta' "pożizzjoni legali" li tiġi imposta, b'mod partikolari, fuq l-istess kulleġġ ġudikanti. Tali prassi kellha l-effett li tippermetti l-indħil tal-imħallef tar-reġistrazzjoni fil-kawża kkonċernata, peress li dan l-indħil seta' jwassal sabiex dan l-imħallef jinfluwenza s-soluzzjoni definittiva adottata f'din il-kawża.

Issa, l-ewwel nett, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx tidher li kienet tipprevedi intervent ta' din in-natura mill-imħallef tar-reġistrazzjoni. It-tieni nett, dan l-intervent kien iseħħ wara li l-kulleġġ ġudikanti li lilu tkun ġiet assenjata l-kawża kkonċernata jkun adotta, fi tmiem id-deliberazzjonijiet tiegħu, id-deċiżjoni ġudizzjarja tiegħu, minkejja li dan l-imħallef ma kienx parti minn dan il-kulleġġ ġudikanti u għalhekk ma jkunx ipparteċipa fl-istadji preċedenti tal-proċedura li tkun wasslet għal dan it-teħid ta' deċiżjoni. It-tielet nett, is-setgħa ta' intervent tal-imħallef tar-reġistrazzjoni lanqas biss kienet tidher li kienet limitata minn kriterji oġġettivi ddikjarati b'mod ċar, li kienu jirriflettu ġustifikazzjoni partikolari u xierqa sabiex jiġi evitat l-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-intervent ta' dan l-imħallef tar-reġistrazzjoni ma kienx konċiljabbli mar-rekwiżiti inerenti għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tippermetti li laqgħa ta' sezzjoni ta' qorti nazzjonali tobbliga, permezz tal-ħruġ ta' "pożizzjoni legali", lill-kulleġġ ġudikanti responsabbli għall-kawża jbiddel il-kontenut tad-deċiżjoni ġudizzjarja li dan ikun adotta qabel, meta din il-laqgħa ta' sezzjoni kienet tinkludi wkoll imħallfin differenti minn dawk ta' dan il-kulleġġ ġudikanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, persuni esterni għall-qorti kkonċernata li quddiemhom il-partijiet ma kellhomx il-possibbiltà li jsostnu l-argumenti tagħhom.

F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-intervent tal-laqgħa tas-sezzjoni kien jippermetti, fil-fatt, l-indħil, fis-soluzzjoni definittiva ta' kawża deliberata u deċiża qabel mill-kulleġġ ġudikanti kompetenti, iżda li tkun għadha ma ġietx irreġistrata u mibgħuta, ta' grupp ta' mħallfin li jipparteċipaw f'din il-laqgħa tas-sezzjoni. Fil-fatt, il-perspettiva, għal dan il-kulleġġ ġudikanti, li jara, fil-każ taż-żamma min-naħa tiegħu ta' perspettiva legali opposta għal dik tal-imħallef tar-reġistrazzjoni, id-deċiżjoni ġudizzjarja tiegħu suġġetta għall-istħarriġ ta' laqgħa ta' sezzjoni, kif ukoll l-obbligu, għall-imsemmi kulleġġ ġudikanti, li josserva, wara deliberazzjonijiet li madankollu jkunu ntemmu, il-"pożizzjoni legali" li tkun ġiet iddefinita minn din il-laqgħa ta' sezzjoni kienu ta' natura li jinfluwenzaw il-kontenut finali ta' din id-deċiżjoni.

Issa, minn naħa, ma kienx jidher li s-setgħa ta' intervent tal-laqgħa tas-sezzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet suffiċjentement irregolata minn kriterji oġġettivi u applikati bħala tali. B'mod partikolari, mid-dispożizzjoni li kienet tipprevedi l-konvokazzjoni ta' laqgħa tas-sezzjoni [3] ma kienx jirriżulta li din il-laqgħa setgħet tissejjaħ, bħal fil-Kawża C-727/21, sempliċement għar-raġuni li l-imħallef tar-reġistrazzjoni ma jkunx qiegħed jaqbel mal-perspettiva legali tal-kulleġġ ġudikanti kompetenti. Min-naħa l-oħra, il-konvokazzjoni ta' laqgħa ta' sezzjoni u l-ħruġ minnha ta' "pożizzjoni legali" vinkolanti, b'mod partikolari, għall-kulleġġ ġudikanti responsabbli għal din il-kawża, fl-ebda

[3] L-Artikolu 40(1) taż-Zakon o sudovima (il-Liġi dwar il-Qrati) jipprevedi li laqgħa ta' sezzjoni jew ta' mħallfin tissejjaħ meta jiġi kkonstatat li jeżistu interpretazzjonijiet differenti bejn sezzjonijiet, awli jew imħallfin dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-liġi jew meta awla jew imħallef ta' sezzjoni jinjora l-pożizzjoni legali adottata preċedentement.

mument ma kienu jitressqu għall-konjizzjoni tal-partijiet. Għalhekk, dawn il-partijiet ma kinux jidhru li kellhom il-possibbiltà li jeżerċitaw id-drittijiet proċedurali tagħhom quddiem tali laqgħa ta’ sezzjoni.

Fid-dawl ta’ dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma kinitx konċiljabbli mar-rekwiżiti inerenti għad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif ukoll għal smigħ xieraq.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, sabiex jiġu evitati diverġenzi fil-ġurisprudenza jew sabiex jiġu rrimedjati dawn id-diverġenzi u sabiex b’hekk tiġi żgurata ċ-ċertezza legali inerenti għall-prinċipju tal-Istat tad-dritt, mekkaniżmu proċedurali li jippermetti lil imħallef ta’ qorti nazzjonali li ma jkunx sedenti fil-kulleġġ ġudikanti kompetenti li jibgħat kawża lura quddiem kulleġġ ġudikanti estiż ta’ din il-qorti ma jiksirx ir-rekwiżiti li jirriżultaw mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, bil-kundizzjoni li l-kawża tkun għadha ma ġietx iddeliberata mill-kulleġġ ġudikanti inizjalment maħtur, li ċ-ċirkustanzi li fihom kawża tkun tista’ tintbagħat lura jkunu stabbiliti b’mod ċar fil-leġiżlazzjoni applikabbli u li l-fatt li kawża tintbagħat lura ma jċaħħadx lill-persuni kkonċernati mill-possibbiltà li jipparteċipaw fil-proċedura quddiem dan il-kulleġġ ġudikanti estiż. Barra minn hekk, il-kulleġġ ġudikanti inizjalment maħtur dejjem seta’ jagħti deċiżjoni li jibgħat lura kawża.

### Sentenza tad-29 ta’ Lulju 2024 (Awla Manja), protectus (C-185/23, EU:C:2024:657)

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2013/488/UE – Informazzjoni kklassifikata – Approvazzjoni ta’ sigurtà għal faċilità (ASF) – Irtirar tal-approvazzjoni – Nuqqas ta’ żvelar ta’ informazzjoni klassifikata li fuqha huwa bbażat l-irtirar – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Obbligu ta’ motivazzjoni – Aċċess għall-proċess – Prinċipju ta’ kontradittorju – Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni“*

Adita b’talba għal deċiżjoni preliminari min-Najvyšší správny súd Slovenskej republiky (il-Qorti Amministrattiva Suprema tar-Repubblika Slovakka) fil-kuntest ta’ kawża li kienet tirrigwarda l-irtirar ta’ approvazzjoni ta’ sigurtà għal faċilità bbażata fuq informazzjoni kklassifikata, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet preċiżazzjonijiet dwar l-ibbilanċjar li għandu jitwettaq bejn id-dritt għal rimedju effettiv u l-interessi li jiġġustifikaw in-nuqqas ta’ żvelar ta’ ċerta informazzjoni kklassifikata.

F’Settembru 2018, l-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali tas-Slovakkja (iktar ’il quddiem l-“USN”) ħareġ lil protectus s. r. o. ċertifikazzjoni ta’ sigurtà industrijali li permezz tagħha, skont id-dritt ta’ dan l-Istat Membru, hija ġiet awtorizzata taċċedi għal informazzjoni kklassifikata skont id-dritt nazzjonali. F’Novembru 2018, l-USN ħarġilha wkoll ċertifikat tas-sigurtà industrijali għal-livell “SECRET UE/EU SECRET”. Permezz ta’ dan iċ-ċertifikat, hija ġiet awtorizzata taċċedi għal informazzjoni klassifikata tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem l-“IKUE”).

Sussegwentement, l-USN sar jaf b’informazzjoni mhux ikklassifikata li kienet tindika, b’mod partikolari, li protectus jew il-ġestjonarji tagħha kienu s-suġġett ta’ investigazzjoni kriminali, li hija kienet ikkonkludiet kuntratti ma’ kumpanniji suġġetti għal tali investigazzjoni u li kien hemm suspetti li r-rikorrenti u kumpannija oħra, imqiegħda taħt kontroll komuni, kienu wieġbu għall-istess sejħiet għal offerti. L-USN kiseb ukoll informazzjoni oħra, li ġiet ikklassifikata bħala “provi bil-miktub ikklassifikati”.

L-USN ippermetta lil protectus tesprimi l-fehmiet tagħha dwar l-informazzjoni mhux ikklassifikata għad-dispożizzjoni tiegħu. Permezz ta’ deċiżjoni adottata f’Awwissu 2020, ibbażata, parzjalment, fuq informazzjoni kklassifikata, dan il-korp, minn naħa, annulla ċ-ċertifikazzjoni ta’ sigurtà industrijali tar-rikorrenti minħabba li kien ġie stabbilit riskju ta’ sigurtà li jikkonċernaha u, min-naħa l-oħra, b’konsegwenza tal-annullament ta’ din iċ-ċertifikazzjoni ta’ sigurtà industrijali, annulla ċ-ċertifikat ta’ sigurtà industrijali tar-rikorrenti.

Permezz ta’ deċiżjoni tal-kumitat tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka għall-eżami mill-ġdid tad-deċiżjonijiet tal-USN adottata f’Novembru 2020, ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti kontra din id-

deċiżjoni tal-USN ġie miċħud. F’Settembru 2022, l-USN bagħat lill-qorti tar-rinviju, adita bir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-imsemmi kumitat, il-proċess kollu, inklużi l-provi bil-miktub ikklassifikati.

F’Ottubru 2022, il-President tal-awla adita bir-rikors tar-rikorrenti l-ewwel eskluda mill-konsultazzjoni il-partijiet ikklassifikati tal-proċess u mbagħad ċaħad it-talba tal-avukat tar-rikorrenti li jikkonsulta l-provi bil-miktub ikklassifikati, filwaqt li talab lill-USN jeżamina tali possibbiltà ta’ komunikazzjoni. F’Novembru 2022, dan il-korp awtorizza l-komunikazzjoni ta’ żewġ provi bil-miktub ikklassifikati, filwaqt li rrifjuta li jikkomunika l-provi bil-miktub ikklassifikati l-oħra inkwistjoni, minħabba li dan kien ser iwassal għall-iżvelar ta’ sorsi ta’ informazzjoni.

F’Jannar 2023, filwaqt li bbaża ruħu b’mod partikolari fuq l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), l-avukat tar-rikorrenti talab mill-ġdid li jkun jista’ jikkonsulta l-provi kollha bil-miktub.

F’dan il-kuntest, minn naħa, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tal-Karta għat-tilwima fil-kawża prinċipali. F’dan ir-rigward, hija rrilevat b’mod partikolari li d-Deċiżjoni 2013/488 dwar il-protezzjoni tal-IKUE [4] timponi ċerti obbligi konkreti fuq l-Istati Membri fil-qasam tal-awtorizzazzjoni ta’ persuni fiżiċi jew ġuridiċi li għandhom il-kapaċità ġuridika li jikkonkludu kuntratti, li seta’ jimplika li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi implimentazzjoni ta’ din id-deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, fil-każ li l-Karta kienet applikabbli għat-tilwima, il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża sa fejn il-leġiżlazzjoni u l-prassi Slovakki dwar l-aċċess għal informazzjoni kklassifikata fil-kuntest ta’ proċeduri intiżi li jikkontestaw l-annullament ta’ ċertifikazzjoni jew ta’ ċertifikati ta’ sigurtà industrijali kienu kompatibbli mad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat qabelxejn l-applikabbiltà tagħha għall-irtirar ta’ ċertifikazzjoni ta’ sigurtà industrijali li tippermetti l-aċċess għal informazzjoni kklassifikata minn Stat Membru. Hija rrilevat f’dan ir-rigward li d-dritt tal-Unjoni ma jinkludix, f’dan l-istadju tal-iżvilupp tiegħu, att li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri sabiex jawtorizzaw l-aċċess għal informazzjoni kklassifikata skont leġiżlazzjonijiet nazzjonali. B’mod partikolari, id-Deċiżjoni 2013/488, li għaliha għamlet riferiment il-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-IKUE, ma tinkludix dispożizzjonijiet li jirregolaw tali aċċess. Għaldaqstant, ma kienx jidher li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet tirregola l-irtirar taċ-ċertifikat ta’ sigurtà industrijali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha l-għan jew l-effett li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-irtirar ta’ ċertifikat ta’ sigurtà industrijali bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kienx jimplika implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Karta.

Sussegwentement, fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Karta għall-irtirar ta’ ċertifikat ta’ sigurtà industrijali li jawtorizza l-aċċess għal IKUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni adottaw atti speċifiċi intiżi li jirregolaw il-protezzjoni ta’ tali informazzjoni fil-kuntest tal-funzjonament tagħhom. B’mod partikolari, fid-dawl tar-regoli stabbiliti mid-Deċiżjoni 2013/488 li jimponu obbligi fuq l-Istati Membri [5], il-miżuri li huma jadottaw sabiex jiżguraw is-sigurtà industrijali, billi jirregolaw l-aċċess għall-IKUE marbuta ma’ kuntratti konklużi mill-Kunsill permezz tal-ħruġ u l-kontroll tal-approvazzjonijiet ta’ sigurtà nazzjonali għal faċilità (ASF), għandhom jitqiesu li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. L-irtirar, minn awtorità nazzjonali, ta’ ASF fis-sens ta’ din id-deċiżjoni jimplika b’mod partikolari tali

4 Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta’ Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta’ informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU 2013, L 274, p. 1).

5 Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment b’mod partikolari għall-Artikolu 1(2), għall-Artikolu 11(2), (5) u (7), għall-Artikolu 15(3)(c), għall-Artikolu 16(3)(a)(i) u għall-Anness V tad-Deċiżjoni 2013/488.

implimentazzjoni. Fil-fatt, tali rtirar idaħħal inkwistjoni approvazzjoni li l-ħruġ tagħha u, tal-inqas parzjalment, l-effetti tagħha huma previsti mid-Deċiżjoni 2013/488 [6].

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-istħarriġ, minn qorti nazzjonali, tal-legalità ta' deċiżjoni li tirtira ċertifikazzjoni ta' sigurtà industrijali li tippermetti l-aċċess għal informazzjoni kklassifikata minn Stat Membru ma jkollux bħala suġġett att li jikkostitwixxi implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. Għall-kuntrarju, l-istħarriġ, minn tali qorti, tal-legalità ta' deċiżjoni li tirrigwarda, bħala konsegwenza tal-irtirar ta' din iċ-ċertifikazzjoni ta' sigurtà industrijali, l-irtirar ta' ċertifikat ta' sigurtà industrijali li jawtorizza l-aċċess għal IKUE, skont l-Artikolu 11 u l-Anness V tad-Deċiżjoni 2013/488, ikollu bħala suġġett att li jikkostitwixxi implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni u ta' prassi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali mal-Artikolu 47 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat qabelxejn jekk is-sitwazzjoni kkonċernata kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Hija enfasizzat f'dan ir-rigward li mill-Anness V tad-Deċiżjoni 2013/488 jirriżulta li l-aċċess għal IKUE minn operatur ekonomiku għall-finijiet tal-konklużjoni jew tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ikklassifikat tal-Kunsill huwa suġġett għaż-żamma ta' ASF. Il-Qorti tal-Ġustizzja esponiet ukoll is-sistema applikabbli, skont din id-deċiżjoni, għall-parteċipazzjoni tal-kuntratturi f'kuntratti klassifikati li jeħtieġu l-aċċess għal IKUE fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħhom, fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-kuntratti jew matul il-fażi prekuntrattwali, li tippreżumi l-pussess ta' ASF. Għalhekk, l-irtirar ta' ASF għandu l-konsegwenza li l-operatur ekonomiku kkonċernat jitlef l-awtorizzazzjoni ta' aċċess għal IKUE għall-finijiet tal-konklużjoni u tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ikklassifikat. Għaldaqstant, tali rtirar jimplika b'mod partikolari li dan jiġi mċaħħad mill-possibbiltà, li kellu qabel dan l-irtirar, li jipparteċipa fil-fażi prekuntrattwali relatata ma' kuntratt ikklassifikat tal-Kunsill u li jingħata tali kuntratt minn din l-istituzzjoni jekk l-offerta tiegħu tintgħażel. Konsegwentement, tali operatur ekonomiku għandu jkollu, konformement mal-Artikolu 47 tal-Karta, rimedju effettiv sabiex jikkontesta l-irtirar tal-ASF tiegħu.

Sussegwentement, fir-rigward tal-garanziji minimi li tali rimedju għandu jissodisfa, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, f'sitwazzjoni fejn l-irtirar ta' ASF ikun ibbażat esklużivament fuq l-irtirar ta' approvazzjoni ta' sigurtà oħra, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-irtirar ta' din l-ASF jista' jkun effettiv biss sa fejn l-ex detentur tal-imsemmija ASF jista' jkollu aċċess għar-raġunijiet li jkunu ġġustifikaw l-irtirar ta' din l-awtorizzazzjoni l-oħra. Għalkemm kunsiderazzjonijiet imperattivi li jolqtu b'mod partikolari l-protezzjoni tas-sigurtà tal-Istat jew tar-relazzjonijiet internazzjonali jistgħu jipprekludu l-komunikazzjoni lill-ex detentur ta' ASF tal-informazzjoni li fuqha kien ibbażat l-irtirar tagħha, hija madankollu l-qorti nazzjonali kompetenti li għandha timplimenta, fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju tagħha, tekniki li jippermettu li jiġu rrikonċiljati dawn il-kunsiderazzjonijiet imperattivi u n-neċessità li l-parti fil-kawża tiġi ggarantita r-rispett tad-drittijiet proċedurali tagħha, bħad-dritt għal smigħ kif ukoll il-prinċipju ta' kontradittorju.

Għal dan l-għan, l-Istati Membri huma obbligati jipprevedu stħarriġ ġudizzjarju effettiv kemm tal-eżistenza u tal-fondatezza tar-raġunijiet invokati mill-awtorità nazzjonali kompetenti fir-rigward tas-sigurtà tal-Istat sabiex tirrifjuta li tiżvela l-informazzjoni kollha jew parti minnha li fuqha jkun ibbażat l-irtirar tal-ASF, fis-sens tad-Deċiżjoni 2013/488, kif ukoll tal-legalità ta' dan l-irtirar. Il-qorti kompetenti għandha, f'dan il-kuntest, tkun tista' tieħu konjizzjoni ta' din l-informazzjoni kollha.

Fir-rigward tar-rekwiżiti li għandu jissodisfa l-istħarriġ ġudizzjarju tal-eżistenza u tal-fondatezza tar-raġunijiet invokati mill-awtorità nazzjonali kompetenti fir-rigward tas-sigurtà tal-Istat Membru kkonċernat, qorti għandha tkun inkarigata li twettaq eżami indipendenti tal-punti ta' liġi u ta' fatt kollha invokati mill-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex tevalwa jekk kunsiderazzjonijiet imperattivi jipprekludux effettivament il-komunikazzjoni totali jew parzjali tar-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat l-irtirar inkwistjoni u tal-provi relatati magħhom. Jekk din il-qorti tikkonkludi li s-sigurtà tal-Istat ma

[6] B'mod iktar preċiż, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-ħruġ ta' din l-approvazzjoni huwa previst mill-Artikolu 11(5) tal-imsemmija deċiżjoni, moqri flimkien mal-punt 8 tal-Anness V tagħha, fejn l-effetti tagħha huma ddefiniti, parzjalment, b'mod partikolari fl-Artikolu 11(5) kif ukoll fil-punt 11 tal-Anness V tal-istess deċiżjoni.

tipprekludix il-komunikazzjoni, għall-inqas parzjali, ta' tali raġunijiet jew provi, hija għandha tagħti lill-awtorità nazzjonali kompetenti l-possibbiltà li tikkomunika lill-persuna kkonċernata r-raġunijiet u l-provi nieqsa. Jekk din l-awtorità ma tawtorizzax il-komunikazzjoni tagħhom, l-imsemmija qorti għandha teżamina l-legalità ta' dan l-irtirar abbażi biss tar-raġunijiet u tal-provi kkomunikati. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li kunsiderazzjonijiet imperattivi jipprekludu effettivament il-komunikazzjoni lill-persuna kkonċernata ta' tali raġunijiet jew provi, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità ta' dan l-irtirar għandu jsir fil-kuntest ta' proċedura li tibbilanċja r-rekwiżiti li jirriżultaw minn dawn il-kunsiderazzjonijiet imperattivi u dawk tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, b'mod partikolari d-dritt għall-osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju. Fi kwalunkwe każ, is-sustanza tar-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat l-imsemmi rtirar għandha tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, minn naħa, li l-Artikolu 47 tal-Karta ma jipprekludix leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom deċiżjoni ta' rtirar ta' ASF, fis-sens tad-Deċiżjoni 2013/488, ma tindikax l-informazzjoni kklassifikata li tiġġustifika dan l-irtirar, minħabba kunsiderazzjonijiet imperattivi li jolqtu perEżempju l-protezzjoni tas-sigurtà tal-Istat jew tar-relazzjonijiet internazzjonali, filwaqt li tipprevedi li l-qorti kompetenti sabiex tevalwa l-legalità tal-imsemmi rtirar għandha jkollha aċċess għal din l-informazzjoni u li l-avukat tal-ex detentur ta' din l-ASF jista' jkollu aċċess għall-imsemmija informazzjoni biss bil-kunsens tal-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati u bil-kundizzjoni li tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità tagħha. Madankollu, din il-qorti għandha tiżgura li n-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni jkun limitat għal dak li jkun strettament neċessarju u li tiġi kkomunikata lill-ex detentur tal-imsemmija ASF, fi kwalunkwe każ, is-sustanza tar-raġunijiet tal-istess irtirar b'mod li tittieħed debitament inkunsiderazzjoni l-kunfidenzjalità neċessarja tal-provi.

Min-naħa l-oħra, fil-każ li l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludi tali leġiżlazzjoni u tali prassi, ma huwiex meħtieġ li l-qorti nazzjonali kompetenti tikkomunika hija stess lill-ex detentur tal-ASF, jekk ikun il-każ permezz tal-avukat tiegħu, ċerta informazzjoni kklassifikata meta l-assenza ta' komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni lil dan l-ex detentur jew lill-avukat tiegħu ma tidhirx iġġustifikata. Huwa f'idejn l-awtorità nazzjonali kompetenti li tagħmel dan, jekk ikun meħtieġ. Jekk hija ma tawtorizzax din il-komunikazzjoni, din il-qorti għandha teżamina l-legalità tal-irtirar ta' din l-ASF abbażi biss tar-raġunijiet u tal-provi li jkunu ġew ikkomunikati.

## 2. Prinċipju ta' *ne bis in idem*

### Sentenza tal-25 ta' Jannar 2024, Parchetul de pe lângă Curtea de Apel Craiova (C-58/22, EU:C:2024:70)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 50 – Prinċipju ta' ne bis in idem – Proċeduri kriminali mibdija in rem – Digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri adottat minn uffiċċju ta' prosekutur pubbliku – Ammissibbiltà ta' proċeduri kriminali ulterjuri mibdija in personam għall-istess fatti – Kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex ikun jista' jitqies li persuna diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata b'sentenza li daħlet in ġudikat – Rekwiżit ta' investigazzjoni fil-fond – Assenza ta' smigħ ta' xhud potenzjali – Assenza ta' smigħ tal-persuna kkonċernata bħala 'suspettat'"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Curtea de Apel Craiova (il-Qorti tal-Appell ta' Craiova, ir-Rumanija), il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet kjarifiki dwar iż-żewġ komponenti "*bis*" u "*idem*" tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") [7], fil-kuntest ta' kawża fejn il-proċeduri kriminali mibdija kontra persuna fil-kuntest

[7] Skont din id-dispożizzjoni, "[l]-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi".

tat-tieni proċedura jkunu ngħalqu minħabba l-eżistenza ta' digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri adottat minn uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, fl-ewwel proċedura, li minnu ma jirriżultax, b'mod ċar, li s-sitwazzjoni legali ta' din il-persuna bħala responsabbli, fuq il-livell kriminali, għall-fatti li jikkostitwixxu r-reat kriminali, kienet ġiet eżaminata.

Fit-30 ta' April 2015, waqt laqgħa tal-kooperattiva BX, il-Presidenta ta' din il-kumpannija, NR, talbet lil uħud mill-impjegati tagħha jħallsu somma ta' flus li kienet dovuta minnha, taħt piena ta' xoljiment tal-kuntratti ta' xogħol tagħhom. Peress li t-talba tagħha ma ġietx issodisfatta, NR ħarġet u ffirmat deċiżjonijiet ta' xoljiment ta' dawn il-kuntratti.

L-impjegati kkonċernati għalhekk ressqu żewġ ilmenti kriminali kontra NR, li ġew rispettivament irreġistrati mal-Parchet de pe lângă Judecătoria Slatina (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Slatina, ir-Rumanija), bir-referenza 673/P/2016, u quddiem il-Parchet de pe lângă Tribunalul Olt (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Kontea ta' Olt, ir-Rumanija), bir-referenza 47/P/2016.

Fil-Kawża 673/P/2016, wara li beda proċeduri kriminali *in rem* għar-reat ta' rikatt, il-prosekutur pubbliku inkarigat minn din il-kawża adotta, abbażi tar-rapport tal-korp tal-pulizija inkarigat mill-investigazzjoni, digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri (iktar 'il quddiem id-"digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri inkwistjoni"). Dan id-digriet ma ġiex ikkontestat mil-lanjanti fit-termini mogħtija. Barra minn hekk, it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura mressqa mill-kap prosekutur ma ġietx ikkonfermata mill-awla preliminari tal-qorti kompetenti.

Fil-Kawża 47/P/2016, inbdew proċeduri kriminali *in personam* kontra NR, għar-reat ta' korruzzjoni passiva, li wasslu għall-adozzjoni, mit-Tribunalul Olt (il-Qorti tal-Kontea ta' Olt, ir-Rumanija), ta' sentenza li tikkundannaha għal piena ta' priġunerija sospiża. Wara appell ippreżentat minn NR, din is-sentenza ġiet annullata mill-Qorti tal-Appell ta' Craiova, il-qorti tar-rinviju, permezz tas-sentenza kriminali Nru 1207/2020, minħabba allegat ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta.

Adita b'appell ta' kassazzjoni ppreżentat mill-Parchet de pe lângă Curtea de Apel Craiova (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Appell ta' Craiova, ir-Rumanija) kontra din l-aħħar sentenza, l-Înalta Curte de Casație şi Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) qieset, essenzjalment, li l-qorti tar-rinviju kienet żbaljata meta kkonkludiet li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* kien applikabbli, peress li d-digriet li ma titteħidx azzjoni inkwistjoni ma kien ippreċedut minn ebda evalwazzjoni fuq il-mertu tal-Kawża 673/P/2016 u ma kienx debitament motivat, b'tali mod li ma setax jitqies li wassal għall-estinzjoni tal-azzjoni pubblika. Għaldaqstant, din il-qorti ħassret is-sentenza kriminali Nru 1207/2020 u bagħtet il-kawża lura quddiem il-qorti tar-rinviju, għal eżami mill-ġdid.

Fil-kuntest ta' dan l-eżami mill-ġdid, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* hija suġġetta għal kundizzjoni doppja, jiġifieri, minn naħa, li jkun hemm deċiżjoni preċedenti definittiva (kundizzjoni "*bis*") u, min-naħa l-oħra, li l-istess fatti jkunu koperti mid-deċiżjoni preċedenti u mill-proċeduri jew mid-deċiżjonijiet sussegwenti (kundizzjoni "*idem*").

Għal dak li jikkonċerna l-kundizzjoni "*bis*", sabiex persuna tkun tista' titqies li "diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata [...] b'sentenza li daħlet in ġudikat" għall-azzjonijiet li hija tkun akkużata bihom, fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, huwa meħtieġ, fl-ewwel lok, li l-azzjoni kriminali tkun intemmet definittivament skont id-dritt nazzjonali. F'dan il-każ, sa fejn, minn naħa, id-digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri inkwistjoni ma ġiex ikkontestat mil-lanjanti fil-kawża prinċipali fit-termini stabbiliti u,

min-naħa l-oħra, it-talba għall-konferma tal-ftuħ mill-ġdid tal-proċeduri kriminali ordnata mill-Kap Prosekutur tal-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Slatina ġiet miċħuda, kien jidher li, fil-Kawża 673/P/2016, l-azzjoni pubblika kienet intemmet definittivament u li d-digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri kien sar definittiv, bla ħsara għall-verifiki li kellha twettaq il-qorti tar-rinviju.

Fit-tieni lok, sabiex persuna tkun tista' titqies li "diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata [...] b'sentenza li daħlet in ġudikat" għall-azzjonijiet li hija tkun akkużata bihom, fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta, huwa meħtieġ li d-deċiżjoni li ttemm il-proċeduri kriminali tkun ġiet adottata wara evalwazzjoni fuq il-mertu tal-kawża u mhux abbażi ta' sempliċi motivi proċedurali. F'dan il-każ, il-kundizzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-mertu tal-Kawża 673/P/2016 setgħet titqies li kienet issodisfatta mid-digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri inkwistjoni biss sa fejn dan id-digriet kien jinkludi evalwazzjoni dwar elementi materjali tar-reat allegat, bħalma hija, b'mod partikolari, l-analiżi tar-responsabbiltà kriminali ta' NR, bħala allegat awtur ta' dan ir-reat. Issa, l-assenza ta' smigħ tax-xhieda preżenti waqt il-laqgħa tal-kooperattiva BX tat-30 ta' April 2015 setgħet tikkostitwixxi indizzju tal-assenza ta' tali analiżi, bla ħsara għall-verifiki li kellha twettaq il-qorti tar-rinviju.

Fir-rigward tal-kundizzjoni "*idem*", mill-kliem stess tal-Artikolu 50 tal-Karta jirriżulta li dan jipprojbixxi li jitressqu proċeduri kriminali kontra jew li tiġi ssanzjonata kriminalment l-istess persuna iktar minn darba għall-istess reat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, sabiex jiġi ddeterminat jekk persuna kinitx "diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata [...] b'sentenza li daħlet in ġudikat", fis-sens ta' dan l-Artikolu 50, għandu jirriżulta b'mod ċar mid-deċiżjoni adottata fir-rigward tagħha li, matul l-investigazzjoni li ppreċediet din id-deċiżjoni, kemm jekk infetħet *in rem* jew *in personam*, is-sitwazzjoni legali tal-imsemmija persuna, bħala responsabbli, fuq il-livell kriminali, għall-fatti li jikkostitwixxu r-reati li ttieħdu passi dwaru, ġiet eżaminata u, fil-każ ta' digriet li ma titteħidx azzjoni ulterjuri, ġiet miċħuda. Jekk dan ma jkunx il-każ, aspett li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma japplikax u, konsegwentement, tali persuna ma tistax titqies li ġiet illiberata definittivament, fis-sens tal-Artikolu 50 tal-Karta.

## II. Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni: prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [8]

### Sentenza tad-9 ta' April 2024 (Awla Manja), Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva) (C-582/21, EU:C:2024:282)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni – Artikolu 4(3) TUE – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Awtonomija proċedurali – Prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività – Prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi rimedju straordinarju li jippermetti l-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura ċivili magħluqa permezz ta' sentenza definittiva – Motivi – Deċiżjoni sussegwenti ta' qorti kostituzzjonali li tikkonstata l-inkompatibbiltà mal-Kostituzzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li abbażi tagħha ngħatat dik is-sentenza – Ċaħda tal-possibbiltà li tittieħed azzjoni minħabba ksur tad-dritt – Applikazzjoni estensiva ta' dan ir-rimedju – Allegat ksur tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta minn sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni ta' dan id-dritt taħt l-Artikolu 267 TFUE – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Sentenza fil-kontumaċja – Assenza ta' verifika ex officio tan-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali"*

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari mis-Sąd Okręgowy Warszawa-Praga [9] (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja-Praga, il-Polonja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat l-Artikolu 4(3) TUE [10], il-prinċipju ta' ekwivalenza u l-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali, b'rabta mal-protezzjoni tal-konsumaturi kontra l-klawżoli kuntrattwali inġusti, fis-sitwazzjoni li fiha l-qorti nazzjonali li tkun laqgħet talba ta' bejjiegħ jew fornitur ibbażata fuq kuntratt konkluż ma' konsumatur, permezz ta' sentenza definittiva mogħtija fil-kontumaċja, tkun naqset milli teżamina *ex officio* l-eżistenza eventwali ta' klawżoli inġusti f'dan il-kuntratt, bi ksur tal-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 93/13 [11].

Fit-tilwima fil-kawża prinċipali, FY kienet ikkonkludiet ma' Profi Credit Polska S.A. w Bielsku Białej (iktar 'il quddiem "Profi Credit Polska"), impriża ta' kreditu, kuntratt ta' kreditu għall-konsum. Il-ħlas lura tas-self kien iggarantit bil-ħruġ ta' ċedola in bjank iffirmata minn FY, li ġiet ikkompletata sussegwentement minn Profi Credit Polska.

Sussegwentement, Profi Credit Polska ppreżentat rikors quddiem il-qorti tal-ewwel istanza kompetenti intiż li jinkiseb il-ħlas tal-bilanċ tal-kreditu li kellu jiġi rrimborsat, flimkien mal-interessi.

---

[8] F'din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll dawn is-sentenzi: is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2024 (Awla Manja), ***Kaduna*** (C-244/24 u C-290/24, EU:C:2024:1038), ippreżentata fit-Taqsima IX.1, "Politika tal-ażil"; is-sentenza tad-29 ta' Frar 2024, ***Raad van bestuur va de Sociale verzekeringsbank (Transferiment ta' benefiċċji tas-superstiti)*** (C-549/22, EU:C:2024:184), ippreżentata fit-Taqsima XIX.2, "Kontenut u portata"; is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Il-Litwanja et vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pakkett dwar il-mobbiltà)*** (C-541/20 sa C-555/20, EU:C:2024:818), ippreżentata fit-Taqsima XII, "Trasport".

[9] Iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju".

[10] Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li minnu jirriżulta li l-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet intiżi li jiġi żgurat il-ħarsien tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw azzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jirrendu impossibbli fil-prattika jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività).

[11] Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100). L-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jistipula, b'mod partikolari, li l-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma' konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur ma għandhomx jorbtu lill-konsumatur, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt nazzjonali rispettiv tagħhom. L-Artikolu 7(1) jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu mezzi adegwati u effettivi "biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri".

Mar-rikors ġew annessi biss l-imsemmija ċedola u l-komunikazzjoni tax-xoljiment tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni. Dan tal-aħħar ma ġiex ippreżentat.

Il-qorti tal-ewwel istanza tat sentenza fil-kontumaċja, li kkundannat lil FY tħallas lil Profi Credit Polska l-ammont li kien jidher fiċ-ċedola, flimkien mal-interessi moratorji legali, billi bbażat ruħha biss fuq l-imsemmija ċedola u d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fir-rikors.

FY ma ppreżentax oppożizzjoni kontra s-sentenza fil-kontumaċja, li saret definittiva fi tmiem it-terminu previst għal dan l-għan.

Peress li qieset li l-qorti tal-ewwel istanza ma kinitx ħadet id-Direttiva 93/13 inkunsiderazzjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja [12], billi laqgħet it-talba ta' Profi Credit Polska abbażi taċ-ċedola li hija kienet ħarġet, mingħajr ma eżaminat in-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispiża mingħajr interessi tal-kreditu, FY ressqet quddiem dik il-qorti talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura.

Peress li t-talba tagħha ġiet miċħuda, FY appellat quddiem il-qorti tar-rinviju.

Peress li qieset li, sa fejn il-qorti tal-ewwel istanza ma kinitx eżaminat il-kuntratt ta' kreditu u lanqas in-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli li kien fih, kien probabbli li s-sentenza fil-kontumaċja tikser id-Direttiva 93/13, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti tar-rinviju kellha dubju jekk id-dritt tal-Unjoni kienx jimponi fuqha l-obbligu li tilqa' t-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura mressqa minn FY, indipendentement mill-fatt li din ma ressqitx oppożizzjoni kontra s-sentenza fil-kontumaċja.

Dik il-qorti xtaqet tkun taf, b'mod partikolari, jekk id-dritt tal-Unjoni kienx jobbligaha tinterpreta b'mod estensiv id-dispożizzjonijiet proċedurali nazzjonali li jistabbilixxu rimedju straordinarju li jippermetti lil parti f'kawża titlob il-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva. Fid-dritt nazzjonali, tali talba setgħet tintlaqa', b'mod partikolari, meta d-dispożizzjoni nazzjonali invokata fil-proċedura ġudizzjarja inkwistjoni tkun ġiet sussegwentement iddikjarata inkompatibbli mal-Kostituzzjoni nazzjonali jew ma' att legali superjuri ieħor mill-qorti kostituzzjonali, jew meta l-parti kkonċernata tkun ġiet illegalment imċaħħda mill-possibbiltà li tieħu azzjoni minħabba ksur tad-dritt [13].

L-ewwel domanda tal-qorti tar-rinviju staqsiet jekk l-obbligu ta' kooperazzjoni leali u l-prinċipju ta' ekwivalenza kinux jeżiġu li l-ewwel wieħed minn dawn ir-rimedji straordinarji jippermetti li jintalab il-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva anki meta minn deċiżjoni preliminari ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja [14] wara tali sentenza definittiva, jirriżulta li din hija bbażata fuq dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk il-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi kienx jimponi fuqha l-obbligu li tinterpreta d-dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi l-possibbiltà għal parti li titlob il-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva jekk hija tkun ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tieħu azzjoni minħabba ksur tad-dritt, b'mod li tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

---

**12** Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711).

**13** Bħalma jipprevedu, essenzjalment, l-Artikolu 401[1] u l-punt 2 tal-Artikolu 401 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Pollakk, rispettivament.

**14** Iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni preliminari ta' interpretazzjoni".

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

*Fuq l-ewwel domanda*

Wara li rrilevat li r-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jimplikax l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu rimedji ġudizzjarji straordinarji li jippermettu l-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva wara deċiżjoni preliminari ta' interpretazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-importanza li għandu l-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata*, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali. Fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' dan il-prinċipju jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, skont il-prinċipju tal-awtonomija proċedurali, b'osservanza, madankollu, tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

Jekk ir-regoli proċedurali interni applikabbli jinkludu l-possibbiltà, taħt ċerti kundizzjonijiet, għall-qorti nazzjonali li tibdel deċiżjoni li jkollha l-awtorità ta' *res judicata* sabiex tirrendi s-sitwazzjoni kompatibbli mad-dritt nazzjonali, din il-possibbiltà għandha tipprevali, konformement mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jekk dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, sabiex is-sitwazzjoni inkwistjoni terġa' tiġi konformi mad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika, fid-dawl tal-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi applikabbli fid-dritt nazzjonali, l-osservanza tal-prinċipju ta' ekwivalenza fid-dawl tas-suġġett, tal-kawża u tal-punti essenzjali tar-rikorsi kkonċernati.

F'dan il-każ, din il-verifika timplika li jiġi eżaminat jekk, meta d-dritt nazzjonali jagħti lill-partijiet f'kawża d-dritt li jitolbu l-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva bbażata fuq dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, li n-nuqqas ta' konformità tagħha tkun sussegwentement ġiet iddikjarata mit-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja) [15], ikollux jiġi rrikonoxxut lill-partijiet f'kawża dritt ekwivalenti meta minn deċiżjoni preliminari ta' interpretazzjoni, mogħtija sussegwentement għal tali sentenza definittiva, ikun jirriżulta li din tal-aħħar kienet ibbażata fuq dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li kienet inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Tali verifika twassal sabiex jiġi ddeterminat jekk tistax tiġi stabbilita ekwivalenza bejn dawn iż-żewġ tipi ta' deċiżjonijiet.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, b'mod partikolari, li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jinkludu konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà tad-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkwistjoni, li ma teħtieġx l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, u li għandha l-effett li ċċaħħad lill-imsemmija dispożizzjoni mis-saħħa vinkolanti tagħha u li teskludiha mill-ordinament ġuridiku nazzjonali, bil-konsegwenza diretta li s-sentenza definittiva, li kienet ingħatat abbażi tal-imsemmija dispożizzjoni, titneħħielha l-bażi legali tagħha.

Id-deċiżjonijiet preliminari ta' interpretazzjoni huma differenti mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali inkwantu, meta tinterpreta d-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix direttament dwar l-eventwali inkompatibbiltà ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali. Għalkemm ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa li tipprovdi interpretazzjoni vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni, il-konsegwenzi li jirriżultaw minn din l-interpretazzjoni għall-każ konkret jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-qrati nazzjonali. Minħabba s-separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, li tikkaratterizza l-proċedura għal deċiżjoni preliminari, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali, kif ukoll sabiex timplimenta, fil-kawża pendenti quddiemha, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja b'risposta għad-domanda preliminari tagħha.

---

**15** Dik il-qorti hija indikata iktar 'il quddiem bħala l-"Qorti Kostituzzjonali". Id-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Qorti Kostituzzjonali tikkonstata n-nuqqas ta' konformità mal-Kostituzzjoni Pollakka jew ma' regola oħra ta' livell superjuri ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, jew ta' ċerta interpretazzjoni ta' tali dispożizzjoni, huma indikati iktar 'il quddiem bħala d-"deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali".

Għaldaqstant, meta rimedju straordinarju stabbilit minn dispożizzjoni proċedurali nazzjonali jippermetti lil parti f'kawża titlob il-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura li tkun wasslet għal sentenza definittiva billi tinvoka deċiżjoni sussegwenti tal-qorti kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat li tikkonstata n-nuqqas ta' konformità mal-Kostituzzjoni ta' dan l-Istat Membru ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, li abbażi tagħha tkun ingħatat dik is-sentenza, l-Artikolu 4(3) TFUE u l-prinċipju ta' ekwivalenza ma jimponux l-obbligu li dan ir-rimedju jkun miftuħ ukoll minħabba l-invokazzjoni ta' deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni [16].

*Fuq it-tieni domanda*

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabelxejn li, peress li l-qrati nazzjonali biss għandhom ġurisdizzjoni sabiex jinterpretaw id-dritt nazzjonali, kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa jekk, fid-dawl tal-limiti għall-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi li jikkostitwixxu l-prinċipji ġenerali tad-dritt u l-impossibbiltà li tingħata interpretazzjoni *contra legem*, id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkwistjoni, li kienet tippermetti li tinfetaħ mill-ġdid proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva jekk il-parti kkonċernata tkun ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tieħu azzjoni minħabba ksur tad-dritt, setgħetx tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni estensiva b'mod li sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tkun koperta minn din ir-raġuni għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tat lil dik il-qorti ċerti indikazzjonijiet fid-dawl tal-elementi li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju.

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-proċedura quddiem il-qorti tal-ewwel istanza kellha tiġi eżaminata fl-intier tagħha, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-fatt li s-sentenza fil-kontumaċja ngħatat mingħajr eżami *ex officio* tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu konkluż ma' FY, iżda wkoll il-modalitajiet proċedurali relatati mal-eżerċizzju tad-dritt li titressaq oppożizzjoni għal tali sentenza.

Konsegwentement, kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika jekk il-modalitajiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħux "iċaħħdu lil parti mill-possibbiltà li tieħu azzjoni minħabba ksur tad-dritt", fis-sens tad-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkwistjoni, peress li ma kinux jippermettu li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-konsumatur jislet mid-Direttiva 93/13.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li r-rikonoxximent ta' dritt għall-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' interpretazzjoni konformi ma kienx jikkostitwixxi l-uniku mezz li seta' jiggarantixxi lil konsumatur, f'ċirkustanzi bħal dawk fit-tilwima fil-kawża prinċipali, il-protezzjoni mixtieqa mid-Direttiva 93/13.

L-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw l-effettività tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni jimplika rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet ġudizzjarji bbażati fuq tali drittijiet. Għalhekk, jekk il-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt li ssir oppożizzjoni għas-sentenza fil-kontumaċja ma jkunux jippermettu li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-konsumaturi jisiltu mid-Direttiva 93/13, dik il-proċedura ma tkunx konformi mad-dritt tal-konsumaturi għal rimedju effettiv.

Għaldaqstant, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tqis li l-interpretazzjoni estensiva li hija tikkunsidra ma hijiex konċepibbli, konsumatur bħal FY għandu jkollu rimedju legali ieħor sabiex il-protezzjoni mixtieqa mid-Direttiva 93/13 tiġi effettivament iggarantita lilu.

F'tali sitwazzjoni, il-prinċipju ta' effettività jimponi li r-rispett tad-drittijiet iggarantiti mid-Direttiva 93/13 ikun żgurat fil-kuntest ta' proċedura ta' eżekuzzjoni tas-sentenza fil-kontumaċja, jew saħansitra wara li

[16] Sa fejn il-konsegwenzi konkreti ta' tali deċiżjoni ta' din il-qorti kostituzzjonali f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali jew l-interpretazzjoni ta' tali dispożizzjoni, li fuqha hija bbażata l-imsemmija sentenza definittiva, jirriżultaw direttament minn dik id-deċiżjoni.

din tkun intemmet. Fil-każ li fih il-proċedura ta' eżekuzzjoni tkun intemmet, il-konsumatur għandu jkun f'pożizzjoni li jinvoka fi proċedura sussegwenti distinta n-natura inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt sabiex ikun jista' jeżerċita b'mod effettiv u sħiħ id-drittijiet tiegħu taħt din id-direttiva, sabiex jikseb kumpens għad-dannu finanzjarju kkawżat minn dawn il-klawżoli.

# III. Protezzjoni tad-data personali [17]

## 1. Komunikazzjonijiet telefoniċi u elettroniċi

**Sentenza tat-30 ta’ April 2024 (Seduta Plenarja), La Quadrature du Net *et* (Data personali u ġlieda kontra l-kontrafazzjoni) (C-470/21, EU:C:2024:370)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ipproċessar ta’ data personali u protezzjoni tal-ħajja privata fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/58/KE – Kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi – Protezzjoni – Artikoli 5 u 15(1) – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 7, 8, 11 u 52(1) – Leġiżlazzjoni nazzjonali intiża li tiġġieled, permezz tal-azzjoni ta’ awtorità pubblika, il-kontrafazzjoni mwettqa fuq l-internet – Proċedura magħrufa bħala ta’ ‘risposta gradwata’ – Ġbir minn qabel minn organi tad-detenturi ta’ drittijiet tal-indirizzi IP użati għal attivitajiet li jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati – Aċċess sussegwenti tal-awtorità pubblika inkarigata mill-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati għal data dwar l-identità ċivili li tikkorrispondi għal dawn l-indirizzi IP miżmuma mill-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi – Ipproċessar awtomatizzat – Rekwiżit ta’ stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti – Kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali – Garanziji kontra r-riskji ta’ abbuż u kontra kwalunkwe aċċess għal din id-data u kwalunkwe użu illegali tagħha"*

Dawn l-aħħar snin, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet diversi drabi tagħti deċiżjoni dwar iż-żamma u l-aċċess għad-data personali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u stabbilixxiet, konsegwentement, ġurisprudenza estensiva fil-qasam [18]. Adita b’talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), is-Seduta Plenarja tal-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat din il-ġurisprudenza billi għamlet preċiżazzjonijiet dwar, minn naħa, il-kundizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom żamma ġġeneralizzata ta’ indirizzi IP minn fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi tista’ ma titqiesx li tikkostitwixxi ndħil serju fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali u għal-libertà ta’ espressjoni ggarantiti mill-Karta [19], u, min-naħa l-oħra, dwar il-possibbiltà, għal awtorità pubblika, li taċċedi għal ċerta data personali miżmuma sakemm ikunu osservati tali kundizzjonijiet, fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali mwettaq online.

F’dan il-każ, erba’ assoċjazzjonijiet talbu lill-Premier ministre (il-Prim Ministru, Franza) it-tħassir tad-digriet dwar l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali [20]. Peress li din it-talba ma ngħatatx

---

**17** F’din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tal-5 ta’ Marzu 2024 (Awla Manja), ***Kočner vs Europol*** (C-755/21 P, EU:C:2024:202), ippreżentata fit-Taqsima X.3, “Ipproċessar ta’ data personali mill-Europol”.

**18** Ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta’ Diċembru 2016, Tele2 Sverige u Watson *et* (C-203/15 u C-698/15, EU:C:2016:970); tat-2 ta’ Ottubru 2018, Ministerio Fiscal (C-207/16, EU:C:2018:788); tas-6 ta’ Ottubru 2020, La Quadrature du Net *et* (C-511/18, C-512/18 u C-520/18, EU:C:2020:791); tat-2 ta’ Marzu 2021, Prokuratuur (Kundizzjonijiet ta’ aċċess għad-data dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi) (C-746/18, EU:C:2021:152); tas-17 ta’ Ġunju 2021, M.I.C.M. (C-597/19, EU:C:2021:492); u tal-5 ta’ April 2022, Commissioner of An Garda Síochána *et* (C-140/20, EU:C:2022:258).

**19** Artikolu 7, 8 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”).

**20** Décret no 2010-236, du 5 mars 2010, relatif au traitement automatisé de données à caractère personnel autorisé par l’article L. 331-29 du code de la propriété intellectuelle dénommé “Système de gestion des mesures pour la protection des œuvres sur internet” (id-Digriet Nru 2010-236 tal-5 ta’ Marzu 2010 dwar l-ipproċessar awtomizzat ta’ data ta’ natura personali awtorizzat mill-Artikolu L. 331-29 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali msejjaħ “Sistema ta’ ġestjoni tal-miżuri għall-protezzjoni tax-xogħlijiet fuq l-internet”) (JORF Nru 56 tas-7 ta’ Marzu 2010, test Nru 19), kif emendat bid-décret no 2017-924, du 6 mai 2017, relatif à la gestion des droits d’auteur et des droits voisins par un organisme de gestion de droits et modifiant le code de la propriété intellectuelle (id-Digriet Nru 2017-924 tas-6 ta’ Mejju 2017 dwar il-ġestjoni tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati minn organu ta’ ġestjoni tad-drittijiet u li jemenda l-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali) (JORF Nru 109 tal-10 ta’ Mejju 2017, test Nru 176).

segwitu, dawn l-assoċjazzjonijiet adixxew lill-Kunsill tal-Istat b'rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni ta' ċaħda impliċita. Fil-fehma tagħhom, dan id-digriet kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jikkostitwixxu l-bażi legali tiegħu [21] kienu jiksru d-dritt tal-Unjoni.

Skont il-leġiżlazzjoni Franċiża, l-Haute autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur internet (Hadopi) (l-Awtorità Għolja għad-Distribuzzjoni tax-Xogħlijiet u għall-Protezzjoni tad-Drittijiet fuq l-Internet, iktar 'il quddiem il-"Hadopi"), sabiex tkun tista' tidentifika dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati mwettaq online, kienet awtorizzata taċċedi għal ċerta data li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kienu obbligati li jżommu. Din id-data kienet tirrigwarda l-identità ċivili ta' persuna kkonċernata li tikkorrispondi għall-indirizz IP tagħha miġbur minn qabel minn organi tad-detenturi ta' drittijiet. Ladarba jiġi identifikat id-detentur tal-indirizz IP użat għal attivitajiet li jikkawżaw tali preġudizzju, il-Hadopi kienet issegwi l-proċedura magħrufa bħala ta' "risposta gradwata". Konkretament, hija setgħet tibgħat, lil din il-persuna, żewġ rakkomandazzjonijiet li jixbhu twissijiet u, jekk l-attivitajiet kienu jippersistu, kienet tista' tibgħat ittra li tinnotifikaha li l-attivitajiet tagħha setgħu jwasslu għal proċeduri kriminali. Fl-aħħar nett, hija kellha d-dritt li tagħmel riferiment lill-prosekutur pubbliku għat-tħarrik tal-imsemmija persuna [22].

F'dan il-kuntest, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat) staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta [23].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward taż-żamma tad-data dwar l-identità ċivili u tal-indirizzi IP korrispondenti, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li mhux kull żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP tikkostitwixxi neċessarjament indħil serju fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll għal-libertà tal-espressjoni ggarantiti mill-Karta.

L-obbligu li tiġi żgurata tali żamma jista' jiġi ġġustifikat mill-għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali meta jkun effettivament eskluż li din iż-żamma tista' toħloq indħil serju fil-ħajja privata tal-persuna kkonċernata minħabba l-possibbiltà li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi fuqha, b'mod partikolari, permezz tal-konnessjoni ta' dawn l-indirizzi IP ma' sett ta' data dwar it-traffiku jew dwar il-lokalizzazzjoni.

Għaldaqstant, Stat Membru li jkollu l-intenzjoni li jimponi fuq il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tali obbligu għandu jiżgura li l-modalitajiet taż-żamma ta' din id-data jeskludu li jkunu jistgħu jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-modalitajiet ta' żamma għandhom, għal dan l-għan, jikkonċernaw l-istruttura stess taż-żamma li, essenzjalment, għandha tiġi organizzata b'mod li tiġi ggarantita separazzjoni effettivament stretta u sigura tal-kategoriji differenti ta' data miżmuma. Għalhekk, ir-regoli nazzjonali dwar dawn il-modalitajiet għandhom jiżguraw li kull kategorija ta' data, inkluża d-data dwar l-identità ċivili u l-indirizzi IP, tinżamm b'mod kompletament separat mill-kategoriji l-oħra ta' data miżmuma u li din is-separazzjoni tkun effettivament stretta u sigura, permezz ta' apparat informatiku

---

**21** B'mod partikolari, it-tielet sal-ħames paragrafu tal-Artikolu L. 331-21 tal-Kodiċi tal-Proprjetà Intellettwali.

**22** Mill-1 ta' Jannar 2022, il-Hadopi ngħaqdet mal-Conseil supérieur de l'audiovisuel (CSA) ((il-Kunsill Superjuri għall-Awdjoviżiv), li huwa awtorità pubblika indipendenti oħra, u saru l-Autorité de régulation de la communication audiovisuelle et numérique (ARCOM) (l-Awtorità Regolatorja għall-Komunikazzjoni Awdjoviżiva u Diġitali). Madankollu, il-proċedura ta' risposta gradwata baqgħet essenzjalment l-istess.

**23** Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 9, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika"), moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll tal-Artikolu 52(1) tal-Karta.

sigur u affidabbli. Barra minn hekk, sa fejn dawn ir-regoli jipprevedu l-possibbiltà ta' konnessjoni tal-indirizzi IP miżmuma mal-identità ċivili tal-persuna kkonċernata għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati, dawn għandhom jippermettu tali konnessjoni biss bl-użu ta' proċess tekniku effiċjenti li ma jippreġudikax l-effettività tas-separazzjoni stretta u sigura ta' dawn il-kategoriji ta' data. L-affidabbiltà ta' din is-separazzjoni stretta u sigura għandha tkun suġġetta għal kontroll regolari minn awtorità pubblika terza. Sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli tipprevedi tali rekwiżiti stretti, l-indħil li jirriżulta minn din iż-żamma tal-indirizzi IP ma jkunx jista' jiġi kklassifikat bħala "serju".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fil-preżenza ta' dispożittiv leġiżlattiv li jiggarantixxi li ebda kombinazzjoni ta' data ma tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni li d-data tagħhom hija miżmuma, id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix li Stat Membru jimponi obbligu ta' żamma ġġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tal-indirizzi IP, għal perijodu li ma jeċċedix dak li jkun strettament neċessarju, għall-finijiet ta' għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali b'mod ġenerali.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-aċċess għal data dwar l-identità ċivili li tikkorrispondi għal indirizzi IP, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix, bħala prinċipju, leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-aċċess, minn awtorità pubblika, għal din id-data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi b'mod separat u effettivament strett u sigur, sempliċement sabiex din l-awtorità tkun tista' tidentifika d-detenturi ta' dawn l-indirizzi ssuspettati li jkunu responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati fuq l-internet u tadotta miżuri fir-rigward tagħhom. F'tali każ, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprojbixxi lill-membri tal-persunal li jkollhom tali aċċess, l-ewwel nett, milli jiżvelaw taħt kwalunkwe forma informazzjoni dwar il-kontenut tal-fajls ikkonsultati minn dawn id-detenturi, ħlief sabiex jadixxu lill-prosekutur pubbliku, it-tieni nett, milli jwettqu kull traċċament tal-proċess ta' navigazzjoni ta' dawn id-detenturi u, it-tielet nett, milli jużaw dawn l-indirizzi IP għal finijiet differenti minn dak tal-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod partikolari li, minkejja li l-libertà ta' espressjoni u l-kunfidenzjalità tad-data personali jikkostitwixxu tħassib ewlieni, dawn id-drittijiet fundamentali ma humiex madankollu assoluti. Fil-fatt, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tad-drittijiet u tal-interessi inkwistjoni, dawn għandhom xi drabi jitwarrbu fid-dawl ta' drittijiet fundamentali oħra u ta' rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali bħalma huma d-difiża tal-ordni u l-prevenzjoni ta' reati kriminali jew il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor. Dan ikun, b'mod partikolari, il-każ meta l-prevalenza mogħtija lill-imsemmi tħassib ewlieni tkun ta' natura li tostakola l-effettività ta' investigazzjoni kriminali, b'mod partikolari billi tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-identifikazzjoni effettiva tal-awtur ta' reat kriminali u l-impożizzjoni ta' sanzjoni fil-konfront tiegħu.

F'dan l-istess kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet ukoll għall-ġurisprudenza tagħha li fuq il-bażi tagħha, fir-rigward tal-ġlieda kontra r-reati kriminali li jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati mwettqa online, il-fatt li l-aċċess għall-indirizzi IP jista' jikkostitwixxi l-uniku mezz ta' investigazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni tal-persuna kkonċernata jistabbilixxi li ż-żamma ta' dawn l-indirizzi u l-aċċess għalihom huma strettament neċessarji għat-twettiq tal-għan imfittex u jissodisfaw għalhekk ir-rekwiżit ta' proporzjonalità. Ir-rifjut tal-għoti ta' tali aċċess jagħti lok, ukoll, għal riskju reali ta' impunità sistemika ta' reati kriminali mwettqa online jew li t-twettiq jew il-preparazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata mill-karatteristiċi stess tal-internet. Issa, l-eżistenza ta' tali riskju tikkostitwixxi ċirkustanza rilevanti sabiex jiġi evalwat, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tad-diversi drittijiet u interessi preżenti, jekk indħil fid-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata, għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll għal-libertà tal-espressjoni jikkostitwixxix miżura proporzjonata fid-dawl tal-għan tal-ġlieda kontra r-reati kriminali.

Fit-tielet lok, meta tat deċiżjoni dwar jekk l-aċċess tal-awtorità pubblika għal data dwar l-identità ċivili li tikkorrispondi għal indirizz IP għandux ikun suġġett għal stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-rekwiżit ta' tali stħarriġ huwa meħtieġ meta, fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, dan l-aċċess ikun jinvolvi r-riskju ta' ndħil serju fid-

drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata fis-sens li jista' jippermetti lil din l-awtorità pubblika tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata ta' din il-persuna u, possibbilment, tistabbilixxi l-profil iddettaljat tagħha. Għall-kuntrarju, dan ir-rekwiżit ta' stħarriġ minn qabel ma huwiex intiż li japplika meta l-indħil fid-drittijiet fundamentali ma jkunx jista' jiġi kklassifikat bħala serju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-każ fejn tiġi stabbilita sistema ta' żamma li tiggarantixxi separazzjoni effettivament stretta u sigura tal-kategoriji differenti ta' data miżmuma, l-aċċess tal-awtorità pubblika għad-data relatata mal-identità ċivili li tikkorrispondi mal-indirizzi IP ma jkunx, bħala prinċipju, suġġett għar-rekwiżit ta' stħarriġ minn qabel. Fil-fatt, tali aċċess sabiex jiġi identifikat id-detentur ta' indirizz IP ma jikkostitwixxix, bħala regola ġenerali, indħil serju fid-drittijiet imsemmija iktar 'il fuq.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li, f'sitwazzjonijiet atipiċi, jeżisti riskju li, fil-kuntest ta' proċedura bħalma hija l-proċedura ta' risposta gradwata inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-awtorità pubblika tkun tista' tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari meta din il-persuna twettaq attivitajiet li jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati, fuq networks peer-to-peer, b'mod repetut, jew saħansitra fuq skala kbira, b'rabta ma' xogħlijiet protetti ta' tipi partikolari, li jiżvelaw informazzjoni, possibbilment sensittiva, dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna.

F'dan il-każ, detentur ta' indirizz IP jista' jkun partikolarment espost għal tali riskju meta l-awtorità pubblika tintalab tiddeċiedi jekk tadixxix jew le lill-prosekutur pubbliku għall-prosekuzzjoni tiegħu. Fil-fatt, l-intensità tal-ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tista' tikber tul l-iżvolġiment tal-proċedura ta' risposta gradwata, li topera fuq il-bażi ta' proċess sekwenzjali, fl-istadji differenti li din tkun komposta minnhom. L-aċċess tal-awtorità kompetenti għad-data kollha dwar il-persuna kkonċernata u akkumulata tul id-diversi stadji ta' din il-proċedura jista' jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja tagħha. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tipprevedi stħarriġ minn qabel li għandu jitwettaq qabel ma l-awtorità pubblika tkun tista' tagħmel konnessjoni bejn id-data ta' identità ċivili u tali sett ta' data, u qabel l-eventwali trażmissjoni tal-ittra ta' notifika li tikkonstata li din il-persuna tkun wettqet fatti li jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Dan l-istħarriġ għandu, barra minn hekk, jippreżerva l-effettività tal-proċedura ta' risposta gradwata billi jippermetti b'mod partikolari li jiġu identifikati l-każijiet ta' twettiq mill-ġdid possibbli tal-aġir li jikkostitwixxi reat inkwistjoni. Għal dan l-għan, din il-proċedura għandha tiġi organizzata u strutturata b'mod li d-data tal-identità ċivili ta' persuna li tikkorrispondi għal indirizzi IP miġbura minn qabel mill-internet ma tkunx awtomatikament tista' tintrabat, mill-persuni inkarigati mill-eżami tal-fatti fi ħdan l-awtorità pubblika kompetenti, ma' elementi li din tal-aħħar ikollha diġà għad-dispożizzjoni tagħha u li jistgħu jippermettu li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata ta' din il-persuna.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-għan tal-istħarriġ minn qabel, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fil-każijiet fejn il-persuna kkonċernata tkun issuspettata li wettqet reat li jaqa' taħt ir-reati kriminali b'mod ġenerali, il-qorti jew l-entità amministrattiva indipendenti inkarigata minn dan l-istħarriġ għandha tirrifjuta l-aċċess meta dan tal-aħħar ikun jippermetti lill-awtorità pubblika tislet konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna. Għall-kuntrarju, anki aċċess li jippermetti li jinsiltu tali konklużjonijiet preċiżi għandu jiġi awtorizzat fil-każijiet fejn il-persuna kkonċernata tkun issuspettata li wettqet reati meqjusa mill-Istat Membru kkonċernat bħala li jippreġudikaw interess fundamentali tas-soċjetà u li għalhekk jaqgħu taħt forom ta' kriminalità serja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li stħarriġ minn qabel fl-ebda każ ma jista' jkun kompletament awtomatizzat peress li, fir-rigward ta' investigazzjoni kriminali, tali stħarriġ jeżiġi l-ibbilanċjar, minn naħa, tal-interessi leġittimi marbuta mal-ġlieda kontra l-kriminalità u, min-naħa l-oħra, tar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-data personali. Dan l-ibbilanċjar jeħtieġ l-intervent ta' persuna fiżika, li huwa iktar u iktar neċessarju peress li l-awtomatiċità u l-iskala kbira tal-ipproċessar tad-data inkwistjoni joħolqu riskji għall-ħajja privata.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-possibbiltà, għall-persuni inkarigati mill-eżami tal-fatti fi ħdan l-awtorità pubblika, li jagħmlu konnessjoni tad-data dwar l-identità ċivili ta' persuna li tikkorrispondi għal indirizz IP mal-fajls li jinkludu elementi li jippermettu li jsir magħruf it-titolu ta' xogħlijiet protetti li t-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni fuq l-internet iġġustifika l-ġbir tal-indirizzi IP minn organi tad-detenturi ta' drittijiet għandha tkun suġġetta, f'każijiet ta' twettiq mill-ġdid ta' attività li tippreġudika d-drittijiet tal-awtur jew tad-drittijiet relatati mill-istess persuna, għal stħarriġ minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti. Dan l-istħarriġ ma jistax ikun kompletament awtomatizzat u għandu jsir qabel tali konnessjoni, li tista' f'tali każijiet tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-imsemmija persuna li l-indirizz IP tagħha jkun intuża għal attivitajiet li jistgħu jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur jew id-drittijiet relatati.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li s-sistema ta' pproċessar ta' data użata mill-awtorità pubblika għandha tkun suġġetta, f'intervalli regolari, għal kontroll minn organu indipendenti u li jkollu l-kwalità ta' terz fir-rigward ta' din l-awtorità pubblika. Dan il-kontroll għandu l-għan li jivverifika l-integrità tas-sistema, inklużi l-garanziji effettivi kontra r-riskji ta' aċċess u ta' użu abbużiv jew illegali ta' din id-data, kif ukoll l-effikaċja u l-affidabbiltà tagħha sabiex jiġu identifikati eventwali nuqqasijiet ta' twettiq ta' obbligu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f'dan il-każ, l-ipproċessar awtomatizzat tad-data personali mwettaq mill-awtorità pubblika abbażi tal-informazzjoni dwar il-kontrafazzjonijiet ikkonstatati mill-organi tad-detenturi ta' drittijiet seta' jinvolvi ċertu numru ta' każijiet pożittivi foloz u fuq kollox ir-riskju li numru ta' data potenzjalment għoli ħafna jiġi ddevjat minn terzi għal finijiet abbużivi jew illegali, fatt li jispjega n-neċessità ta' tali kontroll.

Barra minn hekk, hija żiedet li dan l-ipproċessar kellu josserva r-regoli speċifiċi ta' protezzjoni ta' data personali previsti fid-Direttiva 2016/680 [24]. Fil-fatt, f'dan lil-każ, għalkemm l-awtorità pubblika ma kellhiex setgħat deċiżjonali tagħha stess fil-kuntest tal-proċedura magħrufa bħala ta' "risposta gradwata", hija kellha tiġi kklassifikata bħala "awtorità pubblika" involuta fil-prevenzjoni u fl-identifikazzjoni tar-reati kriminali, u kienet taqa' għalhekk fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Għalhekk, il-persuni involuti f'tali proċedura kellhom jibbenefikaw minn numru ta' garanziji sostantivi u proċedurali previsti mid-Direttiva 2016/680, li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika li dawn kienu previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

### Sentenza tat-30 ta' April 2024 (Awla Manja), Procura della Repubblica presso il Tribunale di Bolzano (C-178/22, EU:C:2024:371)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ipproċessar ta' data personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi – Kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet – Fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Direttiva 2002/58/KE – Artikolu 15(1) – Artikoli 7, 8 u 11 kif ukoll Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Talba minn awtorità nazzjonali kompetenti għal aċċess għal din id-data għall-finijiet tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni ta' serq aggravat – Definizzjoni ta' 'reat serju' li l-prosekuzzjoni tiegħu tista' tiġġustifika ndħil serju fid-drittijiet fundamentali – Kompetenza tal-Istati Membri – Prinċipju ta' proporzjonalità – Portata tal-istħarriġ minn qabel tal-qorti fuq it-talbiet għal aċċess għad-data miżmuma mill-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Giudice delle indagini preliminari presso il Tribunale di Bolzano (l-Imħallef għall-Investigazzjonijiet Preliminari tal-Qorti Distrettwali ta' Bolzano, l-Italja), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat min għandu jiddefinixxi l-kunċett ta' "reat serju", għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni

---

24 Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

elettronika [25]. Barra minn hekk, hija tat deċiżjoni dwar il-portata tal-istħarriġ minn qabel tal-qorti nazzjonali dwar it-talbiet għal aċċess għad-data miżmuma mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Wara żewġ serqiet ta' telefon mobbli, il-Procura della Repubblica presso il Tribunale di Bolzano (il-Prosekutur Pubbliku fi ħdan il-Qorti Distrettwali ta' Bolzano, l-Italja) beda żewġ proċeduri kriminali kontra awturi mhux magħrufa għal reati ta' serq b'ċirkustanzi aggravanti. Sabiex jiġu identifikati l-awturi ta' dawn is-serqiet, dan l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku, abbażi ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali [26], talab lill-qorti tar-rinviju l-awtorizzazzjoni li jiġbor mingħand il-kumpanniji telefoniċi r-reġistri telefoniċi tat-telefoni misruqa.

Peress li kellha dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali, li kienet tipprevedi li l-piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas tliet snin, li għaliha huwa punibbli reat, tista' tiġġustifika l-komunikazzjoni ta' reġistri tat-telefon lill-awtoritajiet pubbliċi, mad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tan-natura tal-indħil fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali [27], ikkawżat mill-aċċess għal reġistri telefoniċi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan l-indħil jista' jiġi kklassifikat bħala serju u li, konsegwentement, tali aċċess jista' jingħata biss fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' ndħil serju f'dawn id-drittijiet fundamentali, il-fatt li d-data li għaliha jintalab l-aċċess ma tkunx dik tal-proprjetarji tat-telefoni mobbli inkwistjoni, iżda dik tal-persuni li jużaw dawn it-telefoni wara s-serqiet preżunti tagħhom, huwa irrilevanti. Fil-fatt, mid-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [28] jirriżulta li l-obbligu, bħala prinċipju, li jiġu ggarantiti l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet elettroniċi kif ukoll il-kunfidenzjalità tad-data dwar it-traffiku relatata magħhom ikopri l-komunikazzjonijiet magħmula mill-utenti tan-network pubbliku ta' komunikazzjonijiet. Issa, din id-direttiva tiddefinixxi l-kunċett ta' "utent" bħala kull persuna fiżika li tuża servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr ma tkun neċessarjament abbonata għal dan is-servizz.

Fit-tieni lok, fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "reat serju", il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sa fejn l-Unjoni ma lleġiżlatx f'dan il-qasam, il-leġiżlazzjoni kriminali u r-regoli tal-proċedura kriminali jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, dawn għandhom jeżerċitaw din il-kompetenza b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni.

---

25 Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika").

26 Jiġifieri, l-Artikolu 132(3) tad-decreto legislativo n. 196 – Codice in materia di protezione dei dati personali, recante disposizioni per l'adeguamento dell' ordinamento nazionale al regolamento (UE) n. 2016/679 del Parlamento europeo e del Consiglio, del 27 aprile 2016, relativo alla protezione delle persone fisiche con riguardo al trattamento dei dati personali, nonché alla libera circolazione di tali dati e che abroga la direttiva 95/46/KE (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 196, il-Kodiċi dwar il-protezzjoni tad-data personali, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' adattament tad-dritt nazzjonali għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, tat-30 ta' Ġunju 2003 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 174, tad-29 ta' Lulju 2003), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali.

27 Iggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

28 Artikolu 5(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.

F’dan ir-rigward, hija osservat li d-definizzjoni tar-reati kriminali, taċ-ċirkustanzi attenwanti u aggravanti u tas-sanzjonijiet tirrifletti kemm ir-realtajiet soċjali kif ukoll it-tradizzjonijiet legali li jvarjaw mhux biss bejn l-Istati Membri, iżda wkoll fiż-żmien. Issa, dawn ir-realtajiet u t-tradizzjonijiet għandhom importanza ċerta sabiex jiġu ddeterminati r-reati serji.

Għaldaqstant, fid-dawl tat-tqassim tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u tad-differenzi sinjifikattivi bejn is-sistemi legali nazzjonali fil-qasam kriminali, huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu r-“reati serji”.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din id-definizzjoni ta’ “reati serji” għandha tosserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [29], moqrija fid-dawl tal-Karta [30]. Minn dan isegwi li l-Istati Membri ma jistgħux jiżnaturaw il-kunċett ta’ “reat serju” u, b’estensjoni, il-kunċett ta’ “kriminalità serja”, billi jinkludu fih reati li ma jkunux manifestament serji, fid-dawl tal-kundizzjonijiet soċjetali prevalenti fl-Istat Membru kkonċernat. Huwa b’mod partikolari sabiex tiġi vverifikata l-assenza ta’ tali żnaturament li huwa essenzjali li, fil-preżenza ta’ riskju ta’ ndħil serju fid-drittijiet fundamentali, l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali għad-data miżmuma jkun suġġett għal kontroll minn qabel imwettaq jew minn qorti, jew minn entità amministrattiva indipendenti.

Fit-tielet u l-aħħar lok, sabiex jiġi evalwat jekk id-definizzjoni ta’ “reati serji” li tirriżulta mid-dispożizzjoni nazzjonali kinitx wiesgħa wisq, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, l-ewwel nett, li definizzjoni fis-sens li r-“reati serji”, li għall-prosekuzzjoni tagħhom jista’ jingħata l-aċċess, huma dawk li għalihom il-piena massima ta’ priġunerija tkun tal-inqas ugwali għal tul li l-liġi tiddetermina, hija definizzjoni bbażata fuq kriterju oġġettiv.

It-tieni nett, hija enfasizzat madankollu li d-definizzjoni mogħtija, fid-dritt nazzjonali, ta’ “reati serji” ma għandhiex tkun tant wiesgħa li l-aċċess għal din id-data jsir ir-regola iktar milli l-eċċezzjoni. Għalhekk, hija ma tistax tkopri l-maġġoranza kbira tar-reati kriminali, li jkun il-każ jekk il-limitu jkun iffissat f’livell eċċessivament baxx. Issa, limitu stabbilit b’riferiment għal piena massima ta’ priġunerija ta’ tliet snin ma kienx jidher, f’dan ir-rigward, li kien eċċessivament baxx.

B’dan premess, il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li, meta d-definizzjoni ta’ “reati serji” ma tkunx stabbilita b’riferiment għal piena minima iżda għal piena massima, aċċess għal data, li jikkostitwixxi ndħil serju fid-drittijiet fundamentali, ikun jista’ jintalab għall-finijiet ta’ prosekuzzjoni ta’ reati li ma jaqgħux, fir-realtà, taħt il-kriminalità serja.

Madankollu, l-iffissar ta’ limitu li minnu l-piena massima ta’ priġunerija li għaliha jkun punibbli reat tiġġustifika li dan jiġi kklassifikat bħala reat serju ma huwiex neċessarjament kuntrarju għall-prinċipju ta’ proporzjonalità.

Minn naħa, dan kien jidher li kien il-każ tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni, peress li din kienet tidher b’mod partikolari li tkopri każijiet li fihom l-aċċess ma setax jiġi kklassifikat bħala ndħil serju, għaliex ma kienx jirrigwarda sett ta’ data li seta’ jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati.

Min-naħa l-oħra, il-qorti jew l-entità amministrattiva indipendenti, li tintervjeni fil-kuntest ta’ stħarriġ minn qabel, għandha tkun awtorizzata tirrifjuta jew tirrestrinġi dan l-aċċess meta tikkonstata li l-indħil fid-drittijiet fundamentali huwa gravi meta jkun manifest li r-reat inkwistjoni ma jaqax effettivament taħt il-kriminalità serja.

[29] Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.

[30] L-Artikoli 7, 8, 11 kif ukoll 52(1) tal-Karta.

Fil-fatt, il-qorti jew l-entità inkarigata minn dan il-kontroll għandha tkun f'pożizzjoni li tiżgura bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interessi leġittimi marbuta mal-bżonnijiet tal-investigazzjoni kriminali u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali.

B'mod partikolari, din il-qorti jew din l-entità għandha tkun f'pożizzjoni li teskludi tali aċċess meta dan tal-aħħar jintalab fil-kuntest ta' proċeduri għal reat li ma jkunx manifestament serju.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika, moqrija fid-dawl tal-Karta, ma tipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tobbliga lill-qorti nazzjonali tawtorizza l-aċċess għal sett ta' data dwar it-traffiku jew ta' data dwar il-lokalizzazzjoni jekk dan jintalab għall-finijiet tal-investigazzjoni ta' reati kriminali punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas tliet snin, bil-kundizzjoni, madankollu, li din il-qorti tkun awtorizzata tirrifjuta l-imsemmi aċċess jekk dan tal-aħħar jintalab fil-kuntest ta' investigazzjoni li tirrigwarda reat li ma jkunx manifestament serju, fid-dawl tal-kundizzjonijiet soċjetali prevalenti fl-Istat Membru kkonċernat.

### Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Bezirkshauptmannschaft Landeck (Tentattiv ta' aċċess għad-data personali maħżuna fuq telefon ċellulari) (C-548/21, EU:C:2024:830)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' prevenzjoni u ta' investigazzjoni tar-reati kriminali, is-sejbien jew prosekuzzjoni fil-qasam – Direttiva (UE) 2016/680 – Il-punt 2 tal-Artikolu 3 – Kunċett ta' 'pproċessar' – Artikolu 4 – Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali – Artikolu 4(1)(c) – Prinċipju ta' 'minimizzazzjoni tad-data' – Artikoli 7, 8, 47 u 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rekwiżit li limitazzjoni tal-eżerċizzju ta' dritt fundamentali għandha tkun 'prevista mil-liġi' – Proporzjonalità – Evalwazzjoni tal-proporzjonalità fir-rigward tal-elementi kollha rilevanti – Stħarriġ preliminari minn qorti jew awtorità amministrattiva indipendenti – Artikolu 13 – Informazzjoni li għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tas-suġġett tad-data jew li għandha tingħatalu – Limiti – Artikolu 54 – Dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra l-kontrollur jew il-proċessur – Investigazzjoni tal-pulizija fil-qasam tat-traffiku ta' drogi – Tentattiv ta' żblokkar ta' telefon ċellulari mill-awtoritajiet tal-pulizija, sabiex jaċċedu, għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, għad-data li tinsab f'dan it-telefon"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Tirol (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Tirol, l-Awstrija), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, il-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jaċċedu għad-data li tinsab f'telefon ċellulari għall-finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' sejbien jew ta' prosekuzzjoni ta' reat kriminali b'mod ġenerali, fir-rigward tad-Direttiva 2016/680 [31]. Min-naħa l-oħra, hija rrikonoxxiet id-dritt tas-suġġett tad-data li jiġi informat bir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata l-awtorizzazzjoni ta' aċċess għal tali data u dan mill-mument meta l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx għadha tista' tikkomprometti l-kompiti li għandhom dawn l-awtoritajiet.

Fit-23 ta' Frar 2021, waqt kontroll fil-qasam tad-drogi, uffiċjali doganali Awstrijaċi ssekwestraw pakkett indirizzat lil CG, li kien fih 85 gramma kannabis. Dan il-pakkett intbagħat, għal eżami, lill-awtoritajiet tal-pulizija Awstrijaċi. Fis-6 ta' Marzu 2021, fil-kuntest ta' investigazzjoni mill-pulizija fil-qasam tat-traffikar ta' drogi, żewġ uffiċjali tal-pulizija wettqu tfittxija fid-dar ta' CG u staqsewh dwar min kien bagħat il-pakkett. Wara r-rifjut ta' CG li jagħti aċċess lill-uffiċjali tal-pulizija għad-data ta' konnessjoni tat-telefon ċellulari tiegħu, dawn tal-aħħar issekwestraw it-telefon.

Sussegwentement, it-telefon ċellulari ta' CG kien is-suġġett ta' diversi tentattivi ta' żblokk imwettqa minn diversi uffiċjali tal-pulizija. F'dan il-każ, kemm is-sekwestru tat-telefon kif ukoll it-tentattivi ta' użu

---

[31] Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

ulterjuri tiegħu twettqu mill-uffiċjali tal-pulizija mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-uffiċċju tal-prosekutur jew ta' qorti.

Fil-31 ta' Marzu 2021, CG ippreżenta rikors quddiem il-qorti tar-rinviju sabiex jikkontesta l-legalità tas-sekwestru tat-telefon ċellulari tiegħu, li ġie rrestitwit lilu fl-20 ta' April 2021. CG ma ġiex immedjatament informat bit-tentattivi ta' użu tat-telefon tiegħu u sar jaf bihom fil-kuntest tal-proċedura pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf jekk, fid-dawl tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika [32], aċċess sħiħ u mhux ikkontrollat għad-data kollha li tinsab f'telefon ċellulari kienx jikkostitwixxi ndħil tant serju fid-drittijiet fundamentali [33] li dan l-aċċess kellu jkun limitat għall-ġlieda kontra r-reati serji. Hija staqsiet ukoll dwar jekk, minn naħa, din id-direttiva kinitx tipprekludi [34] leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-pulizija ġudizzjarja tkun tista', matul proċedura ta' investigazzjoni kriminali, tikseb aċċess sħiħ u mhux ikkontrollat għad-data kollha li tinsab f'telefon ċellulari, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' mħallef jew ta' entità amministrattiva indipendenti, u, min-naħa l-oħra, jekk din l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali kinitx kompatibbli mad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, sa fejn ma kinitx tobbliga lill-awtoritajiet tal-pulizija jinformaw lill-proprjetarju ta' telefon ċellulari bil-miżuri ta' użu diġitali ta' dan it-telefon.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tentattiv ta' aċċess għad-data personali li tinsab f'telefon ċellulari direttament mill-awtoritajiet tal-pulizija mingħajr ebda intervent ta' fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, bħal dak li kien jikkonċerna lil CG, ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li tali tentattiv ta' aċċess jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2016/680. F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat li, fid-dawl tal-portata wiesgħa li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ried jagħti lill-kunċett ta' "ipproċessar" [35], meta l-awtoritajiet tal-pulizija jissekwestraw telefon u jimmanipulawh għal finijiet ta' estrazzjoni u ta' konsultazzjoni tad-data personali li tinsab f'dan it-telefon, huma jibdew "ipproċessar", anki jekk dawn l-awtoritajiet ma jirnexxilhomx, għal raġunijiet tekniċi, jaċċedu għal din id-data. Fil-fatt, l-effettività tal-prinċipju ta' limitazzjoni tal-finijiet [36] teżiġi neċessarjament li l-finalità tal-ġbir tiġi ddeterminata sa mill-istadju meta l-awtoritajiet kompetenti jippruvaw jaċċedu għal data personali peress li tali tentattiv, jekk jirnexxi, ikun ta' natura li jippermettilhom, b'mod partikolari, li jiġbru, iwettqu estrazzjoni ta' jew jikkonsultaw immedjatament id-data inkwistjoni. Jekk tali tentattiv ma jkunx jista' jiġi kklassifikat bħala "ipproċessar" tad-data, il-livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali tal-persuni fiżiċi jkun imminat. Bl-istess mod, jekk l-applikabbiltà tad-Direttiva 2016/680 tkun tiddependi mis-suċċess tat-tentattiv ta' aċċess għal data personali li tinsab f'telefon ċellulari, dan joħloq kemm għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll għall-individwi inċertezza inkompatibbli mal-prinċipju ta' ċertezza legali.

---

32 U b'mod iktar preċiż tal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514, rettifika fil-ĠU 2013 L 241, p. 9), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika").

33 Previsti fl-Artikolu 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

34 U b'mod iktar preċiż l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika.

35 Skont il-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2016/680, il-kunċett ta' "ipproċessar" huwa ddefinit bħala "kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali, sew jekk b'mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom […]."

36 Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2016/680.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat jekk il-prinċipju ta' "minimizzazzjoni tad-data" [37], bħala espressjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtoritajiet kompetenti l-possibbiltà li jaċċedu għad-data li tinsab f'telefon ċellulari, għal finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' sejbien u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali b'mod ġenerali, mingħajr ma jissuġġettaw l-eżerċizzju ta' din il-possibbiltà għal stħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-limitazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fil-qasam tal-ħajja privata u tal-familja u tal-protezzjoni tad-data personali [38] għandhom josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità u jistgħu jsiru biss jekk ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni. F'dan is-sens, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li pproċessar ta' data personali fil-kuntest ta' investigazzjoni tal-pulizija intiża għar-repressjoni ta' reat kriminali, bħalma huwa tentattiv ta' aċċess għad-data li tinsab f'telefon ċellulari, għandu jitqies, bħala prinċipju, li jissodisfa effettivament għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni. Min-naħa l-oħra, hija osservat li n-natura proporzjonata tar-restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali fil-qasam tar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-data personali, li jirriżultaw minn tali pproċessar, timplika bbilanċjar tal-elementi rilevanti kollha tal-każ.

Għalhekk, l-ewwel nett, fir-rigward tal-gravità ta' limitazzjoni ta' dawn id-drittijiet fundamentali li tirriżulta minn leġiżlazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet tal-pulizija kompetenti jaċċedu, mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, għad-data li tinsab f'telefon ċellulari, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li tali aċċess jista' jirrigwarda, skont il-kontenut tat-telefon ċellulari inkwistjoni u l-għażliet magħmula minn dawn l-awtoritajiet, firxa wiesgħa ħafna ta' data, u jista' għalhekk jippermetti li jinsiltu konklużjonijiet preċiżi ħafna dwar il-ħajja privata tas-suġġett tad-data. Għaldaqstant, tali ndħil fid-drittijiet fundamentali fil-qasam tar-rispett tal-ħajja privata u tal-protezzjoni tad-data personali għandu jitqies li huwa gravi, jew saħansitra partikolarment gravi.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-gravità tar-reat li jkun is-suġġett tal-investigazzjoni hija element ċentrali waqt l-eżami tal-proporzjonalità tal-indħil gravi li jikkostitwixxi l-aċċess għad-data personali li tinsab f'telefon ċellulari. Madankollu, li jitqies li hija biss il-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tista' tiġġustifika l-aċċess għal tali data jillimita s-setgħat ta' investigazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tar-reati kriminali b'mod ġenerali, jinjora n-natura speċifika tal-missjonijiet imwettqa minn dawn l-awtoritajiet u jippreġudika l-għan ta' ħolqien ta' spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja fi ħdan l-Unjoni. B'dan premess, sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit li kull limitazzjoni għall-eżerċizzju ta' dritt fundamentali għandha tkun "prevista mil-liġi" [39], huwa l-leġiżlatur nazzjonali li għandu jiddefinixxi b'mod suffiċjentement preċiż l-elementi, b'mod partikolari n-natura jew il-kategoriji tar-reati kkonċernati, li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' proporzjonalità jiġi osservat, meta l-aċċess tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għad-data personali jinvolvi r-riskju ta' ndħil serju, jew saħansitra partikolarment serju, fid-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data, dan l-aċċess għandu jkun suġġett għal stħarriġ minn qabel imwettaq jew minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti. Dan l-istħarriġ indipendenti għandu jsir qabel kull tentattiv ta' aċċess għad-data kkonċernata, ħlief fil-każ ta' urġenza debitament iġġustifikata, f'liema każ l-imsemmi stħarriġ għandu jsir f'termini qosra. Fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-qorti jew l-entità amministrattiva indipendenti għandha tkun awtorizzata tirrifjuta jew tirrestrinġi talba għal aċċess li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2016/680 meta hija tikkonstata li l-indħil fid-drittijiet fundamentali li jikkostitwixxi dan l-aċċess huwa sproporzjonat. F'dan il-każ, għandu għalhekk ikun hemm rifjut jew restrizzjoni tal-aċċess għad-data li tinsab f'telefon ċellulari, mill-awtoritajiet tal-pulizija kompetenti,

---

37 Kif previst fl-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680 li permezz tiegħu l-Istati Membri għandhom jipprevedu li d-data personali hija adegwata, rilevanti, u mhux eċċessiva fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata.

38 Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

39 Artikolu 52(1) tal-Karta.

jekk, fid-dawl tal-gravità tal-ksur u tal-bżonnijiet tal-investigazzjoni, ma jidhirx iġġustifikat aċċess għall-kontenut tal-komunikazzjonijiet jew għal data sensittiva.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-prinċipju ta' minimizzazzjoni tad-data, moqri fid-dawl tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-data personali u għar-rispett tal-ħajja privata, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtoritajiet kompetenti l-possibbiltà li jaċċedu għad-data li tinsab f'telefon ċellulari, għal finijiet ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' sejbien u ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali b'mod ġenerali. Madankollu, tali ammissibbiltà hija kkundizzjonata mill-osservanza tal-prinċipji ta' legalità u ta' proporzjonalità kif ukoll mill-eżistenza ta' stħarriġ minn qabel tal-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għal tali data mwettaq minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kwistjoni jekk CG kellux jiġi informat bit-tentattivi ta' aċċess għad-data li tinsab fit-telefon ċellulari tiegħu [40]. Hija kkonstatat f'dan ir-rigward li l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ġew awtorizzati minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti sabiex jaċċedu għal data miżmuma għandhom jinformaw lis-suġġetti tad-data bir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata din l-awtorizzazzjoni, sa mill-mument meta din il-komunikazzjoni ma tkunx għadha tista' tikkomprometti l-investigazzjonijiet imwettqa minn dawn l-awtoritajiet. Dawn l-istess awtoritajiet għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tas-suġġetti tad-data l-informazzjoni kollha prevista mid-Direttiva 2016/680 [41] sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jeżerċitaw, b'mod partikolari, id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv [42]. Għalhekk, leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi b'mod ġenerali kull dritt li tinkiseb tali informazzjoni ma tkunx konformi mad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li CG kellu jiġi informat minn qabel bit-tentattivi ta' aċċess għad-data li tinsab fit-telefon ċellulari tiegħu. Fil-fatt, peress li t-telefon ċellulari ta' CG kien diġà ġie ssekwestrat fil-mument tat-tentattivi ta' żblokk mill-awtoritajiet tal-pulizija, ma jidhirx li l-fatt li jiġi informat b'dawn it-tentattivi ta' aċċess seta' jippreġudika l-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Karta [43], jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lill-awtoritajiet kompetenti jaċċedu għal data li tinsab f'telefon ċellulari mingħajr ma jinformaw lis-suġġett tad-data bir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata l-awtorizzazzjoni minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti sabiex jaċċedu għal tali data, sa mill-mument meta l-komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni ma tkunx għadha tista' tikkomprometti l-kompiti li għandhom jitwettqu minn dawn l-awtoritajiet.

## 2. Data bijometrika u ġenetika

### Sentenza tat-30 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), Direktor na Glavna direktsia "Natsionalna politsia" pri MVR – Sofia (C-118/22, EU:C:2024:97)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali għal finijiet tal-ġlieda kontra r-reati kriminali – Direttiva (UE) 2016/680 – Artikolu 4(1)(c) u (e) – Minimizzazzjoni tad-data – Limitazzjoni taż-żamma – Artikolu 5 – Termini xierqa għat-tħassir jew għall-verifika regolari tal-ħtieġa taż-żamma – Artikolu 10 – Ipproċessar ta' data bijometrika u ta' data ġenetika – Neċessità assoluta – Artikolu 16(2) u (3) – Dritt għat-tħassir – Limitazzjoni tal-ipproċessar – Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Persuna fiżika li tkun ġiet ikkundannata b'sentenza*

---

40 Artikolu 47 tal-Karta.

41 Imsemmija fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2016/680.

42 Artikolu 54 tad-Direttiva 2016/680.

43 B'mod iktar partikolari, l-Artikoli 13 u 54 tad-Direttiva 2016/680, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 47 u 52(1) tal-Karta.

*definittiva u sussegwentement irriabilitata – Terminu ta' żamma tad-data sal-mewt – Assenza ta' dritt għat-tħassir jew għal-limitazzjoni tal-ipproċessar – Proporzjonalità"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-limiti ta' żmien taż-żamma, għall-finijiet tal-ġlieda kontra r-reati kriminali, tad-data personali ta' persuni li kienu s-suġġett ta' kundanna kriminali definittiva, fir-rigward tad-Direttiva 2016/680 [44].

NG kien suġġett għal reġistrazzjoni fir-reġistru tal-pulizija fil-kuntest ta' proċedura istruttorja minħabba xhieda falza Fi tmiem din il-proċedura, huwa tqiegħed taħt akkuża u, sussegwentement, ġie misjub ħati għal dan ir-reat u kkundannat għal piena ta' probation għal sena. Wara li skonta din il-piena, huwa bbenefika minn riabilitazzjoni.

Fuq il-bażi ta' din ir-riabilitazzjoni, NG ressaq talba għat-tħassir tar-reġistrazzjoni tiegħu fir-reġistru tal-pulizija. Din it-talba ġiet miċħuda minħabba li kundanna kriminali definittiva, inkluż fil-każ ta' riabilitazzjoni, ma tagħmilx parti mill-motivi għal tali tħassir, elenkati b'mod eżawrjenti mid-dritt nazzjonali. Peress li r-rikors ippreżentat minn NG kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud, NG ippreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostna li mid-Direttiva 2016/680 jirriżulta li ż-żamma ta' data personali ma tistax tkun għal żmien illimitat. Issa, skont NG, dan ikun *de facto* l-każ meta s-suġġett tad-data ma jkun jista' qatt jikseb it-tħassir ta' tali data miġbura b'rabta mar-reat kriminali li għalih huwa ġie kkundannat definittivament, inkluż wara li jkun skonta l-piena tiegħu u jkun ibbenefika minn riabilitazzjoni.

Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita, b'talba għal deċiżjoni preliminari, bil-kwistjoni dwar jekk id-Direttiva 2016/680 [45], moqrija fid-dawl tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [46], tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi ż-żamma, mill-awtoritajiet tal-pulizija, għal finijiet ta' prevenzjoni u ta' identifikazzjoni tar-reati kriminali, ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni f'dan ir-rigward jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali, ta' data personali, b'mod partikolari ta' data bijometrika u ġenetika, li tikkonċerna persuni li kienu s-suġġett ta' kundanna kriminali definittiva għal reat kriminali intenzjonali suġġett għal azzjoni pubblika, u dan sal-mewt tas-suġġett tad-data, inkluż fil-każ ta' riabilitazzjoni tiegħu, mingħajr ma jiġi rrikonoxxut lilu d-dritt għat-tħassir tal-imsemmija data jew, jekk ikun il-każ, għal-limitazzjoni tal-ipproċessar tagħha.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta fl-affermattiv għal din id-domanda.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-Direttiva 2016/680 tiffissa qafas ġenerali li jippermetti li jiġi ggarantit, fost oħrajn, li ż-żamma ta' data personali u, b'mod iktar partikolari, it-tul taż-żamma tagħha, ikunu limitati għal dak li jirriżulta li huwa neċessarju fid-dawl tal-għanijiet li għalihom tinżamm din id-data, filwaqt li tħalli lill-Istati Membri l-kompitu li jiddeterminaw, fl-osservanza ta' dan il-qafas, is-sitwazzjonijiet konkreti li fihom il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-data tirrikjedi t-tħassir ta' din id-data u l-mument meta dan għandu jseħħ. Għall-kuntrarju, din id-direttiva ma tirrikjedix li l-Istati Membri jiddefinixxu limiti ta' żmien assoluti għaż-żamma tad-data personali, li kif jiddekorru din id-data jkollha titħassar awtomatikament.

---

**44** Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU 2016, L 119, p. 89, u rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 6).

**45** B'mod iktar partikolari l-Artikolu 4(1)(c) u (e) tad-Direttiva 2016/680 moqri flimkien mal-Artikoli 5 u 10, mal-Artikolu 13(2)(b) kif ukoll mal-Artikolu 16(2) u (3) tagħha.

**46** L-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxu, rispettivament, id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.

B’mod iktar speċifiku, qabel kollox, l-Artikolu 4(1)(c) tad-Direttiva 2016/680 jistabbilixxi l-prinċipju ta’ “minimizzazzjoni tad-data” li jgħid li l-Istati Membri għandhom jipprevedu li d-data personali tkun adegwata, rilevanti, u mhux eċċessiva fir-rigward tal-finijiet li għalih tiġi pproċessata. Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 4(1)(e) ta’ din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li din id-data tinżamm taħt forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal tul li ma jeċċedix dak li huwa neċessarju fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata. F’dan il-kuntest, l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprevedu b’mod partikolari l-iffissar ta’ termini xierqa għat-tħassir tad-data personali jew għall-verifika regolari tal-ħtieġa li tali data tinżamm. In-natura “xierqa” ta’ dawn it-termini tirrikjedi, fi kwalunkwe każ, li dawn jippermettu t-tħassir tad-data kkonċernata meta ż-żamma tagħha ma tkunx iktar neċessarja fir-rigward tal-għanijiet li ġġustifikaw l-ipproċessar.

Sussegwentement, l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680, li jirregola l-ipproċessar ta’ kategoriji speċifiċi ta’ data personali, b’mod partikolari d-data bijometrika u ġenetika, jawtorizza l-ipproċessar ta’ tali data “biss meta verament ikun meħtieġ”.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2016/680 jintroduċi dritt għat-tħassir tad-data personali meta l-ipproċessar jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa ta’ din id-direttiva [47] jew meta din id-data jkollha titħassar biex jiġi osservat obbligu legali li għalih ikun suġġett il-kontrollur [48]. Minn dan jirriżulta li d-dritt għat-tħassir jista’ jiġi eżerċitat, b’mod partikolari, meta ż-żamma tad-data personali inkwistjoni ma tkunx neċessarja jew ma tkunx iżjed neċessarja fir-rigward tal-għanijiet tal-ipproċessar tagħha jew meta dan it-tħassir ikun meħtieġ biex jiġi osservat it-terminu ffissat, għal dan il-għan, mid-dritt nazzjonali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f’dan il-każ, id-data personali li kienet tinsab fir-reġistru tal-pulizija u li kienet tirrigwarda l-persuni li kienu suġġetti għal prosekuzzjoni kriminali minħabba reat intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika kienet tinżamm biss għal finijiet ta’ investigazzjoni operattiva u, b’mod iktar partikolari, bil-għan li tiġi pparagunata ma’ data oħra miġbura waqt investigazzjonijiet dwar reati oħra. F’dan ir-rigward, madankollu, il-kunċett ta’ “reat kriminali intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika” kien ta’ natura partikolarment ġenerali u seta’ japplika għal numru kbir ta’ reati kriminali, indipendentement min-natura u mill-gravità tagħhom. Issa, il-persuni kollha kkundannati definittivament għal tali reat ma jippreżentawx l-istess livell ta’ riskju li jkunu involuti f’reati kriminali oħra u li jiġġustifika tul uniformi ta’ żamma tad-data li tikkonċernahom. B’hekk, f’ċerti każijiet, fid-dawl tal-fatturi bħalma huma n-natura u l-gravità tal-ksur imwettaq jew l-assenza ta’ reċidiva, ir-riskju rrappreżentat mill-persuna kkundannata ma jiġġustifikax neċessarjament iż-żamma sal-mewt tagħha tad-data li tikkonċernaha fir-reġistru nazzjonali tal-pulizija previst għal dan il-għan inkwantu ma jkunx jeżisti iżjed in-ness neċessarju bejn id-data miżmuma u l-għan li għandu jintlaħaq. Għalhekk, f’każijiet bħal dawn, iż-żamma tagħha ma jkunx konformi mal-prinċipju ta’ minimizzazzjoni tad-data u jeċċedi t-tul neċessarju fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata.

Sussegwentement, sa fejn iż-żamma tad-data personali fir-reġistru tal-pulizija inkwistjoni kienet tinkludi data bijometrika u ġenetika, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, huwa minnu li ż-żamma ta’ tali data ta’ persuni li diġà kienu s-suġġett ta’ kundanna kriminali definittiva, inkluż sal-mewt ta’ dawn il-persuni, tista’ tkun ta’ natura ta’ neċessità assoluta [49], b’mod partikolari sabiex tkun tista’ ssir il-verifika tal-involviment possibbli tagħhom f’reati kriminali oħra u, b’hekk, biex l-awturi ta’ dawn ir-reati jkunu suġġetti għal prosekuzzjoni u jiġu kkundannati. Madankollu, iż-żamma ta’ din id-data tissodisfa tali rekwiżit biss jekk tieħu inkunsiderazzjoni n-natura u l-gravità tal-ksur li wassal għall-kundanna

---

**47** B’mod iktar partikolari bis-saħħa tal-Artikoli 4, 8 jew 10 tagħha.

**48** Madankollu, b’applikazzjoni tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2016/680, id-dritt nazzjonali għandu jipprevedi li l-kontrollur jillimita l-ipproċessar ta’ din id-data minflok ma jipproċedi għat-tħassir tagħha meta s-suġġett tad-data jikkontesta l-eżattezza tad-data personali u ma jistax jiġi ddeterminat jekk din id-data hijiex eżatta jew le, jew meta d-data personali għandha tinżamm għal finijiet probatorji.

**49** Ara l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2016/680.

kriminali definittiva, jew ċirkustanzi oħra bħalma huma l-kuntest partikolari li fih jitwettaq dan il-ksur, ir-rabta eventwali tiegħu ma' proċeduri oħra fis-seħħ jew ukoll il-preċedenti jew il-profil tal-persuna kkundannata. Għalhekk, meta, kif jipprevedi d-dritt nazzjonali fi-kawża prinċipali, id-data bijometrika u ġenetika tas-suġġetti tad-data rreġistrati fir-reġistru tal-pulizija tinżamm sad-data tal-mewt ta' dawn il-persuni fil-każ ta' kundanna kriminali definittiva tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din iż-żamma tkun ta' natura eċċessivament wiesgħa fir-rigward tal-għanijiet li għalihom din id-data tkun ġiet ipproċessata.

Fl-aħħar nett, fir-rigward, minn naħa, tal-obbligu li jiġu previsti termini xierqa [50], terminu jista' jitqies li jkun "xieraq", b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna ż-żamma tad-data bijometrika u ġenetika ta' kull persuna kkundannata definittivament għal reat kriminali intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika, biss jekk tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti b'mod li tali tul ta' żamma jsir neċessarju. Konsegwentement, anki jekk ir-riferiment għall-mewt tas-suġġett tad-data jista' jikkostitwixxi "terminu" għat-tħassir tad-data miżmuma, tali terminu jista' jitqies li jkun "xieraq" biss f'ċirkustanzi partikolari li jiġġustifikaw dan debitament. Issa, dan ma jkunx manifestament il-każ meta dan ikun applikabbli b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni għal kull persuna kkundannata definittivament. Huwa minnu li l-Istati Membri għandhom il-kompitu li jiddeċiedu jekk għandhomx jiġu ffissati termini għat-tħassir tal-imsemmija data jew għall-verifika regolari tal-ħtieġa li din tinżamm [51]. Madankollu, in-natura "xierqa" tat-termini għal tali verifika regolari tirrikjedi li dawn jippermettu li d-data inkwistjoni titħassar fil-każ li ż-żamma tagħha ma tkunx iktar neċessarja. Issa, tali rekwiżit ma jkunx issodisfatt meta l-uniku każ fejn tali tħassir huwa previst huwa meta sseħħ il-mewt tas-suġġett tad-data.

Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2016/680, li jipprevedu garanziji dwar il-kundizzjonijiet relatati mad-drittijiet għat-tħassir u għal-limitazzjoni tal-ipproċessar, jipprekludu wkoll leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet mill-persuna kkundannata definittivament għal reat kriminali intenzjonali suġġett għall-azzjoni pubblika.

## 3. Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)

### a. Kamp ta' applikazzjoni

**Sentenza tas-16 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), Österreichische Datenschutzbehörde (C-33/22, EU:C:2024:46)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali – Artikolu 16 TFUE – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 2(2)(a) – Kamp ta' applikazzjoni – Esklużjonijiet – Attivitajiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Artikolu 4(2) TUE – Attivitajiet relatati mas-sigurtà nazzjonali – Kumitat ta' inkjesta parlamentari ta' Stat Membru – Artikolu 23(1)(a) u (h), Artikoli 51 u 55 tar-Regolament (UE) 2016/679 – Kompetenza tal-awtorità ta' superviżjoni responsabbli għall-protezzjoni tad-data – Artikolu 77 – Dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità ta' superviżjoni – Effett dirett"*

[50] Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2016/680.

[51] Ara l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2016/680.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva, l-Awstrija), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li attività ta' kumitat ta' inkjesta parlamentari ma tevitax l-applikazzjoni tal-GDPR [52].

Sabiex tiġi eżaminata l-possibbiltà ta' influwenza politika fuq il-Bundesamt für Verfassungsschutz und Terrorismusbekämpfung (l-Uffiċċju Federali għall-Protezzjoni tal-Kostituzzjoni u għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, l-Awstrija) [53], in-Nationalrat (l-Assemblea Nazzjonali, l-Awstrija) waqqfet kumitat ta' inkjesta (iktar 'il quddiem il-"Kumitat ta' Inkjesta BVT"). Dan il-kumitat sema' lil WK bħala xhud. Minkejja t-talba tiegħu għal anonimizzazzjoni, il-minuti tas-smigħ tiegħu, li fihom issemmew kunjomu u ismu b'mod sħiħ, ġew ippubblikati fis-sit internet tal-Parlament Österreich (il-Parlament Awstrijak). Filwaqt li sostna li tali żvelar tal-identità tiegħu kien imur kontra l-GDPR u l-leġiżlazzjoni Awstrijaka [54], WK ressaq ilment quddiem l-Österreichische Datenschutzbehörde (l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data, l-Awstrija) (iktar 'il quddiem id-"Datenschutzbehörde"). Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2019, id-Datenschutzbehörde ddikjarat li ma kellhiex kompetenza sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-ilment, filwaqt li spjegat li l-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri kien jeskludi li hija, bħala korp tal-poter eżekuttiv, tkun tista' tissorvelja l-Kumitat ta' Inkjesta BVT, li jaqa' taħt il-poter leġiżlattiv.

Wara d-deċiżjoni tal-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija), li kienet laqgħet ir-rikors ta' WK u li kienet annullat id-deċiżjoni tad-Datenschutzbehörde, din tal-aħħar adixxiet lill-Qorti Amministrattiva b'rikors għal reviżjoni kontra d-deċiżjoni tal-Qorti Amministrattiva Federali.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-attivitajiet ta' kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-parlament ta' Stat Membru jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR u jekk dan ir-regolament japplikax f'sitwazzjoni fejn dawn l-attivitajiet ikunu jikkonċernaw il-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali. Barra minn hekk, hija talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar jekk il-GDPR jagħtix lil awtorità ta' superviżjoni nazzjonali, bħalma hija d-Datenschutzbehörde, il-kompetenza li tisma' lmenti dwar ipproċessar ta' data personali minn kumitat ta' inkjesta fil-kuntest tal-attivitajiet tiegħu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR, li jipprevedi li dan ir-regolament ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq fil-kuntest ta' attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu biss l-għan li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-ipproċessar mill-awtoritajiet tal-Istat fil-kuntest ta' attività intiża li tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali jew li taqa' taħt l-istess kategorija. B'hekk, is-sempliċi fatt li attività tkun speċifika għall-Istat jew għal awtorità pubblika ma huwiex biżżejjed sabiex awtomatikament jitqies li l-GDPR ma japplikax għal tali attività [55].

Din l-interpretazzjoni, li tirriżulta mill-fatt li ma ssirx distinzjoni abbażi tal-identità tal-awtur tal-ipproċessar ikkonċernat, hija kkonfermata mill-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR [56].

---

52 Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

53 Fl-1 ta' Diċembru 2021, din l-entità saret id-"Direktion Staatsschutz und Nachrichtendienst" (id-Direttorat għas-Sigurtà tal-Istat u għas-Servizzi tal-Informazzjoni, l-Awstrija).

54 Jiġifieri, fl-Artikolu 1 tad-Datenschutzgesetz (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-Data) tas-17 ta' Awwissu 1999 (BGBl. I, 165/1999.

55 Sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2021, Latvijas Republikas Saeima (Punti ta' penalità) (C-439/19, EU:C:2021:504, punt 66), u tal-20 ta' Ottubru 2022, Koalitsia "Demokratichna Bulgaria – Obedinenie" (C-306/21, EU:C:2022:813, punt 39).

56 Dan jiddefinixxi l-kunċett ta' "kontrollur" bħala li jirreferi għal "persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li waħdu jew flimkien ma' oħrajn jiddetermina l-finijiet u l-mezzi tal-ipproċessar".

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li n-natura parlamentari tal-Kumitat ta' Inkjesta BVT ma kinitx timplika li l-attivitajiet tiegħu kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR. Fil-fatt, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) ta' dan ir-regolament tirreferi biss għal kategoriji ta' attivitajiet li, minħabba n-natura tagħhom, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u ma tirreferix għal kategoriji ta' persuni. Għaldaqstant, il-fatt li l-ipproċessar ta' data personali jitwettaq minn kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-parlament ta' Stat Membru fl-eżerċizzju tas-setgħa tiegħu ta' superviżjoni tal-poter eżekuttiv ma jippermettix, bħala tali, li jiġi stabbilit li dan l-ipproċessar ikun qiegħed jitwettaq fil-kuntest ta' attività li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, minkejja li huma l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu l-interessi essenzjali tagħhom ta' sigurtà u li jadottaw il-miżuri xierqa sabiex jiżguraw din is-sigurtà [57], is-sempliċi fatt li miżura nazzjonali tkun ittieħdet għall-finijiet tal-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali ma jistax iwassal għall-inapplikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni u ma jistax jeżenta lill-Istati Membri mill-osservanza neċessarja ta' dan id-dritt. Issa, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tal-GDPR tirreferi biss għal kategoriji ta' attivitajiet li, minħabba n-natura tagħhom, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-kontrollur tal-ipproċessar ikun awtorità pubblika li l-attività prinċipali tagħha tkun li tiżgura s-sigurtà nazzjonali ma huwiex biżżejjed, bħala tali, sabiex jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR l-ipproċessar ta' data personali mwettaq minn din l-awtorità fil-kuntest tal-attivitajiet l-oħra tagħha.

F'dan il-każ, is-superviżjoni politika mwettqa mill-Kumitat ta' Inkjesta BVT ma kinitx tidher li tikkostitwixxi, bħala tali, attività intiża li tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali jew li kienet taqa' taħt l-istess kategorija. Għalhekk, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju, din l-attività ma kinitx taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

B'dan premess, kumitat ta' inkjesta parlamentari jista' jkollu aċċess għal data personali li, għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali, għandhom igawdu minn protezzjoni speċjali. F'dan ir-rigward, sabiex tiġi ggarantita, b'mod partikolari, is-sigurtà nazzjonali [58], jistgħu jiġu stabbiliti, permezz ta' miżuri leġiżlattivi, limitazzjonijiet għad-drittijiet u għall-obbligi li jirriżultaw mill-GDPR. B'hekk, jistgħu jiġu ġġustifikati, abbażi ta' dan, limitazzjonijiet fir-rigward tal-ġbir tad-data personali, tal-informazzjoni tas-suġġetti tad-data u tal-aċċess tagħhom għall-imsemmija data jew anki tal-iżvelar tagħha, mingħajr il-kunsens tas-suġġetti tad-data, lil persuni oħra li ma jkunux il-kontrollur, bil-kundizzjoni li dawn il-limitazzjonijiet jirrispettaw l-essenza tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data u jikkostitwixxu miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat, madankollu, li mill-informazzjoni li kellha quddiemha ma kienx jirriżulta li l-Kumitat ta' Inkjesta BVT kien qiegħed jallega li l-iżvelar tad-data personali tal-persuna kkonċernata kien neċessarju sabiex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà nazzjonali u kien ibbażat fuq miżura leġiżlattiva nazzjonali prevista għal dan il-għan, ħaġa li kienet għadha trid tiġi vverifikata, jekk ikun il-każ, mill-qorti tar-rinviju.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dispożizzjonijiet tal-GDPR dwar il-kompetenza tal-awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali u dwar id-dritt ta' lment [59] ma jeħtiġux l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali ta' applikazzjoni u huma suffiċjentement ċari, preċiżi u inkundizzjonati sabiex jipproduċu effett dirett. Dan ifisser li, għalkemm il-GDPR jagħti marġni ta' evalwazzjoni lill-Istati Membri fir-rigward tan-numru ta' awtoritajiet ta' superviżjoni li għandhom jiġu stabbiliti [60], huwa, mill-banda l-oħra, jistabbilixxi l-portata tal-kompetenzi tagħhom sabiex jissorveljaw l-applikazzjoni tal-GDPR.

57 Konformement mal-Artikolu 4(2) TUE.

58 Skont l-Artikolu 23 tal-GDPR.

59 L-Artikolu 55(1) u l-Artikolu 77(1) tal-GDPR, rispettivament.

60 Konformement mal-Artikolu 51(1) tal-GDPR.

B'hekk, fil-każ fejn Stat Membru jiddeċiedi li jistabbilixxi awtorità ta' superviżjoni nazzjonali waħda, din tal-aħħar neċessarjament ikollha l-kompetenzi previsti minn dan ir-regolament fl-intier tagħhom. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra tqiegħed f'dubju l-effett utli ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tirriskja li ddgħajjef l-effett utli tad-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-GDPR li jistgħu jkunu s-suġġett ta' lment.

Fir-rigward tal-fatt li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura kostituzzjonali jeskludu l-possibbiltà għal awtorità ta' superviżjoni li tiddependi mill-poter eżekuttiv li tissorvelja l-applikazzjoni tal-GDPR minn korp li jaqa' taħt il-poter leġiżlattiv, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li huwa preċiżament b'osservanza tal-istruttura kostituzzjonali tal-Istati Membri li l-GDPR jeżiġi biss li dawn tal-aħħar jistabbilixxu tal-inqas awtorità ta' superviżjoni waħda, filwaqt li toffrilhom il-possibbiltà li jistabbilixxu diversi minn dawn l-awtoritajiet. Dan ir-regolament jagħti, b'hekk, lil kull Stat Membru marġni ta' evalwazzjoni li tippermettilu jwaqqaf daqstant awtoritajiet ta' superviżjoni daqskemm jeħtieġu, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti relatati mal-istruttura kostituzzjonali tiegħu.

Barra minn hekk, il-fatt li jiġu invokati dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali minn Stat Membru ma jistax iqiegħed f'perikolu l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, l-effetti tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jorbtu lill-korpi kollha ta' Stat Membru, mingħajr, b'mod partikolari, ma d-dispożizzjonijiet interni, inklużi dawk ta' natura kostituzzjonali, ikunu jistgħu jostakolaw dan il-prinċipju [61].

B'hekk, meta Stat Membru jkun għażel li jistabbilixxi awtorità ta' superviżjoni waħda, huwa ma jistax jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, anki jekk ta' natura kostituzzjonali, sabiex jeżenta mis-superviżjoni ta' din l-awtorità l-ipproċessar ta' data personali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

### b. Kunċett ta' "kontrollur responsabbli għall-ipproċessar"

#### Sentenza tal-11 ta' Jannar 2024, État belge (Data pproċessata minn ġurnal uffiċjali) (C-231/22, EU:C:2024:7)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' dik id-data (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) – Regolament (UE) 2016/679 – Il-punt 7 tal-Artikolu 4 – Kunċett ta' 'kontrollur'– Ġurnal uffiċjali ta' Stat Membru – Obbligu ta' pubblikazzjoni kif inhuma tal-atti ta' kumpanniji mħejjija minn dawn tal-aħħar jew mir-rappreżentanti legali tagħhom – Artikolu 5(2) – Ipproċessar suċċessiv, minn diversi persuni jew entitajiet separati, ta' data personali li tinsab f'tali atti – Determinazzjoni tar-responsabbiltajiet"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell, il-Belġju), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, il-parametri tal-kunċett ta' "kontrollur" u, min-naħa l-oħra, il-limiti tal-obbligi ta' kontrollur, meta pproċessar li jirrigwarda l-istess data personali jitwettaq minn entitajiet suċċessivi.

Fit-12 ta' Frar 2019, il-*Moniteur belge*, li jiżgura fil-Belġju l-produzzjoni u t-tixrid ta' firxa wiesgħa ta' pubblikazzjonijiet uffiċjali u pubbliċi fuq il-karta u b'mod elettroniku, ippubblika estratt minn deċiżjoni ta' kumpannija li kienet tirrigwarda tnaqqis fil-kapital tagħha. Dan l-estratt, redatt min-nutar ta' soċju tal-kumpannija u trażmess lill-qorti kompetenti, li, min-naħa tagħha, ikkomunikatu għall-pubblikazzjoni lill-amministrazzjoni ta' dan il-ġurnal uffiċjali, kien jinkludi data personali ta' dan is-soċju.

[61] Sentenza tat-22 ta' Frar 2022, RS (Effetti tas-sentenzi ta' qorti kostituzzjonali) (C-430/21, EU:C:2022:99, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

Wara li kkonstatat li s-silta li fiha kienet tinsab id-data tiegħu kienet ġiet inkluża fl-estratt wara żball imwettaq min-nutar, il-persuna kkonċernata talbet it-tneħħija tagħha abbażi tad-dritt tagħha għat-tħassir [62]. Madankollu, it-talba tagħha ġiet miċħuda mis-service public fédéral Justice (is-Servizz Pubbliku Federali tal-Ġustizzja, iktar 'il quddiem is-"SPF Justice"), li miegħu kienet marbuta l-amministrazzjoni tal-*Moniteur belge* . Wara din iċ-ċaħda, din il-persuna ressqet ilment kontra s-SPF Justice quddiem l-Autorité de protection des données (l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data, il-Belġju, iktar 'il quddiem l-"APD"). Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Marzu 2021, l-APD talbet lis-SPF Justice jilqa' t-talba għal tħassir fl-iqsar żmien possibbli. Għalhekk, l-État belge (l-Istat Belġjan) mar quddiem il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) sabiex jikseb l-annullament tad-deċiżjoni tal-APD.

F'dan il-kuntest, il-cour d'appel de Bruxelles (il-Qorti tal-Appell ta' Brussell) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk il-*Moniteur belge* setax jiġi kklassifikat bħala "kontrollur" [63] u jekk kellux jinżamm unikament responsabbli għall-osservanza tal-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data [64] jew jekk din ir-responsabbiltà kinitx taqa' wkoll kumulattivament fuq l-entitajiet li kienu pproċessaw fi stadju preċedenti d-data li kienet tinsab fis-silta kkonċernata.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk is-servizz jew l-organu inkarigat mill-ġurnal uffiċjali ta' Stat Membru, bħalma huwa l-*Moniteur belge*, jistax jiġi kklassifikat bħala "kontrollur" fis-sens tal-GDPR, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fid-dawl tad-definizzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett, id-determinazzjoni tal-iskopijiet u tal-mezzi tal-ipproċessar kif ukoll, jekk ikun il-każ, il-ħatra tal-kontrollur tad-data mid-dritt nazzjonali jistgħu jkunu mhux biss espliċiti, iżda wkoll impliċiti. F'dan l-aħħar każ, huwa madankollu meħtieġ li din id-determinazzjoni tirriżulta b'mod suffiċjentement ċert mir-rwol, mill-missjoni u mill-attribuzzjonijiet mogħtija lis-servizz jew lill-korp ikkonċernat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, f'dan il-każ, id-dritt Belġjan kien jiddetermina, tal-inqas impliċitament, l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-*Moniteur belge*. Minn dan kien jirriżulta li dan tal-aħħar seta' jitqies li huwa l-"kontrollur".

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-konklużjoni la kienet ikkontestata miċ-ċirkustanza li l-*Moniteur belge* ma għandux personalità ġuridika u lanqas mill-fatt li, skont id-dritt nazzjonali, huwa ma jikkontrollax, qabel il-pubblikazzjoni tagħha, id-data personali li tinsab fl-atti u fid-dokumenti li huwa jirċievi.

Għalkemm huwa minnu li dan l-organu kellu jippubblika d-dokument ikkonċernat kif inhu, kien huwa biss li kellu jassumi dan il-kompitu u sussegwentement ixerred l-att jew id-dokument ikkonċernat. Minn naħa, il-pubblikazzjoni ta' tali atti u ta' tali dokumenti mingħajr possibbiltà ta' kontroll jew ta' modifika tal-kontenut tagħhom kienet intrinsikament marbuta mal-iskopijiet u mal-mezzi tal-ipproċessar iddeterminati mid-dritt nazzjonali. Fil-fatt, ir-rwol ta' dan il-ġurnal uffiċjali kien limitat li jinforma lill-pubbliku bl-eżistenza ta' dawn l-atti u ta' dawn id-dokumenti, kif trażmessi lilu fil-forma ta' kopja skont id-dritt nazzjonali applikabbli, b'mod li jirrendihom infurzabbli kontra terzi. Min-naħa l-oħra, ikun kuntrarju għall-għan tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR li jiġi eskluż mill-kunċett ta' "kontrollur" il-ġurnal uffiċjali ta' Stat Membru minħabba li dan tal-aħħar ma jeżerċitax kontroll fuq id-data personali li tinsab fil-pubblikazzjonijiet tiegħu.

---

62 Previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-GDPR").

63 Fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

64 Skont l-Artikolu 5(2) tal-GDPR.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk organu, bħalma huwa l-*Moniteur belge*, għandux jitqies unikament responsabbli għall-osservanza tal-prinċipji relatati mal-ipproċessar tad-data personali msemmija fil-GDPR [65], il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-ipproċessar fdat lil dan l-organu kien kemm wara l-ipproċessar imwettaq min-nutar kif ukoll mir-reġistratur tal-qorti kompetenti u teknikament differenti mill-ipproċessar imwettaq minn dawn iż-żewġ entitajiet sa fejn dan kien jiżdied miegħu. Fil-fatt, l-operazzjonijiet imwettqa mill-imsemmi orgnu kienu fdati lilu mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u kienu jimplikaw b'mod partikolari t-trasformazzjoni diġitali tad-data li tinsab fl-atti jew fl-estratti ta' atti sottomessi lilu, il-pubblikazzjoni tagħha, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħha lil pubbliku wiesa' kif ukoll iż-żamma tagħha. Għaldaqstant, huwa kellu jitqies li kien responsabbli għall-osservanza tal-obbligi kollha imposti fuq il-kontrollur mill-GDPR.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR jipprevedi mhux biss li l-iskopijiet u l-mezzi ta' pproċessar ta' data personali jistgħu jiġu ddeterminati konġuntament minn diversi persuni bħala kontrolluri, iżda wkoll li d-dritt nazzjonali jista' jiddetermina dawn l-iskopijiet u dawn il-mezzi u jaħtar il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi applikabbli għall-ħatra tiegħu. B'hekk, fil-kuntest ta' katina ta' pproċessar imwettaq minn persuni jew entitajiet differenti u li jirrigwarda l-istess data personali, id-dritt nazzjonali jista' jiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi tal-ipproċessar kollu mwettaq suċċessivament minn dawn id-diversi persuni jew entitajiet b'mod li dawn jinżammu flimkien bħala kontrolluri responsabbli għall-ipproċessar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, skont il-GDPR [66], ir-responsabbiltà konġunta ta' diversi atturi ta' katina ta' pproċessar li tirrigwarda l-istess data personali tista' tiġi stabbilita mid-dritt nazzjonali sakemm l-operazzjonijiet differenti ta' pproċessar ikunu magħqudin bi skopijiet u b'mezzi ddeterminati minn dan id-dritt u sakemm dan jiddefinixxi l-obbligi rispettivi ta' kull wieħed mill-kontrolluri konġunti. Tali determinazzjoni tal-iskopijiet u tal-mezzi li jgħaqqdu d-diversi operazzjonijiet ta' pproċessar imwettqa minn diversi atturi ta' katina kif ukoll tal-obbligi rispettivi tagħhom tista' titwettaq mhux biss b'mod dirett, iżda wkoll b'mod indirett mid-dritt nazzjonali, bil-kundizzjoni, f'dan l-aħħar każ, li din tkun tista' tiġi dedotta b'mod suffiċjentement espliċitu mid-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw il-persuni jew l-entitajiet ikkonċernati kif ukoll l-ipproċessar tad-data personali li huma jwettqu fil-kuntest tal-katina ta' pproċessar imposta minn dan id-dritt.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dipartiment jew l-organu inkarigat mill-ġurnal uffiċjali ta' Stat Membru, ikklassifikat bħala "kontrollur", huwa l-uniku responsabbli għall-osservanza tal-prinċipji msemmija fil-GDPR fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data personali li huwa obbligat iwettaq skont id-dritt nazzjonali, sakemm responsabbiltà konġunta ma' entitajiet oħra fir-rigward ta' dawn l-operazzjonijiet ma tirriżultax minn dan id-dritt.

### c. Rimedji fil-każ ta' ksur tal-GDPR

**Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Lindenapotheke (C-21/23, EU:C:2024:846)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Kapitolu VIII – Rimedji ġudizzjarji – Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali minn spiżjar permezz ta' pjattaforma online – Rikors ippreżentat quddiem il-qrati ċivili minn kompetitur ta' dan l-ispiżjar abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali minħabba l-ksur minnu tal-obbligi previsti minn dan ir-regolament – Locus standi – Il-punt 15 tal-Artikolu 4 u l-Artikolu 9(1) u (2) – Direttiva 95/46/KE – Artikolu 8(1) u (2) – Kunċett ta' 'data dwar is-saħħa' – Kundizzjonijiet għall-ipproċessar ta' tali data"*

65 Prinċipji previsti fil-forma ta' obbligi fl-Artikolu 5(1) tal-GDPR.

66 Skont il-qari flimkien tal-Artikolu 26(1) u tal-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar in-natura u l-portata tas-sistema ta' rimedji ġudizzjarji fil-qasam tal-protezzjoni tad-data [67] kif ukoll dwar il-kunċett ta' "data dwar is-saħħa" [68].

ND u DR, żewġ persuni fiżiċi, kienu joperaw, kull waħda minnhom, spiżerija fil-Ġermanja. Fl-2017, ND beda jikkummerċjalizza, fuq il-pjattaforma online "Amazon-Marketplace", prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom kien irriżervat għall-ispiżeriji. Waqt l-ordni online ta' dawn il-prodotti mediċinali, il-klijenti ta' ND kellhom jipprovdu informazzjoni, bħalma huma isimhom, l-indirizz ta' kunsinna u l-elementi neċessarji għall-individwalizzazzjoni tal-imsemmija prodotti mediċinali.

Filwaqt li bbaża ruħu fuq id-dritt Ġermaniż fil-qasam tal-kompetizzjoni żleali [69], DR ressaq azzjoni għal inibizzjoni kontra ND quddiem il-qrati nazzjonali ċivili. DR sostna li l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mediċinali minn ND kienet żleali minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit legali dwar il-kisba tal-kunsens minn qabel tal-klijent għall-ipproċessar tad-data tiegħu dwar is-saħħa.

Wara li l-qrati inferjuri laqgħu din l-azzjoni, ND ippreżenta rikors għal reviżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, li, min-naħa tagħha, qieset neċessarju li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li s-sistema ta' rimedji ġudizzjarji stabbilita mill-GDPR hija ta' natura mhux eżawrjenti, billi rrikonoxxiet li dan ir-regolament ma jipprekludix li l-Istati Membri jipprevedu, fid-dritt nazzjonali, il-possibbiltà għall-kompetituri tal-allegat awtur ta' ksur tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-imsemmi regolament li jikkontestaw l-imsemmi ksur quddiem qorti bħala prattika kummerċjali żleali. Barra minn hekk, hija għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-parametri tal-kunċett ta' "data dwar is-saħħa".

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għalkemm il-Kapitolu VIII tal-GDPR ma jipprevedix speċifikament klawżola tal-ftuħ li tippermetti, b'mod espress, lill-Istati Membri jipprevedu tali possibbiltà ta' rimedju għall-kompetituri, mill-kliem u mill-kuntest tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu VIII jirriżulta madankollu li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma xtaqx jeskludi din il-klawżola. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-għanijiet imfittxija mill-GDPR.

Fil-fatt, minn naħa, azzjoni għal inibizzjoni mressqa minn kompetitur kontra impriża abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali, minħabba l-ksur allegat tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR, bl-ebda mod ma tippreġudika s-sistema tar-rimedji ġudizzjarji prevista minn dan ir-regolament, u lanqas l-għan li jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fl-Unjoni Ewropea kollha u li jiġi evitat li diverġenzi jostakolaw il-moviment liberu tad-data personali fi ħdan is-suq intern.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, ċertament, tali azzjoni tista' tkun ibbażata, għalkemm b'mod inċidentali, fuq ksur tal-istess dispożizzjonijiet tal-GDPR bħal dawk li fuqhom jista' jkun ibbażat ilment jew rikors imressaq mis-suġġetti tad-data jew minn assoċjazzjoni li tirrappreżenta dawn il-

---

[67] Kapitolu VIII tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

[68] Li ssir referenza għalih fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355), u fl-Artikolu 9(1) tal-GDPR.

[69] Gesetz gegen den unlauteren Wettbewerb (il-Liġi Kontra l-Kompetizzjoni Żleali), tat-3 ta' Lulju 2004 (BGBl. 2004 I, p. 1414), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali.

persuni [70]. Madankollu, b'differenza mir-rimedji ġudizzjarji previsti mill-GDPR, l-azzjoni għal inibizzjoni mressqa minn kompetitur ma ssegwix, bħala tali, għan ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom, iżda hija intiża li tiżgura kompetizzjoni leali, fl-interess b'mod partikolari ta' dan il-kompetitur.

Barra minn hekk, il-possibbiltà għal kompetitur li jressaq tali azzjoni quddiem il-qrati ċivili abbażi tal-projbizzjoni ta' prattiki kummerċjali żleali tiżdied mar-rimedji ġudizzjarji stabbiliti mill-GDPR, li huma ppreżervati b'mod sħiħ u li dejjem jistgħu jiġu eżerċitati mis-suġġetti tad-data kif ukoll, jekk ikun il-każ, mill-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lil dawn il-persuni. B'mod partikolari, il-koeżistenza ta' rimedji ġudizzjarji li jaqgħu taħt id-dritt tal-protezzjoni tad-data u tad-dritt tal-kompetizzjoni ma toħloqx riskju għall-applikazzjoni uniformi tal-imsemmi regolament.

Ulterjorment, l-invokabbiltà iktar wiesgħa tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR, minn persuni li ma jkunux is-suġġetti tad-data u minn organi, organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet, ma tippreġudikax it-twettiq tal-għan li jiġi żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni ta' dawn il-persuni fl-Unjoni kollha u li jiġi evitat li diverġenzi jostakolaw il-moviment liberu tad-data personali fi ħdan is-suq intern. Fil-fatt, anki jekk l-Istati Membri ma jipprevedux tali possibbiltà, dan, madankollu, ma jirriżultax fi frammentazzjoni tal-implimentazzjoni tal-protezzjoni tad-data fl-Unjoni, peress li d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR huma imposti bl-istess mod fuq il-kontrolluri kollha u l-osservanza tagħhom hija żgurata mir-rimedji ġudizzjarji previsti minn dan ir-regolament.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-għan li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom u tal-effett utli tad-dispożizzjonijiet sostantivi tal-GDPR, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, għalkemm azzjoni għall-inibizzjoni imressqa minn kompetitur tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali ma tkunx intiża għal dan l-għan iżda għal dak li tiġi żgurata kompetizzjoni leali, xorta jibqa' l-fatt li din tikkontribwixxi inkontestabbilment għall-osservanza ta' dawn id-dispożizzjonijiet u, għalhekk, sabiex issaħħaħ id-drittijiet tas-suġġetti tad-data u tiżguralhom livell għoli ta' protezzjoni. Ulterjorment, tali azzjoni għal inibizzjoni ta' kompetitur tista' tirriżulta, bħal dik tal-assoċjazzjonijiet għall-ħarsien tal-interessi tal-konsumaturi, partikolarment effettiva sabiex tiġi żgurata tali protezzjoni, sa fejn din tista' tipprevjeni numru kbir ta' ksur tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data mill-ipproċessar tad-data personali tagħhom [71].

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-dispożizzjonijiet tal-GDPR relatati mas-sistema ta' rimedji ġudizzjarji għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, flimkien mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati li jissorveljaw u li japplikaw dan ir-regolament flimkien mal-possibiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tas-suġġetti tad-data, jagħtu lill-kompetituri tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali l-*locus standi* sabiex jaġixxu kontrih permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-qrati ċivili, minħabba ksur tal-imsemmi regolament u abbażi tal-projbizzjoni tal-prattiki kummerċjali żleali.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kunċett ta' "data dwar is-saħħa", il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li taħt dan il-kunċett taqa' d-data li klijent jipprovdi fuq pjattaforma online waqt l-ordni ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għall-ispiżeriji. Fil-fatt, din id-data hija ta' natura li tiżvela, permezz ta' proċess intellettwali ta' approssimazzjoni jew ta' deduzzjoni, informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa ta' suġġett tad-data [72], sa fejn din l-ordni timplika l-istabbiliment ta' rabta bejn prodott mediċinali, l-indikazzjonijiet terapewtiċi tiegħu jew l-użu tiegħu, u persuna fiżika identifikata jew identifikabbli permezz ta' elementi bħalma huma l-isem ta' din il-persuna jew l-indirizz ta' kunsinna.

---

**70** Artikoli 77 sa 80 GDPR.

**71** Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Meta Platforms Ireland (C-319/20, EU:C:2022:322, punti 74 u 75).

**72** Fis-sens tal-punt 1 tal-Artikolu 4 tal-GDPR.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huwa irrilevanti f'dan ir-rigward li l-bejgħ tal-prodotti mediċinali ordnati ma jkunx suġġett għal riċetta medika u li għalhekk jistgħu jkunu intiżi mhux għall-klijent li jagħmel l-ordni, iżda għal terzi persuni. Għalhekk, fil-każ li utent ta' pjattaforma online jikkomunika data personali waqt l-ordni ta' prodotti mediċinali online li l-bejgħ tagħhom huwa rriżervat għal spiżeriji mingħajr ma jkun suġġett għal riċetta medika, l-ipproċessar ta' din id-data mill-operatur ta' spiżerija li jbigħ dawn il-prodotti mediċinali abbażi ta' din il-pjattaforma online għandu jitqies li huwa ipproċessar li jirrigwarda data dwar is-saħħa [73], peress li dan l-ipproċessar huwa ta' natura li jiżvela informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa ta' persuna fiżika, kemm jekk din l-informazzjoni tikkonċerna dan l-utent kif ukoll jekk tikkonċerna kwalunkwe persuna oħra li għaliha twettqet din l-ordni [74].

Fil-fatt, interpretazzjoni li twassal sabiex issir distinzjoni skont it-tip ta' prodotti mediċinali kkonċernati u l-fatt li l-bejgħ tagħhom huwa jew ma huwiex suġġett għal riċetta medika ma tkunx konsistenti mal-għan ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari tal-ħajja privata tagħhom, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li tikkonċernahom. Barra minn hekk, tali interpretazzjoni tmur kontra l-għan tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR, li jikkonsisti f'li tiġi żgurata protezzjoni ikbar kontra l-ipproċessar li, minħabba s-sensittività partikolari tad-data li tkun is-suġġett tiegħu, jista' jikkostitwixxi ndħil partikolarment gravi fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali [75]. Għaldaqstant, l-informazzjoni li l-klijenti jipprovdu waqt l-ordni online ta' prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom ikun irriżervat għal spiżeriji mingħajr ma jkunu suġġetti għal riċetta medika tikkostitwixxi data dwar is-saħħa, anki jekk tkun biss permezz ta' ċerta probabbiltà, u mhux b'ċertezza assoluta, li dawn il-prodotti mediċinali jkunu ddestinati għal dawn il-klijenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li ma jistax jiġi eskluż li, anki fl-ipoteżi fejn tali prodotti mediċinali jkunu ordnati għal persuni oħra minbarra l-klijenti, ikun possibbli li jiġu identifikati dawn il-persuni u li jinsiltu konklużjonijiet dwar l-istat ta' saħħa tagħhom. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta l-prodotti mediċinali inkwistjoni jiġu kkunsinnati mhux fid-dar tal-klijent li jkun ordnahom, iżda fid-dar ta' persuna oħra, jew meta, indipendentement mill-indirizz tal-kunsinna, il-klijent ikun irrefera, fl-ordni tiegħu jew fil-komunikazzjonijiet tiegħu relatati magħha, għal persuna oħra identifikabbli, bħal membru tal-familja tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-fatt li l-informazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi data dwar is-saħħa ma jżommhiex milli tkun tista' tkun is-suġġett ta' pproċessar, b'mod partikolari fil-kuntest ta' ġestjoni ta' servizzi u ta' sistemi ta' kura tas-saħħa, jekk waħda mill-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-rigward tkun issodisfatta [76]. Dan jista' b'mod partikolari jkun il-każ, minn naħa, jekk is-suġġett tad-data jagħti l-kunsens espliċitu tiegħu għall-ipproċessar wieħed jew iktar tal-imsemmija data personali, li l-karatteristiċi u l-għanijiet speċifiċi tiegħu jkunu ġew ippreżentati lilu b'mod preċiż, komprensiv u li jinftiehem faċilment. Min-naħa l-oħra, tali pproċessar jista' jkun ammissibbli meta jkun neċessarju għall-finijiet tal-kura tas-saħħa abbażi tad-dritt tal-Unjoni, tad-dritt ta' Stat Membru jew bis-saħħa ta' kuntratt konkluż ma' professjonist tas-saħħa.

---

73 Fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 9(1) tal-GDPR.

74 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2023, Meta Platforms et (Kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' network soċjali) (C-252/21, EU:C:2023:537, punt 73).

75 Ara s-sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, Vyriausioji tarnybinės etikos komisija (C-184/20, EU:C:2022:601, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 95/46 u fl-Artikolu 9(2) tal-GDPR.

# IV. Ċittadinanza tal-Unjoni [77]

## 1. Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera taċ-ċittadini tal-Unjoni

**Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Mirin (C-4/23, EU:C:2024:845)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikoli 20 u 21 TFUE – Artikoli 7 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Ċittadin tal-Unjoni li jkun kiseb legalment, huwa u jeżerċita dan id-dritt u huwa u jirrisjedi fi Stat Membru ieħor, il-bidla f'ismu u fl-identità tal-ġeneru tiegħu – Obbligu tal-Istat Membru ta' oriġini li jirrikonoxxi u li jniżżel fl-att tat-twelid din il-bidla fl-isem u fl-identità tal-ġeneru – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġu rrikonoxxuti u li jitniżżlu dawn il-bidliet, u li ġġiegħel lill-persuna kkonċernata tiftaħ proċeduri ġodda, ta' natura ġudizzjarja, għal bidla fl-identità tal-ġeneru fl-Istat Membru ta' oriġini – Impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Judecătoria Sectorului 6 Bucurehebti (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tas-Sitt Distrett ta' Bukarest, ir-Rumanija), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-portata tal-obbligu tal-Istat Membru ta' oriġini li jirrikonoxxi u li jniżżel fl-att ta' twelid ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu l-bidliet fl-isem u fl-identità tal-ġeneru li dan iċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea jkun kiseb legalment huwa u jeżerċita l-libertà ta' moviment u ta' residenza tiegħu fi Stat Membru ieħor.

M.-A. A., persuna li twieldet fl-1992 fir-Rumanija, kienet ġiet irreġistrata fit-twelid tagħha bħala persuna tas-sess femminili. Wara li, fl-2008, mar jgħix fir-Renju Unit, M.-A. A., kiseb iċ-ċittadinanza Brittanika permezz ta' naturalizzazzjoni.

Fi Frar 2017, fir-Renju Unit, M.-A. A. bidel ismu u t-titolu ċivili tiegħu, minn dawk ta' mara għal dawk ta' raġel, skont il-proċedura ta' Deed Poll [78], u sussegwentement bidel ċerti dokumenti uffiċjali maħruġa mill-awtoritajiet Brittaniċi. F'Ġunju 2020, M.-A. A. kiseb fir-Renju Unit Gender Identity Certificate (Ċertifikat ta' Identità tal-Ġeneru), liema att jikkonferma l-identità tal-ġeneru maskili tiegħu.

F'Mejju 2021, M.-A. A. talab, abbażi tad-dikjarazzjoni magħmula fil-kuntest tal-proċedura Deed Poll u taċ-Ċertifikat ta' Identità tal-Ġeneru, lill-awtoritajiet Rumeni kompetenti jniżżlu fl-att tat-twelid tiegħu l-bidliet fl-isem, fil-ġeneru u fin-numru tal-identità personali tiegħu sabiex dawn ikunu jaqblu mas-sess maskili. Huwa talab ukoll ċertifikat tat-twelid ġdid b'dawn id-dettalji l-ġodda. Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2021, l-awtoritajiet Rumeni ċaħdu t-talba ta' M.-A. A. minħabba li, b'mod partikolari, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, il-bidla fl-identità tal-ġeneru ta' persuna tista' titniżżel fl-att tat-twelid tagħha biss kemm-il darba din tkun ġiet approvata minn deċiżjoni ġudizzjarja li tkun saret definittiva.

Adita b'rikors ta' M.-A. A. kontra din id-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju kellha dubju, b'mod partikolari, dwar jekk l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni kif ukoll id-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jirrisjedi b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri kinux jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-persuna kkonċernata tiftaħ proċeduri ġodda għal bidla fl-identità tal-ġeneru quddiem il-qrati nazzjonali, minkejja li din tal-aħħar tkun diġà temmet b'suċċess proċeduri f'dan is-sens fi Stat Membru ieħor li

[77] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tal-21 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), ***Landeshauptstadt Wiesbaden*** (C-61/22, EU:C:2024:251), ippreżentata fit-Taqsima IX.3, "Kontrolli fil-fruntieri".

[78] Din il-proċedura tagħmilha possibbli għaċ-ċittadini Brittaniċi li jibdlu kunjomhom jew isimhom permezz ta' sempliċi dikjarazzjoni.

hija jkollha wkoll iċ-ċittadinanza tiegħu. Il-qorti tar-rinviju kellha dubju wkoll dwar l-impatt, għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni [79].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li għalkemm, fid-dritt tal-Unjoni, kif inhu bħalissa, l-istatus tal-persuni, li taħtu jaqgħu r-regoli dwar il-bdil fl-isem u fl-identità tal-ġeneru ta' persuna, huwa qasam li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, kull Stat Membru għandu, huwa u jeżerċita din il-kompetenza, josserva d-dritt tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li r-rifjut, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, li jiġi rrikonoxxut l-isem ta' ċittadin ta' dan l-Istat li jkun eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu u li jkollu wkoll iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru ieħor, kif iddeterminat f'dan l-Istat Membru tal-aħħar, jista' jostakola l-eżerċizzju tad-dritt, stabbilit fl-Artikolu 21 TFUE, li wieħed jiċċaqlaq u jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri [80]. Issa, tali ostakolu jista' jirriżulta wkoll mir-rifjut, mill-istess awtoritajiet, li jiġi rrikonoxxut il-bdil fl-identità tal-ġeneru li jkun sar skont il-proċeduri previsti għal dan il-għan fl-Istat Membru li fih iċ-ċittadin tal-Unjoni jkun eżerċita d-dritt tiegħu li jiċċaqlaq u jirrisjedi liberament, kemm jekk ikun inbidel l-isem, bħal ma kien ġara f'dan il-każ, u kemm jekk le. Fil-fatt, il-ġeneru, bħall-isem, jiddefinixxi l-identità u l-istatus personali ta' persuna. Għaldaqstant, ir-rifjut li tinbidel u tiġi rrikonoxxuta l-identità tal-ġeneru li ċittadin ta' Stat Membru jkun kiseb legalment fi Stat Membru ieħor tista' tikkawża lil dan tal-aħħar inkonvenjenzi serji fi ħwejjeġ amministrattivi, professjonali u privati. B'hekk, għal tali ċittadin tal-Unjoni, ikun jeżisti riskju konkret, minħabba l-fatt li jkollu żewġ ismijiet differenti u żewġ identitajiet differenti tal-ġeneru, li jkollu joqgħod ineħħi d-dubji dwar l-identità tiegħu kif ukoll dwar l-awtentiċità tad-dokumenti li huwa jippreżenta jew dwar il-veraċità tal-informazzjoni f'dawn tal-aħħar

Konsegwentement, ir-rifjut li jiġu rrikonoxxuti u li jitniżżlu fir-reġistri tal-istatus ċivili ta' Stat Membru l-bidliet fl-isem u fl-identità tal-ġeneru li ċittadin ta' dan l-Istat ikun kiseb legalment fi Stat Membru ieħor, abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġu rrikonoxxuti u li jitniżżlu tali bidliet, bil-konsegwenza li l-persuna kkonċernata tiġi mġiegħla tiftaħ proċeduri ġodda, ta' natura ġudizzjarja, għal bidla fl-identità tal-ġeneru f'dan l-Istat Membru tal-ewwel, liema proċeduri jinjoraw dawn il-bidliet li jkunu diġà nkisbu legalment f'dan l-Istat Membru ieħor, jista' jirrestrinġi l-eżerċizzju tad-dritt li wieħed jiċċaqlaq u jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Unjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li leġiżlazzjoni nazzjonali li tista' tirrestrinġi l-eżerċizzju tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 21 TFUE tista' tiġi ġġustifikata biss kemm-il darba tkun konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u, b'mod partikolari, mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata msemmi fl-Artikolu 7 tagħha, liema dritt għandu l-istess sens u l-istess portata bħal dak iggarantit mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [81] [82]. Issa, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonstatat li l-proċeduri għar-rikonoxximent tal-identità tal-ġeneru previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu inkompatibbli mal-Artikolu 8 tal-

---

79 Filwaqt li rrilevat li, f'dan il-każ, il-proċeduri għal bidla fl-identità tal-ġeneru nbdew fir-Renju Unit qabel il-ħruġ ta' dan l-Istat mill-Unjoni, iżda ntemmu wara li seħħ l-imsemmi ħruġ, jiġifieri matul il-perijodu ta' tranżizzjoni, il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar jekk, f'ċirkustanzi bħal dawn, ir-Rumanija kinitx obbligata tirrikonoxxi l-effetti legali ta' dawn il-proċeduri għal bidla fl-identità tal-ġeneru li saru fir-Renju Unit.

80 Ara s-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2017, Freitag (C-541/15, EU:C:2017:432). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat b'mod partikolari li diverġenza bejn iż-żewġ ismijiet użati fir-rigward tal-istess persuna setgħet twassal għal konfużjoni u inkonvenjenzi, peress li diversi attivitajiet fil-ħajja ta' kuljum, kemm fil-qasam pubbliku u kemm f'dak privat, jeħtieġu li wieħed jipprova l-identità tiegħu (punti 36 u 37).

81 Konvenzjoni ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

82 Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta.

KEDB, sa fejn dawn ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti li din id-dispożizzjoni timponi sabiex tiġi eżaminata talba għal bidla fl-identità tal-ġeneru li tkun tressqet għall-ewwel darba quddiem qorti nazzjonali [83].

Dawn il-proċeduri lanqas ma setgħu jikkostitwixxu rimedju effikaċi li jippermetti lil ċittadin tal-Unjoni li, huwa u jirrisjedi fi Stat Membru ieħor u, għalhekk, huwa u jeżerċita d-dritt iggarantit fl-Artikolu 21 TFUE u fl-Artikolu 45 tal-Karta, ikun diġà kiseb legalment il-bidliet f'ismu u fl-identità tal-ġeneru tiegħu, jinvoka b'mod utli d-drittijiet tiegħu taħt dawn l-artikoli, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta, speċjalment meta l-istess proċeduri kienu jesponu lil dan iċ-ċittadin għar-riskju li dawn tal-aħħar iwasslu għal riżultat differenti minn dak adottat mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru ieħor.

Fil-fatt, sabiex leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik dwar it-tniżżil, fir-reġistri tal-istatus ċivili, tal-bidliet fl-isem jew fl-identità tal-ġeneru tkun tista' titqies bħala kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet jew il-proċeduri interni li jagħmluha possibbli li titressaq talba għal tali tniżżil ma jagħmlux impossibbli jew diffiċli ħafna l-implimentazzjoni tad-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 21 TFUE u, b'mod partikolari, tad-dritt għar-rikonoxximent ta' dawn il-bidliet. Issa, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt jista' jiġi kkontestat mis-setgħa ta' evalwazzjoni li jgawdu l-awtoritajiet kompetenti fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, billi l-eżistenza ta' tali setgħa ta' evalwazzjoni tista' twassal għal diverġenza bejn iż-żewġ ismijiet u ż-żewġ ġeneri rrikonoxxuti lill-istess persuna sabiex tiġi pprovata l-identità tagħha u tista' twassal ukoll għal inkonvenjenzi serji fi ħwejjeġ amministrattivi, professjonali u privati. Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikser ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 21 TFUE.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, f'dan ir-rigward, il-fatt li t-talba sabiex jiġu rrikonoxxuti u jitniżżlu fl-att tat-twelid il-bidliet fl-isem jew fl-identità tal-ġeneru tkun tressqet f'data li fiha kien diġà seħħ il-ħruġ mill-Unjoni tal-Istat Membru fejn kienu nkisbu legalment dawn il-bidliet, kien irrelevanti [84].

## 2. Dritt tal-vot u tal-kandidatura għall-elezzjonijiet muniċipali u għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew

### Sentenza tad-19 ta' Novembru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika Ċeka (Eliġibbiltà u kwalità ta' membru ta' partit politiku) (C-808/21, EU:C:2024:962)

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 20 TFUE – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikolu 21 TFUE – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Artikolu 22 TFUE – Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat – Ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu – Assenza ta' dritt li wieħed isir membru ta' partit politiku – Artikoli 2 u 10 TUE – Prinċipju ta' demokrazija – Artikolu 4(2) TUE – Osservanza tal-identità*

[83] Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2021, X u Y vs Ir-Rumanija, CE:ECHR:2021:0119JUD 000214516. F'dik is-sentenza, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet, b'mod partikolari, li, skont l-Artikolu 8 tal-KEDB, l-Istati huma obbligati jipprevedu proċeduri ċari u prevedibbli għar-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru li jippermettu li jinbidel is-sess, u għalhekk li jinbidel l-isem jew in-numru tal-identità personali, fid-dokumenti uffiċjali, b'mod effiċjenti, trasparenti u aċċessibbli.

[84] Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat għalhekk li, sa fejn M-A. A., fil-kwalità tiegħu ta' ċittadin tal-Unjoni, kien qiegħed jinvoka fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu r-rikonoxximent tal-bidliet f'ismu u fl-identità tal-ġeneru tiegħu li nkisbu, huwa u jeżerċita l-libertà ta' moviment u ta' residenza fir-Renju Unit, qabel il-ħruġ ta' dan l-Istat Membru mill-Unjoni u qabel il-31 ta' Diċembru 2020, id-data ffissata mill-Ftehim dwar il-ħruġ bħala tmiem il-perijodu ta' tranżizzjoni, rispettivament, huwa seta' jinvoka, fir-rigward tal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu, drittijiet relatati ma' din il-kwalità, b'mod partikolari dawk previsti fl-Artikoli 20 u 21 TFUE, u dan anki wara tmiem dan il-perijodu.

*nazzjonali tal-Istati Membri – Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rwol tal-partiti politiċi fl-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni"*

Adita b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonstatat li, billi rrifjuta liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li ma kellhomx in-nazzjonalità Ċeka, iżda li kienu jirrisjedu fir-Repubblika Ċeka, id-dritt li jsiru membri ta' partit politiku jew ta' moviment politiku, dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 22 TFUE.

Il-Liġi Ċeka dwar il-Partiti u l-Movimenti Politiċi [85] kienet tipprevedi, minn naħa, li ċ-"ċittadini" kellhom id-dritt li jassoċjaw ruħhom f'partiti politiċi u f'movimenti politiċi u, min-naħa l-oħra, li kull "ċittadin ta' iktar minn 18-il sena" seta' jissieħeb ma' partit jew ma' moviment. Għalhekk, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li ma kellhomx in-nazzjonalità Ċeka, iżda li kienu jirrisjedu fir-Repubblika Ċeka, ma kellhomx dan id-dritt.

Peress li qieset li din il-leġiżlazzjoni kienet tmur kontra l-Artikolu 22 TFUE, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Hija sostniet b'mod partikolari li, billi tat id-dritt li wieħed isir membru ta' partit jew ta' moviment politiku biss liċ-ċittadini Ċeki, ir-Repubblika Ċeka pprekludiet liċ-ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu f'dan l-Istat Membru mingħajr ma kellhom in-nazzjonalità tiegħu milli jeżerċitaw id-drittijiet elettorali fl-elezzjonijiet muniċipali u għall-Parlament Ewropew taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Ċeki.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-portata tal-Artikolu 22 TFUE, billi ħadet inkunsiderazzjoni kemm il-kliem tiegħu, il-kuntest tiegħu kif ukoll l-għanijiet imfittxija minnu.

Għalhekk, l-ewwel nett, skont il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iċ-ċittadini tal-Unjoni residenti fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini jibbenefikaw mid-dritt tal-vot u mid-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dan l-aħħar Stat Membru u dawn id-drittijiet għandhom jiġu eżerċitati bla ħsara għall-modalitajiet adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Din il-formulazzjoni ma tinkludix riferiment għall-kundizzjonijiet dwar il-kisba tal-kwalità ta' membru ta' partit politiku jew ta' moviment politiku. Għall-kuntrarju, billi jagħmel riferiment għall-kundizzjonijiet tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura applikabbli għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza ta' tali ċittadin tal-Unjoni, l-Artikolu 22 TFUE jipprojbixxi lil dan l-Istat Membru milli jissuġġetta l-eżerċizzju ta' dan id-dritt minn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni għal kundizzjonijiet differenti minn dawk li huma applikabbli għaċ-ċittadini tiegħu stess. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi regola speċifika ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u, konsegwentement, tapplika għal kull miżura nazzjonali li tagħmel differenza fit-trattament li tista' tippreġudika l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, il-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura ġew adottati mill-Kunsill fid-Direttivi 93/109 [86] u 94/80 [87], li, għalkemm ma jinkludux dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-ksib, minn ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-

[85] Iż-zákon č. 424/1991 Sb., o sdružování v politických stranách a v politických hnutích (il-Liġi Nru 424/1991 dwar l-Assoċjazzjonijiet f'Partiti Politiċi u f'Movimenti Politiċi), kif emendata biż-zákon č. 117/1994 Sb (il-Liġi Nru 117/1994). Ara l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(3) ta' din il-liġi.

[86] Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 7), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/1/UE tal-20 ta' Diċembru 2012 (ĠU 2013, L 6, p. 27).

[87] Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE tad-19 ta' Diċembru 1994 li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura f'elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini ta' l-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 12).

nazzjonalità tiegħu, tal-kwalità ta' membru ta' partit politiku, ma jistgħux, lanqas impliċitament, jillimitaw il-portata tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 22 TFUE. F'dan ir-rigward, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar dawn il-kundizzjonijiet, id-determinazzjoni tagħhom taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, dawn tal-aħħar huma obbligati josservaw l-obbligi li jirriżultaw, għalihom, mid-dritt tal-Unjoni, inkluż l-Artikolu 22 TFUE.

It-tieni nett, fir-rigward tal-kuntest li minnu jifforma parti l-Artikolu 22 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment kemm għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattat FUE kif ukoll għad-dispożizzjonijiet tal-istess livell li jinsabu b'mod partikolari fit-Trattat UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

F'dan ir-rigward, qabelxejn, l-Artikolu 22 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 20(2) TFUE, jorbot id-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 20(2) TFUE u mal-Artikolu 21 TFUE, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tagħti lil kull ċittadin tal-Unjoni dritt fundamentali u individwali li jiċċaqlaq u li jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Għalhekk teżisti rabta bejn, minn naħa, id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew taċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu.

Wara dan, l-Artikolu 10 TUE, li jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jkunu rrappreżentati fil-Parlament Ewropew u li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, jenfasizza r-rabta bejn il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva fi ħdan l-Unjoni u d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew marbut maċ-ċittadinanza tal-Unjoni, iggarantit mill-Artikolu 22(2) TFUE.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 12(1) tal-Karta jistabbilixxi d-dritt ta' kull persuna għal-libertà ta' assoċjazzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikolari fl-oqsma politiċi, sindakali u ċiviċi. Dan id-dritt jikkorrispondi għal dak iggarantit fl-Artikolu 11(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li jikkostitwixxi wieħed mill-bażijiet essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista, sa fejn jippermetti liċ-ċittadini jaġixxu kollettivament f'oqsma ta' interess komuni u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tal-ħajja pubblika. Issa, l-Artikolu 10(4) TUE u l-Artikolu 12(2) tal-Karta jirrikonoxxu lill-partiti politiċi fil-livell Ewropew rwol primordjali fl-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-partiti politiċi, li waħda mill-funzjonijiet tagħhom hija li jippreżentaw kandidati fl-elezzjonijiet, jassumu għalhekk funzjoni essenzjali fis-sistema ta' demokrazija rappreżentattiva, li fuqha huwa bbażat il-funzjonament tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 10(1) TUE. Għaldaqstant, il-kwalità ta' membru ta' partit jew ta' moviment politiku tikkontribwixxi sostanzjalment għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-kandidatura, kif mogħti mill-Artikolu 22 TFUE.

It-tielet nett, għal dak li jirrigwarda l-għan tal-Artikolu 22 TFUE, dan huwa intiż, qabelxejn, li jagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu d-dritt ta' parteċipazzjoni fil-proċess elettorali demokratiku ta' dan l-Istat Membru permezz tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura fil-livell Ewropew u lokali. Sussegwentement, dan l-artikolu huwa intiż li jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni, li jimplika aċċess għall-mezzi previsti fl-ordinament ġuridiku nazzjonali ugwali għal dak taċ-ċittadini tal-imsemmi Stat Membru sabiex jeżerċitaw dan id-dritt fir-rigward tal-elezzjonijiet muniċipali u għall-Parlament Ewropew. Fl-aħħar nett, mir-rabta bejn, minn naħa, il-libertà ta' moviment u ta' residenza u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura f'dawn l-elezzjonijiet jirriżulta li d-drittijiet imsemmija l-aħħar huma intiżi, b'mod partikolari, li jiffavorixxu l-integrazzjoni progressiva taċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti. L-Artikolu 22 TFUE huwa għalhekk intiż li jiżgura r-rappreżentattività taċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu bħala korollarju tal-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti.

Fit-tieni lok, kien fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet dwar il-portata tal-Artikolu 22 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 20 u 21 TFUE, tal-Artikolu 10 TUE kif ukoll tal-Artikolu 12 tal-Karta, li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk id-differenza fit-trattament stabbilita mil-leġiżlazzjoni Ċeka minħabba n-nazzjonalità, fir-rigward tal-possibbiltà li wieħed isir membru ta' partit jew ta' moviment politiku, kinitx twassal sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu fir-Repubblika Ċeka mingħajr ma kellhom in-nazzjonalità tagħha ma kinux jibbenefikaw minn aċċess għall-mezzi li jkun ugwali għal dak taċ-ċittadini Ċeki għall-finijiet tal-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-kandidatura tagħhom, bi ksur tal-Artikolu 22 TFUE.

F'dan ir-rigward, kien ċertament possibbli li, fir-Repubblika Ċeka, kandidat li ma kienx membru ta' partit jew ta' moviment politiku seta' jidher f'lista ta' kandidati ppreżentata minn tali partit jew minn tali moviment, jew mill-koalizzjoni tagħhom, fl-elezzjonijiet muniċipali u f'dawk għall-Parlament Ewropew. Madankollu, minn naħa, sa fejn kienu l-membri ta' partit jew ta' moviment politiku li kienu jagħżlu l-kandidati li għandhom jiġu inklużi fil-listi tagħhom, il-fatt, għal ċittadin tal-Unjoni residenti fir-Repubblika Ċeka mingħajr ma kellu n-nazzjonalità tagħha li xtaq jieħu sehem f'dawn l-elezzjonijiet, li ma setax isir membru ta' partit jew ta' moviment politiku kien jirriskja li jeskludih minn parteċipazzjoni fid-deċiżjoni tal-imsemmi partit jew moviment liberu fir-rigward tal-inklużjoni tiegħu f'din il-lista ta' kandidati. Dan il-fatt kien iqiegħed lil tali ċittadini tal-Unjoni f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik taċ-ċittadini Ċeki, membri ta' partit jew ta' moviment politiku, f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà li joħorġu bħala kandidati għall-elezzjonijiet muniċipali u għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fuq il-lista ta' tali partit jew ta' tali moviment politiku, jew tal-koalizzjoni tagħhom.

Min-naħa l-oħra, il-fatt li ċ-ċittadini Ċeki setgħu jagħżlu li joħorġu bħala kandidati jew bħala membri ta' partit jew ta' moviment politiku, jew bħala kandidati indipendenti, filwaqt li ċ-ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu fir-Repubblika Ċeka mingħajr ma kellhom in-nazzjonalità tagħha kellhom biss din l-aħħar possibbiltà, kien juri li dawn iċ-ċittadini tal-Unjoni ma setgħux jeżerċitaw id-dritt tal-kandidatura tagħhom f'dawn l-elezzjonijiet taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Ċeki.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk din id-differenza fit-trattament li kienet tirrigwarda l-aċċess għall-mezzi li kienu jippermettu l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura kemm fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew setgħetx tkun iġġustifikata minn raġunijiet marbuta mal-osservanza tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru, fis-sens tal-Artikolu 4(2) TUE.

Qabelxejn, huwa minnu li l-organizzazzjoni tal-ħajja politika nazzjonali, li għaliha jikkontribwixxu l-movimenti u l-partiti politiċi, tagħmel parti mill-identità nazzjonali. Madankollu, peress li d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura mogħti mill-Artikolu 22 TFUE liċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu jirrigwardaw l-elezzjonijiet muniċipali u l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew f'dan l-Istat Membru, din id-dispożizzjoni la timplika l-obbligu, għal dan l-Istat Membru, li jagħti lil dawn iċ-ċittadini d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet nazzjonali, u lanqas ma timplika projbizzjoni li jadotta regoli partikolari dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan partit jew moviment politiku dwar in-nomina tal-kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali, li jeskludu lill-membri tal-partit jew tal-moviment li ma humiex ċittadini tal-imsemmi Stat milli jipparteċipaw f'tali teħid ta' deċiżjoni.

Wara dan, l-Artikolu 4(2) TUE għandu jinqara billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-istess livell, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 10 TFUE, u ma jistax jeżenta lill-Istati Membri mill-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw minnhom. F'dan ir-rigward, il-prinċipju ta' demokrazija u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jikkostitwixxu valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, konformement mal-Artikolu 2 TUE. Din id-dispożizzjoni ma tikkostitwixxix sempliċi artikolazzjoni ta' linji gwida jew ta' intenzjonijiet ta' natura politika, iżda tinkludi valuri li jappartjenu għall-identità nnifisha tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni, valuri li huma kkonkretizzati fi prinċipji li jinkludu obbligi legalment vinkolanti għall-Istati Membri. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva, li fuqu huwa bbażat il-funzjonament tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 10(1) TUE, jikkonkretizza l-valur tad-demokrazija msemmi fl-Artikolu 2 TUE.

Fl-aħħar nett, billi jiggarantixxi liċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura kemm fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-imsemmi Stat Membru, u dan kollu taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu, l-Artikolu 22 TFUE jikkonkretizza l-prinċipji ta' demokrazija u ta' ugwaljanza fit-trattament taċ-ċittadini tal-Unjoni, prinċipji li jifformaw parti mill-identità u mill-valuri komuni tal-Unjoni, li għalihom jaderixxu l-Istati Membri u li tagħhom huma għandhom jiżguraw l-osservanza fit-territorju tagħhom. Konsegwentement, il-fatt li jiġi aċċettat li tali ċittadini tal-Unjoni jsiru membri ta' partit jew ta' moviment politiku fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ il-prinċipji ta' demokrazija u ta' ugwaljanza fit-trattament ma jistax jitqies li jippreġudika l-identità nazzjonali ta' dan l-Istat Membru.

### Sentenza tad-19 ta' Novembru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Eliġibbiltà u kwalità ta' membru ta' partit politiku) (C-814/21, EU:C:2024:963)

*"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Artikolu 20 TFUE – Ċittadinanza tal-Unjoni – Artikolu 21 TFUE – Dritt ta' moviment liberu u ta' residenza libera fit-territorju tal-Istati Membri – Artikolu 22 TFUE – Dritt tal-vot u dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat – Ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu – Assenza tad-dritt li wieħed ikun membru ta' partit politiku – Artikoli 2 u 10 TUE – Prinċipju ta' demokrazija – Artikolu 4(2) TUE – Osservanza tal-identità nazzjonali tal-Istati Membri – Artikolu 12 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rwol tal-partiti politiċi fl-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni"*

Adita b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonstatat li, billi rrifjuta liċ-ċittadini tal-Unjoni li ma kellhomx in-nazzjonalità Pollakka, iżda li kienu jirrisjedu fil-Polonja, id-dritt li jsiru membri ta' partit politiku, dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 22 TFUE.

Il-Liġi Pollakka dwar il-Partiti Politiċi [88] kienet tipprevedi li ċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Polonja li jkollhom tal-inqas 18-il sena setgħu jkunu membri ta' partit politiku. Għalhekk, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li ma kellhomx in-nazzjonalità Pollakka, iżda li kienu jirrisjedu fil-Polonja, ma kellhomx dan id-dritt.

Peress li qieset li din il-leġiżlazzjoni kienet tmur kontra l-Artikolu 22 TFUE, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Hija sostniet b'mod partikolari li, billi rriżervat il-kwalità ta' membru ta' partit politiku għaċ-ċittadini Pollakki biss, il-Polonja pprekludiet liċ-ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu f'dan l-Istat Membru mingħajr ma kellhom in-nazzjonalità tiegħu milli jeżerċitaw id-drittijiet elettorali fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Pollakki.

#### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-portata tal-Artikolu 22 TFUE, billi ħadet inkunsiderazzjoni kemm il-kliem tiegħu, il-kuntest tiegħu kif ukoll l-għanijiet imfittxija minnu.

Għalhekk, l-ewwel nett, skont il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, iċ-ċittadini tal-Unjoni residenti fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini jibbenefikaw mid-dritt tal-vot u mid-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dan l-aħħar Stat Membru u dawn id-drittijiet għandhom jiġu eżerċitati bla ħsara għall-modalitajiet adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Din il-formulazzjoni ma tinkludix riferiment

[88] L-ustawa o partiach politycznych (il-Liġi dwar il-Partiti Politiċi), tas-27 ta' April 1997 (Dz.U. tal-1997, Nru 98, pożizzjoni 604). Ara l-Artikolu 2(1) ta' din il-liġi.

għall-kundizzjonijiet dwar il-kisba tal-kwalità ta' membru ta' partit politiku. Għall-kuntrarju, billi jagħmel riferiment għall-kundizzjonijiet tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura applikabbli għaċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza ta' tali ċittadin tal-Unjoni, l-Artikolu 22 TFUE jipprojbixxi lil dan l-Istat Membru milli jissuġġetta l-eżerċizzju ta' dan id-dritt minn dan iċ-ċittadin tal-Unjoni għal kundizzjonijiet differenti minn dawk li huma applikabbli għaċ-ċittadini tiegħu stess. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi regola speċifika ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità u, konsegwentement, tapplika għal kull miżura nazzjonali li tagħmel differenza fit-trattament li tista' tippreġudika l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, il-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura ġew adottati mill-Kunsill fid-Direttivi 93/109 [89] u 94/80 [90], li, għalkemm ma jinkludux dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-ksib, minn ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu, tal-kwalità ta' membru ta' partit politiku, ma jistgħux, lanqas impliċitament, jillimitaw il-portata tad-drittijiet u tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 22 TFUE. F'dan ir-rigward, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi dwar dawn il-kundizzjonijiet, id-determinazzjoni tagħhom taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, dawn tal-aħħar huma obbligati josservaw l-obbligi li jirriżultaw, għalihom, mid-dritt tal-Unjoni, inkluż l-Artikolu 22 TFUE.

It-tieni nett, fir-rigward tal-kuntest li minnu jifforma parti l-Artikolu 22 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment kemm għad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattat FUE kif ukoll għad-dispożizzjonijiet tal-istess livell li jinsabu b'mod partikolari fit-Trattat UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

F'dan ir-rigward, qabelxejn, l-Artikolu 22 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 20(2) TFUE, jorbot id-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 20(2) TFUE u mal-Artikolu 21 TFUE, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni tagħti lil kull ċittadin tal-Unjoni dritt fundamentali u individwali li jiċċaqlaq u li jirrisjedi liberament fit-territorju tal-Istati Membri. Għalhekk teżisti rabta bejn, minn naħa, id-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali u fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew taċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu.

Wara dan, l-Artikolu 10 TUE, li jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jkunu rrappreżentati fil-Parlament Ewropew u li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, jenfasizza r-rabta bejn il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva fi ħdan l-Unjoni u d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew marbut maċ-ċittadinanza tal-Unjoni, iggarantit mill-Artikolu 22(2) TFUE.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 12(1) tal-Karta jistabbilixxi d-dritt ta' kull persuna għal-libertà ta' assoċjazzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikolari fl-oqsma politiċi, sindakali u ċiviċi. Dan id-dritt jikkorrispondi għal dak iggarantit fl-Artikolu 11(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li jikkostitwixxi wieħed mill-bażijiet essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista, sa fejn jippermetti liċ-ċittadini jaġixxu kollettivament f'oqsma ta' interess komuni u b'hekk jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tal-ħajja pubblika. Issa, l-Artikolu 10(4) TUE u l-Artikolu 12(2)

---

89 Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni li joqgħodu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 7), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/1/UE tal-20 ta' Diċembru 2012 (ĠU 2013, L 26, p. 27).

90 Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE tad-19 ta' Diċembru 1994 li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura f'elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini ta' l-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 20, Vol. 1, p. 12).

tal-Karta jirrikonoxxu lill-partiti politiċi fil-livell Ewropew rwol primordjali fl-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-partiti politiċi, li waħda mill-funzjonijiet tagħhom hija li jippreżentaw kandidati għall-elezzjonijiet, jassumu għalhekk funzjoni essenzjali fis-sistema ta' demokrazija rappreżentattiva, li fuqha huwa bbażat il-funzjonament tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 10(1) TUE. Għaldaqstant, il-kwalità ta' membru ta' partit politiku tikkontribwixxi sostanzjalment għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-kandidatura, kif mogħti mill-Artikolu 22 TFUE.

It-tielet nett, f'dak li jirrigwarda l-għan tal-Artikolu 22 TFUE, dan huwa intiż, qabelxejn, li jagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu d-dritt ta' parteċipazzjoni fil-proċess elettorali demokratiku ta' dan l-Istat Membru permezz tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura fil-livell Ewropew u lokali. Sussegwentement, dan l-artikolu huwa intiż li jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament bejn iċ-ċittadini tal-Unjoni, li jimplika aċċess għall-mezzi previsti fl-ordinament ġuridiku nazzjonali ugwali għal dak taċ-ċittadini tal-imsemmi Stat Membru sabiex jeżerċitaw dan id-dritt fir-rigward tal-elezzjonijiet muniċipali u tal-Parlament Ewropew. Fl-aħħar nett, mir-rabta bejn, minn naħa, il-libertà ta' moviment u ta' residenza u, min-naħa l-oħra, id-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura f'dawn l-elezzjonijiet jirriżulta li d-drittijiet imsemmija l-aħħar huma intiżi, b'mod partikolari, li jiffavorixxu l-integrazzjoni progressiva taċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti. L-Artikolu 22 TFUE huwa għalhekk intiż li jiżgura r-rappreżentattività taċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu bħala korollarju tal-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti.

Fit-tieni lok, kien fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet dwar il-portata tal-Artikolu 22 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 20 u 21 TFUE, tal-Artikolu 10 TUE kif ukoll tal-Artikolu 12 tal-Karta, li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk id-differenza fit-trattament stabbilita mil-leġiżlazzjoni Pollakka minħabba n-nazzjonalità, fir-rigward tal-possibbiltà li wieħed isir membru ta' partit politiku, kinitx twassal sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu fil-Polonja mingħajr ma kellhom in-nazzjonalità tiegħu ma kinux jibbenefikaw minn aċċess għall-mezzi li jkun ugwali għal dak taċ-ċittadini Pollakki għall-finijiet tal-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' kandidatura tagħhom, bi ksur tal-Artikolu 22 TFUE.

F'dan ir-rigward, kien ċertament possibbli li, fil-Polonja, kandidat indipendenti li ma kienx jappartjeni għal partit politiku jiġi maħtur minn kumitat elettorali ta' partit politiku. Madankollu, minn naħa, sa fejn kienu l-membri ta' partit politiku li kienu jagħżlu l-kandidati li għandhom jinħatru, il-konsegwenza tal-fatt li ċittadin tal-Unjoni residenti fil-Polonja mingħajr ma jkollu n-nazzjonalità Pollakka ma jkunx membru ta' partit politiku kienet, bħala prinċipju, li dan jiġi eskluż minn parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjoni ta' dan il-partit fir-rigward tal-ħatra tiegħu mill-kumitat elettorali tiegħu. Dan il-fatt kien iqiegħed lil tali ċittadini tal-Unjoni f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik taċ-ċittadini Pollakki, membri ta' partit politiku, f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà li joħorġu bħala kandidati għall-elezzjonijiet muniċipali u għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fuq il-lista ta' partit politiku.

Min-naħa l-oħra, il-fatt li ċ-ċittadini Pollakki setgħu jagħżlu li joħorġu bħala kandidati jew bħala membri ta' partit politiku, jew bħala kandidati indipendenti, filwaqt li ċ-ċittadini tal-Unjoni li kienu jirrisjedu fil-Polonja mingħajr in-nazzjonalità Pollakka kellhom biss din l-aħħar possibbiltà, kien juri li dawn iċ-ċittadini tal-Unjoni ma setgħux jeżerċitaw id-dritt tal-kandidatura tagħhom f'dawn l-elezzjonijiet taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini Pollakki.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk din id-differenza fit-trattament li kienet tirrigwarda l-aċċess għall-mezzi li kienu jippermettu l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tal-vot u tad-dritt tal-kandidatura kemm fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew setgħetx tkun iġġustifikata minn raġunijiet marbuta mal-osservanza tal-identità nazzjonali ta' Stat Membru, fis-sens tal-Artikolu 4(2) TUE.

Qabel kollox, huwa minnu li l-organizzazzjoni tal-ħajja politika nazzjonali, li għaliha jikkontribwixxu l-partiti politiċi, tagħmel parti mill-identità nazzjonali. Madankollu, peress li d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura mogħti mill-Artikolu 22 TFUE liċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu jirrigwardaw l-elezzjonijiet muniċipali u l-elezzjonijiet għall-

Parlament Ewropew f'dan l-Istat Membru, din id-dispożizzjoni la timplika l-obbligu, għal dan l-Istat Membru, li jagħti lil dawn iċ-ċittadini d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura fl-elezzjonijiet nazzjonali, u lanqas ma timplika projbizzjoni li jadotta regoli partikolari dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan partit politiku dwar in-nomina tal-kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali, li jeskludu lill-membri tal-partit li ma humiex ċittadini tal-imsemmi Stat milli jipparteċipaw f'tali teħid ta' deċiżjoni.

Wara dan, l-Artikolu 4(2) TUE għandu jinqara billi jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tal-istess livell, b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 10 TFUE, u ma jistax jeżenta lill-Istati Membri mill-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw minnhom. F'dan ir-rigward, il-prinċipju ta' demokrazija u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jikkostitwixxu valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, konformement mal-Artikolu 2 TUE. Din id-dispożizzjoni ma tikkostitwixxix sempliċi artikolazzjoni ta' linji gwida jew ta' intenzjonijiet ta' natura politika, iżda tinkludi valuri li jappartjenu għall-identità nnifisha tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni, valuri li huma kkonkretizzati fi prinċipji li jinkludu obbligi legalment vinkolanti għall-Istati Membri. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' demokrazija rappreżentattiva, li fuqu huwa bbażat il-funzjonament tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 10(1) TUE, jikkonkretizza l-valur tad-demokrazija msemmi fl-Artikolu 2 TUE.

Fl-aħħar nett, billi jiggarantixxi liċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru mingħajr ma jkollhom in-nazzjonalità tiegħu d-dritt tal-vot u d-dritt tal-kandidatura kemm fl-elezzjonijiet muniċipali kif ukoll fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew fl-imsemmi Stat Membru, u dan kollu taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tiegħu, l-Artikolu 22 TFUE jikkonkretizza l-prinċipji ta' demokrazija u ta' ugwaljanza fit-trattament taċ-ċittadini tal-Unjoni, prinċipji li jifformaw parti mill-identità u mill-valuri komuni tal-Unjoni, li għalihom jaderixxu l-Istati Membri u li tagħhom huma għandhom jiżguraw l-osservanza fit-territorju tagħhom. Konsegwentement, il-fatt li jiġi aċċettat li tali ċittadini tal-Unjoni jsiru membri ta' partit politiku fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom sabiex jimplimentaw b'mod sħiħ il-prinċipji ta' demokrazija u ta' ugwaljanza fit-trattament ma jistax jitqies li jippreġudika l-identità nazzjonali ta' dan l-Istat Membru.

## V. Libertajiet ta' moviment tal-Unjoni: libertà ta' stabbiliment [91]

### Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2024 (Awla Manja), Halmer Rechtsanwaltsgesellschaft (C-295/23, EU:C:2024:1037)

"*Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Artikolu 63 TFUE – Moviment liberu tal-kapital – Determinazzjoni tal-libertà ta' moviment applikabbli – Servizzi fis-suq intern – Direttiva 2006/123/KE – Artikolu 15 – Rekwiżiti li huma relatati maż-żamma tal-kapital ta' kumpannija – Sehem ta' investitur purament finanzjarju fil-kapital ta' kumpannija professjonali ta' avukati – Revoka tar-reġistrazzjoni ta' din il-kumpannija mal-kamra tal-avukati minħabba dan is-sehem – Restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għall-moviment liberu tal-kapital – Ġustifikazzjonijiet ibbażati fuq il-protezzjoni tal-indipendenza tal-avukati u tad-destinatarji ta' servizzi legali – Neċessità – Proporzjonalità*"

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bayerischer Anwaltsgerichtshof (il-Bord Dixxiplinari tal-Avukati ta' Bayern, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-konformità mal-Artikolu 63 TFUE u mad-Direttiva 2006/123 [92] ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, taħt piena ta' tħassir tar-reġistrazzjoni mal-kamra tal-avukati ta' kumpannija ta' avukati, tipprojbixxi li ishma ta' din il-kumpannija jiġu ttrasferiti lil investitur purament finanzjarju li ma jkollux l-intenzjoni li jeżerċita fl-imsemmija kumpannija attività professjonali koperta minn din il-leġiżlazzjoni.

HR, kumpannija ta' avukati li kienet stabbilita fil-Ġermanja, kienet ġiet ikkostitwita fil-forma ta' kumpannija b'kapital azzjonarju suġġetta għal-Liġi dwar il-Kumpanniji b'Responsabbiltà Limitata. Id-direttur u l-uniku soċju tagħha kien, oriġinarjament, Daniel Halmer, li kien jeżerċita l-professjoni ta' avukat.

HR, li nħolqot permezz ta' kuntratt f'Jannar 2020, kienet ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Kummerċ u fil-Kamra tal-Avukati ta' München fl-istess sena.

Fl-2021, D. Halmer ittrasferixxa 51 mill-100 sehem f'HR lil SIVE Beratung und Beteiligung GmbH (iktar 'il quddiem "SIVE"), kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Awstrijak.

L-istatuti ta' HR ġew għalhekk emendati sabiex jippermettu t-trasferiment ta' ishma lil kumpannija b'kapital azzjonarju mhux irreġistrata mal-Kamra tal-Avukati filwaqt li jirriżervaw il-ġestjoni ta' HR biss għall-avukati rreġistrati mal-Kamra tal-Avukati, sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza tagħhom.

L-emenda tal-istatuti ta' HR u t-trasferiment tal-ishma ta' din il-kumpannija ġew irreġistrati fir-Reġistru tal-Kummerċ, u HR informat lill-Kamra tal-Avukati bl-emenda tal-istatuti tagħha u bit-trasferiment ta' 51 mill-100 sehem tagħha lil SIVE.

Madankollu, il-Kamra tal-Avukati informat lil HR li t-trasferiment tal-ishma lil SIVE kien ipprojbit skont il-Bundesrechtsanwaltsordnung (ir-Regolament Federali dwar l-Istatut tal-Avukati) (iktar 'il quddiem l-"Istatut tal-Avukati"), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, u li, konsegwentement, ir-reġistrazzjoni ta' HR mal-Kamra tal-Avukati kienet ser titħassar jekk jinżamm dan it-trasferiment. HR madankollu informat lill-Kamra tal-Avukati biż-żamma tal-imsemmi trasferiment. Għaldaqstant, din tal-aħħar ħassret ir-reġistrazzjoni ta' din il-kumpannija għar-raġuni, essenzjalment,

[91] F'din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll dawn is-sentenzi: is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Il-Litwanja et vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pakkett dwar il-mobbiltà)*** (C-541/20 sa C-555/20, EU:C:2024:818), ippreżentata fit-Taqsima XII, "Transport", u s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, ***FIFA*** (C-650/22, EU:C:2024:824), ippreżentata fit-Taqsima XIII.1, "Akkordji (Artikolu 101 TFUE)".

[92] Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

li kienu biss l-avukati u l-membri tal-professjonijiet elenkati fl-Istatut tal-Avukati kif ukoll it-tobba u l-ispiżjara li setgħu jkunu soċji ta' kumpannija ta' avukati [93].

HR għalhekk ippreżentat rikors quddiem il-Bayerischer Anwaltsgerichtshof (il-Bord Dixxiplinari tal-Avukati ta' Bayern) kontra d-deċiżjoni ta' tħassir adottata mill-Kamra tal-Avukati. Insostenn tar-rikors tagħha, HR sostniet li l-Istatut tal-Avukati kien jikser b'mod partikolari d-dritt għall-moviment liberu tal-kapital, iggarantit fl-Artikolu 63(1) TFUE, kif ukoll id-drittijiet li hija kienet tislet mill-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123. Din id-deċiżjoni kienet tikser ukoll id-dritt ta' SIVE għal-libertà ta' stabbiliment, kif iggarantit b'mod partikolari mill-Artikolu 49 TFUE.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju xtaqet tkun taf jekk din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kinitx kompatibbli mal-Artikolu 49 u mal-Artikolu 63(1) TFUE kif ukoll mal-Artikolu 15(2)(ċ) u (3) tad-Direttiva 2006/123.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet għal din id-domanda fl-affermattiv.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, fid-dawl tal-iskop tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni u tal-elementi fattwali tal-każ inkwistjoni, liema libertà fundamentali, jiġifieri l-libertà ta' stabbiliment jew il-moviment liberu tal-kapital, kienet tapplika għall-kawża prinċipali.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun intiża li tapplika biss għal ishma li jippermettu li tiġi eżerċitata influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija u li jiġu ddeterminati l-attivitajiet tagħha taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment. Għall-kuntrarju, dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw għal ishma użati biss għall-finijiet biss li jsir investiment finanzjarju mingħajr ebda intenzjoni li jiġu influwenzati l-ġestjoni u l-kontroll tal-impriża għandhom jiġu eżaminati b'mod esklużiv fir-rigward tal-moviment liberu tal-kapital.

B'hekk, leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tkunx intiża li tapplika biss għal dawk l-ishma li jippermettu li tiġi eżerċitata influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija u li jiġu ddeterminati l-attivitajiet tagħha, iżda li tapplika indipendentement mid-daqs tas-sehem li azzjonist jista' jkollu f'kumpannija tista' taqa' kemm taħt il-libertà ta' stabbiliment kif ukoll taħt il-moviment liberu tal-kapital.

Madankollu, bħala prinċipju, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-miżura inkwistjoni fid-dawl ta' waħda biss minn dawn iż-żewġ libertajiet jekk jirriżulta li, fiċ-ċirkustanzi tat-tilwima fil-kawża prinċipali, waħda minnhom tkun kompletament sekondarja meta mqabbla mal-oħra u tista' tingħaqad magħha.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet intiża, b'mod partikolari, li tipprekludi kull akkwist ta' sehem, ikun xi jkun id-daqs tiegħu, f'kumpannija ta' avukati minn persuni li la jkunu avukati u lanqas membri ta' professjoni msemmija fl-Istatut tal-Avukati applikabbli f'dan il-każ.

F'dan il-każ, SIVE akkwistat 51 % tal-kapital azzjonarju ta' HR. Issa, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-libertà ta' stabbiliment id-dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw għaż-żamma minn kumpannija ta' Stat Membru, fil-kapital ta' kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor, ta' sehem li jippermettilha bħala prinċipju li teżerċita influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' din l-aħħar kumpannija u li tiddetermina l-attivitajiet tagħha.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-istatuti ta' HR kienu ġew emendati sabiex SIVE tiġi mċaħħda minn ċerta kapaċità ta' influwenza, b'tali mod li l-akkwist ta' ishma ta' HR seta' jkollu bħala l-

---

**93** Skont l-Artikolu 59a(1) u (2) ta' dan l-Istatut tal-Avukati, l-avukati jistgħu jassoċjaw ruħhom ma' membri ta' kamra tal-avukati, membri tal-kamra tal-konsulenti tal-privattivi, konsulenti fiskali, mandatarji fiskali, awdituri u kontabbilisti ċċertifikati, sabiex jeżerċitaw b'mod konġunt il-professjoni tagħhom fil-kuntest tal-kompetenzi professjonali rispettivi tagħhom. L-avukati jistgħu wkoll jeżerċitaw il-professjoni tagħhom b'mod konġunt ma' membri tal-professjoni ta' avukat minn Stati oħra li huma awtorizzati jistabbilixxu ruħhom skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-Istatut u li jkollhom l-uffiċċju tagħhom barra mill-pajjiż.

uniku għan dak li jipprovdi lil din tal-aħħar kapital intiż li jippermettilha tiffinanzja l-iżvilupp ta' mudell ġuridiku innovattiv ibbażat fuq it-teknoloġiji l-ġodda.

Il-kawża prinċipali kienet taqa' għalhekk kemm taħt il-libertà ta' stabbiliment kif ukoll taħt il-moviment liberu tal-kapital, mingħajr ma waħda minn dawn il-libertajiet ma setgħet titqies li kienet sekondarja meta mqabbla mal-oħra.

Fuq il-mertu, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-libertà ta' stabbiliment, mid-Direttiva 2006/123 jirriżulta li, meta sitwazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' din id-direttiva, li huwa l-każ tas-servizzi ta' parir legali, b'mod partikolari dawk mogħtija mill-avukati, ma hemmx lok li din tiġi eżaminata wkoll fid-dawl tal-Artikolu 49 TFUE.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà mad-Direttiva 2006/123 tar-rekwiżiti tal-Istatut tal-Avukati dwar il-limitazzjoni tal-kamp tal-persuni li jistgħu jsiru soċji kif ukoll tar-rekwiżit ta' kollaborazzjoni attiva fi ħdan il-kumpannija, u b'mod iktar partikolari n-natura neċessarja ta' dawn ir-rekwiżiti.

F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li dawn ir-rekwiżiti kellhom l-għan li jiżguraw l-indipendenza u l-integrità tal-professjoni ta' avukat kif ukoll l-osservanza tal-prinċipju ta' trasparenza u tal-obbligu ta' sigriet professjonali tal-avukati. Dawn l-għanijiet huma mingħajr dubju marbuta mal-protezzjoni tad-destinatarji ta' servizzi legali u tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, li jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali skont id-Direttiva 2006/123 u d-dritt primarju.

Fir-rigward tan-natura proporzjonata tar-rekwiżiti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dawn kienu jidhru xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan ta' protezzjoni tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tal-integrità tal-professjoni ta' avukat.

Fil-fatt, ir-rieda ta' investitur purament finanzjarju li jikseb il-frott tal-investiment tiegħu jista' jkollha impatt fuq l-organizzazzjoni u l-attività ta' kumpannija ta' avukati. Issa, filwaqt li l-għan imfittex minn investitur purament finanzjarju huwa limitat għat-tiftix tal-profitt, l-avukati ma jeżerċitawx l-attivitajiet tagħhom b'għan ekonomiku biss, iżda huma obbligati josservaw regoli professjonali u etiċi. Fl-assenza ta' armonizzazzjoni, fil-livell tal-Unjoni, tar-regoli professjonali u etiċi applikabbli għall-professjoni ta' avukat, kull Stat Membru jibqa', bħala prinċipju, liberu li jirregola l-eżerċizzju ta' din il-professjoni fit-territorju tiegħu. B'hekk, Stat Membru għandu d-dritt li jqis li jeżisti riskju li l-miżuri previsti fl-istatuti tal-kumpannija ta' avukati sabiex tiġi ppreżervata l-indipendenza u l-integrità professjonali tal-avukati attivi fi ħdan din il-kumpannija jirriżultaw, fil-prattika, insuffiċjenti sabiex jiżguraw b'mod effikaċi t-twettiq tal-għanijiet ta' protezzjoni tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tal-integrità tal-professjoni ta' avukat, fil-każ ta' sehem ta' investitur purament finanzjarju fil-kapital tal-imsemmija kumpannija.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-moviment liberu tal-kapital, li huwa ggarantit mill-Artikolu 63 TFUE u li jinkludi kemm iż-żamma ta' azzjonijiet li jagħtu l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni u fil-kontroll ta' kumpannija kif ukoll l-akkwist ta' titoli mwettaq bl-intenzjoni biss li jsir investiment finanzjarju mingħajr ma jkun hemm ebda influwenza fuq il-ġestjoni u l-kontroll tal-kumpannija, il-miżuri pprojbiti jinkludu b'mod partikolari dawk li jkunu ta' natura li jiskoraġġixxu lill-kumpanniji mhux residenti milli jinvestu fi Stat Membru, b'mod partikolari fil-kapital tal-kumpanniji residenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha l-effett li tipprekludi lill-persuni li ma jkunux avukati u membri tal-professjonijiet imsemmija fl-Istatut tal-Avukati milli jakkwistaw ishma f'kumpannija ta' avukati, b'tali mod li kienet iċċaħħad lill-investituri ta' Stati Membri oħra li la jkunu avukati u lanqas membri ta' tali professjonijiet milli jakkwistaw ishma f'dan it-tip ta' kumpanniji. Korrelattivament, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet iċċaħħad lill-kumpanniji ta' avukati mill-aċċess għal kapital li seta' jgħin fil-ħolqien jew fl-iżvilupp tagħhom. Konsegwentement, hija kienet tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital.

Madankollu, għall-istess motivi bħal dawk esposti fil-kuntest tad-Direttiva 2006/123, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dawn ir-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-kapital kienu ġġustifikati u proporzjonati fid-dawl ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali.

# VI. Dispożizzjonijiet istituzzjonali: dritt ta' aċċess tal-pubbliku għal dokumenti [94]

**Sentenza tal-5 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni *et* (C-588/21 P, EU:C:2024:201)**

*"Appell – Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Artikolu 4(2) – Eċċezzjonijiet – Rifjut ta' aċċess għal dokument li l-iżvelar tiegħu jippreġudika l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna naturali jew legali partikolari, inkluża l-proprjetà intellettwali – Interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar – Standards armonizzati adottati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) – Protezzjoni li tirriżulta mid-drittijiet tal-awtur – Prinċipju tal-Istat tad-dritt – Prinċipju ta' trasparenza – Prinċipju ta' aċċess miftuħ – Prinċipju ta' governanza tajba"*

Filwaqt li laqgħet l-appell ippreżentat minn Public.Resource.Org Inc. u Right to Know CLG, l-appellanti, mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni [95], il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, għall-ewwel darba, dwar l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' standards armonizzati adottati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN).

L-appellanti kienu organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru li l-funzjoni prijoritarja tagħhom kienet li jagħmlu l-liġi liberament aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha. Fil-25 ta' Settembru 2018, huma ressqu quddiem il-Kummissjoni Ewropea talba għal aċċess għal erba' standards armonizzati adottati miċ-CEN, li tlieta minnhom kienu jikkonċernaw is-sigurtà tal-ġugarelli filwaqt li wieħed minnhom kien jikkonċerna l-kontenut massimu ta' nikil għal ċerti prodotti [96].

Il-Kummissjoni rrifjutat li tilqa' t-talba għal aċċess, abbażi tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 [97], li abbażi tiegħu l-aċċess għal dokument għandu jiġi rrifjutat fil-każ li l-iżvelar tiegħu jippreġudika l-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika partikolari, inkluż fir-rigward tal-proprjetà intellettwali, sakemm interess pubbliku superjuri ma jiġġustifikax l-iżvelar tad-dokument inkwistjoni.

Ir-rikors, ippreżentat mir-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali fl-intier tiegħu. Dawn tal-aħħar għalhekk ippreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, billi sostnew li l-Qorti Ġenerali kienet ikkonkludiet b'mod żbaljat li ma kienx hemm interess pubbliku superjuri li jista' jiġġustifika aċċess liberu għall-istandards armonizzati mitluba.

---

[94] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), ***Il-Kummissjoni vs SRB*** (C-551/22 P, EU:C:2024:520), ippreżentata fit-Taqsima XV, "Politika ekonomika u monetarja".

[95] Sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, Public.Resource.Org u Right to Know vs Il-Kummissjoni (T-185/19, EU:T:2021:445).

[96] Dawn kienu l-istandards EN 71-5:2015, intitolat "Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 5: Ġugarelli ta' natura kimika (settijiet) minbarra settijiet għal esperimenti"; EN 71-4:2013, intitolat "Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 4: Settijiet għal esperimenti għal attivitajiet ta' kimika u attivitajiet relatati"; EN 71-12: 2013, intitolat "Sigurtà tal-ġugarelli – Parti 12: Sustanzi N-nitrosamini u N-nitrosazjabbli"; u EN 12472:2005+A1:2009, intitolat "Metodu għas-simulazzjoni ta' xedd u korrożjoni biex wieħed jinduna bit-tisfija ta' nikil minn oġġetti miżbugħin" (iktar 'il quddiem l-"istandards armonizzati mitluba").

[97] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-portata wiesgħa tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea [98]. Hija ppreċiżat li dawn l-istituzzjonijiet jistgħu madankollu jipprevalixxu ruħhom minn eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika partikolari sabiex jirrifjutaw l-aċċess għal dokument fil-każ li l-iżvelar tiegħu jippreġudika l-protezzjoni ta' dawn l-interessi, inkluża l-proprjetà intellettwali. Madankollu, din l-eċċezzjoni ma hijiex applikabbli meta interess pubbliku superjuri jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument ikkonċernat.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-proċedura ta' tfassil tal-istandards armonizzati ġiet stabbilita mir-Regolament Nru 1025/2012 [99], li abbażi tiegħu l-Kummissjoni għandha rwol ċentrali fis-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni. Għalhekk, anki jekk it-tfassil ta' dawn l-istandards huwa fdat lil organu rregolat mid-dritt privat, hija biss il-Kummissjoni li tista' titlob li standard armonizzat jiġi żviluppat sabiex tiġi implimentata direttiva jew regolament. F'dan il-kuntest, hija tiddetermina l-kriterji ta' kontenut li l-istandard armonizzat mitlub għandu josserva, tistabbilixxi skadenza għall-adozzjoni tiegħu, tissorvelja t-tfassil tiegħu, tipprovdi finanzjament u tagħti deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi għall-istandard armonizzat ikkonċernat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Barra minn hekk, għalkemm l-osservanza tal-istandards armonizzati ġeneralment ma hijiex obbligatorja, il-prodotti li josservaw dawn l-istandards jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali li jikkonċernawhom, stabbiliti mil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni rilevanti tal-Unjoni [100]. Dan l-effett legali, mogħti minn din il-leġiżlazzjoni, jikkostitwixxi waħda mill-karatteristiċi prinċipali tal-imsemmija standards u jagħmel minn dawn tal-aħħar għodda essenzjali għall-operaturi ekonomiċi, għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu ta' oġġetti jew ta' servizzi fis-suq tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, f'dan il-każ, tlieta mill-erba' standards armonizzati mitluba li jikkonċernaw is-sigurtà tal-ġugarelli jirreferu għad-Direttiva 2009/48 [101] u li r-referenzi tagħhom kienu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.* Skont l-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, il-ġugarelli li jkunu ġew prodotti fl-osservanza ta' dawn l-istandards igawdu mill-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti koperti mill-imsemmija standards. Ir-raba' standard, li jirrigwarda l-kontenut massimu tan-nikil, jirreferi għar-Regolament Nru 1907/2006 [102] u huwa, f'dan il-każ, manifestament obbligatorju, sa fejn l-entrata 27(3) tat-tabella li tinsab fl-Anness XVII ta' dan ir-regolament tipprevedi li, fir-rigward tan-

---

[98] Dan id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti huwa ggarantit mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 15(3) TFUE u mill-Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa implimentat b'mod partikolari mir-Regolament Nru 1049/2001.

[99] Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2012, L 316, p. 12).

[100] Il-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1025/2012, moqri fid-dawl tal-premessa 5 tiegħu.

[101] Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU 2009, L 170, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 355, p. 92).

[102] Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2007, L 136, p. 3, ĠU 2008, L 141, p. 22 u fil-ĠU 2009, L 36, p. 84), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 552/2009 tat-22 ta' Ġunju 2009 (ĠU 2009, L 164, p. 7, rettifika fil-ĠU 2014, L 331, p. 41).

nikil, l-istandards adottati miċ-CEN iservu bħala proċeduri ta' ttestjar sabiex tintwera l-konformità tal-prodotti kkonċernati mar-rekwiżiti msemmija f'din l-entrata.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-istandards armonizzati mitluba jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li skont il-kliem tal-Artikolu 2 TUE, l-Unjoni hija bbażata fuq il-prinċipju tal-Istat tad-dritt, li jeżiġi aċċess liberu għad-dritt tal-Unjoni għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha tal-Unjoni, kif ukoll il-possibbiltà, għall-individwi, li jkunu jafu mingħajr ambigwità d-drittijiet u l-obbligi tagħhom [103]. Dan l-aċċess liberu għandu b'mod partikolari jippermetti lil kull persuna li liġi hija intiża li tipproteġi li tivverifika, fil-limiti permessi mid-dritt, li d-destinatarji tar-regoli stabbiliti minn din il-liġi jikkonformaw ruħhom b'mod effettiv magħhom. Għalhekk, permezz tal-effetti li tagħtih leġiżlazzjoni tal-Unjoni, standard armonizzat jista' jispeċifika drittijiet mogħtija lill-individwi kif ukoll obbligi imposti fuqhom u dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jkunu neċessarji għalihom sabiex jiġi vverifikat jekk prodott jew servizz partikolari huwiex effettivament konformi mar-rekwiżiti ta' tali leġiżlazzjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Qorti Ġenerali kkonstatat li interess pubbliku superjuri jiġġustifika l-iżvelar tal-istandards armonizzati mitluba.

**103** Sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Stichting Rookpreventie Jeugd *et* (C-160/20, EU:C:2022:101, punt 41 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

# VII. Kawżi tal-Unjoni [104]

## 1. Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), Valančius (C-119/23, EU:C:2024:653)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE – It-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE – Ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Garanzija ta' indipendenza – Kapaċità meħtieġa għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji għolja – Proċedura nazzjonali ta' proposta ta' kandidat għall-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Grupp ta' esperti indipendenti biex jevalwa l-kandidati – Lista ta' mertu tal-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE – Proposta ta' kandidat fuq il-lista ta' mertu differenti mill-kandidat ikklassifikat l-aħjar – Opinjoni tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE dwar l-idoneità tal-kandidati"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnjus, il-Litwanja), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-effett tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jirregolaw il-ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea [105] fuq il-proċedura nazzjonali ta' proposta ta' kandidat għall-eżerċizzju ta' dawn il-funzjonijiet.

Fl-2016, V. Valančius inħatar Imħallef tal-Qorti Ġenerali. Wara li ntemm il-mandat tiegħu f'Awwissu 2019, huwa baqa' jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu [106]. Fl-2021, ġiet stabblita proċedura għall-għażla ta' kandidat għall-funzjonijiet ta' Mħallef fil-Qorti Ġenerali [107]. Konformement ma' din il-proċedura, grupp ta' ħidma fil-parti l-kbira kompost minn esperti indipendenti stabbilixxa lista ta' mertu tal-kandidati, elenkati f'ordni jiċkien skont il-marki li nkisbu. V. Valančius kien il-kandidat li ġie l-ewwel f'din il-lista.

Fl-2022, il-Gvern Litwan iddeċieda li jipproponi bħala kandidat għall-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali l-persuna inkluża fit-tieni pożizzjoni fl-imsemmija lista. Wara opinjoni sfavorevoli dwar dan il-kandidat mogħtija mill-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE, dan il-gvern iddeċieda li jipproponi l-kandidatura tal-persuna inkluża fit-tielet pożizzjoni fuq l-istess lista. Fl-2023, din l-aħħar persuna nħatret Imħallef tal-Qorti Ġenerali.

V. Valančius ikkontesta l-legalità tad-deċiżjonijiet ta' proposta meħuda mill-Gvern Litwan quddiem il-qorti tar-rinviju, filwaqt li talab, b'mod partikolari, li dan il-gvern jiġi ordnat jiftaħ mill-ġdid il-proċedura ta' proposta u li jippreżenta l-isem tal-kandidat ikklassifikat l-aħjar fil-lista ta' mertu.

Kien f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jirregolaw il-ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali.

---

[104] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), ***Neves 77 Solutions*** (C-351/22, EU:C:2024:723), ippreżentata fit-Taqsima XX.1, "Miżuri restrittivi".

[105] It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE.

[106] Fis-sens tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

[107] Pretendento į Europos Sąjungos bendrojo teismo teisėjus atrankos tvarkos aprašas (id-Deskrizzjoni tal-proċedura tal-għażla tal-kandidati għall-kariga ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, adottata permezz tad-Digriet Nru 1R-65 tal-Ministru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Litwanja tad-9 ta' Marzu 2021.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tagħti deċiżjoni dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni [108], il-proċedura ta' ħatra ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali hija artikolata fi tliet stadji. Fl-ewwel stadju, il-gvern tal-Istat Membru kkonċernat jipproponi kandidat għall-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali billi jibgħat din il-proposta lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Fit-tieni stadju, il-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE jagħti opinjoni dwar l-idoneità ta' dan il-kandidat għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali, fid-dawl tar-rekwiżiti previsti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE. Fit-tielet stadju, li jsegwi l-konsultazzjoni ta' dan il-kumitat, il-gvernijiet tal-Istati Membri, permezz tar-rappreżentanti tagħhom, jipproċedu għall-ħatra tal-imsemmi kandidat bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali, permezz ta' deċiżjoni meħuda bi qbil komuni fuq proposta tal-gvern tal-Istat Membru kkonċernat. B'hekk, id-deċiżjoni ta' proposta ta' kandidat għall-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali, meħuda mill-gvern ta' Stat Membru, tikkostitwixxi l-ewwel stadju tal-proċedura ta' ħatra rregolata mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE u għalhekk taqa', f'dan ir-rigward, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet taqa' manifestament taħt il-ġurisdizzjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-mertu tad-domandi preliminari magħmula, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li r-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati jikkonkretizza wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, li jiddefinixxu l-identità stess tal-Unjoni bħala ordinament ġuridiku komuni u li l-osservanza tagħhom hija imposta kemm fuq l-Unjoni kif ukoll fuq l-Istati Membri. Peress li dan ir-rekwiżit, li jinkludi żewġ aspetti, l-indipendenza fis-sens strett u l-imparzjalità, huwa inerenti għall-kompitu li tittieħed deċiżjoni u peress li l-Artikolu 19 TUE jagħti konġuntament lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-qrati nazzjonali r-responsabbiltà li jiżguraw l-istħarriġ ġudizzjarju fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, dan ir-rekwiżit japplika kemm fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri, għall-qrati nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-rekwiżit ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi huwa marbut mill-qrib, b'mod partikolari, mar-rekwiżit ta' indipendenza fis-sens li t-tnejn huma intiżi għall-osservanza tal-prinċipji fundamentali li huma l-preeminenza tad-dritt u s-separazzjoni tal-poteri, prinċipji li huma essenzjali għall-Istat tad-dritt li l-valur tiegħu huwa affermat fl-Artikolu 2 TUE. Issa, ir-rekwiżit ta' qorti stabbilita minn qabel bil-liġi jinkludi, min-natura tiegħu stess, il-proċess ta' ħatra tal-imħallfin, filwaqt li jiġi ppreċiżat li l-indipendenza ta' qorti tiddependi, b'mod partikolari, mill-mod kif il-membri tagħha jkunu nħatru.

F'dan ir-rigward, il-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali dwar il-ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali għandhom jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar il-fatt li huma jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE, li jirrigwardaw kemm il-"garanziji ta' indipendenza" kif ukoll il-"kapaċità meħtieġa għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji għolja". Għal dan l-għan, huwa b'mod partikolari neċessarju li tiġi ggarantita l-integrità tal-proċedura kollha ta' ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali u, konsegwentement, tar-riżultat tagħha f'kull stadju li minnu tkun komposta din il-proċedura.

Għalhekk, fir-rigward, qabelxejn, tal-istadju nazzjonali ta' proposta ta' kandidat għall-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li, fl-assenza, fid-dritt tal-Unjoni, ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għal dan il-għan, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali ta' proposta ta' tali kandidat, sakemm dawn il-modalitajiet ma jkunux jistgħu jqajmu, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dubji leġittimi dwar l-osservanza, mill-kandidat propost, tar-rekwiżiti previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u fit-tieni paragrafu tal-

---

108 B'mod partikolari, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE u l-Artikolu 255 TFUE.

Artikolu 254 TFUE. F'dan ir-rigward, il-fatt li rappreżentanti tal-poter leġiżlattiv jew tal-poter eżekuttiv jintervjenu fil-proċess ta' ħatra tal-imħallfin ma huwiex fih innifsu ta' natura li jqajjem tali dubji leġittimi f'moħħ il-partijiet fil-kawża. B'dan premess, l-intervent ta' korpi konsultattivi indipendenti kif ukoll l-eżistenza, fid-dritt nazzjonali, ta' obbligu ta' motivazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għal oġġettività ikbar tal-proċess ta' ħatra, billi jinkwadraw is-setgħa ta' evalwazzjoni li jista' jkollha l-istituzzjoni tal-ħatra.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kundizzjonijiet sostantivi previsti għas-selezzjoni u għall-proposta tal-kandidati għall-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Istati Membri, filwaqt li għandhom marġni ta' evalwazzjoni wiesa' sabiex jiddefinixxu dawn il-kundizzjonijiet, għandhom madankollu jiżguraw, irrispettivament mill-modalitajiet proċedurali magħżula għal dan l-għan, li jiggarantixxu li l-kandidati proposti jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' kapaċità professjonali previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-verifika tal-idoneità tal-kandidati proposti mill-Istati Membri għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti taqa' wkoll taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE. Fil-fatt, għall-finijiet tal-adozzjoni tal-opinjoni tiegħu dwar din l-idoneità, dan il-kumitat għandu jivverifika li l-kandidat propost jissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' kapaċità professjonali li huma meħtieġa mit-Trattati sabiex jeżerċita l-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm l-eżistenza ta' proċedura ta' selezzjoni miftuħa, trasparenti u rigoruża hija element rilevanti fil-kuntest tal-verifika tal-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti mill-kandidat propost, l-assenza ta' tali proċedura ma tikkostitwixxix, għall-kuntrarju, bħala tali, raġuni li tippermetti li jitqajjem dubju dwar tali osservanza. Għall-finijiet ta' tali verifika, il-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE jista' jitlob lill-gvern li minnu toriġina l-proposta sabiex jibgħatlu informazzjoni addizzjonali jew elementi oħra li huwa jqis neċessarji għad-deliberazzjonijiet tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-kompitu li tiġi ggarantita l-osservanza tar-rekwiżiti previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE jaqa' wkoll fuq il-gvernijiet tal-Istati Membri, permezz tar-rappreżentanti tagħhom, meta jiddeċiedu, fid-dawl tal-opinjoni mogħtija mill-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE, li jaħtru bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali l-kandidat propost minn wieħed minn dawn il-gvernijiet. Fil-fatt, ladarba jinħatar, dan il-kandidat isir Imħallef tal-Unjoni u ma jirrappreżentax l-Istat Membru li jkun ipproponih.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, meta Stat Membru jkun stabbilixxa proċedura għall-għażla tal-kandidati għall-funzjonijiet ta' Mħallef tal-Qorti Ġenerali li fil-kuntest tagħha grupp kompost fil-parti l-kbira minn esperti indipendenti jkun inkarigat li jevalwa dawn il-kandidati, li jistabbilixxi lista ta' mertu ta' dawk fosthom li jissodisfaw ir-rekwiżiti previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 19(2) TUE u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE u li jindika, bħala rakkomandazzjoni, il-kandidat ikklassifikat l-aħjar f'din il-lista, is-sempliċi fatt li l-gvern ta' dan l-Istat Membru jkun iddeċieda li jipproponi kandidat inkluż fl-imsemmija lista li ma jkunx l-aħjar kandidat ikklassifikat ma huwiex, fih innifsu, suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li din il-proposta tista' tqajjem dubji leġittimi fir-rigward tal-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti mill-kandidat propost. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kumitat previst fl-Artikolu 255 TFUE jkun esprima opinjoni favorevoli dwar il-kandidat propost mill-gvern nazzjonali li kien inkluż fit-tielet pożizzjoni fuq l-istess lista huwa ta' natura li jikkonferma li d-deċiżjoni tal-gvernijiet tal-Istati Membri li jaħtru dan il-kandidat tkun konformi mar-rekwiżiti ċċitati iktar 'il fuq.

## 2. Rinviju għal deċiżjoni preliminari

### a. Klassifikazzjoni tal-korp tar-rinviju bħala "qorti"

**Sentenza tad-9 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), G. *et* (Ħatra tal-imħallfin ordinarji fil-Polonja) (C-181/21 u C-269/21, EU:C:2024:1)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Possibbiltà għall-qorti tar-rinviju li tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja – Neċessità tal-interpretazzjoni mitluba biex il-qorti tar-rinviju tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha – Indipendenza tal-imħallfin – Kundizzjonijiet ta' ħatra tal-imħallfin tal-qrati ordinarji – Possibbiltà li jitqiegħed inkwistjoni digriet li ta deċiżjoni definittiva dwar talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji – Possibbiltà li mħallef jiġi eskluż minn kulleġġ ġudikanti – Ammissibbiltà tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari"*

L-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kienu inammissibbli żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qrati Pollakki dwar il-konformità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti tagħhom, fil-kawżi prinċipali, mar-rekwiżiti inerenti għal qorti indipendenti u imparzjali, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni.

Fl-ewwel kawża (C-181/21), kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin fi ħdan is-Sąd Okręgowy w Katowicach (il-Qorti Reġjonali ta' Katowice, il-Polonja) kien inħatar biex jeżamina lment kontra digriet li ċaħad l-oppożizzjoni ta' konsumatur kontra ordni ta' ħlas. L-Imħallef Relatur inkarigat minn din il-kawża esprima dubji dwar jekk dan il-kulleġġ ġudikanti kienx "qorti", fid-dawl taċ-ċirkustanzi li fihom kienet seħħet il-ħatra tal-Imħallef A.Z. fil-Qorti Reġjonali ta' Katowice, li kien jagħmel ukoll parti mill-imsemmi kulleġġ ġudikanti. It-tħassib tiegħu kien jirrigwarda, b'mod partikolari, l-istatus u l-metodu ta' funzjonament tal-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, il-Polonja, iktar 'il quddiem il-"KRS" [109]), li kien jintervjeni f'tali proċedura ta' ħatra.

Fir-rigward tal-Kawża C-269/21, kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin sedenti fi ħdan is-Sąd Okręgowy w Krakowie (il-Qorti Reġjonali ta' Kraków, il-Polonja) eżamina l-ilment ta' bank kontra digriet li permezz tiegħu kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku fi ħdan din l-istess qorti kien laqa' talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji mressqa minn konsumaturi. Dan il-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin biddel id-digriet ikkontestat, ċaħad din it-talba fl-intier tagħha u reġa' bagħat lura l-kawża lill-kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku. Dan tal-aħħar kellu dubji fir-rigward tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li ddeċieda dwar l-ilment tal-bank u, sussegwentement, fir-rigward tal-validità tad-deċiżjoni tiegħu. Fil-fatt, il-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin kien jinkludi lill-Imħallef A.T., maħtura fil-Qorti Reġjonali ta' Kraków fl-2021, wara proċedura li kienet tinvolvi lill-KRS.

F'dan il-kuntest, l-Imħallef Relatur, fl-ewwel kawża, u l-kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku, fit-tieni kawża, iddeċidew li jressqu domandi preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tal-aħħar tikkjararifika, essenzjalment, jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari li fihom kienu seħħew il-ħatriet tal-Imħallfin A. Z. u A.T., il-kulleġġi ġudikanti li fi ħdanhom kienu sedenti dawn l-imħallfin kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti inerenti għal qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, u jekk dan tal-aħħar [110] kienx jimponi li tali mħallfin jiġu esklużi *ex officio* milli jeżaminaw il-kawżi inkwistjoni.

[109] Fil-kompożizzjoni tiegħu wara l-2018.

[110] Ara l-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1) TUE, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kemm mill-kliem kif ukoll mill-istruttura tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-proċedura għal deċiżjoni preliminari tippreżumi, b'mod partikolari, li tilwima tkun effettivament pendenti quddiem il-qrati nazzjonali, li fil-kuntest tagħha dawn tal-aħħar ikunu mitluba jagħtu deċiżjoni li tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sentenza dwar id-deċiżjoni preliminari [111].

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li għalkemm kull qorti għandha l-obbligu li tivverifika jekk, bil-kompożizzjoni tagħha, tikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi, fis-sens, b'mod partikolari, tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, meta jqum dubju serju fuq dan il-punt, xorta jibqa' l-fatt li l-ħtieġa, fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, tal-interpretazzjoni preliminari mitluba mingħand il-Qorti tal-Ġustizzja timplika li l-qorti tar-rinviju tista', waħedha, tislet il-konsegwenzi ta' din l-interpretazzjoni billi tevalwa, fid-dawl tagħha, il-legalità tal-ħatra ta' mħallef ieħor tal-istess kulleġġ ġudikanti u, jekk ikun il-każ, billi tirrikuża lil dan tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, dan ma kienx il-każ tal-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-181/21 peress li la mid-deċiżjoni tar-rinviju u lanqas mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kien jirriżulta li, bis-saħħa tar-regoli tad-dritt nazzjonali, il-qorti tar-rinviju setgħet, waħedha, timxi b'dan il-mod. L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni mitluba fil-Kawża C-181/21 għalhekk ma kinitx tissodisfa bżonn oġġettiv marbut ma' deċiżjoni li l-qorti tar-rinviju setgħet tieħu, waħedha, fil-kawża prinċipali.

Fir-rigward tal-Kawża C-269/21, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-qorti tar-rinviju nnifisha kienet qiegħda tenfasizza li d-digriet mogħti mill-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin li biddel id-deċiżjoni tagħha stess u li ċaħad it-talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji fformulata mill-konsumaturi kkonċernati ma kienx għadu jista' jkun suġġett għal appell u għaldaqstant kellu jitqies li kien definittiv skont id-dritt Pollakk. Issa, għalkemm kienet qiegħda tinvoka n-nuqqas ta' ċertezza legali madwar dan id-digriet minħabba dubji dwar il-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li ta l-imsemmi digriet, il-qorti tar-rinviju madankollu ma indikat ebda dispożizzjoni tad-dritt proċedurali Pollakk li kienet tagħtiha l-kompetenza biex tipproċedi, barra minn hekk b'kulleġġ ġudikanti b'imħallef uniku, għal eżami tal-konformità, b'mod partikolari mad-dritt tal-Unjoni, ta' digriet definittiv mogħti fuq tali talba minn kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin. Barra minn hekk, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kien jirriżulta li d-digriet mogħti mill-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin kien jorbot lill-qorti tar-rinviju u li din tal-aħħar la kienet kompetenti biex "tirrikuża" mħallef li kien jagħmel parti mill-kulleġġ ġudikanti li ta dan id-digriet u lanqas biex tqiegħed inkwistjoni dan id-digriet.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-269/21 ma kellhiex ġurisdizzjoni, bis-saħħa tar-regoli tad-dritt nazzjonali, sabiex tevalwa, fir-rigward, b'mod partikolari, tad-dritt tal-Unjoni, il-legalità tal-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin li kien ta d-digriet li qata' definittivament it-talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji u, b'mod partikolari, il-legalità tal-kundizzjonijiet ta' ħatra tal-Imħallef A.T., u biex, jekk ikun il-każ, dan id-digriet jitqiegħed inkwistjoni.

Fil-fatt, peress li t-talba għall-għoti ta' miżuri kawtelatorji tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet ġiet miċħuda fl-intier tagħha, it-trattament ta' din it-talba kien definittivament magħluq mill-kulleġġ ġudikanti bi tlett imħallfin. B'hekk, id-domandi magħmula fil-Kawża C-269/21 kienu jirrigwardaw intrinsikament stadju tal-proċedura fil-kawża prinċipali li kien definittivament magħluq u li kien distint mit-tilwima fuq il-mertu li waħedha kienet pendenti quddiem il-qorti tar-rinvju. Għaldaqstant dawn id-domandi ma kinux jikkorrispondu għal ħtieġa oġġettiva inerenti għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima iżda kienu intiżi li jiksbu mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġenerali, mhux konnessa mal-ħtiġijiet tal-imsemmija tilwima, dwar il-proċedura ta' ħatra tal-imħallfin ordinarji fil-Polonja.

---

**111** Sentenza tat-22 ta' Marzu 2022, Prokurator Generalny *et* (Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema - Ħatra) (C-508/19, EU:C:2022:201, punt 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

**Sentenza tas-7 ta' Mejju 2024 (Awla Manja), NADA *et* (C-115/22, EU:C:2024:384)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ammissibbiltà – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' 'qorti' – Kummissjoni nazzjonali tal-arbitraġġ responsabbli għall-ġlieda kontra d-doping fil-qasam tal-isport – Kriterji – Indipendenza tal-organu tar-rinviju – Prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet bħala inammissibbli t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Unabhängige Schiedskommission Wien (il-Kummissjoni Indipendenti ta' Arbitraġġ ta' Vjenna, l-Awstrija, iktar 'il quddiem l-"USK"), minħabba li dan l-organu ma jissodisfax il-kriterju ta' indipendenza meħtieġ sabiex jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienet atleta professjonali bejn l-1998 u l-2015. Fl-2021, in-Nationale Anti-Doping Agentur Austria GmbH (NADA), aġenzija indipendenti għall-ġlieda kontra d-doping, ressqet talba għal eżami tal-każ tar-rikorrenti quddiem l-Österreichische Anti-Doping Rechtskommission (il-Kumitat Legali Awstrijak Antidoping, iktar 'il quddiem l-"ÖADR"), peress li qieset li r-rikorrenti kienet kisret ir-regoli antidoping [112].

Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2021, l-ÖADR sab lir-rikorrenti ħatja ta' dan il-ksur. Dan il-kumitat iddikjara invalidi r-riżultati kollha miksuba minnha matul il-perijodu inkwistjoni u rtira d-drittijiet kollha ta' parteċipazzjoni u/jew il-premji miksuba minn din tal-aħħar. Barra minn hekk, l-ÖADR ipprojbixxa wkoll lir-rikorrenti milli tipparteċipa f'kull tip ta' kompetizzjoni sportiva għal perijodu ta' erba' snin. Matul il-proċedura, ir-rikorrenti talbet li din id-deċiżjoni ma tixxandarx lill-pubbliku ġenerali, b'mod partikolari billi ma jiġix żvelat u ppubblikat isimha kif ukoll karatteristiċi individwali oħra. L-ÖADR ċaħad din it-talba.

Ir-rikorrenti ressqet talba għal eżami mill-ġdid quddiem l-USK, l-organu tar-rinviju f'din il-kawża, intiża biex l-imsemmija deċiżjoni tiġi emendata sabiex il-pubbliku ġenerali ma jiġix informat, permezz tal-pubblikazzjoni ta' isimha sħiħ fuq sit internet liberament aċċessibbli, dwar il-ksur li hija kienet wettqet fil-qasam tad-doping u dwar is-sanzjonijiet li kienu ġew imposti fuqha. Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Diċembru 2021, l-USK ikkonfermat dawn is-sanzjonijiet. Madankollu, hija ddeċidiet li tadotta deċiżjoni permezz ta' deċiżjoni separata dwar it-talba biex il-ksur fil-qasam tad-doping imwettaq mir-rikorrenti kif ukoll is-sanzjonijiet li jirriżultaw minnu ma jiġux ippubblikati, u rriżervat id-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward.

Peress li kellha dubji dwar il-konformità ta' din il-pubblikazzjoni mal-GDPR [113], l-USK ressqet talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat, fid-dawl tal-aħħar żviluppi tal-ġurisprudenza tagħha[114], jekk l-organu tar-rinviju setax jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

---

[112] L-International Association of Athletics Federations (l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Federazzjonijiet tal-Atletika) adottat regoli ta' kompetizzjoni għall-2014–2015 u regoli antidoping fl-2017.

[113] B'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 5(1)(a) u (c), mal-Artikolu 6(3), kif ukoll mal-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR")

[114] Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet, b'mod partikolari, għas-sentenzi tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17), u tat-3 ta' Mejju 2022, CityRail (C-453/20, EU:C:2022:341).

Qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-ġurisprudenza stabbilita tagħha f'dan il-qasam, li tgħid li, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-organu tar-rinviju inkwistjoni jkunx "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, kwistjoni li taqa' biss taħt id-dritt tal-Unjoni, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni numru ta' fatturi bħal, fost oħrajn, l-oriġini legali ta' dan l-organu, il-permanenza tiegħu, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tiegħu, in-natura kontradittorja tal-proċedura quddiemu, l-applikazzjoni, mill-organu inkwistjoni, ta' dispożizzjonijiet legali kif ukoll l-indipendenza tiegħu. Barra minn hekk, il-qrati nazzjonali jistgħu jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk ikun hemm tilwima pendenti quddiemhom u jekk huma jintalbu jagħtu deċiżjoni fil-kuntest ta' proċedura intiża li twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja. Għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk organu jistax jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' kriterji kemm strutturali kif ukoll funzjonali.

Fir-rigward ta' dawn il-kriterji strutturali, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mill-elementi li kienu jinsabu fil-proċess li ġie ppreżentat quddiemha u b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi Federali Antidoping tal-2021 [115] kien jirriżulta li l-USK kienet tissodisfa l-kriterji dwar l-oriġini legali tagħha, il-permanenza tagħha, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tagħha kif ukoll in-natura kontradittorja tal-proċedura quddiemha. Madankollu, qamet il-kwistjoni dwar jekk l-USK kinitx tissodisfa l-kriterju ta' indipendenza.

Fir-rigward ta' dan il-kriterju, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-indipendenza tal-qrati nazzjonali, li hija indispensabbli għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, hija inerenti għall-kompitu li tittieħed deċiżjoni. Din l-indipendenza hija għalhekk essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li jinkorpora l-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE sa fejn, konformement mal-ġurisprudenza stabbilita tagħha, dan il-mekkaniżmu jkun jista' jiġi attivat biss minn istanza li tissodisfa, b'mod partikolari, dan il-kriterju ta' indipendenza. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kunċett ta' indipendenza għandu żewġ aspetti.

L-ewwel aspett, ta' natura esterna, jeżiġi li l-organu kkonċernat jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod kompletament awtonomu, mingħajr ma jkun suġġett għal ebda rabta ta' ġerarkija jew ta' subordinazzjoni ma' kwalunkwe persuna u mingħajr ma jieħu ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors, u li għalhekk ikun protett kontra interventi jew pressjonijiet esterni li jkunu jistgħu jaffettwaw negattivament il-ġudizzju indipendenti tal-membri tiegħu u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom. F'dan ir-rigward, l-irremovabbiltà tal-membri tal-istanza kkonċernata tikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura peress li hija intiża għall-protezzjoni personali ta' dawk li jkollhom il-kompitu li jagħtu deċiżjoni.

B'mod iktar partikolari, il-prinċipju ta' irremovabbiltà, li l-importanza kardinali tiegħu għandha tiġi enfasizzata, jirrikjedi, b'mod partikolari, li l-membri tal-ġudikatura jkunu jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jilħqu l-età obbligatorja tal-irtirar jew sa tmiem il-mandat tagħhom meta dan tal-aħħar ikun għal perijodu speċifiku. Mingħajr ma għandu natura assoluta, l-imsemmi prinċipju jista' jiġi suġġett għal eċċezzjonijiet biss bil-kundizzjoni li jkun hemm raġunijiet leġittimi u imperattivi li jiġġustifikaw dan, u dan b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għalhekk, huwa normalment aċċettat li l-membri tal-ġudikatura jkunu jistgħu jitkeċċew jekk ma jkunux jistgħu jkomplu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom minħabba inkapaċità jew nuqqas serju, permezz tal-osservanza ta' proċeduri xierqa. Il-garanzija ta' irremovabbiltà tal-membri ta' qorti jew tribunal teżiġi għalhekk li l-każijiet ta' tkeċċija tal-membri tal-organu kkonċernat jkunu ddeterminati minn regoli speċifiċi, permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi espressi li joffru garanziji li jmorru lil hinn minn dawk previsti mir-regoli ġenerali tad-dritt amministrattiv u tad-dritt industrijali li japplikaw fil-każ ta' tkeċċija illegali.

It-tieni aspett, intern, tal-kunċett ta' "indipendenza" jingħaqad mal-kunċett ta' imparzjalità u jirrigwarda l-ekwidistanza fir-rigward tal-partijiet fit-tilwima u l-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett tagħha. Dan l-aspett jimponi l-osservanza tal-oġġettività u l-assenza ta' kull interess fis-

[115] Anti-Doping-Bundesgesetz 2021 (il-Liġi Federali dwar il-Ġlieda kontra d-Doping tal-2021), tat-23 ta' Diċembru 2020 (BGBl. I, 152/2020, iktar 'il quddiem l-"ADBG")

soluzzjoni tat-tilwima lil hinn mill-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjoni legali. B'hekk, il-kunċett ta' "indipendenza" jimplika qabel kollox li l-istanza kkonċernata jkollha l-kwalità ta' terz fir-rigward tal-awtorità li tkun adottat id-deċiżjoni suġġetta għal rikors. Dawn il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità jirrikjedu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-istanza, tal-ħatra, tat-tul tal-kariga kif ukoll tal-kawżi ta' astensjoni, ta' rikuża u ta' revoka tal-membri tagħha, li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ l-individwi, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-organu msemmi fir-rigward ta' elementi esterni u fir-rigward tan-newtralità tiegħu fil-konfront tal-interessi inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-USK, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-Regoli tal-Proċedura ta' din il-kummissjoni fir-rigward tal-ADBG kienu jipprovdu li l-membri tagħha kellhom ikunu indipendenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u li kellhom ikunu suġġetti għall-prinċipju ta' imparzjalità. Madankollu, skont l-ADBG [116], il-membri tal-USK kienu jinħatru mill-Ministru Federali għall-Arti, għall-Kultura, għas-Servizz Pubbliku u għall-Isport għal mandat li seta' jiġġedded ta' erba' snin, li seta' jiġi rrevokat b'mod antiċipat "għal raġunijiet serji", mingħajr ma dan il-kunċett kien iddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. B'mod partikolari, l-irremovabbiltà tal-membri tal-USK ma kienet iggarantita minn ebda regola speċifika. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' tneħħija tal-membri tal-USK kienet tappartjeni biss lill-Ministru Federali msemmi iktar 'il fuq, jiġifieri membru tal-eżekuttiv, mingħajr ma kienu ġew stabbiliti kriterji preċiżi jew garanziji preċiżi minn qabel.

Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli ma kinitx tiggarantixxi li l-membri tal-USK kienu protetti minn pressjonijiet esterni, kemm jekk diretti jew indiretti, li setgħu joħolqu dubju dwar l-indipendenza tagħhom, b'mod li dan l-organu ma kienx jissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza ta' qorti jew ta' tribunal, ikkunsidrat mill-aspett estern tiegħu. Għaldaqstant, l-USK ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan il-fatt ma kienx jeżenta lill-USK mill-obbligu li tiżgura l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha u li tħalli mhux applikati, jekk ikun hemm bżonn, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jidhru li jmorru kontra dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jkollhom effett dirett, peress li tali obbligi huma imposti, fil-fatt, fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha u mhux biss fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, mill-informazzjoni li hija kellha, kien jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali adixxiet lill-Österreichische Datenschutzbehörde (l-Awtorità Awstrijaka għall-Protezzjoni tad-Data) b'ilment għal ksur ta' din il-protezzjoni, skont l-Artikolu 77(1) tal-GDPR. Dan il-korp adotta deċiżjoni ta' ċaħda, li kienet is-suġġett ta' appell quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Awstrija) skont l-Artikolu 78(1) tal-GDPR [117]. Dan ir-rikors ġie sospiż sakemm tingħata risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula f'din il-kawża.

### b. Obbligu tal-qrati tal-aħħar istanza li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari

**Sentenza tal-15 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), KUBERA (C-144/23, EU:C:2024:881)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Portata tal-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari tal-qrati nazzjonali li jiddeċiedu fl-aħħar istanza – Proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' appell għal*

---

116 Skont l-Artikolu 8(3) tal-ADBG.

117 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2023, SCHUFA Holding (Rilaxx minn dejn li ma tħallasx lura), C-26/22 u C-64/22, EU:C:2023:958, punti 52 u 70).

*reviżjoni quddiem il-qorti suprema ta' Stat Membru – Talba mill-parti li titlob l-awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni għat-tressiq ta' domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-appell għal reviżjoni jiġi awtorizzat meta jqajjem kwistjoni ta' liġi importanti sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, l-applikazzjoni uniformi tad-dritt jew l-iżvilupp tiegħu – Obbligu għall-qorti suprema nazzjonali li teżamina fil-kuntest tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni jekk ikunx hemm lok li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari – Motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Vrhovno sodišče (il-Qorti Suprema, is-Slovenja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni quddiem il-qorti suprema nazzjonali ma teżentax lil din tal-aħħar mill-obbligu tagħha li teżamina, fil-kuntest ta' din il-proċedura, jekk ikunx hemm lok li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni mqajma insostenn tat-talba għal awtorizzazzjoni ta' dan l-appell.

Il-kumpannija KUBERA kienet xtrat, fit-Turkija, laned ta' Red Bull prodotti fl-Awstrija u ttrasportathom bil-baħar sal-port ta' Koper (is-Slovenja) sabiex jiġu importati. Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-5 ta' Ottubru 2021, l-Amministrazzjoni tal-Finanzi tar-Repubblika tas-Slovenja tat deċiżjoni dwar il-qbid ta' dawn il-laned, skont ir-Regolament Nru 608/2013 [118], fl-istennija tal-eżitu tal-proċedura ġudizzjarja mibdija minn Red Bull bl-għan li jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħha relatati mal-imsemmija laned. Wara li eżawriet ir-rimedji amministrattivi, KUBERA ppreżentat rikorsi kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem l-Upravno sodišče (il-Qorti Amministrattiva, is-Slovenja), li ċaħdithom permezz ta' żewġ sentenzi.

KUBERA għalhekk ressqet, quddiem il-qorti tar-rinviju, żewġ talbiet għal awtorizzazzjoni biex jiġi ppreżentat appell għal reviżjoni minn dawn is-sentenzi, fejn sostniet li l-kawża prinċipali kienet tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni tar-Regolament Nru 608/2013 [119] li kienet tikkostitwixxi, fil-fehma tagħha, kwistjoni ġuridika importanti li kienet tiġġustifika l-awtorizzazzjoni tal-appelli għal reviżjoni. Hija talbet ukoll lill-qorti tar-rinviju, fil-każ li din ma kinitx taqbel mal-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament issuġġerita minnha, tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar din il-kwistjoni.

Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, l-appell għal reviżjoni kien jiġi awtorizzat jekk il-kawża mressqa quddiem il-Qorti Suprema tkun tqajjem kwistjoni ta' liġi importanti sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, l-applikazzjoni uniformi tad-dritt jew l-iżvilupp tiegħu. Din il-leġiżlazzjoni kienet tindika każijiet partikolari li jikkorrispondu għal tali ipoteżi. Filwaqt li qieset li, f'dan il-każ, it-talbiet ta' KUBERA għall-awtorizzazzjoni tal-appelli tagħha għal reviżjoni ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet, il-qorti tar-rinviju staqsiet madankollu jekk it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE [120] kienx jobbligaha, sabiex tagħti deċiżjoni dwar dawn it-talbiet għal awtorizzazzjoni, teżamina t-talba ta' KUBERA għat-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni mqajma minn din il-kumpannija. Hija staqsiet ukoll jekk, fil-każ li kellha tiddeċiedi li ma kienx hemmx lok li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, hija kinitx obbligata, skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha ta' ċaħda tat-talba għal awtorizzazzjoni tal-appell għal reviżjoni.

---

118 Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU 2013, L 181, p. 15). Ara l-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament.

119 F'dan il-każ, il-kwistjoni dwar jekk dan ir-regolament kienx japplika għal sitwazzjoni li fiha l-merkanzija importata tiġi prodotta mid-detentur tad-drittijiet ta' proprjetà industrijali relatati magħha.

120 Skont din id-dispożizzjoni, meta titqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni jew ta' validità tad-dritt tal-Unjoni f'kawża pendenti quddiem qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu kkontestati taħt id-dritt intern, din il-qorti hija obbligata tressaq domanda preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jipprekludi li qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux jistgħux jiġu kkontestati taħt id-dritt intern tiddeċiedi, fil-kuntest ta' proċedura ta' eżami ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni li l-eżitu tagħha jkun jiddependi mill-importanza tal-kwistjoni ta' liġi mqajma minn waħda mill-partijiet fit-tilwima għaċ-ċertezza legali, għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt jew għall-iżvilupp tiegħu, li tiċħad tali talba għal awtorizzazzjoni mingħajr ma tkun evalwat jekk hija kinitx obbligata tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni mqajma insostenn ta' din it-talba.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri taqa' taħt il-kompetenza ta' dawn l-Istati, dawn tal-aħħar huma madankollu marbuta, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, li josservaw l-obbligi li jirriżultaw, għalihom, mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jippreskludix, bħala prinċipju, li l-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-appelli jew sistemi oħra ta' għażla jew ta' "filtrazzjoni" tat-tressiq ta' kawżi quddiem il-qrati supremi nazzjonali, l-implimentazzjoni ta' tali proċeduri jew sistemi għandha tosserva r-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan id-dritt, b'mod partikolari mill-Artikolu 267 TFUE.

F'dan ir-rigward, l-obbligu tal-qrati nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati taħt id-dritt nazzjonali li jressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jifforma parti mill-qafas tal-kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja u għandu, b'mod partikolari, l-għan li jiġi evitat li tiġi stabbilita, fi kwalunkwe Stat Membru, ġurisprudenza nazzjonali li ma taqbilx mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni. Tali qorti nazzjonali tista' tinħeles minn dan l-obbligu biss fi tliet sitwazzjonijiet, jiġifieri meta hija tkun ikkonstatat li l-kwistjoni mqajma ma tkunx rilevanti jew li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni tkun diġà ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja jew li l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni tkun tant evidenti li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli [121]. Meta tkun fil-preżenza ta' waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet [122], din il-qorti ma tkunx obbligata li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja, anki jekk il-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tkun tqajmet minn parti fil-proċedura quddiemha.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-eżistenza ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni ma tistax tittrasforma l-qorti inferjuri li d-deċiżjoni tagħha tkun tista' tiġi kkontestata fil-kuntest ta' tali appell f'qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati taħt id-dritt nazzjonali u li, konsegwentement, ikollha l-obbligu li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. Għall-kuntrarju, dan l-obbligu huwa impost fuq qorti suprema nazzjonali, bħalma hija l-qorti tar-rinviju.

Madankollu, din tal-aħħar esponiet li, skont l-interpretazzjoni tagħha tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, hija ma kinitx obbligata tevalwa, fl-istadju tal-eżami tat-talba għal awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni, jekk ikunx hemm lok jew le, fil-kuntest tal-proċedura ta' reviżjoni, li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bil-kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni mqajma insostenn ta' din it-talba. Meta appell għal reviżjoni ma jiġix awtorizzat, id-deċiżjoni ta' ċaħda ttemm definittivament il-proċedura. F'dan il-każ, l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni adottata mill-qorti inferjuri tkun tista' tiġi imposta fl-ordinament ġuridiku nazzjonali inkwistjoni, anki jekk il-kwistjoni mqajma insostenn tat-talba għall-awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni kienet tiġġustifika t-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

---

**121** Sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et* (283/81, EU:C:1982:335, punt 21), kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, EU:C:2021:799, punt 33).

**122** Dawn it-tliet sitwazzjonijiet li fihom il-qrati nazzjonali li jiddeċiedu fl-aħħar istanza ma humiex suġġetti għall-obbligu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari huma indikati iktar 'il quddiem bil-kliem "eċċezzjonijiet għall-obbligu tar-rinviju".

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li tali leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali tista' twassal għal sitwazzjoni li fiha domanda dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għalkemm tkun tqajmet minn parti quddiem il-qorti suprema, ma titressaqx quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, bi ksur tal-obbligu impost fuq din il-qorti nazzjonali mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. Issa, tali sitwazzjoni tista' tikkomprometti l-effettività tas-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll, b'mod partikolari, it-twettiq tal-għan li jiġi evitat li tiġi stabbilita, fi kwalunkwe Stat Membru, ġurisprudenza nazzjonali li ma tkunx konformi mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni [123].

Il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet madankollu lill-qorti tar-rinviju tivverifika jekk kienx hemm il-possibbiltà li tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli konformement mar-rekwiżiti tal-Artikolu 267 TFUE [124]. Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni kienet tidher li ma kinitx tipprekludi lil din il-qorti milli tevalwa, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami ta' talba għal awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni, jekk il-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni mqajma insostenn ta' din it-talba kinitx teħtieġ li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew jekk kinitx taqa', għall-kuntrarju, taħt waħda mill-eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' rinviju. B'mod partikolari, il-każijiet li l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet tistabbilixxi u li kienu jirrigwardaw esklużivament sitwazzjonijiet ikkaratterizzati, essenzjalment, minn diverġenzi fil-ġurisprudenza nazzjonali jew mill-assenza ta' ġurisprudenza tal-qorti suprema nazzjonali ma kinux jidhru li kienu ta' natura eżawrjenti.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet tidher li setgħet tiġi interpretata fis-sens li l-kriterju tal-importanza tal-kwistjoni ta' liġi mqajma għaċ-ċertezza legali, għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt jew għall-iżvilupp tiegħu kien jinkludi l-każ fejn il-parti fit-tilwima li titlob l-awtorizzazzjoni sabiex tippreżenta appell għal reviżjoni tqajjem kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma kienet taqa' taħt ebda waħda mill-eċċezzjonijiet għall-obbligu tar-rinviju u li kienet teżiġi, konsegwentement, li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, barra minn hekk, li hija qorti suprema nazzjonali, adita b'tali talba għal awtorizzazzjoni u li jkollha l-obbligu li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tiddeċiedi jekk dan ir-rinviju għandux isir fl-istadju tal-eżami ta' din it-talba jew fi stadju ulterjuri. Jekk hija tiddeċiedi li tressaq it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-eżami tal-imsemmija talba, hija jkollha tissospendi t-trattament ta' din tal-aħħar fl-istennija tad-deċiżjoni preliminari u sussegwentement timplimenta din id-deċiżjoni fl-evalwazzjoni tagħha dwar jekk ikunx hemm lok li jiġi awtorizzat l-appell għal reviżjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mis-sistema stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, moqri fid-dawl tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jirriżulta li, meta qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati taħt id-dritt intern tqis, minħabba li tkun tinsab f'waħda mit-tliet eċċezzjonijiet għall-obbligu tar-rinviju, li tkun meħlusa minn dan l-obbligu, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha għandhom juru jew li d-domanda dwar id-dritt tal-Unjoni li tqajmet ma tkunx rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima, jew li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni kkonċernata

---

123 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tal-15 ta' Marzu 2017, Aquino (C-3/16, EU:C:2017:209, punt 56), u tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, iċċitata iktar 'il fuq, punt 61), li tipprovdi li qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu kkontestati taħt id-dritt intern tista' tastjeni milli tressaq domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja għal raġunijiet ta' inammissibbiltà speċifiċi għall-proċedura quddiem din il-qorti nazzjonali, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. B'differenza minn tali motivi, kriterju ta' awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni bħal dak previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli jirrikjedi li l-qorti suprema teżamina l-importanza tal-kwistjoni ta' liġi mqajma insostenn tat-talba għal awtorizzazzjoni ta' tali appell għaċ-ċertezza legali, għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt jew għall-iżvilupp tiegħu.

124 Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment, f'dan ir-rigward, għall-indikazzjonijiet ipprovduti fid-deċiżjoni tar-rinviju dwar l-iżvilupp tal-ġurisprudenza tal-Ustavno sodišče (il-Qorti Kostituzzjonali, is-Slovenja). B'mod partikolari, minn deċiżjoni ta' din il-qorti tal-31 ta' Marzu 2022 jirriżulta li t-talba ta' waħda mill-partijiet fil-kawża li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa fil-kuntest tat-talba għal awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni, kellha tiġi ttrattata sa mill-istadju tal-eżami ta' din l-aħħar talba.

tad-dritt tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella, fl-assenza ta' tali ġurisprudenza, li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tant tkun evidenti għall-qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li, peress li, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' motiv ta' inammissibbiltà ta' natura purament proċedurali, tali qorti nazzjonali ma tistax tiċħad talba għal awtorizzazzjoni ta' appell għal reviżjoni li tqajjem kwistjoni dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni mingħajr ma tevalwa minn qabel jekk tkunx obbligata tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew jekk din tal-aħħar taqax taħt waħda mill-eċċezzjonijiet għall-obbligu tar-rinviju, din il-qorti nazzjonali għandha, meta tiċħad tali talba għal awtorizzazzjoni abbażi ta' waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet, tindika r-raġunijiet għalfejn hija ma tkunx għamlet ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

# VIII. Agrikoltura u sajd [125]

**Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Herbaria Kräuterparadies II (C-240/23, EU:C:2024:852)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura u sajd – Prodotti organiċi – Regolament (UE) 2018/848 – Regoli dwar il-produzzjoni organika – Artikolu 16 – Ittikkettjar – Artikolu 30 – Termini li jirreferu għall-produzzjoni organika – Artikolu 33 – Logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea – Kundizzjonijiet għall-użu – Konformità tal-prodott mar-Regolament 2018/848 – Artikoli 45 u 48 – Importazzjoni ta' prodotti minn pajjiż terz sabiex jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni bħala prodotti organiċi – Ekwivalenza tar-regoli ta' produzzjoni ta' dan il-pajjiż terz mar-regoli tar-Regolament 2018/848 – Użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-pajjiż terz"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet għall-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' importazzjoni ta' prodotti li jkunu jinkludu, minbarra prodotti organiċi, vitamini u minerali li ma jkunux ġejjin mill-agrikoltura organika.

Herbaria kienet tipproduċi xarba, imsejħa "Blutquick", magħmula minn taħlita ta' meraq tal-frott u ta' estratti ta' ħwawar li kienu ġejjin minn produzzjoni organika. Ma' din ix-xarba li kienet ikkummerċjalizzata bħala suppliment tal-ikel kienu jiġu miżjuda vitamini mhux veġetali u l-glukonat ferruż. Fuq l-imballaġġ kien hemm inkluż il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, it-tikketta organika nazzjonali kif ukoll riferiment għall-fatt li l-ingredjenti kienu joriġinaw minn "agrikoltura organika kkontrollata".

Il-Bayerische Landesanstalt für Landwirtschaft (l-Istitut tal-Agrikoltura tal-Land ta' Bayern, il-Ġermanja), peress li qies li din ix-xarba ma kinitx konformi mal-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008 [126] minħabba li kien fiha minerali u vitamini ta' oriġini mhux veġetali filwaqt li l-liġi ma kinitx teżiġi dan [127], ordna lil Herbaria tneħħi r-riferiment għall-produzzjoni organika protetta skont l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 834/2007 [128] li kien jinsab fuq l-ittikkettjar, fir-reklamar u waqt il-kummerċjalizzazzjoni ta' Blutquick.

Herbaria kkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Quddiem din tal-aħħar, Herbaria ma baqgħetx tikkontesta n-nuqqas ta' konformità tal-prodott tagħha mad-dritt tal-Unjoni [129] u, għaldaqstant, il-projbizzjoni li dan juża l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, it-tikketta organika nazzjonali u termini li jirreferu għall-produzzjoni organika. Madankollu, Herbaria sostniet li,

---

[125] F'din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll dawn is-sentenzi: is-sentenza tad-9 ta' April 2024, ***Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali)*** (C-551/21, EU:C:2024:281), ippreżentata fit-Taqsima XIX.1, "Negozjati u konklużjoni", is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Confédération paysanne (Bettieħ u tadam mis-Saħara tal-Punent)*** (C-399/22, EU:C:2024:839), is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario*** (C-778/21 P u C-798/21 P, EU:C:2024:833), u s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario*** (C-779/21 P u C-799/21 P, EU:C:2024:835), ippreżentati fit-Taqsima XIX.2, "Kontenut u portata".

[126] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU 2008, L 250, p. 1).

[127] Iż-żieda ta' vitamini u ta' minerali f'prodotti pproċessati li kellhom it-terminu "organiku" kienet permessa biss, skont ir-regolamenti applikabbli, jekk l-użu tagħhom kien meħtieġ mil-liġi.

[128] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU 2007, L 189, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 68, p. 61 u fil-ĠU 2014, L 300, p. 72).

[129] F'dan il-każ, l-Artikolu 16(1) tar-Regolament 2018/848, moqri flimkien mal-punt 2.2.2(f)(i) tal-Parti IV tal-Anness II tiegħu, li, essenzjalment, issostitwixxa l-Artikolu 27(1)(f) tar-Regolament Nru 889/2008.

skont ir-Regolament 2018/848 [130], prodott li kien jikkompeti ma' Blutquick, importat mill-Istati Uniti tal-Amerika, ma kienx suġġett għal tali projbizzjoni, minkejja li ma kienx konformi mar-regoli ta' produzzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li kien jikkostitwixxi inugwaljanza fit-trattament bi ksur tal-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni jekk ir-Regolament 2018/848 kienx jippermetti li prodott importat minn pajjiż terz fil-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament ikollu l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea kif ukoll termini li jirreferu għall-produzzjoni organika, minkejja li ma jkunx totalment konformi mar-rekwiżiti stabbiliti mill-imsemmi regolament.

Fis-sentenza tagħha, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat ir-Regolament 2018/848 [131] fis-sens li prodott importat minn pajjiż terz, li r-regoli ta' produzzjoni tiegħu jkunu ġew irrikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk previsti minn dan ir-regolament għat-tqegħid fis-suq ta' prodott fl-Unjoni bħala prodott organiku, ma jistax juża, għall-ittikkettjar tiegħu, la l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea u lanqas, bħala prinċipju, termini li jirreferu għall-produzzjoni organika, meta jkun fih minerali u vitamini ta' oriġini mhux veġetali, li ma jkunux meħtieġa mil-liġi, u għalhekk ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 16(1) tal-imsemmi regolament. Il-logo tal-produzzjoni organika ta' dan il-pajjiż terz jista' madankollu jintuża fl-Unjoni għal tali prodott, anki meta dan il-logo jkun fih termini li jirreferu għall-produzzjoni organika, fis-sens tar-Regolament 2018/848.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-formulazzjoni tal-Artikolu 30(2) u tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament 2018/848 donnha tindika li l-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea u tat-termini li jirreferu għall-produzzjoni organika huwa awtorizzat għal prodotti organiċi, kemm jekk dawn jiġu mmanifatturati fl-Unjoni jew jiġu importati minn pajjiż terz għall-finijiet tat-tqegħid tagħhom fis-suq fl-Unjoni bħala prodotti organiċi, biss jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-regolament.

Din l-interpretazzjoni letterali hija kkorroborata mill-kuntest li jagħmlu parti minnu dawn id-dispożizzjonijiet. Fil-fatt, ir-Regolament 2018/848 jagħmel distinzjoni bejn il-prodotti mmanifatturati fl-Unjoni [132] u dawk li jiġu importati minn pajjiż terz, għall-finijiet tat-tqegħid tagħhom fis-suq fl-Unjoni bħala prodotti organiċi, li għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45 tar-Regolament 2018/848 u, b'mod partikolari, waħda mit-tliet kundizzjonijiet previsti fil-punti (i) sa (iii) tal-Artikolu 45(1)(b) tal-imsemmi regolament. Dawn it-tliet kundizzjonijiet jirrigwardaw, rispettivament, l-ipoteżi li fiha l-prodotti importati jkunu konformi mal-Kapitoli II, III u IV tal-imsemmi regolament (l-ipoteżi msemmija fil-punt (i)), dik li fiha jkunu rregolati minn regoli ekwivalenti fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, irrikonoxxuti bħala tali skont ftehim kummerċjali (l-ipoteżi msemmija fil-punt (ii)), u fl-aħħar nett dik li fiha n-natura ekwivalenti ta' dawn ir-regoli tkun irrikonoxxuta bħala miżura unilaterali tal-Unjoni (l-ipoteżi msemmija fil-punt (iii)).

Issa, fost dawn it-tliet kundizzjonijiet, hija biss dik imsemmija fil-punt (i) li teżiġi li l-prodott importat ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II, III u IV ta' dan ir-regolament. Konsegwentement,

---

130 Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU 2018, L 150, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2018, L 260, p. 25, fil-ĠU 2018, L 262, p. 90, fil-ĠU 2018, L 270, p. 37, fil-ĠU 2019, L 305, p. 59, fil-ĠU 2021, L 7, p. 53, fil-ĠU 2021, L 204, p. 47, fil-ĠU 2021, L 318, p. 5 u fil-ĠU 2022, L 321, p. 74).

131 F'dan il-każ, l-Artikolu 30(2) u l-Artikolu 33(1) tar-Regolament 2018/848.

132 Li kellhom josservaw ir-regoli ta' produzzjoni ddettaljati li jinsabu fil-Parti IV tal-Anness II tar-Regolament 2018/848 kif ukoll fi kwalunkwe att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 16(3) tiegħu.

prodott li jikkorrispondi għall-każ imsemmi fl-Artikolu 45(1)(b)(iii) tar-Regolament 2018/848 [133], minkejja li ma jkunx josserva r-regoli ta' produzzjoni kollha msemmija fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament, jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni bħala prodott organiku, sakemm dan ikun prodott li joriġina minn pajjiż terz li r-regoli ta' produzzjoni tiegħu fis-seħħ jkunu tqiesu mill-Unjoni bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-imsemmi Kapitolu III, u li jissodisfa l-imsemmija regoli. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżat li l-kunċett ta' "ekwivalenza" tar-regoli ta' produzzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat jippreżumi li dawn ikunu jissodisfaw l-istess għanijiet u jkunu josservaw l-istess prinċipji, bl-applikazzjoni ta' regoli li jiggarantixxu l-istess livell ta' garanzija ta' konformità bħal dak meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-prodotti mmanifatturati fl-Unjoni [134].

Għall-kuntrarju, l-ebda dispożizzjoni tar-Regolament 2018/848 ma tippermetti l-użu tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea u ta' termini li jirreferu għall-produzzjoni organika għal prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi rrikonoxxuti għall-finijiet tal-ekwivalenza, sa fejn dawn il-prodotti, għalkemm ikunu jistgħu jiġu importati fl-Unjoni skont l-Artikolu 45(1)(b)(iii) ta' dan ir-regolament, ma jkunux konformi mar-regoli ta' produzzjoni stabbiliti mill-imsemmi regolament.

Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-għanijiet tar-Regolament 2018/848, li huwa intiż, b'mod partikolari, li jippreżerva l-fiduċja li l-konsumaturi jkollhom fil-prodotti ttikkettati bħala prodotti organiċi, billi jiżguralhom informazzjoni ċara u nieqsa minn ambigwità, dwar il-fatt li l-prodott li fuqu jidher il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jew jidhru termini li jirreferu għall-produzzjoni organika jkun kompletament konformi mar-rekwiżiti kollha stabbiliti mill-imsemmi regolament, u mhux biss ma' regoli ekwivalenti għal dan tal-aħħar.

Issa, il-possibbiltà li jintuża l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jew li jintużaw termini li jirreferu għall-produzzjoni organika, kemm għall-prodotti li jkunu ġew immanifatturati fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi b'osservanza tar-regoli ta' produzzjoni stabbiliti mir-Regolament 2018/848 kif ukoll għal dawk li jkunu ġew prodotti f'pajjiżi terzi skont regoli li huma biss ekwivalenti għal dawn ir-regoli ta' produzzjoni, ma tippermettix lill-konsumatur ikun jaf jekk prodott importat jikkonformax mar-regoli kollha ta' produzzjoni stabbiliti mir-Regolament 2018/848 jew jekk josservax biss ir-regoli ta' produzzjoni tal-pajjiż terz li minnu kien importat li huma ekwivalenti għal dawk ta' dan ir-regolament.

F'dan ir-rigward, l-indikazzjoni ta' oriġini li għandha tiġi miżjuda skont l-Artikolu 32(2) tar-Regolament 2018/848, meta l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jintuża fuq prodott, li tippreċiża l-post fejn il-materja prima agrikola li tifforma dan il-prodott tkun ġiet prodotta, ma hijiex biżżejjed sabiex tneħħi kull ambigwità għall-konsumatur.

Madankollu, sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ mal-pajjiżi terzi u sabiex jiġi żgurat l-effett utli tal-Artikolu 45(1)(b)(iii) tar-Regolament 2018/848, li jagħti lill-Kummissjoni Ewropea l-kompetenza sabiex tirrikonoxxi li r-regoli ta' pajjiż terz ikunu ekwivalenti għal dawk ta' dan ir-regolament, il-prodotti importati skont din id-dispożizzjoni, li jkollhom aċċess għas-suq tal-Unjoni bħala prodotti organiċi, għandhom ikunu jistgħu jużaw il-logo tal-produzzjoni organika tal-pajjiż terz li joriġinaw minnu, anki meta dan il-logo jkun fih termini identiċi għal dawk li jirreferu għall-produzzjoni organika, fis-sens tal-Artikolu 30(1) ta' dan ir-regolament u tal-Anness IV tiegħu.

---

133 Dan kien il-każ imsemmi mill-qorti tar-rinviju.

134 Il-punt 64 tal-Artikolu 3 tar-Regolament 2018/848.

# IX. Kontroll fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni

## 1. Politika tal-ażil

### a. Kundizzjonijiet għall-għoti tal-protezzjoni internazzjonali

**Sentenza tas-16 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), Intervyuirasht organ na DAB pri MS (Nisa vittmi ta' vjolenza domestika) (C-621/21, EU:C:2024:47)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika komuni fil-qasam tal-ażil – Direttiva 2011/95/UE – Kundizzjonijiet sabiex persuna tkun tista' tibbenefika minn status ta' refuġjat – Artikolu 2(d) – Raġunijiet għal persekuzzjoni – 'Appartenenza għal grupp soċjali partikolari' – Artikolu 10(1)(d) – Atti ta' persekuzzjoni – Artikolu 9(1) u (2) – Konnessjoni bejn ir-raġunijiet u l-atti ta' persekuzzjoni, jew bejn ir-raġunijiet ta' persekuzzjoni u l-assenza ta' protezzjoni minn tali atti – Artikolu 9(3) – Atturi mhux statali – Artikolu 6(c) – Kundizzjonijiet għal protezzjoni sussidjarja – Artikolu 2(f) – 'Dannu serju' – Artikolu 15(a) u (b) – Evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat jew tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja – Artikolu 4 – Vjolenza kontra n-nisa abbażi tas-sess – Vjolenza domestika – Theddida ta' 'delitt fuq l-unur'"*"

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, għamlet preċiżazzjonijiet dwar ir-raġuni ta' persekuzzjoni li tista' twassal għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat kkostitwita mill-"appartenenza għal grupp soċjali partikolari" [135] meta l-applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun mara, li tallega li tibża', fil-każ li tirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tagħha, li tinqatel jew li jiġu imposti fuqha atti ta' vjolenza minn membru tal-familja jew tal-komunità tagħha, minħabba l-allegat ksur ta' normi kulturali, reliġjużi jew tradizzjonali.

WS kienet ċittadina Torka ta' oriġini Kurda. Wara li waslet legalment fil-Bulgarija f'Ġunju 2018, hija ngħaqdet ma' membru tal-familja tagħha fil-Ġermanja, fejn ippreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Wara applikazzjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi, WS ittieħed lura mill-awtoritajiet Bulgari għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tagħha, skont deċiżjoni adottata fi Frar 2019 mill-Aġenzija Nazzjonali għar-Refuġjati [136] (iktar 'il quddiem id-"DAB").

Waqt l-interrogazzjonijiet li saru f'Ottubru 2019, WS iddikjarat li kienet miżżewġa bil-forza, fl-età ta' sittax-il sena, u li kienet suġġetta għal vjolenza domestika. WS ħarbet mid-dar matrimonjali f'Settembru 2016. Fl-2017, hija daħlet fi żwieġ reliġjuż u, f'Mejju 2018, hija kellha wild minn dan iż-żwieġ. Wara t-tluq tagħha mit-Turkija, hija ddivorzjat uffiċjalment mill-ewwel konjuġi tagħha f'Settembru 2018, minkejja l-kontestazzjonijiet ta' dan tal-aħħar. Għal dawn ir-raġunijiet, hija ddikjarat li kienet qiegħda tibża' li l-familja tagħha kienet ser toqtolha jekk tirritorna lejn it-Turkija.

Permezz ta' deċiżjoni adottata f'Mejju 2020, il-President tad-DAB ċaħad l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn WS, billi qies, minn naħa, li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat ma kinux issodisfatti. Huwa qies li r-raġunijiet invokati minn WS, b'mod partikolari l-atti ta' vjolenza domestika jew it-theddid ta' mewt li saru kontriha ma kinux rilevanti, peress li ma setgħu jkunu marbuta ma' ebda waħda mir-raġunijiet ta' persekuzzjoni msemmija fil-Liġi dwar l-Ażil u r-Refuġjati, li tittrasponi d-Direttiva 2011/95 fid-dritt Bulgaru. Barra minn hekk, WS ma kinitx iddikjarat li kienet ippersegwitata minħabba s-sess tagħha.

---

[135] Skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

[136] Darzhavna agentsia za bezhantsite (l-Aġenzija Nazzjonali għar-Refuġjati, il-Bulgarija).

Min-naħa l-oħra, l-għoti tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja ġie rrifjutat lil WS. Tqies li hija ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan l-għan, sa fejn, fl-ewwel lok, la l-awtoritajiet uffiċjali u lanqas ċerti entitajiet mhux statali ma kienu ħadu azzjonijiet fil-konfront tagħha li l-Istat ma kienx f'pożizzjoni li jikkontrolla. Fit-tieni lok, WS ma informatx lill-pulizija bl-aggressjoni kriminali li kkonċernaha, ma ressqitx ilment u kienet telqet legalment mit-Turkija.

Ir-rikors ippreżentat minn WS kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud.

F'April 2021, abbażi ta' provi ġodda, WS ippreżentat applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali, billi invokat biża' fondata ta' persekuzzjoni, minħabba s-sħubija tagħha fi grupp soċjali partikolari, dak tan-nisa vittmi ta' vjolenza domestika u ta' nisa li jistgħu jkunu vittmi ta' delitti tal-unur, minn atturi mhux statali li kontra tagħhom l-Istat Tork ma jistax jipproteġiha. Filwaqt li opponiet ir-refoulement tagħha lejn it-Turkija, hija indikat li kienet qiegħda tibża' li tkun vittma ta' delitt tal-unur jew li tkun miżżewġa bil-forza għal darb' oħra.

F'Mejju 2021, id-DAB irrifjutat li tiftaħ mill-ġdid il-proċedura għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, billi qieset b'mod partikolari li WS ma kienet ippreżentat ebda element importanti ġdid relatat mas-sitwazzjoni personali tagħha jew mal-Istat ta' oriġini tagħha.

Adita b'rikors kontra din id-deċiżjoni, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2011/95, fejn stednitha tippreċiża l-kundizzjonijiet tad-dritt sostantiv li jirregolaw l-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u t-tip ta' protezzjoni internazzjonali li għandha tingħata f'tali ċirkustanzi.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk, abbażi tad-Direttiva 2011/95, skont il-kundizzjonijiet prevalenti fil-pajjiż ta' oriġini, in-nisa ta' dan il-pajjiż setgħux jitqiesu, fl-intier tagħhom, bħala li jappartjenu għal "ċertu grupp soċjali", bħala "raġuni ta' persekuzzjoni" li setgħet twassal għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat, jew jekk in-nisa kkonċernati kellhomx jikkondividu karatteristika komuni addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jitqiesu li jappartjenu għal tali grupp.

F'dan ir-rigward, hija enfasizzat, qabel kollox, li l-Konvenzjoni ta' Istanbul [137] tistabbilixxi obbligi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 78(2) TFUE, li jawtorizza lil-leġiżlatur tal-Unjoni jadotta miżuri dwar sistema Ewropea komuni ta' ażil, bħalma hija d-Direttiva 2011/95. Għalhekk, din il-konvenzjoni, sa fejn għandha rabta mal-ażil u man-non-refoulement, tifforma parti mit-Trattati li fid-dawl tagħhom għandha tiġi interpretata l-imsemmija direttiva [138], minkejja li ċerti Stati Membri, fosthom ir-Repubblika tal-Bulgarija, ma rratifikawhiex.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li mill-Artikolu 10(1)(d) tad-Direttiva 2011/95 jirriżulta li grupp jitqies li huwa "grupp soċjali partikolari" meta jkunu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Fl-ewwel lok, il-membri tal-grupp ikkonċernat għandhom jikkondividu mill-inqas waħda mit-tliet karatteristiċi ta' identifikazzjoni stabbiliti minn din id-dispożizzjoni [139]. Fit-tieni lok, dan il-grupp għandu jkollu l-"identità distinta" tiegħu fil-pajjiż ta' oriġini.

---

[137] Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, konkluża f'Istanbul fil-11 ta' Mejju 2011, iffirmata mill-Unjoni Ewropea fit-13 ta' Ġunju 2017, approvata f'isimha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 (ĠU 2023, L 143 I, p. 4) (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Istanbul"). Din il-konvenzjoni ilha torbot lill-Unjoni mill-1 ta' Ottubru 2023.

[138] Skont l-Artikolu 78(1) TFUE.

[139] Jiġifieri "karatteristika intrinsika" jew "storja komuni li ma tistax tinbidel", jew anki "karatteristika jew twemmin tant essenzjali għall-identità jew għal kuxxjenza li ma għandux ikun meħtieġ minn persuna li hija tirrinunzja għaliha".

Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni ta' identifikazzjoni ta' "ċertu grupp soċjali", il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fatt li wieħed ikun ta' sess femminili jikkostitwixxi karatteristika innata u huwa biżżejjed, għaldaqstant, sabiex jissodisfa din il-kundizzjoni. Dan ma jeskludix li nisa li jikkondividu karatteristika komuni supplimentari, bħal, pereżempju, storja komuni li ma tistax tinbidel [140], jistgħu jappartjenu wkoll għal tali kategorija fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni ta' identifikazzjoni ta' "ċertu grupp soċjali", il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li n-nisa, irrispettivament minn jekk għandhomx karatteristika komuni addizzjonali jew le, jistgħu jiġu pperċepiti b'mod differenti mis-soċjetà ta' madwarhom u tiġi rrikonoxxuta lilhom identità proprja f'din is-soċjetà, b'mod partikolari minħabba regoli soċjali, morali jew legali li jkunu stabbiliti fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-appartenenza għal "ċertu grupp soċjali" għandha tiġi kkonstatata indipendentement mill-atti ta' persekuzzjoni [141] li l-membri ta' dan il-grupp jistgħu jkunu vittmi tagħhom fil-pajjiż ta' oriġini. Madankollu, diskriminazzjoni jew persekuzzjoni mġarrba minn persuni li jkollhom karatteristika komuni tista' tikkostitwixxi fattur rilevanti meta, sabiex jiġi vverifikat jekk it-tieni kundizzjoni ta' identifikazzjoni ta' grupp soċjali tkunx issodisfatta, ikollu jiġi evalwat jekk il-grupp inkwistjoni jidhirx li jkun distint fid-dawl tar-regoli soċjali, morali jew legali tal-pajjiż ta' oriġini inkwistjoni.

Għaldaqstant, minn naħa, in-nisa, fit-totalità tagħhom, jistgħu jitqiesu li jappartjenu għal "ċertu grupp soċjali", fis-sens tal-Artikolu 10(1)(d) tad-Direttiva 2011/95, meta jiġi stabbilit li, skont il-kundizzjonijiet prevalenti fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, huma jkunu, minħabba s-sess tagħhom, esposti għal vjolenza fiżika jew mentali, inkluża vjolenza sesswali u vjolenza domestika. Min-naħa l-oħra, gruppi iktar ristretti ta' nisa li jikkondividu karatteristika komuni addizzjonali [142] jistgħu jitqiesu li jappartjenu għal grupp soċjali b'identità proprja fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, jekk, minħabba din il-karatteristika, dawn in-nisa jiġu stigmatizzati u esposti għad-diżapprovazzjoni tas-soċjetà madwarhom li twassal għall-esklużjoni soċjali tagħhom jew għal atti ta' vjolenza.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk, meta applikant jallega li jibża' li jiġi ppersegwitat fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu minn atturi mhux statali, id-Direttiva 2011/95 teżiġix li tiġi stabbilita rabta bejn l-atti ta' persekuzzjoni u tal-inqas waħda mir-raġunijiet ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2011/95. Hija rrilevat li, skont l-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva, moqri flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra [143], ir-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat jippreżupponi li tiġi stabbilita rabta bejn, minn naħa, ir-raġunijiet ta' persekuzzjoni ċċitati iktar 'il fuq u, min-naħa l-oħra, jew l-atti ta' persekuzzjoni [144], jew l-assenza ta' protezzjoni, mill-"atturi tal-protezzjoni" [145], kontra atti ta' persekuzzjoni mwettqa minn "atturi mhux statali". Għalhekk, fil-preżenza ta' att ta' persekuzzjoni mwettaq minn attur mhux statali, il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 9(3), iċċitata iktar 'il fuq [146] tkun issodisfatta meta dan l-att ikun ibbażat fuq waħda mir-raġunijiet ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva, anki jekk l-assenza ta' protezzjoni ma tkunx ibbażata fuq dawn ir-

---

140 Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat b'mod partikolari li l-fatt li n-nisa jkunu evadew żwieġ sfurzat jew telqu mid-dar matrimonjali jista' b'mod partikolari jitqies li huwa storja komuni li ma tistax tinbidel, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

141 Fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/95.

142 Bħala eżempju ta' tali karatteristika komuni supplimentari, il-Qorti tal-Ġustizzja semmiet is-sitwazzjoni tan-nisa li jirrifjutaw żwieġ sfurzat, meta tali prattika tista' titqies bħala regola soċjali fi ħdan is-soċjetà tagħhom, jew is-sitwazzjoni ta' dawk li jiksru tali regola billi jtemmu dan iż-żwieġ.

143 F'dan il-każ, moqri flimkien mal-Artikolu 6(c) u mal-Artikolu 7(1) fid-dawl tal-premessa 29 tad-Direttiva 2011/95.

144 Fis-sens tal-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva 2011/95.

145 Dawn l-"atturi tal-protezzjoni" huma ddefiniti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/95.

146 Din il-kundizzjoni hija prevista fl-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2011/95.

raġunijiet. Din il-kundizzjoni għandha wkoll titqies li tkun issodisfatta meta l-assenza ta' protezzjoni tkun ibbażata fuq waħda mir-raġunijiet ta' persekuzzjoni msemmija f'din l-aħħar dispożizzjoni, anki meta l-att ta' persekuzzjoni mwettaq minn attur mhux statali ma jkunx ibbażat fuq dawn ir-raġunijiet. Konsegwentement, meta applikant jallega biża' ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu minn atturi mhux statali, ma huwiex neċessarju li tiġi stabbilita rabta bejn waħda mir-raġunijiet ta' persekuzzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2011/95 u atti ta' persekuzzjoni, jekk tali rabta tkun tista' tiġi stabbilita bejn waħda minn dawn ir-raġunijiet ta' persekuzzjoni u l-assenza ta' protezzjoni kontra dawn l-atti mill-atturi tal-protezzjoni [147].

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' dannu serju [148], li jista' jwassal għar-rikonoxximent tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja [149], ikopri t-theddida reali, imposta fuq l-applikant, li jinqatel jew li jiġu imposti fuqu atti ta' vjolenza minn membru tal-familja tiegħu jew tal-komunità tiegħu, minħabba l-allegat ksur ta' regoli kulturali, reliġjużi jew tradizzjonali. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, hija rrilevat li l-Artikolu 15(a) u (b) tad-Direttiva 2011/95 [150] jikklassifika bħala "dannu serju" l-"piena kapitali jew eżekuzzjoni" u t-"tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig ta' applikant fil-pajjiż ta' oriġini". Fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 15(a) tad-Direttiva 2011/95 li tiġi żgurata protezzjoni lill-persuni li d-dritt għall-ħajja tagħhom ikun mhedded fil-każ ta' ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, il-kelma "eżekuzzjoni" li tinsab fih ma tistax tiġi interpretata bħala li teskludi preġudizzju għall-ħajja għas-sempliċi raġuni li dawn jitwettqu minn atturi mhux statali. Għalhekk, meta mara tkun f'riskju reali li tinqatel jew li jiġu imposti fuqha atti ta' vjolenza minn membru tal-familja jew tal-komunità tagħha minħabba l-allegat ksur ta' regoli kulturali, reliġjużi jew tradizzjonali, tali dannu serju għandu jiġi kklassifikat bħala "eżekuzzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

### Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi) (C-646/21, EU:C:2024:487)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika komuni fil-qasam tal-ażil – Direttiva 2011/95/UE – Kundizzjonijiet sabiex persuna tkun tista' tibbenefika mill-istatus ta' refuġjat – Artikolu 2(d) u (e) – Raġunijiet għall-persekuzzjoni – Artikolu 10(1)(d) u (2) – 'Sħubija fi grupp soċjali partikolari' – Artikolu 4 – Evalwazzjoni individwali tal-fatti u taċ-ċirkustanzi – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 10(3) – Kundizzjonijiet li huwa suġġett għalihom l-eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali – Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – L-aħjar interessi tal-wild – Determinazzjoni – Ċittadini ta' pajjiż terz minuri li jidentifikaw ruħhom mal-valur fundamentali tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel minħabba r-residenza tagħhom fi Stat Membru"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk iċ-ċittadini ta' pajjiż terz minuri li jidentifikaw ruħhom mal-valur fundamentali tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel minħabba r-residenza tagħhom fi Stat Membru jistgħux jitqiesu li jappartjenu għal "grupp soċjali partikolari" [151], bħala "raġuni għal persekuzzjoni" li tista' twassal għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat.

---

147 Fis-sens tal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva.

148 Previst fl-Artikolu 15(a) u (b) tad-Direttiva 2011/95.

149 Fis-sens tal-Artikolu 2(g) tad-Direttiva 2011/95.

150 Moqri fid-dawl tal-premessa 34 tad-Direttiva 2011/95.

151 Skont l-Artikolu 10(1)(d) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9), għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-raġunijiet għal persekuzzjoni, grupp jitqies bħala "grupp soċjali partikolari" meta, b'mod partikolari, il-membri tiegħu jikkondividu karatteristika innata jew storja

K u L, żewġt aħwa ta' nazzjonalità Iraqina, twieldu rispettivament fl-2003 u fl-2005. Huma waslu fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2015 u minn dak iż-żmien irrisjedew hemmhekk mingħajr interruzzjoni. L-applikazzjonijiet tagħhom għall-ażil, ippreżentati f'Novembru 2015, ġew miċħuda fi Frar 2017. F'April 2019, huma ppreżentaw applikazzjonijiet sussegwenti [152], li ġew miċħuda bħala manifestament infondati f'Diċembru 2020. Sabiex jikkontestaw dawn id-deċiżjonijiet ta' ċaħda, K u L sostnew quddiem il-qorti tar-rinviju li, bħala konsegwenza tar-residenza tagħhom fit-tul fil-Pajjiżi l-Baxxi, huma kienu ġew "oċċidentalizzati". Huma kienu jibżgħu li kienu ser jiġu ppersegwitati fil-każ ta' ritorn fl-Iraq minħabba l-identità li huma fformaw fil-Pajjiżi l-Baxxi, ikkaratterizzata mill-assimilazzjoni ta' normi, ta' valuri u ta' aġir differenti minn dawk tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, li saru tant essenzjali għall-identità tagħhom u l-kuxjenza tagħhom li huma ma setgħux jirrinunzjaw għalihom. Huma sostnew għalhekk li kienu jappartjenu għal "grupp soċjali partikolari" fis-sens tal-Artikolu 10(1)(d) tad-Direttiva 2011/95.

F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju staqsiet, minn naħa, dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "sħubija fi grupp soċjali partikolari" u, min-naħa l-oħra, dwar il-mod kif għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal, iggarantit fl-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, fil-kuntest tal-proċedura ta' eżami tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li grupp jitqies li huwa "grupp soċjali partikolari" meta jkunu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi. Minn naħa, il-persuni li jistgħu jkunu msieħba f'dan il-grupp għandhom jikkondividu mill-inqas waħda mit-tliet karatteristiċi ta' identifikazzjoni, jiġifieri "karatteristika innata", "storja komuni li ma tistax tinbidel", jew inkella "karatteristika jew twemmin tant fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna ma għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih". Min-naħa l-oħra, dan il-grupp għandu jkollu l-"identità distinta" tiegħu fil-pajjiż ta' oriġini "minħabba li huwa meqjus bħala differenti mis-soċjetà ta' madwaru".

Fir-rigward tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, l-identifikazzjoni effettiva ta' mara mal-valur fundamentali tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, sa fejn din tippreżupponi r-rieda li tibbenefika minn din l-ugwaljanza fil-ħajja tagħha ta' kuljum, timplika li tkun tista' twettaq liberament l-għażliet tal-ħajja tagħha stess, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-edukazzjoni u l-karriera professjonali tagħha, il-firxa u n-natura tal-attivitajiet tagħha fl-isfera pubblika, il-possibbiltà li tasal għall-indipendenza ekonomika billi taħdem barra mid-dar, id-deċiżjoni tagħha li tgħix waħedha jew fil-familja, u l-għażla tas-sieħeb tagħha, għażliet li huma essenzjali għad-determinazzjoni tal-identità tagħha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-identifikazzjoni effettiva ta' ċittadina ta' pajjiż terz ma' dan il-valur fundamentali tista' titqies bħala "karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna ma għandhiex tkun meħtieġa tirrinunzja għalih".

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, relatata mal-"identità distinta" tal-grupp fil-pajjiż ta' oriġini, in-nisa jistgħu jiġu pperċepiti b'mod differenti mis-soċjetà ta' madwarhom u tista' tiġi rrikonoxxuta lilhom identità distinta f'din is-soċjetà, b'mod partikolari minħabba r-regoli soċjali, morali jew ġuridiċi li joperaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Jissodisfaw ukoll din il-kundizzjoni nisa li għandhom karatteristika komuni addizzjonali, bħall-identifkazzjoni effettiva mal-valur fundamentali tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, meta dawn ir-regoli li joperaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom ikollhom bħala konsegwenza li dawn in-nisa, minħabba din il-karatteristika, jiġu wkoll ipperċepiti bħala li huma differenti mis-soċjetà ta' madwarhom.

komuni li ma tistax tinbidel, jew karatteristika jew twemmin li tant huwa fundamentali għall-identità jew il-kuxjenza li persuna ma għandhiex tiġi sfurzata li tirrinunzja għalih, u dan il-grupp għandu l-identità distinta fil-pajjiż inkwistjoni minħabba li huwa meqjus bħala differenti mis-soċjetà ta' madwaru.

152 Skont l-Artikolu 2(q) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60), "applikazzjoni sussegwenti" hija applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar applikazzjoni preċedenti.

Minn dan isegwi li n-nisa, inklużi dawk minuri, li jikkondividu bħala karatteristika komuni l-identifikazzjoni effettiva mal-valur fundamentali tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li seħħet matul ir-residenza tagħhom fi Stat Membru, jistgħu, skont il-kundizzjonijiet li jipprevalu fil-pajjiż ta' oriġini, jitqiesu li jappartjenu għal "grupp soċjali partikolari", inkwantu "raġuni għal persekuzzjoni" li tista' twassal għar-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-identifikazzjoni effettiva, minn ċittadina ta' pajjiż terz, ma' dan il-valur fundamentali, li tkun seħħet matul ir-residenza tagħha fi Stat Membru, ma tistax tiġi kkwalifikata bħala ċirkustanza li din iċ-ċittadina ħolqot bid-deċiżjoni tagħha stess minn meta tkun telqet mill-pajjiż ta' oriġini tagħha [153], u lanqas bħala attività li l-għan waħdieni u prinċipali tagħha kien li jinħolqu kundizzjonijiet neċessarji sabiex issir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali [154]. Fil-fatt, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, meta tali identifikazzjoni tiġi kkonstatata b'mod suffiċjenti fid-dritt, din bl-ebda mod ma tista' tiġi assimilata għall-prattiki abbużivi u ta' strumentalizzazzjoni li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2011/95 huwa intiż li jiġġieled.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun minuri, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha neċessarjament tieħu inkunsiderazzjoni, wara eżami individwalizzat, l-aħjar interessi ta' dan il-minuri meta tevalwa l-fondatezza tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li, skont l-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Istati Membri għandhom josservaw l-Artikolu 24(2) tagħha meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni u għalhekk ukoll meta jeżaminaw "applikazzjoni sussegwenti". Min-naħa l-oħra, peress li l-Artikolu 40(2) tad-Direttiva 2013/32 ma jagħmel ebda distinzjoni bejn l-ewwel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u "applikazzjoni sussegwenti" fid-dawl tan-natura tal-elementi jew tal-fatti li jistgħu juru li l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jikkwalifika għall-istatus ta' benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva 2011/95, l-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi insostenn ta' dawn l-applikazzjonijiet għandha, fiż-żewġ każijiet, issir skont l-Artikolu 4 ta' din l-aħħar direttiva.

Barra minn hekk, sabiex tiġi evalwata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali bbażata fuq raġuni ta' persekuzzjoni bħal "sħubija fi grupp soċjali partikolari", residenza għal perijodu twil fi Stat Membru tista' tittieħed inkunsiderazzjoni, speċjalment meta din tkun tikkoinċidi ma' perijodu li matulu applikant minuri jkun ifforma l-identità tiegħu.

### Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Ministerstvo vnitra České republiky, Odbor azylové a migrační politiky (C-406/22, EU:C:2024:841)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil – Protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Artikoli 36 u 37 – Kunċett ta' 'pajjiż ta' oriġini sigur' – Indikazzjoni – Anness I – Kriterji – Artikolu 46 – Dritt għal rimedju effettiv – Eżami, mill-qorti, tal-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sigur"*

Fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-limiti għall-possibbiltà, prevista għall-Istati Membri fid-Direttiva 2013/32 [155], li jindikaw pajjiżi terzi bħala pajjiżi ta' oriġini siguri kif ukoll dwar il-portata tal-

[153] Ara l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2011/95.

[154] Ara l-Artikolu 4(3)(d) tad-Direttiva 2011/95.

[155] Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60). Skont l-Artikolu 37(1) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ jew jadottaw dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jippermettulhom, konformement mal-Anness I tad-Direttiva, jindikaw pajjiżi ta' oriġini siguri, fil-livell nazzjonali, għall-finijiet tal-eżami ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

istħarriġ ta' tali indikazzjoni mill-qorti adita b'azzjoni kontra deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz indikat bħala tali.

Fid-9 ta' Frar 2022, CV, ċittadin tal-Moldova, ippreżenta fir-Repubblika Ċeka applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Insostenn ta' din l-applikazzjoni, huwa invoka, minn naħa, it-theddid li huwa kien suġġett għalih fil-Moldova min-naħa ta' individwi li l-awtoritajiet tal-pulizija ma kienx irnexxilhom jidentifikaw u, min-naħa l-oħra, l-invażjoni tal-Ukraina mill-Federazzjoni Russa. Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Marzu 2022, il-Ministerstvo vnitra České republiky (il-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika Ċeka) ċaħad din l-applikazzjoni bħala manifestament infondata għar-raġuni, b'mod partikolari, li r-Repubblika Ċeka kienet tqis lir-Repubblika tal-Moldova, bl-eċċezzjoni tat-Transnistrija, pajjiż ta' oriġini sigur, mingħajr ma CV kien irnexxielu juri li dan ma kienx japplika għall-każ partikolari tiegħu [156].

CV ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Krajský soud v Brně (il-Qorti Reġjonali ta' Brno, ir-Repubblika Ċeka). L-ewwel nett, dik il-qorti kellha dubji dwar jekk pajjiż terz jieqafx milli jkun jista' jiġi indikat bħala pajjiż ta' oriġini sigur meta dan ikun iddeċieda, kif għamlet ir-Repubblika tal-Moldova minħabba, l-ewwel, il-kriżi enerġetika li kienet għaddejja minnha u, it-tieni, l-invażjoni tal-Ukraina mill-Federazzjoni Russa, li jinvoka d-dritt ta' deroga mill-obbligi li jirriżultaw mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [157]. It-tieni nett, hija staqsiet dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li Stat Membru jindika pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sigur, bl-eċċezzjoni ta' ċerti partijiet mit-territorju tiegħu. It-tielet nett, hija staqsiet dwar il-portata tal-istħarriġ li hija kellha teżerċita fir-rigward ta' tali indikazzjoni, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-possibbiltà ta' trattament tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi indikati bħala pajjiżi ta' oriġini siguri fl-ambitu ta' proċedura mħaffa u tal-possibbiltà li dawn jiġu ddikjarati, jekk ikun il-każ, manifestament infondati.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li pajjiż terz ma jieqafx jissodisfa l-kriterji li jippermettulu li jiġi indikat bħala pajjiż ta' oriġini sigur, fis-sens tal-Artikolu 37 tad-Direttiva 2013/32, għas-sempliċi raġuni li huwa jinvoka d-dritt ta' deroga previst fl-Artikolu 15 tal-KEDB. Fil-fatt, minbarra l-garanziji marbuta mal-eżerċizzju ta' dan id-dritt, minn tali invokazzjoni la jista' jiġi dedott li dan il-pajjiż terz effettivament ikun ħa miżuri li jkollhom l-effett li jidderogaw mill-obbligi previsti minn din il-konvenzjoni u lanqas, jekk ikun il-każ, ma jkunu jistgħu jiġu dedotti n-natura u l-portata tal-miżuri derogatorji adottati.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali invokazzjoni għandha twassal lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkun indika l-pajjiż terz ikkonċernat bħala pajjiż ta' oriġini sigur sabiex jevalwaw jekk ikunx hemm lok li tali indikazzjoni tinżamm. Fil-fatt, l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2013/32 jeżiġi li l-Istati Membri għandhom jeżaminaw regolarment is-sitwazzjoni fil-pajjiżi terzi indikati bħala pajjiżi ta' oriġini siguri, peress li ċ-ċirkustanzi li jippermettu li tiġi preżunta s-sigurtà tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali f'pajjiż ta' oriġini partikolari huma, min-natura tagħhom, suġġetti għal varjazzjonijiet. Dan ir-rekwiżit ta' eżami regolari jkopri wkoll is-seħħ ta' avvenimenti sinjifikattivi, sa fejn, minħabba l-importanza tagħhom, huma jkunu jistgħu jaffettwaw il-kapaċità, għal pajjiż terz indikat bħala pajjiż ta' oriġini sigur, li jkompli jissodisfa l-kriterji stipulati, għal dan l-għan, fl-Anness I tal-imsemmija direttiva, u għalhekk li jiġi preżunt li jkun jista' jiggarantixxi s-sigurtà tal-applikanti. Issa, l-invokazzjoni tad-dritt ta' deroga previst fl-Artikolu 15 tal-KEDB tikkostitwixxi tali

---

156 Konformement mal-Artikolu 31(8)(b) u mal-Artikolu 32(2) tad-Direttiva 2013/32, meta l-applikant joriġina minn pajjiż ta' oriġini sigur, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħaffu proċedura ta' eżami u/jew li jmexxu din il-proċedura fil-fruntiera jew fiż-żoni ta' tranżitu, kif ukoll li jikkunsidraw l-applikazzjoni tiegħu bħala manifestament infondata.

157 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). L-Artikolu 15 tal-KEDB, intitolat "Deroga f'każ ta' stat ta' urġenza", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu: "Fi żmien ta' gwerra jew ta' xi emerġenza oħra pubblika li thedded il-ħajja tan-nazzjon, kull Parti Għolja Kontraenti tista' tieħu miżuri li li jnaqqsu l-obbligi tagħha skond il-Konvenzjoni safejn ikun rigorożament meħtieġ mill-esiġenzi tas-sitwazzjoni, basta li dawk il-miżuri ma jkunux inkonsistenti ma' l-obbligi l-oħra tagħha skond il-liġi internazzjonali."

avveniment, peress li ma jistax jiġi eskluż li miżuri derogatorji li jaffettwaw id-drittijiet fundamentali jkunu inkompatibbli mal-kriterji previsti fl-Anness I tad-Direttiva 2013/32. Barra minn hekk, tali invokazzjoni turi, fi kwalunkwe każ, riskju notevoli ta' bidla sinjifikattiva fir-rigward tal-mod kif jiġu applikati r-regoli fil-qasam tad-drittijiet u tal-libertajiet fil-pajjiż terz ikkonċernat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2013/32 jipprekludi li pajjiż terz ikun jista' jiġi indikat bħala pajjiż ta' oriġini sigur meta ċerti partijiet mit-territorju tiegħu ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali ta' tali indikazzjoni, stipulati fl-Anness I ta' din id-direttiva.

Dan huwa, b'mod partikolari, ikkonfermat mill-oriġini ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jindikaw, għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, bħala sigur porzjon mit-territorju ta' pajjiż terz kienet mogħtija lill-Istati Membri mid-Direttiva 2005/85 [158], b'mod partikolari mill-Artikolu 30 tagħha. Din il-possibbiltà ma għadhiex tidher fl-artikolu li ssostitwixxa lil dan tal-aħħar, jiġifieri fl-Artikolu 37 tad-Direttiva 2013/32. L-intenzjoni tat-tħassir tagħha tirriżulta mit-test stess tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li wasslet għad-Direttiva 2013/32 [159], peress li l-imsemmija possibbiltà ġiet espliċitament imħassra. Barra minn hekk, tali intenzjoni hija kkonfermata mill-ispjegazzjoni ddettaljata ta' din il-proposta [160], li ssemmi espressament ir-rieda li titneħħa l-possibbiltà kkonċernata u l-konsegwenza li tirriżulta minn tali tneħħija, jiġifieri li issa huwa meħtieġ li l-kundizzjonijiet materjali ta' tali indikazzjoni jkunu ssodisfatti għat-territorju kollu tal-pajjiż terz ikkonċernat.

Barra minn hekk, l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2013/32 – li hija maħsuba sabiex l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu pproċessati "malajr kemm jista' jkun, mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' eżami xieraq u komplut" [161] – ma jipprekludux tali konsegwenza. Sa fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni jfittex li jiggarantixxi permezz ta' din id-direttiva eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jkun kemm mgħaġġel kif ukoll eżawrjenti, huwa għandu, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali li huwa għandu, jibbilanċja dawn iż-żewġ għanijiet fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet li fihom l-Istati Membri jkunu jistgħu jindikaw pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sigur. L-assenza ta' possibbiltà għall-Istati Membri li jeskludu parti mit-territorju ta' pajjiż terz għall-finijiet ta' tali indikazzjoni tirrifletti dan l-ibbilanċjar u l-għażla ta' dan il-leġiżlatur li jiffavorixxi eżami eżawrjenti tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jkunu ġew ippreżentati minn applikanti li l-pajjiż ta' oriġini tagħhom ma jkunx jissodisfa, għat-territorju kollu tiegħu, il-kundizzjonijiet materjali stabbiliti fl-Anness I tal-imsemmija direttiva. Għalkemm ir-Regolament 2024/1348 [162], li ħassar id-Direttiva 2013/32 b'effett mid-data tat-12 ta' Ġunju 2026, jintroduċi mill-ġdid tali possibbiltà [163], din hija l-prerogattiva tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jbiddel din l-għażla, billi jwettaq ibbilanċjar ġdid. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-fatt li s-sistema legali introdotta, għal dan l-għan, permezz ta' dan ir-regolament hija differenti minn dik li kienet prevista mid-Direttiva 2005/85 jikkorrobora l-interpretazzjoni li tgħid li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma pprevediex din il-possibbiltà fid-Direttiva 2013/32.

---

158 Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-istatus ta' rifuġjat (ĠU L 2006, L 175M, p. 168). Din id-direttiva tħassret bid-Direttiva 2013/32.

159 Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali COM(2009) 554 final, p. 60.

160 COM(2009) 554 final Anness, 14959/09 ADD 1, p. 15.

161 Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Alheto (C-585/16, EU:C:2018:584, punt 109).

162 Regolament (UE) 2024/1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348).

163 L-Artikolu 61(2) tar-Regolament 2024/1348 jipprovdi li l-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sigur kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali tista' tipprevedi eċċezzjonijiet għal partijiet speċifiċi mit-territorju tiegħu jew kategoriji ta' persuni identifikabbli b'mod ċar.

Fl-aħħar nett, fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta qorti tiġi adita b'azzjoni kontra deċiżjoni li tiċħad applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali eżaminata fil-kuntest tas-sistema partikolari applikabbli għall-applikazzjonijiet ippreżentati mill-applikanti li joriġinaw minn pajjiżi terzi indikati bħala pajjiżi ta' oriġini siguri, din il-qorti għandha tqajjem, abbażi tal-elementi tal-proċess kif ukoll ta' dawk miġjuba għall-għarfien tagħha matul il-proċedura quddiemha, ksur tal-kundizzjonijiet materjali ta' tali indikazzjoni, stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/32, anki jekk dan il-ksur ma jkunx espressament invokat insostenn ta' din l-azzjoni.

Fil-fatt, l-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32 jippreċiża li l-qorti li quddiemha d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet ikkontestata għandha twettaq "eżami sħiħ u *ex nunc* ta' kemm il-fatti kif ukoll il-punti tal-liġi, inkluż fejn applikabbli eżami tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali". Il-kliem "fejn applikabbli" li jinsabu f'din is-sentenza juru l-fatt li l-eżami sħiħ u *ex nunc* li l-qorti għandha tagħmel jista' jikkonċerna l-aspetti proċedurali ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Issa, l-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sigur taqa' taħt dawn l-aspetti proċedurali sa fejn hija ta' natura li tinkludi effetti fuq il-proċedura tal-eżami li tirrigwarda tali applikazzjonijiet.

F'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' ċaħda kienet ibbażata fuq il-fatt li CV kien joriġina mir-Repubblika tal-Moldova, peress li r-Repubblika Ċeka indikat lil dan il-pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sigur, bl-eċċezzjoni tat-Transnistrija. Għalhekk, l-indikazzjoni ta' dan il-pajjiż terz bħala pajjiż ta' oriġini sigur kienet tikkostitwixxi wieħed mill-elementi tal-proċess miġjuba għall-għarfien tal-qorti tar-rinviju u li din kellha tqis fil-kuntest tal-azzjoni kontra l-imsemmija deċiżjoni. Minn dan kellu jiġi konkluż li, f'tali ċirkustanzi, anki jekk ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma kienx invokah espressament, eventwali ksur tar-regoli previsti mid-Direttiva 2013/32 għall-finijiet ta' tali indikazzjoni sabiex il-proċedura ta' eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiġi suġġetta għas-sistema partikolari kien jikkostitwixxi punt ta' liġi li l-qorti tar-rinviju kellha tikkunsidra abbażi tal-eżami sħiħ u *ex nunc* impost mill-Artikolu 46(3) ta' din id-direttiva.

### b. Modalitajiet ta' eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fil-każ li tiġi ppreżentata applikazzjoni għal-ażil ġdida

**Sentenza tat-8 ta' Frar 2024 (Awla Manja), Bundesrepublik Deutschland (Ammissibbiltà ta' applikazzjoni sussegwenti) (C-216/22, EU:C:2024:122)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 33(2)(d) u Artikolu 40(2) u (3) – Applikazzjoni sussegwenti – Kundizzjonijiet għaċ-ċaħda ta' tali applikazzjoni bħala inammissibbli – Kunċett ta' 'element jew fatt ġdid' – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Artikolu 46 – Dritt għal rimedju effettiv – Ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu ta' tali applikazzjoni fil-każ ta' illegalità tad-deċiżjoni li tiċħad l-applikazzjoni bħala inammissibbli – Garanziji proċedurali – Artikolu 14(2)"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Verwaltungsgericht Sigmaringen (il-Qorti Amministrattiva ta' Sigmaringen, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, b'mod partikolari, dwar il-kwistjoni ta' jekk sentenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkostitwixxix element ġdid li jimplika li applikazzjoni sussegwenti għall-ażil għandha tiġi eżaminata fuq il-mertu u mhux miċħuda bħala inammissibbli.

Fis-26 ta' Lulju 2017, ċittadin Sirjan ippreżenta applikazzjoni għall-ażil fil-Ġermanja. Waqt l-intervista tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti Ġermaniża, huwa espona li kien wettaq is-servizz militari tiegħu

fis-Sirja bejn is-sena 2003 u s-sena 2005 u li huwa kien telaq minn dan il-pajjiż minħabba l-biża' li jissejjaħ lura għas-servizz militari jew li jiġi arrestat jekk jirrifjuta li jaqdi l-obbligi militari tiegħu.

Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Awwissu 2017, l-awtorità kompetenti Ġermaniża tat lill-applikant il-protezzjoni sussidjarja, iżda rrifjutat li tagħtih l-istatus ta' refuġjat. Hija qieset b'mod partikolari li ma kienx hemm lok li jiġi preżunt li, peress li telaq mis-Sirja qabel ma ssejjaħ sabiex jingħaqad mal-armata Sirjana, l-applikant kien ser jitqies, f'pajjiżu, bħala deżertur jew opponent għar-reġim. Barra minn hekk, huwa ma stabbilixxiex li l-koskrizzjoni kienet ir-raġuni tat-tluq tiegħu. Fil-fatt, huwa invoka biss, b'mod ġenerali, is-sitwazzjoni ta' periklu minħabba l-gwerra fis-Sirja.

L-applikant ma ppreżentax rikors kontra din id-deċiżjoni, li għalhekk saret definittiva. Madankollu, fil-15 ta' Jannar 2021, huwa ppreżenta applikazzjoni ġdida għall-ażil ("applikazzjoni sussegwenti għal ażil") li fiha huwa invoka s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Novembru 2020, Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (Servizz militari u ażil) [164]. Huwa sostna li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet indikat li, f'ċerti ċirkustanzi, teżisti "preżunzjoni qawwija" li r-rifjut tas-servizz militari jkun marbut ma' waħda mir-raġunijiet ta' persekuzzjoni elenkati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2011/95 [165].

Permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Marzu 2021, l-awtorità kompetenti Ġermaniża ċaħdet bħala inammissibbli l-applikazzjoni sussegwenti għal ażil tal-applikant għar-raġuni li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja invokata ma kinitx timplika li hija kellha teżamina din l-applikazzjoni fuq il-mertu.

Adita b'rikors tal-applikant kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti Amministrattiva ta' Sigmaringen, li kienet il-qorti tar-rinviju, kellha dubji dwar il-kwistjoni ta' jekk sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li sempliċement tinterpreta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li diġà kienet fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar applikazzjoni preċedenti, setgħetx tikkostitwixxi "element jew fatt ġdid", li jeskludi l-possibbiltà li applikazzjoni sussegwenti għall-ażil tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabelxejn, li mill-formulazzjoni u mill-għan tal-Artikolu 33(2) tad-Direttiva 2013/32 kif ukoll mill-istruttura ta' din id-direttiva jirriżulta li l-possibbiltà li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi miċħuda bħala inammissibbli prevista f'din id-dispożizzjoni tidderoga mill-obbligu li tali applikazzjoni tiġi eżaminata fuq il-mertu. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk diġà kkonstatat li kemm min-natura eżawrjenti tal-lista li tinsab fl-imsemmija dispożizzjoni, kif ukoll min-natura derogatorja tar-raġunijiet ta' inammissibbiltà jirriżulta li din il-lista tfisser li l-imsemmija raġunijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett [166]. Għaldaqstant, il-każijiet li fihom id-Direttiva 2013/32 timponi li applikazzjoni sussegwenti titqies ammissibbli għandhom, bil-kontra ta' dan, jiġu interpretati b'mod wiesa'.

Barra minn hekk, mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva 2013/32 u, b'mod partikolari, mill-użu tal-espressjoni "element jew fatt ġdid" jirriżulta li din id-dispożizzjoni ma tagħmilx riferiment biss għal bidla fattwali, li sseħħ fis-sitwazzjoni personali ta' applikant jew f'dik tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu, iżda wkoll għal punti ta' liġi ġodda.

---

164 Sentenza tad-19 ta' Novembru 2020, Bundesamt für Migration und Flüchtlinge (Servizz militari u ażil) (C-238/19, EU:C:2020:945).

165 Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9). L-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, li jinsab fil-Kapitolu intitolat "Kwalifika biex wieħed ikun refuġjat", jinkludi lista ta' elementi li l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tar-raġunijiet għall-persekuzzjoni.

166 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta Awwissu 2022, Bundesrepublik Deutschland (Wild ta' refuġjati, imwieled barra l-Istat ospitanti), C-720/20, EU:C:2022:603, punti 49 u 51).

Mill-ġurisprudenza jirriżulta, b'mod partikolari, li applikazzjoni sussegwenti ma tistax tiġi ddikjarata inammissibbli, skont l-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva 2013/32 [167], meta l-awtorità determinanti, fis-sens ta' din id-direttiva [168], tikkonstata li ċ-ċaħda definittiva tal-applikazzjoni preċedenti tmur kontra d-dritt tal-Unjoni. L-awtorità determinanti għandha neċessarjament tagħmel tali konstatazzjoni meta din il-kuntrarjetà tkun tirriżulta minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tkun ġiet ikkonstatata, b'mod inċidentali, minn qorti nazzjonali [169].

Minn dan jirriżulta li, fil-kuntest partikolari tad-Direttiva 2013/32, kull sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tkun koperta mill-kunċett ta' element ġdid, fis-sens tal-Artikolu 33(2)(d) u tal-Artikolu 40(2) u (3) ta' din id-direttiva [170]. Din il-konstatazzjoni hija indipendenti mill-kwistjoni dwar jekk din is-sentenza tkunx ingħatat qabel jew wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni preċedenti jew jekk l-imsemmija sentenza tkunx tikkonstata li dispożizzjoni nazzjonali li fuqha din id-deċiżjoni kienet ibbażata tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni jew tkunx tillimita ruħha li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni, inkluż dak diġà fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjoni.

Madankollu, sabiex applikazzjoni sussegwenti tkun ammissibbli, jeħtieġ ukoll, konformement mal-Artikolu 40(3) tad-Direttiva 2013/32, li l-elementi jew il-fatti ġodda "jżidu sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva [2011/95]".

Minn dan isegwi li kull sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluża sentenza li tillimita ruħha għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni diġà fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar applikazzjoni preċedenti, tikkostitwixxi element ġdid, fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33(2)(d) u tal-Artikolu 40(2) u (3) tad-Direttiva 2013/32, irrispettivament mid-data li fiha tingħata, jekk iżżid b'mod sinjifikattiv il-probabbiltà li l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkwalifika għall-benefiċċju ta' protezzjoni internazzjonali.

### Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Bundesrepublik Deutschland (Effett ta' deċiżjoni li tagħti l-istatus ta' refuġjat) (C-753/22, EU:C:2024:524)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 33(2)(a) – Impossibbiltà għall-awtoritajiet ta' Stat Membru li jiċħdu applikazzjoni għall-ażil bħala inammissibbli minħabba l-għoti preċedenti tal-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru ieħor – Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Riskju li wieħed ikun suġġett għal trattament inuman jew degradanti f'dan l-Istat Membru l-ieħor – Eżami minn dawn l-awtoritajiet ta' din l-applikazzjoni għall-ażil minkejja l-għoti tal-istatus ta' refuġjat fl-imsemmi Stat Membru ieħor – Direttiva 2011/95/UE – Artikolu 4 – Eżami individwali"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk l-awtoritajiet ta' Stat Membru għandhomx jipproċedu b'eżami ġdid ta' applikazzjoni

---

[167] Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60). Skont kliem l-Artikolu 33(2)(d) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri jistgħu jqisu bħala inammissibbli applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali, li fiha l-applikant ma jindika jew jipproduċi ebda element jew fatt ġdid relatat mal-eżami intiż li jiġi ddeterminat jekk l-applikant jissodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jikkwalifika għall-istatus ta' benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali abbażi tad-Direttiva 2011/95/UE.

[168] L-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2013/32 jiddefinixxi l-"awtorità determinanti" bħala "kwalunkwe korp semi-ġudizzjarju jew amministrattiv fi Stat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, u kompetenti sabiex jieħu fl-ewwel istanza deċiżjonijiet f'tali każijiet".

[169] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punti 198 u 203).

[170] L-Artikolu 40 tad-Direttiva 2013/32 jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-eżami ta' applikazzjonijiet sussegwenti.

għall-ażil minkejja l-għoti tal-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru ieħor, meta huma ma jkunux jistgħu jeżerċitaw il-possibbiltà mogħtija mid-Direttiva 2013/32 [171] li jiċħdu din l-applikazzjoni bħala inammissibbli.

QY, ċittadina Sirjana li kienet kisbet l-istatus ta' refuġjat fil-Greċja fl-2018, ippreżentat applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Ġermanja. Sussegwentement, qorti amministrattiva Ġermaniża qieset li QY kienet suġġetta, fil-Greċja, għal riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), b'tali mod li hija ma setgħetx tirritorna hemmhekk.

F'Ottubru 2019, awtorità kompetenti Ġermaniża ċaħdet l-applikazzjoni ta' QY għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat, iżda tatha l-protezzjoni sussidjarja. QY ressqet azzjoni kontra din id-deċiżjoni, li ġiet miċħuda mill-qorti amministrattiva Ġermaniża adita minħabba li QY ma kinitx f'riskju li tiġi ppersegwitata fis-Sirja. Għalhekk, QY ippreżentat appell quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostniet li l-awtorità kompetenti Ġermaniża kienet marbuta bir-rikonoxximent, mill-awtoritajiet Elleniċi, tal-istatus ta' refuġjat.

Il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li, f'dan il-każ, l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' QY ma setgħetx tiġi ddikjarata inammissibbli minħabba l-għoti qabel ta' dan l-istatus fil-Greċja, peress li QY kienet esposta għal riskju serju li tbati, f'dan l-Istat Membru, trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija staqsiet, essenzjalment, dwar jekk, skont id-dritt tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti Ġermaniża setgħetx tevalwa l-fondatezza ta' din l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, mingħajr ma tkun marbuta mill-fatt li l-Greċja kienet diġà tat tali protezzjoni lil QY.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 78(2)(a) TFUE jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom jadottaw il-miżuri dwar sistema Ewropea komuni tal-ażil li tinkludi "status uniformi ta' ażil favur ċittadini ta' pajjiżi terzi, validu fl-Unjoni kollha". Għalkemm din id-dispożizzjoni tipprovdi għalhekk bażi legali għall-adozzjoni ta' atti tal-Unjoni li jinkludu tali status uniformi, xorta jibqa' l-fatt li l-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni huwa neċessarju sabiex jiġu stabbiliti konkretament id-drittijiet kollha relatati ma' dan l-istatus li, mogħti minn Stat Membru u rrikonoxxut mill-oħrajn kollha, ikun validu fl-Unjoni kollha.

Issa, il-leġiżlatur tal-Unjoni għadu ma kkonkretizzax kompletament l-għan intiż mill-Artikolu 78(2)(a) TFUE, jiġifieri l-imsemmi status uniformi ta' ażil. B'mod partikolari, f'dan l-istadju, huwa la stabbilixxa prinċipju li jgħid li l-Istati Membri huma obbligati jirrikonoxxu awtomatikament id-deċiżjonijiet ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat adottati minn Stat Membru ieħor u lanqas ma ppreċiża l-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' tali prinċipju. Għalkemm l-Istati Membri huma għalhekk, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, liberi li jissuġġettaw ir-rikonoxximent tad-drittijiet kollha relatati mal-istatus ta' refuġjat fit-territorju tagħhom għall-adozzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, ta' deċiżjoni ġdida ta' għoti ta' dan l-istatus, huma jistgħu jipprevedu rikonoxximent awtomatiku ta' tali deċiżjonijiet adottati minn Stat Membru ieħor bħala dispożizzjoni iktar favorevoli [172]. Madankollu, huwa stabbilit li l-Ġermanja ma eżerċitatx din il-possibbiltà.

---

[171] Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60). L-Artikolu 33(2)(a) ta' din id-direttiva jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli b'mod partikolari meta protezzjoni internazzjonali tkun ingħatat minn Stat Membru ieħor.

[172] Ara l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2013/32.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeterminat, fit-tieni lok, il-portata tal-eżami, mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li toriġina minn applikant li jkun diġà ngħata l-istatus ta' refuġjat minn Stat Membru ieħor.

F'dan il-kuntest, hija kkonstatat li meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ma tkunx tista' tiddikjara inammissibbli, skont l-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32, applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta' applikant, li Stat Membru ieħor ikun diġà tah tali protezzjoni, minħabba riskju serju għal dan l-applikant li jkun suġġett, f'dan l-Istat Membru l-ieħor, għal trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, din l-awtorità għandha tipproċedi b'eżami individwali, komplet u aġġornat ġdid ta' din l-applikazzjoni fil-każ ta' proċedura ġdida ta' protezzjoni internazzjonali miżmuma skont id-Direttivi 2011/95 u 2013/32. Jekk l-applikant ikun jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jitqies li jkun refuġjat skont il-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2011/95, l-imsemmija awtorità għandha tagħtih l-istatus ta' refuġjat mingħajr ma jkollha setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward.

F'dan ir-rigward, għalkemm l-istess awtorità ma hijiex obbligata tirrikonoxxi l-istatus ta' refuġjat lil dan l-applikant għas-sempliċi raġuni li dan l-istatus kien preċedentement ingħata lil dan tal-aħħar permezz ta' deċiżjoni ta' Stat Membru ieħor, hija għandha madankollu tieħu inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ din id-deċiżjoni u l-elementi li jissostanzjawha. Fil-fatt, is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, li tinkludi kriterji komuni għall-identifikazzjoni ta' persuni ġenwinament fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, hija bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka [173], li jgħid li għandu jiġi preżunt, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li t-trattament mogħti lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali f'kull Stat Membru jkun konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk tal-Karta, tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati [174], kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [175].

Barra minn hekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali [176] u sabiex tiġi żgurata, sa fejn huwa possibbli, il-koerenza tad-deċiżjonijiet meħuda, mill-awtoritajiet kompetenti ta' żewġ Stati Membri, dwar il-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali tal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, għandu jitqies li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru mitlub jagħti deċiżjoni dwar l-applikazzjoni l-ġdida għandha tibda, fl-iqsar żmien possibbli, skambju ta' informazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li preċedentement ikun ta l-istatus ta' refuġjat lill-istess applikant. F'dan ir-rigward, hija l-ewwel waħda minn dawn l-awtoritajiet li għandha tinforma lit-tieni waħda bl-applikazzjoni l-ġdida, li tibagħtilha l-opinjoni tagħha dwar din l-applikazzjoni ġdida u li għandha titlob min-naħa tagħha t-trażmissjoni, fi żmien raġonevoli, tal-informazzjoni fil-pussess tagħha li tkun wasslet għall-għoti ta' dan l-istatus. Dan l-iskambju ta' informazzjoni huwa intiż li jqiegħed lill-awtorità tal-Istat Membru adit bl-imsemmija applikazzjoni ġdida f'pożizzjoni li tipproċedi b'informazzjoni sħiħa bil-verifiki li hija jkollha tagħmel fil-kuntest tal-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali.

---

173 Ara l-premessa 12 tad-Direttiva 2011/95.

174 Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951.

175 Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

176 Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, stipulat fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jirrispettaw u jgħinu lil xulxin reċiprokament fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati. Dan il-prinċipju jsib espressjoni konkreta fl-Artikolu 36 tad-Direttiva 2011/95 u fl-Artikolu 49 tad-Direttiva 2013/32.

### c. Effett tad-deċiżjoni li tagħti l-istatus ta' refuġjat fil-każ ta' talba għal estradizzjoni mressqa minn Stat terz

**Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Generalstaatsanwaltschaft Hamm (Talba għall-estradizzjoni ta' refuġjat lejn it-Turkija) (C-352/22, EU:C:2024:521)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Direttiva 2011/95/UE – Artikolu 21(1) – Direttiva 2013/32/UE – Artikolu 9(2) u (3) – Għoti definittiv tal-istatus ta' refuġjat minn Stat Membru – Refuġjat li jirrisjedi, wara dan l-għoti, fi Stat Membru ieħor – Talba għall-estradizzjoni tal-Istat terz ta' oriġini ta' dan ir-refuġjat indirizzata lill-Istat Membru ta' residenza – Effett tad-deċiżjoni ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat fuq il-proċedura ta' estradizzjoni kkonċernata – Artikolu 18 u Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni tal-imsemmi refuġjat mill-estradizzjoni hekk mitluba"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Oberlandesgericht Hamm (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Hamm, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-portata tal-prinċipju ta' non-refoulement fil-kuntest ta' talba għal estradizzjoni maħruġa mill-pajjiż terz ta' oriġini ta' refuġjat lill-Istat Membru ta' residenza tiegħu, f'sitwazzjoni fejn dan l-istatus kien ingħatalu fi Stat Membru ieħor.

Fl-2010, l-awtoritajiet Taljani rrikonoxxew lil A, ċittadin Tork ta' oriġini Kurda, l-istatus ta' refuġjat, validu sal-2030, minħabba li kien hemm riskju ta' persekuzzjonijiet politiċi mill-awtoritajiet Torok minħabba s-sostenn tiegħu lill-Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan (PKK). Sa mix-xahar ta' Lulju tas-sena 2019, A irrisjeda fil-Ġermanja.

Abbażi ta' mandat ta' arrest maħruġ minn qorti Torka f'Ġunju 2020, A kien is-suġġett ta' senjalazzjoni mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol) sabiex jiġi arrestat bl-għan tal-estradizzjoni tiegħu lejn it-Turkija, għall-finijiet ta' proċeduri kriminali għal omiċidju volontarju. Wara li ġie arrestat fil-Ġermanja, fit-18 ta' Novembru 2020, A nżamm taħt detenzjoni provviżorja, imbagħad taħt arrest għall-estradizzjoni sal-14 ta' April 2022.

Permezz ta' digriet adottat f'Novembru 2021, il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Hamm, il-qorti tar-rinviju, iddikjarat ammissibbli l-estradizzjoni ta' A lejn it-Turkija, peress li qieset li ma kinitx marbuta bid-deċiżjoni ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat mogħtija mill-awtoritajiet Taljani. Wara azzjoni kostituzzjonali eżerċitata minn A, dan id-digriet ġie madankollu annullat mill-Bundesverfassungsgericht (il-Qorti Kostituzzjonali Federali, il-Ġermanja), peress li din il-qorti qieset li l-qorti tar-rinviju kienet naqset milli tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'din id-domanda għall deċiżjoni preliminari.

F'dan il-kuntest, wara li din il-kawża ntbagħtet lura quddiemha, il-qorti tar-rinviju, adita mill-ġdid bit-talba għal estradizzjoni kontra A, iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk id-deċiżjoni ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat meħuda minn Stat Membru għandhiex, skont id-dritt tal-Unjoni, effett vinkolanti fil-kuntest ta' proċedura ta' estradizzjoni mwettqa fi Stat Membru ieħor.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabelxejn, li, peress li d-deċiżjoni ta' Stat Membru li jilqa' t-talba għal estradizzjoni maħruġa mill-Istat ta' oriġini kontra ċittadin ta' pajjiż terz li jkun kiseb l-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru ieħor għandha l-effett li ċċaħħad lil dan iċ-ċittadin mid-drittijiet u mill-vantaġġi previsti mid-Direttiva 2011/95 [177], il-proċedura ta' estradizzjoni mwettqa fl-ewwel Stat Membru għandha titqies li timplimenta d-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Għaldaqstant, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest ma tistax tawtorizza l-estradizzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie rrikonoxxut lilu l-istatus ta' refuġjat minn Stat Membru ieħor lejn dan il-pajjiż terz meta tali estradizzjoni tikser il-prinċipju ta' non-refoulement, stabbilit fl-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 18 u mal-Artikolu 19(2) tal-Karta [178].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, minn naħa, li, sakemm l-individwu mitlub jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex ikollu l-kwalità ta' refuġjat, l-Artikolu 18 tal-Karta jipprekludi l-estradizzjoni tiegħu lejn il-pajjiż terz li huwa jkun ħarab minnu u li fih ikun hemm riskju li jiġi ppersegwitat. Min-naħa l-oħra, meta l-persuna milquta minn talba għal estradizzjoni tinvoka riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti fil-każ ta' estradizzjoni, l-Istat Membru rikjest għandu jivverifika, qabel jipproċedi għal eventwali estradizzjoni, li din tal-aħħar ma tkunx ser tippreġudika d-drittijiet previsti fl-Artikolu 19(2) tal-Karta.

Issa, sabiex jiġi evalwat ir-riskju ta' ksur tal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2011/95 kif ukoll tal-Artikolu 18 u tal-Artikolu 19(2) tal-Karta, il-fatt li Stat Membru ieħor ikun ta lill-individwu mitlub l-istatus ta' refuġjat jikkostitwixxi element partikolarment serju li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest għandha tieħu inkunsiderazzjoni, b'tali mod li deċiżjoni ta' għoti tal-istatus ta' refuġjat għandha, sakemm dan l-istatus ma jkunx ġie rrevokat jew irtirat mill-Istat Membru li jkun tah, twassal lil din l-awtorità tirrifjuta l-estradizzjoni, skont dawn id-dispożizzjonijiet. Fil-fatt, is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil hija bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, li b'konformità miegħu għandu jiġi preżunt, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, li t-trattament mogħti lill-applikanti għal protezzjoni internazzjonali f'kull Stat Membru huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Karta, tal-Konvenzjoni ta' Genève [179], kif ukoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [180].

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2011/95 u 2013/32 [181] dwar ir-revoka u l-irtirar tal-istatus ta' refuġjat u l-proċedura li huma jipprevedu jiġu evitati jekk l-Istat Membru rikjest ikun jista' jestradixxi ċittadin ta' pajjiż terz, li lilu Stat Membru ieħor ikun irrikonoxxa l-istatus ta' refuġjat, lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Fil-fatt, tali estradizzjoni twassal, *de facto*, għat-tmiem ta' dan l-istatus u l-persuna kkonċernata tiġi mċaħħda mit-tgawdija effettiva tal-protezzjoni li jagħtiha l-Artikolu 18 tal-Karta, tad-drittijiet u tal-vantaġġi previsti, fir-rigward tal-kontenut tal-protezzjoni internazzjonali, mill-Kapitolu VII tad-Direttiva 2011/95, kif ukoll tal-garanziji proċedurali stipulati fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2013/32.

---

177 Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

178 Filwaqt li l-Artikolu 18 tal-Karta jistabbilixxi d-dritt għall-ażil, l-Artikolu 19(2) tal-Karta jipprevedi l-prinċipju ta' non-refoulement.

179 Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951.

180 Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

181 Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

Għaldaqstant, abbażi tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali [182], l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-estradizzjoni tal-Istat Membru rikjest għandha tibda, fl-iqsar żmien possibbli, skambju ta' informazzjoni mal-awtorità tal-Istat Membru l-ieħor li tkun tat lill-individwu mitlub l-istatus ta' refuġjat. F'dan ir-rigward, huwa l-kompitu tagħha li tinforma lil din l-awtorità tal-aħħar bit-talba għal estradizzjoni li tirrigwarda lil dan l-individwu, li tittrażmettilha l-opinjoni tagħha dwar din it-talba u li titlob min-naħa tagħha t-trażmissjoni, f'terminu raġonevoli, kemm tal-informazzjoni fil-pussess tagħha li tkun wasslet għall-għoti ta' dan l-istatus kif ukoll tad-deċiżjoni tagħha dwar jekk hemmx lok jew le li l-istatus ta' refuġjat mogħti lill-imsemmi individwu jiġi rrevokat jew irtirat.

Minn naħa, dan l-iskambju ta' informazzjoni huwa intiż li jqiegħed lill-awtorità kompetenti fil-qasam tal-estradizzjoni tal-Istat Membru rikjest f'pożizzjoni li twettaq b'mod kompletament informat il-verifiki li hija għandha twettaq skont l-Artikolu 18 u l-Artikolu 19(2) tal-Karta.

Min-naħa l-oħra, l-iskambju ta' informazzjoni jippermetti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor li tirrevoka jew tirtira, jekk ikun il-każ, l-istatus ta' refuġjat abbażi tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/95, b'osservanza sħiħa tal-garanziji stipulati fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2013/32.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li huwa biss fil-każ li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun tat lill-individwu mitlub l-istatus ta' refuġjat tiddeċiedi li tirrevoka jew tirtira dan l-istatus abbażi tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/95 u sakemm l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-estradizzjoni tal-Istat Membru rikjest tasal għall-konklużjoni li dan l-individwu ma jkollux jew ma jkunx għad għandu l-kwalità ta' refuġjat u li ma jkun jeżisti ebda riskju serju li, fil-każ ta' estradizzjoni tal-imsemmi individwu lejn l-Istat terz rikjedenti, l-istess individwu jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti, li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix estradizzjoni.

Konsegwentement, skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 18 u mal-Artikolu 19(2) tal-Karta, meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkun kiseb l-istatus ta' refuġjat fi Stat Membru jkun is-suġġett, fi Stat Membru ieħor li fit-territorju tiegħu jirrisjedi, ta' talba għal estradizzjoni li toriġina mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu, l-Istat Membru rikjest ma jkunx jista', mingħajr ma jkun beda skambju ta' informazzjoni mal-awtorità li tkun tat dan l-istatus lill-individwu mitlub u fl-assenza ta' revoka tal-imsemmi status minn din l-awtorità, jawtorizza l-estradizzjoni.

### d. Protezzjoni temporanja fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati

**Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2024 (Awla Manja), Kaduna (C-244/24 u C-290/24, EU:C:2024:1038)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika tal-ażil – Protezzjoni temporanja fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati – Direttiva 2001/55/KE – Artikoli 4 u 7 – Invażjoni tal-Ukraina mill-forzi armati Russi – Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 – Artikolu 2(3) – Possibbiltà għal Stat Membru li japplika l-protezzjoni temporanja għal persuni spostati li ma humiex imsemmija f'din id-deċiżjoni – Mument li fih Stat Membru li jkun ta protezzjoni temporanja lil tali persuni jista' jtemm din il-protezzjoni – Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu irregolarment – Direttiva 2008/115/KE – Artikolu 6 – Deċiżjoni ta' ritorn – Mument li fih Stat Membru jista' jadotta deċiżjoni ta' ritorn – Residenza illegali"*

---

[182] Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dan il-prinċipju, stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) TUE, li jipprovdi li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jirrispettaw lil xulxin u jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li jirriżultaw mit-trattati, huwa espress b'mod konkret fl-Artikolu 36 tad-Direttiva 2011/95 kif ukoll fl-Artikolu 49 tad-Direttiva 2013/32.

Adita b'żewġ rinviji għal deċiżjoni preliminari minn qrati Olandiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-mument li fih Stat Membru jkun jista', minn naħa, itemm il-protezzjoni temporanja fakultattiva li huwa jkun ta, abbażi tad-Direttiva 2001/55 [183] u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2022/382 [184], lil ċerti kategoriji ta' persuni spostati apparti minn dawk imsemmija f'din id-deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, jadotta deċiżjoni ta' ritorn fis-sens tad-Direttiva 2008/115 [185] fir-rigward tal-persuni li ma jkunux għadhom jibbenefikaw minn din il-protezzjoni.

P, AI, ZY u BG, ċittadini ta' pajjiżi terzi, kellhom permess ta' residenza temporanju fl-Ukraina li kien validu fl-24 ta' Frar 2022. Wara l-invażjoni tat-territorju Ukrain mill-forzi armati Russi, huma ħarbu lejn il-Pajjiżi l-Baxxi fejn ingħataw protezzjoni temporanja, fis-sens tad-Direttiva 2001/55, skont il-leġiżlazzjoni Olandiża applikabbli dak iż-żmien [186]. Skont din il-leġiżlazzjoni tal-aħħar, il-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja fakultattiva kien jingħata lil dawk kollha li kellhom permess ta' residenza Ukrain, inkluż dak temporanju, validu fit-23 ta' Frar 2022 u li x'aktarx kienu telqu mill-Ukraina wara s-26 ta' Novembru 2021 [187]. Barra minn hekk, din il-leġiżlazzjoni ma kinitx timponi li jiġi evalwat jekk dawn il-persuni setgħux jirritornaw lejn il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini tagħhom f'kundizzjonijiet siguri u stabbli.

Permezz ta' sentenza tas-17 ta' Jannar 2024, ir-Raad van State (il-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċieda li l-protezzjoni temporanja taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu f'sitwazzjoni bħal dik ta' P, AI, ZY u BG kellha tintemm *ipso jure* fl-4 ta' Marzu 2024, jiġifieri d-data ta' skadenza [188] li fiha l-protezzjoni temporanja kellha tintemm fl-assenza ta' deċiżjoni adottata mill-Kunsill skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/55 [189]. Konsegwentement, permezz ta' erba' deċiżjonijiet ta' ritorn fis-sens tad-Direttiva 2008/115, mogħtija fis-7 ta' Frar 2024, is-Segretarju tal-Istat [190] ordna lil P, lil AI, lil ZY u lil BG jitilqu mit-territorju tal-Unjoni fi żmien erba' ġimgħat mill-4 ta' Marzu 2024.

---

**183** Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 162). L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2001/55 jawtorizza lill-Istati Membri jestendu l-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja prevista f'din id-direttiva għal kategoriji ta' persuni apparti minn dawk indikati mill-Kunsill fid-deċiżjoni tiegħu msemmija fl-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva u li timplimenta din il-protezzjoni, kemm-il darba dawn il-persuni jkunu ġew spostati għall-istess raġunijiet u mill-istess pajjiż jew mill-istess reġjun ta' oriġini.

**184** Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU 2022, L 71, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni"), il-Kunsill iddeċieda li jattiva l-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja previst fid-Direttiva 2001/55. Skont l-Artikolu 2(3) ta' din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ukoll l-imsemmija deċiżjoni għal persuni oħra apparti minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-artikolu, inkluż għall-persuni apolidi u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma humiex l-Ukraina, li kienu jirrisjedu regolarment fl-Ukraina u li ma setgħux jirritornaw lejn il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini tagħhom f'kundizzjonijiet siguri u stabbli.

**185** Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

**186** L-Artikolu 3.9a(1)(c) tal-Voorschrift Vreemdelingen 2000 (ir-Regolament tal-2000 dwar il-Barranin), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ bejn l-4 ta' Marzu 2022 u t-18 ta' Lulju 2022.

**187** Jiġifieri 90 jum qabel il-bidu tal-invażjoni tal-Ukraina mill-forzi armati Russi.

**188** Li tirriżulta mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/55, li jipprovdi li "[m]ingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6, it-tul taż-żmien tal-protezzjoni temporanja għandu jkun ta' sena. Għajr jekk mitmuma skont it-termini tal-Artikolu 6(1)(b), tista' tiġi estiża awtomatikament b'perjodi taż-żmien ta' sitt xhur għall-masimu ta' sena".

**189** Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/55, "[m]eta jippersistu raġunjijiet għall-protezzjoni temporanja, il-Kunsill jista' jiddeċiedi b'maġġoranza kkwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni, li għandha teżamina wkoll kull talba minn Stat Membru, biex jissottometti proposta lill-Kunsill, li jtawwal il-protezzjoni temporanja għal sa sena".

**190** F'dan il-każ, l-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem is-"Segretarju tal-Istat").

P adixxa lir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Amsterdam (il-Qorti ta' Den Haag, sedenti f'Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi), b'rikors li kkontesta l-legalità tad-deċiżjoni li kienet tikkonċerna lilu.

Ir-rikorsi ppreżentati minn AI u BG kontra d-deċiżjonijiet li kienu jikkonċernaw lilhom intlaqgħu fl-ewwel istanza permezz ta' sentenzi tad-19 ta' Marzu 2024 u tas-27 ta' Marzu 2024. Is-Segretarju tal-Istat appella minn dawn is-sentenzi quddiem il-Kunsill tal-Istat. Peress li, mill-banda l-oħra, ir-rikors ippreżentat minn ZY kontra d-deċiżjoni li kienet tikkonċerna lilu ġie miċħud bħala infondat fl-ewwel istanza permezz ta' sentenza tas-27 ta' Marzu 2024, ZY appella minn din is-sentenza quddiem l-istess qorti.

Fil-kuntest tat-tilwimiet imsemmija iktar 'il fuq, iż-żewġ qrati tar-rinviju ressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Minn naħa, sa fejn l-eżitu ta' dawn it-tilwimiet kien jimplika d-determinazzjoni tad-data li fiha tintemm il-protezzjoni temporanja fakultattiva, fis-sens tad-Direttiva 2001/55, mogħtija mill-awtoritajiet Olandiżi, dawn il-qrati kellhom dubju dwar jekk il-benefiċċju ta' tali protezzjoni setax jiġi rtirat qabel ma tiġi fi tmiemha l-protezzjoni temporanja obbligatorja [191] Min-naħa l-oħra, huma kellhom dubju wkoll dwar il-legalità tad-deċiżjonijiet ta' ritorn mogħtija fir-rigward tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, peress li dawn id-deċiżjonijiet ġew adottati f'data li fiha huma kienu għadhom qegħdin jirrisjedu regolarment fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk l-Artikoli 4 u 7 tad-Direttiva 2001/55 jipprekludux li Stat Membru, li jkun ta l-protezzjoni temporanja lil kategoriji ta' persuni apparti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 2(1) u (2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jirtira lil dawn il-kategoriji ta' persuni l-benefiċċju ta' din il-protezzjoni temporanja fakultattiva qabel ma l-protezzjoni temporanja obbligatorja, deċiża mill-Kunsill skont l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, tkun ġiet fi tmiemha.

Preliminarjament, hija qieset li Stat Membru li juża l-possibbiltà li joffri l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2001/55 ikun qiegħed jimplimenta d-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li ma jistax jagħti l-protezzjoni temporanja fakultattiva lil persuni li ma jkunux ġew spostati għall-istess raġunijiet u mill-istess pajjiż jew mill-istess reġjun ta' oriġini bħall-persuni li jkunu qegħdin jibbenefikaw mill-protezzjoni temporanja obbligatorja.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-imsemmija dispożizzjoni, kif ukoll l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jippermettu lil Stat Membru jagħti l-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja fakultattiva lil ċittadini ta' pajjiżi terzi jew lil persuni apolidi li kellhom permess ta' residenza temporanja fl-Ukraina validu fit-23 ta' Frar 2022 u li x'aktarx kienu telqu minn dan il-pajjiż wara s-26 ta' Novembru 2021, mingħajr ma jiġi evalwat jekk dawn jistgħux jirritornaw lejn il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini tagħhom f'kundizzjonijiet siguri u stabbli. F'dan ir-rigward, minn naħa, ir-raġuni għall-implimentazzjoni tal-protezzjoni temporanja obbligatorja, kif identifikata mill-Kunsill f'din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni, hija l-invażjoni tal-Ukraina mill-forzi armati Russi li bdiet fl-24 ta' Frar 2022. Issa, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li, minħabba t-tul limitat ħafna tad-dritt ta' residenza tagħhom fit-territorju tal-Unjoni, kienu ntalbu jirritornaw fl-Ukraina ftit żmien wara l-bidu ta' din l-invażjoni setgħu jiġu assimilati mal-persuni spostati minħabba tali invażjoni. Min-naħa l-oħra, għalkemm l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jsemmi b'mod espliċitu, fost il-benefiċjarji li jistgħu jgawdu mill-protezzjoni temporanja fakultattiva, lill-persuni apolidi u liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu qegħdin jirrisjedu regolarment fl-Ukraina u li ma setgħux jirritornaw lejn il-pajjiż jew ir-reġjun ta' oriġini tagħhom f'kundizzjonijiet siguri u stabbli, din il-kategorija tissemma biss bħala eżempju.

---

[191] Jiġifieri l-protezzjoni li tirriżulta minn deċiżjoni tal-Kunsill adottata skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55 u li tikkonstata l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati. Tali deċiżjoni għandha l-effett li twassal għall-implimentazzjoni tal-protezzjoni temporanja fl-Istati Membri kollha marbuta bid-Direttiva 2001/55 fir-rigward tal-gruppi speċifiċi ta' persuni deskritti fl-istess deċiżjoni, b'effett mid-data ffissata minn din tal-aħħar.

Sussegwentement, filwaqt li rrilevat li l-protezzjoni temporanja fakultattiva mogħtija mill-awtoritajiet Olandiżi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi bħal dawk fil-kawżi prinċipali waqfet milli tipproduċi l-effetti tagħha qabel ma ntemmet il-protezzjoni temporanja obbligatorja, il-Qorti tal-Ġustizzja fittxet li tistabbilixxi jekk l-Artikoli 4 u 7 tad-Direttiva 2001/55 jimponux li l-benefiċċju ta' din il-protezzjoni temporanja fakultattiva jibqa' sakemm il-protezzjoni temporanja obbligatorja, implimentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, tibqa' tipproduċi l-effetti tagħha jew, tal-inqas, sa tmiem il-proroga awtomatika tat-tul inizjali ta' din il-protezzjoni temporanja obbligatorja, imsemmija f'dan l-Artikolu 4(1).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2001/55, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liberament li jtemmu l-protezzjoni temporanja fakultattiva li huma jkunu taw qabel tmiem il-protezzjoni temporanja obbligatorja stabbilita fil-livell tal-Unjoni [192].

F'dan ir-rigward, minn naħa, din id-dispożizzjoni tħalli lill-Istati Membri l-libertà li jiffissaw id-data li b'effett minnha huma jkunu biħsiebhom jagħtu l-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja fakultattiva, kemm-il darba din id-data tkun bejn id-data li fiha l-protezzjoni temporanja obbligatorja tidħol fis-seħħ u dik li fiha tieqaf tipproduċi l-effetti tagħha. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jżommu kontroll fuq it-tul tal-protezzjoni temporanja fakultattiva li huma jkunu jixtiequ jagħtu, bil-kundizzjoni li dan it-tul ma jmurx lil hinn mill-perijodu ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanja ddefinit fil-livell tal-Unjoni. Fil-fatt, sa fejn tali protezzjoni ma tkunx tirriżulta minn obbligu previst fid-dritt tal-Unjoni, iżda mid-deċiżjoni awtonoma ta' Stat Membru li jwessa' ċ-ċirku tal-benefiċjarji ta' din il-protezzjoni, dan l-Istat Membru għandu jkun jista' jirtiraha wkoll b'mod awtonomu.

Barra minn hekk, tali interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2001/55 hija kkorroborata kemm mill-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni, li huwa li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jestendu l-kategoriji ta' persuni spostati li jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni temporanja, kif ukoll mill-għan iktar ġenerali ta' din id-direttiva li tiġi evitata l-konġestjoni fis-sistema tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Fil-fatt, li kellu Stat Membru jinżamm milli jirtira, għal raġunijiet speċifiċi għalih, il-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja fakultattiva qabel tmiem il-protezzjoni temporanja obbligatorja stabbilita fil-livell tal-Unjoni jiġri li l-Istati Membri jkunu skuraġġuti milli jużaw il-possibbiltà prevista fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/55 u li, b'hekk, ikunu mfixkla l-għanijiet li dan l-artikolu u din id-direttiva jfittxu li jilħqu.

Madankollu, tali deċiżjoni ta' rtirar la tista' tippreġudika l-għanijiet u lanqas l-effett utli tad-Direttiva 2001/55 u għandha tosserva l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

F'dan ir-rigward, f'dak li għandu x'jaqsam, l-ewwel nett, mas-salvagwardja tal-għanijiet u tal-effett utli tad-Direttiva 2001/55, din tal-aħħar għandha tiżgura, b'mod partikolari, li tiġi ppreżervata l-possibbiltà effettiva taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-persuni apolidi, li jkunu qegħdin jibbenefikaw mill-protezzjoni temporanja, li jiksbu protezzjoni internazzjonali, wara eżami xieraq tas-sitwazzjoni individwali tagħhom, filwaqt li tiżguralhom ukoll, b'mod immedjat, protezzjoni ta' portata iżgħar. Għalhekk, jekk l-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi jkunu, jekk ikun il-każ, ippreżentaw u li dwarha tkun għadha ma ngħatatx deċiżjoni, ma jkunx tlesta wara l-iskadenza tal-protezzjoni temporanja fakultattiva, dan ikun imur kontra dan l-għan u l-effett utli ta' din id-direttiva. Barra minn hekk, ladarba tintemm il-protezzjoni temporanja fakultattiva, dawn il-persuni ma jistgħux jiġu preklużi milli jeżerċitaw, b'mod effettiv, id-dritt tagħhom li jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, liema preżentata tikkostitwixxi stadju essenzjali fil-proċedura għall-għoti ta' din il-protezzjoni. B'hekk, l-assenza ta' tweġiba tal-benefiċjarju tal-protezzjoni temporanja għat-talba tal-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat intiża li jiġi

192 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Istati Membri ma humiex obbligati, għalhekk, jallinjaw it-tul ta' din il-protezzjoni temporanja fakultattiva mat-tul inizjali tal-protezzjoni temporanja obbligatorja jew mal-proroga awtomatika tagħha, previsti fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, u lanqas ma' dak li jirriżulta, jekk ikun il-każ, mill-proroga fakultattiva tagħha, imsemmija fl-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva.

ddeterminat jekk huwa xtaqx li l-eżami tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali jitkompla ma jistax ikollha l-konsegwenza li l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li huwa jista' jippreżenta 'l quddiem tiġi kklassifikata bħala applikazzjoni sussegwenti, fis-sens tal-Artikolu 2(q) tad-Direttiva 2013/32 [193].

Fir-rigward, it-tieni nett, tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-individwi ma humiex iġġustifikati li jkollhom aspettattivi leġittimi li tinżamm sitwazzjoni eżistenti li tista' tinbidel fil-kuntest tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Issa, f'dan il-każ, minn naħa, il-Kunsill jista', f'kull mument, itemm il-protezzjoni temporanja obbligatorja [194] u, min-naħa l-oħra, l-Istati Membri ma jistgħux jipperpetwaw il-protezzjoni temporanja fakultattiva li huma jkunu, jekk ikun il-każ, stabbilixxew wara d-data li fiha l-protezzjoni temporanja obbligatorja tkun intemmet [195]. Dan ifisser li l-awtoritajiet Olandiżi ma setgħux jagħtu lill-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja fakultattiva garanziji preċiżi konformi mad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tat-tul minimu ta' din il-protezzjoni minbarra l-garanzija li dawn l-awtoritajiet ikunu ntrabtu li ma jtemmux il-protezzjoni temporanja fakultattiva qabel ma l-protezzjoni temporanja obbligatorja tieqaf tipproduċi l-effetti tagħha. Madankollu, ma deherx li huma taw tali garanzija liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ħaġa li, madankollu, kellha tiġi vverifikata mill-qrati tar-rinviju.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikoli 4 u 7 tad-Direttiva 2001/55 ma jipprekludux li Stat Membru, li jkun ta l-protezzjoni temporanja lil kategoriji ta' persuni apparti minn dawk koperti mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, jirtira lil dawn il-kategoriji ta' persuni l-benefiċċju ta' din il-protezzjoni temporanja fakultattiva qabel l-iskadenza tal-protezzjoni temporanja obbligatorja deċiża mill-Kunsill skont l-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva [196].

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115 jipprekludi li ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi regolarment fit-territorju ta' Stat Membru abbażi tal-possibbiltà użata minn dan tal-aħħar li jagħtih il-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja fakultattiva, prevista fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/55, ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn qabel ma din il-protezzjoni tkun intemmet, anki fejn ikun jidher li l-imsemmija protezzjoni mhux ser tibqa' tipproduċi l-effetti tagħha f'data fil-futur qarib u li l-effetti ta' din id-deċiżjoni jkunu sospiżi sa din id-data.

Dwar dan, l-ewwel nett, id-Direttiva 2008/115 tipprekludi li deċiżjoni ta' ritorn tiġi adottata minn Stat Membru fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi regolarment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, u dan indipendentement mill-fatt li l-awtorità nazzjonali kompetenti tispeċifika b'mod espliċitu, f'tali deċiżjoni, li, sakemm ir-residenza tal-persuna kkonċernata tibqa' waħda regolari, din id-deċiżjoni ma tipproduċi ebda effett. Fil-fatt, minn naħa, kull deċiżjoni ta' ritorn għandha, sa mill-adozzjoni tagħha, tkun, mingħajr dewmien, is-suġġett ta' allert mill-Istat Membru kkonċernat fis-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen sabiex "jiġi vverifikat li l-obbligu ta' ritorn ikun ġie rispettat u biex jiġi appoġġat l-infurzar tad-deċiżjonijiet ta' ritorn" [197], inkluż meta din id-deċiżjoni ma jkollhiex effett immedjat. Issa, f'dan il-każ tal-aħħar, fid-data li fiha jsir dan l-allert, il-persuna kkonċernata tkun għadha qiegħda tirrisjedi regolarment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u jista' jkollha d-dritt li tmur fi Stati Membri oħra. Min-naħa l-oħra, tali deċiżjoni minn qabel ta' ritorn allegatament ittieħdet

---

193 Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

194 Ara l-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 2001/55.

195 Ara l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/55.

196 Dan l-Istat Membru jista' jirtira l-benefiċċju tal-protezzjoni temporanja li huwa jkun ta lill-imsemmija kategoriji ta' persuni f'data qabel dik li fiha l-protezzjoni temporanja deċiża mill-Kunsill tieqaf milli tipproduċi l-effetti tagħha kemm-il darba, b'mod partikolari, l-imsemmi Stat Membru la jippreġudika l-għanijiet u lanqas l-effett utli tad-Direttiva 2001/55 u josserva l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

197 Ara l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU 2018, L 312, p. 1).

mingħajr ma ttieħdet inkunsiderazzjoni kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi li setgħet seħħet bejn l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni u tmiem ir-residenza regolari tal-persuna kkonċernata u li kellha effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tagħha.

It-tieni nett, sakemm iċ-ċittadini ta' pajjiż terz ikomplu jibbenefikaw mill-protezzjoni temporanja fakultattiva, huma jkunu qegħdin jirrisjedu regolarment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u għalhekk ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn. Fil-fatt, il-benefiċjarji ta' tali protezzjoni għandhom ikollhom id-drittijiet kollha li d-Direttiva 2001/55 tagħti lill-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja obbligatorja [198]. B'hekk, sa fejn l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħti permess ta' residenza lill-benefiċjarju tal-protezzjoni temporanja obbligatorja li jippermettilu jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru [199], tali permess għandu jingħata wkoll lill-benefiċjarji tal-protezzjoni temporanja fakultattiva.

It-tielet nett, għalkemm hemm ir-riskju li, mal-iskadenza tal-protezzjoni temporanja fakultattiva, l-awtoritajiet nazzjonali fdati bl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn iħabbtu wiċċhom ma' numru kbir ta' sitwazzjonijiet individwali li jkollhom jiġu eżaminati fl-istess ħin, tali riskju ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jippermetti li ssir deroga mill-prinċipju mfakkar iktar 'il fuq. Barra minn hekk, għalkemm it-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jirrisjedi irregolarment għandha, bħala prinċipju, tikkostitwixxi prijorità għall-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom josservaw ukoll rekwiżiti sostantivi u proċedurali li jimponi fuqhom id-dritt tal-Unjoni, sabiex dawn iċ-ċittadini jiġu rripatrijati b'mod uman u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif ukoll tad-dinjità tagħhom. B'hekk, f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet ta' Stat Membru fdati bl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn iħabbtu wiċċhom ma' numru kbir ħafna ta' każijiet individwali li, minħabba l-iskadenza tal-protezzjoni temporanja fakultattiva, ikollhom jiġu eżaminati fl-istess ħin, id-Direttiva 2008/115 tipprekludi biss li dawn l-awtoritajiet jipposponu, lil hinn minn terminu raġonevoli fid-dawl ta' tali sitwazzjoni, l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn li għandhom jittieħdu fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-persuni apolidi li jkunu bbenefikaw minn tali protezzjoni.

## 2. Politika tal-immigrazzjoni

### Sentenza tat-30 ta' Jannar 2024 (Awla Manja), Landeshauptmann von Wien (Riunifikazzjoni tal-familja ma' minorenni refuġjat) (C-560/20, EU:C:2024:96)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Politika tal-immigrazzjoni – Dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja – Direttiva 2003/86/KE – Artikolu 10(3)(a) – Riunifikazzjoni tal-familja ta' refuġjat minuri mhux akkumpanjat mal-axxendenti diretti tiegħu fl-ewwel grad – Artikolu 2(f) – Kunċett ta' 'minuri mhux akkumpanjat' – Sponsor minuri fil-mument tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, iżda li jkun sar maġġorenni matul il-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja – Data determinanti għall-evalwazzjoni tal-istatus ta' 'minuri' – Terminu għall-preżentata ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja – Oħt maġġorenni tal-isponsor li teħtieġ l-assistenza permanenti tal-ġenituri tagħha minħabba marda gravi – Effett utli tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' refuġjat minuri mhux akkumpanjat – Artikolu 7(1) – L-ewwel u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) – Possibbiltà li r-riunifikazzjoni tal-familja tkun suġġetta għal kundizzjonijiet addizzjonali"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà għar-riunifikazzjoni tal-familja, skont id-

198 Ara l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2001/55.

199 Ara l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2001/55, moqri flimkien mal-Artikolu 2(g) tagħha.

Direttiva 2003/86 [200], tal-ġenituri u ta' oħt maġġorenni marida b'mod gravi ta' refuġjat minuri mhux akkumpanjat, li sar maġġorenni matul il-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja.

RI, li wasal fl-Awstrija fl-2015 bħala minuri mhux akkumpanjat, ingħata l-istatus ta' refuġjat f'Jannar 2017. Tliet xhur u jum wara n-notifika ta' din id-deċiżjoni, meta RI kien għadu minuri, CR u GF, il-ġenituri tiegħu, kif ukoll TY, oħtu maġġorenni li kienet milquta minn paraliżi ċerebrali, ippreżentaw, għall-ewwel darba, fl-ambaxxata tar-Repubblika tal-Awstrija fis-Sirja, applikazzjonijiet għad-dħul u għal residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja ma' RI. Dawn l-applikazzjonijiet ġew miċħuda permezz ta' deċiżjoni definittiva minħabba li RI kien sar maġġorenni matul il-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja.

F'Lulju 2018, CR, GF u TY reġgħu ppreżentaw, quddiem il-Landeshauptmann von Wien (il-Kap tal-Gvern tal-Land ta' Vjenna, l-Awstrija), applikazzjonijiet għal dħul u għal residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja ma' RI. Għal darba oħra, dawn ġew miċħuda minħabba li ma kinux ġew ippreżentati fi żmien tliet xhur mir-rikonoxximent tal-istatus ta' refuġjat ta' RI.

Adita minn CR, GF u TY, il-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna, l-Awstrija), iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/86. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja ma' refuġjat minuri mhux akkumpanjat setgħetx tiġi suġġetta għal terminu stabbilit meta r-refuġjat ikun sar maġġorenni matul il-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja. Hija staqsiet ukoll dwar il-portata tal-possibbiltà tal-Istati Membri li jeżiġu li r-refuġjat ikollu, għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu, akkomodazzjoni, assigurazzjoni għall-mard kif ukoll riżorsi suffiċjenti, kif previst mid-Direttiva 2003/86 [201] u kif traspost fid-dritt Awstrijak. Barra minn hekk, din il-qorti rrielvat li d-dritt Awstrijak ma kienx jipprevedi dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja għal oħt l-isponsor. Madankollu, peress li TY kienet tiddependi totalment u permanentement mill-assistenza tal-ġenituri tagħha, dawn ma setgħux jingħaqdu mat-tifel tagħhom fl-Awstrija mingħajr ma jieħdu lil TY magħhom.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tar-rekwiżit stabbilit fis-sentenza A u S [202] li applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja ta' refuġjat minuri mhux akkumpanjat mal-ġenituri tiegħu [203], skont l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86, għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur mill-għoti tal-istatus ta' refuġjat lill-minuri, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan it-terminu huwa intiż li jevita r-riskju li d-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja jkun jista' jiġi invokat mingħajr ebda limitazzjoni *ratione temporis*, fis-sitwazzjoni fejn ir-refuġjat ikun diġà sar maġġorenni matul il-proċedura ta' ażil u għalhekk qabel il-preżentata tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja.

Madankollu, tali riskju ma jeżistix meta r-refuġjat isir maġġorenni matul il-proċedura ta' riunifikazzjoni tal-familja. Barra minn hekk, fid-dawl tal-għan tal-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86, li huwa li tiġi promossa r-riunifikazzjoni tar-refuġjati minuri mhux akkumpanjati mal-ġenituri tagħhom u li tiġi ggarantita protezzjoni ikbar għalihom, applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja skont din id-dispożizzjoni ma tistax titqies li hija tardiva jekk din tkun ġiet ippreżentata meta r-refuġjat ikkonċernat kien għadu minuri. Għalhekk, terminu għall-preżentata ta' tali applikazzjoni ma jistax jibda jiddekorri qabel ma r-refuġjat isir maġġorenni. Konsegwentement, sakemm ir-refuġjat ikun minuri, il-ġenituri tiegħu jistgħu jippreżentaw applikazzjoni għad-dħul u għal residenza għall-finijiet tar-riunifikazzjoni tal-familja miegħu, mingħajr ma jkunu obbligati josservaw terminu stabbilit.

---

[200] Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003,dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224).

[201] Ara l-Artikolu 7(1) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86.

[202] Sentenza tat-12 ta' April 2018, A u S (C-550/16, EU:C:2018:248, punt 61).

[203] Skont l-Artikolu 10(3) (a) tad-Direttiva 2003/86, il-"qraba ta' l-ewwel grad tiegħu/tagħha fil-linja diretta axxendenti".

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mid-deċiżjoni tar-rinviju kien jirriżulta li, minħabba l-marda tagħha, TY kienet tiddependi totalment u permanentement mill-assistenza materjali tal-ġenituri tagħha, li għalhekk ma setgħux iħalluha waħedha fis-Sirja. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk TY ma tiġix ammessa għall-benefiċċju tar-riunifikazzjoni tal-familja ma' RI, fl-istess ħin bħall-ġenituri tagħha, RI kien ser jiġi, *de facto*, imċaħħad mid-dritt tiegħu għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu. Issa, tali riżultat ikun inkompatibbli man-natura inkundizzjonata ta' dan id-dritt u jqiegħed inkwistjoni l-effett utli tiegħu, billi jikser kemm l-għan tal-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86 kif ukoll ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), intiżi għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, u mill-Artikolu 24(2) u (3) tal-Karta [204], dwar id-drittijiet tat-tfal, li l-imsemmija direttiva hija obbligata li tiggarantixxi.

Minn dan isegwi li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-kawża prinċipali, l-effett utli tad-dritt ta' RI għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu u l-osservanza tal-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Karta kienu jeżiġu li permess ta' dħul u ta' residenza jiġi rrikonoxxut ukoll fl-Awstrija lill-oħt maġġorenni ta' RI, li kienet teħtieġ l-assistenza permanenti tal-ġenituri tagħha minħabba marda gravi.

Fl-aħħar lok, fid-dawl tad-Direttiva 2003/86 u tad-drittijiet fundamentali ċċitati iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li Stat Membru ma jistax jeżiġi li, sabiex ikun jista' jibbenefika mid-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu, skont l-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2003/86, refuġjat minuri mhux akkumpanjat jew il-ġenituri tiegħu jkollhom, fis-sens tal-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, akkomodazzjoni, assigurazzjoni għall-mard kif ukoll riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja ġietx ippreżentata fit-tliet xhur wara l-għoti tal-istatus ta' refuġjat [205].

Fil-fatt, huwa prattikament impossibbli għal refuġjat minuri mhux akkumpanjat li jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet. Bl-istess mod, huwa estremament diffiċli għall-ġenituri ta' tali minuri li jissodisfawhom qabel ma jkunu ngħaqdu mal-wild tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, jekk il-possibbiltà tar-riunifikazzjoni tal-familja tar-refuġjati minuri mhux akkumpanjati mal-ġenituri tagħhom tkun tiddependi fuq l-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet, dan iwassal, fir-realtà, sabiex dawn il-minuri jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom għal tali riunifikazzjoni.

Barra minn hekk, sa fejn l-effett utli tad-dritt ta' RI għar-riunifikazzjoni tal-familja mal-ġenituri tiegħu kien jeżiġi, fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' TY, l-għoti ta' permess ta' dħul u ta' residenza lilha wkoll, l-Istat Membru kkonċernat lanqas ma seta' jeżiġi li RI jew il-ġenituri tiegħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva fir-rigward tal-oħt marida b'mod gravi ta' dan ir-refuġjat minuri.

### Sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), CU u ND (Assistenza soċjali – Diskriminazzjoni indiretta) (C-112/22 u C-223/22, EU:C:2024:636)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Status ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti fit-tul – Direttiva 2003/109/KE – Artikolu 11(1)(d) – Ugwaljanza fit-trattament – Miżuri ta' sigurtà soċjali, ta' assistenza soċjali u ta' protezzjoni soċjali – Kundizzjoni ta' residenza ta' mill-inqas għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn ikunu b'mod kontinwu – Diskriminazzjoni indiretta"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunale di Napoli (il-Qorti Distrettwali ta' Napoli, l-Italja), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn iċ-ċittadini ta'

---

[204] Obbligu ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tal-minuri u rikonoxximent tan-neċessità, għalih, li jżomm regolarment relazzjonijiet personali maż-żewġ ġenituri tiegħu.

[205] Konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2003/86, l-Istati Membri jistgħu jeżiġu li r-refuġjat jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(1) jekk l-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni tal-familja ma tkunx ġiet ippreżentata f'dan it-terminu.

pajjiżi terzi residenti għat-tul u ċ-ċittadini nazzjonali previst fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109 [206], u b'mod iktar partikolari dwar il-kwistjoni jekk l-aċċess għal miżura ta' sigurtà soċjali, ta' għajnuna soċjali jew ta' protezzjoni soċjali, fis-sens tal-Artikolu 11(1)(d), jistax jiġi suġġett għal kundizzjoni ta' residenza fl-Istat Membru kkonċernat ta' mill-inqas għaxar snin, mingħajr interruzzjoni fl-aħħar sentejn.

Fl-2020, CU u ND, ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għat-tul fl-Italja, talbu li jibbenefikaw mid-"dħul taċ-ċittadinanza", benefiċċju soċjali intiż li jiżgura livell minimu ta' għajxien. Sussegwentement, huma ġew investigati talli kkonfermaw b'mod falz, fl-applikazzjonijiet tagħhom, li huma kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dan il-benefiċċju, inkluża l-kundizzjoni li kienu ilhom residenti fl-Italja għal mill-inqas għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn ikunu b'mod kontinwu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Distrettwali ta' Napoli staqsiet dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' din il-kundizzjoni għall-għoti, li tapplika wkoll għaċ-ċittadini Taljani. Din il-qorti qieset li dan ir-rekwiżit kien jistabbilixxi trattament sfavorevoli fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward ta' dawk li kellhom permess ta' residenza għat-tul, meta mqabbel ma' dak irriżervat għaċ-ċittadini nazzjonali.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, bħalma huwa l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109, tagħmel riferiment espress għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, hija ma għandhiex tagħti lit-termini kkonċernati definizzjoni awtonoma u uniformi skont id-dritt tal-Unjoni. Madankollu, l-assenza ta' definizzjonijiet awtonomi u uniformi, skont id-dritt tal-Unjoni, tal-kunċetti ta' sigurtà soċjali, ta' għajnuna soċjali u ta' protezzjoni soċjali u r-riferiment għad-dritt nazzjonali, li jinsabu f'din id-dispożizzjoni, dwar l-imsemmija kunċetti ma jimplikawx li l-Istati Membri jistgħu jippreġudikaw l-effett utli tad-Direttiva 2003/109 fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament previst f'din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri, meta jiddeterminaw il-miżuri ta' sigurtà soċjali, ta' għajnuna soċjali u ta' protezzjoni soċjali ddefiniti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, għandhom jirrispettaw id-drittijiet u josservaw il-prinċipji previsti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 34 tagħha.

Peress li kemm l-Artikolu 34 tal-Karta kif ukoll l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109 jirreferu għad-dritt nazzjonali, kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tiddetermina jekk id-"dħul taċ-ċittadinanza" inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienx jikkostitwixxi benefiċċju soċjali li jaqa' taħt dawk imsemmija mill-imsemmija direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat sussegwentement li s-sistema stabbilita mid-Direttiva 2003/109 tissuġġetta l-kisba tal-istatus ta' resident għat-tul mogħti skont din id-direttiva għal proċedura partikolari u, barra minn hekk, għall-obbligu li jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet, fosthom ir-rekwiżit ta' residenza legali u kontinwa ta' ħames snin fit-territorju nazzjonali. Sa fejn dan l-istatus ta' resident għat-tul jikkorrispondi għall-ogħla livell ta' integrazzjoni li jista' jintlaħaq miċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, dan jiġġustifika li tiġi ggarantita lilhom l-ugwaljanza fit-trattament maċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti, b'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda s-sigurtà soċjali, l-assistenza soċjali u l-protezzjoni soċjali.

Sussegwentement, fir-rigward tal-kundizzjoni ta' residenza inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kundizzjoni ta' residenza ta' għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn ikunu b'mod kontinwu, tmur kontra l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109.

Fil-fatt, fl-ewwel lok, id-differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għat-tul u ċ-ċittadini nazzjonali li kienet tirriżulta mill-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tipprevedi tali kundizzjoni ta' residenza kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta. Din il-kundizzjoni kienet taffettwa prinċipalment lil dawk li ma kinux ċittadini li fosthom kien hemm b'mod partikolari ċ-ċittadini

[206] Direttiva 2003/109/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

ta' pajjiżi terzi, iżda wkoll l-interessi taċ-ċittadini Taljani li jirritornaw l-Italja wara perijodu ta' residenza fi Stat Membru ieħor. Madankollu, miżura tista' titqies li tkun diskriminazzjoni indiretta, mingħajr ma jkun neċessarju li jkollha l-effett li tiffavorixxi liċ-ċittadini nazzjonali kollha jew li tisfavorixxi biss liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għat-tul, bl-esklużjoni taċ-ċittadini nazzjonali.

Fit-tieni lok, tali diskriminazzjoni hija, bħala prinċipju, ipprojbita, sakemm ma tkunx oġġettivament iġġustifikata.

Madankollu, l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/109 jipprevedi, b'mod eżawrjenti, is-sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jidderogaw, f'termini ta' residenza, mill-ugwaljanza fit-trattament bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għat-tul u ċittadini nazzjonali. Għalhekk, lil hinn minn dawn is-sitwazzjonijiet, differenza fit-trattament bejn dawn iż-żewġ kategoriji ta' ċittadini tikkostitwixxi, fiha nnifisha, ksur tal-Artikolu 11(1)(d) ta' din id-direttiva.

B'mod partikolari, differenza fit-trattament bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għat-tul u ċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat ma tistax tiġi ġġustifikata mill-fatt li huma jkunu jinsabu f'sitwazzjoni differenti minħabba r-rabtiet rispettivi tagħhom ma' dan l-Istat Membru.

Fil-fatt, il-perijodu ta' residenza legali u kontinwa ta' ħames snin previst mid-Direttiva 2003/109 sabiex persuna tkun tista' tikseb l-istatus ta' resident għat-tul jixhed "l-għeruq tagħha f'dak il-pajjiż". Għalhekk, dan il-perijodu għandu jitqies li huwa suffiċjenti sabiex tali persuna jkollha dritt, wara l-kisba tal-istatus ta' resident għat-tul, għall-ugwaljanza fit-trattament maċ-ċittadini nazzjonali, b'mod partikolari, fir-rigward tas-sigurtà soċjali, tal-assistenza soċjali u tal-protezzjoni soċjali, konformement mal-Artikolu 11(1)(d) tal-imsemmija direttiva.

Għaldaqstant, Stat Membru ma jistax jestendi unilateralment il-perijodu ta' residenza meħtieġ sabiex tali resident għat-tul ikun jista' jgawdi mid-dritt iggarantit minn din id-dispożizzjoni.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tas-sanzjoni kriminali prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-każ ta' dikjarazzjoni falza fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-benefiċċju soċjali inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dispożizzjoni nazzjonali ta' sanzjoni ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/109 meta din tiġi imposta sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' obbligu li fih innifsu ma jkunx konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 11(1)(d) tad-Direttiva 2003/109, moqri fid-dawl tal-Artikolu 34 tal-Karta, jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-aċċess taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għat-tul għal miżura ta' sigurtà soċjali, ta' għajnuna soċjali jew ta' protezzjoni soċjali għall-kundizzjoni, li tapplika wkoll għaċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru, li jkunu ilhom jirrisjedu fl-imsemmi Stat Membru għal mill-inqas għaxar snin, li minnhom l-aħħar sentejn ikunu b'mod kontinwu, u li tissanzjona b'pieni kriminali kwalunkwe dikjarazzjoni falza dwar din il-kundizzjoni ta' residenza.

## 3. Kontroll fil-fruntieri

### Sentenza tal-21 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), Landeshauptstadt Wiesbaden (C-61/22, EU:C:2024:251)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (UE) 2019/1157 – Tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea – Validità – Bażi legali – Artikolu 21(2) TFUE – Artikolu 77(3) TFUE – Regolament (UE) 2019/1157 – Artikolu 3(5) – Obbligu għall-Istati Membri li jintegraw fil-mezz ta' ħażna tal-karti tal-identità żewġ marki tas-swaba' f'formati diġitali interoperabbli – Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Rispett tal-ħajja privata u tal-familja – Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 35 – Obbligu li*

*titwettaq valutazzjoni tal-impatt relatata mal-protezzjoni tad-data – Żamma tal-effetti ta' regolament iddikjarat invalidu ratione temporis"*

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddikjarat invalidu r-Regolament 2019/1157 [207], dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni, sa fejn dan kien ġie adottat fuq bażi legali żbaljata. Hija kkonstatat madankollu li l-inklużjoni obbligatorja fil-karti tal-identità ta' żewġ marki tas-swaba', prevista minn dan ir-regolament, kienet kompatibbli b'mod partikolari mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk żammet l-effetti tiegħu sad-dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid, ibbażat fuq il-bażi legali speċifika xierqa u intiż li jissostitwixxih.

F'Novembru 2021, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali talab lill-belt ta' Wiesbaden [208] toħroġlu karta tal-identità ġdida u talab li din ma tinkludix il-marki tas-swaba' tiegħu. Il-belt ta' Wiesbaden ċaħdet l-imsemmija talba għar-raġuni, b'mod partikolari, li, mit-2 ta' Awwissu 2021, l-integrazzjoni ta' żewġ marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħażna tal-karti tal-identità kienet obbligatorja skont id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tittrasponi, essenzjalment, l-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157.

Fl-21 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra d-deċiżjoni tal-belt ta' Wiesbaden sabiex din tal-aħħar tiġi ordnata toħroġlu karta tal-identità mingħajr ma jinġabru l-marki tas-swaba' tiegħu.

Peress li kellha dubji dwar il-legalità tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, peress li b'mod partikolari kellha dubji dwar jekk il-validità tar-Regolament 2019/1157 setgħetx hija stess tiġi kkontestata, il-qorti tar-rinviju ssospendiet il-proċeduri quddiemha sabiex tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dan ir-regolament kienx invalidu minħabba li, l-ewwel nett, kien ġie adottat b'mod żbaljat abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE minflok l-Artikolu 77(3) TFUE, it-tieni nett, kien jikser ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data [209], u, it-tielet nett, kien jikser l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [210].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

*Fuq l-ewwel motiv ta' invalidità, ibbażat fuq l-użu ta' bażi legali żbaljata*

Fir-rigward tal-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-Artikolu 21(2) TFUE u tal-Artikolu 77(3) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-kompetenza mogħtija lill-Unjoni mill-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet sabiex tadotta d-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu u li jirrisjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri [211], hija suġġetta għas-setgħat ta' azzjoni previsti għal dan l-għan mit-Trattati. Issa, l-

---

[207] Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU 2019, L 188, p. 67).

[208] Landeshauptstadt Wiesbaden (il-belt ta' Wiesbaden, il-kapitali tal-Land, il-Ġermanja).

[209] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem il-"GDPR").

[210] Iktar 'il quddiem il-"Karta". Dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw, rispettivament, ir-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u l-protezzjoni tad-data personali.

[211] Dritt imsemmi fl-Artikolu 20(2)(a) TFUE. Iktar 'il quddiem id-"dritt ta' moviment liberu u ta' residenza".

Artikolu 77(3) TFUE [212] jipprevedi espliċitament tali setgħat ta' azzjoni f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-passaporti, il-karti tal-identità, il-permessi ta' residenza jew kull dokument simili ieħor maħruġ liċ-ċittadini tal-Unjoni sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza.

Ċertament, din it-tieni dispożizzjoni taqa' taħt it-titolu tat-Trattat FUE ddedikat għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u taħt il-kapitolu intitolat "Politika dwar kontrolli fil-fruntieri, l-asil u l-immigrazzjoni". Madankollu, mill-Artikolu 77(1) TFUE jirriżulta li l-Unjoni għandha tiżviluppa politika intiża li tiżgura kemm l-assenza ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni, kif ukoll il-kontroll tal-persuni u s-sorveljanza effettiva tal-qsim tal-fruntieri esterni, kif ukoll li tistabbilixxi progressivament sistema integrata ta' ġestjoni ta' dawn il-fruntieri. Issa, id-dispożizzjonijiet [213] imsemmija fl-Artikolu 77(3) TFUE jifformaw parti integrali minn tali politika tal-Unjoni. Fil-fatt, fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni, dawn id-dokumenti jippermettulhom b'mod partikolari li jikkonfermaw il-kwalità tagħhom ta' benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza, u b'dan il-mod li jeżerċitaw dan id-dritt. Għaldaqstant, l-Artikolu 77(3) TFUE jista' jservi ta' bażi għall-adozzjoni ta' miżuri relatati mal-imsemmija dokumenti jekk tali azzjoni tidher neċessarja sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza.

Din l-interpretazzjoni tal-portata tal-Artikolu 77(3) TFUE la hija invalidata mill-iżvilupp storiku tat-Trattati fil-qasam tal-kompetenza tal-Unjoni sabiex tadotta miżuri dwar, b'mod partikolari, il-passaporti u l-karti tal-identità, u lanqas mill-fatt li din id-dispożizzjoni tipprevedi li hija tapplika "biss jekk it-Trattati [ma] jkunu[x i]pprovdew is-setgħat meħtieġa".

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, minn naħa, li, ċertament, it-Trattat ta' Lisbona ħassar id-dispożizzjoni [214] li kienet teskludi espressament il-possibbiltà għal-leġiżlatur tal-Unjoni li juża l-Artikolu 18(2) KE (li sar l-Artikolu 21(2) TFUE) bħala bażi legali għall-adozzjoni, b'mod partikolari, tad-"dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-passaporti [u] il-karti ta' l-identità". Madankollu, fl-istess ħin, dan it-Trattat ta espressament lill-Unjoni setgħa ta' azzjoni f'dan il-qasam, fl-Artikolu 77(3) TFUE, li jissuġġetta l-adozzjoni tal-miżuri fl-imsemmi qasam għal proċedura leġiżlattiva speċjali u b'mod partikolari għal vot unanimu fil-Kunsill.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmija tneħħija ma setgħetx timplika li minn dak il-mument 'il quddiem kien ser ikun possibbli li jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-passaporti u l-karti tal-identità abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE. Għall-kuntrarju, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-evoluzzjoni storika jirriżulta li, permezz tal-Artikolu 77(3) TFUE, l-awturi tat-Trattati riedu jagħtu lill-Unjoni, għall-adozzjoni ta' tali dispożizzjonijiet intiżi li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza, kompetenza iktar speċifika mill-kompetenza iktar ġenerali prevista fl-Artikolu 21(2) TFUE.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-indikazzjoni li l-Artikolu 77(3) TFUE japplika "biss jekk it-Trattati [ma] jkunu[x i]pprovdew is-setgħat meħtieġa", fis-sens li s-setgħat ta' azzjoni msemmija ma humiex mogħtija minn dispożizzjoni ta' portata iktar ġenerali, bħall-Artikolu 21(2) TFUE, iżda minn dispożizzjoni saħansitra iktar speċifika.

---

212 Skont din id-dispożizzjoni, "[j]ekk jidher li tkun meħtieġa azzjoni mill-Unjoni sabiex tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt, previst fl-Artikolu 20(2)(a) u biss jekk it-Trattati jkunu pprovdew is-setgħat meħtieġa, il-Kunsill, li jaġixxi skond il-proċedura leġislattiva speċjali, jista' jadotta dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-passaporti, il-karti ta' l-identità, il-permessi ta' residenza jew kwalunkwe dokument ieħor relatat. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew".

213 Jiġifieri, id-dispożizzjonijiet dwar il-passaporti u l-karti tal-identità, il-permessi ta' residenza jew kwalunkwe dokument simili ieħor (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet dwar il-passaporti u l-karti tal-identità").

214 Preċedentement stabbilita fl-Artikolu 18(3)KE.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li r-Regolament 2019/1157 seta' jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE biss bil-kundizzjoni li l-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti ta' dan ir-regolament ikun jinsab barra mill-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-Artikolu 77(3) TFUE, li jikkonċerna, sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt ta' moviment liberu u ta' residenza, il-ħruġ ta' passaporti, ta' karti tal-identità, ta' permessi ta' residenza jew ta' kwalunkwe dokument simili ieħor.

Issa, mill-għan u mill-komponenti prinċipali tar-Regolament 2019/1157 jirriżulta li dan kien jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-Artikolu 77(3) TFUE. Għaldaqstant, billi adotta dan ir-regolament abbażi tal-Artikolu 21(2) TFUE, u b'applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-leġiżlatur tal-Unjoni uża bażi legali żbaljata, u dan kien ta' natura li jwassal għall-invalidità tal-imsemmi regolament.

*Fuq it-tieni motiv ta' invalidità, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 35(10) tal-GDPR*

Filwaqt li rrilevat li r-Regolament 2019/1157 ma jwettaq ebda operazzjoni applikata għal data personali, iżda sempliċement jipprevedi t-twettiq mill-Istati Membri ta' ċertu pproċessar fil-każ ta' talba għal karta tal-identità, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 35(1) tal-GDPR [215] ma kienx intiż li japplika waqt l-adozzjoni tar-Regolament 2019/1157. Peress li l-Artikolu 35(10) tal-GDPR jistabbilixxi deroga minn din l-aħħar dispożizzjoni, l-adozzjoni tar-Regolament 2019/1157 għalhekk ma setgħetx tikser l-imsemmi Artikolu 35(10).

*Fuq it-tielet motiv ta' invalidità, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' kompleti fil-mezz ta' ħażna tal-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri, previst fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament 2019/1157, kien jikkostitwixxi limitazzjoni kemm tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata kif ukoll tad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, stabbiliti rispettivament fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta [216]. Barra minn hekk, dan l-obbligu kien jimplika t-twettiq minn qabel ta' żewġ operazzjonijiet ta' pproċessar ta' data personali suċċessivi, jiġifieri l-ġbir tal-imsemmija marki tas-swaba' mingħand il-persuna kkonċernata kif ukoll il-ħażna provviżorja tagħhom għall-finijiet tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità, li jikkostitwixxu wkoll limitazzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-limitazzjonijiet inkwistjoni kinux iġġustifikati u proporzjonati.

F'dan ir-rigward, hija qieset, minn naħa, li l-limitazzjonijiet inkwistjoni kienu jissodisfaw il-prinċipju ta' legalità u ma kinux jippreġudikaw il-kontenut essenzjali tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, l-ewwel nett, li l-miżura inkwistjoni kienet issegwi diversi għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni, jiġifieri l-ġlieda kontra l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz u s-serq tal-identità, kif ukoll l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika, u li kienet adatta sabiex tilħaq dawn l-għanijiet. Fil-fatt, l-integrazzjoni tal-marki tas-swaba' fil-karti tal-identità kienet tirrendi iktar diffiċli l-produzzjoni ta' karti tal-identità foloz. Hija kienet tippermetti wkoll li tiġi vverifikata, b'mod affidabbli, l-awtentiċità tal-karta tal-identità u l-identità tad-detentur tal-karta, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' frodi. Fir-rigward tal-għan tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tal-karti tal-identità, l-użu tal-marki tas-swaba' kompleti kien jippermetti li tiġi żgurata l-kompatibbiltà mas-sistemi awtomatizzati kollha ta' identifikazzjoni tal-marki

---

[215] Din id-dispożizzjoni tipprevedi l-obbligu, tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali li jista' jirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi, li jwettaq, qabel l-ipproċessar, valutazzjoni tal-impatt tal-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti fuq il-protezzjoni tad-data personali.

[216] Dawn il-limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, minn naħa, u l-obbligu li jiġu integrati żewġ marki tas-swaba' kompleti fil-mezz ta' ħażna tal-karti tal-identità, min-naħa l-oħra, ser jiġu indikati iktar 'il quddiem, rispettivament, bħala "l-limitazzjonijiet inkwistjoni" u "l-miżura inkwistjoni".

tas-swaba' użati mill-Istati Membri, minkejja li tali sistemi ma jużawx neċessarjament l-istess mekkaniżmu ta' identifikazzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-limitazzjonijiet inkwistjoni kienu josservaw il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija.

Fil-fatt, fir-rigward tal-prinċipju stess li jiġu integrati marki tas-swaba' fil-mezz ta' ħażna tal-karti tal-identità, dan huwa mezz affidabbli u effikaċi sabiex tiġi stabbilita b'ċertezza l-identità ta' persuna. B'mod partikolari, is-sempliċi inklużjoni ta' immaġni tal-wiċċ tikkostitwixxi mezz ta' identifikazzjoni inqas effikaċi mill-inklużjoni, minbarra din l-immaġni, ta' żewġ marki tas-swaba', peress li fatturi differenti jistgħu jbiddlu l-karatteristiċi anatomiċi tal-wiċċ. Il-proċess użat għall-ġbir ta' dawn il-marki tas-swaba' huwa, barra minn hekk, sempliċi biex jiġi implimentat.

Fir-rigward tal-integrazzjoni ta' żewġ marki tas-swaba' kompleti pjuttost milli ta' wħud mill-punti karatteristiċi ta' dawn il-marki tas-swaba', minbarra li din it-tieni għażla ma għandhiex l-istess garanziji bħal marka kompleta, l-integrazzjoni ta' marka kompleta hija wkoll neċessarja għall-interoperabbiltà tas-sistemi ta' verifika tad-dokumenti ta' identifikazzjoni. Fil-fatt, l-Istati Membri jużaw teknoloġiji differenti għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'. Il-fatt li fil-mezz ta' ħażna tal-karta tal-identità jiġu inklużi biss uħud mill-karatteristiċi ta' marka tas-swaba' għalhekk jikkomprometti t-twettiq tal-għan tal-interoperabbiltà.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl tan-natura tad-data inkwistjoni, tan-natura u tal-modalitajiet tal-operazzjonijiet ta' pproċessar kif ukoll tal-mekkaniżmi ta' salvagwardja previsti, il-limitazzjonijiet hekk maħluqa għad-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta ma kinux ta' gravità li hija sproporzjonata meta mqabbla mal-importanza tal-għanijiet imfittxija, iżda li, għall-kuntrarju, il-miżura inkwistjoni kienet ibbażata fuq evalwazzjoni bbilanċjata bejn, minn naħa, l-għanijiet imfittxija minnha u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet fundamentali inkwistjoni.

# X. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali

## 1. Mandat ta' arrest Ewropew [217]

### Sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, Breian (C-318/24 PPU, EU:C:2024:658)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Mandat ta' arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Konsenja ta' persuni rikjesti lill-awtoritajiet ġudizzjarji emittenti – Rispett tad-drittijiet fundamentali – Nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati li jikkonċernaw l-indipendenza tal-poter ġudizzjarju tal-Istat Membru emittenti – Nuqqasijiet dwar l-assenza ta' prova tal-ġurament tal-imħallfin – Projbizzjoni ta' trattamenti inumani jew degradanti – Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti – Evalwazzjoni mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni – Rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni – Effetti ta' dan ir-rifjut għall-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ta' Stat Membru ieħor"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Curtea de Apel Braşov (il-Qorti tal-Appell ta' Braşov, ir-Rumanija), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fil-kuntest ta' kawża b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-ġurisprudenza tagħha dwar ir-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew (MAE) relatata mar-riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata fil-każ tal-konsenja tagħha lill-awtoritajiet Rumeni.

Fis-17 ta' Diċembru 2020, il-Qorti tal-Appell ta' Braşov ħarġet MAE kontra P.P.R., bl-għan li tiġi eżegwita piena ta' priġunerija. Minkejja li ġie arrestat fi Franza fl-2022, P.P.R. ma ġiex ikkonsenjat lill-awtoritajiet Rumeni. Permezz ta' sentenza tad-29 ta' Novembru 2023, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) irrifjutat l-eżekuzzjoni tal-MAE minħabba l-eżistenza ta' riskju ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi [218]. Skont dik il-qorti, kienu jeżistu nuqqasijiet sistemiċi u ġeneralizzati li kienu jaffettwaw il-poter ġudizzjarju fir-Rumanija sa fejn il-post taż-żamma tal-proċessi verbali tal-ġurament tal-imħallfin kien inċert, ħaġa li kienet tqajjem dubju dwar il-kompożizzjoni regolari tal-qrati ta' dan l-Istat Membru. Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-proċess verbal ta' teħid ta' ġurament ta' mħallef tal-kulleġġ ġudikanti li kien impona l-piena ta' priġunerija ma setax jinstab filwaqt li mħallef ieħor tal-istess kulleġġ kien ħa biss ġurament meta nħatar bħala prosekutur. Barra minn hekk, permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli tal-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Fajls tal-Interpol (CCF), l-avviż ta' tfittxija internazzjonali li kien jirrigwarda lil P.P.R. tħassar mid-database tal-Interpol għar-raġuni li d-data li kienet tikkonċernah ma kinitx konformi mar-regoli tal-Interpol dwar l-ipproċessar tad-data personali. Dan wera l-eżistenza ta' tħassib serju, b'mod partikolari, dwar ir-rispett tad-drittijiet fundamentali matul il-proċedura li P.P.R. kien is-suġġett tagħha fir-Rumanija.

Fid-29 ta' April 2024, P.P.R. ġie arrestat f'Malta bis-saħħa tal-MAE maħruġ kontrih. Fl-istess jum, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni Maltija talbet lill-qorti tar-rinviju informazzjoni addizzjonali, filwaqt li ppreċiżat li P.P.R. kien invoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Pariġi tad-29 ta' Novembru 2023.

Sussegwentement, fl-20 ta' Mejju 2024, il-qorti Maltija ddeċidiet li ma tikkonsenjax lil P.P.R. lill-awtoritajiet Rumeni, peress li qieset li l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fir-Rumanija li hija kellha ma kinitx tippermettilha tikkonkludi li l-projbizzjoni ta' pieni jew ta' trattamenti inumani u degradanti, prevista fl-Artikolu 4 tal-Karta, kienet ser tiġi osservata jekk P.P.R. kellu jiġi kkonsenjat lil dawn l-awtoritajiet.

---

[217] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, (Awla Manja), ***Alchaster*** (C-202/24, EU:C:2024:649), ippreżentata fit-Taqsima XIX.2, "Kontenut u portata".

[218] Dan id-dritt huwa stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari li kienu jirrigwardaw essenzjalment: l-ewwel nett, l-effetti prodotti, għal awtoritajiet oħra ta' eżekuzzjoni u għall-awtorità emittenti, minn deċiżjoni ta' awtorità ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' MAE; sussegwentement, ir-raġunijiet li fuqhom kienu bbażati d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni Franċiża u Maltija li jirrifjutaw l-eżekuzzjoni tal-MAE maħruġ mill-awtorità emittenti; fl-aħħar nett, l-obbligu tagħha stess li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja wara tali rifjut kif ukoll fuq id-dritt tagħha li tipparteċipa fil-proċedura quddiem l-awtorità ta' eżekuzzjoni tal-MAE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-effetti ta' deċiżjoni li tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' MAE għal awtoritajiet oħra ta' eżekuzzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE [219] ma tipprevedix il-possibbiltà jew l-obbligu, għal awtorità ta' eżekuzzjoni ta' Stat Membru, li tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' MAE għas-sempliċi raġuni li l-eżekuzzjoni tiegħu tkun ġiet irrifjutata mill-awtorità ta' eżekuzzjoni ta' Stat Membru ieħor, mingħajr ma twettaq hija stess il-verifika tal-eżistenza ta' raġuni li tiġġustifika n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tiegħu. Għalhekk, l-awtorità ta' eżekuzzjoni ta' Stat Membru ma hijiex obbligata tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' MAE meta l-awtorità ta' eżekuzzjoni ta' Stat Membru ieħor tkun preċedentement irrifjutat li teżegwixxih għar-raġuni li l-konsenja tal-persuna kkonċernata tirriskja li tippreġudika d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Madankollu, fil-kuntest tal-eżami tagħha stess tal-eżistenza ta' raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, din l-awtorità għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut adottata mill-ewwel awtorità ta' eżekuzzjoni.

Fir-rigward tal-effetti ta' din id-deċiżjoni għall-awtorità emittenti, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma teskludix il-possibbiltà, għal din l-awtorità, li żżomm it-talba tagħha għal konsenja abbażi ta' MAE minkejja r-rifjut li dan jiġi eżegwit. Issa, għalkemm l-awtorità emittenti ma hijiex marbuta, wara tali rifjut, li tirtira l-MAE tagħha, deċiżjoni li tirrifjuta l-eżekuzzjoni tiegħu għandha, xorta waħda, tinċitaha għall-viġilanza. Hija ma tistax, speċjalment fl-assenza ta' bidla fiċ-ċirkustanzi, iżżomm MAE meta awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun leġittimament irrifjutat [220] li teżegwixxih minħabba riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq. Għall-kuntrarju, fl-assenza ta' tali riskju, b'mod partikolari wara bidla fiċ-ċirkustanzi, is-sempliċi fatt li l-awtorità ta' eżekuzzjoni tkun irrifjutat li teżegwixxi l-imsemmi MAE ma jistax jostakola lill-awtorità ġudizzjarja emittenti milli żżommu. Barra minn hekk, hija din l-awtorità li għandha teżamina jekk, fid-dawl tal-ispeċifiċitajiet tal-każ, iż-żamma tal-MAE tkunx ta' natura proporzjonata.

Fit-tieni lok, fir-rigward tar-raġunijiet li fuqhom kienu bbażati d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni Franċiża u Maltija li jirrifjutaw l-eżekuzzjoni tal-MAE inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li, sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru emittenti, l-awtorità ta' eżekuzzjoni għandha tibbaża l-eżami tagħha kemm fuq elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati dwar il-funzjonament ta' din is-sistema kif ukoll fuq analiżi konkreta u preċiża tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna rikjesta. Għaldaqstant, deċiżjoni taċ-CCF dwar is-sitwazzjoni tal-persuna li tkun is-suġġett ta' MAE [221] ma tistax tkun biżżejjed sabiex tiġġustifika r-rifjut tal-eżekuzzjoni ta' dan il-MAE. Madankollu, tali deċiżjoni tista'

---

219 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 (ĠU 2009, L 81, p. 24) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Qafas 2002/584").

220 Skont l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jipprovdi: "Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."

221 F'dan il-każ, permezz tad-deċiżjoni tagħha, iċ-CCF ordnat it-tħassir tal-avviż ta' tfittxija internazzjonali li kien jikkonċerna lil P.P.R., minħabba ksur tar-regoli tal-Interpol dwar l-ipproċessar tad-data personali.

tittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni sabiex tiddeċiedi jekk ikunx hemm lok li tirrifjuta li teżegwixxi l-MAE.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ta' MAE maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena ma tistax tirrifjuta li teżegwixxi dan il-MAE billi tibbaża ruħha fuq ir-raġuni li l-verbal tat-teħid ta' ġurament minn imħallef li jkun impona din il-piena ma jkunx jista' jinstab jew fuq il-fatt li mħallef ieħor tal-istess kulleġġ ġudikanti jkun ħa biss ġurament meta nħatar bħala prosekutur. Fil-fatt, kull irregolarità li sseħħ matul il-proċedura ta' ħatra ta' mħallef, jew fl-okkażjoni tad-dħul tiegħu fil-kariga tiegħu, ma hijiex ta' natura li tqajjem dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalità ta' dan l-imħallef u, għaldaqstant, dwar il-kwalità ta' "qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, ta' kulleġġ ġudikanti li minnu jkun jifforma parti. B'mod partikolari, ma jistax jikkostitwixxi nuqqas sistemiku jew ġeneralizzat fir-rigward tal-indipendenza tal-poter ġudizzjarju l-fatt li d-dritt intern ta' Stat Membru jipprevedi, eventwalment, li prosekutur, li jkun ħa l-ġurament mad-dħul tiegħu fil-kariga, ma jkollux għalfejn, fil-ħatra sussegwenti tiegħu fil-funzjonijiet ta' mħallef, jieħu ġurament għal darba oħra. Barra minn hekk, inċertezza dwar il-post fejn jinżammu l-proċessi verbali tal-ġurament tal-imħallfin ta' Stat Membru jew l-impossibbiltà li dawn il-proċessi verbali jiġu llokalizzati, b'mod partikolari jekk ikunu għaddew diversi snin minn meta jkun ittieħed il-ġurament tal-imħallef ikkonċernat, ma jistgħux, fihom infushom u fin-nuqqas ta' indizji rilevanti oħra, juru li l-imħallfin ikkonċernati jkunu qiegħdin jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom mingħajr ma jkunu ħadu l-ġurament meħtieġ. Fi kwalunkwe każ, inċertezza fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-imħallfin ta' Stat Membru jkunux, qabel id-dħul fil-kariga tagħhom, ħadu l-ġurament previst mid-dritt intern ma tistax titqies li tikkostitwixxi nuqqas sistematiku jew ġeneralizzat fir-rigward tal-indipendenza tal-poter ġudizzarju f'dan l-Istat Membru, jekk id-dritt intern jipprevedi rimedji legali effikaċi li jippermettu li tiġi invokata eventwali ommissjoni ta' teħid ta' ġurament mill-imħallfin li jkunu taw sentenza partikolari u li b'hekk jinkiseb l-annullament ta' din is-sentenza. Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika jekk tali rimedji legali jeżistux fid-dritt Rumen.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, waqt l-eżami tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' MAE billi tibbaża ruħha fuq elementi li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan l-istabbilimenti penitenzjarji tal-Istat Membru emittenti li hija stess ġabret u li fir-rigward tagħhom hija ma tkunx talbet informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti. Barra minn hekk, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tapplika standard ogħla fil-qasam tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni minn dak iggarantit mill-Artikolu 4 tal-Karta. F'dan ir-rigward, is-sempliċi assenza ta' stabbiliment ta' "pjan preċiż għall-eżekuzzjoni tal-piena" jew ta' "kriterji preċiżi sabiex tiġi stabbilita sistema ta' eżekuzzjoni partikolari" ma taqax taħt il-kunċett ta' "trattament inuman jew degradanti", fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta.

Jekk jitqies li l-istabbiliment ta' tali pjan jew ta' tali kriterji huwa meħtieġ fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, bis-saħħa tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, l-Istati Membri jistgħu jkunu marbuta jippreżumu r-rispett tad-drittijiet fundamentali mill-Istati Membri l-oħra, b'tali mod li ma jkunx possibbli għalihom, b'mod partikolari, li jeżiġu minn Stat Membru ieħor livell ta' protezzjoni nazzjonali tad-drittijiet fundamentali ogħla minn dak żgurat mid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma tistax tirrifjuta l-konsenja tal-persuna rikjesta għas-sempliċi raġuni li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma tkunx ikkomunikatilha "pjan preċiż tal-eżekuzzjoni tal-piena" jew "kriterji preċiżi sabiex tiġi stabbilita sistema ta' eżekuzzjoni partikolari".

Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-obbligi u tad-drittijiet tal-awtorità ġudizzjarja emittenti, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat, minn naħa, li din l-awtorità ma hijiex marbuta tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari qabel ma tiddeċiedi, fid-dawl tar-raġunijiet li jkunu wasslu lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta l-eżekuzzjoni ta' MAE, li tirtirah jew li żżommu, sakemm id-deċiżjoni li hija jkollha tieħu ma tkunx suġġetta għal rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt intern, f'liema każ hija tkun, bħala prinċipju, marbuta tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija tista' tinħeles minn dan l-obbligu biss meta tkun ikkonstatat li l-kwistjoni mqajma ma tkunx rilevanti jew li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni kienet is-suġġett ta' interpretazzjoni min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja jew li l-

interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni tkun tant evidenti li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ta' MAE ma għandhiex id-dritt li tipparteċipa, bħala parti, fil-proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta' dan il-MAE quddiem l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni. Fil-fatt, tali parteċipazzjoni ma hijiex indispensabbli sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipji ta' rikonoxximent reċiproku u ta' kooperazzjoni leali li fuqhom huwa bbażat il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-MAE.

## 2. Ordni ta' investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali

**Sentenza tat-30 ta' April 2024 (Awla Manja), M.N. (EncroChat) (C-670/22, EU:C:2024:372)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva 2014/41/UE – Ordni ta' investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali – Kisba ta' provi diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni – Kundizzjonijiet għall-ħruġ – Servizzi ta' telekomunikazzjonijiet kriptati – EncroChat – Neċessità tad-deċiżjoni ta' mħallef – Użu ta' provi miksuba bi ksur tad-dritt tal-Unjoni"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mil-Landgericht Berlin (il-Qorti Reġjonali ta' Berlin, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kundizzjonijiet għall-ħruġ, minn prosekutur, ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali meta l-awtorità emittenti ta' Stat Membru tkun tixtieq tikseb it-trażmissjoni ta' data ta' telekomunikazzjonijiet interċettata li tkun diġà fil-pussess ta' Stat Membru ieħor. Hija ppreċiżat ukoll il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu, għall-użu ta' din id-data, mill-ksur tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam.

Fil-kuntest ta' investigazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet Franċiżi, deher li l-persuni akkużati kienu jużaw telefons mobbli kriptati abbażi tas-servizz "EncroChat" sabiex iwettqu reati prinċipalment marbuta mat-traffikar tad-drogi narkotiċi. Dan is-servizz kien jippermetti li tiġi stabbilita, permezz ta' server installat fi Franza, komunikazzjoni kriptata li ma setgħetx tiġi interċettata b'metodi ta' investigazzjoni tradizzjonali.

Fir-rebbiegħa tal-2020, bl-awtorizzazzjoni ta' qorti Franċiża, ġie installat softwer tat-tip "Trojan", żviluppat minn skwadra ta' investigazzjoni Franko-Olandiża, fuq l-imsemmi server u, minn hemm, fuq it-telefons mobbli ta' utenti f'122 pajjiż, fosthom madwar 4 600 fil-Ġermanja.

Waqt konferenza organizzata minn Eurojust [222] f'Marzu 2020, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet Franċiżi u Olandiżi informaw lill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn dwar il-miżura ta' interċettazzjoni tad-data li huma kienu qegħdin jippjanaw, inkluża data minn telefons mobbli li kienu jinsabu barra mit-territorju Franċiż. Ir-rappreżentanti tal-Bundeskriminalamt (l-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Ġudizzjarja, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem il-"BKA") u tal-Generalstaatsanwaltschaft Frankfurt am Main (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Frankfurt") urew l-interess tagħhom fid-data tal-utenti Ġermaniżi.

Bejn Ġunju 2020 u Lulju 2021, fil-kuntest ta' proċedura miftuħa kontra X, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku ta' Frankfurt ħareġ ordnijiet ta' investigazzjoni Ewropea sabiex jitlob lill-awtoritajiet Franċiżi l-awtorizzazzjoni għall-użu mingħajr restrizzjoni, fi proċeduri kriminali, tad-data miġbura minnhom. Huwa ġġustifika t-talba tiegħu billi espona li l-BKA kien ġie informat minn Europol li twettqu numru kbir ta' reati serji ħafna fil-Ġermanja bl-għajnuna ta' telefons mobbli mgħammra bis-servizz "EncroChat" u li persuni li kienu għadhom mhux identifikati kienu ssuspettati bl-ippjanar u t-twettiq ta' tali ksur fil-Ġermanja bl-użu tal-komunikazzjonijiet kriptati. Qorti Franċiża awtorizzat it-trażmissjoni u l-użu legali tad-data interċettata tal-utenti Ġermaniżi.

---

222 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali.

Sussegwentement, l-Uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku ta' Frankfurt assenja mill-ġdid il-proċeduri ta' investigazzjoni mibdija, fost l-oħrajn, kontra M. N. lil uffiċċji tal-prosekutur lokali. F'waħda mill-proċeduri kriminali mibdija quddiem il-qorti tar-rinviju, din tal-aħħar kellha dubju dwar il-legalità tal-imsemmija ordnijiet ta' investigazzjoni Ewropea fid-dawl tad-Direttiva 2014/41 [223] u dwar il-konsegwenzi ta' ksur potenzjali tad-dritt tal-Unjoni għall-użu, f'dik il-proċedura, tad-data interċettata. Konsegwentement, hija ddeċidiet li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kunċett ta' "awtorità emittenti", fis-sens tad-Direttiva 2014/41, ma huwiex limitat għall-imħallfin. Fil-fatt, il-prosekutur jissemma fl-Artikolu 2(c)(i) ta' din id-direttiva fost l-awtoritajiet li huma mifhuma li huma "awtorità emittenti", bl-unika kundizzjoni li huwa jkollu kompetenza fil-kawża kkonċernata. Għaldaqstant, peress li, skont id-dritt tal-Istat emittenti, prosekutur huwa kompetenti, f'sitwazzjoni purament interna għal dan l-Istat, sabiex jordna miżura investigattiva intiża għat-trażmissjoni ta' provi diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, huwa jaqa' taħt il-kunċett ta' "awtorità emittenti" għall-finijiet tal-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea intiża għat-trażmissjoni ta' provi diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni.

Fit-tieni lok, mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/41 jirriżulta li ordni ta' investigazzjoni Ewropea intiża għat-trażmissjoni ta' provi miksuba bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkunu diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni, għandha tosserva l-kundizzjonijiet kollha previsti, jekk ikun il-każ, mid-dritt tal-Istat emittenti għat-trażmissjoni ta' tali provi f'sitwazzjoni purament interna għal dan l-Istat.

Għall-kuntrarju, għalkemm huwa intiż li jevita evażjoni tar-regoli u tal-garanziji previsti mid-dritt tal-Istat emittenti, l-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 2014/41 ma jeħtieġx, inkluż f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali fejn id-data inkwistjoni tkun inġabret mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni fit-territorju tal-Istat emittenti u fl-interess tiegħu, li l-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea intiża għat-trażmissjoni ta' provi diġà fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni jkun suġġett għall-istess kundizzjonijiet sostantivi bħal dawk applikati, fl-Istat emittenti, fil-qasam tal-ġbir ta' dawn il-provi.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet li fuqu hija bbażata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li taħtha taqa' d-Direttiva 2014/41, l-awtorità emittenti ma hijiex awtorizzata tistħarreġ ir-regolarità tal-proċedura distinta li permezz tagħha l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkun ġabar il-provi diġà fil-pussess ta' dan tal-aħħar u li l-awtorità emittenti titlob it-trażmissjoni tagħhom.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, minn naħa, l-Artikolu 6(1)(a) tad-Direttiva 2014/41 ma jeżiġix li l-ħruġ ta' tali ordni ta' investigazzjoni Ewropea jkun neċessarjament suġġett għall-eżistenza ta' preżunzjoni ta' ksur serju bbażata fuq fatti konkreti, kontra kull persuna kkonċernata, fil-mument meta tinħareġ din l-ordni ta' investigazzjoni Ewropea, meta tali rekwiżit ma jirriżultax mid-dritt tal-Istat emittenti għat-trażmissjoni ta' provi bejn l-uffiċċji tal-prosekuturi nazzjonali. Min-naħa l-oħra, din id-dispożizzjoni lanqas ma tipprekludi l-ħruġ ta' ordni ta' investigazzjoni Ewropea meta l-integrità tad-data interċettata ma tkunx tista' tiġi vverifikata f'dan l-istadju minħabba l-kunfidenzjalità tat-teknoloġija tal-interċettazzjoni, sakemm id-dritt għal smigħ xieraq ikun iggarantit fil-proċedura kriminali sussegwenti. Fil-fatt, l-integrità tal-provi prodotti tista', bħala prinċipju, tiġi evalwata biss fil-mument meta l-awtoritajiet kompetenti effettivament ikollhom il-provi inkwistjoni.

---

[223] Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU 2014, L 130, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 143, p. 16).

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-infiltrazzjoni ta' tagħmir terminali intiż għall-estrazzjoni ta' data dwar it-traffiku, il-lokalizzazzjoni u l-komunikazzjoni ta' servizz ta' komunikazzjoni bbażat fuq l-internet tikkostitwixxi "interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet", fis-sens tal-Artikolu 31(1) tad-Direttiva 2014/41, li għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità nnominata għal dan l-għan mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinsab il-mira tal-interċettazzjoni. Fil-każ li l-Istat Membru li jinterċetta ma jkunx f'pożizzjoni li jidentifika l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru nnotifikat, din in-notifika tista' tiġi indirizzata lil kwalunkwe awtorità tal-Istat Membru nnotifikat li l-Istat Membru li jinterċetta jqis li hija adatta għal dan l-għan.

Skont l-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 2014/41, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru nnotifikat għandha għalhekk il-possibbiltà, fil-każ fejn l-interċettazzjoni ma tkunx awtorizzata fil-kuntest ta' proċedura nazzjonali simili, li tindika li l-interċettazzjoni ma tistax issir jew għandha tiġi interrotta jew, saħansitra, li d-data interċettata ma tistax tintuża jew tista' tintuża biss taħt il-kundizzjonijiet speċifikati minnha. Għaldaqstant, l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2014/41 huwa intiż mhux biss sabiex jiggarantixxi l-osservanza tas-sovranità tal-Istat Membru nnotifikat, iżda wkoll sabiex jipproteġi d-drittijiet tal-persuni kkonċernati minn tali miżura ta' interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, bħala prinċipju, huwa biss id-dritt nazzjonali li għandu jiddetermina r-regoli dwar l-ammissibbiltà u l-evalwazzjoni, fil-kuntest ta' proċedura kriminali, ta' informazzjoni u ta' provi li jkunu nkisbu b'mod li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

B'dan premess, l-Artikolu 14(7) tad-Direttiva 2014/41 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw, bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli proċedurali nazzjonali, li, fi proċeduri kriminali fl-Istat emittenti, id-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedura jiġu osservati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-provi miksuba permezz tal-ordni ta' investigazzjoni Ewropea. Konsegwentement, meta qorti tqis li parti ma tkunx f'pożizzjoni li tikkummenta b'mod effettiv fuq tali prova li tista' tinfluwenza b'mod predominanti l-evalwazzjoni tal-fatti, din il-qorti għandha tikkonstata ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u twarrab din il-prova.

## 3. Ipproċessar ta' data personali minn Europol

### Sentenza tal-5 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), Kočner vs Europol (C-755/21 P, EU:C:2024:202)

*"Appell – Kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi – Regolament (UE) 2016/794 – Artikolu 49(3) u Artikolu 50 – Protezzjoni tad-data personali – Ipproċessar illegali ta' data – Proċeduri kriminali mibdija fis-Slovakkja kontra l-appellant – Perizja mwettqa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) għal finijiet istruttorji – Estrazzjoni ta' data minn telefoni mobbli u minn mezz ta' ħażna USB li jappartjenu lill-appellant – Żvelar ta' din id-data – Dannu morali – Rikors għad-danni – Natura tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali"*

Adita b'appell ippreżentat minn M. Kočner, l-appellant, mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża Kočner vs Europol [224], l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja laqgħat parzjalment dan l-appell filwaqt li ppreċiżat in-natura tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (iktar 'il quddiem il-"Europol"), skont l-Artikolu 50 tar-Regolament 2016/794 [225], interpretat fid-dawl tal-premessa 57 tiegħu.

---

[224] Sentenza tad-29 ta' Settembru 2021, Kočner vs Europol (T-528/20, EU:T:2021:631, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

[225] Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU 2016, L 135, p. 53, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Europol").

Fil-kuntest ta’ investigazzjoni mill-awtoritajiet Slovakki wara l-qtil fis-Slovakkja, fl-2018, ta’ ġurnalist u tal-għarusa tiegħu, il-Europol ta l-appoġġ tiegħu lil dawn l-awtoritajiet fuq talba tan-Národná kriminminálna agentúra (l-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġlieda Kontra l-Kriminalità, is-Slovakkja, iktar ’il quddiem in-“NAKA”). Hija pproċediet, b’mod partikolari, għall-estrazzjoni tad-data maħżuna fuq żewġ telefoni mobbli li kienu jappartjenu lill-appellant. Fit-23 ta’ Ottubru 2018, hija tat lin-NAKA hard disk li kien fiha d-data kkriptata estratta kif ukoll il-password li tipproteġi din id-data. Barra minn hekk, fit-13 ta’ Jannar 2019, hija bagħtet rapport lin-NAKA (iktar ’il quddiem ir-“rapport tal-Europol”) li kien isemmi, fost oħrajn, li isem l-appellant huwa direttament marbut mal-“hekk imsejħa listi tal-mafja”.

Fl-1 ta’ April 2019, l-awtoritajiet kriminali Slovakki użaw din l-informazzjoni fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali mibdija kontra l-appellant. Fl-2019 u fl-2020, diversi artikli tal-istampa kif ukoll siti internet indikaw volum kbir ħafna ta’ informazzjoni dwar l-appellant, li b’mod partikolari rriżultat mit-telefoni mobbli inkwistjoni. B’mod partikolari, sit internet u l-istampa Slovakka ppubblikaw traskrizzjonijiet tal-komunikazzjonijiet intimi skambjati bejn l-appellant u ħabiba permezz ta’ servizz ta’ messaġġi kkriptat, u li kienu jinsabu f’dawn it-telefoni.

Wara li ressaq ilment quddiem il-Europol, l-appellant ippreżenta quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għad-danni bbażat fuq l-Artikoli 268 u 340 TFUE kif ukoll fuq l-Artikolu 50(1) tar-Regolament Europol, li jistabbilixxi sistema ta’ responsabbiltà minħabba l-ipproċessar inkorrett ta’ data personali [226]. Dan ir-rikors kien intiż li jinkiseb kumpens għad-danni morali li l-appellant qies li ġarrab minħabba l-aġir tal-Europol. Wara li l-imsemmi rikors ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali, l-appellant appella mis-sentenza appellata. Dan l-appell kien dirett kontra ċ-ċaħda, minn naħa, tal-ewwel kap tat-talbiet, li kien intiż għall-kumpens għad-dannu morali li l-appellant kien allegatament ġarrab minħabba l-iżvelar lill-pubbliku ta’ data personali li toriġina mit-telefoni mobbli inkwistjoni, u, min-naħa l-oħra, tat-tieni kap tat-talbiet, li kien intiż għall-kumpens għad-dannu morali li huwa allegatament kien ġarrab minħabba l-inklużjoni ta’ ismu fil-“listi tal-mafja”.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-aggravji invokati kontra s-sentenza appellata.

Fir-rigward tad-dannu morali bbażat fuq l-iżvelar lill-pubbliku ta’ data personali li toriġina mit-telefoni mobbli inkwistjoni, hija ppreċiżat in-natura tas-sistema ta’ responsabbiltà stabbilita mill-Artikolu 50(1) tar-Regolament Europol.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mill-analiżi tal-kliem ta’ din id-dispożizzjoni u tal-għan imfittex minn dan ir-regolament jirriżulta li dan tal-aħħar, moqri fid-dawl tal-preambolu tiegħu [227], joħloq, konformement mar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiffavorixxi lill-persuna fiżika leża, sistema ta’ responsabbiltà *in solidum* tal-Europol u tal-Istat Membru kkonċernat. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kuntest li fih tinsab l-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 50 tar-Regolament Europol huwa intiż li jistabbilixxi sistema partikolari ta’ responsabbiltà mhux kuntrattwali fir-rigward tal-operazzjonijiet ta’ pproċessar illegali ta’ data, li tidderoga mis-sistema ġenerali ta’ responsabbiltà prevista mill-Artikolu 49 ta’ dan l-istess regolament.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 50 tar-Regolament Europol jistabbilixxi sistema ta’ responsabbiltà *in solidum* tal-Europol u tal-Istat Membru li fih iseħħ id-dannu kkawżat minn ipproċessar illegali ta’ data.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 50 tar-Regolament Europol, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, konformement mas-sistema tar-responsabbiltà

**226** Artikolu 50(1) tar-Regolament Europol.

**227** Premessa 57 tal-preambolu.

mhux kuntrattwali tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 340 TFUE, li għalih jirreferi l-imsemmi Artikolu 50, din ir-responsabbiltà teħtieġ li jkunu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet.

F'dan ir-rigward, hija osservat li, fil-kuntest speċifiku tar-Regolament Europol, mill-kliem tal-Artikolu 50(1) tiegħu jirriżulta li l-persuna fiżika li jkollha l-intenzjoni tinvoka d-dritt tagħha għal kumpens għandha tistabbilixxi biss li pproċessar illegali ta' data seħħ fil-kuntest ta' kooperazzjoni li involviet lill-Europol u lil Stat Membru skont dan ir-regolament.

Din l-interpretazzjoni letterali hija kkorroborata mill-għan imfittex mill-Artikolu 50 tar-Regolament Europol, li jikkonsisti, skont il-preambolu ta' dan ir-regolament, f'li jiġu indirizzati d-diffikultajiet li tista' tiġi esposta għalihom il-persuna fiżika kkonċernata sabiex tiddetermina jekk id-dannu mġarrab minħabba pproċessar illegali ta' data li seħħ fil-kuntest ta' tali kooperazzjoni kienx il-konsegwenza ta' azzjoni tal-Europol jew tal-Istat Membru kkonċernat. Issa, taħt piena li jitneħħa l-effett utli ta' dan l-Artikolu 50(1), moqri fid-dawl tal-preambolu tar-Regolament Europol, ma jistax jiġi rikjest minn din il-persuna li tistabbilixxi lil min, mill-Europol jew mill-Istat Membru kkonċernat, dan id-dannu huwa imputabbli jew li hija tħarrek lil dawn iż-żewġ entitajiet sabiex tikseb il-kumpens sħiħ tad-dannu tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda, għall-kumpens għad-danni kkawżati minn ipproċessar illegali ta' data fil-kuntest ta' kooperazzjoni li taqa' taħt ir-Regolament Europol, mekkaniżmu ta' responsabbiltà f'żewġ stadji, preċiżament sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni dawn id-diffikultajiet probatorji. Dan il-mekkaniżmu, minn naħa, jeżenta, fil-kuntest tal-ewwel stadju, lill-persuna fiżika kkonċernata mill-oneru li tistabbilixxi l-identità tal-entità li l-aġir tagħha kkawża d-dannu allegat u, min-naħa l-oħra, jipprevedi, fit-tieni stadju, li, wara li din il-persuna tkun ġiet ikkumpensata, ir-"responsabbiltà aħħarija" ta' dan id-dannu għandha, jekk ikun il-każ, tiġi deċiża definittivament fil-kuntest ta' proċedura li timplika biss lill-Europol u lill-Istat Membru kkonċernat quddiem il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li r-Regolament Europol ma jimponix fuq il-persuna fiżika kkonċernata l-oneru li tidentifika liema mill-entitajiet involuti f'kooperazzjoni bejn il-Europol u Stat Membru adottat l-aġir li jikkostitwixxi pproċessar illegali ta' data. Għalhekk, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà *in solidum* tal-Europol jew tal-Istat Membru kkonċernat, huwa biżżejjed li din il-persuna turi li sar ipproċessar illegali ta' data, li kkawżalha dannu.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li l-entità konvenuta xorta tista' tistabbilixxi permezz ta' kull rimedju legali li huwa eskluż li d-dannu allegat ikun relatat ma' allegat ipproċessar illegali ta' data li seħħ fil-kuntest ta' tali kooperazzjoni, pereżempju minħabba l-preċedenza ta' dan id-dannu meta mqabbel mat-trattament inkwistjoni.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn qieset, b'mod żbaljat, li l-Artikolu 50(1) tar-Regolament Europol, moqri fid-dawl tal-preambolu tiegħu, ma kienx jeżenta lill-persuna fiżika kkonċernata milli tistabbilixxi lil liema miż-żewġ entitajiet involuti kien imputabbli l-ipproċessar illegali ta' data. Konsegwentement, hija annullat is-sentenza appellata sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel kap tat-talbiet.

Fir-rigward tad-dannu morali kkonċernat mit-tieni kap tat-talbiet u bbażat fuq l-inklużjoni ta' isem l-appellant fil-"listi tal-mafja", il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mis-sentenza appellata kien jirriżulta li r-rapport tal-Europol kien sussegwenti u, minħabba dan il-fatt biss, estranju għall-fatt dannuż allegat mill-appellant fil-kuntest ta' dan it-tieni kap tat-talbiet. Issa, l-appellant ma weriex li l-konstatazzjonijiet li fuqhom kienet ibbażata s-sentenza appellata f'dan ir-rigward kienu vvizzjati bi żnaturament tal-provi jew bi żball ta' liġi. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li konsegwentement kien eskluż li d-dannu invokat mill-appellant fit-tieni kap tat-talbiet tiegħu seta' jkun marbut ma' eventwali pproċessar illegali ta' data li seħħ fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-awtoritajiet Slovakki.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minkejja l-iżball imwettaq mill-Qorti Ġenerali meta warrbet il-prinċipju stess ta' responsabbiltà *in solidum* ta' Europol fil-kuntest tar-Regolament Europol, ir-rekwiżit li r-rikorrent għandu jipprova l-eżistenza ta' pproċessar illegali ta' data li kkawżalu dannu, f'dan il-każ, kien nieqes, b'tali mod li r-responsabbiltà tal-Europol ma setgħetx, fi kwalunkwe każ, tiġi stabbilita abbażi ta' dan it-tieni kap ta' talbiet. Minn dan hija kkonkludiet li l-aggravju li jirrigwarda ċ-ċaħda ta' dan il-kap tat-talbiet kellu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

Fit-tieni lok, fid-dawl tal-annullament parzjali tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li kkonstatat li l-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża, tat deċiżjoni definittivament dwar il-kawża li kellha quddiemha l-Qorti Ġenerali u, għal dan l-għan, eżaminat jekk il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni skont l-Artikolu 50 tar-Regolament Europol kinux issodisfatti f'dan il-każ.

Fir-rigward tar-rekwiżit ta' ksur ta' regola tad-dritt tal-Unjoni li jkollha l-għan li tagħti drittijiet lil individwi, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-Regolament Europol jimponi fuq din l-aġenzija tal-Unjoni u fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, mitluba jikkooperaw għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, obbligu ta' protezzjoni tal-individwi kontra l-ipproċessar illegali ta' data personali li tikkonċernahom [228].

Mill-qari flimkien ta' sensiela ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament Europol, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li kull żvelar ta' data personali, li tkun is-suġġett ta' pproċessar fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, lil persuni mhux awtorizzati li jsiru jafu biha jikkostitwixxi ksur ta' regola tad-dritt tal-Unjoni li għandha l-għan li tagħti drittijiet lil individwi. Dan kien il-każ, f'dan il-każ, tal-iżvelar mhux awtorizzat tad-data personali li kienet tikkonċerna konverżazzjonijiet ta' natura intima tal-appellant.

Fir-rigward tar-rekwiżit ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kriterju deċiżiv f'dan ir-rigward huwa dak ta' ksur manifest u gravi tal-limiti tas-setgħa diskrezzjonali li tinkludi d-dispożizzjoni miksura. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni li għandha ssir teħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-qasam, il-kundizzjonijiet u l-kuntest li fihom l-obbligu inkwistjoni jaqa' fuq l-awtorità kkonċernata. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll, b'mod partikolari, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regola miksura kif ukoll il-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni li din ir-regola tħalli lill-awtorità kkonċernata, il-kumplessità tas-sitwazzjoni li għandha tiġi rregolata u d-diffikultajiet ta' applikazzjoni jew ta' interpretazzjoni tat-testi.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien jeżisti tali ksur suffiċjentement serju. Fil-fatt, minn naħa, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Europol ma jħallu lill-entitajiet involuti f'kooperazzjoni bejn il-Europol u Stat Membru skont dan ir-regolament ebda marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tan-neċessità li jiġu protetti l-persuni kkonċernati kontra l-ipproċessar illegali ta' data personali li tikkonċernahom. Min-naħa l-oħra, dan l-obbligu jidħol fil-kuntest sensittiv ta' kooperazzjoni għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, li fih tali data tiġi pproċessata mingħajr ebda intervent mill-persuni kkonċernati, ħafna drabi mingħajr ma jkunu jafu, u għalhekk mingħajr ma dawn ikunu jistgħu jintervjenu bi kwalunkwe mod sabiex jipprevjenu eventwali pproċessar illegali tad-data tagħhom.

Għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet dwar ir-realtà tad-dannu u tar-rabta kawżali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tista' tiġi stabbilita biss jekk ir-rikorrent ikun effettivament ġarrab dannu reali u ċert, u jekk id-dannu jirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-ksur allegat ta' regola tad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-każ, hija ddeċidiet li l-iżvelar lil persuni mhux awtorizzati ta' data dwar konverżazzjonijiet intimi bejn l-appellant u l-ħabiba tiegħu kiser id-dritt ta' dan tal-aħħar għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tiegħu kif ukoll tal-komunikazzjonijiet tiegħu u li dan l-iżvelar ippreġudika l-unur u r-reputazzjoni tiegħu, fatt li kkawżalu dannu morali.

---

[228] Qari flimkien tal-Artikolu 2(h), (i) u (k), tal-Artikolu 28(1)(a) u (f), tal-Artikolu 38(4) u tal-Artikolu 50(1) tar-Regolament Europol.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat parzjalment is-sentenza appellata u kkundannat lil Europol tħallas EUR 2 000 lill-appellant bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab.

# XI. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili

## 1. Regolament Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet fil-qasam matrimonjali u fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri

**Sentenza tal-20 ta' Ġunju 2024, Greislzel (C-35/23, EU:C:2024:532)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Responsabbiltà tal-ġenituri – Regolament (KE) Nru 2201/2003 – Artikoli 10 u 11 – Ġurisdizzjoni fil-każ ta' tneħħija illegali ta' minuri – Residenza abitwali tal-minuri fi Stat Membru qabel it-tneħħija illegali – Proċedura ta' ritorn bejn pajjiż terz u Stat Membru – Kunċett ta' 'talba għal ritorn' – Konvenzjoni ta' Den Haag tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Oberlandesgericht Frankfurt am Main (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Frankfurt am Main, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti regoli proċedurali applikabbli taħt ir-Regolament Nru 2201/2003 [229] fil-każ ta' sekwestru internazzjonali ta' minuri b'rabta ma' pajjiż terz.

L twieldet fl-2014 fl-Isvizzera u kellha n-nazzjonalità Ġermaniża u dik Pollakka. Missierha kien ilu jirrisjedi fl-Isvizzera minn Ġunju 2013 għal raġunijiet ta' xogħol, filwaqt li ommha għexet ma' L minn Jannar 2015 sa April 2016 fil-Ġermanja, fejn il-missier kien iżurhom regolarment. F'April 2016, l-omm u L marru jgħixu l-Polonja fejn, inizjalment, il-missier kien iżurhom. Mix-xahar ta' April 2017, l-omm irrifjutat lill-missier l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess tiegħu. Hija rreġistrat lil L fl-iskola materna fil-Polonja, mingħajr il-kunsens tal-missier, u informat lil dan tal-aħħar li kienet ser tibqa' fil-Polonja ma' binthom.

F'Lulju 2017, il-missier ressaq talba għal ritorn tal-minuri lejn l-Isvizzera permezz tal-awtorità ċentrali Svizzera [230], skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 [231]. Qorti Pollakka ċaħdet din it-talba għar-raġuni li l-missier kien ta l-kunsens tiegħu għal żmien indeterminat għaċ-ċaqliq tal-omm u ta' L fil-Polonja. L-appell ippreżentat mill-missier minn din id-deċiżjoni ġie miċħud.

Minkejja li ma kienx ta segwitu għal talba oħra għal ritorn imressqa fil-Ġermanja, il-missier ressaq, f'Lulju 2018, talba quddiem qorti Ġermaniża intiża għall-attribuzzjoni tal-kustodja esklużiva tal-minuri u tad-dritt li tiġi ddeterminata r-residenza tiegħu, kif ukoll għar-ritorn tal-minuri f'darha, fl-Isvizzera. Il-qorti adita ċaħdet din it-talba minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali. Il-missier ippreżenta appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostna li l-ġurisdizzjoni tal-qrati Ġermaniżi tirriżulta mill-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament Nru 2201/2003.

Il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar l-applikabbiltà ta' dawn id-dispożizzjonijiet, peress li l-missier kien beda, mingħajr suċċess, proċedura għar-ritorn tal-minuri, bis-saħħa tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, permezz tal-awtorità ċentrali tal-Isvizzera, pajjiż terz li ma huwiex marbut bir-Regolament Nru 2201/2003. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

---

229 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

230 L-Uffiċċju Federali tal-Ġustizzja f'Berna (l-Isvizzera).

231 Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, konkluża f'Den Haag fil-25 ta' Ottubru 1980 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980").

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri prevista fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003. Skont dan l-artikolu, il-qrati tal-Istat Membru li fih il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tiegħu jżommu, bħala prinċipju u taħt ċerti kundizzjonijiet, il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħhom.

F'dak li jirrigwarda l-kunċett ta' "tneħħija jew żamma illegali ta' minuri", li fuqu huwa bbażat l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, hija qieset, l-ewwel nett, li d-definizzjoni ta' dan il-kunċett [232] ma tiddependix mill-ftuħ, neċessarjament sussegwenti u eventwali, mid-detentur tad-dritt ta' kustodja ta' proċedura għar-ritorn tal-minuri, ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

Sussegwentement, l-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003, li jipprovdi li l-qrati tar-residenza abitwali ta' qabel tal-minuri ma jżommux, bħala prinċipju, ġurisdizzjoni fin-nuqqas ta' talba għar-ritorn, f'terminu ta' sena, fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-minuri ikun tneħħa jew inżamm illegalment, ma jispeċifikax li talba għal ritorn għandha tkun tressqet skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, u lanqas ma jeskludi li hija setgħet tressqet permezz ta' awtorità ċentrali ta' pajjiż terz. Fil-fatt, minn naħa, skont l-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 2201/2003, id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980 ma jiħdux preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, ma hemmx obbligu li din il-konvenzjoni tiġi invokata sabiex jintalab ir-ritorn ta' minuri, peress li proċedura ta' ritorn tista' tkun ibbażata fuq regoli oħra jew fuq dispożizzjonijiet oħra ta' konvenzjoni, b'mod partikolari dawk bilaterali.

Fl-aħħar nett, ma jistax jiġi ammess, fis-silenzju tar-Regolament Nru 2201/2003, li l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 ta' dan ir-regolament hija suġġetta għall-applikazzjoni ta' regoli proċedurali, bħal dawk stabbiliti fl-Artikolu 11(6) u (7) tal-imsemmi regolament [233], li għandhom prinċipalment l-għan li jirregolaw it-trażmissjoni u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni [234].

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għanijiet tar-Regolament Nru 2201/2003, li la talba intiża għar-ritorn tal-minuri fi Stat li ma jkunx l-Istat Membru li fih dan il-minuri kellu r-residenza abitwali tiegħu immedjatament qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali tiegħu u lanqas talba għall-kustodja tal-imsemmi minuri mressqa quddiem il-qrati ta' dan l-Istat Membru ma jaqgħu taħt il-kunċett ta' "talba għar-ritorn", fis-sens tal-Artikolu 10(b)(i) tar-Regolament Nru 2201/2003.

Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 jirriżulta b'mod ċar li din id-dispożizzjoni tapplika biss bejn Stati Membri, flimkien mal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Għaldaqstant, l-obbligi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni previsti fl-Artikolu 11(6) u (7) tal-imsemmi regolament kif ukoll in-natura eżekuttiva tad-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 11(8) ma japplikawx fil-kuntest ta' proċedura ta' ritorn li tkun ġiet implimentata skont l-imsemmija konvenzjoni bejn pajjiż terz u Stat Membru li fih ikun jinsab il-minuri wara tneħħija jew żamma illegali.

---

232 Ara l-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003.

233 L-Artikolu 11 ta' dan ir-regolament għandu japplika wkoll fil-proċedimenti ta' ritorn skont il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980.

234 Meta l-qorti tiddeċiedi li ma tirritornax il-minuri skond l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, hija għandha tinforma lill-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni fl-Istat Membru fejn il-minuri kien abitwalment residenti qabel it-tneħħija jew iż-żamma illegali.

## 2. Regolament Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali

**Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Real Madrid Club de Fútbol (C-633/22, EU:C:2024:843)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Regolament (KE) Nru 44/2001 – Artikoli 34 u 45 – Rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenzi – Revoka ta' dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva ta' deċiżjoni – Motivi tar-rifjut – Ordni pubbliku tal-Istat Membru mitlub – Kundanna ta' gazzetta u ta' wieħed mill-ġurnalisti tagħha minħabba ħsara lir-reputazzjoni ta' klabb sportiv – Danni – Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Libertà tal-istampa"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar l-użu tal-klawżola tal-ordni pubbliku biex tiġi rrifjutata l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru li tmur kontra l-libertà tal-istampa.

F'Diċembru 2006, il-gazzetta *Le Monde* ppubblikat artiklu, redatt minn EE, ġurnalist impjegat ta' din il-gazzetta, li fih ġie sostnut li r-Real Madrid Club de Fútbol (iktar 'il quddiem ir-"Real Madrid") u l-Fútbol Club Barcelona kienu rrikorrew għas-servizzi ta' instigatur ta' network ta' doping fid-dinja taċ-ċikliżmu. Numru ta' mezzi tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari Spanjoli, xerrdu din il-pubblikazzjoni. Fl-istess xahar, il-gazzetta *Le Monde* ppubblikat, mingħajr kummentarju, ittra ta' ċaħda mibgħuta lilha mir-Real Madrid.

F'Mejju 2007, ir-Real Madrid u AE, membru tat-tim mediku tiegħu, adixxew lil qorti Spanjola tal-ewwel istanza b'azzjoni għad-danni, ibbażata fuq id-dannu għall-unur tagħhom, kontra Société éditrice du Monde SA u EE. Dik il-qorti, minn naħa, ikkundannat lil dawn tal-aħħar iħallsu, bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab, lir-Real Madrid l-ammont ta' EUR 300 000 u lil AE l-ammont ta' EUR 30 000, u, min-naħa l-oħra, ordnat il-pubblikazzjoni ta' din is-sentenza fil-gazzetta *Le Monde* kif ukoll f'gazzetta Spanjola. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fit-tieni istanza u l-appell ippreżentat kontriha ġie miċħud mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja).

Fl-2014, permezz ta' żewġ digrieti, il-qorti Spanjola tal-ewwel istanza ordnat l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza tal-Qorti Suprema kif ukoll il-ħlas, minbarra tal-imsemmija somom prinċipali, tas-somma ta' EUR 90 000 favur ir-Real Madrid u tas-somma ta' EUR 3 000 favur AE bħala interessi u spejjeż.

Din is-sentenza u dan id-digriet ġew iddikjarati eżekuttivi fi Franza mit-tribunal de grande instance de Paris (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Pariġi, Franza). Madankollu, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) invalidat dawn id-dikjarazzjonijiet minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kundanni kienet tikser b'mod inaċċettabbli l-ordni pubbliku internazzjonali Franċiż, billi kienet tippreġudika l-libertà tal-espressjoni.

Adita b'appell mir-Real Madrid u AE, il-Qorti tal-Kassazzjoni kellha dubju dwar il-kundizzjonijiet li fihom l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tikkundanna, bħal f'dan il-każ, lil kumpannija editriċi ta' gazzetta u lil wieħed mill-ġurnalisti tagħha għall-ħlas tad-danni bħala kumpens għal dannu morali mġarrab għandha tiġi rrifjutata, bis-saħħa tar-Regolament Brussell I [235], għar-raġuni li din tkun tikkostitwixxi ksur manifest tal-libertà tal-istampa, stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

[235] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell I").

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret in-natura eċċezzjonali tal-użu tal-klawżola tal-ordni pubbliku, prevista fil-punt 1 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Brussell I, li huwa konċepibbli biss fejn ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tas-sentenza barranija tikkuntrasta b'mod inaċċettabbli mal-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru mitlub, sa fejn tippreġudika prinċipju fundamentali jew tad-dritt intern ta' dan l-Istat Membru, jew tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura bl-istess effikaċja l-protezzjoni tad-drittijiet stabbiliti mill-ordinament ġuridiku nazzjonali u l-protezzjoni tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Karta, li magħhom qorti nazzjonali għandha tikkonforma ruħha meta tapplika r-Regolament Brussell I u, għalhekk, meta timplimenta d-dritt tal-Unjoni [236]. Madankollu, fid-dawl tal-importanza fundamentali tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, meta ssir din l-implimentazzjoni, l-Istati Membru jistgħu jkunu obbligati jippreżumu r-rispett tad-drittijiet fundamentali mill-Istati Membri l-oħrajn, ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Għalhekk, huwa biss fl-ipoteżi fejn l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni fl-Istat Membru mitlub ikollha bħala effett ksur manifest ta' dritt fundamentali, hekk kif huwa stabbilit mill-Karta, li l-eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni jkollha tiġi rrifjutata jew, jekk ikun il-każ, li d-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva tagħha jkollha tiġi rrevokata.

B'mod partikolari, fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li din tikkostitwixxi waħda mill-bażijiet essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista li tagħmel parti mill-valuri li fuqhom, konformement mal-Artikolu 2 TUE, hija bbażata l-Unjoni. L-indħil fil-libertà ta' espressjoni, bħal dawk li jikkonċernaw ġurnalisti kif ukoll edituri u organi tal-istampa, għandu jkun limitat għall-minimu neċessarju.

Bl-istess mod, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li l-KEDB [237] ma tħallix wisq post għal restrizzjonijiet għal-libertà tal-espressjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-kwistjonijiet ta' interess ġenerali [238], li taħthom jaqgħu kwistjonijiet dwar l-isport professjonali. F'dan il-kuntest, għandha tingħata importanza kbira lill-interess tas-soċjetà demokratika li tiżgura u żżomm il-libertà tal-istampa meta jkollu jiġi ddeterminat jekk l-indħil inkwistjoni jkunx proporzjonat mal-għan leġittimu li għandu jintlaħaq. B'hekk, kull deċiżjoni li tagħti danni għal ħsara kkawżata lir-reputazzjoni għandu jkollha relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn is-somma mogħtija u l-ħsara inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-kundanna favur persuna ġuridika u dik favur persuna fiżika, fejn ħsara lir-reputazzjoni ta' persuna fiżika tista' twassal għal riperkussjonijiet fuq id-dinjità ta' din tal-aħħar, filwaqt li r-reputazzjoni ta' persuna ġuridika hija nieqsa minn din id-dimensjoni morali. Fir-rigward tan-natura proporzjonata ta' sanzjoni, kull restrizzjoni indebita tal-libertà tal-espressjoni fiha r-riskju li tostakola jew tipparalizza, fil-ġejjieni, il-kopertura mill-mezzi tal-komunikazzjoni ta' kwistjonijiet analogi. B'mod partikolari, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, għandha tintwera l-ikbar prudenza meta l-miżuri jew is-sanzjonijiet adottati jkunu ta' natura li jiddisswadu lill-istampa milli tipparteċipa fid-diskussjoni ta' kwistjonijiet li jippreżentaw interess ġenerali leġittimu, u għaldaqstant li jkollhom effett disswaživ fuq l-eżerċizzju tal-libertà tal-istampa fir-rigward ta' tali kwistjonijiet.

Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tikkundanna lil gazzetta u lil wieħed mill-ġurnalisti tagħha għall-ħlas tad-danni bħala kumpens għad-

[236] Fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

[237] Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

[238] Ara l-Artikolu 10(2) tal-KEDB.

dannu morali mġarrab minn klabb sportiv u minn wieħed mill-membri tat-tim mediku tiegħu, minħabba ħsara lir-reputazzjoni tagħhom, għandha tiġi rrifjutata sa fejn ikollha bħala effett ksur manifest tal-Artikolu 11 tal-Karta. Fil-fatt, tali ksur manifest kien jaqa' taħt l-ordni pubbliku tal-Istat Membru mitlub u, għalhekk, kien jikkostitwixxi r-raġuni għar-rifjut tal-eżekuzzjoni msemmija fil-punt 1 tal-Artikolu 34 tar-Regolament Brussell I moqri flimkien mal-Artikolu 45 tiegħu [239].

Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ineżami, fosthom mhux biss ir-riżorsi tal-persuni kkundannati iżda wkoll il-gravità tat-tort tagħhom u l-portata tad-dannu hekk kif ġie kkonstatat fid-deċiżjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jekk l-eżekuzzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet kienx ser ikollha bħala effett tali ksur manifest. F'dan is-sens, hija kellha tivverifika jekk id-danni mogħtija fl-imsemmija deċiżjonijiet kinux jirriżultaw li kienu manifestament sproporzjonati fir-rigward tal-ħsara għar-reputazzjoni inkwistjoni u jekk b'hekk kinux jirriskjaw li jkollhom effett dissważiv, fl-Istat Membru mitlub, fuq il-kopertura mill-mezzi tal-komunikazzjoni ta' kwistjonijiet analogi fil-futur jew, b'mod iktar ġenerali, fuq l-eżerċizzju tal-libertà tal-istampa, hekk kif huwa stabbilit fl-Artikolu 11 tal-Karta.

Fil-kuntest ta' din il-verifika, hija setgħet tieħu inkunsiderazzjoni s-somom mogħtija fl-Istat Membru mitlub għal preġudizzju paragunabbli. Madankollu, diverġenza possibbli bejn dawn is-somom u l-ammont tad-danni mogħtija fid-deċiżjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx, waħedha, suffiċjenti biex jitqies li dawn id-danni kienu manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-ħsara għar-reputazzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, l-imsemmija verifika ma setgħetx tinvolvi stħarriġ tal-evalwazzjonijiet fuq il-mertu magħmula mill-qrati tal-Istat Membru ta' oriġini, li hija espressament ipprojbita mill-Artikolu 36 u l-Artikolu 45(2) tar-Regolament Brussell I. Fl-aħħar nett, fil-każ fejn hija tikkonstata l-eżistenza ta' ksur manifest tal-libertà tal-istampa, dik il-qorti kien ikollha tillimita r-rifjut ta' eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet għall-parti manifestament sproporzjonata, fl-Istat Membru mitlub, tad-danni mogħtija.

239 Għal rikors bħal dak hawnhekk, li jkollu bħala suġġett id-deċiżjoni mogħtija dwar ir-rikors kontra d-dikjarazzjoni tas-saħħa eżekuttiva, l-Artikolu 45 tar-Regolament Brussell I jirreferi għar-raġunijiet għar-rifjut ta' rikonoxximent iddikjarati, b'mod partikolari, fl-Artikolu 34 ta' dan ir-regolament.

# XII. Transport

### Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Il-Litwanja *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pakkett dwar il-mobbiltà) (C-541/20 sa C-555/20, EU:C:2024:818)

*"Rikors għal annullament – L-ewwel pakkett ta' miżuri dwar il-mobbiltà ('Pakkett dwar il-mobbiltà') – Regolament (UE) 2020/1054 – Ħinijiet massimi ta' sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa – Tul minimu tal-pawżi u tal-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa – Organizzazzjoni tax-xogħol tax-xufiera b'tali mod li jkunu jistgħu jirritornaw kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont il-każ, fil-post ta' residenza tagħhom jew fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom – Projbizzjoni li l-mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura – Terminu għall-installazzjoni ta' takografi intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni (V2) – Data tad-dħul fis-seħħ – Regolament (UE) 2020/1055 – Kundizzjonijiet dwar ir-rekwiżit ta' stabbiliment – Obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi fiċ-ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment – Obbligu dwar l-għadd ta' vetturi u xufiera normalment ibbażati f'ċentru operattiv tal-Istat Membru ta' stabbiliment – Kabotaġġ – Perijodu ta' stennija ta' erbat ijiem għall-kabotaġġ – Deroga relatata mal-kabotaġġ fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat – Direttiva (UE) 2020/1057 – Regoli speċifiċi għall-kollokament ta' xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq – Terminu għat-traspożizzjoni – Suq intern – Regoli speċifiċi applikabbli għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport – Politika komuni tat-trasport – Artikoli 91u 94 TFUE – Libertajiet fundamentali – Prinċipju ta' proporzjonalità – Valutazzjoni tal-impatt – Prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni – Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Protezzjoni tal-ambjent – Artikolu 11 TFUE – Konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u mal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni"*

Adita bi ħmistax-il rikors, ippreżentati mir-Repubblika tal-Litwanja, mir-Repubblika tal-Bulgarija, mir-Rumanija, mir-Repubblika ta' Ċipru, mill-Ungerija, mir-Repubblika ta' Malta u mir-Repubblika tal-Polonja, intiżi għall-annullament ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-tliet atti leġiżlattivi [240] li jifformaw "sett ta' miżuri dwar il-mobbiltà", imsejjaħ ukoll il-"Pakkett dwar il-mobbiltà" ("Mobility Package"), jew, fil-każ ta' wħud minn dawn ir-rikorsi u b'mod sussidjarju, għall-annullament ta' dawn l-atti fl-intier tagħhom, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dawn ir-rikorsi ħlief sa fejn kienu jirrigwardaw l-annullament tal-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009 [241].

Dawn it-tliet atti leġiżlattivi kienu ġew adottati sabiex ir-regoli li kienu applikabbli sa dak iż-żmien jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq. Dawn it-tliet atti leġiżlattivi jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-ewwel wieħed, il-ħinijiet massimi ta' sewqan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa u t-tul minimu tal-pawżi u tal-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, kif ukoll il-lokalizzazzjoni permezz ta' takografi (Regolament 2020/1054), it-tieni wieħed, ir-regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu osservati sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u dawk għall-aċċess

---

[240] Regolament (UE) 2020/1054 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward ta' rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet massimi ta' sewqan kuljum u kull ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perijodi ta' mistrieħ kuljum u kull ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (ĠU 2020, L 249, p. 1).

Regolament (UE) 2020/1055 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009, (KE) Nru 1072/2009 u (UE) Nru 1024/2012 bl-għan li jiġu adattati għall-iżviluppi fis-settur tat-trasport bit-triq (ĠU 2020, L 249, p. 17).

Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal 15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar [għall-kollokament] tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU 2020, L 249, p. 49).

[241] Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU 2009, L 300, p. 51).

għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (Regolament 2020/1055) u, it-tielet wieħed, ir-regoli speċifiċi għall-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq (Direttiva 2020/1057).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

L-istħarriġ tal-legalità mwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' diversi dispożizzjonijiet tal-atti leġiżlattivi inkwistjoni kien ibbażat fuq numru ta' prinċipji u ta' konstatazzjonijiet trażversali.

F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport huwa rregolat mill-Artikolu 58(1) TFUE, li jipprovdi li l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għandha titwettaq permezz tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport, li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea abbażi, b'mod partikolari, tal-Artikolu 91(1) TFUE. Minn dan jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu d-dritt li jemenda l-kundizzjonijiet li fihom tiġi eżerċitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport bit-triq peress li, skont l-Artikolu 58(1) TFUE, il-livell ta' liberalizzazzjoni f'dan il-qasam għandu jiġi ddeterminat minn dan il-leġiżlatur stess fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tat-trasport. Peress li din il-politika tal-aħħar għandha tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattati [242], il-miżuri adottati mill-imsemmi leġiżlatur fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport jistgħu għalhekk ikollhom bħala għan mhux biss li jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' din il-libertà, iżda wkoll li jiżguraw, jekk ikun il-każ, il-protezzjoni ta' interessi fundamentali oħra tal-Unjoni rrikonoxxuti mit-Trattat FUE, bħalma huma t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-impjieg [243], il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa [244], kif ukoll iż-żamma ta' kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, it-tieni nett, li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta att leġiżlattiv ikun diġà kkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri f'qasam partikolari ta' azzjoni tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kwalunkwe bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kwalunkwe żvilupp fl-għarfien fid-dawl tal-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali u li jieħu inkunsiderazzjoni l-għanijiet trażversali tal-Unjoni rrikonoxxuti mit-Trattat FUE, fosthom ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjieg, il-funzjonament tajjeb tas-suq intern kif ukoll il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni jista' jwettaq b'mod korrett il-kompitu tiegħu li jiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-interessi ġenerali u ta' dawn l-għanijiet trażversali biss jekk ikun possibbli għalih, fid-dawl tal-iżviluppi sinjifikattivi li jkunu affettwaw is-suq intern, li jadatta att leġiżlattiv, sabiex iwettaq ibbilanċjar mill-ġdid tal-interessi inkwistjoni.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, fil-kuntest tal-eżami tal-kapijiet ta' illegalità bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità jew tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, li ma setax jiġi eskluż li l-impatt tal-atti leġiżlattivi kkontestati seta' jkun ikbar għall-impriżi tat-trasport, irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, li għażlu ċertu mudell ta' operat ekonomiku, bħalma hija l-għażla li jipprovdu l-parti essenzjali, jekk mhux kollha, tas-servizzi tagħhom lil destinatarji stabbiliti fi Stati Membri mbiegħda mill-ewwel Stat Membru u li x-xufiera tagħhom b'hekk iwettqu l-operazzjonijiet ta' trasport tagħhom 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom jew fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kabotaġġ imwettqa b'mod permanenti jew kontinwu fit-territorju tal-istess Stat Membru ospitanti. Madankollu, anki jekk jitqies li dan il-mudell ta' operat ekonomiku kien adottat essenzjalment minn impriżi tat-trasport stabbiliti f'ċerti Stati Membri, f'sitwazzjoni fejn l-att tal-Unjoni kkonċernat ikollu konsegwenzi fl-Istati Membri kollha u jeħtieġ li jiġi żgurat bilanċ bejn id-diversi interessi inkwistjoni, it-tfittxija għal tali bilanċ li jieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni ma tistax, fiha nnifisha, titqies li tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni.

---

[242] Skont l-Artikolu 90 TFUE.

[243] Imsemmi fil-preambolu tat-Trattat FUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE.

[244] Fis-sens tal-Artikolu 9 u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE.

Fir-rigward tar-Regolament 2020/1054, ir-rikorsi kienu intiżi għall-annullament, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

– il-punt 6(c) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, li jipprovdi li l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa ma jistgħux jittieħdu mix-xufiera f'vettura, iżda għandhom jittieħdu, bi spejjeż tal-persuna li timpjega, f'post ta' akkomodazzjoni adattat kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel u li jkollu faċilitajiet għall-irqad kif ukoll installazzjonijiet sanitarji adegwati.

– il-punt 6(d) tal-imsemmi regolament, li jipprevedi, minn naħa, l-obbligu għall-impriżi tat-trasport li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu f'pożizzjoni li jirritornaw kull tlieta jew erba' ġimgħat, skont jekk ikunux qabel ħadu jew le żewġ perijodi mnaqqsa konsekuttivi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa, fiċ-ċentru operattiv ta' din il-persuna li timpjega jew fil-post ta' residenza tagħhom, rispettivament, sabiex hemmhekk jibdew jew iqattgħu mill-inqas perijodu wieħed regolari jew kumpensatorju ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u, min-naħa l-oħra, l-obbligu għal dawn l-impriżi tat-trasport li jiddokumentaw il-mod kif ikunu ssodisfaw dan l-obbligu.

– il-punt 2 tal-Artikolu 2 tal-istess regolament, li jistabbilixxi kalendarju ġdid għat-tagħmir ta' diversi kategoriji ta' vetturi b'tip ġdid ta' takografu intelliġenti tat-tieni ġenerazzjoni (V2).

Fir-rigward tal-kapijiet ta' illegalità invokati kontra l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat fl-ewwel lok u li hija ċaħdet fl-intier tagħhom, dawn kienu bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, tal-prinċipju ta' ċertezza legali, tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni, tal-funzjonament tas-suq intern, tal-moviment liberu tal-ħaddiema, tal-libertà ta' stabbiliment, tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport u tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent.

L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jittejbu [245] l-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fit-toroq tax-xufiera fi ħdan l-Unjoni, billi jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jmorru f'intervalli regolari fil-post ta' residenza tagħhom sabiex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, bil-għan li l-perijodu mqatta' mix-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali 'l bogħod minn dan il-post ta' residenza ma jkunx eċċessivament twil. L-għan tal-imsemmija dispożizzjoni huwa għalhekk li tirrimedja għall-assenza ta' regoli ċari dwar il-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u r-ritorn tax-xufiera fil-post ta' residenza tagħhom u, għaldaqstant, li tirrimedja għall-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusti għall-impriżi tat-trasport li qabel setgħu jirriżultaw mill-interpretazzjonijiet u mill-prattiki nazzjonali differenti.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet diversi mill-imsemmija kapijiet ta' illegalità minħabba li kienu bbażati fuq żewġ premessi żbaljati.

L-ewwel nett, kien b'mod żbaljat li ċerti Stati Membri rikorrenti sostnew li l-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 jimponi fuq ix-xufiera l-obbligu li jirritornaw esklużivament fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom, permezz ta' trakkijiet li ta' spiss ma jkollhomx tagħhija.

Fil-fatt, qabelxejn, ix-xufiera, inklużi dawk ta' pajjiżi terzi, għandhom il-libertà li jagħżlu li jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post fejn jixtiequ jagħmlu dan, kemm jekk ikun iċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom, il-post ta' residenza tagħhom jew kwalunkwe post ieħor tal-għażla tagħhom. Id-dispożizzjoni kkontestata ma timponix fuq l-impriżi tat-trasport l-obbligu li jġiegħlu lix-xufiera jieħdu effettivament il-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom fil-post ta' residenza tagħhom. Għall-kuntrarju, l-impriżi tat-trasport għandhom l-obbligu li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera sabiex dawn ikollhom il-possibbiltà li

[245] Ara, b'mod partikolari, il-premessi 1, 2, 6, 8, 13 u 36 tar-Regolament 2020/1054.

jirritornaw fil-post li jkunu għażlu sabiex hemmhekk, rispettivament, jibdew jew iqattgħu dan il-perijodu ta' mistrieħ.

Sussegwentement, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jieħu inkunsiderazzjoni l-pressjonijiet li x-xufiera setgħu jaffaċċjaw qabel l-introduzzjoni tar-regoli l-ġodda. Fil-fatt, peress li l-ħaddiem għandu jitqies li huwa l-parti dgħajfa fir-relazzjoni ta' xogħol, huwa neċessarju li jiġi prekluż li l-persuna li timpjega tgawdi mill-possibbiltà li timponi fuqu restrizzjoni tad-drittijiet tiegħu jew li l-ħaddiem jiġi dissważ milli jinvoka espliċitament id-drittijiet tiegħu fil-konfront tal-persuna li timpjegah. B'hekk, persuna li timpjega ma tistax teżenta ruħha mill-obbligu li torganizza x-xogħol tax-xufiera tagħha b'mod li jippermetti r-ritorn tagħhom minħabba li dawn ikunu rrinunzjaw, minn qabel u b'mod ġenerali, għad-dritt li tagħtihom id-dispożizzjoni kkontestata.

Fl-aħħar nett, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried iħalli lill-impriżi tat-trasport, fil-kwalità tagħhom ta' persuna li timpjega, flessibbiltà, minn naħa, sabiex jiddeċiedu l-modalitajiet konkreti tal-eżerċizzju tad-drittijiet korrelattivi mogħtija lix-xufiera, fid-dawl ta' kull sitwazzjoni partikolari, u, min-naħa l-oħra, sabiex jipprovaw, permezz ta' kull dokumentazzjoni rilevanti għal dan l-għan, kemm l-osservanza tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 kif ukoll il-mod kif dan l-obbligu, jekk ikun il-każ, ġie rrikonċiljat mal-għażla liberament espressa mix-xufier li jieħu l-perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa tiegħu f'post differenti mill-post ta' residenza tiegħu.

It-tieni nett, kien b'mod żbaljat li ċerti Stati Membri rikorrenti sostnew li l-obbligu għall-impriżi tat-trasport li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera b'tali mod li dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jirritornaw fiċ-ċentru operattiv tal-persuna li timpjegahom jew fil-post ta' residenza tagħhom iwassal għal żieda sinjifikattiva fit-traffiku. Fil-fatt, din il-premessa tippreżupponi li, qabel l-adozzjoni ta' din il-miżura, kien biss numru żgħir ta' xufiera li kienu jirritornaw f'wieħed jew fl-ieħor minn dawn il-postijiet u li dan ir-ritorn għandu neċessarjament isir permezz tal-vettura użata mix-xufier.

Issa, minn naħa, sa minn qabel l-adozzjoni tal-imsemmija miżura, il-parti l-kbira tax-xufiera kienu jirritornaw fil-post ta' residenza tagħhom f'intervalli regolari ta' inqas minn erba' ġimgħat. Min-naħa l-oħra, l-impriżi tat-trasport jistgħu, sabiex jiggarantixxu l-osservanza tal-obbligu previst fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, jirrikorru għal mezzi oħra ta' trasport, bħat-trasport pubbliku, u huwa konċepibbli li r-ritorn f'wieħed miż-żewġ postijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni jista' jkun abbinat ma' ritorn tal-vetturi tal-impriża tat-trasport fiċ-ċentru operattiv tagħha fil-kuntest tal-attivitajiet ta' trasport abitwali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet diversi punti ta' liġi mqajma, b'mod partikolari dawk imsemmija hawnhekk.

L-ewwel nett, fir-rigward tad-dritt tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jadatta att leġiżlattiv, dan ried preċiżament, meta emenda l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-ħin tax-xogħol tax-xufiera, jagħmel bilanċ ġdid li jieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, l-interess tax-xufiera li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar kif ukoll minn sigurtà fit-toroq ikbar u, min-naħa l-oħra, l-interess tal-persuni li jimpjegaw li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' trasport tagħhom f'kundizzjonijiet kummerċjali ġusti.

F'dan il-każ, meta wieżen id-diversi interessi inkwistjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jqis, fil-kuntest tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni li huwa għandu fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, li ż-żieda sinjifikattiva tal-perijodi li x-xufiera impjegati fl-Unjoni jqattgħu 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom kienet tagħmilha neċessarja li tiġi introdotta miżura speċifika intiża li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u li l-effetti negattivi, fuq saħħithom, tal-perijodi twal li jqattgħu 'l bogħod mill-post ta' residenza tagħhom kienu iktar gravi mill-konsegwenzi negattivi għal ċertu numru ta' impriżi li jipprovdu servizzi b'mod ftit jew wisq permanenti fi Stati Membri differenti minn dawk li fihom huma stabbiliti. Tali bbilanċjar mill-ġdid kien konformi mal-ambizzjonijiet soċjali tal-Unjoni.

It-tieni nett, ir-regola stabbilita fil-punt 6(d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054 tapplika mingħajr distinzjoni għall-impriżi kollha tat-trasport ikkonċernati, irrispettivament mill-Istat Membru li fih ikunu

stabbiliti, għax-xufiera kollha, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom u mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-persuna li timpjegahom, kif ukoll għall-Istati Membri kollha, b'tali mod li ma tinvolvix diskriminazzjoni diretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din ir-regola ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni indiretta pprojbita mid-dritt tal-Unjoni sa fejn, min-natura tagħha stess, tista' taffettwa iktar lill-impriżi tat-trasport stabbiliti fi Stati Membri li jinsabu, fil-fehma tagħhom, fil-"periferija tal-Unjoni", lix-xufiera impjegati minn dawn l-impriżi u lil dan il-grupp ta' Stati Membri. Fil-fatt, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax titqies, fiha nnifisha, li tmur kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni għas-sempliċi raġuni li tinvolvi konsegwenzi differenti għal ċerti operaturi ekonomiċi, meta din is-sitwazzjoni tkun il-konsegwenza ta' kundizzjonijiet ta' operat differenti li jinsabu fihom, b'mod partikolari minħabba l-lokalizzazzjoni ġeografika tagħhom, u mhux il-konsegwenza ta' inugwaljanza fid-dritt inerenti għad-dispożizzjoni kkontestata.

Fir-rigward tal-kapijiet ta' illegalità invokati kontra l-punt 6(c) tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1054, li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet fl-intier tagħhom, dawn kienu bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll tal-Artikolu 91(2) u tal-Artikolu 94 TFUE.

L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li jittejbu [246] l-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà fit-toroq tax-xufiera fi ħdan l-Unjoni billi jiġi żgurat li dawn ikollhom post ta' akkomodazzjoni ta' kwalità sabiex jieħdu l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa tagħhom, bil-għan li jiġu protetti b'mod partikolari x-xufiera li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali fuq distanzi twal u li jqattgħu perijodi twal 'il bogħod mill-post ta' residenza tagħhom. L-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tirrimedja għall-assenza ta' regoli ċari dwar il-perijodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u, b'mod iktar preċiż, għall-inugwaljanzi fit-trattament li qabel setgħu jirriżultaw, minħabba interpretazzjonijiet u applikazzjonijiet differenti tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 [247] adottati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, mill-applikazzjoni ta' sistemi nazzjonali ta' sanzjonijiet differenti fl-Istati Membri. Fil-fatt, kien sabiex tiġi żgurata, permezz ta' regola ta' armonizzazzjoni iktar ċara, applikazzjoni uniformi tal-projbizzjoni li l-perijodu ta' mistrieħ normali jew kumpensatorju ta' kull ġimgħa jittieħed fil-vettura li l-leġiżlatur tal-Unjoni kkodifika l-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 8(8) mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Vaditrans [248].

Din il-projbizzjoni, li tapplika biss għall-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa, u mhux għal tipi oħra ta' mistrieħ, tosserva kemm il-prinċipju ta' proporzjonalità kif ukoll il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, kemm bejn ix-xufiera, bejn l-impriżi kif ukoll bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-imsemmija projbizzjoni ma tobbligax lix-xufiera jieħdu l-perijodi ta' mistrieħ normali jew kumpensatorji ta' kull ġimgħa sistematikament barra mill-post ta' residenza tagħhom billi jipparkjaw il-vettura tagħhom f'żoni siguri u sikuri u lanqas f'akkomodazzjoni li tinsab maġenb żona ta' parkeġġ.

Fir-rigward tal-kapijiet ta' illegalità invokati kontra l-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1054, li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ukoll fl-intier tagħhom, dawn kienu bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi kif ukoll tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 151 TFUE.

---

246 Ara, b'mod partikolari, il-premessi 1, 2, 6, 8, 13 u 36 tar-Regolament 2020/1054.

247 Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, (ĠU 2006, L 102, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 195, p. 83).

248 Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Vaditrans (C-102/16, EU:C:2017:1012).

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-sempliċi fatt li l-installazzjoni tat-takografi intelliġenti setgħet kienet prevista, f'att leġiżlattiv applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1054, f'data differenti minn dik li finalment ġiet introdotta minn dan ir-regolament tal-aħħar, ma kienx biżżejjed sabiex jiġi stabbilit ksur taċ-ċertezza legali jew tal-aspettattivi leġittimi. Dan ikun inqas u inqas il-każ fir-rigward ta' att leġiżlattiv li jikkonċerna, bħal f'dan il-każ, l-introduzzjoni ta' tagħmir li jista' jiġi affettwat mill-iżvilupp mgħaġġel ta' teknoloġiji ġodda u li għalhekk jista' jeżiġi adattament kostanti skont tali żvilupp.

Fir-rigward tar-Regolament 2020/1055, ir-rikorsi kienu intiżi għall-annullament, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

– il-punt 3 tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, li jipprovdi li l-vetturi użati għat-trasport internazzjonali għandhom jirritornaw kull tmien ġimgħat f'ċentru operattiv li jkun jinsab fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tat-trasport ikkonċernata,

– il-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li jipprovdi li t-trasportaturi ma humiex awtorizzati jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ bl-istess vettura fl-istess Stat Membru ospitanti għal erbat ijiem mit-tmiem ta' perijodu ta' kabotaġġ imwettaq f'dan l-Istat Membru.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-kapijiet ta' illegalità invokati kontra l-punt 3 tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat din id-dispożizzjoni abbażi ta' ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma stabbilixxiex b'mod suffiċjenti li huwa kien eżamina l-proporzjonalità tal-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi previst fl-imsemmija dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li huwa minnu li dan il-leġiżlatur ma huwiex obbligat ikollu valutazzjoni tal-impatt fiċ-ċirkustanzi kollha u li tali valutazzjoni ma torbtux. Madankollu, huwa għandu jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi u għandu jeżamina jekk l-għanijiet imfittxija permezz tal-miżura magħżula jkunux tali li jiġġustifikaw konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli, għal ċerti operaturi. Minn dan isegwi li l-imsemmi leġiżlatur għandu, meta l-att inkwistjoni jkun is-suġġett ta' rikors ġudizzjarju, ikun jista', minn tal-inqas, jipproduċi u jesponi b'mod ċar u inekwivoku d-data bażika li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni bħala bażi għall-miżuri kkontestati tal-imsemmi att u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, filwaqt li l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi ma kienx is-suġġett ta' valutazzjoni tal-impatt, l-invokazzjoni tad-data li kienet tinsab fil-komponent dwar l-istabbiliment tal-valutazzjoni tal-impatt, sa fejn tiddeskrivi s-suq ikkonċernat u d-diffikultajiet speċifiċi tiegħu jew sa fejn tirrigwarda l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi ta' obbligi differenti minn dak dwar ir-ritorn tal-vetturi, ma kinitx ekwivalenti għal produzzjoni u għal espożizzjoni b'mod ċar u inekwivoku tad-data bażika li abbażi tagħha kien ġie adottat il-punt 3 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2020/1055, sa fejn jintroduċi l-paragrafu 1(b) fl-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 1071/2009, u li minnha kien jiddependi l-eżerċizzju effettiv, mil-leġiżlatur tal-Unjoni, tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu. L-istess kien japplika għad-data bażika l-oħra invokata, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, peress li din id-data ma kinitx tirrigwarda l-obbligu dwar ir-ritorn tal-vetturi jew peress li kienet is-suġġett ta' preżentazzjoni eċċessivament qasira. Dan kien jgħodd ukoll għas-sempliċi invokazzjoni ta' informazzjoni allegatament ipprovduta mill-Istati Membri rikorrenti u li għaliha dan il-leġiżlatur seta' kellu aċċess.

It-tieni nett, fir-rigward tal-kapijiet ta' illegalità invokati kontra l-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet fl-intier tagħhom, dawn kienu bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, tal-funzjonament tas-suq intern, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tal-moviment liberu tal-merkanzija kif ukoll tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent.

Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat b'mod partikolari li l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055, li matulu, wara ċiklu ta' kabotaġġ imwettaq fi Stat Membru ospitanti, it-trasportaturi ma jkunux iktar awtorizzati jwettqu operazzjonijiet ta' kabotaġġ f'dan l-istess Stat Membru, huwa intiż li jirrimedja l-konsegwenzi mhux mistennija kkawżati, taħt ir-Regolament Nru 1072/2009 [249], minħabba l-ħolqien ta' prattiki ta' kabotaġġ sistematiku, u li jwettaq l-għan inizjali mfittex mil-leġiżlatur tal-Unjoni, billi jiżgura, konformement mal-livell ta' liberalizzazzjoni stabbilit minnu sabiex jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport, in-natura temporanja tal-kabotaġġ.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-osservanza tal-perijodu ta' stennija wara ċiklu ta' kabotaġġ fi Stat Membru ospitanti ma teħtieġx li l-impriża ta' trasport ikkonċernata tissospendi kull attività ta' trasport. Kien għalhekk b'mod żbaljat li kien qiegħed jiġi sostnut li l-vettura jkollha tiġi immobilizzata matul l-imsemmi perijodu, mingħajr ma tkun tista' tintuża għal operazzjonijiet oħra ta' trasport minbarra t-trasport ta' kabotaġġ fl-istess Stat Membru ospitanti jew li l-impriża tat-trasport ikollha tirritorna l-vettura, li barra minn hekk ma jkollhiex tagħbija, fiċ-ċentru operattiv tagħha matul dan l-istess perijodu.

Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni u tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, b'mod partikolari, li l-perijodu ta' stennija previst fil-punt 4(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament 2020/1055 ma huwiex ser iwassal għal effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-ambjent fid-dawl, minn naħa, tal-assenza ta' obbligu li l-vettura tirritorna mingħajr tagħbija fiċ-ċentru operattiv tal-impriża tat-trasport matul dan il-perijodu u, min-naħa l-oħra, tal-assenza ta' impatt ambjentali ta' eventwali immobilizzazzjoni tal-vettura matul l-imsemmi perijodu.

Fir-rigward tad-Direttiva 2020/1057, ir-rikorsi kienu intiżi, essenzjalment, għall-annullament tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, sa fejn dawn jistabbilixxu distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport bit-triq u jeżentaw uħud minn dawn it-tipi ta' operazzjonijiet mill-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament ta' ħaddiema previsti fid-Direttiva 96/71 [250].

Essenzjalment, id-Direttiva 2020/1057 tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-kollokament ta' xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq li jagħmlu distinzjoni, sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom, bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport skont il-grad ta' rabta tax-xufier u tas-servizz ipprovdut mat-territorju tal-Istat Membru ospitanti.

B'mod partikolari, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057 jipprevedi f'dan ir-rigward li, meta xufier iwettaq operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, li jikkonsistu f'operazzjonijiet ta' trasport mill-Istat Membru fejn l-impriża tat-trasport tkun stabbilita sat-territorju ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz jew, bil-kontra, f'operazzjonijiet ta' trasport minn Stat Membru jew pajjiż terz sal-Istat Membru fejn l-impriża tat-trasport tkun stabbilita, jew operazzjonijiet ta' tranżitu, li jikkonsistu f'operazzjonijiet ta' trasport li fihom ix-xufier jgħaddi mit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jwettaq tagħbija jew ħatt ta' merkanzija, ix-xufier ma jitqiesx li huwa kkollokat għall-finijiet tad-Direttiva 96/71.

Għall-kuntrarju, meta xufier iwettaq operazzjonijiet ta' trasport terz, li jikkonsistu f'operazzjonijiet ta' trasport imwettqa minn Stat Membru differenti mill-Istat Membru ta' stabbiliment ta' din l-impriża jew minn pajjiż terz sat-territorju ta' Stat Membru ieħor li jkun ukoll differenti mill-imsemmi Stat Membru ta' stabbiliment jew sat-territorju ta' pajjiż terz, jew operazzjonijiet ta' kabotaġġ, iddefiniti bħala l-

---

249 Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU 2009, L 300, p. 72, rettifika fil-ĠU 2018, L 241, p. 14).

250 Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar [kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431, rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66).

provvista ta' servizzi minn trasportatur fi Stat Membru li fih ma huwiex stabbilit, dan ix-xufier għandu jitqies li huwa kkollokat għall-finijiet tad-Direttiva 96/71.

Fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat, li jikkonsistu fit-trasport ta' merkanzija bejn Stati Membri li fil-kuntest tiegħu t-trakk jew il-mezz l-ieħor ta' trasport tal-merkanzija marbut mat-trakk juża t-triq għall-parti inizjali jew finali tal-vjaġġ u, għall-parti l-oħra, il-ferrovija, passaġġ fuq l-ilma jew vjaġġ bil-baħar, ix-xufier ma jitqiesx li huwa kkollokat meta jwettaq il-vjaġġ bit-triq, inizjali jew finali, ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat jekk dan il-vjaġġ bit-triq, ikkunsidrat waħdu, jikkonsisti f'operazzjonijiet ta' trasport bilaterali.

Il-kapijiet ta' illegalità invokati kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet fl-intier tagħhom, kienu bbażati fuq ksur tal-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71, tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-politika komuni tat-trasport, tal-moviment liberu tal-merkanzija, tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent.

F'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, l-allegat ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, permezz tal-adozzjoni ta' regoli settorjali fil-qasam tal-kollokament ta' ħaddiema intiżi li jiġu implimentati fl-Unjoni kollha sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, il-leġiżlatur tal-Unjoni ried jilħaq [251] bilanċ bejn, minn naħa, it-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol tax-xufiera u, min-naħa l-oħra, il-fatt li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tat-trasport bit-triq ibbażat fuq kompetizzjoni leali bejn impriżi tat-trasport. F'dan il-kuntest, l-approċċ li jikkonsisti f'li ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' operazzjonijiet ta' trasport għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-kollokament mhux talli ma jippreġudikax l-ugwaljanza bejn l-Istati Membri, iżda huwa intiż, għall-kuntrarju, li jirrimedja l-inugwaljanzi fit-trattament li setgħu rriżultaw qabel, minħabba diverġenzi rrilevati bejn l-Istati Membri fl-interpretazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva, diverġenzi li kienu joħolqu piż amministrattiv kbir fuq ix-xufiera u l-impriżi tat-trasport.

Fid-dawl ta' dan l-approċċ, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' allegata diskriminazzjoni bejn l-impriżi tat-trasport u x-xufiera li huma jimpjegaw skont jekk iwettqux operazzjonijiet ta' trasport terz jew operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-premessa li l-evalwazzjoni tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet rispettivi ta' dawn ix-xufiera għad-determinazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kollokament kellha ssir biss skont in-natura tax-xogħol tagħhom, filwaqt li hija r-rabta li torbot lix-xufier ikkonċernat u s-servizz ipprovdut mal-Istat Membru ta' stabbiliment jew mal-Istat Membru ospitanti li, fid-dawl tal-għan imfittex mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057, hija rilevanti għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset ukoll li kienet żbaljata l-premessa li operazzjoni ta' trasport ikkombinat, meħuda fl-intier tagħha, kienet paragunabbli ma' operazzjoni ta' trasport bilaterali, fid-dawl tal-għan imfittex mir-regoli previsti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2020/1057. Fil-fatt, din id-direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-kollokament tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq biss. Billi ma assimilax l-operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat meta l-istess xufier jakkumpanja l-vettura u l-merkanzija tagħha, mal-operazzjonijiet ta' trasport bilaterali, il-leġiżlatur tal-Unjoni għalhekk ma kisirx il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni.

---

**251** Kif jirriżulta mill-premessi 3, 7 u 9 tad-Direttiva 2020/1057.

# XIII. Kompetizzjoni

## 1. Akkordji (Artikolu 101 TFUE)

**Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs Servier *et* (C-176/19, EU:C:2024:549)**

*"Appell – Kompetizzjoni – Prodotti farmaċewtiċi – Suq tal-perindopril – Artikolu 101 TFUE – Akkordji – Qsim tas-suq – Kompetizzjoni potenzjali – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Strateġija intiża li ddewwem id-dħul fis-suq ta' verżjonijiet ġeneriċi tal-perindopril – Ftehim ta' soluzzjoni bonarja għal tilwima fil-qasam tal-privattivi – Ftehim ta' liċenzja ta' privattiva – Ftehim ta' trasferiment u ta' liċenzja ta' teknoloġija – Artikolu 102 TFUE – Suq rilevanti – Abbuż minn pożizzjoni dominanti"*

**Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, Il-Kummissjoni vs KRKA (C-151/19 P, EU:C:2024:546)**

*"Appell – Kompetizzjoni – Prodotti farmaċewtiċi – Suq tal-perindopril – Artikolu 101 TFUE – Akkordji – Qsim tas-suq – Kompetizzjoni potenzjali – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Strateġija intiża li ddewwem id-dħul fis-suq ta' verżjonijiet ġeneriċi tal-perindropil – Ftehim ta' soluzzjoni bonarja għal tilwima fil-qasam tal-privattivi – Ftehim ta' liċenzja ta' privattiva – Ftehim ta' trasferiment u ta' liċenzja ta' teknoloġija"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-appelli ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea minn żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali [252] li annullaw parzjalment id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kkonstatat l-eżistenza ta' akkordji u ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-suq tal-prodott farmaċewtiku perindopril u imponiet multi fuq il-manifatturi tal-prodotti mediċinali kkonċernati [253]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-linja ta' demarkazzjoni bejn, minn naħa, il-passi leġittimi ta' manifatturi ta' prodotti mediċinali li jikkonsistu f'soluzzjoni bonarja għal tilwimiet attwali tal-privattivi fis-settur farmaċewtiku u, min-naħa l-oħra, il-ftehimiet li jaqsmu b'mod illegali s-suq ta' prodott farmaċewtiku bi pretest ta' ftehim ta' soluzzjoni bonarja għal tilwimiet fil-qasam tal-privattivi.

Il-grupp farmaċewtiku Servier, li l-kumpannija omm tiegħu, Servier SAS, kienet stabbilita fi Franza (iktar 'il quddiem, individwalment jew konġuntament, "Servier"), żviluppa l-perindopril, prodott mediċinali li jaqa' taħt il-klassi tal-inibituri tal-enżima ta' konverżjoni, indikat fil-mediċina kardjovaskulari u intiż prinċipalment li jiġġieled kontra l-pressjoni għolja u l-insuffiċjenza kardijaka. Il-privattiva relatata mal-molekula tal-perindopril, ippreżentata quddiem l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (iktar 'il quddiem l-"UEP") fl-1981, skadiet matul is-snin 2000.

L-ingredjent farmaċewtiku attiv tal-perindopril huwa fil-forma ta' melħ, l-erbumina. Fl-1988, Servier ippreżenta diversi privattivi quddiem l-UEP relatati mal-proċessi ta' manifattura tal-imsemmi ingredjent attiv li kienu ser jiskadu fis-16 ta' Settembru 2008.

Privattiva ġdida relatata mal-perindopril u mal-proċess ta' manifattura tiegħu ġew ippreżentati quddiem l-UEP minn Servier fl-2001 u maħruġa fl-2004 (iktar 'il quddiem il-"privattiva 947"). Barra minn hekk, Servier kiseb privattivi nazzjonali li jikkorrispondu mal-privattiva 947 f'diversi Stati Membri qabel ma dawn kienu partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Għoti ta' Privattivi Ewropej.

---

[252] Sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2018, Servier *et* vs Il-Kummissjoni (T-691/14, EU:T:2018:922) u Krka vs Il-Kummissjoni (T-684/14, EU:T:2018:918) (iktar 'il quddiem, flimkien, is-"sentenzi appellati").

[253] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 4955 final tad-9 ta' Lulju 2014 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 102 [TFUE] (Każ AT.39612 – Perindopril (Servier)) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

B’effett mis-sena 2003, kien hemm diversi tilwimiet bejn Servier u manifatturi ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi li kienu ser jikkummerċjalizzaw verżjoni ġenerika tal-perindopril. F’dan il-kuntest, għaxar manifatturi ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi ppreżentaw oppożizzjoni kontra l-privattiva 947 quddiem l-UEP, li l-Bord tal-Appell Tekniku tiegħu rrevoka l-privattiva kkontestata f’Mejju 2009. Diversi manifatturi ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi kkontestaw ukoll il-validità tal-privattiva 947 quddiem ċerti qrati nazzjonali. Min-naħa tiegħu, Servier ressaq azzjonijiet għal kontrafazzjoni kif ukoll talbiet għal ordnijiet provviżorji kontra l-manifatturi ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi inkwistjoni, fosthom il-kumpannija Slovena KRKA, tovarna zdravil, d.d. (iktar ’il quddiem “Krka”).

Sabiex itemm l-imsemmija tilwimiet, Servier ikkonkluda, bejn l-2005 u l-2007, ftehimiet ta’ soluzzjoni bonarja ma’ diversi manifatturi ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi. Ma’ Krka, Servier ikkonkluda ftehim ta’ soluzzjoni bonarja li kien ikopri l-privattiva 947 u l-privattivi nazzjonali ekwivalenti, ftehim ta’ liċenzja u ftehim ta’ trasferiment u ta’ liċenzja (iktar ’il quddiem il-“ftehimiet Krka”). Dawn il-ftehimiet kienu jkopru l-Istati kollha li kienu membri tal-Unjoni Ewropea fid-data li fiha seħħew il-fatti, kif ukoll l-Istati li ma kinux membri tal-Unjoni u li kienu jikkostitwixxu s-swieq prinċipali ta’ Krka.

Skont il-Kummissjoni, Servier u Krka kkonkludew dawn il-ftehimiet bl-għan illegali li jaqsmu t-territorju tal-pajjiżi koperti f’żewġ sferi ta’ influwenza, li kienu jinkludu, fir-rigward ta’ kull waħda minnhom, is-swieq prinċipali tagħhom, li fihom huma setgħu jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fl-assigurazzjoni, fir-rigward ta’ Servier, li ma kellux ikun suġġett, min-naħa ta’ Krka, għal pressjonijiet kompetittivi li kienu jeċċedu l-limiti li jirriżultaw minn dawn il-ftehimiet u, fir-rigward ta’ Krka, li ma tiħux ir-riskju li titressaq azzjoni għal kontrafazzjoni kontriha minn Servier.

Permezz ta’ deċiżjoni tad-9 ta’ Lulju 2014 [254], il-Kummissjoni kkonstatat li l-ftehimiet konklużi minn Servier ma’ Krka u mal-manifatturi l-oħra ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jikkostitwixxu restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni pprojbiti mill-Artikolu 101 TFUE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li Servier kien kiser l-Artikolu 102 TFUE billi żviluppa u implimenta strateġija ta’ esklużjoni li tkopri s-suq tal-perindopril u tat-teknoloġija relatata mal-ingredjent attiv ta’ dan il-prodott mediċinali, fi Franza, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Polonja u fir-Renju Unit.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni imponiet fuq Servier multi li kienu jammontaw għal total ta’ EUR 289 727 200 għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE, li minnhom EUR 37 661 800 kienu minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fil-ftehimiet Krka, kif ukoll multa ta’ EUR 41 270 000 għall-ksur tal-Artikolu 102 TFUE. Min-naħa tagħha, ġiet imposta multa ta’ EUR 10 miljun fuq Krka għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

Adita b’rikorsi ppreżentati minn Servier u minn Krka, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet wettqet żbalji ta’ liġi meta kklassifikat il-ftehimiet Krka bħala ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE mingħajr ma stabbilixxiet l-eżistenza ta’ restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan jew minħabba l-effett. Fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 102 TFUE allegat fil-konfront ta’ Servier, il-Qorti Ġenerali qieset li d-definizzjoni tas-suq tal-perindopril adottata mill-Kummissjoni kienet ivvizzjata bi żbalji ta’ evalwazzjoni ta’ natura li jivvizzjaw il-konstatazzjonijiet tagħha dwar il-pożizzjoni dominanti ta’ Servier fis-suq rilevanti.

Konsegwentement, permezz ta’ żewġ sentenzi mogħtija fit-12 ta’ Diċembru 2018 [255], il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn kienet tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE fir-rigward tal-ftehimiet Krka kif ukoll ksur tal-Artikolu 102 TFUE, kif ukoll il-multi imposti rispettivament fuq Servier u Krka fir-rigward ta’ dan il-ksur.

Il-Kummissjoni ppreżentat żewġ appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali.

---

254 Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna bin-numru 2533.

255 Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna bin-numru 2522.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

*1. Fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE*

*a) Eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Servier u Krka*

Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, fl-ewwel lok, l-ilmenti tal-Kummissjoni bbażati fuq żbalji ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali mwettqa mill-Qorti Ġenerali.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, għall-finijiet tal-eżami fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE ta' prattiki kollużivi fil-forma ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali bejn impriżi, bħalma kienu l-ftehimiet Krka, għandu jiġi ddeterminat, fl-ewwel stadju, jekk dawn il-prattiki jistgħux jiġu kklassifikati bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minn impriżi li jinsabu f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni, anki jekk potenzjali biss. Jekk dan ikun il-każ, ikollu jiġi vverifikat, fit-tieni stadju, jekk, fid-dawl tal-karatteristiċi ekonomiċi tagħhom, l-imsemmija prattiki jaqgħux taħt il-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan. Meta l-għan antikompetittiv tal-imsemmija prattiki ma jkunx stabbilit, ikollhom jiġu eżaminati l-effetti tagħhom.

Wara li saret din il-preċiżazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat l-ilmenti bbażati fuq żbalji ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali effettivi, peress li l-Qorti Ġenerali kienet eżaminat diversi premessi tad-deċiżjoni kontenzjuża relatati mal-kwistjoni ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Krka u Servier kif ukoll ċerti lmenti mressqa f'dan ir-rigward minn din tal-aħħar.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, peress li kienet iddeċidiet li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka, kien hemm indizji konkordanti li setgħu jagħtu x'jifhem lil Servier u lil Krka li l-privattiva 947 kienet valida, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn dawn l-indizji li kompetizzjoni bejn dawn l-impriżi fis-swieq nazzjonali fi ħdan l-Unjoni kienet minn dak il-mument eskluża u li għalhekk ma kinitx għadha teżisti kompetizzjoni potenzjali bejniethom.

Sabiex tasal għal tali konklużjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' kompetizzjoni potenzjali, il-Qorti Ġenerali kien imissha vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx baqgħet ma stabbilixxietx l-eżistenza, fid-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet Krka, ta' possibbiltajiet reali u konkreti għal Krka li tidħol fis-suq rilevanti u li tikkompeti ma' Servier, fid-dawl tal-passi preparatorji suffiċjenti u tan-nuqqas ta' ostakoli għal dan id-dħul li huma ta' natura insormontabbli.

Madankollu, minflok ma għamlet il-verifiki neċessarji fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali llimitat ruħha li tafferma li Servier u Krka kienu konvinti li l-privattiva 947 kienet valida u li l-aġir ta' Krka li jikkonsisti fiż-żamma tal-pressjoni kompetittiva fuq Servier seta' jiġi spjegat mix-xewqa tagħha li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fin-negozjati eventwali sabiex jintlaħaq ftehim ta' soluzzjoni bonarja flimkien ma' ftehim ta' liċenzja. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali żbaljat fir-rigward tar-rilevanza legali tas-sitwazzjoni ta' privattiva kkonstatata fis-swieq inkwistjoni, kif ukoll tal-intenzjonijiet tal-partijiet. Barra minn hekk, hija naqset milli timmotiva l-konstatazzjoni impliċita tagħha li Servier u Krka ma kinux iktar kompetituri potenzjali, minkejja l-elementi tad-deċiżjoni kontenzjuża intiżi li juru l-kuntrarju.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, waqt l-eżami tagħha tal-kuntest li fih ġew konklużi l-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka, il-Qorti Ġenerali mhux biss żnaturat it-termini ċari u preċiżi ta' deċiżjoni ta' qorti Brittanika dwar kontrotalba għall-annullament tal-privattiva 947 imressqa minn Krka, iżda wkoll is-sens u l-portata tad-deċiżjoni kontenzjuża fir-rigward tal-effetti ta' deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UEP, li kienet ivvalidat din il-privattiva.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-ilmenti tal-Kummissjoni bbażati fuq żbalji ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali mwettqa mill-Qorti Ġenerali.

*b) Klassifikazzjoni tal-ftehimiet Krka bħala restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan*

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi meta kkonkludiet li ma kienx hemm restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

Fis-sentenzi appellati, il-Qorti Ġenerali qieset li, fil-preżenza ta' tilwima reali dwar privattiva, ftehim ta' soluzzjoni bonarja għal din it-tilwima, li jkun jinkludi klawżoli li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, relatat ma' ftehim ta' liċenzja li jirrigwarda din il-privattiva, jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan biss jekk il-Kummissjoni tkun tista' turi li dan il-ftehim ta' liċenzja ma jikkostitwixxix tranżazzjoni konkluża skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq u għalhekk jostor ħlas invertit.

Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan ir-raġunament ma ħax inkunsiderazzjoni n-natura stess tal-ftehimiet inkwistjoni, li kienu jikkonsistu mhux f'sempliċi ftehim ta' soluzzjoni bonarja għal tilwima dwar privattiva bi ħlas invertit, iżda fi ftehim ta' tqassim tas-swieq f'żewġ żoni, fejn waħda minnhom, barra minn hekk, ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

Dan l-iżball ta' liġi kien wassal lill-Qorti Ġenerali sabiex tivverifika l-klassifikazzjoni tal-prattika illegali imputata lil Servier u lil Krka bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan billi tanalizza l-forma u l-karatteristiċi legali tal-ftehimiet intiżi li jimplimentaw din il-prattika, filwaqt li hija kellha l-obbligu tevalwa l-grad ta' noċività ekonomika tal-imsemmija ftehimiet billi twettaq analiżi ddettaljata tal-karatteristiċi tagħhom, kif ukoll tal-għanijiet tagħhom u tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li kienu jagħmlu parti minnu.

Barra minn hekk, billi qieset li, peress li l-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka ma rriżervawx parti mis-suq għal Krka, ma setax jiġi konkluż li kien hemm qsim ta' suq, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 101(1)(c) TFUE, fid-dawl tal-fatt li l-projbizzjoni tal-ftehimiet li jikkonsistu fit-tqassim tas-swieq stabbilita minn din id-dispożizzjoni ma hijiex limitata għall-ftehimiet li jistabbilixxu tqassim "ermetiku" bejn is-swieq.

Iktar minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi ieħor meta introduċiet, fir-raġunament tagħha dwar l-assenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, kunsiderazzjonijiet dwar in-natura allegatament ipotetika tal-effetti potenzjali tal-ftehimiet inkwistjoni, filwaqt li ma hemmx lok li jiġu mfittxija u lanqas *a fortiori* li jintwerew l-effetti fuq il-kompetizzjoni ta' prattiki kklassifikati bħala restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, inkluż fil-kuntest ta' eventwali eżami tal-kwistjoni dwar jekk l-aġir ikkonċernat jippreżentax il-grad ta' noċività meħtieġ għall-finijiet ta' tali klassifikazzjoni.

Bl-istess mod, billi kkritikat lill-Kummissjoni talli ma wrietx, essenzjalment, li Servier jew Krka kellhom l-intenzjoni li jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejniethom, minkejja li tali prova ma kinitx meħtieġa sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni libera tal-prova meta kkonstatat li kienet teżisti distinzjoni fid-dritt, fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi frammentarji u sparsi sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur, bejn is-sitwazzjonijiet li fihom il-Kummissjoni jkollha l-kontenut ta' ftehimiet antikompetittivi u dawk li fihom hija ma jkollhiex tali kontenut. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi addizzjonali meta kkonstatat li deduzzjonijiet misluta minn estratti parzjali ta' posta elettronika jew ta' dokumenti oħra intiżi li jistabbilixxu l-intenzjonijiet tal-partijiet ma jistgħux faċilment iqiegħdu f'dubju konklużjoni bbażata fuq il-kontenut stess tal-ftehimiet inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-possibbiltà li liċenzja ta' privattiva tista' tipproduċi, f'ċerti swieq ġeografiċi, effetti favur il-kompetizzjoni hija totalment irrilevanti sabiex jiġi evalwat jekk hemmx lok li tiġi kklassifikata bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan skont l-Artikolu 101(1) TFUE. Billi ħadet inkunsiderazzjoni l-effetti pożittivi tal-ftehim ta' liċenzja Krka fis-swieq prinċipali ta' Krka, il-Qorti Ġenerali għalhekk wettqet żball ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-

Artikolu 101(1) TFUE, iktar u iktar peress li s-swieq prinċipali ta' Krka ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografika tal-ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

Fid-dawl tal-iżbalji msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-raġunament tal-Qorti Ġenerali dwar l-assenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan ikkawżata mill-ftehimiet Krka kien, kollu kemm hu, ivvizzjat b'illegalità.

*c) Klassifikazzjoni tal-ftehimiet Krka bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett*

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkritikat il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li l-ftehimiet Krka kellhom l-effett li jirrestrinġu l-kompetizzjoni potenzjali, peress li din l-istituzzjoni ma kienx irnexxilha tipprova li, fin-nuqqas ta' dawn il-ftehimiet, Krka kienet probabbilment tidħol fis-swieq prinċipali ta' Servier.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' effetti antikompetittivi kkawżati minn ftehim bejn impriżi, is-sitwazzjoni kompetittiva li tirriżulta minn dan il-ftehim għandha tiġi pparagunata ma' dik li kienet teżisti fl-assenza tiegħu. Dan il-metodu, imsejjaħ "kontrofattwali", jimplika n-neċessità li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest konkret ta' dan il-ftehim. Għalhekk, ix-xenarju kontrofattwali, previst abbażi tal-assenza tal-imsemmi ftehim, għandu jkun realistiku u kredibbli.

Fid-dawl ta' din il-preċiżazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni, fi tliet aspetti prinċipali, il-karatteristiċi tal-metodu kontrofattwali għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-evalwazzjoni tal-effetti antikompetittivi tal-ftehim ta' soluzzjoni bonarja Krka kienet ibbażata fuq approċċ ipotetiku u eżami inkomplet ta' dawn l-effetti, peress li l-Kummissjoni ma inkludietx fix-xenarju kontrofattwali l-iżvolġiment reali tal-avvenimenti li seħħew wara dan il-ftehim. Madankollu, dan ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li x-xenarju kontrofattwali li, mid-definizzjoni tiegħu stess, kien ipotetiku, fis-sens li ma kienx seħħ, ma setax ikun ibbażat fuq elementi sussegwenti għall-konklużjoni tal-imsemmi ftehim.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ddeċidiet li l-ġurisprudenza li tgħid li ftehim bejn impriżi jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effetti potenzjali tiegħu ma tibqax tapplika meta dan il-ftehim ikun ġie implimentat, abbażi tal-fatt li l-effetti reali tal-imsemmi ftehim fuq il-kompetizzjoni jistgħu jiġu osservati. Fil-fatt, meta, bħalma ġara f'dan il-każ, ftehim ma jwassalx sabiex jiġi emendat, iżda, għall-kuntrarju, sabiex jinżamm in-numru jew l-aġir ta' impriżi kompetituri diġà preżenti fi ħdan suq, sempliċi paragun bejn is-sitwazzjonijiet ikkonstatati fl-imsemmi suq qabel u wara l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim ikun insuffiċjenti sabiex jippermetti li jiġi konkluż li ma hemmx effett antikompetittiv, peress li l-effett antikompetittiv ikun dovut għat-tneħħija ċerta, minħabba l-imsemmi ftehim, ta' sors ta' kompetizzjoni li, fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim, jibqa' potenzjali.

It-tielet nett, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, meta tistabbilixxi x-xenarju kontrafattwali bl-għan li jiġi eżaminat ftehim ta' soluzzjoni bonarja għal tilwima dwar privattivi bejn manifattur ta' prodotti mediċinali oriġinaturi u manifattur ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata twettaq konstatazzjoni definittiva dwar il-possibbiltajiet ta' suċċess ta' dan tal-aħħar fit-tilwima relatata mal-privattiva jew dwar il-probabbiltà ta' konklużjoni ta' ftehim inqas restrittiv. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE meta ddeċidiet li l-Kummissjoni baqgħet ma pprovatx li, fl-assenza tal-ftehim ta' soluzzjoni bonarja, Krka probabbilment kienet tidħol fis-swieq inkwistjoni u li t-tkomplija tal-proċeduri kontenzjużi li jikkontestaw il-validità tal-privattiva 947 kienet b'mod probabbli, u saħansitra b'mod plawżibbli, ser tippermetti annullament iktar mgħaġġel jew iktar komplet ta' din il-privattiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-iżbalji ta' liġi identifikati b'dan il-mod kienu jivvizzjaw b'illegalità r-raġunament kollu tal-Qorti Ġenerali li ċaħad il-klassifikazzjoni tal-ftehimiet Krka bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett.

*2. Fuq il-ksur tal-Artikolu 102 TFUE*

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li d-definizzjoni tas-suq tal-prodott rilevanti adottata mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-eżami tagħha tal-eżistenza ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti minn Servier kienet ivvizzjata bi żbalji ta' natura li jivvizzjaw dan l-eżami. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kienet ikkritikat b'mod partikolari lill-Kummissjoni talli llimitat b'mod żbaljat is-suq rilevanti għall-perindopril biss, bl-esklużjoni tal-prodotti mediċinali l-oħra li jaqgħu taħt il-klassi tal-inibituri tal-enżima ta' konverżjoni (iktar 'il quddiem il-"prodotti mediċinali IEK").

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-determinazzjoni tas-suq rilevanti, li hija prerekwiżit għall-evalwazzjoni ta' eventwali pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, tippreżupponi li jiġi ddefinit, fl-ewwel lok, is-suq tal-prodotti, u, sussegwentement, fit-tieni lok, is-suq ġeografiku tiegħu.

Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-kunċett ta' suq rilevanti jimplika livell suffiċjenti ta' interkambjabbiltà bejn il-prodotti jew is-servizzi li jagħmlu parti minnu. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-eżami tas-sostitwibbiltà ekonomika bejn il-prodotti mediċinali, dan għandu jiġi evalwat fid-dawl tat-trasferimenti tal-bejgħ bejn prodotti mediċinali intiżi għall-istess indikazzjoni terapewtika, ikkawżati mill-bidliet fil-prezzijiet relattivi ta' dawn il-prodotti mediċinali. Il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' tali sostitwibbiltà turi l-eżistenza ta' suq distint, u dan irrispettivament mill-kawżi tiegħu.

Peress li l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm interkambjabbiltà bejn il-perindopril u l-prodotti mediċinali IEK l-oħra fir-rigward tal-konstatazzjoni, mhux ikkontestata minn Servier, dwar l-inelastiċità tad-domanda għall-perindopril meta mqabbla mat-tnaqqis kbir fil-prezzijiet tal-prodotti mediċinali IEK l-oħra fis-swieq ikkonċernati, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkritikat lill-Kummissjoni talli llimitat is-suq rilevanti għall-perindopril biss.

Peress li l-Qorti Ġenerali kienet sussegwentement qieset li l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti ta' Servier fis-suq tat-teknoloġija relatata mal-ingredjent attiv tal-perindopril kienet ibbażata fuq id-delimitazzjoni żbaljata tas-suq rilevanti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dawn l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali kienu bbażati fuq premessa żbaljata u, minħabba f'hekk, kienu wkoll ivvizzjati b'illegalità.

Peress li l-aggravji tal-Kummissjoni dwar l-iżbalji msemmija iktar 'il fuq intlaqgħu, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat parzjalment is-sentenzi appellati.

*3. Fuq ir-rikorsi għal annullament ippreżentati minn Servier u minn Krka*

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-ħames lok, li l-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża fir-rigward tal-motivi mressqa minn Servier u minn Krka quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jiġu kkontestati l-klassifikazzjoni, fid-deċiżjoni kontenzjuża, tal-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan kif ukoll il-klassifikazzjoni tal-ftehim ta' soluzzjoni bonarja u tal-ftehim ta' trasferiment u ta' liċenzja Krka bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett.

Fir-rigward, minn naħa, tal-klassifikazzjoni tal-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat, fl-ewwel lok, jekk il-Kummissjoni setgħetx validament tikklassifika dawn il-ftehimiet bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni potenzjali eżerċitata fuq Servier minn Krka. Għal dan l-għan, hija eżaminat jekk, fid-data tal-konklużjoni tal-imsemmija ftehimiet, kinux jeżistu possibbiltajiet reali u konkreti li Krka tidħol fis-suq tal-perindopril u tikkompeti ma' Servier.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-eżistenza ta' privattiva li tipproteġi l-proċess ta' manifattura ta' sustanza attiva li tkun daħlet fid-dominju pubbliku ma tistax, bħala tali, titqies li hija ostakolu insormontabbli għad-dħul fis-suq ta' prodotti mediċinali ġeneriċi abbażi ta' din is-sustanza attiva. Minn dan isegwi li l-eżistenza ta' tali privattiva ma tipprekludix li jiġi kklassifikat bħala kompetitur potenzjali tal-manifattur tal-prodott mediċinali oriġinatur ikkonċernat manifattur ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jkollu effettivament id-determinazzjoni soda kif ukoll il-kapaċità inerenti li jidħol fis-suq u li, permezz tal-passi mwettqa minnu, juri li jkun lest li jikkontesta l-validità ta' din il-privattiva u li jkun suġġett għar-riskju, mad-dħul tiegħu fis-suq, li titressaq fil-konfront tiegħu azzjoni għal kontrafazzjoni mill-proprjetarju ta' din il-privattiva.

Fir-rigward tad-determinazzjoni soda ta' Krka li tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tikkummerċjalizza l-perindopril tagħha minkejja t-telfiet ġudizzjarji li kienet ġarrbet fl-2006 f'tilwimiet relatati mal-privattivi li kellha kontra Servier, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li mill-provi ċċitati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża kien jirriżulta li Krka ma kinitx waqqfet l-isforzi tagħha sabiex tidħol fis-swieq prinċipali ta' Servier.

Barra minn hekk, il-fatt li Krka innegozjat ma' Servier bl-għan li tikkonkludi l-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka lanqas ma kien biżżejjed sabiex jintwera li Krka ma kellhiex iktar id-determinazzjoni soda li tikkompeti ma' Servier.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li Krka kienet kompetitur potenzjali ta' Servier fid-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka.

Il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat, fit-tieni lok, jekk il-Kummissjoni qisitx b'mod żbaljat li l-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka kellhom l-għan li jaqsmu s-swieq tal-perindopril.

F'dan ir-rigward, hija enfasizzat li l-fatt li ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja għal tilwima fil-qasam tal-privattivi, l-istess bħal ftehimiet ta' liċenzja assoċjati ma' tali ftehimiet, jistgħu jiġu konklużi b'għan li jista' jkun leġittimu ma jistax jeskludihom mill-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE jekk jirriżulta li l-imsemmija ftehimiet ikunu intiżi li jirrestrinġu l-kompetizzjoni. F'dan il-każ, barra minn hekk, kien jirriżulta b'mod ċar mit-termini tal-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka u miċ-ċirkustanzi tal-konklużjoni tagħhom li huma kienu marbuta ekonomikament u ma setgħux jiġu eżaminati separatament.

L-effett konġunt tal-ftehim ta' liċenzja Krka, li permezz tiegħu Servier irrinunzja milli jopponi l-kummerċjalizzazzjoni minn Krka ta' verżjoni ġenerika tal-perindopril fis-swieq prinċipali ta' dan tal-aħħar, u tal-ftehim ta' soluzzjoni bonarja, li kien jipprevedi obbligu ta' nuqqas ta' kontrafazzjoni minn Krka fis-swieq prinċipali ta' Servier, kien ekwivalenti, minn perspettiva ekonomika, għal *quid pro quo*, li ppermetta lil Servier u Krka jżommu, fis-swieq prinċipali rispettivi tagħhom, pożizzjoni iktar favorevoli. Tali sett ta' ftehimiet kien jimplika, bħala prinċipju, qsim ta' dawn is-swieq u, għalhekk, restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, li ma tistax tiġi rrelativizzata jew ikkumpensata b'eventwali effetti pożittivi jew effetti favorevoli għall-kompetizzjoni f'suq, ikun liema suq ikun.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-provi prodotti fid-deċiżjoni kontenzjuża kienu juru l-eżistenza tal-prattika intiża, għal Servier u Krka, li jinqasam is-suq tal-perindopril permezz tal-ftehimiet ta' soluzzjoni bonarja u ta' liċenzja Krka, u li kienu suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni ta' din il-prattika bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-klassifikazzjoni tal-ftehim ta' soluzzjoni bonarja u tal-ftehim ta' trasferiment u ta' liċenzja Krka bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-effett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kienet il-Kummissjoni li kellha tqabbel is-sitwazzjoni kompetittiva li tirriżulta minn dawn il-ftehimiet mas-sitwazzjoni kompetittiva li tirriżulta minn xenarju kontrofattwali realistiku u kredibbli. Sa fejn, f'dan il-każ, ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni inkwistjoni kienet tirrigwarda l-eliminazzjoni tas-sors ta' kompetizzjoni potenzjali eżerċitata minn Krka fuq Servier, l-analiżi tax-

xenarju kontrofattwali kienet tikkorrispondi, essenzjalment, għal dik tal-eżistenza ta' din il-kompetizzjoni potenzjali.

Fid-dawl ta' dawn il-kjarifiki, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Kummissjoni setgħet validament tqis li Krka kienet tirrappreżenta waħda mill-iktar theddidiet immedjati għal Servier, minħabba l-fatt li hija kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-swieq fi Franza, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fir-Renju Unit. Fin-nuqqas tal-ftehimiet Krka, din il-possibbiltà ta' dħul min-naħa ta' Krka, permezz tal-perindopril tagħha, kompost mill-forma kristallina alpha tal-erbumina protetta mill-privattiva 947, ma kinitx tiġi eliminata. Konsegwentement, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-eliminazzjoni, permezz tal-implimentazzjoni tal-imsemmija ftehimiet, ta' dan is-sors ta' kompetizzjoni potenzjali kellha l-effett li tirrestrinġi l-kompetizzjoni b'mod sostanzjali. Dan l-effett, li la kien ipotetiku u lanqas potenzjali, iżda reali, kien ta' natura li jiġġustifika l-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni li saret fid-deċiżjoni kontenzjuża.

Wara li ddeċidiet dwar ċerti motivi mressqa minn Servier u minn Krka quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kawża ma kinitx, madankollu, fi stat li tiġi deċiża fl-intier tagħha. Għaldaqstant, hija bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan tal-ftehim ta' trasferiment u ta' liċenzja Krka, kif ukoll, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Servier *et* (C-176/19 P), dwar il-kumplament tal-motivi relatati mal-ksur tal-Artikolu 102 TFUE u dwar il-motivi sussidjarji intiżi li jikkontestaw l-ammont tal-multa.

### Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024, FIFA (C-650/22, EU:C:2024:824)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern – Kompetizzjoni – Leġiżlazzjoni stabbilita minn assoċjazzjoni sportiva internazzjonali u implimentata minnha bl-assistenza tal-membri tagħha – Futbol professjonali – Entitajiet irregolati mid-dritt privat li għandhom setgħat regolatorji, ta' kontroll u ta' sanzjoni – Leġiżlazzjoni dwar l-istatus u t-trasferiment tal-plejers – Regoli dwar kuntratti ta' xogħol konklużi bejn klabbs u plejers – Terminazzjoni prematura ta' kuntratt ta' xogħol mill-plejer – Kumpens impost fuq il-plejer – Responsabbiltà in solidum tal-klabb il-ġdid – Sanzjonijiet – Projbizzjoni tal-ħruġ taċ-ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment tal-plejer u r-reġistrazzjoni tiegħu sakemm tkun pendenti tilwima marbuta mat-terminazzjoni prematura tal-kuntratt ta' xogħol – Projbizzjoni ta' reġistrazzjoni ta' plejers oħra – Artikolu 45 TFUE – Ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema – Ġustifikazzjoni – Artikolu 101 TFUE – Deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li jkollha bħala għan il-prevenzjoni jew ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni – Suq tax-xogħol – Reklutaġġ ta' plejers mill-klabbs – Suq tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs – Parteċipazzjoni ta' klabbs u ta' plejers fil-kompetizzjonijiet sportivi – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Eżenzjoni"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju), il-Qorti tal-Ġustizzja tat mill-ġdid deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tad-dritt ekonomiku tal-Unjoni għar-regoli stabbiliti minn federazzjoni sportiva internazzjonali [256]. Permezz ta' din is-sentenza, hija ppreċiżat il-mod kif l-artikoli tat-Trattat FUE li jipprevedu l-prinċipju ta' moviment liberu tal-ħaddiema u l-projbizzjoni ta' akkordji [257] japplikaw għar-regoli adottati minn federazzjoni sportiva internazzjonali dwar l-istatus u t-trasferiment tal-plejers.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, il-Fédération internationale de football association (FIFA) kienet assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Svizzeru li kellha l-għan, b'mod partikolari, li tistabbilixxi regoli li jirregolaw il-futbol u l-kwistjonijiet relatati fuq livell dinji. Hija kienet komposta minn assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li kellhom b'mod partikolari l-obbligu li jaraw li l-membri jew l-affiljati tagħhom josservaw ir-regoli kollha stabbiliti minnha.

---

[256] Ara s-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2023, Royal Antwerp Football Club (C-680/21, EU:C:2023:1010); tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2023:1011); u tal-21 ta' Diċembru 2023, International Skating Union vs Il-Kummissjoni (C-124/21 P, EU:C:2023:1012).

[257] Rispettivament, l-Artikolu 45 TFUE l-Artikolu 101 TFUE.

F'Marzu 2014, il-FIFA adottat ir-"Regolament dwar l-Istatus u t-Trasferiment ta' Plejers" (iktar 'il quddiem ir-"RSTP"). Ir-RSTP kien jipprevedi b'mod partikolari li kull klabb tal-futbol professjonali ġdid li jimpjega plejer wara terminazzjoni ta' kuntratt ta' xogħol li seħħet mingħajr raġuni valida kellu jkun responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-kumpens li dan il-plejer seta' jkun obbligat iħallas lill-klabb preċedenti tiegħu, b'dan il-kumpens jiġi stabbilit fuq il-bażi tad-diversi kriterji elenkati f'dawn ir-regoli [258]. Ir-RSTP kien jistabbilixxi wkoll li l-klabb il-ġdid kien preżunt li induċa lill-plejer sabiex jittermina l-kuntratt ta' xogħol li kien jorbtu mal-klabb preċedenti tiegħu u f'ċerti każijiet jesponi lil dan il-klabb il-ġdid għal sanzjoni sportiva, li tikkonsisti fi projbizzjoni milli jirreġistra kull plejer ġdid għal perijodu determinat [259]. Fl-aħħar nett, ir-RSTP kien jiddisponi li l-assoċjazzjoni nazzjonali tal-futbol li tagħha kien membru l-klabb preċedenti ma setgħetx toħroġ ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment (ĊIT) għall-plejer jekk tkun teżisti, bejn dan il-klabb preċedenti u dan il-plejer, tilwima li toriġina minn xoljiment prematur ta' kuntratt ta' xogħol li jseħħ mingħajr ftehim reċiproku [260].

BZ kien ex plejer tal-futbol professjonali li kien jirrisjedi f'Pariġi (Franza). F'Awwissu 2013, huwa ffirma kuntratt ta' xogħol għal perijodu ta' erba' snin ma' klabb tal-futbol professjonali Russu. Is-sena ta' wara, dan il-klabb xolja dan il-kuntratt għal raġunijiet marbuta, fil-fehma tiegħu, mal-aġir żbaljat ta' BZ, u adixxa lill-Kamra għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim tal-FIFA sabiex jikseb il-kundanna ta' BZ għall-ħlas ta' kumpens ta' EUR 20 miljun, fejn invoka "terminazzjoni ta' kuntratt mingħajr raġuni valida", fis-sens tar-RSTP.

F'Mejju 2015, il-Kamra għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim tal-FIFA laqgħet parzjalment it-talba tal-klabb, u kkundannat lil BZ iħallsu kumpens ta' EUR 10.5 miljuni. Barra minn hekk, hija ddikjarat li r-RSTP, sa fejn kien jipprevedi li kull klabb tal-futbol professjonali ġdid li jimpjega l-plejer huwa responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' tali kumpens, ma kienx japplika għal BZ fil-futur. F'Mejju 2016, it-Tribunal arbitral du sport (it-Tribunal ta' Arbitraġġ għall-Isport) ikkonferma din id-deċiżjoni fl-appell.

F'Diċembru 2015, BZ ressaq quddiem it-tribunal de commerce du Hainaut (division de Charleroi) (il-Qorti Kummerċjali ta' Hainaut, Diviżjoni ta' Charleroi, il-Belġju) talba intiża li l-FIFA u l-Union royale belge des sociétés de football association ASBL (URBSFA) jiġu kkundannati jħallsuh kumpens ta' EUR 6 miljuni, bħala kumpens għad-dannu li huwa qies li ġarrab minħabba l-fatt li ma setax jiġi impjegat, fl-2015, mill-klabb Belġjan ta' Sporting du Pays de Charleroi SA, minħabba r-rekwiżiti imposti mir-RSTP. F'Jannar 2017, dik il-qorti qieset din it-talba fondata bħala prinċipju u kkundannat liż-żewġ assoċjazzjonijiet għall-ħlas ta' somma provviżorja.

Adita b'appell mill-FIFA, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk, fid-dawl tal-ispeċifiċità tal-isport, marbuta b'mod partikolari mal-iżvolġiment tajjeb tal-kompetizzjonijiet sportivi, ir-regoli inkwistjoni kellhomx jitqiesu li jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema u għall-kompetizzjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li r-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellhom effett dirett fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-plejers, u għalhekk, fuq l-attività ekonomika tagħhom. Barra minn hekk, peress li l-formazzjoni tat-timijiet kienet waħda mill-parametri essenzjali tal-kompetizzjonijiet, ir-regoli kkonċernati kellhom jitqiesu li kellhom effett dirett fuq il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika li tirriżulta minn dawn il-kompetizzjonijiet u fuq il-kompetizzjoni bejn il-klabbs li jeżerċitaw din l-attività. Għaldaqstant, ir-regoli inkwistjoni kienu jaqgħu fil-kamp ta'

[258] Ara l-punti 1 u 2 tal-Artikolu 17 tar-RSTP.

[259] Ara l-punt 4 tal-Artikolu 17 tar-RSTP.

[260] Peress li ċ-ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment kien neċessarju għar-reġistrazzjoni tal-plejer mal-klabb il-ġdid, dan il-plejer ma setax għalhekk jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-futbol f'isem dan il-klabb il-ġdid. Ara l-Artikolu 9(1) tar-RSTP u l-Artikolu 8.2.7 tal-Anness 3 ta' dan ir-regolament.

applikazzjoni tal-Artikoli 45 TFUE u 101 TFUE, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tad-differenzi fis-sistema li jikkaratterizzaw dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet, interpretat suċċessivament.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-Artikolu 45 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien hemm ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema. F'dan ir-rigward, hija osservat li r-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħu jisfavorixxu lill-plejers li jkunu jixtiequ jeżerċitaw l-attività ekonomika tagħhom f'isem klabb ġdid stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx dak tar-residenza tagħhom jew tal-post tax-xogħol attwali tagħhom, billi jtemmu unilateralment il-kuntratt ta' xogħol tagħhom mal-klabb preċedenti tagħhom, għal raġuni li dan il-klabb jippretendi jew jaf jippretendi li ma tkunx valida. Fil-fatt, l-eżistenza ta' dawn ir-regoli u l-kumbinazzjoni tagħhom kienu jimponu fuq il-klabbs li jkunu jixtiequ jimpjegaw tali plejers riskji legali importanti, riskji finanzjarji imprevedibbli u potenzjalment għoljin ħafna, kif ukoll riskji sportivi kbar, li, meħuda flimkien, kienu b'mod ċar ta' natura li jiddiswaduhom milli jimpjegaw tali plejers.

Fir-rigward tal-eżistenza ta' eventwali ġustifikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-għan li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet sportivi jikkostitwixxi għan leġittimu ta' interess ġenerali li jista' jintlaħaq minn assoċjazzjoni sportiva. Barra minn hekk, dan l-għan għandu importanza partikolari fil-każ tal-futbol, minħabba r-rwol essenzjali mogħti lill-mertu sportiv fl-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, peress li l-formazzjoni tat-timijiet hija waħda mill-parametri essenzjali tal-kompetizzjonijiet, iż-żamma ta' ċerta stabbiltà fil-persunal tal-klabbs, u għalhekk, ta' ċerta kontinwità tal-kuntratti relatati magħhom, tista' għalhekk titqies bħala wieħed mill-mezzi li jistgħu jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq dan l-għan.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, bla ħsara għall-verifiki li kellha twettaq il-qorti tar-rinviju, id-diversi regoli tar-RSTP inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jidhru li jmorru lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan, u dan iktar u iktar peress li kienu intiżi li japplikaw, fil-parti l-kbira, konġuntament u, għal parti minnhom, matul perijodu ta' żmien kunsiderevoli, għal plejers li l-karriera tagħhom hija relattivament qasira. Dan jgħodd ukoll, b'mod partikolari, għall-kriterji ta' kalkolu tal-kumpens dovut fil-każ ta' terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt ta' xogħol min-naħa tal-plejer "mingħajr raġuni valida". Fil-fatt, kien jidher li tali kriterji ta' kumpens kienu jidhru li kienu iktar intiżi li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-klabbs fil-kuntest ekonomiku speċifiku għat-trasferimenti ta' plejers milli sabiex jiżguraw l-allegat żvolġiment tajjeb ta' kompetizzjonijiet sportivi. Dan kien jidher ukoll li kien il-każ tar-regola li kienet tipprevedi, bħala prinċipju u għalhekk mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ, u b'mod partikolari l-aġir effettiv tal-klabb il-ġdid li jimpjega lil dan il-plejer, li klabb kien responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-kumpens dovut mill-plejer li jkun għadu kif ġie impjegat lill-klabb preċedenti tiegħu fil-każ ta' terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt mingħajr raġuni valida. L-istess kien japplika għall-possibbiltà ta' adozzjoni kważi awtomatika ta' sanzjoni sportiva kontra l-klabb il-ġdid abbażi ta' preżunzjoni ta' responsabbiltà ta' dan tal-aħħar għall-ksur kuntrattwali li seħħ, kif ukoll għall-projbizzjoni ġenerali tal-għoti ta' ĊIT sakemm tibqa' teżisti tilwima dwar dan il-ksur, ikunu xi jkunu ċ-ċirkustanzi li fihom seħħ l-imsemmi ksur kuntrattwali.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 45 TFUE jipprekludi regoli bħal dawk li kienu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sakemm ma jiġix stabbilit li dawn ir-regoli, kif interpretati u applikati fit-territorju tal-Unjoni, ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs, filwaqt li jinżamm ċertu livell ta' stabbiltà fil-persunal tal-klabbs tal-futbol professjonali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex ikun jista' jitqies li deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi taqa' taħt il-projbizzjoni ddikjara fl-Artikolu 101(1) TFUE, huwa neċessarju li jintwera jew li din għandha bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, jew li għandha tali effett. Fir-rigward tal-eżistenza ta' għan antikompetittiv, li, kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja, jirreferi esklużivament għal ċerti tipi ta' koordinazzjoni bejn impriżi li juru grad suffiċjenti ta' noċività fir-rigward tal-kompetizzjoni, hija rrilevat li l-aġir kollużiv tal-impriżi jista' jikkonsisti, pereżempju, fil-limitazzjoni jew fil-kontroll tal-parametru essenzjali tal-kompetizzjoni li jista' jikkostitwixxi, f'ċerti

setturi jew f'ċerti swieq, ir-reklutaġġ ta' ħaddiema ta' livell għoli, bħalma huma l-plejers diġà mħarrġa fir-rigward tas-settur tal-futbol professjonali.

F'dan il-każ, il-qari flimkien tar-regoli tar-RSTP inkwistjoni kien juri, minn naħa, li dawn kienu ta' natura li jirrestrinġu b'mod ġeneralizzat u drastiku, minn perspettiva materjali, il-kompetizzjoni li, fl-assenza tagħhom, tkun tista' tqiegħed kontra xulxin kull klabb tal-futbol professjonali stabbilit fi Stat Membru ma' kull klabb ieħor tal-futbol professjonali stabbilit fi Stat Membru ieħor fir-rigward tar-reklutaġġ ta' plejers diġà impjegati minn klabb partikolari. Min-naħa l-oħra, din ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni transkonfinali bejn il-klabbs permezz tar-reklutaġġ unilaterali ta' plejers li diġà kienu impjegati kienet testendi għat-territorju kollu tal-Unjoni u kienet ta' natura permanenti peress li kienet tkopri t-tul kollu ta' kull wieħed mill-kuntratti ta' xogħol li plejer seta' jikkonkludi suċċessivament ma' klabb, u mbagħad, fil-każ ta' trasferiment innegozjat lejn klabb ieħor, ma' dan tal-aħħar.

Ċertament, peress li l-iżvolġiment tal-kompetizzjonijiet tal-futbol professjonali bejn il-klabbs huwa bbażat, fl-Unjoni, fuq il-logħob kontra xulxin u l-eliminazzjoni progressiva tat-timijiet parteċipanti u peress li huwa bbażat essenzjalment fuq il-mertu sportiv, jista' jkun leġittimu, għal assoċjazzjoni bħall-FIFA, li tfittex li tiżgura l-istabbiltà fil-kompożizzjoni tal-persunal magħmul minn plejers li jservu bħala sors għat-timijiet li kienu komposti minn dawn il-klabbs matul staġun jew sena partikolari. Madankollu, il-karatteristiċi speċifiċi tal-futbol u l-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament tas-suq li jikkostitwixxu l-organizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet tal-futbol professjonali bejn il-klabbs ma jistgħux iwasslu sabiex jiġi aċċettat li tiġi ristretta b'mod ġeneralizzat, drastiku u permanenti, jew saħansitra prekluża, fit-territorju kollu tal-Unjoni, kull possibbiltà għall-klabbs li jikkompetu lil hinn mill-fruntieri billi jirreklutaw unilateralment plejers li diġà kienu impjegati minn klabb stabbilit fi Stat Membru ieħor jew plejers li allegatament il-kuntratt ta' xogħol tagħhom ma' tali klabb ġie tterminat mingħajr raġuni valida. Fl-aħħar mill-aħħar, anki jekk ikunu ppreżentati bħala intiżi li jipprevjenu prattiki ta' teħid ta' plejers min-naħa ta' klabbs li għandhom mezzi finanzjarji ikbar, tali regoli jkunu simili għal projbizzjoni ġenerali, assoluta u permanenti tar-reklutaġġ unilaterali ta' plejers diġà rreklutati, imposta permezz ta' deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi fuq l-impriżi kollha li huma l-klabbs tal-futbol professjonali u li tkun ta' piż fuq il-ħaddiema kollha li huma dawn il-plejers. Huma jkunu jikkostitwixxu, għalhekk, restrizzjoni ċara tal-kompetizzjoni li dawn il-klabbs jistgħu jwettqu fl-assenza tagħhom.

Għalhekk, min-natura tagħhom stess, ir-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellhom grad għoli ta' noċività fir-rigward tal-kompetizzjoni li setgħu jwettqu l-klabbs tal-futbol professjonali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn ir-regoli kellhom jitqiesu li kellhom l-għan li jirrestrinġu, jew saħansitra jipprekludu, din il-kompetizzjoni, u dan fit-territorju kollu tal-Unjoni. Għaldaqstant, ma kienx neċessarju li jiġu eżaminati l-effetti tagħhom.

Fl-aħħar nett, filwaqt li ppreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom aġir li jkollu għan antikompetittiv jista' jibbenefika minn eżenzjoni prevista fl-Artikolu 101(3) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjoni dwar in-natura indispensabbli jew neċessarja tal-aġir inkwistjoni kinitx osservata f'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li r-regoli kkonċernati tar-RSTP kienu kkaratterizzati minn kombinazzjoni ta' elementi li numru sinjifikattiv minnhom kellhom natura diskrezzjonali jew sproporzjonata. Hija kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li dawn ir-regoli kienu jipprevedu restrizzjoni ġġeneralizzata, drastika u permanenti tal-kompetizzjoni transkonfinali li setgħu jwettqu l-klabbs tal-futbol professjonali billi jipproċedu għar-reklutaġġ unilaterali ta' plejers ta' livell għoli. Fil-fatt, kull waħda minn dawn iż-żewġ ċirkustanzi, meħuda waħedha, kienet teskludi, *prima facie*, li dawn ir-regoli jitqiesu li kienu indispensabbli jew neċessarji sabiex jippermettu li jsir titjib fl-effiċjenza, jekk jitqies li dan it-titjib kien stabbilit.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, skont l-Artikolu 101 TFUE, ir-regoli ċċitati iktar 'il fuq tar-RSTP kienu jikkostitwixxu deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi li kienet pprojbita u li setgħet tibbenefika minn eżenzjoni skont din id-dispożizzjoni biss jekk jintwera, permezz ta' argumenti u provi konvinċenti, li l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal dan l-għan kienu ssodisfatti.

## 2. Abbuż minn pożizzjoni dominanti (Artikolu 102 TFUE) [261]

### Sentenza tat-18 ta' April 2024 (Awla Manja), Heureka Group (Komparaturi tal-prezzijiet online) (C-605/21, EU:C:2024:324)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 102 TFUE – Prinċipju ta' effettività – Azzjonijiet għad-danni fid-dritt nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni – Direttiva 2014/104/UE – Traspożizzjoni tardiva tad-Direttiva – Applikazzjoni ratione temporis – Artikolu 10 – Terminu ta' preskrizzjoni – Modalitajiet tad-dies a quo – Tmiem tal-ksur – Għarfien tal-informazzjoni indispensabbli għall-introduzzjoni tar-rikors għad-danni – Pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tas-sommarju tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni – Effett vinkolanti ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li għadha ma hijiex definittiva – Sospensjoni jew interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni jew sad-data li fiha d-deċiżjoni tagħha ssir definittiva"*

Adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-rekwiżiti li għandhom ikunu ssodisfatti mis-sistemi ta' preskrizzjoni nazzjonali applikabbli għall-azzjonijiet għad-danni mressqa quddiem il-qrati nazzjonali għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Dawn il-preċiżazzjonijiet ingħataw fil-kuntest ta' azzjoni għal kumpens imressqa minn impriża Ċeka kontra Google LLC minħabba abbuż minn pożizzjoni dominanti li din tal-aħħar u l-kumpannija parent tagħha, Alphabet Inc., wettqu fir-Repubblika Ċeka.

Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2017 [262], il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat li, minn Frar 2013, Google kisret l-Artikolu 102 TFUE billi abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fi tlettax-il suq nazzjonali tat-tiftix ġenerali, fosthom dak tar-Repubblika Ċeka, billi naqqset it-traffiku li joriġina mill-paġni tar-riżultati ta' tiftix ġenerali tagħha lejn is-servizzi kompetituri ta' tqabbil tax-xiri u billi żiedet dan it-traffiku lejn is-servizz ta' tqabbil tax-xiri rispettiv tagħha. Sommarju ta' din id-deċiżjoni ġie ppubblikata fit-12 ta' Jannar 2018 f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [263].

Google u Alphabet adixxew lill-Qorti Ġenerali b'rikors kontra l-imsemmija deċiżjoni, li ġie, fil-parti l-kbira tiegħu, miċħud [264]. Madankollu, peress li, fil-mument ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali kien għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet għadha ma hijiex definittiva [265].

F'Ġunju 2020, Heureka Group a.s. (iktar 'il quddiem "Heureka"), kumpannija Ċeka li kienet attiva fis-suq tas-servizzi ta' tqabbil tax-xiri, ippreżentat quddiem il-Městský soud v Praze (il-Qorti Muniċipali ta' Praga, ir-Repubblika Ċeka) rikors intiż li Google tiġi kkundannata tikkumpensa d-dannu li rriżulta mill-ksur tal-Artikolu 102 TFUE kkonstatat fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni u mwettaq fir-Repubblika Ċeka matul il-perijodu ta' bejn ix-xahar ta' Frar 2013 u s-27 ta' Ġunju 2017. Skont Heureka, l-aġir antikompetittiv ta' Google kien naqqas il-konsultazzjoni tal-portal tagħha Heureka.cz.

Fid-difiża tagħha, Google invokat il-preskrizzjoni, minn tal-inqas parzjali, tad-dritt għall-kumpens ta' Heureka.

---

261 F'din it-taqsima għandhom jissemmew ukoll dawn is-sentenzi: is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, ***Il-Kummissjoni vs Servier et*** (C-176/19, EU:C:2024:549), u s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2024, ***Il-Kummissjoni vs KRKA*** (C-151/19 P, EU:C:2024:546), ippreżentati fit-Taqsima XIII.1, "Akkordji".

262 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 4444 final tas-27 ta' Ġunju 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 [TFUE] u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Każ AT.39740 – Google Search (Xiri)).

263 ĠU 2018, C 9, p. 11.

264 Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping) (T-612/17, EU:T:2021:763).

265 Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement ċaħdet dan l-appell permezz ta' sentenza tal-10 ta' Settembru 2024, ***Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping)*** (C-48/22 P, EU:C:2024:726), u b'hekk d-deċiżjoni tal-Kummissjoni issa hija definittiva.

F’dan ir-rigward, il-Qorti Muniċipali ta’ Praga ppreċiżat li r-regoli nazzjonali applikabbli għar-rikors ta’ Heureka kienu jipprevedu terminu ta’ preskrizzjoni ta’ tliet snin li kien jibda jiddekorri, indipendentement u separatament għal kull dannu parzjali li jirriżulta minn ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, mill-mument li fih il-persuna leża tkun saret taf jew setgħet raġonevolment titqies li saret taf kemm bil-fatt li hija ġarrbet tali dannu parzjali kif ukoll bl-identità tal-persuna responsabbli għall-kumpens ta’ dan id-dannu. Għall-kuntrarju, sabiex dan it-terminu jibda jiddekorri la kien meħtieġ li l-persuna leża tkun saret taf bil-fatt li l-aġir inkwistjoni jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni u lanqas ma kien meħtieġ li dan il-ksur ikun intemm. Barra minn hekk, ir-regoli nazzjonali applikabbli ma kinux jimponu s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-imsemmi terminu matul il-perijodu tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ksur. Dan l-istess terminu lanqas ma seta’ jiġi sospiż, minn tal-inqas, sa sena wara d-data li fiha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata dan l-istess ksur issir definittiva.

Skont il-Qorti Muniċipali ta’ Praga, minn dan kien isegwi li, f’dan il-każ, kull tfittxija ġenerali magħmula fis-sit ta’ Google li wasslet għal pożizzjonament u dehra ta’ riżultati li kienu iktar favorevoli għas-servizz ta’ tqabbil ta’ xiri ta’ Google kienet tagħti lok għad-dekorrenza ta’ terminu ta’ preskrizzjoni ġdid awtonomu.

Barra minn hekk, peress li d-Direttiva 2014/104 [266] ġiet trasposta tard fid-dritt Ċek, il-Qorti Muniċipali ta’ Praga rrilevat li l-ksur allegat fil-konfront ta’ Google waqaf wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta’ din id-direttiva, jiġifieri fis-27 ta’ Diċembru 2016, iżda milli jidher qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni ta’ traspożizzjoni fl-1 ta’ Settembru 2017.

Fid-dawl ta’ dak li ġie espost iktar ’il fuq, il-Qorti Muniċipali ta’ Praga għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari intiżi li jsir magħruf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/104 u/jew l-Artikolu 102 TFUE u l-prinċipju ta’ effettività kinux jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali ta’ preskrizzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għar-rikorsi għad-danni relatati ma’ ksur kontinwu tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat qabel kollox l-applikabbiltà *ratione temporis* tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/104, li jiddetermina t-tul minimu tat-terminu ta’ preskrizzjoni applikabbli għall-azzjonijiet għad-danni għall-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni u l-iktar mument kmieni li fih dan jista’ jibda jiddekorri kif ukoll iċ-ċirkustanzi li fihom dan it-terminu ta’ preskrizzjoni għandu jiġi sospiż jew interrott.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/104 huwa dispożizzjoni sostantiva, b’tali mod li, konformement mal-Artikolu 22(1) ta’ din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta’ traspożizzjoni ta’ dan l-artikolu ma japplikawx retroattivament. Madankollu, mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta’ din id-direttiva, jiġifieri fis-27 ta’ Diċembru 2016, id-dritt nazzjonali għandu jiġi interpretat konformement ma’ kull dispożizzjoni tagħha.

F’dan il-kuntest, sabiex iddeterminat l-applikabbiltà *ratione temporis* tal-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/104 f’dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat jekk is-sitwazzjoni legali inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinitx konkluża qabel is-27 ta’ Diċembru 2016 jew jekk din komplietx tipproduċi l-effetti tagħha sussegwentement.

Għal dan l-għan, kellu jiġi eżaminat jekk, fis-27 ta’ Diċembru 2016, it-terminu ta’ preskrizzjoni nazzjonali applikabbli għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienx skada. F’dan il-kuntest,

---

266 Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 349, p. 1).

għandu madankollu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, anki qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104, ir-regoli ta' preskrizzjoni nazzjonali applikabbli kellhom josservaw il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività u ma kellhomx iġibu fix-xejn l-effettività sħiħa tal-Artikolu 102 TFUE.

Issa, l-effettività sħiħa tal-Artikolu 102 TFUE u, b'mod partikolari, l-effett utli tal-projbizzjoni prevista fih jeżiġu li t-termini ta' preskrizzjoni nazzjonali applikabbli għar-rikorsi għad-danni għall-ksur ta' dan l-artikolu ma jibdewx jiddekorru qabel ma jintemm il-ksur u qabel ma l-persuna leża tkun saret taf jew tista' raġonevolment titqies bħala li saret taf bl-informazzjoni indispensabbli għall-preżentata tal-azzjoni tagħha għad-danni.

Fil-fatt, fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni dwar it-tmiem tal-ksur, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl tal-fatt li t-tilwim li jikkonċerna ksur tar-regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni huwa kkaratterizzat, bħala prinċipju, minn asimetrija ta' informazzjoni għad-detriment tal-persuna leża u li ta' spiss ikun partikolarment diffiċli għal din il-persuna li tistabbilixxi kemm l-eżistenza u l-portata ta' tali ksur kif ukoll id-dannu li jirriżulta minn dan il-ksur qabel it-tmiem tiegħu, ir-rekwiżit li t-terminu ta' preskrizzjoni ma jistax jibda jiddekorri qabel ma jintemm il-ksur ikkonċernat huwa neċessarju sabiex jippermetti li l-persuna leża tkun effettivament f'pożizzjoni li teżerċita d-dritt tagħha li titlob kumpens sħiħ, li jirriżulta mill-Artikolu 102 TFUE. Barra minn hekk, peress li huwa, b'mod ġenerali, diffiċli għall-persuna leża li tipproduċi l-prova ta' ksur ta' dan l-artikolu fl-assenza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni jew ta' awtorità nazzjonali li tikkonstata dan il-ksur, sistema ta' preskrizzjoni li l-konsegwenza tagħha tista' tkun li t-terminu ta' preskrizzjoni jiskadi ferm qabel l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni tkun ta' natura li tagħmel eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt tagħha li titlob kumpens sħiħ.

F'dak li jirrigwarda t-tieni kundizzjoni relatata mal-għarfien tal-informazzjoni indispensabbli għall-preżentata ta' rikors għad-danni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din l-informazzjoni tinkludi l-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, l-eżistenza ta' dannu, ir-rabta kawżali bejn dan id-dannu u dan il-ksur kif ukoll l-identità tal-awtur tiegħu.

Għalkemm kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tiddetermina, f'dan il-każ, id-data li fiha Heureka saret taf b'din l-informazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu qieset li kien utli li jiġi osservat li, bħala prinċipju, dan il-mument ta' ksib ta' għarfien jikkoinċidi mad-data tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-sommarju tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-ksur, irrispettivament minn jekk din id-deċiżjoni saritx definittiva jew le.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, barra minn hekk, li l-Artikolu 102 TFUE u l-prinċipju ta' effettività jimponu s-sospensjoni jew l-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Għall-kuntrarju, dan l-artikolu u dan il-prinċipju ma jeżiġux li t-terminu ta' preskrizzjoni jkompli jiġi sospiż sal-mument meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ssir definittiva. Fil-fatt, persuna leża tista', insostenn tar-rikors tagħha għad-danni, tibbaża ruħha fuq il-konstatazzjonijiet li jinsabu f'deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tkunx saret definittiva, peress li din ikollha effett vinkolanti sakemm ma tiġix annullata.

Fid-dawl ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li sistema nazzjonali ta' preskrizzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li, minn naħa, it-terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin jibda jiddekorri indipendentement u separatament għal kull dannu parzjali li jirriżulta minn ksur tal-Artikolu 102 TFUE b'effett mill-mument li fih il-persuna leża saret taf jew tista' raġonevolment titqies li saret taf kemm bil-fatt li hija ġarrbet dannu parzjali kif ukoll bl-identità tal-persuna responsabbli għall-kumpens ta' dan id-dannu, mingħajr ma jkun neċessarju li l-ksur ikun intemm u li din il-persuna tkun saret taf bil-fatt li l-aġir ikkonċernat jikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, u li, min-naħa l-oħra, l-imsemmi terminu la jista' jiġi sospiż u lanqas ma jista' jiġi interrott matul l-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar tali ksur, hija inkompatibbli mal-Artikolu 102 TFUE u mal-prinċipju ta' effettività sa fejn tali sistema tagħmel l-eżerċizzju tad-dritt li jintalab kumpens għad-dannu mġarrab minħabba l-istess ksur prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

Konsegwentement, kien billi jiġu injorati l-elementi ta' din is-sistema ta' preskrizzjoni li kienu inkompatibbli mal-Artikolu 102 TFUE u mal-prinċipju ta' effettività li kellu jiġi mistħarreġ jekk, fid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104, jiġifieri fis-27 ta' Diċembru 2016, it-terminu ta' preskrizzjoni stabbilit mid-dritt nazzjonali, applikabbli għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali sa din id-data, kienx skada.

F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-abbuż minn Google tal-pożizzjoni dominanti tagħha jirriżulta li dan il-ksur kien għadu ma ntemmx fid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, jiġifieri s-27 ta' Ġunju 2017. Minn dan isegwi li, fid-data tal-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104, mhux biss talli t-terminu ta' preskrizzjoni kien għadu ma skadiex, iżda talli dan lanqas biss kien għadu ma beda jiddekorri.

Peress li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet għadha mhux konkluża qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104, l-Artikolu 10 ta' din tal-aħħar kien applikabbli *ratione temporis* għaliha. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li mill-formulazzjoni ċara ta' dan l-Artikolu 10(2) u (4) kien jirriżulta li s-sistema ta' preskrizzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet ukoll inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni. Hija osservat, b'mod partikolari, li l-imsemmi Artikolu 10(4) minn dak il-mument kien jeżiġi li s-sospensjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni wara att ta' awtorità tal-kompetizzjoni intiż għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni li jkun is-suġġett tal-azzjoni għad-danni tintemm mhux iktar kmieni minn sena wara d-data li fiha d-deċiżjoni li tikkonstata dan il-ksur tkun saret definittiva jew mid-data ta' meta l-proċedura tkun intemmet b'xi mod ieħor. Għalhekk, f'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tmur lil hinn mir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 102 TFUE u mill-prinċipju ta' effettività.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, għalkemm direttiva mhux trasposta ma tistax tiġi invokata direttament f'tilwima bejn individwi, il-qorti nazzjonali adita b'tali tilwima hija madankollu obbligata li tinterpreta d-dritt nazzjonali konformement ma' din id-direttiva mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħha, mingħajr madankollu ma tagħti interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali.

### Sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping) (C-48/22 P, EU:C:2024:726)

*"Appell – Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Swieq tat-tiftix ġenerali u tat-tiftix speċjalizzat ta' prodotti fuq l-internet – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) – Abbuż permezz tal-effett ta' lieva – Kompetizzjoni abbażi tal-mertu jew prattika antikompetittiva – Wiri ffavorit mill-impriża dominanti tar-riżultati tas-servizz tagħha stess ta' tiftix speċjalizzat – Effetti antikompetittivi potenzjali – Rabta kawżali bejn abbuż u effetti – Oneru tal-prova – Xenarju kontrofattwali – Kapaċità ta' esklużjoni – Test tal-kompetitur daqstant effiċjenti"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet l-appell ippreżentat minn Google LLC u mill-kumpannija omm tagħha Alphabet Inc. mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet ikkonfermat il-multa li ġiet imposta fuqhom mill-Kummissjoni Ewropea għal abbuż minn pożizzjoni dominanti f'diversi swieq nazzjonali tat-tiftix fuq l-internet. F'din l-okkażjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-ġurisprudenza tagħha relatata mal-abbuż minn pożizzjoni dominanti kkostitwit mir-rifjut ta' aċċess għal faċilità essenzjali kif ukoll dwar il-kriterji li jippermettu li jiġi evalwat jekk l-aġir ta' impriża f'pożizzjoni dominanti jitbiegħedx mill-kompetizzjoni abbażi tal-mertu.

Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2017 [267], il-Kummissjoni qieset li Google kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha li kienet teżisti fi tlettax-il suq nazzjonali tat-tiftix ġenerali fuq l-internet fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

---

[267] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 4444 final tas-27 ta' Ġunju 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 [TFUE] u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Każ AT.39740 – Google Search (Xiri)) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

L-aġir identifikat bħala sors tal-abbuż kien, essenzjalment, li Google kienet turi s-servizz tagħha stess ta' tqabbil tax-xiri fuq il-paġni tar-riżultati ġenerali magħżula permezz tal-mutur ta' tfittxija tagħha b'mod prominenti u attraenti f'"kaxxi" ddedikati, mingħajr ma kien suġġett għall-algoritmi ta' aġġustament tagħha, filwaqt li, fl-istess ħin, is-servizzi kompetituri ta' tqabbil tax-xiri setgħu jidhru fuq dawn il-paġni biss fil-forma ta' riżultati ta' tiftix ġenerali, u qatt f'format arrikkit, filwaqt li kienu suġġetti għal li jiġu rrelegati fi ħdan il-klassifikazzjoni tar-riżultati ġeneriċi permezz ta' dawn l-algoritmi ta' aġġustament. B'dan il-mod Google kienet essenzjalment naqset it-traffiku provenjenti mill-paġni tagħha stess ta' riżultati ġenerali lejn is-servizzi kompetituri ta' tqabbil tax-xiri filwaqt li żiedet dan it-traffiku lejn is-servizz tagħha stess.

Skont il-Kummissjoni, dawn il-prattiki kienu pproduċew effetti antikompetittivi potenzjali kemm fis-swieq nazzjonali tat-tiftix speċjalizzat għat-tqabbil tax-xiri kif ukoll fis-swieq nazzjonali tat-tiftix ġenerali fuq l-internet.

Filwaqt li għalhekk ikkonkludiet li kien hemm ksur, fit-tlettax il-pajjiż eżaminat, tal-projbizzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti prevista mill-Artikolu 102 TFUE u mill-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE, il-Kummissjoni imponiet fuq Google multa għal ammont ta' EUR 2 424 495 000, li minnhom EUR 523 518 000 kienu *in solidum* ma' Alphabet.

Il-Qorti Ġenerali essenzjalment ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn Google u Alphabet kontra din id-deċiżjoni, billi vvalidat l-analiżi tal-Kummissjoni fir-rigward tas-suq tat-tiftix speċjalizzat għal tqabbil tax-xiri [268]. Abbażi tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, minbarra dan, hija żammet il-multa kollha imposta mill-Kummissjoni.

Għalhekk Google u Alphabet ippreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja intiż, prinċipalment, għall-annullament ta' din is-sentenza kif ukoll tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti sostnew b'mod partikolari li, billi rrifjutat li tapplika għal din il-kawża l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Bronner [269] dwar l-abbuż minn pożizzjoni dominanti kkostitwit minn rifjut ta' aċċess għal faċilità essenzjali, il-Qorti Ġenerali kienet adottat kriterju ġuridiku żbaljat sabiex tevalwa l-eżistenza ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti minn Google.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 102 TFUE jissanzjona l-aġir ta' impriżi f'pożizzjoni dominanti li jirrestrinġi l-kompetizzjoni abbażi tal-mertu u li għalhekk jista' jikkawża dannu dirett lill-impriżi individwali u lill-konsumaturi, jew li jipprekludi jew joħloq distorsjoni ta' din il-kompetizzjoni u għalhekk jista' jikkawżalhom dannu indirett. Dan l-aġir jinkludi dak li jostakola, b'mezzi li ma humiex il-kompetizzjoni abbażi tal-mertu, iż-żamma jew l-iżvilupp tal-kompetizzjoni f'suq fejn il-livell ta' kompetizzjoni jkun diġà mdgħajjef, preċiżament minħabba l-preżenza ta' impriża waħda jew iktar f'pożizzjoni dominanti.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fis-sentenza Bronner, li rifjut li jingħata aċċess għal infrastruttura żviluppata u miżmuma minn impriża dominanti għall-bżonnijiet tal-attivitajiet tagħha stess jista' jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti bil-kundizzjoni mhux biss li dan ir-rifjut ikun ta' natura li jelimina kull kompetizzjoni fis-suq inkwistjoni min-naħa ta' min jitlob l-aċċess u li ma jkunx jista' jiġi oġġettivament iġġustifikat, iżda wkoll li l-infrastruttura nnifisha tkun indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività tiegħu, fis-sens li ma tkun teżisti ebda sostituzzjoni reali jew potenzjali għal din l-infrastruttura. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-impożizzjoni ta' din il-kundizzjoni

[268] Sentenza tal-10 ta' Novembru 2021, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Shopping) (T-612/17, EU:T:2021:763, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

[269] Sentenza tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner (C-7/97, EU:C:1998:569).

kienet iġġustifikata miċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża Bronner li kienu jikkonsistu f'rifjut minn impriża dominanti li tagħti aċċess lil kompetitur għal infrastruttura li hija kienet żviluppat għall-bżonnijiet tal-attività tagħha stess, bl-esklużjoni ta' kull aġir ieħor. Fil-fatt, il-konstatazzjoni li impriża dominanti kienet abbużat mill-pożizzjoni tagħha minħabba rifjut li tikkuntratta ma' kompetitur għandha l-konsegwenza li din l-impriża tiġi sfurzata li tikkuntratta ma' dan il-kompetitur. Issa, tali obbligu huwa partikolarment ta' preġudizzju għal-libertà li jiġi konkluż kuntratt u għad-dritt għall-proprjetà tal-impriża dominanti li, bħala prinċipju, tibqa' libera li tirrifjuta li tikkuntratta u li topera l-infrastruttura li hija kienet żviluppat għall-bżonnijiet tagħha stess.

Għall-kuntrarju, din il-kawża kienet differenti mill-kawża Bronner sa fejn Google, minn jeddha, tat lill-kompetituri tagħha aċċess għall-infrastruttura tagħha stess, jiġifieri għas-servizz tagħha ta' tiftix ġenerali u għall-paġni tar-riżultati ġenerali. Minn dan isegwi li l-konstatazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti mwettaq minn Google minħabba kundizzjonijiet inġusti tal-aċċess għal din l-infrastruttura ma setgħetx tagħti lok għal miżuri daqstant ta' preġudizzju għal-libertà tagħha li tikkuntratta u għad-dritt għall-proprjetà tagħha bħal dawk inkwistjoni fil-kawża Bronner.

Fid-dawl ta' din il-preċiżazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, meta impriża dominanti bħal Google tagħti aċċess għall-infrastruttura tagħha istess iżda tissuġġetta dan l-aċċess għal kundizzjonijiet inġusti, il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Bronner ma japplikawx.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ġustament qieset li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tevalwa jekk il-prattiki allegati fil-konfront ta' Google kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Bronner għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħhom fid-dawl tal-Artikolu 102 TFUE.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-aggravju bbażat fuq żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni kontenzjuża filwaqt li ma kinitx identifikat aġir li kien jitbiegħed mill-kompetizzjoni abbażi tal-mertu.

L-appellanti kkritikaw b'mod partikolari lill-Qorti Ġenerali li kienet ikkonfermat li tliet ċirkustanzi speċifiċi invokati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża kienu rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk Google kinitx tikkompeti abbażi tal-mertu. Dawn kienu, l-ewwel nett, l-importanza tat-traffiku ddevjat mill-mutur ta' tfittxija ġenerali ta' Google għas-servizzi ta' tqabbil tax-xiri, it-tieni nett, l-aġir tal-utenti li jwettqu tiftix fuq l-internet u, it-tielet nett, il-fatt li t-traffiku ddevjat li rriżulta mill-paġni tar-riżultati ġenerali ta' Google kien jinkludi proporzjon kbir ta' traffiku lejn is-servizzi kompetituri ta' tqabbil tax-xiri u ma setax jiġi essenzjalment issostitwit minn sorsi oħra.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qabelxejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq il-fatt li dan l-argument kien ġie invokat għall-ewwel darba fl-istadju tal-appell, billi rrilevat li dan kien jikkostitwixxi l-amplifikazzjoni ta' motiv invokat mill-appellanti fl-ewwel istanza u li dan l-argument, barra minn hekk, inħoloq mis-sentenza appellata nnifisha.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 102 TFUE ma jikkundannax l-eżistenza stess ta' pożizzjoni dominanti, iżda biss l-abbuż tagħha. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni la hija intiża li tipprekludi l-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti u lanqas ma hija intiża li tiżgura ż-żamma ta' impriżi inqas effiċjenti fis-suq. Għall-kuntrarju, il-kompetizzjoni abbażi tal-mertu tista', mid-definizzjoni tagħha stess, twassal għall-għajbien jew għall-marġinalizzazzjoni ta' dawn tal-aħħar.

Sabiex jiġi kkonstatat l-"abbuż minn pożizzjoni dominanti" fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, huwa neċessarju, bħala regola ġenerali, li jintwera li, permezz ta' mezzi differenti minn dawk li jirregolaw il-kompetizzjoni abbażi tal-mertu, l-aġir inkwistjoni jkollu l-effett attwali jew potenzjali li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-suq jew fis-swieq ikkonċernati, li jistgħu jkunu kemm dawk fejn il-pożizzjoni dominanti tinżamm kif ukoll swieq konnessi jew relatati.

Din il-prova tista' timplika li jsir użu ta' tabelli ta' analiżi differenti skont il-każ. Madankollu hija għandha dejjem tieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha, bħalma huma dawk li jikkonċernaw dan l-aġir stess, is-suq jew is-swieq inkwistjoni jew il-funzjonament tal-kompetizzjoni fuqu jew fuqhom. F'dan is-sens, "abbuż minn pożizzjoni dominanti" jista' jirriżulta mhux biss minn aġir li jista' jipproduċi effett ta' esklużjoni, iżda wkoll minn aġir li jkollu kemm bħala effett attwali jew potenzjali, kemm bħala għan, li jipprekludi l-aċċess għas-suq ta' kompetituri potenzjali, billi jagħmel użu minn miżuri ta' esklużjoni jew minn mezzi oħra differenti minn dawk li jirregolaw il-kompetizzjoni abbażi tal-mertu.

Minn dan jirriżulta li ċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk impriża f'pożizzjoni dominanti tabbużax minn din il-pożizzjoni jinkludu dawk li jirrigwardaw mhux biss l-aġir stess, iżda wkoll is-suq jew is-swieq inkwistjoni jew il-funzjonament tal-kompetizzjoni fuqu jew fuqhom. Għalhekk, ċirkustanzi dwar il-kuntest li fih l-aġir ta' din l-impriża jiġi implimentat, bħalma huma karatteristiċi tas-settur ikkonċernat, għandhom jitqiesu li huma rilevanti sabiex jiġi kkonstatat l-abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li t-tliet ċirkustanzi speċifiċi invokati fid-deċiżjoni kontenzjuża kienu jikkostitwixxu elementi tal-kuntest li fih kienu jiffunzjonaw il-mutur ta' tfittxija ġenerali ta' Google u s-servizzi ta' tqabbil tax-xiri, u li fil-qafas tiegħu kien ġie implimentat l-aġir inkwistjoni. Peress li dawn kienu jippermettu li l-prattiki ta' Google jitqiegħdu fil-kuntest taż-żewġt iswieq ikkonċernati u tal-funzjonament tal-kompetizzjoni f'dawn is-swieq, dawn iċ-ċirkustanzi kienu rilevanti sabiex tiġi ċċarata l-konformità tal-imsemmija prattiki mal-kompetizzjoni abbażi tal-mertu.

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument tal-appellanti fis-sens li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat l-eżistenza ta' diskriminazzjoni stabbilita minn Google bejn is-servizz tagħha stess ta' tqabbil tax-xiri u s-servizzi kompetituri ta' tqabbil tax-xiri fuq il-paġni ta' tiftix ġenerali tagħha, mingħajr ma stabbilixxiet differenza fit-trattament arbitrarja.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li ċertament ma jistax jitqies, b'mod ġenerali, li impriża dominanti li tapplika għall-prodotti tagħha stess jew għas-servizzi tagħha stess trattament iktar favorevoli minn dak li hija tagħti lil dawk tal-kompetituri tagħha tadotta, indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-każ, aġir li jitbiegħed mill-kompetizzjoni abbażi tal-mertu. Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kienet ġustament stabbilixxiet li, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-suq upstream u taċ-ċirkustanzi speċifiċi msemmija iktar 'il fuq, l-aġir ta' Google kien diskriminatorju u ma kienx jaqa' taħt il-kompetizzjoni abbażi tal-mertu.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Qorti Ġenerali la qalbet l-oneru tal-prova u lanqas ma eskludiet in-natura utli ta' analiżi kontrofattwali meta kkonstatat, minn naħa, li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata twettaq tali analiżi għall-finijiet tal-evalwazzjoni tar-rabta kawżali bejn il-prattiki inkwistjoni u l-effetti reali jew potenzjali tagħhom, filwaqt li rrilevat, min-naħa l-oħra, li Google setgħet tinvoka analiżi kontrofattwali sabiex tikkontesta l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar dan il-punt. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali kkonstatat biss, ġustament, li l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq sensiela ta' elementi probatorji, mingħajr ma jkollha għalfejn tirrikorri sistematikament għal għodda waħda, sabiex tistabbilixxi rabta kawżali bejn il-prattiki eżaminati u l-effetti antikompetittivi tagħhom fis-suq.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset li, fil-kuntest tal-analiżi tal-effetti antikompetittivi tal-prattiki allegati fil-konfront ta' Google, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata teżamina jekk dawn il-prattiki setgħux jeskludu kompetituri daqstant effiċjenti bħal Google.

Fil-fatt, għalkemm l-għan tal-Artikolu 102 TFUE ma huwiex li jiġi żgurat li kompetituri inqas effiċjenti mill-impriża li għandha pożizzjoni dominanti jibqgħu fis-suq, minn dan ma jirriżultax li kull konstatazzjoni ta' ksur fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni hija suġġetta għall-prova li l-aġir ikkonċernat jista' jeskludi kompetitur daqstant effiċjenti.

Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali indikat, mingħajr ma din il-konstatazzjoni ġiet invalidata mill-appellanti, li ma kienx possibbli għall-Kummissjoni li tikseb riżultati oġġettivi u affidabbli dwar l-effiċjenza tal-kompetituri ta' Google fid-dawl tal-kundizzjonijiet speċifiċi tas-suq inkwistjoni. Għaldaqstant, hija kienet ġustament iddeċidiet, minn naħa, li t-test tal-kompetitur daqstant effiċjenti ma kienx ta' natura imperattiva fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u, min-naħa l-oħra, li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, dan it-test ma kienx rilevanti.

Peress li ebda aggravju ma ntlaqa', il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-appell kollu kemm hu.

## 3. Konċentrazzjonijiet

**Sentenza tat-3 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Illumina u Grail vs Il-Kummissjoni (C-611/22 P u C-625/22 P, EU:C:2024:677)**

*"Appell – Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Suq tal-industrija farmaċewtika – Sistemi ta' sekwenzjar ġenetiku – Akkwist minn Illumina Inc. tal-kontroll esklużiv ta' Grail LLC – Regolament (KE) Nru 139/2004 – Artikolu 22 – Talba għal riferiment minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni li ma hijiex kompetenti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex teżamina l-operazzjoni ta' konċentrazzjoni – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li teżamina din l-operazzjoni – Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jilqgħu t-talbiet ta' awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni oħra sabiex jingħaqdu mat-talba għal riferiment – Kompetenza tal-Kummissjoni – Ċertezza legali"*

Filwaqt li annullat is-sentenza Illumina vs Il-Kummissjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali [270], il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-portata tas-setgħat ta' kontroll ta' proġetti ta' konċentrazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni Ewropea mir-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet [271]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat għalhekk li l-Kummissjoni ma hijiex awtorizzata tinkoraġġixxi jew taċċetta, abbażi tal-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament, ir-riferiment quddiemha ta' proġetti ta' konċentrazzjonijiet li ma jkollhomx dimensjoni Ewropea mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni meta dawn ma jkunux kompetenti sabiex jeżaminaw dawn il-proġetti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari meta l-proġett ta' konċentrazzjoni ma jilħaqx il-livelli minimi ta' kompetenza previsti minn din il-leġiżlazzjoni.

Fl-20 ta' Settembru 2020, il-kumpannija Amerikana Illumina Inc., li kienet toffri soluzzjonijiet għall-analiżi ġenetika u ġenomika permezz ta' sekwenzjar u ta' ċipep, ikkonkludiet ftehim u pjan ta' fużjoni għall-akkwist tal-kontroll esklużiv tal-kumpannija Grail LLC, stabbilita wkoll fl-Istati Uniti. Stqarrija għall-istampa li ħabbret din il-konċentrazzjoni ġiet ippubblikata minn Illumina u Grail fil-21 ta' Settembru 2020.

Fl-assenza ta' dħul mill-bejgħ li jaqbeż il-livelli minimi rilevanti, il-konċentrazzjoni mħabbra ma kellhiex dimensjoni Ewropea, fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, u għalhekk ma ġietx ikkomunikata lill-Kummissjoni. Hija lanqas ma ġiet ikkomunikata fl-Istati Membri tal-Unjoni jew fi Stati oħra partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (iktar 'il quddiem il-Ftehim ŻEE), peress li ma kinitx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet.

B'dan premess, wara li ġiet adita, fis-7 ta' Diċembru 2020, b'ilment dwar il-konċentrazzjoni bejn Illumina u Grail, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni preliminari li din il-konċentrazzjoni kienet tidher li tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tkun tista' tiġi suġġetta għal riferiment minn

[270] Sentenza tat-13 ta' Lulju 2022, Illumina vs Il-Kummissjoni (T-227/21, EU:T:2022:447).

[271] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet").

awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet. Għaldaqstant, hija bagħtet, skont l-Artikolu 22(5) ta' dan ir-regolament, ittra lill-Istati Membri u lill-Istati l-oħra partijiet għall-Ftehim ŻEE, sabiex, minn naħa, tinformahom dwarha, u, min-naħa l-oħra, tistedinhom jibagħtulha talba għal riferiment skont l-Artikolu 22(1) tal-imsemmi regolament sabiex teżamina l-imsemmija konċentrazzjoni.

Fi kliem din id-dispożizzjoni tal-aħħar, "Stat Membru, jew aktar minn Stat Membru wieħed, jista' jitlob jew jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex teżamina xi konċentrazzjoni li ma għandhiex dimensjoni Komunitarja fis-sens ta' l-Artikolu 1 iżda taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u thedded li tolqot b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni fit-territorju ta' l-Istat Membru jew l-Istati Membri li għamel jew li għamlu t-talba".

Fid-9 ta' Marzu 2021, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni Franċiża ressqet quddiem il-Kummissjoni talba għal riferiment skont din id-dispożizzjoni, li għaliha l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni Islandiża, Norveġiża, Belġjana, Olandiża u Griega, kull waħda minnhom sa fejn tikkonċernahom, talbu sussegwentement sabiex jingħaqdu magħha.

Wara li informat lil Illumina u lil Grail bit-talba għal riferiment imressqa mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni Franċiża (iktar 'il quddiem l-"ittra ta' informazzjoni"), il-Kummissjoni laqgħet din it-talba kif ukoll it-talbiet rispettivi sabiex jingħaqdu mal-imsemmija talba (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet kontenzjużi").

Illumina, sostnuta minn Grail, ippreżentat rikors għall-annullament tal-imsemmija deċiżjonijiet kif ukoll tal-ittra ta' informazzjoni, li madankollu ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali permezz ta' sentenza tat-13 ta' Lulju 2022 [272].

Adita b'żewġ appelli ppreżentati rispettivament minn Illumina u minn Grail, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali kif ukoll, filwaqt li ddeċidiet definittivament hija stess il-kawża, id-deċiżjonijiet kontenzjużi.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali essenzjalment qieset li mill-interpretazzjonijiet letterali, storiċi, kuntestwali u teleoloġiċi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet, kif qieset fid-deċiżjonijiet kontenzjużi, taċċetta r-riferiment ta' konċentrazzjoni skont dan l-artikolu f'sitwazzjoni fejn l-Istat Membru li jitlob dan ir-riferiment ma jkunx awtorizzat, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, jeżamina din il-konċentrazzjoni. Dan ikun tipikament il-każ meta l-proġett ta' konċentrazzjoni ma jilħaqx il-livelli minimi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex tippermetti lill-awtorità nazzjonali teżerċita kontroll fuqha.

Peress li Illumina u Grail ikkontestaw din l-evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-fondatezza tal-interpretazzjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali.

*Fuq ir-relazzjoni bejn id-diversi metodi ta' interpretazzjoni applikati mill-Qorti Ġenerali*

Għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali telqet mill-konstatazzjoni li, mingħajr ma tippermetti konklużjoni definittiva, l-interpretazzjoni letterali ta' din id-dispożizzjoni kienet tindika li Stat Membru għandu d-dritt li jirreferi kull konċentrazzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet kumulattivi stipulati fiha lill-Kummissjoni, u dan indipendentement mill-eżistenza jew mill-portata ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tat interpretazzjoni storika, kuntestwali u teleoloġika tal-imsemmija dispożizzjoni.

---

**272** Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna bin-numru 270.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan l-approċċ tal-Qorti Ġenerali, li tgħaqqad diversi metodi ta' interpretazzjoni, ma huwiex ivvizzjat bi żball.

Fil-fatt, għalkemm minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax ikollha r-riżultat li tneħħi kull effett utli mill-formulazzjoni ċara u preċiża ta' din id-dispożizzjoni, il-qorti tal-Unjoni ma hijiex imċaħħda mill-possibbiltà li f'ċerti sitwazzjonijiet tirrikorri għall-metodi ta' interpretazzjoni li hija tqis xierqa sabiex tiċċara l-portata eżatta ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni apparentement ċara.

Issa, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, fejn kien jidher li diversi elementi ġew mgħarrfa lill-Qorti Ġenerali sabiex tiġi ċċarata l-portata tal-formulazzjoni allegatament ċara tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kellha raġun tqis li hija ma setgħetx tillimita ruħha għal qari iżolat tal-kliem, kemm konċiż kif ukoll ġenerali, ta' din id-dispożizzjoni u ma setgħetx tastjeni minn interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika, iċċarata mill-oriġini tal-imsemmija dispożizzjoni.

*Fuq l-interpretazzjoni storika*

Sabiex tikkontesta l-interpretazzjoni storika tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet esposta mill-Qorti Ġenerali, Grail irreferiet b'mod partikolari għal dokumenti mfassla fil-kuntest tax-xogħlijiet preparatorji għall-adozzjoni tar-Regolamenti Nri 4064/89 [273] u 1310/97 [274] kif ukoll tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet li ma ġewx iddibattuti quddiem il-Qorti Ġenerali.

Peress li l-Kummissjoni kkontestat l-ammissibbiltà tal-imsemmija elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, fl-ipoteżi fejn, bħal f'dawn il-kawżi, titqiegħed inkwistjoni l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt sekondarju, il-qorti tal-Unjoni għandha tkun tista' tikkunsidra, *ex officio* jew minħabba elementi li ġew validament imressqa għall-evalwazzjoni tagħha, id-dokumenti mfassla fil-kuntest tax-xogħlijiet preparatorji li wasslu għall-adozzjoni tagħha. Fil-fatt, l-istorja leġiżlattiva ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tista' tipprovdi indikazzjonijiet dwar l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, l-interpretazzjoni storika ma tippermettix li jiġi konkluż li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet jagħti lill-Kummissjoni l-kompetenza li teżamina konċentrazzjoni mingħajr dimensjoni Ewropea fis-sens tal-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament indipendentement mill-portata tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li jkun għamel talba fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-argumenti żviluppati mill-Qorti Ġenerali dwar l-oriġini tal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet ma kinux juru li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jawtorizza lill-Istati Membri li għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet jirreferu lill-Kummissjoni operazzjonijiet li ma jaqgħux taħt din il-leġiżlazzjoni.

Bl-istess mod, id-dokumenti storiċi relatati mal-adozzjoni tar-Regolament Nru 4064/89 u tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet ma kinux juru r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jirrikorri għall-mekkaniżmi ta' riferiment previsti rispettivament fl-Artikolu 22(3) tar-Regolament Nru 4064/89 u fl-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet sabiex jiġu rrimedjati l-allegati lakuni li jirriżultaw mir-riġidità tal-livelli minimi kwantitattivi previsti fl-Artikolu 1 ta' kull wieħed minn dawn ir-regolamenti sabiex jiġu identifikati l-konċentrazzjonijiet ta' dimensjoni Ewropea.

---

273 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31).

274 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1310/97 tat-30 ta' Ġunju 1997 li jemenda r-Regolament Nru 4064/89 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 164).

*Fuq l-interpretazzjoni kuntestwali*

Fir-rigward tal-interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-elementi tal-kuntest eżaminati mill-Qorti Ġenerali lanqas ma rriżultaw li kienu konklużivi sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjonijiet kontenzjużi.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-Qorti Ġenerali injorat elementi oħra tal-kuntest ta' natura li jikkontradixxu l-interpretazzjoni adottata fis-sentenza appellata, marbuta:

– l-ewwel nett, mal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' riferiment stipulati fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet,

– it-tieni nett, mad-differenzi bejn dan il-mekkaniżmu ta' riferiment u mekkaniżmu ieħor ta' riferiment previst fl-Artikolu 4(5) tal-imsemmi regolament kif ukoll

– it-tielet nett, mal-proċedura ssemplifikata prevista minn dan ir-regolament sabiex jiġu rriveduti l-livelli minimi u l-kriterji li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien għalhekk b'mod żbaljat li l-Qorti Ġenerali qieset li mill-interpretazzjoni kuntestwali tal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet kien jirriżulta li talba skont din id-dispożizzjoni setgħet titressaq indipendentement mill-eżistenza jew mill-portata ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll *ex ante* tal-konċentrazzjonijiet.

*Fuq l-interpretazzjoni teleoloġika*

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kienet żbaljata l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li l-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet kienet tikkonferma li dan l-artikolu jikkostitwixxi mekkaniżmu korrettiv li jipprevedi kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha li għandhom effetti sinjifikattivi fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni fl-Unjoni, indipendentement mill-eżistenza jew mill-portata ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll *ex ante* tal-konċentrazzjonijiet.

Fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat b'mod partikolari li l-mekkaniżmu ta' riferiment previst fl-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament ifittex biss żewġ għanijiet prinċipali. L-ewwel għan huwa li jippermetti l-kontroll tal-konċentrazzjonijiet li jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-livell lokali, meta l-Istat Membru inkwistjoni ma jkollux leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet. It-tieni għan huwa dak ta' twessigħ tal-prinċipju ta' "one-stop shop" sabiex jippermetti l-eżami mill-Kummissjoni ta' konċentrazzjoni kkomunikata jew li tista' tiġi kkomunikata f'diversi Stati Membri, sabiex jiġu evitati diversi notifiki fil-livell nazzjonali u b'hekk tissaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-impriżi.

Għall-kuntrarju, ma ġiex stabbilit li dan il-mekkaniżmu kien intiż li jirrimedja l-lakuni fis-sistema ta' kontroll inerenti għal sistema bbażata prinċipalment fuq livelli ta' dħul mill-bejgħ li ma jistgħux, mid-definizzjoni tagħhom stess, ikopru l-operazzjonijiet kollha ta' konċentrazzjoni potenzjalment problematiċi.

L-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet huwa intiż għal kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha li jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni fl-Unjoni tista' barra minn hekk tikser il-bilanċ bejn id-diversi għanijiet imfittxija minn dan ir-regolament. B'mod partikolari, din l-interpretazzjoni tikkomprometti l-effettività, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali li għandhom jiġu ggarantiti lill-partijiet f'konċentrazzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-interpretazzjoni wiesgħa tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet adottata mill-Qorti Ġenerali, li potenzjalment twassal għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament u tal-kompetenza ta' kontroll tal-Kummissjoni fuq l-operazzjonijiet ta' konċentrazzjoni, tmur kontra l-prinċipju ta' bilanċ istituzzjonali, karatteristika tal-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni, li jirriżulta mill-Artikolu 13(2) TUE, li jirrikjedi li kull waħda mill-istituzzjonijiet teżerċita l-kompetenzi tagħha filwaqt li tosserva dawk tal-oħrajn.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, minn naħa, li r-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet jipprevedi proċedura ssemplifikata bl-għan li jiġu rriveduti l-livelli minimi li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, anki jekk jitqies li l-effikaċja tal-livelli minimi ta' kompetenza bbażati fuq id-dħul mill-bejgħ previsti minn dan ir-regolament għandha tirriżulta insuffiċjenti sabiex tikkontrolla ċerti operazzjonijiet li jista' jkollhom effett sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni, huwa biss il-leġiżlatur tal-Unjoni li għandu jirrevedi dawn l-operazzjonijiet jew li għandu jipprevedi mekkaniżmu ta' salvagwardja li jippermetti lill-Kummissjoni tikkontrolla tali operazzjoni.

Min-naħa l-oħra, meta l-Istati Membri jqisu neċessarju li jwessgħu l-kamp tal-operazzjonijiet li jistħoqqilhom eżami minn qabel fid-dawl tal-leġiżlazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet, huma jistgħu jnaqqsu l-livelli ta' kompetenza tagħhom stess ibbażati fuq id-dħul mill-bejgħ u previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

*Annullament tas-sentenza appellata kif ukoll tad-deċiżjonijiet kontenzjużi*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, billi ddeċidiet li l-Istati Membri setgħu, fil-kundizzjonijiet stipulati fih, iressqu talba skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament dwar il-konċentrazzjonijiet indipendentement mill-portata tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fil-qasam tal-kontroll *ex ante* tal-konċentrazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li l-Kummissjoni kienet korretta meta, permezz tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, aċċettat it-talba għal riferiment imressqa mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni Franċiża u t-talbiet sabiex jingħaqdu ma' din it-talba mressqa minn awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni oħra skont l-Artikolu 22 tal-imsemmi regolament.

Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, filwaqt li ddeċidiet definittivament hija stess il-kawża, hija annullat id-deċiżjonijiet kontenzjużi.

## 4. Għajnuna mill-Istat

### Sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs L-Irlanda *et* (C-465/20 P, EU:C:2024:724)

*"Appell – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 107(1) TFUE – Deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem (tax rulings) adottati minn Stat Membru – Vantaġġi fiskali selettivi – Attribuzzjoni tal-profitti ġġenerati minn liċenzji ta' proprjetà intellettwali lill-fergħat ta' kumpanniji mhux residenti – Prinċipju ta' distakkament"*

Filwaqt li annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali L-Irlanda *et* vs Il-Kummissjoni [275] li permezz tagħha din tal-aħħar kienet annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Irlanda lil Apple [276], u filwaqt li mbagħad iddeċidiet hija nnifisha l-kwistjonijiet li kien għad baqa'

[275] Sentenza tal-15 ta' Lulju 2020, Irlande *et* vs Il-Kummissjoni (T-778/16 u T-892/16, EU:T:2020:338).

[276] Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1283 tat-30 ta' Awwissu 2016 dwar għajnuna mill-Istat SA.38373 (2014/C) (ex 2014/NN) implimentata [mogħtija] mill-Irlanda lil Apple (ĠU 2017, L 187, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża").

x'jiġu deċiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet, fid-dawl tal-analiżi fid-Deċiżjoni kontenzjuża u tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li baqgħu ma ġewx ikkontestati, li l-Kummissjoni kienet validament ikkonkludiet li l-vantaġġ mogħti lil żewġ kumpanniji tal-grupp Apple, stabbiliti skont id-dritt Irlandiż, permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tat-taxxa bil-quddiem adottati mill-awtoritajiet fiskali Irlandiżi dwar id-determinazzjoni tal-bażi taxxabbli tal-fergħat Irlandiżi tal-kumpanniji inkwistjoni kien, min-natura tiegħu, selettiv. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet l-analiżi tagħha fil-limiti tal-kuntest iddefinit mill-prinċipji ġurisprudenzjali reċentement stabbiliti [277], li jikkonċernaw id-determinazzjoni u l-analiżi tal-kuntest ta' riferiment li fid-dawl tiegħu għandha tiġi evalwata, għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE, in-natura selettiva tal-miżuri fiskali. Hija fakkret, f'dan ir-rigward, li d-delimitazzjoni xierqa tal-kuntest ta' riferiment rilevanti u, għalhekk, l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet ta' dritt nazzjonali li jifformaw dan il-kuntest huma kwistjonijiet ta' liġi li taqa' taħt l-istħarriġ li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħmel fl-istadju tal-appell, fil-limiti tas-suġġett ta' dan tal-aħħar.

Fi ħdan il-grupp Apple, Apple Inc., stabbilita f'Cupertino (l-Istati Uniti), kienet tikkontrolla diversi kumpanniji stabbiliti skont id-dritt Irlandiż permezz tas-sussidjarja tagħha, Apple Operations International, li hija kellha 100 % tal-ishma tagħha. Apple Operations International kellha 100 % tal-ishma tas-sussidjarja Apple Operations Europe (AOE), liema sussidjarja, min-naħa tagħha, kellha 100 % tal-ishma tas-sussidjarja Apple Sales International (ASI). ASI u AOE kienu kkostitwiti, it-tnejn li huma, bħala kumpanniji rregolati mid-dritt Irlandiż, iżda ma kinux residenti fiskali Irlandiżi. Dawn tal-aħħar kellhom, kull waħda minnhom, fergħa fl-Irlanda, li ma kellhiex personalità ġuridika distinta [278].

ASI u AOE kienu marbuta ma' Apple Inc. bi ftehim ta' qsim tal-ispejjeż, li kien jipprevedi, b'mod partikolari, l-għoti, favur tagħhom, ta' liċenzji eżenti mir-royalties sabiex ikunu jistgħu jużaw id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-grupp Apple. Dan l-użu kien jikkonsisti, b'mod partikolari, fil-manifattura u fil-bejgħ tal-prodotti kkonċernati fit-territorji kollha lil hinn mill-kontinent Amerikan.

Skont id-dispożizzjonijiet tad-dritt Irlandiż li kienu jirregolaw it-tassazzjoni tal-kumpanniji u li kienu fis-seħħ matul il-perijodu rilevanti (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet ta' riferiment"), il-kumpanniji mhux residenti kienu ntaxxati fir-rigward tad-dħul kummerċjali li jkun sar direttament jew indirettament permezz ta' fergħa attiva fl-Irlanda. F'dan il-każ, fl-1990, il-predeċessuri ta' ASI u ta' AOE ressqu talbiet quddiem l-awtoritajiet fiskali Irlandiżi sabiex tiġi ċċarata d-determinazzjoni tal-profitti taxxabbli tagħhom. Kien f'dan il-kuntest li fl-1991 l-awtoritajiet fiskali Irlandiżi adottaw l-ewwel deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem, liema deċiżjoni ġiet sussegwentement riveduta fuq talba ta' ASI u ta' AOE, u, fl-2007, adottaw it-tieni deċiżjoni (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati").

Wara proċedura ta' investigazzjoni formali li nbdiet fl-2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kontenzjuża dwar id-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni qieset, b'mod partikolari, li, sa fejn kienu wasslu għal tnaqqis fil-bażi taxxabbli ta' ASI u ta' AOE, għall-finijiet tad-determinazzjoni tat-taxxa fuq il-kumpanniji fl-Irlanda, id-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati kienu taw vantaġġ lil dawn iż-żewġ kumpanniji. Sabiex tipprova l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv f'dan il-każ, il-Kummissjoni eżaminat l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv li kien jirriżulta minn deroga mill-kuntest ta' riferiment. Il-Kummissjoni essenzjalment qieset, abbażi ta' raġunament prinċipali, raġunament sussidjarju u raġunament alternattiv, li d-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati kienu ppermettew lil ASI u

---

277 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023, Il-Lussemburgu *et* vs Il-Kummissjoni (C-451/21 P u C-454/21 P, EU:C:2023:948).

278 Il-fergħa Irlandiża ta' ASI kienet b'mod partikolari responsabbli għall-attivitajiet ta' xiri, ta' bejgħ u ta' distribuzzjoni, assoċjati mal-bejgħ ta' prodotti bit-trade mark Apple lil partijiet relatati u lil klijenti terzi fir-reġjuni li jkopru l-Ewropa, il-Lvant Nofsani, l-Indja u l-Afrika, kif ukoll l-Asja-Paċifiku. Il-fergħa Irlandiża ta' AOE kienet responsabbli għall-manifattura u għall-immontar ta' firxa speċjalizzata ta' prodotti diġitali fl-Irlanda, bħal desktops iMac, laptops MacBook u aċċessorji diġitali oħrajn, li hija kienet tforni lil partijiet relatati fl-Ewropa, fil-Lvant Nofsani, fl-Indja u fl-Afrika.

lil AOE jnaqqsu l-ammont tat-taxxa li huma kellhom iħallsu fl-Irlanda tul il-perijodu li matulu dawn id-deċiżjonijiet tat-taxxa kienu fis-seħħ, jiġifieri bejn l-1991 u l-2014, u li dan it-tnaqqis fl-ammont tat-taxxa kien jirrappreżenta vantaġġ meta wieħed iqabbel lil dawn iż-żewġ kumpanniji ma' kumpanniji oħra f'sitwazzjoni paragunabbli. B'mod iktar speċifiku, il-Kummissjoni sostniet, prinċipalment, li l-fatt li l-awtoritajiet fiskali Irlandiżi kienu aċċettaw il-premessa, fid-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati, li l-liċenzji ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali (iktar 'il quddiem "PI") tal-grupp Apple li kellhom ASI u AOE kellhom jiġu attribwiti barra mill-Irlanda kien wassal sabiex il-profitti annwali taxxabbli ta' ASI u ta' AOE fl-Irlanda jitbiegħdu minn approssimazzjoni affidabbli ta' riżultat ibbażat fuq is-suq u konformi mal-prinċipju ta' distakkament.

Hija u tiddeċiedi r-rikorsi ppreżentati mill-Irlanda u minn ASI u AOE, intiżi li tiġi annullata d-Deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni kontenzjuża fl-intier tagħha billi qieset li l-Kummissjoni ma kienx irnexxielha turi b'mod suffiċjenti fid-dritt l-eżistenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali fakkret, preliminarjament, li, fil-kuntest tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat, sabiex jiġi eżaminat jekk id-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati kkostitwixxewx tali għajnuna, kienet il-Kummissjoni li kellha turi, b'mod partikolari, li dawn id-deċiżjonijiet tat-taxxa kienu taw vantaġġ selettiv.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-raġunament prinċipali tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' vantaġġ għal żewġ raġunijiet relatati, minn naħa, mal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni normali fis-sens tad-dritt fiskali Irlandiż applikabbli f'dan il-każ u, min-naħa l-oħra, mal-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-attivitajiet fi ħdan il-grupp Apple.

Billi ċaħdet, barra minn hekk, ir-raġunamenti ppreżentati sussidjarjament u alternattivament dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni kontenzjuża fl-intier tagħha, mingħajr ma eżaminat il-motivi l-oħra invokati u l-ilmenti l-oħra mressqa mill-Irlanda u minn ASI u AOE.

Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni invokat żewġ aggravji, immirati, rispettivament, lejn il-motivi tas-sentenza appellata relatati mal-evalwazzjoni tar-raġunament prinċipali u lejn dawk relatati mal-evalwazzjoni tar-raġunament sussidjarju.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, sabiex miżura fiskali nazzjonali tiġi kklassifikata bħala "selettiva" għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni għandha tidentifika, fl-ewwel lok, is-sistema ta' riferiment, jiġifieri s-sistema fiskali "normali" applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat, u għandha turi, fit-tieni lok, li l-miżura fiskali inkwistjoni tidderoga minn din is-sistema ta' riferiment, sa fejn tiddistingwi bejn operaturi li, fid-dawl tal-għan imfittex minn din is-sistema ta' riferiment, ikunu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-determinazzjoni tal-kuntest ta' riferiment għandha importanza ikbar fil-każ ta' miżuri fiskali peress li l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tista' tiġi stabbilita biss billi titqabbel ma' livell ta' tassazzjoni "normali".

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, barra minn hekk, li, lil hinn mill-oqsma li fihom id-dritt fiskali tal-Unjoni huwa armonizzat, huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jiddetermina, bl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, il-karatteristiċi li jikkostitwixxu t-taxxa, liema karatteristiċi jiddefinixxu, bħala prinċipju, is-sistema ta' riferiment jew is-sistema fiskali "normali". L-istess jgħodd ukoll, b'mod partikolari, għad-determinazzjoni tal-bażi tat-taxxa, tal-fatt taxxabbli u ta' kwalunkwe eżenzjoni li t-taxxa tkun suġġetta għaliha. Dan ifisser li huwa biss id-dritt nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi identifikata l-imsemmija sistema ta' riferiment. Madankollu, din il-konklużjoni hija bla ħsara għall-possibbiltà li jiġi kkonstatat li l-kuntest ta' riferiment innifsu, kif jirriżulta mid-dritt nazzjonali, huwa

inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat minħabba li s-sistema fiskali inkwistjoni tkun ġiet ikkonfigurata skont parametri manifestament diskriminatorji, maħsuba sabiex jiġi evitat l-imsemmi dritt.

Kien fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-appell.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, qabelxejn, li r-raġunament prinċipali tal-Kummissjoni kien ibbażat fuq il-premessa li, sabiex il-profitti jiġu attribwiti korrettament skont l-approċċ tal-entità distinta u l-prinċipju ta' distakkament stabbiliti fid-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt nazzjonali [279], l-awtoritajiet kompetenti Irlandiżi kellhom jivverifikaw jekk il-profitti li jkunu nkisbu mill-użu tal-liċenzji ta' PI tal-grupp Apple li kellhom ASI u AOE kellhomx jiġu imputati, kompletament jew parzjalment, lill-fergħat Irlandiżi tagħhom. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-assenza tal-verifiki meħtieġa mill-imsemmija dispożizzjonijiet wasslet għal tnaqqis fil-piż fiskali ta' dawn il-kumpanniji, li tahom vantaġġ selettiv.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien ammissibbli li l-Kummissjoni tikkontesta l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-kuntest ta' riferiment taħt id-dritt Irlandiż. Fil-fatt, il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali ddelimitatx b'mod xieraq is-sistema ta' riferiment fid-dritt Irlandiż u, għalhekk, interpretatx b'mod korrett id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jifformaw din is-sistema kienet kwistjoni ta' liġi li setgħet tkun is-suġġett tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tal-appell. B'hekk, l-argumenti tal-Kummissjoni intiżi li jikkontestaw l-għażla tal-kuntest ta' riferiment jew is-sinjifikat tiegħu fl-ewwel stadju tal-analiżi tal-eżistenza ta' vantaġġ selettiv kienu ammissibbli peress li din l-analiżi tirriżulta minn klassifikazzjoni ġuridika tad-dritt nazzjonali abbażi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-każ, l-istess kien jgħodd kemm għall-ilment li l-Qorti Ġenerali kienet allegatament interpretat id-deċiżjoni b'mod żbaljat billi sostniet li l-Kummissjoni, fir-raġunament prinċipali tagħha, illimitat ruħha għal approċċ "b'esklużjoni" u kemm għall-ilment li permezz tiegħu l-Kummissjoni kkritikat lill-Qorti Ġenerali talli qagħdet fuq il-funzjonijiet imwettqa minn Apple Inc.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, fl-ewwel lok, l-ilment ibbażat fuq l-eżistenza ta' żball fl-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn il-Qorti Ġenerali kienet allegatament qieset li r-raġunament prinċipali tal-Kummissjoni kien ibbażat biss fuq l-assenza ta' impjegati u ta' preżenza fiżika fis-sedi ta' ASI u ta' AOE u, għaldaqstant, fuq approċċ "b'esklużjoni".

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabelxejn, li dan ir-raġunament tal-Kummissjoni kien ibbażat fuq il-premessa li, minn naħa, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' riferiment teħtieġ id-determinazzjoni minn qabel ta' metodu ta' attribuzzjoni tal-profitti li dawn id-dispożizzjonijiet ma jiddefinixxux u li, min-naħa l-oħra, dan il-metodu kellu jwassal għal riżultat konformi mal-prinċipju ta' distakkament. Issa, din il-premessa ma ġietx ikkontestata mill-Qorti Ġenerali, li żiedet tgħid li l-livell ta' tassazzjoni "normali" huwa ddefinit mir-regoli fiskali nazzjonali u li l-eżistenza nnifisha ta' vantaġġ għandha tiġi stabbilita fid-dawl ta' dawn tal-aħħar, qabel ma ppreċiżat, madankollu, li, għalkemm dawn ir-regoli nazzjonali kienu jipprevedu li l-fergħat tal-kumpanniji mhux residenti, f'dak li għandu x'jaqsam mal-profitti li jirriżultaw mill-attivitajiet kummerċjali ta' dawn tal-aħħar fl-Irlanda, u l-kumpanniji residenti kellhom jiġu ntaxxati taħt l-istess kundizzjonijiet, l-Artikolu 107(1) TFUE jippermetti lill-Kummissjoni teżamina jekk il-livell tal-profitti attribwiti lil tali fergħat, aċċettat mill-awtoritajiet nazzjonali għad-determinazzjoni tal-profitti taxxabbli ta' dawn il-kumpanniji mhux residenti, jikkorrispondix għal-livell tal-profitti li kienu jinkisbu mill-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet kummerċjali taħt kundizzjonijiet tas-suq.

Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament f'dan il-każ kienet ibbażata fuq ir-regoli fiskali tad-dritt Irlandiż dwar it-tassazzjoni tal-kumpanniji u, għalhekk, fuq is-sistema ta' riferiment identifikata mill-Kummissjoni u kkonfermata mill-Qorti Ġenerali. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kienet irrikonoxxiet b'mod espliċitu li, għall-kuntrarju ta' dak li sostniet l-Irlanda, l-

[279] Jiġifieri, b'mod partikolari, dawk imsemmija fl-Artikolu 25 tat-Taxes Consolidation Act tal-1997 (l-Att dwar il-Konsolidazzjoni tat-Taxxi tal-1997, iktar 'il quddiem it-"TCA 97").

applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ riferiment, kif deskritta minn dan l-Istat Membru, kienet essenzjalment tikkorrispondi għall-analiżi funzjonali u fattwali fil-kuntest tal-ewwel stadju tal-approċċ awtorizzat mill-OECD dwar l-attribuzzjoni tal-profitti lil stabbiliment permanenti. Dawn il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali wassluha sabiex, b’mod partikolari, tiddeċiedi li l-Kummissjoni ma kienet wettqet ebda żball meta invokat il-prinċipju ta’ distakkament sabiex teżamina jekk, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta’ riferiment mill-awtoritajiet fiskali Irlandiżi, il-livell tal-profitti attribwiti lill-fergħat ta’ ASI u ta’ AOE fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom fl-Irlanda, kif aċċettat fid-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati, kienx jikkorrispondi għal-livell tal-profitti li kienu jinkisbu permezz tal-eżerċizzju ta’ dawn l-attivitajiet kummerċjali taħt kundizzjonijiet tas-suq, u wkoll meta essenzjalment qagħdet fuq l-approċċ awtorizzat mill-OECD għall-finijiet ta’ din l-applikazzjoni, billi ħadet inkunsiderazzjoni t-tqassim tal-assi, tal-funzjonijiet u tar-riskji bejn dawn il-fergħat u l-partijiet l-oħra ta’ dawn il-kumpanniji. L-imsemmija konstatazzjonijiet kellhom jittieħdu bħala definittivi, peress li ma kinux ġew validament ikkontestati mill-partijiet l-oħra f’dawn il-proċeduri ta’ appell.

Issa, mill-istadji tar-raġunament imfisser fid-Deċiżjoni kontenzjuża kien jirriżulta li l-Kummissjoni qieset, l-ewwel nett, li, sabiex jiġu ddeterminati, skont id-dispożizzjonijiet ta’ riferiment tad-dritt nazzjonali, il-profitti taxxabbli ta’ ASI u ta’ AOE fl-Irlanda skont il-prinċipju ta’ distakkament, kellhom jiġu pparagunati l-funzjonijiet imwettqa mis-sedi u mill-fergħat Irlandiżi ta’ dawn il-kumpanniji, rispettivament, b’rabta mal-liċenzji ta’ PI. It-tieni nett, b’applikazzjoni ta’ dan il-kriterju, hija wettqet eżami distint tar-rwol ta’ kull waħda minn dawn is-sedi u ta’ kull waħda minn dawn il-fergħat b’rabta ma’ dawn il-liċenzji. Fi tmiem dan l-eżami, hija kkonstatat, minn naħa, assenza ta’ funzjonijiet, fir-rigward tas-sedi, b’rabta mal-liċenzji ta’ PI u, min-naħa l-oħra, rwol attiv tal-fergħat Irlandiżi li jirriżulta mit-twettiq ta’ ċertu numru ta’ funzjonijiet u mill-assunzjoni ta’ riskji marbuta mal-ġestjoni u mal-użu ta’ dawn il-liċenzji. Barra minn hekk, il-konstatazzjoni tal-assenza ta’ funzjonijiet “attivi jew kruċjali” mwettqa mis-sedi kienet ibbażata fuq l-assenza ta’ provi kuntrarji prodotti minn Apple, flimkien mal-konstatazzjoni tal-assenza ta’ kapaċità effettiva ta’ dawn is-sedi sabiex iwettqu dawn il-funzjonijiet. B’hekk, ir-raġunament prinċipali tal-Kummissjoni ma kienx ibbażat biss fuq l-assenza ta’ funzjonijiet imwettqa mis-sedi b’rabta mal-liċenzji ta’ PI, iżda kien ibbażat ukoll fuq l-analiżi tal-funzjonijiet effettivament imwettqa mill-fergħat b’rabta ma’ dawn il-liċenzji.

Għalhekk, ma kinitx il-konstatazzjoni li s-sedi la kellhom impjegati u lanqas preżenza fiżika barra mill-fergħat Irlandiżi li wasslet lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-liċenzji ta’ PI u l-profitti relatati magħhom kellhom jiġu attribwiti lil dawn il-fergħat. Il-Kummissjoni siltet din il-konklużjoni wara li qiegħdet ħdejn xulxin żewġ konstatazzjonijiet distinti, jiġifieri, minn naħa, l-assenza ta’ funzjonijiet attivi jew kruċjali mwettqa u ta’ riskji assunti mis-sedi u, min-naħa l-oħra, il-multipliċità u n-natura ċentrali tal-funzjonijiet imwettqa u tar-riskji assunti mill-imsemmija fergħat, u dan b’applikazzjoni tal-kriterju legali stabbilit fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi meta qieset li, fir-raġunament prinċipali tagħha, il-Kummissjoni llimitat ruħha għal approċċ “b’esklużjoni”, liema kunsiderazzjoni kienet tikkostitwixxi interpretazzjoni żbaljata tad-Deċiżjoni kontenzjuża.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-motivi li jirreferi għalihom l-appell u li fuqhom il-Qorti Ġenerali qagħdet sabiex tqis li l-fergħat ta’ ASI u ta’ AOE fl-Irlanda ma kinux jikkontrollaw il-liċenzji ta’ PI tal-grupp Apple u ma kinux jiġġeneraw il-profitti li l-Kummissjoni tallega li kienu jagħmlu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, qabelxejn, li l-Kummissjoni kellha raġun issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet irregolarità proċedurali billi, għall-finijiet tal-analiżi tagħha, ħadet inkunsiderazzjoni l-provi li ma kinux ġew prodotti matul il-proċedura amministrattiva u li, għaldaqstant, kellhom jitqiesu bħala inammissibbli. Barra minn hekk, sa fejn jikkonċerna l-metodu ta’ attribuzzjoni tal-profitti taxxabbli meħtieġ mid-dritt Irlandiż, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-kriterju għad-determinazzjoni tal-profitti ta’ kumpannija mhux residenti, li l-Qorti Ġenerali qieset li huwa applikabbli skont l-Artikolu 25 tat-TCA 97, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni t-tqassim tal-assi, tal-funzjonijiet u tar-riskji bejn il-fergħat Irlandiżi u l-partijiet l-oħra tal-kumpanniji kkonċernati, filwaqt li jiġi eskluż ir-rwol li jista’ jkollhom entitajiet distinti, bħal, f’dan il-każ, Apple Inc. Issa, f’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali, fil-motivi kkontestati, qagħdet, b’mod espliċitu jew impliċitu, fuq il-funzjonijiet imwettqa minn Apple Inc.,

b'rabta mal-PI tal-grupp Apple, sabiex issostni l-konstatazzjoni tagħha ta' żball li jivvizzja l-analiżi tal-Kummissjoni. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni bir-raġun sostniet li l-Qorti Ġenerali, sabiex iddeċidiet li l-provi li jippermettu l-attribuzzjoni tal-profitti li jirriżultaw mill-użu tal-liċenzji ta' PI lill-fergħat ta' ASI u ta' AOE ma kinux biżżejjed, ipparagunat b'mod żbaljat il-funzjonijiet imwettqa minn dawn il-fergħat b'rabta ma' dawn il-liċenzji ma' dawk imwettqa minn Apple Inc. b'rabta mal-PI tal-grupp Apple, pjuttost milli ma' dawk effettivament imwettqa mis-sedi b'rabta mal-imsemmija liċenzji.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-konklużjoni li l-ftehimiet u l-attivitajiet ta' ASI u ta' AOE barra mill-Irlanda kienu xhieda tal-fatt li dawn il-kumpanniji kienu f'pożizzjoni li jiżviluppaw u jiġġestixxu l-PI tal-grupp Apple u li jiġġeneraw profitti barra mill-Irlanda u li dawn il-profitti ma kinux, konsegwentement, suġġetti għat-taxxa fl-Irlanda. Hija qieset, f'dan ir-rigward, li, għalkemm hija biss il-Qorti Ġenerali li tista' tevalwa l-valur probatorju ta' xi parti mill-atti tal-proċess, hija madankollu r-responsabbiltà tagħha li teżamina lment ibbażat fuq determinazzjoni żbaljata tal-oneru tal-prova. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, billi qieset li kienet il-Kummissjoni li kellha turi l-eżistenza ta' deċiżjonijiet kummerċjali importanti li ma ssemmewx fil-minuti tal-bordijiet tad-diretturi tal-kumpanniji kkonċernati, għabbiet lill-Kummissjoni b'oneru ta' prova eċċessiv.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza taħt appell sa fejn laqgħet l-ilmenti kontra r-raġunament prinċipali dwar l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv u sa fejn annullat, konsegwentement, id-Deċiżjoni kontenzjuża.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, billi qieset li t-tilwima kienet fi stat li tiġi deċiża, eżaminat hija nnifisha r-rikorsi għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża ppreżentati mill-Irlanda u minn ASI u AOE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel nett, li kellhom jiġu miċħuda l-motivi kollha mmirati kontra l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-raġunament prinċipali tagħha u li kienu jirrigwardaw, minn naħa, l-identifikazzjoni tal-kuntest ta' riferiment u, min-naħa l-oħra, it-tassazzjoni normali fis-sens tad-dritt Irlandiż applikabbli f'dan il-każ, peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti invokati f'dan ir-rigward permezz ta' motivi li baqgħu mhux ikkontestati fl-istadju tal-appell. Billi ma ġie ppreżentat ebda appell inċidentali, tali motivi kellhom l-awtorità ta' *res judicata*.

It-tieni nett, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kummissjoni kien tabilħaqq irnexxielha turi li, fid-dawl, minn naħa, tal-attivitajiet effettivament eżerċitati u tal-funzjonijiet effettivament imwettqa mill-fergħat Irlandiżi ta' ASI u ta' AOE u, min-naħa l-oħra, tal-assenza ta' provi konkordanti ta' natura li jistabbilixxu l-eżistenza ta' deċiżjonijiet strateġiċi meħuda u implimentati mis-sedi ta' dawn il-kumpanniji li jinsabu barra mill-Irlanda, dawn il-fergħat Irlandiżi kellhom jiġu attribwiti l-profitti ġġenerati mill-użu tal-liċenzji ta' PI tal-grupp Apple, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-profitti annwali taxxabbli ta' ASI u ta' AOE fl-Irlanda. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet uriet biżżejjed li d-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati wasslu sabiex ASI u AOE bbenefikaw minn trattament fiskali favorevoli meta mqabbla mal-kumpanniji residenti ntaxxati fl-Irlanda li ma setgħux jibbenefikaw minn tali deċiżjonijiet bil-quddiem tal-amministrazzjoni fiskali, jiġifieri b'mod partikolari l-kumpanniji mhux integrati u awtonomi, il-kumpanniji integrati ta' grupp li jwettqu tranżazzjonijiet ma' terzi jew il-kumpanniji integrati ta' grupp li jwettqu tranżazzjonijiet ma' kumpanniji tal-grupp li huma marbuta magħhom billi jiffissaw il-prezz ta' dawn it-tranżazzjonijiet f'kundizzjonijiet ta' distakkament, minkejja li dawn il-kumpanniji kienu jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u legali paragunabbli fir-rigward tal-għan li kienet tfittex li tilħaq is-sistema ta' riferiment, jiġifieri li jiġu ntaxxati l-profitti ġġenerati fl-Irlanda. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kienet ġustament qieset, fid-Deċiżjoni kontenzjuża, li d-differenzazzjoni fil-qasam tat-trattament fiskali tal-profitti ta' ASI u ta' AOE li toħroġ mid-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati ma kinitx iġġustifikata min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema fiskali Irlandiża. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kellhom jiġu miċħuda l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti dwar l-eżami tas-selettività ta' dawn id-deċiżjonijiet tat-taxxa fid-Deċiżjoni kontenzjuża.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball meta qieset li l-Irlanda kienet ċediet id-dħul mit-taxxa min-naħa ta' ASI u ta' AOE sa fejn id-deċiżjonijiet tat-taxxa kkontestati approvaw metodi ta' attribuzzjoni tal-profitti li jwasslu għal riżultat li impriżi distinti u awtonomi li joperaw taħt kundizzjonijiet tas-suq ma kinux jaċċettaw. Dawn id-deċiżjonijiet tat-taxxa effettivament naqqsu l-profitti taxxabbli ta' ASI u ta' AOE għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' riferiment u, b'hekk, l-ammont tat-taxxa fuq il-kumpanniji li huma kienu obbligati jħallsu fl-Irlanda meta mqabbla mal-kumpanniji l-oħra ntaxxati f'dan l-Istat Membru li l-profitti taxxabbli tagħhom kienu jirriflettu l-prezzijiet iddeterminati fis-suq f'kundizzjonijiet ta' distakkament. Tali miżuri taffew għalhekk il-piżijiet li jġħabbu, bħala prinċipju, il-finanzi ta' impriża, b'mod li tabilħaqq wasslu għal vantaġġ mogħti "permezz tar-riżorsi tal-Istat".

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet bħala infondati l-motivi bbażati, b'mod partikolari, fuq ksur tad-dritt għal smigħ fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni kontenzjuża, fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, kif ukoll fuq l-argument li l-Kummissjoni kienet marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha u ndaħlet fil-kompetenzi tal-Istati Membri bi ksur tal-prinċipju ta' awtonomija fiskali ta' dawn tal-aħħar.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikorsi għal annullament ippreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali fl-intier tagħhom.

## 5. Rimbors ta' multa

### Sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs Deutsche Telekom (C-221/22 P, EU:C:2024:488)

*"Appell – Kompetizzjoni – Artikoli 266 u 340 TFUE – Sentenza li tnaqqas l-ammont ta' multa imposta mill-Kummissjoni Ewropea – Rimbors mill-Kummissjoni tal-ammont indebitament miġbur – Obbligu li jitħallsu interessi – Klassifikazzjoni – Kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa għaċ-ċaħda tat-tgawdija tal-ammont tal-multa mħallas indebitament – Rata applikabbli"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kkundannatha tħallas kumpens ta' EUR 1 750 522 lil Deutsche Telekom AG bħala kumpens għad-dannu kkawżat mir-rifjut tagħha li tħallas interessi fuq l-ammont li kellu jiġi rrimborsat lil din l-impriża wara t-tnaqqis ta' multa li din tal-aħħar kienet provviżorjament ħallset.

Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru 2014 [280], il-Kummissjoni imponiet fuq Deutsche Telekom multa ta' EUR 31 070 000 għal abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-suq Slovakk tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet broadband.

Deutsche Telekom ippreżentat rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, filwaqt li ħallset provviżorjament din il-multa fis-16 ta' Jannar 2015. Permezz ta' sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018 [281], il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment dan ir-rikors u naqqset l-ammont tal-multa b'EUR 12 039 019. Fid-19 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni rrimborsat dan l-ammont lil Deutsche Telekom.

---

[280] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 7465 final tal-15 ta' Ottubru 2014 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 102 tat-TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ AT.39523 – Slovak Telekom), irrettifikata bid-Deċiżjoni tagħha C(2014) 10119 final tas-16 ta' Diċembru 2014, kif ukoll bid-Deċiżjoni tagħha C (2015) 2484 final tas-17 ta' April 2015.

[281] Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-827/14, EU:T:2018:930).

Permezz ta' ittra tat-28 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni, għall-kuntrarju, irrifjutat li tħallas lil Deutsche Telekom interessi għall-perijodu bejn id-data tal-ħlas tal-multa u d-data tar-rimbors tal-parti mill-multa meqjusa bħala indebita (iktar 'il quddiem il-"perijodu inkwistjoni").

Adita b'rikors ippreżentat minn Deutsche Telekom, il-Qorti Ġenerali [282] ddeċidiet b'mod partikolari li dan ir-rifjut tal-Kummissjoni li tħallas interessi kien jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE [283], li seta' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl tal-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu li kien jikkonsisti fit-telf, matul il-perijodu inkwistjoni, tal-interessi moratorji fuq il-parti tal-multa mħallsa indebitament, il-Qorti Ġenerali tat lil Deutsche Telekom kumpens fl-ammont ta' EUR 1 750 522, ikkalkolat abbażi ta' applikazzjoni, b'analoġija, tar-rata ta' interessi prevista fl-Artikolu 83(2)(b) tar-Regolament Delegat Nru 1268/20122 [284], jiġifieri r-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' rifinanzjament f'Jannar 2015, b'żieda ta' 3.5 punti perċentwali.

Il-Kummissjoni appellat minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn Deutsche Telekom, ibbażata fuq l-argument li l-appell kien, fir-realtà, dirett mhux kontra s-sentenza appellata, iżda kontra s-sentenza Printeos [285] tal-Qorti tal-Ġustizzja li fuqha kienet ibbażat ruħha l-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Kummissjoni, bħal kull parti oħra f'appell, għandha żżomm il-possibbiltà li tikkontesta l-prinċipji ġuridiċi li l-Qorti Ġenerali applikat fis-sentenza li tagħha ikun qiegħed jintalab l-annullament, anki jekk dawn il-prinċipji jkunu ġew żviluppati f'sentenzi li ma jkunux jistgħu jew ma jkunux għadhom jistgħu jkunu s-suġġett ta' appell.

F'dan il-każ, il-Kummissjoni stess kienet sostniet li l-appell tagħha kien intiż li jistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja teżamina mill-ġdid il-ġurisprudenza tagħha li tirriżulta mis-sentenza Printeos, kif applikata mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata. Peress li l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni kienu jidentifikaw, barra minn hekk, bi preċiżjoni suffiċjenti l-elementi kkritikati tas-sentenza appellata kif ukoll ir-raġunijiet għaliex din kienet, fil-fehma tagħha, ivvizzjata bi żbalji ta' liġi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat l-appell ammissibbli.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet fl-ewwel lok l-aggravju tal-Kummissjoni bbażat fuq żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 266 TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, l-istituzzjoni li l-att tagħha jkun ġie annullat għandha tieħu l-miżuri li jwasslu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza li tiddikjara dan l-att null u bla effett *ex tunc*. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-ħlas tas-somom imħallsa indebitament abbażi tal-istess att kif ukoll għall-ħlas ta' interessi. F'dan il-kuntest, il-ħlas ta' interessi jikkostitwixxi miżura ta' eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament intiża, sa fejn dan

---

[282] Sentenza tad-19 ta' Jannar 2022, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-610/19, EU:T:2022:15, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

[283] Din id-dispożizzjoni tipprevedi l-obbligu għall-istituzzjonijiet li l-att tagħhom jiġi annullat permezz ta' sentenza ta' qorti tal-Unjoni li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza.

[284] Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2012, L 362, p. 1).

[285] Sentenza tal-20 ta' Jannar 2021, Il-Kummissjoni vs Printeos (C-301/19 P, EU:C:2021:39).

jikkumpensa fil-forma ta’ somma f’daqqa t-telf tat-tgawdija ta’ kreditu u jħeġġeġ lid-debitur sabiex jeżegwixxi, malajr kemm jista’ jkun, l-imsemmija sentenza.

B’mod iktar ġenerali, meta somom ta’ flus ikunu ġew irċevuti bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, kemm jekk minn awtorità nazzjonali jew minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni, dawn is-somom ta’ flus għandhom jitħallsu lura u dan il-ħlas lura għandu jiżdied bl-interessi li jkopru l-perijodu kollu mid-data tal-ħlas ta’ dawn is-somom ta’ flus sad-data tal-ħlas lura tagħhom, li jikkostitwixxi l-espressjoni ta’ prinċipju ġenerali ta’ rkupru tal-ammonti mħallsa indebitament.

Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta’ liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni kisret l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE permezz tar-rifjut tagħha li tħallas interessi lil Deutsche Telekom fuq l-ammont tal-multa indebitament miġbur għall-perijodu inkwistjoni.

Il-validità ta’ din il-konklużjoni ma ġietx ikkontestata mill-fatt li l-Qorti Ġenerali kklassifikat diversi drabi l-interessi dovuti mill-Kummissjoni f’dan il-każ bħala “interessi moratorji”, kunċett li jirreferi għall-eżistenza ta’ dewmien fil-ħlas ta’ debitur kif ukoll għal intenzjoni li dan jiġi ssanzjonat. Fil-fatt, minkejja li din il-klassifikazzjoni tista’ tiġi kkontestata fid-dawl tal-għan tal-interessi inkwistjoni, xorta jibqa’ l-fatt li l-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni kienet obbligata żżid mar-rimbors tal-ammont indebitament miġbur interessi intiżi li jikkumpensaw fil-forma ta’ somma f’daqqa lil Deutsche Telekom għaċ-ċaħda tat-tgawdija ta’ dan l-ammont, konformement mal-prinċipji mfakkra iktar ’il fuq.

Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta’ liġi meta ċaħdet l-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq l-Artikolu 90(4)(a) tar-Regolament Delegat Nru 1268/2012, li jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tirrimborsa l-ammonti indebitament miġbura lit-terz ikkonċernat, flimkien mal-“imgħax iġġenerat”. Fil-fatt, dan l-obbligu eventwali li jitħallsu l-interessi effettivament prodotti huwa bla ħsara għal dak impost, fi kwalunkwe każ, fuq il-Kummissjoni, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, li tikkumpensa fil-forma ta’ somma f’daqqa l-impriża kkonċernata għaċ-ċaħda tat-tgawdija li tirriżulta mit-trasferiment lill-Kummissjoni tas-somma ta’ flus li tikkorrispondi għall-ammont tal-multa mħallas indebitament, inkluż meta l-investiment tal-ammont tal-multa mħallsa provviżorjament mill-imsemmija impriża ma jkunx ipproduċa dħul.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll l-analiżi tal-Qorti Ġenerali li l-obbligu tal-Kummissjoni li tħallas l-interessi mid-data tal-ġbir provviżorju tal-multa ma jippreġudikax il-funzjoni dissważiva tal-multi, li għandha tiġi rrikonċiljata mar-rekwiżiti ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fi kwalunkwe każ, l-effett dissważiv tal-multi ma jistax jiġi invokat fil-kuntest ta’ multi li ġew annullati jew imnaqqsa minn qorti tal-Unjoni, peress li l-Kummissjoni ma hijiex f’pożizzjoni li tinvoka att iddikjarat illegali għal finijiet ta’ dissważjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat l-aggravju tal-Kummissjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi meta qieset li r-rata tal-interessi dovuti lil Deutsche Telekom kienet tammonta għar-rata ta’ rifinanzjament tal-BĊE miżjuda bi 3.5 punti perċentwali, b’analoġija mal-Artikolu 83(2)(b) tar-Regolament Delegat Nru 1268/2012.

Hija fakkret f’dan ir-rigward li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-interessi li għandhom jitħallsu lil impriża li tkun ħallset multa imposta mill-Kummissjoni, wara l-annullament jew it-tnaqqis ta’ din il-multa, din l-istituzzjoni għandha tapplika l-Artikolu 83 tar-Regolament Delegat Nru 1268/2012 li kien fis-seħħ dak iż-żmien, li kien jipprevedi diversi rati ta’ interessi għall-krediti mhux irrimborsati fid-data ta’ skadenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li r-rata prevista fl-Artikolu 83(2)(b) ta’ dan ir-regolament delegat, applikata b’analoġija mill-Qorti Ġenerali f’din il-kawża, ċertament ma tiffissax ir-rata tal-interessi li tikkorrispondi għal kumpens fil-forma ta’ somma f’daqqa bħal dak inkwistjoni f’dan il-każ, iżda l-ipoteżi distinta ta’ dewmien ta’ ħlas. Din kienet preċiżament ir-raġuni għaliex il-Qorti Ġenerali applikat din id-dispożizzjoni b’analoġija. Issa, meta applikat b’analoġija r-rata ta’ rifinanzjament tal-BĊE miżjuda b’ 3.5 punti perċentwali, li ma kinitx tidher irraġonevoli jew sproporzjonata fir-rigward tal-għan tal-

interessi inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta’ liġi fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha fil-kuntest tal-proċeduri intiżi li tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet, barra minn hekk, l-argument sussidjarju tal-Kummissjoni intiż li tiġi applikata b’analoġija r-rata ta’ 1.55 % prevista mill-Artikolu 83(4) tar-Regolament Delegat Nru 1268/2012 għall-każ fejn tkun ġiet ipprovduta garanzija finanzjarja.

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li impriża li, filwaqt li tkun ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi fuqha multa, tkun ħallset din il-multa provviżorjament ma tinsabx fl-istess sitwazzjoni bħal impriża li tikkostitwixxi garanzija bankarja fl-istennija tal-eżawriment tar-rimedji ġudizzjarji. Fil-fatt, peress li din l-aħħar impriża ma tkunx ittrasferiet is-somma ta’ flus li tikkorrispondi għall-ammont tal-multa imposta, il-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata tħallasha lura ammont indebitament miġbur. L-uniku dannu finanzjarju possibbilment imġarrab mill-impriża kkonċernata jirriżulta mid-deċiżjoni tagħha stess li tipprovdi garanzija bankarja.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, kieku l-Kummissjoni kellha tqis li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi attwali ma jiħdux inkunsiderazzjoni adegwatament sitwazzjoni bħal dik li wasslet għal din il-kawża, għandha tkun il-Kummissjoni jew, jekk ikun il-każ, il-leġiżlatur tal-Unjoni, li jimlew din il-lakuna. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li l-obbligu tal-Kummissjoni li żżid bl-interessi r-rimbors ta’ multa totalment jew parzjalment annullata minn qorti tal-Unjoni jirriżulta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, kull metodu ġdid jew modalità ġdida ta’ kalkolu ta’ dawn l-interessi għandhom josservaw l-għanijiet li għandhom jintlaħqu minn tali interessi. Konsegwentement, ir-rata ta’ interessi applikabbli għal dawn l-interessi ma tistax tillimita ruħha li tikkumpensa d-deprezzament monetarju, mingħajr ma tkopri l-kumpens fil-forma ta’ somma f’daqqa taċ-ċaħda temporanja tat-tgawdija tal-fondi li jikkorrispondu għall-ammont indebitament miġbur mill-Kummissjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet it-tieni aggravju tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, ċaħdet l-appell fl-intier tiegħu.

# XIV. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet

## 1. Disinni Komunitarji

### Sentenza tas-27 ta' Frar 2024 (Awla Manja), EUIPO vs The KaiKai Company Jaeger Wichmann (C-382/21 P, EU:C:2024:172)

*"Appell – Proprjetà intellettwali – Disinni Komunitarji – Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi (PCT) – Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ – Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali – Artikolu 4 – Regolament (KE) Nru 6/2002 – Artikolu 41 – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn – Dritt ta' prijorità – Talba għall-prijorità bbażata fuq applikazzjoni internazzjonali ppreżentata skont il-PCT – Terminu – Interpretazzjoni konformi mal-Artikolu 4 ta' din il-konvenzjoni – Limiti"*

Filwaqt li laqgħet l-appell ippreżentat mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża The KaiKai Company Jaeger Wichmann vs EUIPO (Apparat u tagħmir għall-ġinnastika jew għall-isport) [286], l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja għamlet preċiżazzjonijiet dwar id-delimitazzjoni bejn l-effett dirett tal-ftehimiet internazzjonali u l-interpretazzjoni tal-atti tad-dritt sekondarju konformi ma' dawn il-ftehimiet u tat deċiżjoni dwar il-limiti ta' tali interpretazzjoni konformi.

Fl-24 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrenti, The KaiKai Company Jaeger Wichmann GbR, applikat quddiem l-EUIPO għar-reġistrazzjoni ta' tnax-il disinn Komunitarju, filwaqt li talbet dritt ta' prijorità bbażat fuq applikazzjoni internazzjonali għal privattiva ppreżentata fis-26 ta' Ottubru 2017 skont it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi (PCT) [287].

L-EUIPO laqa' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, iżda rrifjuta d-dritt ta' prijorità, minħabba li d-data tal-preżentata tal-applikazzjoni internazzjonali preċedenti kienet tippreċedi b'iktar minn sitt xhur id-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 41(1) tar-Regolament Nru 6/2002 [288] jipprevedi li persuna li tkun ippreżentat b'mod regolari applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' disinn jew mudell ta' utilità preċedenti għandha jkollha, għall-finijiet ta' preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal disinn Komunitarju sussegwenti, dritt ta' prijorità għal perijodu ta' sitt xhur mid-data tal-preżentata tal-ewwel applikazzjoni. Issa, l-EUIPO qies li, anki jekk applikazzjoni internazzjonali ppreżentata skont il-PCT setgħet, bħala prinċipju, tkun il-bażi ta' dritt ta' prijorità skont dan l-Artikolu 41(1), peress li d-definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "privattiva" li tinsab fl-Artikolu 2 tal-PCT tinkludi wkoll il-mudelli ta' utilità msemmija fl-Artikolu 41(1), it-talba għal tali dritt ta' prijorità kienet ukoll suġġetta għal terminu ta' sitt xhur, li f'dan il-każ ma kienx ġie osservat.

Permezz ta' sentenza tal-14 ta' April 2021, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-EUIPO. Hija ddeċidiet li l-Artikolu 41(1) tar-Regolament Nru 6/2002 kien fih lakuna, inkwantu ma kienx jiffissa t-terminu sabiex tintalab il-prijorità ta' "applikazzjoni internazzjonali għal privattiva" fil-kuntest ta' applikazzjoni sussegwenti għal disinn. Il-Qorti Ġenerali qieset li din id-dispożizzjoni kellha l-għan li tirrendi dan ir-regolament konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta'

286 Sentenza tal-14 ta' April 2021, The KaiKai Company Jaeger Wichmann vs EUIPO (Apparat u tagħmir għall-ġinnastika jew għall-isport) (T-579/19, EU:T:2021:186).

287 Il-PCT ġie konkluż f'Washington fid-19 ta' Ġunju 1970 u emendat l-aħħar fit-3 ta' Ottubru 2001 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1160, Nru 18336, p. 231).

288 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

Pariġi [289] u, għaldaqstant, li din il-lakuna kellha timtela billi jiġi applikat dan l-Artikolu 4. Il-Qorti Ġenerali qieset essenzjalment li, skont l-imsemmi Artikolu 4, kienet in-natura tad-dritt preċedenti li kienet tiddetermina t-tul ta' tali perijodu ta' prijorità, b'tali mod li dan it-terminu kien ta' tnax-il xahar. Għalhekk minn dan hija kkonkludiet li l-EUIPO kien wettaq żball ta' liġi meta qies li t-terminu applikabbli għat-talba tal-prijorità inkwistjoni kien ta' sitt xhur.

Fit-23 ta' Ġunju 2021, l-EUIPO ppreżenta appell minn din is-sentenza filwaqt li qajjem aggravju uniku, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 41(1) tar-Regolament Nru 6/2002. Permezz ta' dan l-aggravju, l-EUIPO kkritika, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali li wettqet applikazzjoni diretta tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, filwaqt li eskludiet l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ċara u eżawrjenti ta' dan l-Artikolu 41(1) sabiex tissostitwixxiha b'interpretazzjoni żbaljata ta' dan l-Artikolu 4.

Permezz ta' att ippreżentat fl-istess data, l-EUIPO talab li l-appell tiegħu jiġi ammess, konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 58a tal-Istatut. Permezz tad-digriet tal-10 ta' Diċembru 2021 [290], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-appell kellu jiġi ammess.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-effetti tal-Konvenzjoni ta' Pariġi fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, qabel kollox, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, minkejja li din il-konvenzjoni ma ġietx konkluża mill-Unjoni, ir-regoli stabbiliti minn ċerti artikoli tagħha, fosthom l-Artikolu 4, huma inkorporati fil-Ftehim TRIPs [291], li ġie konkluż mill-Unjoni. Għaldaqstant, dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li jipproduċu l-istess effetti bħal dawk prodotti mill-Ftehim TRIPs.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fid-dawl tan-natura u tal-istruttura tagħhom, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPs ma għandhomx effett dirett. Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi lanqas ma jaqa' taħt iż-żewġ sitwazzjonijiet eċċezzjonali li fihom l-individwi jistgħu jinvokaw direttament id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet WTO quddiem il-qorti tal-Unjoni. Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 6/2002 ma jagħmel ebda riferiment espliċitu għal dan l-Artikolu 4. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 41 ma huwiex intiż li jimplimenta, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, obbligu partikolari assunt fil-kuntest tal-Ftehimiet WTO. Għall-kuntrarju, dan ir-regolament jikkostitwixxi l-espressjoni tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jadotta, għal wieħed mid-drittijiet tal-proprjetà industrijali koperti mill-Konvenzjoni ta' Pariġi, approċċ speċifiku għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, billi jistabbilixxi sistema speċifika ta' protezzjoni unitarja u indiviżibbli tad-disinni Komunitarji fit-territorju tagħha, li d-dritt ta' prijorità previst fl-imsemmi Artikolu 41 jagħmel parti integrali minnu.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi ma għandhomx effett dirett u, għaldaqstant, ma humiex tali li joħolqu drittijiet għall-individwi li dawn jistgħu jinvokaw direttament bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, id-dritt ta' prijorità sabiex issir il-preżentata ta' applikazzjoni għal disinn Komunitarju huwa rregolat mill-Artikolu 41 tar-Regolament Nru 6/2002, mingħajr ma l-operaturi ekonomiċi jistgħu jinvokaw direttament dan l-Artikolu 4.

---

289 Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, iffirmata f'Pariġi fl–20 ta' Marzu 1883, irriveduta l-aħħar fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967 u emendata fit-28 ta' Settembru 1979 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 828, Nru 11851, p. 305).

290 Digriet tal-10 ta' Diċembru 2021, EUIPO vs The KaiKai Company Jaeger Wichmann (C-382/21 P, EU:C:2021:1050).

291 Il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPs), jikkostitwixxi l-Anness 1C tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li ġie ffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994 u approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat madankollu li, peress li l-Ftehim TRIPs jorbot lill-Unjoni u, għaldaqstant, jipprevali fuq l-atti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni, dawn tal-aħħar għandhom jiġu interpretati, sa fejn huwa possibbli, konformement mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim. Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 6/2002 għandu jiġi interpretat, sa fejn huwa possibbli, konformement mar-regoli stabbiliti fl-artikoli tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, fosthom b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha, li huma inkorporati fil-Ftehim TRIPs.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn manifestament marret lil hinn mil-limiti ta' interpretazzjoni konformi tal-Artikolu 41(1) tar-Regolament Nru 6/2002 u pproċediet, fir-realtà, għal applikazzjoni diretta tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, kif interpretat minn din il-qorti, għad-detriment tal-formulazzjoni ċara ta' dan l-Artikolu 41(1) u bi ksur tan-natura eżawrjenti ta' dan tal-aħħar.

Fil-fatt, mill-formulazzjoni ċara u min-natura eżawrjenti tal-imsemmi Artikolu 41(1) jirriżulta b'mod inekwivoku li, minn naħa, applikazzjoni internazzjonali ppreżentata skont il-PCT tista' tkun il-bażi ta' dritt ta' prijorità, b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, fil-każ biss li l-applikazzjoni internazzjonali inkwistjoni jkollha bħala suġġett mudell ta' utilità u, min-naħa l-oħra, it-terminu sabiex jintalab dan id-dritt ta' prijorità abbażi ta' tali applikazzjoni huwa dak ta' sitt xhur, espressament stabbilit fl-imsemmija dispożizzjoni.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi adottata mill-Qorti Ġenerali, li tipprovdi li din id-dispożizzjoni tippermetti li tiġi invokata l-prijorità ta' "applikazzjoni internazzjonali għal privattiva" preċedenti meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal disinn sussegwenti f'terminu ta' tnax-il xahar, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li din l-interpretazzjoni kienet ukoll ivvizzjata bi żbalji ta' liġi.

Fil-fatt, minn qari flimkien tat-Taqsimiet A, C u E ta' dan l-Artikolu 4 jirriżulta li dan ma jippermettix tali talba ta' prijorità u għalhekk, *a fortiori*, ma jipprevedix regoli dwar it-terminu mogħti lill-applikant għal dan il-għan. Għaldaqstant, hija biss applikazzjoni internazzjonali ppreżentata skont il-PCT li tirrigwarda mudell ta' utilità li tista' tagħti lok għal dritt ta' prijorità għal applikazzjoni għal disinn skont l-imsemmi Artikolu 4, u dan fit-terminu ta' sitt xhur imsemmi fil-paragrafu 1 tat-Taqsima E tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-aggravju uniku, annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u ddeċidiet fuq ir-rikors fl-ewwel istanza, billi ċaħditu.

## 2. Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem

### Sentenza tal-14 ta' Marzu 2024, D & A Pharma vs Il-Kummissjoni (C-291/22 P, EU:C:2024:228)

*"Appell – Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem – Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq – Indipendenza tal-esperti kkonsultati mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva – Kriterji sabiex tiġi vverifikata l-assenza ta' kunflitti ta' interessi – Politika tal-EMA dwar l-interessi kompetituri – Attivitajiet bħala riċerkatur prinċipali jew konsulent għall-industrija farmaċewtika jew bħala persuna li tagħti parir strateġiku lill-industrija farmaċewtika – Prodotti rivali – Proċedura ta' eżami mill-ġdid – Regolament (KE) Nru 726/2004 – Artikoli 56, 62 u 63 – Linji Gwida tal-EMA – Konsultazzjoni ma' grupp xjentifiku konsultattiv (GSC) jew ma' grupp ta' esperti ad hoc"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet l-appell ippreżentat minn Debrégeas et associés Pharma SAS (D & A Pharma) (iktar 'il quddiem "D & A Pharma") mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża D & A Pharma vs

Il-Kummissjoni u EMA (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") [292]. B'dan il-mod, hija ċċarat il-portata tal-prinċipji li għandhom jiġu osservati fil-proċedura mmexxija mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) għall-evalwazzjoni tal-prodotti mediċinali.

L-appellanti kienet ippreżentat applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq (iktar 'il quddiem "ATS") ikkundizzjonat quddiem l-EMA, skont ir-Regolament Nru 507/2006 [293], għall-prodott mediċinali Hopveus. Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (iktar 'il quddiem iċ-"CHMP") ta opinjoni sfavorevoli fir-rigward ta' din l-applikazzjoni. Wara talba għall-eżami mill-ġdid ta' din l-opinjoni mressqa skont ir-Regolament Nru 726/2004 [294], iċ-CHMP sejjaħ grupp ta' esperti *ad hoc*, li fih ipparteċipa, b'mod partikolari, espert li kien simultanjament riċerkatur prinċipali għall-prodott mediċinali AD 04. Peress li dan il-grupp ta' esperti wkoll ta opinjoni sfavorevoli, il-Kummissjoni, fis-6 ta' Lulju 2020, ikkonfermat ir-rifjut tal-applikazzjoni għal ATS ikkundizzjonat (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Wara ċ-ċaħda tar-rikors tagħha kontra d-deċiżjoni kontenzjuża mill-Qorti Ġenerali, l-appellanti ppreżentat dan l-appell mis-sentenza appellata.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

*Fuq it-talba għall-annullament tas-sentenza appellata*

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-imparzjalità oġġettiva taċ-CHMP, u għaldaqstant tal-EMA, tkun kompromessa meta kunflitt ta' interessi min-naħa ta' wieħed mill-membri taċ-CHMP ikun jista' jirriżulta minn sovrappożizzjoni ta' funzjonijiet, u dan indipendentement mill-aġir personali ta' dan il-membru. Tali nuqqas jista' jivvizzja b'illegalità d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fi tmiem il-proċedura. L-imparzjalità oġġettiva taċ-CHMP tkun ukoll kompromessa meta espert li jkun jinsab f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi jkun jagħmel parti mill-grupp ta' esperti li jiġi kkonsultat minn dan il-kumitat fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid li jwassal għall-opinjoni tal-EMA u għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni għal ATS.

Fil-fatt, l-opinjoni fformulata mill-grupp ta' esperti msejjaħ miċ-CHMP għandha influwenza, potenzjalment deċiżiva, fuq l-opinjoni tal-EMA u, permezz ta' din l-opinjoni, fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Issa, kull membru ta' dan il-grupp jista', jekk ikun il-każ, jinfluwenza b'mod kunsiderevoli d-diskussjonijiet u d-deliberazzjonijiet li jseħħu b'mod kunfidenzjali fi ħdan l-imsemmi grupp.

Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, kunflitt ta' interessi minn naħa ta' membru tal-grupp ta' esperti kkonsultat miċ-CHMP jivvizzja sostanzjalment il-proċedura. Il-fatt li, wara d-diskussjonijiet u d-deliberazzjonijiet tiegħu, dan il-grupp ta' esperti jifformula b'mod kolleġġjali l-opinjoni tiegħu ma jneħħix tali difett.

Ma jistax ikun meħtieġ li l-persuni li l-każijiet tagħhom ikunu ttrattati minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni jipproduċu l-prova ta' indizji konkreti ta' parzjalità. Fil-fatt, l-imparzjalità oġġettiva għandha tiġi evalwata abbażi ta' kriterji li jkunu indipendenti mill-aġir speċifiku tal-esperti kkonċernati.

Fir-rigward ta' dawn il-kriterji, li għandhom jippermettu li tiġi żgurata l-imparzjalità u l-indipendenza tal-persuni li jikkontribwixxu għat-tfassil tal-opinjonijiet xjentifiċi tal-EMA, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat,

---

292 Sentenza tat-2 ta' Marzu 2022, D & A Pharma vs Il-Kummissjoni u EMA (T-556/20, EU:T:2022:111).

293 Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 507/2006 tad-29 ta' Marzu 2006 dwar l-awtorizzazzjoni kondizzjonali għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li jagħmlu parti mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2006, L 330M, p. 315).

294 Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol 34, p. 229, rettifika fil-ĠU 2023, L 92, p. 31).

l-ewwel, li, sabiex l-EMA tkun tista' tilħaq b'mod effikaċi l-għan assenjat lilha, u fid-dawl tal-evalwazzjonijiet tekniċi kumplessi li hija għandha twettaq, is-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa tagħha timmanifesta ruħha b'mod partikolari fid-definizzjoni tal-imsemmija kriterji.

Madankollu, minkejja l-eżistenza ta' din is-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa u minkejja l-importanza tal-interess pubbliku mfittex, l-EMA hija, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħha, marbuta bir-rekwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tipprovdi li kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet għandha tosserva l-kontenut essenzjali ta' dawn id-drittijiet u ta' dawn il-libertajiet, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Minn dan isegwi li, minkejja li l-għan ta' interess ġenerali relatat man-neċessità li jkollha l-aħjar pariri xjentifiċi possibbli jista' jiġġustifika tnaqqis fis-severità tar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva tal-persuni, rekwiżit li jirriżulta mid-dritt fundamentali għal amministrazzjoni tajba, l-EMA għandha tosserva l-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt fundamentali, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. B'mod partikolari, ma jistax jiġi aċċettat li din l-aġenzija, bl-iskuża li tkun tixtieq timmassimizza n-numru ta' esperti disponibbli, tipprevedi restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-mandat tagħhom li jkunu jidhru insuffiċjenti sabiex jiggarantixxu proċedura imparzjali. Dan ikun il-każ jekk l-esperti li l-attivitajiet tagħhom jiżvelaw interess attwali relatat ma' prodott rivali tal-prodott ikkonċernat ikunu jistgħu jkunu membri tal-grupp ta' esperti msejjaħ miċ-CHMP għall-finijiet tal-eżami mill-ġdid tal-applikazzjoni għall-ATS ta' dan l-aħħar prodott.

It-tieni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-politika tal-EMA dwar l-interessi kompetituri tiddefinixxi l-kunċett ta' "prodott rivali" bħala "prodott mediċinali intiż għal popolazzjoni ta' pazjenti simili bl-istess għan kliniku (jiġifieri t-trattament, il-prevenzjoni jew id-dijanjosi ta' patoloġija speċifika) u li jikkostitwixxi kompetizzjoni kummerċjali potenzjali".

Din id-definizzjoni tirrifletti l-kriterju adottat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jiġi evalwat jekk żewġ prodotti farmaċewtiċi jkunux kompetituri f'suq partikolari. Skont din il-ġurisprudenza, dan ikun il-każ meta, għall-istess indikazzjoni terapewtika, dawn il-prodotti jkunu interkambjabbli jew sostitwibbli.

Kien għalhekk abbażi ta' eżami intiż li jiġi ddeterminat jekk, fil-każ tal-kummerċjalizzazzjoni tal-AD 04 u tal-Hopveus, dawn il-prodotti, it-tnejn żviluppati sabiex tiġi ttrattata d-dipendenza fuq l-alkoħol, kinux jippreżentaw tali grad ta' interkambjabbiltà jew ta' sostitwibbiltà li minnu kellha tintlaħaq konklużjoni dwar l-eżistenza jew l-assenza ta' kompetizzjoni kummerċjali potenzjali bejn dawn iż-żewġ prodotti.

Din l-evalwazzjoni tal-interkambjabbiltà jew tas-sostitwibbiltà ma kellhiex titwettaq biss fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tal-imsemmija prodotti. Fil-fatt, l-eżami tal-kompetizzjoni kummerċjali potenzjali bejn il-prodotti inkwistjoni kellu jkun ibbażat fuq evalwazzjoni globali tal-elementi li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk il-pazjenti u t-tobba tagħhom li jippreskrivu prodotti mediċinali setgħux jaraw fi prodott alternattiva valida għall-ieħor.

Billi eskludiet il-possibbiltà ta' kompetizzjoni kummerċjali minħabba li l-AD 04 u l-Hopveus kellhom għanijiet kliniċi differenti u kienu intiżi għal gruppi ta' pazjenti differenti, jiġifieri, fir-rigward tal-ewwel wieħed, dawk li jkollhom l-intenzjoni li jillimitaw il-konsum tal-alkoħol tagħhom u, fir-rigward tat-tieni, dawk li jkollhom l-intenzjoni li jwaqqfu purament u sempliċement dan il-konsum, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx tali evalwazzjoni globali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li s-sempliċi differenza ta' intensità fil-portata tal-azzjoni terapewtika bejn żewġ prodotti intiżi li jittrattaw l-istess patoloġija tista' preċiżament tħeġġeġ lil ċerti pazjenti, li jkunu jsofru minn din il-patoloġija, jissostitwixxu, fil-kuntest tat-trattament tagħhom, wieħed minn dawn il-prodotti bl-ieħor skont l-evoluzzjoni tas-sintomi tagħhom jew tal-kunsiderazzjonijiet ta' opportunità terapewtika u ta' effikaċja li jkunu jirriżultaw mit-tobba tagħhom li jippreskrivu prodotti mediċinali.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina jekk l-imsemmija prodotti setgħux jikkompetu bejniethom fid-dawl b'mod partikolari tal-fatt li l-evoluzzjoni tat-trattament tal-istess pazjent setgħet twassal lit-tabib tiegħu jippreskrivilu, matul dan it-trattament, alternattivament dawn iż-żewġ prodotti, skont is-sintomi u l-kunsiderazzjonijiet ta' opportunità terapewtika u ta' effikaċja.

It-tielet, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-EMA għandha, fi kwalunkwe każ, tinterpreta u tapplika l-politika tagħha dwar l-interessi kompetituri konformement mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

F'dan il-każ, il-politika dwar l-interessi kompetituri timponi miżura ta' attenwazzjoni fuq l-esperti li jkollhom interess kompetitur attwali bħala riċerkatur prinċipali, li tgħid li huma jistgħu, fil-proċeduri dwar il-"prodott mediċinali kkonċernat", ikunu involuti "biss fid-diskussjonijiet", mingħajr ma jipparteċipaw fid-"deliberazzjonijiet finali u fil-votazzjoni". Din il-miżura ta' attenwazzjoni ma tistax, mingħajr ma tillimita b'mod sproporzjonat il-protezzjoni tal-imparzjalità oġġettiva, tiġi interpretata jew applikata fis-sens li espert li jkun fl-istess ħin ir-riċerkatur prinċipali għal prodott rivali tal-prodott ikkonċernat jista' jipparteċipa fl-attivitajiet ta' grupp ta' esperti kkonsultat miċ-CHMP fil-proċedura dwar eżami mill-ġdid ta' applikazzjoni għal ATS għall-prodott ikkonċernat.

Tali parteċipazzjoni, min-natura tagħha, ma hijiex adatta sabiex tiggarantixxi li l-proċedura ta' eżami mill-ġdid inkwistjoni tiżvolġi b'mod imparzjali. Fil-fatt, rifjut ta' ATS għall-prodott rivali li jkun is-suġġett tal-eżami mill-ġdid jista' jippreżenta interess kummerċjali kunsiderevoli għall-impriża li fuq l-inkoraġġiment u/jew l-isponsorizzazzjoni tagħha tali espert jeżerċita l-attività tiegħu ta' riċerkatur prinċipali.

Minn dan jirriżulta li s-sentenza appellata kienet ivvizzjata bi żball ta' liġi, inkwantu l-interpretazzjoni tal-politika dwar l-interessi kompetituri mwettqa mill-Qorti Ġenerali kienet inkompatibbli mal-prinċipju ta' imparzjalità oġġettiva.

Bl-istess mod, ir-restrizzjonijiet – fis-sens tal-politika dwar l-interessi kompetituri – imposti fuq l-esperti ma jistgħux, kuntrarjament għal dak li qieset il-Qorti Ġenerali, jiġu interpretati u applikati fis-sens li konsulent jew persuna li tagħti parir strateġiku għal prodotti mediċinali individwali ta' impriża farmaċewtika jistgħu jkunu membru tal-grupp ta' esperti *ad hoc* imsejjaħ miċ-CHMP għall-finijiet tal-eżami mill-ġdid tal-applikazzjoni għal ATS ippreżentata għal prodott rivali ta' wieħed minn dawn il-prodotti mediċinali individwali. Tali interpretazzjoni hija fil-fatt ukoll inkompatibbli mal-prinċipju ta' imparzjalità oġġettiva.

Għaldaqstant, l-aggravju bbażat fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' imparzjalità oġġettiva kien fondat u kien jiġġustifika l-annullament tas-sentenza appellata.

*Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali*

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, qabelxejn, li mil-Linji Gwida dwar il-proċedura ta' eżami mill-ġdid jirriżulta li l-EMA timpenja ruħha li ċ-CHMP jikkonsulta sistematikament ma' grupp xjentifiku konsultattiv (iktar 'il quddiem il-"GSC") meta l-applikant għal eżami mill-ġdid jitlob, fi żmien xieraq u b'mod debitament motivat, tali konsultazzjoni. Minn dan jirriżulta wkoll li l-GSC li quddiemu titressaq talba għal dan l-għan għandu jkun dak li ġie stabbilit fil-qasam terapewtiku li taħtu jaqa' l-prodott inkwistjoni u li grupp ta' esperti *ad hoc* jissejjaħ jekk ebda GSC ma jkun stabbilit f'dan il-qasam.

Iċ-CHMP għandu, fil-kwalità tiegħu ta' kumitat kompetenti tal-EMA, japplika r-regoli ta' kondotta stabbiliti minn din l-aġenzija, li taħthom jaqgħu il-Linji Gwida dwar il-proċedura ta' eżami mill-ġdid. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, billi jadottaw regoli ta' kondotta u billi jħabbru permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom li huma jkunu ser japplikawhom għall-każijiet koperti minnhom, istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni jillimitaw lilhom innifishom fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom.

Minħabba l-limitazzjoni tas-setgħa ta' evalwazzjoni tal-EMA, li hija imposta bl-istess mod fuq iċ-CHMP, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan tal-aħħar jeċċedi manifestament il-limiti ta' din is-setgħa ta' evalwazzjoni meta jiddeċiedi li jsejjaħ grupp ta' esperti *ad hoc*, minkejja li jkun ikkonstata li l-indikazzjoni terapewtika tal-prodott inkwistjoni taqa', tal-inqas b'mod predominanti, taħt qasam terapewtiku li għalih huwa stabbilit GSC, jew meta jiddeċiedi li jsejjaħ grupp ta' esperti *ad hoc* billi jibbaża ruħu fuq elementi li jirrigwardaw diġà t-trattament fil-mertu, miċ-CHMP, tat-talba għal eżami mill-ġdid jew fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura ipotetika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-konsultazzjoni mal-GSC tippermetti liċ-CHMP jirċievi opinjoni mfassla mill-esperti permanenti ta' dan il-GSC. Barra minn hekk, dan il-grupp imsejjaħ "prinċipali" tal-GSC jista' jiġi ssupplimentat minn esperti addizzjonali li jkunu speċjalizzati fit-trattament ta' problemi speċifiċi mqajma mill-mistoqsijiet li ċ-CHMP jkollu l-intenzjoni li jagħmel. Il-konsultazzjoni ma' tali grupp ta' esperti li jinkludi, minn naħa, grupp li jiżgura, permezz tan-natura permanenti tiegħu u tal-kompożizzjoni bbilanċjata tiegħu, il-kontinwità u l-koerenza fl-ipproċessar tal-fajls u, min-naħa l-oħra, esperti addizzjonali speċjalizzati fit-trattament ta' problemi speċifiċi mqajma fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid tiggarantixxi t-tfassil tal-"aħjar konsulenza xjentifika possibbli", u b'hekk tippermetti lill-EMA tikkonforma ruħha mal-missjoni fdata lilha.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sejħa, f'qasam terapewtiku li għalih huwa stabbilit GSC, ta' grupp ta' esperti *ad hoc* ma tistax tiġi aċċettata abbażi tal-kunsiderazzjoni taċ-CHMP li grupp ta' esperti *ad hoc* ikun iktar adattat sabiex iwieġeb għall-mistoqsijiet tiegħu milli l-GSC stabbilit, jekk ikun il-każ imsaħħaħ minn esperti addizzjonali.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet li d-deċiżjoni li jissejjaħ grupp ta' esperti *ad hoc* minflok il-GSC Psikjatrija tikkostitwixxi difett li vvizzja l-proċedura ta' adozzjoni tal-opinjoni tal-EMA. Konsegwentement, il-proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet hija stess ivvizzjata b'difett formali.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-deċiżjoni kontenzjuża.

## 3. Kontroll tal-akkwist u tal-pussess ta' armi tan-nar

### Sentenza tal-5 ta' Marzu 2024 (Awla Manja), Défense Active des Amateurs d'Armes *et* (C-234/21, EU:C:2024:200)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Direttiva 91/477/KEE – Kontroll tal-akkwist u tal-pussess ta' armi tan-nar – Armi tan-nar ipprojbiti jew suġġetti għal awtorizzazzjoni – Armi tan-nar semiawtomatiċi – Direttiva 91/477, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2017/853 – Artikolu 7(4a) – Possibbiltà għall-Istati Membri li jikkonfermaw, iġeddu jew jestendu l-awtorizzazzjonijiet – Allegata impossibbiltà li din il-possibbiltà tiġi eżerċitata fir-rigward tal-armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti għall-isparar inbjank jew f'armi akustiċi u tas-salut – Validità – Artikolu 17(1) u Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Cour constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Belġju), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat il-validità tal-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477, dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' armi [295], kif emendata bid-

[295] Skont l-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 11, p. 3, rettifika fil-ĠU 2020, L 191, p. 5), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2017/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 (ĠU 2017, L 137, p. 22) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/477"), "[l]-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkonfermaw, iġeddu jew itawwlu awtorizzazzjonijiet għal armi tan-nar semiawtomatiċi kklassifikati fil-punt 6, 7 jew 8 tal-kategorija A fir-rigward ta' arma tan-nar li kienet ikklassifikata fil-kategorija B, u akkwistata legalment u rreġistrata, qabel it-13 ta' Ġunju 2017, soġġett għall-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti

Direttiva 2017/853, fid-dawl tad-dritt għall-proprjetà [296] kif ukoll tal-prinċipji ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi [297], ta' nondiskriminazzjoni [298] u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din id-dispożizzjoni, kuntrarjament għall-premessa interpretattiva adottata mill-qorti tar-rinviju, tawtorizza lill-Istati Membri jeżerċitaw il-possibbiltà li jipprevedu sistema tranżitorja li tkopri l-armi tan-nar semiawtomatiċi kollha legalment akkwistati u rreġistrati, qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/853, fit-13 ta' Ġunju 2017, kemm jekk ikunu armi tan-nar semiawtomatiċi li jistgħu jisparaw balal [299] u kemm jekk armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti għall-isparar inbajk, għall-ispirar ta' sustanzi irritanti, ta' sustanzi attivi oħra jew ta' munizzjoni piroteknìċi, jew ikkonvertiti f'armi akustiċi u tas-salut (iktar 'il quddiem l-"armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti") [300].

Défense Active des Amateurs d'Armes ASBL, NG u WL kienu adixxew lill-Qorti Kostituzzjonali b'rikors għall-annullament ta' dispożizzjoni ta' liġi Belġjana li ma kinitx tipprevedi, kuntrarjament għall-armi semiawtomatiċi li jistgħu jisparaw balal, il-possibbiltà, bħala miżura tranżitorja, li jinżamm il-pussess ta' armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti akkwistati qabel it-13 ta' Ġunju 2017 [301]. Il-Qorti Kostituzzjonali qieset li l-Artikolu 153(5) tal-Liġi tal-5 ta' Mejju 2019, moqri flimkien mal-Artikolu 163 ta' din il-liġi, kien jistabbilixxi f'dan is-sens differenza fit-trattament bejn, minn naħa, il-persuni li, qabel it-13 ta' Ġunju 2017, kienu legalment akkwistaw u rreġistraw arma semiawtomatika li tista' tispara balal u, min-naħa l-oħra, dawk li, qabel din l-istess data, kienu legalment akkwistaw u rreġistraw arma tan-nar semiawtomatika kkonvertita biex tintuża biss għall-isparar inbjank, sa fejn il-persuni fl-ewwel kategorija biss kienu jibbenefikaw minn sistema tranżitorja li kienet tippermettilhom ikomplu jżommu, taħt kundizzjonijiet, l-arma tan-nar semiawtomatika tagħhom, li hija attwalment ipprojbita. Skont il-qorti tar-rinviju, din id-differenza fit-trattament kienet toriġina mill-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477, peress li din id-dispożizzjoni fil-fehma tagħha ma ppermettietx lil Stat Membru jestendi tali sistema tranżitorja għal din it-tieni kategorija ta' armi semiawtomatiċi. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità ta' dan l-artikolu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Qabelxejn, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat l-eżattezza tal-premessa li fuqha kienet ibbażata l-kwistjoni li tressqet quddiemha u li tipprovdi li l-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477 jawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu sistema tranżitorja biss għall-armi tan-nar semiawtomatiċi li jistgħu jisparaw balal li jaqgħu taħt il-kategoriji A.6 sa A.8, u mhux għall-armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti, li jaqgħu taħt il-kategorija A.9.

F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, hija kkonstatat li, fid-dawl tal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-possibbiltà offruta lill-Istati Membri li jikkonfermaw, iġeddu jew jestendu awtorizzazzjonijiet tapplika biss għall-armi tan-nar semiawtomatiċi li jaqgħu taħt il-kategoriji A.6 sa A.8 li, qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/853, kienu kklassifikati fil-kategorija B ta' "armi tan-nar soġġetti għal

f'din id-Direttiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li tali armi tan-nar jiġu akkwistati minn persuni awtorizzati oħra mill-Istati Membri skont din id-Direttiva [...]".

296 Previst fl-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

297 Previst fl-Artikolu 20 tal-Karta.

298 Previst fl-Artikolu 21 tal-Karta.

299 Imsemmija fil-punti 6 sa 8 tal-"Kategorija A – Armi tan-nar ipprojbiti", li tinsab fil-punt A tal-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 91/477 (iktar 'il quddiem il-"kategoriji A.6 sa A.8").

300 Imsemmija fil-punt 9 tal-"Kategorija A Armi tan-nar ipprojbiti", li tinsab fil-punt A tal-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 91/477 (iktar 'il quddiem il-"kategoriji A.9").

301 Loi du 5 mai 2019 portant des dispositions diverses en matière pénale et en matière de cultes (il-Liġi tal-5 ta' Mejju 2019 li Tistabbilixxi Diversi Dispożizzjonijiet fil-Qasam Kriminali u fil-Qasam tal-Kulti) (Moniteur belge tal-24 ta' Mejju 2019, p. 50023) (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-5 ta' Mejju 2019"). L-Artikoli 151 sa 163 ta' din il-liġi jittrasponu parzjalment id-Direttiva 2017/853 fl-ordinament ġuridiku Belġjan.

awtorizzazzjoni” [302] u li kienu ġew legalment akkwistati u rreġistrati qabel it-13 ta’ Ġunju 2017 [303], bla ħsara għall-osservanza tal-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti fid-Direttiva 91/477.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li minnu jagħmel parti l-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat, l-ewwel nett, jekk l-armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti li jaqgħu taħt il-kategorija A.9, legalment akkwistati u rreġistrati qabel it-13 ta’ Ġunju 2017, kinux ikklassifikati taħt “il-Kategorija B - armi tan-nar soġġetti għall-awtorizzazzjoni”. F’dan ir-rigward hija enfasizzat li dawn l-armi, minkejja l-konverżjoni tagħhom, jissodisfaw il-kriterji li jiddefinixxu l-kunċett ta’ “armi tan-nar” previsti mid-Direttiva 91/477 [304]. Barra minn hekk, kif tirrileva l-premessa 20 tad-Direttiva 2017/853 [305], jeżisti riskju kbir li tali armi semiawtomatiċi kkonvertiti għall-isparar inbjank jista’ jerġa’ jkollhom l-istess livell ta’ perikolu bħal qabel billi jerġgħu jiġu kkonvertiti sabiex jisparaw tiri, balla jew projettili permezz tal-azzjoni ta’ propellant kombustibbli.

Għaldaqstant, fir-rigward ta’ dawn l-armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, minn naħa, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma eskludihomx espressament mid-definizzjoni ta’ arma tan-nar. Min-naħa l-oħra, il-preċiżazzjoni li tinsab fid-Direttiva 2017/853, li tipprovdi li huwa essenzjali li tiġi indirizzata l-problema mqajma minn tali armi billi dawn jiġu inklużi fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 91/477 [306], ma tistax tinftiehem fis-sens li dawn l-armi jaqgħu taħt il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-direttiva biss sa minn wara d-dħul fis-seħħ tal-imsemmija Direttiva 2017/853. Hija pjuttost hija intiża li tikkonferma li l-armi tan-nar semiawtomatiċi kkonvertiti jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 91/477, kif emendata bid-Direttiva 2017/853. Għaldaqstant, l-armi tan-nar semiawtomatiċi li jaqgħu taħt il-kategorija A.9, legalment akkwistati u rreġistrati qabel it-13 ta’ Ġunju 2017, għandhom jitqiesu li ġew ikklassifikati fil-kategorija B tad-Direttiva 91/477, applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/853.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat jekk l-armi tan-nar ikkonvertiti jistgħux jaqgħu kemm taħt il-kategorija A.9 kif ukoll taħt waħda mill-kategoriji A.6 sa A.8. F’dan ir-rigward, skont il-formulazzjoni tal-kategorija A.9, din tinkludi “kwalunkwe arma tan-nar f’din il-kategorija” li ġiet ikkonvertita. Għaldaqstant, sabiex arma tan-nar tkun tista’ taqa’ taħt din il-kategorija, hija għandha mhux biss tkun ġiet ikkonvertita għall-isparar inbjank, għall-isparar ta’ sustanzi irritanti, ta’ sustanzi attivi oħra jew ta’ munizzjon pirotekniċi, jew tkun ġiet ikkonvertita f’arma akustika u tas-salut, iżda għandha wkoll tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punti 2, 3, 6, 7 jew 8 tal-“Kategorija A - Armi tan-nar ipprojbiti” [307]. Din il-formulazzjoni għandha għaldaqstant it-tendenza tindika li l-fatt li tali konverżjoni tkun twettqet fuq arma, li timplika l-inklużjoni tagħha fil-kategorija A.9, ma għandux l-effett li jeżentaha mill-klassifikazzjoni tagħha fil-kategoriji A.2, A.3, A.6, A.7 jew A.8. Fil-fatt, minn naħa, l-armi li jaqgħu taħt il-kategorija A.9 jissodisfaw il-kriterji li jiddefinixxu l-kunċett ta’ “arma tan-nar” u, min-naħa l-oħra, dawn il-kategoriji A.2, A.3, A.6, A.7 jew A.8 ma jagħmlu ebda distinzjoni skont jekk l-armi tan-nar koperti minnhom ġewx ikkonvertiti jew le.

Għal dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-għanijiet imfittxija mid-Direttivi 91/477 u 2017/853, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li ż-żieda tal-kategorija A.9 matul il-proċedura leġiżlattiva li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2017/853 kienet intiża li tiċċara li l-armi tan-nar ikkonvertiti kienu jaqgħu

---

302 Li tinsab fil-punt A tal-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 91/477, kif applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/853.

303 Li tinsab fil-punt A tal-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 91/477, kif emendata bid-Direttiva 2008/51 taħt il-“Kategorija B - armi tan-nar soġġetti għall-awtorizzazzjoni” (iktar ’il quddiem il-“Kategorija B”).

304 Ara l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 91/477, fil-verżjoni tagħha ta’ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/853 u l-punt 1 tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 91/477, fil-verżjoni tagħha emendata bid-Direttiva 2017/853.

305 Ara, b’mod partikolari, il-premessa 20 tad-Direttiva 2017/853.

306 Ara l-premessa 20 tad-Direttiva 2017/853.

307 Li jinsabu fil-punt A tal-Parti II tal-Anness I tad-Direttiva 91/477 (iktar ’il quddiem il-“kategoriji A.2, A.3, A.6, A.7 jew A.8 “).

fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 91/477. Għall-kuntrarju, ebda element ma jindika li l-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq, permezz ta' din iż-żieda, ineħħi l-armi tan-nar ikkonvertiti mill-kategoriji A.2, A.3, A.6, A.7 jew A.8 jew mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477.

It-tieni nett, peress li d-Direttiva 2017/853 tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rrikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta [308], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477 huwa intiż li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet kweżiti u, b'mod partikolari, dak tad-dritt għall-proprjetà [309]. F'dan ir-rigward, dan l-artikolu essenzjalment jippermetti lill-Istati Membri jżommu l-awtorizzazzjonijiet diġà mogħtija għall-armi tan-nar semiawtomatiċi li jaqgħu taħt il-kategoriji A.6 sa A.8, li qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva kienu kklassifikati fil-kategorija B u li kienu ġew legalment akkwistati u rreġistrati qabel it-13 ta' Ġunju 2017. Għaldaqstant, id-Direttiva 91/477 ma tistax tinftiehem fis-sens li timponi l-esproprjazzjoni ta' tali armi mingħand il-proprjetarji. Għaldaqstant, fid-dawl tal-għan li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet kweżiti għall-proprjetà, l-Artikolu 7(4a), li jipprevedi eċċezzjoni għall-prinċipju tal-projbizzjoni tal-pussess tal-armi tan-nar li jaqgħu taħt il-kategoriji A.6 sa A.8, ma jistax ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni li jkollha l-effett li teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu tali armi meta dawn jissodisfaw ukoll il-kriterji supplimentari stabbiliti fil-kategorija A.9.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-Direttiva 91/477 għandha l-għan li ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fil-qasam tas-salvagwardja tas-sigurtà tal-persuni u li tiżgura s-sigurtà pubblika taċ-ċittadini tal-Unjoni. Issa, ebda wieħed minn dawn l-għanijiet ma jipprekludi li d-detenturi tal-armi tan-nar li jaqgħu kemm taħt waħda mill-kategoriji A.6 sa A.8 kif ukoll taħt il-kategorija A.9 jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-sistema tranżitorja prevista fl-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477.

Fil-fatt, minn naħa, tali interpretazzjoni hija tali li tikkontribwixxi għall-għan li jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-għan li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika taċ-ċittadini tal-Unjoni, qabelxejn, l-armi tan-nar li jissodisfaw il-kriterji tal-kategorija A.9 jidhru li jippreżentaw perikolu inqas immedjat minn dawk li jaqgħu esklużivament taħt il-kategoriji A.6 sa A.8. Imbagħad, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477 jirriżulta li l-possibbiltà prevista f'din id-dispożizzjoni tapplika biss għal armi tan-nar li jkunu ġew legalment akkwistati u rreġistrati qabel it-13 ta' Ġunju 2017. Madankollu, dan jimplika b'mod partikolari li r-rekwiżiti, partikolarment dawk dwar is-sigurtà, previsti f'dan ir-rigward mid-Direttiva 91/477, fil-verżjoni tagħha applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2017/853, kienu ġew osservati. Fl-aħħar nett, din il-formulazzjoni timplika li, fil-mument meta Stat Membru jipprevedi, bl-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni, li jikkonferma, iġedded jew jestendi awtorizzazzjoni għal arma tan-nar semiawtomatika li taqa' taħt il-kategoriji A.6 sa A.8, il-kundizzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari dawk relatati mas-sigurtà, stabbiliti fid-Direttiva 91/477, ikunu ssodisfatti.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-għan li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika taċ-ċittadini tal-Unjoni ma jistax jiġi kompromess mill-fatt li d-detenturi tal-armi tan-nar li jaqgħu kemm taħt waħda mill-kategoriji A.6 sa A.8 kif ukoll taħt il-kategorija A.9 jistgħu jibbenefikaw miż-żamma, skont l-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477, tal-awtorizzazzjonijiet diġà mogħtija għal armi li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji A.6 sa A.8.

Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 7(4a), li taqbel mal-formulazzjoni tiegħu u mal-kuntest li minnu jagħmel parti kif ukoll mal-istruttura u mal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li jagħmel parti minnha, lanqas ma għandha l-konsegwenza li ċċaħħad minn kull effett utli lill-imsemmija dispożizzjoni jew liż-żieda, permezz tad-Direttiva 2017/853, tal-kategorija A.9.

Għall-kuntrarju, din l-interpretazzjoni tiżgura l-effett utli tal-imsemmi Artikolu 7(4a) sa fejn huwa intiż li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet kweżiti u, b'mod partikolari, dak tad-dritt għall-proprjetà. Barra minn

---

308 Ara l-premessa 31 tad-Direttiva 2017/853.

309 Previst fl-Artikolu 17(1) tal-Karta.

hekk, din bl-ebda mod ma taffettwa l-għan ta' kjarifika li l-leġiżlatur tal-Unjoni fittex li jilħaq permezz taż-żieda tal-kategorija A.9. Barra minn hekk, din il-kategorija tinkludi mhux biss l-armi tan-nar li jaqgħu kemm taħt il-kategoriji A.6 sa A.8 kif ukoll taħt il-kategorija A.9, iżda wkoll dawk li jaqgħu taħt il-kategoriji A.2 u A.3 li għaddew minn tali konverżjonijiet, li ma kinux, min-naħa tagħhom, koperti mill-possibbiltà mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477.

Fid-dawl tal-interpretazzjoni hekk adottata tal-Artikolu 7(4a) tad-Direttiva 91/477, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-premessa li fuqha kienet ibbażata d-domanda tal-Qorti Kostituzzjonali kienet żbaljata u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżami ta' din id-domanda ma żvela ebda element tali li jaffettwa l-validità tal-imsemmi artikolu fid-dawl tad-dritt għall-proprjetà kif ukoll tal-prinċipji ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, ta' nondiskriminazzjoni u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

# XV. Politika ekonomika u monetarja

**Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni vs SRB (C-551/22 P, EU:C:2024:520)**

*"Appell – Politika ekonomika u monetarja – Unjoni bankarja – Regolament (UE) Nru 806/2014 – Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni – Proċedura ta' riżoluzzjoni applikabbli fil-każ li entità tkun qiegħda tfalli jew li x'aktarx tkun ser tfalli – Artikolu 18(7) – Adozzjoni mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni – Approvazzjoni ta' din l-iskema mill-Kummissjoni Ewropea – Artikolu 86(2) – Att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà"*

Adita b'appell ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2022, fil-kawża Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u SFL vs SRB [310], l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet dan l-appell u, filwaqt li tat deċiżjoni definittiva fuq il-mertu, ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali mill-Fundación u mill-iStiftung für Forschung und Lehre kontra d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), tas-7 ta' Ġunju 2017, dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español SA [311] (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża"), adottata abbażi tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 [312].

Fi tmiem l-analiżi tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża ma kinitx tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u, konsegwentement, annullat is-sentenza appellata sa fejn iddikjarat ammissibbli r-rikors intiż għall-annullament ta' din l-iskema. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat din l-analiżi, b'mod partikolari, fuq il-prinċipji ta' delega tas-setgħat lill-aġenziji identifikati fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja [313], u mfakkra fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill [314].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, moqri flimkien mal-ewwel paragrafu tiegħu, id-dispożizzjonijiet jew il-miżuri kollha adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni, tkun xi tkun il-forma tagħhom, li jkunu intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi ta' persuna fiżika jew ġuridika, billi jbiddlu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tagħha. Sabiex jiġi ddeterminat jekk att jipproduċix tali effetti u jekk, għaldaqstant, jistax ikun suġġett għal tali rikors, għandu jsir riferiment għas-sustanza ta' dan l-att u dawn l-effetti għandhom jiġu evalwati fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħalma huwa l-kontenut tal-imsemmi att, b'teħid inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, tal-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar kif ukoll tas-setgħat tal-istituzzjoni, tal-korp jew tal-organu li jkunu l-awturi tiegħu.

---

[310] Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2022, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u SFL vs SRB (T-481/17, EU:T:2022:311, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata").

[311] Deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tas-sessjoni eżekuttiva tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), tas-7 ta' Ġunju 2017, dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español SA.

[312] Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament SRM").

[313] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7).

[314] Sentenza tat-22 ta' Jannar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-270/12, EU:C:2014:18).

Għal dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, il-kontenut tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din l-iskema ma kinitx għada ġiet approvata waqt l-adozzjoni tagħha matul is-sessjoni eżekuttiva tas-SRB tas-7 ta' Ġunju 2017, peress li sussegwentement ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni għall-finijiet tal-approvazzjoni tagħha, li minnha kien jiddependi d-dħul fis-seħħ tagħha u, b'dan il-mod, il-produzzjoni minnha ta' effetti legali vinkolanti.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, hekk kif kien jindika l-preambolu tagħha, hija kellha bħala bażi legali r-Regolament SRM [315]. L-iskema stabbilita minn dan ir-regolament kienet ibbażata fuq il-konstatazzjoni [316] li l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni previsti kienu jaqgħu taħt il-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet bankarji, li huma biss l-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jistgħu jiddefinixxu, u li jeżisti marġni ta' evalwazzjoni fl-adozzjoni ta' kull skema ta' riżoluzzjoni, fid-dawl, b'mod partikolari, tar-riperkussjonijiet kunsiderevoli tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri u fuq l-Unjoni nnifisha, kif ukoll fuq is-sovranità baġitarja tal-Istati Membri. Għal dawn ir-raġunijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies neċessarju li jipprevedi l-parteċipazzjoni xierqa tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, jiġifieri parteċipazzjoni li ssaħħaħ l-indipendenza operattiva neċessarja tas-SRB filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji ta' delega tas-setgħat lill-aġenziji.

F'dan l-aħħar rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fis-sentenzi Meroni vs L-Awtorità Għolja u Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill, hija essenzjalment iddeċidiet li l-konsegwenzi li jirriżultaw minn delega ta' setgħat huma differenti ħafna skont jekk din id-delega tirrigwardax, minn naħa, setgħat ta' eżekuzzjoni ddelimitati b'mod ċar u li l-użu tagħhom jista' jkun suġġett għal kontroll rigoruż fid-dawl ta' kriterji oġġettivi stabbiliti mill-awtorità li tiddelega, jew, min-naħa l-oħra, "setgħa diskrezzjonali, li timplika libertà ta' diskrezzjoni wiesgħa, li tista' tirriżulta skont l-użu li jsir minnha, f'politika ekonomika reali". Delega tal-ewwel tip ma tistax tbiddel b'mod sinjifikattiv il-konsegwenzi li jwassal għalihom l-eżerċizzju tas-setgħat li hija taffettwa, filwaqt li delega tat-tieni tip, billi tissostitwixxi l-għażliet tal-awtorità ddelegata flok dawk tal-awtorità li tiddelega, topera "trasferiment effettiv tar-responsabbiltà". Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Meroni vs L-Awtorità Għolja, hija ddeċidiet li d-delega tas-setgħat inkwistjoni, sa fejn tagħti lill-organi kkonċernati "libertà diskrezzjonali li timplika setgħa diskrezzjonali wiesgħa", ma setgħetx titqies kompatibbli mar-"rekwiżiti tat-Trattat", filwaqt li ppreċiżat li, billi rriżervat biss il-possibbiltà li tirrifjuta l-approvazzjoni tagħha għad-deċiżjonijiet ta' dawn il-korpi, l-Awtorità Għolja ma kinitx żammet setgħat suffiċjenti sabiex tevita tali trasferiment ta' responsabbiltà

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġurisprudenza li tirriżulta minn din is-sentenza hija bbażata fuq il-premessa li l-bilanċ tas-setgħat, karatteristika tal-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni, jikkostitwixxi garanzija fundamentali mogħtija mit-Trattati u li d-delega ta' setgħa diskrezzjonali wiesgħa tippreġudika din il-garanzija, inkwantu din tagħti din is-setgħa lil awtoritajiet differenti minn dawk li jkunu ġew stabbiliti mit-Trattati sabiex jiżguraw u jikkontrollaw l-eżerċizzju tagħha fil-kuntest tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa msemmija minn din il-ġurisprudenza tirrigwarda, b'mod partikolari, il-kwistjonijiet fundamentali tal-qasam politiku kkonċernat, li jinvolvu marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex jiġu rrikonċiljati diversi għanijiet kultant kontradittorji.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li mill-imsemmija ġurisprudenza jirriżulta b'mod partikolari li l-applikabbiltà tal-prinċipji ta' delega tas-setgħat lill-aġenziji identifikati minnha ma tiddependix min-natura individwali jew ġenerali tal-atti li l-aġenziji huma awtorizzati jadottaw, iżda biss mill-kwistjoni dwar jekk id-delega tirrigwardax setgħa diskrezzjonali wiesgħa jew, għall-kuntrarju, setgħat ta' implementazzjoni ddefiniti b'mod preċiż.

---

[315] B'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu.

[316] Ara, essenzjalment, il-premessi 24 u 26 tar-Regolament SRM.

Issa, is-sistema stabbilita mir-Regolament SRM [317] hija intiża li tikkonkretizza l-prinċipji stabbiliti fis-sentenza Meroni vs L-Awtorità Għolja u mfakkra fis-sentenza Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill.

Fil-fatt, is-SRB huwa ċertament responsabbli għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni kollha relatati, b'mod partikolari, ma' istituzzjonijiet finanzjarji u ma' gruppi meqjusa li huma importanti għall-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni kif ukoll għal gruppi transkonfinali oħra [318]. Għal dan l-għan, huwa jadotta skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dawn l-entitajiet u gruppi biss jekk iqis, wara li jirċievi l-komunikazzjoni tal-evalwazzjoni tal-BĊE dwar il-falliment li jkun qiegħed iseħħ jew li x'aktarx ikun ser iseħħ tal-entità kkonċernata jew *ex officio* [319], li l-kundizzjonijiet ta' riżoluzzjoni [320], li jkunu relatati mal-fatt li l-entità tkun qiegħda tfalli jew li x'aktarx tkun ser tfalli, mal-assenza ta' miżuri alternattivi meta mqabbla mar-riżoluzzjoni kif ukoll man-neċessità ta' din ir-riżoluzzjoni fl-interess pubbliku, ikunu ssodisfatti. F'dan il-każ, is-SRB għandu jadotta [321] skema ta' riżoluzzjoni li tissuġġetta lill-entità kkonċernata għal proċedura ta' riżoluzzjoni u li tiddetermina l-applikazzjoni għaliha tal-istrumenti ta' riżoluzzjoni [322] kif ukoll l-użu tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Madankollu, minkejja s-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa hekk mogħtija lis-SRB dwar jekk u b'liema mezzi l-entità kkonċernata għandha tkun suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni, l-imsemmija setgħa hija rregolata minn kriterji u kundizzjonijiet oġġettivi li jiddelimitaw il-kamp ta' azzjoni tas-SRB u jirrigwardaw kemm il-kundizzjonijiet kif ukoll l-istrumenti ta' riżoluzzjoni [323]. Barra minn hekk, ir-Regolament SRM jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill fil-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni, li, sabiex tidħol fis-seħħ, għandha tirċievi l-approvazzjoni tal-Kummissjoni u, jekk ikun il-każ, tal-Kunsill.

Huwa għalhekk li s-SRB għandu jinforma lill-Kummissjoni b'kull miżura li huwa jieħu sabiex jipprepara riżoluzzjoni u jiskambja, mal-Kummissjoni u mal-Kunsill, l-informazzjoni kollha neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tagħhom [324]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha taħtar rappreżentant awtorizzat li jipparteċipa fil-laqgħat tas-SRB, f'sessjoni eżekuttiva u f'sessjoni plenarja, bħala osservatur permanenti u dan ir-rappreżentant għandu jkollu d-dritt jipparteċipa fid-diskussjonijiet u jkollu aċċess għad-dokumenti kollha [325]. Barra minn hekk, is-SRB għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-iskema ta' riżoluzzjoni immedjatament wara l-adozzjoni tagħha, u, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa wara din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha jew tapprova l-imsemmija skema, jew toġġezzjona għall-aspetti diskrezzjonali tagħha, bl-esklużjoni ta' dawk relatati mal-osservanza tal-kriterju tal-interess pubbliku u mal-ammont previst għall-użu tal-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni [326]. Fir-rigward ta' dawn l-aħħar aspetti diskrezzjonali, il-Kummissjoni tista', f'terminu ta' tnax-il siegħa mill-imsemmija komunikazzjoni, tipproponi lill-Kunsill iqajjem oġġezzjonijiet [327]. Fl-aħħar nett, l-iskema ta' riżoluzzjoni tista' tidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill jew mill-

---

[317] Hekk kif tirriżulta mill-premessi 24 u 26 tar-Regolament SRM.

[318] Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament SRM.

[319] Skont l-Artikolu 18(1) u (6) tar-Regolament SRM.

[320] Imsemmija fl-Artikolu 18(1)(a) sa (c) tar-Regolament SRM.

[321] Abbażi tal-Artikolu 18(6) tar-Regolament SRM.

[322] Imsemmija fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament SRM.

[323] Skont l-Artikolu 18(1) u (4) sa (6) tar-Regolament SRM.

[324] Skont l-Artikolu 30(1) u (2) tar-Regolament SRM.

[325] Skont l-Artikolu 43(3) tar-Regolament SRM.

[326] L-ewwel sat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament SRM.

[327] It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament SRM.

Kummissjoni fi żmien erba' u għoxrin siegħa wara l-komunikazzjoni tagħha mis-SRB [328]. Ladarba din l-iskema tiġi approvata, il-Kummissjoni għandha mbagħad tassumi bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet mogħtija lilha mit-Trattati.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament SRM, li abbażi tagħhom ġiet adottata l-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża, huma ta' natura li jevitaw "trasferiment tar-responsabbiltà", fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Meroni vs L-Awtorità Għolja. Fil-fatt, filwaqt li jagħtu lis-SRB is-setgħa li jevalwa jekk il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni jkunux issodisfatti fil-każ ineżami u dik li tiddetermina l-istrumenti neċessarji għall-finijiet ta' tali skema, dawn id-dispożizzjonijiet jagħtu lill-Kummissjoni jew, jekk ikun il-każ, lill-Kunsill, ir-responsabbiltà għall-evalwazzjoni finali tal-aspetti diskrezzjonali tagħha. Dawn tal-aħħar jaqgħu taħt il-politika tal-Unjoni fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jinvolvu bbilanċjar ta' għanijiet u ta' interessi differenti, marbuta mas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u tal-integrità tas-suq intern, mat-teħid inkunsiderazzjoni tas-sovranità baġitarja tal-Istati Membri kif ukoll mal-protezzjoni tal-interessi tal-azzjonisti u tal-krędituri.

Għal dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, is-setgħat tas-SRB, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali, fis-sens li skema ta' riżoluzzjoni tista' tipproduċi effetti legali vinkolanti indipendentement mid-deċiżjoni ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni, tmur kontra kemm is-setgħat mogħtija lis-SRB mir-Regolament SRM kif ukoll il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Meroni vs L-Awtorità Għolja.

Fil-fatt, għalkemm ir-Regolament SRM jipprevedi [329] li s-SRB huwa inkarigat li jfassal u jadotta skema ta' riżoluzzjoni, dan madankollu ma jagħtihx is-setgħa li jadotta att li jipproduċi effetti legali awtonomi. Fil-kuntest tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tikkostitwixxi element indispensabbli għad-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni.

Din l-approvazzjoni hija determinanti wkoll għall-kontenut tal-iskema ta' riżoluzzjoni inkwistjoni. Fil-fatt, minn naħa, għalkemm ir-Regolament SRM jippermetti lill-Kummissjoni tapprova tali skema mingħajr ma tkun qajmet oġġezzjonijiet dwar l-aspetti diskrezzjonali tagħha u mingħajr lanqas ma tkun ipproponiet lill-Kunsill jifformula tali oġġezzjonijiet, huwa jippermetti wkoll lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jissostitwixxu l-evalwazzjoni tagħhom għal dik tas-SRB fir-rigward ta' dawn l-aspetti diskrezzjonali billi jqajmu oġġezzjonijiet fir-rigward tagħhom [330], f'liema każ is-SRB ikun obbligat jemenda, f'terminu ta' tmien sigħat, din l-iskema konformement mar-raġunijiet espressi mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill, u dan sabiex l-imsemmi mekkaniżmu jidħol fis-seħħ [331]. Min-naħa l-oħra, oppożizzjoni tal-Kunsill ibbażata fuq ir-raġuni li l-kriterju tal-interess pubbliku ma jkunx issodisfatt għandha l-effett li tipprekludi, definittivament, ir-riżoluzzjoni tal-entità kkonċernata skont l-imsemmi regolament, peress li din l-entità jkollha għalhekk tiġi stralċjata b'mod ordnat konformement mad-dritt nazzjonali applikabbli [332].

F'din il-kawża, kif enfasizzat espressament fid-deċiżjoni tagħha ta' approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kontenzjuża [333], il-Kummissjoni esprimiet il-"qbil" tagħha mal-kontenut tagħha, kif ukoll

---

328 Il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament SRM.

329 Skont l-Artikoli 7 u 18 tar-Regolament SRM.

330 Artikolu 18(7) tar-Regolament SRM.

331 Is-seba' subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament SRM.

332 Artikolu 18(8) tar-Regolament SRM.

333 Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246 tas-7 ta' Ġunju 2017 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni għall-Banco Popular Español S.A. (ĠU 2017, L 178, p. 15), premessa 4, kif irrettifikata fis-6 ta' Diċembru 2017 (ĠU 2017, L 320, p. 31).

mar-“raġunijiet mogħtija mill-SRB sabiex jiġġustifika n-neċessità ta’ miżura ta’ riżoluzzjoni fl-interess pubbliku”. Issa, l-aspetti diskrezzjonali ta’ skema ta’ riżoluzzjoni, li jirrigwardaw kemm l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet ta’ riżoluzzjoni kif ukoll id-determinazzjoni tal-istrumenti ta’ riżoluzzjoni, huma marbuta b’mod inseparabbli mal-aspetti iktar tekniċi tar-riżoluzzjoni. Kuntrarjament għal dak li sostniet il-Qorti Ġenerali, ma tistax, għaldaqstant, issir distinzjoni bejn dawn l-aspetti diskrezzjonali u dawn l-aspetti tekniċi, sabiex jiġi ddeterminat l-att li jista’ jiġi kkontestat fil-kuntest ta’ skema ta’ riżoluzzjoni approvata kollha kemm hi mill-Kummissjoni.

Għaldaqstant, kien biss permezz tad-deċiżjoni ta’ approvazzjoni tal-Kummissjoni li l-miżura ta’ riżoluzzjoni adottata mis-SRB fl-iskema ta’ riżoluzzjoni kontenzjuża ġiet definittivament stabbilita u li din il-miżura kellha effetti legali vinkolanti, b’tali mod li kienet l-Kummissjoni, u mhux is-SRB, li kellha tirrispondi għall-imsemmija miżura ta’ riżoluzzjoni quddiem il-qorti tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet għalhekk li mill-kontenut tagħha, mill-kuntest tal-adozzjoni tagħha u mis-setgħat tas-SRB jirriżulta li l-iskema ta’ riżoluzzjoni kontenzjuża ma pproduċietx effetti legali vinkolanti ta’ natura li jaffettwaw l-interessi ta’ persuna ġuridika jew fiżika, b’tali mod li ma kinitx tikkostitwixxi att li jista’ jkun is-suġġett ta’ rikors għal annullament skont ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li, l-ewwel nett, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti Ġenerali, mill-Artikolu 86(1) u (2) tar-Regolament SRM ma setax jiġi dedott li l-iskema ta’ riżoluzzjoni kontenzjuża setgħet tkun is-suġġett ta’ rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali, meta hija ma kinitx tikkostitwixxi r-riżultat finali tal-proċedura ta’ riżoluzzjoni inkwistjoni, peress li dan immaterjalizza ruħu biss bl-approvazzjoni ta’ din l-iskema mill-Kummissjoni, u meta din l-iskema ma pproduċietx effetti legali awtonomi.

Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet ta’ regolament ma jistgħux ibiddlu s-sistema ta’ azzjonijiet prevista mit-Trattat FUE. Barra minn hekk, mill-kliem stess tal-Artikolu 86 tar-Regolament SRM jirriżulta li l-azzjonijiet li huwa jirreferi għalihom għandhom jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja “skont l-Artikolu 263 [TFUE]”, li jippreżupponi li dawn josservaw il-kundizzjoni, li tinsab fih, dwar in-natura kontestabbli tal-att ikkontestat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, ċertament, fis-sentenza tas-6 ta’ Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BĊE [334], hija kienet iddeċidiet, essenzjalment, li skema ta’ riżoluzzjoni tista’, bħala riżultat finali tal-proċedura kumplessa ta’ riżoluzzjoni, tkun is-suġġett ta’ stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qorti tal-Unjoni. Madankollu, fil-kawża li wasslet għal dik is-sentenza, hija kienet intalbet tevalwa l-legalità ta’ deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li kienet qieset bħala inammissibbli rikorsi għal annullament ippreżentati, mhux kontra tali skema, iżda kontra atti preparatorji tal-Bank Ċentrali Ewropew li kienu kkonstataw l-eżistenza ta’ falliment ta’ entitajiet li kien qiegħed iseħħ jew li x’aktarx kien ser iseħħ [335]. Il-kunsiderazzjonijiet esposti f’dik is-sentenza kellhom għalhekk jinqraw fid-dawl tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proċeduri kumplessi, li minnha jirriżulta li, f’tali proċedura, l-atti adottati matul l-istadji preparatorji għall-adozzjoni tal-att definittiv ma jistgħux, meta ma jipproduċux effetti legali awtonomi, ikunu s-suġġett ta’ rikors għal annullament.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset, fis-sentenza appellata, li l-assenza ta’ rikonoxximent tan-natura kontestabbli tal-iskema ta’ riżoluzzjoni kontenzjuża kienet twassal għal ksur tad-dritt tar-rikorrenti fl-ewwel istanza għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fil-fatt, deċiżjoni ta’ approvazzjoni tal-Kummissjoni, bħalma kienet dik inkwistjoni fil-kawża preżenti, tissodisfa l-karatteristiċi ta’ att li jista’ jkun is-suġġett ta’ rikors għal annullament skont ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Issa, fil-kuntest ta’ rikors għal annullament ippreżentat kontra tali

---

**334** Sentenza tas-6 ta’ Mejju 2021, ABLV Bank *et* vs BĊE (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punti 56 u 66).

**335** Fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament SRM.

deċiżjoni, huwa possibbli għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkonċernati li jinvokaw l-illegalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni li din l-istituzzjoni tkun approvat filwaqt li tatha b'dan il-mod effetti legali vinkolanti, li huwa tali li jiżguralhom protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti. Mill-bqija, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Kummissjoni hija meqjusa, permezz ta' tali approvazzjoni, li tadotta l-elementi u l-motivi li jinsabu f'din l-iskema, b'tali mod li hija għandha, jekk ikun il-każ, tirrispondi għalihom quddiem il-qorti tal-Unjoni.

# XVI. Kuntratti pubbliċi

**Sentenza tat-22 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Kolin Inşaat Turizm Sanayi ve Ticaret (C-652/22, EU:C:2024:910)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għoti ta' kuntratti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea – Direttiva 2014/25/UE – Artikolu 43 – Operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni li jiżgura l-aċċess reċiproku u ugwali għall-kuntratti pubbliċi – Assenza ta' dritt ta' dawn l-operaturi ekonomiċi għal 'trattament mhux inqas favorevoli' – Parteċipazzjoni ta' tali operatur ekonomiku fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku – Inapplikabbiltà tad-Direttiva 2014/25 – Inammissibbiltà, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat mill-imsemmi operatur ekonomiku, ta' talba għal deċiżjoni preliminari li tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva"*

Bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat inammissibbli t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Visoki upravni sud (il-Qorti Amministrattiva tal-Appell, il-Kroazja), minħabba li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/25 [336], li l-interpretazzjoni tagħhom kienet intalbet minn din il-qorti nazzjonali, ma japplikawx għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni Ewropea li jiżgura l-aċċess ugwali u reċiproku għall-kuntratti pubbliċi. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva ma jistgħux jiġu applikati għal dawn l-operaturi ekonomiċi mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, mingħajr ma tinkiser il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni.

F'Settembru 2020, HŽ Infrastruktura d.o.o., kumpannija rregolata mid-dritt Kroat (iktar 'il quddiem l-"entità kontraenti"), fetħet proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ferrovjarja li tgħaqqad żewġ lokalitajiet fil-Kroazja, li kellu jingħata skont il-kriterju tal-offerta ekonomikament l-iktar vantaġġuża. Skont l-istruzzjonijiet indirizzati lill-offerenti mill-entità kontraenti, dawn kellhom juru l-kapaċitajiet tekniċi u professjonali tagħhom permezz tal-komunikazzjoni ta' dokument li jistabbilixxi li, matul l-għaxar snin qabel il-ftuħ ta' din il-proċedura, dawn l-offerenti kienu wettqu xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' infrastrutturi ferrovjarji jew tat-toroq.

L-entità kontraenti ddeċidiet li tagħti, f'Jannar 2022, il-kuntratt pubbliku kkonċernat lill-grupp Strabag, ikkostitwit minn tliet kumpanniji rregolati mid-dritt Awstrijak, mid-dritt Kroat u mid-dritt Ċek, rispettivament. Kolin Inşaat Turizm Sanayi ve Ticaret AŞ (iktar 'il quddiem "Kolin"), kumpannija rregolata mid-dritt Tork li kienet tinsab fost l-offerenti, ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni ta' għoti quddiem id-Državna komisija za kontrolu postupaka javne nabave (il-Kummissjoni tal-Istat għas-Sorveljanza tal-Proċeduri ta' Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi, il-Kroazja, iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni għas-Sorveljanza"). Peress li qieset li ma kienx ġie debitament stabbilit li l-grupp Strabag kellu l-kapaċitajiet tekniċi u professjonali meħtieġa, il-Kummissjoni għas-Sorveljanza annullat id-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt pubbliku kkonċernat.

Wara dan l-annullament, l-entità kontraenti talbet lill-grupp Strabag jipprovdi lista kkompletata tax-xogħlijiet imwettqa, flimkien ma' ċertifikat tal-konformità u tat-tlestija ta' dawn ix-xogħlijiet. Il-grupp Strabag ippreżenta tali lista, flimkien ma' tali ċertifikat, li kienet tinkludi riferiment ġdid għal xogħlijiet oħra mwettqa. Wara eżami mill-ġdid u evalwazzjoni mill-ġdid tal-offerti, l-entità kontraenti adottat, f'April 2022, deċiżjoni ġdida ta' għoti tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali favur il-grupp Strabag. Fil-fatt, hija qieset li r-riferiment il-ġdid kien biżżejjed, fih innifsu, sabiex jiġi stabbilit li dan il-grupp kellu l-kapaċitajiet tekniċi u professjonali meħtieġa.

Filwaqt li sostniet li l-inizjattiva tal-entità kontraenti li titlob lill-grupp Strabag sabiex jikkompleta l-lista ta' xogħlijiet tiegħu kienet illegali, Kolin ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-għoti l-ġdida quddiem

[336] Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU 2014, L 94, p. 243).

il-Kummissjoni għas-Sorveljanza. Din tal-aħħar ċaħdet dan ir-rikors minħabba li ebda dispożizzjoni nazzjonali ma kienet tipprekludi li l-grupp Strabag jikkompleta l-lista tax-xogħlijiet permezz tal-indikazzjoni tat-twettiq ta' xogħlijiet oħra minbarra dawk li kienu jinsabu inizjalment fiha, peress li l-Liġi Kroata dwar il-Kuntratti Pubbliċi kienet tippermetti lill-awtorità kontraenti titlob lil offerent jikkompleta jew jispjega l-provi prodotti [337].

Għaldaqstant, Kolin ippreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għas-Sorveljenza quddiem il-Qorti Amministrattiva tal-Appell Kroata, li kienet il-qorti tar-rinviju. Fid-dawl tal-Artikoli 36 u 76 tad-Direttiva 2014/25, dik il-qorti kellha dubji dwar il-possibbiltà għall-entità kontraenti li tieħu inkunsiderazzjoni, wara l-annullament tal-ewwel deċiżjoni tagħha ta' għoti tal-kuntratt ikkonċernat, dokumenti addizzjonali dwar il-kapaċitajiet tekniċi u professjonali tal-grupp, li ma kinux jinsabu fl-offerta inizjali ppreżentata minn dan il-grupp u li ġew ippreżentati minn dan tal-aħħar fuq talba ta' din l-entità kontraenti. Il-qorti tar-rinviju għalhekk iddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Sa fejn id-domandi magħmula mill-qorti nazzjonali jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tiġi adita mill-qorti nazzjonali, sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha stess jew l-ammissibbiltà tat-talba mressqa quddiemha. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha teżamina jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jkunu s-suġġett tad-domandi preliminari jkunux applikabbli għall-kawża prinċipali. Jekk dan ma jkunx il-każ, dawn id-dispożizzjonijiet ikunu irrilevanti għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima u d-deċiżjoni preliminari mitluba ma tkunx neċessarja sabiex tippermetti lill-qorti tar-rinviju tagħti s-sentenza tagħha, b'tali mod li dawn id-domandi jkollhom jiġu ddikjarati inammissibbli.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja vverifikat jekk ir-rikors ippreżentat quddiem qorti ta' Stat Membru minn operatur ekonomiku ta' pajjiż terz, f'dan il-każ ir-Repubblika tat-Turkija, sabiex jikkontesta d-deċiżjoni ta' għoti ta' kuntratt pubbliku meħuda fi Stat Membru, jistax jiġi eżaminat fid-dawl tar-regoli fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni, bħalma huma l-Artikoli 36 u 76 tad-Direttiva 2014/25 li kienu s-suġġett tad-domandi preliminari magħmula.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat qabelxejn li l-Unjoni hija marbuta, fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi, bi ftehimiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar l-Akkwisti Pubbliċi (FAP) [338], li jiggarantixxi, b'mod reċiproku u ugwali, l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni għall-kuntratti pubbliċi f'dawn il-pajjiżi terzi u dak tal-operaturi ekonomiċi tal-imsemmija pajjiżi terzi għall-kuntratti pubbliċi fl-Unjoni. L-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25 jirrifletti dawn l-impenji tal-Unjoni billi jipprovdi li, sa fejn il-FAP jew konvenzjonijiet internazzjonali oħra li jorbtu lill-Unjoni jipprevedu dan, l-entitajiet kontraenti tal-Istati Membri għandhom jagħtu lill-operaturi ekonomiċi tal-pajjiżi terzi li huma partijiet għal tali ftehim trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni. Dan id-dritt għal trattament mhux inqas favorevoli li minnu jibbenefikaw l-operaturi ekonomiċi ta' dawn il-pajjiżi terzi jimplika li dawn l-operaturi ekonomiċi jistgħu jinvokaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva.

Pajjiżi terzi oħra, fosthom ir-Repubblika tat-Turkija, sa issa ma kkonkludewx ftehim internazzjonali mal-Unjoni bħalma huma dawk imsemmija fl-Artikolu 43 tad-Direttiva 2014/25. Fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi ta' dawn il-pajjiżi terzi, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li, għalkemm id-dritt tal-Unjoni

---

337 Artikolu 263(2) taż-Zakon o javnoj nabavi (il-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi) fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali.

338 Ftehim approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

ma jipprekludix li dawn l-operaturi ekonomiċi jitħallew, fl-assenza ta' miżuri ta' esklużjoni adottati mill-Unjoni, jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku rregolata mid-Direttiva 2014/25, huwa jipprekludi, għall-kuntrarju, li l-imsemmija operaturi jkunu jistgħu, fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tagħhom f'tali proċedura, jinvokaw din id-direttiva u b'hekk jeżiġu trattament ugwali tal-offerta tagħhom fir-rigward ta' dawk ippreżentati mill-offerenti tal-Istati Membri u mill-offerenti tal-pajjiżi terzi li jkunu kkonkludew mal-Unjoni ftehim internazzjonali msemmi fl-Artikolu 43 ta' din id-direttiva. Fil-fatt, l-inklużjoni tal-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew tali ftehim internazzjonali mal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/25 ikollha l-effett li tagħtihom dritt għal trattament mhux inqas favorevoli bi ksur tal-Artikolu 43 ta' din id-direttiva, li jillimita l-benefiċċju ta' dan id-dritt għall-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li jkunu kkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Għaldaqstant, id-dritt mogħti, mill-Artikolu 45(1) tad-Direttiva 2014/25, lil "kwalunkwe operatur ekonomiku interessat" li jissottometti offerta b'risposta għal sejħa għal offerti fil-kuntest ta' proċedura miftuħa ta' għoti ta' kuntratt pubbliku fl-Unjoni ma jestendix għall-operaturi ekonomiċi tal-pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew tali ftehim internazzjonali mal-Unjoni. Lanqas ma jimplika li dawn l-operaturi, meta jitħallew jipparteċipaw f'tali proċedura, ikollhom id-dritt li jinvokaw il-benefiċċju ta' din id-direttiva. Għaldaqstant, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikkaratterizzata mill-parteċipazzjoni, aċċettata mill-entità kontraenti, ta' operatur ekonomiku Tork fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku rregolata mid-Direttiva 2014/25, dan l-operatur ma jistax jinvoka l-Artikoli 36 u 76 ta' din id-direttiva sabiex jikkontesta d-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt ikkonċernat.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk id-domandi magħmula, li kienu jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dawn l-artikoli tad-Direttiva 2014/25, kinux madankollu ammissibbli fid-dawl tal-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Kroata li tittrasponi l-imsemmija artikoli kienu interpretati bħala li japplikaw mingħajr distinzjoni għall-offerenti kollha tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi u bħala li setgħu, konsegwentement, jiġu invokati mill-operatur ekonomiku Tork ikkonċernat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-ġurisprudenza, huma ċertament ammissibbli talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt, iżda li fihom dawn id-dispożizzjonijiet kienu, mingħajr bidla fl-għan tagħhom jew fil-portata tagħhom, saru applikabbli minħabba riferiment dirett u inkundizzjonat mid-dritt nazzjonali. F'dawn is-sitwazzjonijiet, huwa fl-interess manifest tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li d-dispożizzjonijiet meħuda mid-dritt tal-Unjoni jiġu interpretati b'mod uniformi.

Madankollu, din il-ġurisprudenza ma tistax tapplika meta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jittrasponu direttiva jkunu saru applikabbli, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, bi ksur ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Dan kien il-każ hawnhekk, fejn kienet involuta l-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li ma kinux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni li jiggarantixxi l-aċċess ugwali u reċiproku għal dawn il-kuntratti.

Fil-fatt, il-politika kummerċjali komuni, imsemmija fl-Artikolu 207 TFUE, li fir-rigward tagħha l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva skont l-Artikolu 3(1)(e) TFUE, tikkonċerna l-kummerċ mal-pajjiżi terzi u tinkludi kull att tal-Unjoni intiż essenzjalment li jippromwovi, jiffaċilita jew jirregola dan il-kummerċ u li jkollu effetti diretti u immedjati fuqu. Issa, kull att ta' portata ġenerali li jkollu l-għan speċifiku li jiddetermina l-modalitajiet li bihom l-operaturi ekonomiċi ta' pajjiż terz jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi fl-Unjoni huwa ta' natura li jkollu effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi bejn dan il-pajjiż terz u l-Unjoni, b'tali mod li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni skont din id-dispożizzjoni [339].

---

[339] Din il-kompetenza esklużiva tintwera mill-Artikolu 86 tad-Direttiva 2014/25 li jagħti lill-Unjoni, u mhux lill-Istati Membri, il-kompetenza li tissospendi jew tirrestrinġi l-parteċipazzjoni tal-impriżi ta' pajjiż terz fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi fl-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid li, għalkemm il-politika kummerċjali komuni ma tinkludix, għall-kuntrarju, in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali fil-qasam tat-trasport [340] u għalhekk ma tistax tkopri kompletament il-kwistjoni tal-aċċess tal-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi għall-kuntratti pubbliċi settorjali msemmija mid-Direttiva 2014/25, xorta jibqa' l-fatt li l-konklużjoni ta' ftehim li jiggarantixxi tali aċċess taqa' wkoll taħt kompetenza esklużiva tal-Unjoni, jiġifieri dik imsemmija fl-Artikolu 3(2) TFUE.

Għalhekk, l-Unjoni biss hija kompetenti sabiex tilleġiżla u, għalhekk, sabiex tadotta att ta' portata ġenerali, legalment vinkolanti, dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi tal-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni li jiggarantixxi l-aċċess ugwali u reċiproku għall-kuntratti pubbliċi.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-awtoritajiet nazzjonali ma humiex kompetenti sabiex irendu applikabbli, għal dawn l-operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew ammessi, minn entità kontraenti, li jipparteċipaw fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku fl-Istat Membru kkonċernat, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu r-regoli inklużi fid-Direttiva 2014/25, mingħajr ma jiksru n-natura esklużiva tal-kompetenza tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-interpretazzjoni tal-Artikoli 36 u 76 tad-Direttiva 2014/25 ma setgħet, bl-ebda mod, tkun rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali u ddikjarat inammissibbli t-talba għal deċiżjoni preliminari.

---

340 Kif jirriżulta mill-Artikolu 207(5) TFUE.

# XVII. Politika soċjali [341]

## 1. Protezzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat

### Sentenza tal-20 ta' Frar 2024 (Awla Manja), X (Assenza ta' raġunijiet ta' xoljiment) (C-715/20, EU:C:2024:139)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 1999/70/KE – Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4 – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Differenza fit-trattament fil-każ ta' tkeċċija – Xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat – Assenza ta' obbligu li jiġu indikati r-raġunijiet għal xoljiment – Stħarriġ ġudizzjarju – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-portata tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat fid-dawl tal-obbligu ta' motivazzjoni tax-xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol, kif ukoll tal-obbligi tal-qrati nazzjonali fil-każ ta' ksur tal-imsemmi prinċipju f'tilwima bejn individwi.

K.L., ħaddiem, u X sp. z o.o., kumpannija rregolata mid-dritt Pollakk, kienu kkonkludew kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat part-time, għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Lulju 2022. Fil-15 ta' Lulju 2020, X innotifikat lil K.L. b'dikjarazzjoni ta' xoljiment ta' dan il-kuntratt ta' xogħol bi preavviż, mingħajr ma indikat ir-raġunijiet għal dan ix-xoljiment. Fil-fatt, abbażi tal-Artikolu 30(4) tal-Kodiċi tax-Xogħol Pollakk [342], il-persuna li timpjega għandha tindika r-raġuni biss fil-każ ta' xoljiment bi preavviż tal-kuntratti għal żmien indeterminat [343].

K.L. adixxa lis-Sąd Rejonowy dla Krakowa – Nowej Huty w Krakowie (il-Qorti Distrettwali ta' Kraków – Nowa Huta fi Kraków, il-Polonja), il-qorti tar-rinviju, b'talba għal kumpens minħabba n-natura illegali tat-tkeċċija tiegħu. Huwa invoka b'mod partikolari ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat, previst mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas dwar ix-xogħol għal żmien determinat [344].

Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, minkejja li t-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja) kienet diġà ddeċidiet li l-Artikolu 30(4) tal-Kodiċi tax-Xogħol kien kompatibbli mal-prinċipji kostituzzjonali tal-Istat tad-dritt demokratiku u ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) kienet esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, din l-aħħar qorti ma setgħetx teskludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni inkwistjoni, minħabba li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tal-ħaddiema għal żmien determinat ma għandux effett dirett f'tilwima bejn individwi.

---

[341] F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), ***Il-Litwanja et vs Il-Parlament u Il-Kunsill (Pakkett dwar il-mobbiltà)*** (C-541/20 sa C-555/20, EU:C:2024:818), ippreżentata fit-Taqsima XII, "Transport".

[342] Ustawa - Kodeks pracy (il-Liġi li Tistabbilixxi l-Kodiċi tax-Xogħol), tas-26 ta' Ġunju 1974 (Dz. U. Nru 24, Pożizzjoni 141), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali) Dz. U. tal-2020, Pożizzjoni 1320, kif emendata) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tax-Xogħol").

[343] Jew fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol mingħajr preavviż, irrispettivament minn jekk ikunx għal żmien determinat jew indeterminat.

[344] Ftehim qafas dwar xogħol għal terminu fiss konkluż fit-18 ta' Marzu 1999, li jinsab fl-anness tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat 28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368, iktar 'il quddiem il-"Ftehim qafas").

Kien f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, jekk il-klawżola 4 tal-Ftehim qafas kinitx tippreskludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali u jekk din il-klawżola setgħetx tiġi invokata fil-kuntest ta' tilwima bejn individwi.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Wara li ppreċiżat li s-sistema ta' xoljiment ta' kuntratt ta' xogħol inkwistjoni kienet taqa' taħt il-kunċett ta' "kundizzjonijiet tal-impjieg", fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni dwar jekk din is-sistema kinitx tistabbilixxi differenza fit-trattament li tikkostitwixxi trattament inqas favorevoli tal-ħaddiema għal żmien determinat meta mqabbla mal-ħaddiema għal żmien indeterminat li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, qabel ma evalwat, jekk ikun il-każ, jekk tali differenza fit-trattament setgħetx tiġi ġġustifikata minn "raġunijiet oġġettivi".

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-komparabbiltà tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa jekk il-persuni kkonċernati kinux jeżerċitaw xogħol identiku jew simili, fis-sens tal-Ftehim qafas [345], billi tieħu inkunsiderazzjoni numru ta' fatturi, bħan-natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tat-taħriġ u l-kundizzjonijiet tal-impjieg.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, bla ħsara għal verifiki li kellhom jitwettqu mill-qorti tar-rinviju, l-eżistenza ta' trattament inqas favorevoli tal-ħaddiema għal żmien determinat meta mqabbla mal-ħaddiema għal żmien indeterminat kienet tirriżulta mill-fatt li dawn tal-aħħar ma kinux suġġetti għal-limitazzjoni inkwistjoni fir-rigward tal-informazzjoni dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tkeċċija. Anki jekk jitqies li, wara azzjoni ġudizzjarja mressqa minn ħaddiem għal żmien determinat kontra x-xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-fondatezza tar-raġunijiet ta' xoljiment tal-imsemmi kuntratt ikun iggarantit u li l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-persuna kkonċernata tkun żgurata, dan il-ħaddiem ma jkollux, minn qabel, informazzjoni li tista' tkun determinanti għall-finijiet tal-għażla li jressaq jew li ma jressaqx tali azzjoni.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-eżistenza ta' "raġunijiet oġġettivi", fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, il-Gvern Pollakk invoka, billi bbaża ruħu fuq is-sentenza msemmija iktar 'il fuq tal-Qorti Kostituzzjonali, l-implimentazzjoni ta' politika ta' impjieg sħiħ, li teħtieġ flessibbiltà kbira tas-suq tax-xogħol li għaliha jikkontribwixxi l-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat.

Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn l-elementi kienu pjuttost simili għal kriterju li, b'mod ġenerali u astratt, jagħmel esklużivament riferiment għat-tul stess tal-impjieg u għalhekk ma kinux jippermettu li jiġi żgurat li d-differenza fit-trattament inkwistjoni kienet tissodisfa bżonn reali. Din id-differenza lanqas ma kienet tidher li kienet neċessarja fid-dawl tal-għan invokat mill-Gvern Pollakk. Fil-fatt, il-kundizzjoni tal-impjieg ikkonċernata ma kinitx tirrigwarda l-possibbiltà stess li kellha l-persuna li timpjega li ttemm kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat bi preavviż, iżda kienet tirrigwarda l-komunikazzjoni lill-ħaddiem, bil-miktub, tar-raġuni jew tar-raġunijiet li jiġġustifikaw it-tkeċċija tiegħu. Għalhekk, anki li kieku l-persuni li jimpjegaw kienu obbligati jindikaw ir-raġunijiet tax-xoljiment antiċipat ta' kuntratt għal żmien determinat, dawn ma kinux ikunu, minħabba f'hekk, imċaħħda mill-flessibbiltà inerenti għal din il-forma ta' kuntratt ta' xogħol.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika jekk l-Artikolu 30(4) tal-Kodiċi tax-Xogħol jistax jiġi interpretat konformement mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas. Fin-nuqqas ta' dan, dik il-qorti ma tkunx, bħala prinċipju, marbuta, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li ma tapplikax id-dispożizzjoni tad-dritt intern tagħha li tmur kontra l-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, li ma għandhiex effett dirett bejn individwi.

---

345 Ara l-punt 2 tal-klawżola 3 u l-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas.

B'dan premess, meta jadotta leġiżlazzjoni li tippreċiża u tikkonkretizza l-kundizzjonijiet tal-impjieg li huma b'mod partikolari rregolati mill-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, Stat Membru jimplimenta d-dritt tal-Unjoni [346] u għandu għalhekk jiggarantixxi l-osservanza, fost l-oħrajn, tad-dritt għal rimedju effettiv, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Issa, din l-aħħar dispożizzjoni għandha effett dirett. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-differenza fit-trattament stabbilita fid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet tippreġudika l-imsemmi dritt, peress li l-ħaddiem għal żmien determinat kien jiġi mċaħħad mill-possibbiltà, li minnha jibbenefika madankollu l-ħaddiem għal żmien indeterminat, li jevalwa minn qabel jekk kellhiex tittieħed azzjoni ġudizzjarja kontra d-deċiżjoni ta' xoljiment tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu u, jekk ikun il-każ, li jippreżenta rikors li jikkontesta b'mod preċiż ir-raġunijiet ta' tali xoljiment.

Għaldaqstant, f'tilwima bejn individwi, il-qorti nazzjonali hija obbligata, meta ma jkunx possibbli għaliha li tinterpreta d-dritt nazzjonali applikabbli konformement mal-klawżola 4 tal-Ftehim qafas, li tiggarantixxi l-effett sħiħ tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali billi, sa fejn ikun neċessarju, ma tapplikax kull dispożizzjoni nazzjonali kuntrarja.

## 2. Protezzjoni tal-ħaddiema part-time

### Sentenza tad-29 ta' Lulju 2024, KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation (C-184/22 u C-185/22, EU:C:2024:637)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Artikolu 157 TFUE – Ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol – Direttiva 2006/54/KE – Artikolu 2(1)(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 – Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess – Xogħol part-time – Direttiva 97/81/KE – Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time – Klawżola 4 – Projbizzjoni li l-ħaddiema part-time jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema full-time tal-istess tip – Ħlas ta' żieda fis-salarju biss għas-sahra maħduma mill-ħaddiema part-time lil hinn mis-sigħat ta' xogħol normali stabbiliti għall-ħaddiema full-time"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet li fihom il-ħlas ta' żieda fis-salarju għas-sahra, previst biss, fir-rigward tal-ħaddiema part-time, għas-sigħat ta' xogħol maħduma lil hinn mis-sigħat normali ta' xogħol stabbiliti għall-ħaddiema full-time li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, jikkostitwixxi trattament "inqas favorevoli" u diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess.

IK (Kawża C-184/22) u CM (Kawża C-185/22) kienu impjegati bħala carers part-time minn KfH Kuratorium für Dialyse und Nierentransplantation eV, fornitur ta' servizzi ta' dijalisi outpatient li topera fit-territorju kollu tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Skont il-kuntratt ta' xogħol tagħhom, huma kellhom iwettqu 40 % u 80 %, rispettivament, tas-sigħat ta' xogħol normali fil-ġimgħa mwettqa minn impjegat full-time, li kienu stabbiliti għal 38.5 sigħat mill-ftehim kollettiv ġenerali applikabbli fis-settur ikkonċernat.

Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ppreżentaw rikors quddiem l-Arbeitsgericht (il-Qorti Industrijali, il-Ġermanja), sabiex jiksbu kreditu ta' ħin li kien jikkorrispondi għaż-żieda fis-salarju dovut għas-sahra maħduma lil hinn mis-sigħat ta' xogħol miftiehma fil-kuntratt ta' xogħol tagħhom kif ukoll kumpens. Huma sostnew li kienu ġew ittrattati b'mod inqas favorevoli mill-impjegati full-time minħabba li kienu jaħdmu part-time u minħabba li kienu ġarrbu diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess sa fejn il-konvenuta fil-kawża prinċipali kienet timpjega fil-parti l-kbira nisa bħala part-time.

346 Fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Peress li dawn ir-rikorsi ġew miċħuda, IK u CM appellaw quddiem il-Landesarbeitsgericht Hessen (il-Qorti Industrijali Superjuri ta' Hessen, il-Ġermanja), li kkundannat lill-persuna li timpjega sabiex tikkredita l-kontijiet ta' tfaddil tal-ħin tagħhom, iżda ċaħdet it-talba għall-ħlas ta' kumpens.

Adita b'appell għal reviżjoni, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni jekk IK u CM kinux suġġetti għal trattament "inqas favorevoli" bħala ħaddiema part-time, fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time [347], kif ukoll ta' diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess, fis-sens tad-Direttiva 2006/54 [348].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-ħlas ta' żieda fis-salarju għas-sahra jkun previst, għall-ħaddiema part-time, biss għas-sigħat ta' xogħol maħduma lil hinn mis-sigħat normali ta' xogħol iffissati għall-ħaddiema full-time li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, tikkostitwixxi trattament "inqas favorevoli" tal-ħaddiema part-time, fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas.

F'dan ir-rigward, hija enfasizzat qabel kollox li din il-klawżola ma għandhiex tiġi interpretata b'mod restrittiv u li hija intiża li tapplika l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għall-ħaddiema part-time.

Peress li l-fatt li s-servizzi pprovduti mir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali kienu komparabbli ma' dawk imwettqa mill-ħaddiema full-time ma kienx jidher li kien ikkontestat fil-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement eżaminat il-kwistjoni dwar jekk kinitx teżisti differenza fit-trattament bejn il-persuni li kienu jaħdmu bħala carers part-time u dawk li kienu jaħdmu bħala carers full-time.

F'dan ir-rigward, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju rriżulta li persuna li taħdem bħala carer part-time kellha twettaq l-istess numru ta' sigħat ta' xogħol bħal persuna li kienet taħdem bħala carer full-time sabiex tibbenefika miż-żieda fis-salarju għas-sahra, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sigħat ta' xogħol normali miftiehma individwalment fil-kuntratt ta' xogħol ta' din il-persuna. B'hekk, il-persuni li kienu jaħdmu bħala carers full-time kienu jirċievu żieda għas-sahra sa mill-ewwel siegħa ta' xogħol imwettqa lil hinn mis-sigħat normali ta' xogħol li jikkonċernawhom, jiġifieri 38.5 sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa, filwaqt li l-persuni li kienu jaħdmu bħala carers part-time ma kinux jirċievu żieda għas-sigħat ta' xogħol li kienu jaħdmu lil hinn mis-sigħat normali ta' xogħol miftehma fil-kuntratti ta' xogħol tagħhom iżda lil hinn mis-sigħat ta' xogħol normali stabbiliti għall-persuni li kienu jaħdmu bħala carers full-time.

Konsegwentement, deher li l-persuni li kienu jaħdmu bħala carers part-time kienu suġġetti għal trattament "inqas favorevoli" meta mqabbla ma' persuni li kienu jaħdmu bħala carers full-time.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet lill-qorti tar-rinviju l-indikazzjonijiet neċessarji sabiex din tal-aħħar tkun tista' tevalwa jekk din id-differenza fit-trattament setgħetx titqies li kienet iġġustifikata minn "raġuni oġġettiva" fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li dan il-kunċett ta' "raġuni oġġettiva" jeżiġi li d-differenza fit-trattament ikkonstatata tkun iġġustifikata mill-eżistenza ta' elementi preċiżi u konkreti, li jikkaratterizzaw il-kundizzjoni ta' xogħol ikkonċernata, fil-kuntest partikolari li minnu tkun tagħmel parti, u abbażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, sabiex wieħed ikun jista' jiżgura ruħu li din id-differenza tissodisfa bżonn ġenwin, tkun xierqa sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u tkun neċessarja għal dan l-għan.

---

[347] Ftehim Qafas dwar xogħol part-time, konkluż fis-6 ta' Ġunju 1997 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Qafas"), li jinsab fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267).

[348] Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-għan li l-persuna li timpjega tiġi dissważa milli timponi fuq il-ħaddiema li jagħmlu s-sahra lil hinn mis-sigħat ta’ xogħol miftiehma individwalment għal dawn il-ħaddiema setax jikkostitwixxi “raġuni oġġettiva” fis-sens tal-punt 1 tal-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas, l-iffissar ta’ limitu uniformi għall-ħaddiema part-time u għall-ħaddiema full-time, fir-rigward tal-għoti ta’ żieda fis-salarju għas-sahra, ma kienx, fir-rigward ta’ ħaddiema part-time, tali li jilħaq dan l-għan.

Barra minn hekk, għal dak li kien jikkonċerna l-għan li jiġi evitat li l-ħaddiema full-time jiġu ttrattati sfavorevolment meta mqabbla mal-ħaddiema part-time, f’dak li jirrigwarda s-sahra, il-ħaddiema full-time kienu jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-ħaddiema part-time, bla ħsara għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ *pro rata temporis*. Għaldaqstant, dan it-tieni għan lanqas ma seta’ jiġġustifika d-differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema part-time u l-ħaddiema full-time.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet tikkostitwixxi wkoll diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq is-sess fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 2(1)(b) u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2006/54.

Fil-fatt, minkejja li fil-każ ineżami din kienet miżura apparentement newtrali, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju rriżulta li din il-miżura kienet tqiegħed fi żvantaġġ proporzjon sinjifikattivament ikbar ta’ persuni ta’ sess femminili meta mqabbla ma’ persuni ta’ sess maskili mingħajr ma lanqas kien neċessarju li l-grupp ta’ ħaddiema li ma kienx żvantaġġjat mill-imsemmija leġiżlazzjoni, jiġifieri l-ħaddiema full-time, kien ikkostitwit minn numru kunsiderevolment ogħla ta’ rġiel milli nisa. Kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa sa fejn l-informazzjoni li hija kellha dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema kienet valida u jekk din setgħetx tittieħed inkunsiderazzjoni. Il-qorti nazzjonali kellha teżamina wkoll l-elementi rilevanti kollha ta’ natura kwalitattiva sabiex tiddetermina jekk tali żvantaġġ kienx jeżisti billi tieħu inkunsiderazzjoni l-ħaddiema kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li fuqha kienet ibbażata d-differenza fit-trattament ikkonċernata.

Barra minn hekk, din id-diskriminazzjoni indiretta ma setgħetx, l-istess bħal trattament “inqas favorevoli” tal-ħaddiema part-time meta mqabbla mal-ħaddiema full-time, u dan għall-istess raġunijiet, tiġi ġġustifikata mit-tfittxija, minn naħa, tal-għan li l-persuna li timpjega tiġi dissważa milli timponi fuq il-ħaddiema li jagħmlu s-sahra lil hinn mis-sigħat ta’ xogħol miftiehma individwalment fil-kuntratti ta’ xogħol tagħhom, u, min-naħa l-oħra, tal-għan li jiġi evitat li l-ħaddiema full-time jingħataw trattament inqas favorevoli meta mqabbla mal-ħaddiema part-time.

# XVIII. Ambjent

**Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Ilva *et* (C-626/22, EU:C:2024:542)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Artikolu 191 TFUE – Emissjonijiet industrijali – Direttiva 2010/75/UE – Prevenzjoni u tnaqqis integrati tat-tniġġis – Artikoli 1, 3, 8, 11, 12, 14, 18, 21 u 23 – Artikoli 35 u 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Proċeduri ta' ħruġ u ta' eżami mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni għall-operat ta' installazzjoni – Miżuri ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem – Dritt għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano, l-Italja), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-operat ta' installazzjoni skont id-Direttiva 2010/75 dwar l-emissjonijiet industrijali [349].

L-impjant tal-azzar Ilva (iktar 'il quddiem l-"impjant Ilva") kien jinsab fil-komun ta' Taranto (l-Italja) u kien operat abbażi ta' "Awtorizzazzjoni Ambjentali Integrata" maħruġa fl-2011.

Minkejja tqegħid taħt sekwestru fl-2012, dan l-impjant ġie awtorizzat, bis-saħħa ta' regoli derogatorji speċjali, ikompli l-attività ta' produzzjoni tiegħu għal perijodu ta' 36 xahar bil-kundizzjoni li josserva pjan ta' miżuri relatati mal-ambjent u mas-saħħa. Id-data ta' skadenza għall-osservanza ta' dan il-pjan ġiet posposta diversi drabi, fuq perijodu totali ta' diversi snin, filwaqt li l-attività inkwistjoni kienet tippreżenta perikoli gravi u sinjifikattivi għall-integrità tal-ambjent u tas-saħħa tal-popolazzjonijiet tal-madwar.

F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti, li kienu qegħdin jeżerċitaw id-drittijiet ta' madwar 300 000 abitant tal-komun ta' Taranto u tal-komuni ġirien, adixxew lill-qorti tar-rinviju b'azzjoni kollettiva intiża, b'mod partikolari, għall-waqfien tal-operat tal-impjant Ilva jew ta' ċerti partijiet minnu minħabba t-tniġġis ikkawżat mill-emissjonijiet industrijali tiegħu u d-danni li jirriżultaw minn dan it-tniġġis għas-saħħa tal-bniedem.

Peress li l-leġiżlazzjoni Taljana ma kinitx tissuġġetta l-ħruġ jew l-eżami mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni għal operat industrijali għall-evalwazzjoni minn qabel tal-effetti tal-installazzjoni fuq is-saħħa tal-bniedem, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar in-neċessità ta' tali evalwazzjoni, dwar il-portata tal-eżami tal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll dwar it-terminu mogħti lill-operatur ta' installazzjoni sabiex jikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni maħruġa.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

L-ewwel nett, fir-rigward tan-neċessità li titwettaq evalwazzjoni li tkun tinkludi l-effetti tal-attività tal-installazzjoni inkwistjoni fuq is-saħħa tal-bniedem, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent kif ukoll il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem huma żewġ komponenti strettament marbuta mal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent. Billi tistabbilixxi regoli dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis integrati tat-tniġġis dovut għall-attivitajiet industrijali, id-Direttiva 2010/75 tikkonkretizza l-obbligi tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-Artikolu 191 TFUE, u b'hekk tikkontribwixxi għas-salvagwardja tad-dritt ta' kull persuna li tgħix f'ambjent xieraq li jiżgura s-saħħa u l-benesseri tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet, f'dan ir-rigward, għall-Artikoli 35 u 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kkonstatat ir-rabta stretta li teżisti bejn il-protezzjoni tal-ambjent u dik tas-saħħa tal-bniedem.

---

[349] Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU 2010, L 334, p. 17, rettifika fil-ĠU 2012, L 158, p. 25).

Il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għal operat previsti minn din id-direttiva jinkludu l-obbligu għall-operatur li jieħu l-miżuri preventivi kollha xierqa kontra t-"tniġġis" kif ukoll il-miżuri ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet fl-ambjent. Dan l-operatur għandu jiżgura wkoll li l-operat tiegħu ma jikkawża ebda "tniġġis sinjifikattiv". Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid meta t-"tniġġis" ikkawżat mill-installazzjoni jkun jiġġustifika dan. Il-frekwenza ta' dan l-eżami mill-ġdid għandha tiġi adattata għall-portata u għan-natura tal-installazzjoni u għandha tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-karatteristiċi speċifiċi lokali tal-post li fih titwettaq l-attività industrijali, u b'mod partikolari l-qrubija tar-residenzi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-kunċett ta' "tniġġis", imsemmi fid-Direttiva 2010/75, jinkludi d-dannu kkawżat, jew li jista' jiġi kkawżat, kemm lill-ambjent kif ukoll lis-saħħa tal-bniedem. Din ir-rabta stretta li teżisti bejn il-protezzjoni tal-kwalità tal-ambjent u dik tas-saħħa tal-bniedem hija, barra minn hekk, ikkorroborata, minbarra mid-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni, minn diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/75 kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fir-rigward preċiżament tat-tniġġis ikkawżat mill-impjant Ilva, din l-aħħar qorti b'hekk ikkonstatat il-ksur tad-dritt tar-rikorrenti għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja billi bbażat ruħha fuq l-effetti li jniġġsu tal-emissjonijiet ta' dan l-impjant kemm fuq l-ambjent kif ukoll fuq is-saħħa tal-bniedem [350].

Minn dan isegwi li l-operatur ta' installazzjoni li tkun taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75 għandu, fl-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni, jipprovdi l-informazzjoni adatta dwar l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-installazzjoni tiegħu u sussegwentement, matul il-perijodu kollu ta' operat, huwa għandu jiżgura l-osservanza tal-obbligi u tal-miżuri previsti minn din id-direttiva, permezz ta' evalwazzjoni kontinwa tal-effetti tal-attivitajiet tal-installazzjoni kemm fuq l-ambjent kif ukoll fuq is-saħħa tal-bniedem.

Bl-istess mod, huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jipprevedu li tali evalwazzjoni tagħmel parti integrali mill-proċeduri ta' ħruġ u ta' eżami mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni għal operat u tikkostitwixxi kundizzjoni preliminari għall-ħruġ jew għall-eżami mill-ġdid ta' din l-awtorizzazzjoni. Meta din l-evalwazzjoni tkun turi riżultati li jkunu juru n-natura inaċċettabbli tal-perikolu għas-saħħa ta' popolazzjoni kbira esposta għal emissjonijiet li jniġġsu, l-awtorizzazzjoni kkonċernata għandha tkun suġġetta għal eżami mill-ġdid fi żmien qasir. Issa, f'dan il-każ, l-effett fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem ta' sustanzi li jniġġsu li joriġinaw mill-impjant Ilva, jiġifieri partiċelli fini PM2.5 u PM10, ramm, merkurju u naftalina li joriġinaw minn varji sorsi, ma ġiex evalwat fil-kuntest tal-awtorizzazzjonijiet ambjentali inkwistjoni.

It-tieni nett, fir-rigward tal-portata tal-evalwazzjoni li għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti, dawn tal-aħħar għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni, minbarra s-sustanzi li jniġġsu prevedibbli fid-dawl tan-natura u tat-tip ta' attività industrijali kkonċernata, is-sustanzi kollha li jkunu s-suġġett ta' emissjonijiet xjentifikament irrikonoxxuti bħala noċivi li jistgħu jiġu emessi mill-installazzjoni kkonċernata, fi kwantitajiet sinjifikattivi, fid-dawl tan-natura tagħhom u tal-potenzjal tagħhom li jittrasferixxu t-tniġġis minn element ambjentali għal ieħor. Konformement mal-prinċipju ta' prevenzjoni, id-determinazzjoni tal-kwantità ta' sustanzi li jniġġsu li l-emissjoni tagħhom tista' tiġi awtorizzata għandha tkun marbuta mal-grad ta' noċività tas-sustanzi kkonċernati.

Għaldaqstant, l-operatur ta' installazzjoni huwa suġġett għall-obbligu li jipprovdi, fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tiegħu għall-operat ta' installazzjoni, informazzjoni dwar in-natura, il-kwantità u l-effett potenzjalment ta' ħsara tal-emissjonijiet li jistgħu jiġu prodotti mill-imsemmija installazzjoni, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jistabbilixxu valuri limitu għal dawn l-emissjonijiet, bl-unika eċċezzjoni ta' dawk li, min-natura jew mill-kwantità tagħhom, ma jkunux jistgħu jikkostitwixxu riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem.

---

[350] Qorti EDB, 24 ta' Jannar 2019, Cordella *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2019:0124JUD 005441413.

Il-proċedura ta' eżami mill-ġdid ta' awtorizzazzjoni ma tistax sempliċement, min-naħa tagħha, tistabbilixxi valuri limitu biss għas-sustanzi li jniġġsu li l-emissjoni tagħhom kienet prevedibbli u li kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni matul il-proċedura ta' awtorizzazzjoni inizjali. F'dan ir-rigward, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba mill-operat tal-installazzjoni kkonċernata u, għaldaqstant, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-emissjonijiet effettivament ikkonstatati. Jekk l-osservanza tal-livelli ta' kwalità ambjentali tkun teħtieġ li jiġu imposti valuri limitu ta' emissjoni iktar stretti fuq l-installazzjoni kkonċernata, f'dak il-każ ikollhom jiżdiedu miżuri addizzjonali fl-awtorizzazzjoni bla ħsara għal miżuri oħra li jkunu jistgħu jittieħdu sabiex jiġu osservati l-imsemmija livelli.

It-tielet nett, fir-rigward tat-terminu mogħti lill-operatur ta' installazzjoni sabiex jikkonforma ruħu mal-awtorizzazzjoni għal operat, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, preliminarjament, li, għall-installazzjonijiet bħall-impjant Ilva, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kellhom, skont id-Direttiva 2010/75, sat-28 ta' Frar 2016 sabiex jadattaw il-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni għat-tekniki l-ġodda. Fil-każ ta' ksur tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-operat ta' installazzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu, abbażi ta' din id-direttiva, il-miżuri neċessarji sabiex jiggarantixxu immedjatament l-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-Direttiva 2010/75 tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha t-terminu mogħti lill-operatur ta' installazzjoni sabiex jikkonforma ruħu mal-miżuri ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem previsti mill-awtorizzazzjoni għall-operat ta' din l-installazzjoni kien is-suġġett ta' estensjonijiet repetuti, filwaqt li kienu ġew identifikati perikoli serji u sinjifikattivi għall-integrità tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Hija żiedet li, meta l-attività tkun tippreżenta tali perikoli, l-operat tal-installazzjoni kkonċernata għandu, konformement ma' din id-direttiva, jiġi sospiż.

# XIX. Ftehimiet internazzjonali

## 1. Negozjati u konklużjoni

**Sentenza tad-9 ta' April 2024, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Iffirmar ta' ftehimiet internazzjonali) (C-551/21, EU:C:2024:281)**

*"Rikors għal annullament – Deċiżjoni (UE) 2021/1117 – Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Gaboniża u l-Komunità Ewropea (2021-2026) – Iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea – Istituzzjoni kompetenti sabiex taħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma – Artikolu 13(2) TUE – Osservanza minn kull istituzzjoni tal-Unjoni tal-limiti tas-setgħat mogħtija lilha – Kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni – Artikolu 16(1) u (6) TUE – Setgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li jiddefinixxi l-politiki u jfassal l-azzjoni esterna tal-Unjoni – Artikolu 17(1) TUE – Setgħa tal-Kummissjoni Ewropea li tiżgura r-rappreżentanza esterna tal-Unjoni – Artikolu 218 TFUE"*

Adita b'talba għall-annullament, mill-Kummissjoni Ewropea, tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2021/1117 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Gaboniża u l-Komunità Ewropea [351], kif ukoll tal-ħatra, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-persuna awtorizzata sabiex tiffirma dan il-protokoll, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat kemm din id-dispożizzjoni kif ukoll il-ħatra mwettqa abbażi ta' din tal-aħħar. Hija rrilevat li l-Artikolu 218(5) TFUE jsemmi kompetenza tal-Kunsill sabiex jawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' ftehim internazzjonali, iżda mhux sabiex jindika l-firmatarju tiegħu, peress li hija l-Kummissjoni li hija kompetenti sabiex tiżgura l-iffirmar ta' dan il-ftehim, bis-saħħa tas-sitt sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE [352].

Fit-22 ta' Ottubru 2015, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizzaha twettaq, f'isem l-Unjoni, negozjati mar-Repubblika Gaboniża, bil-ħsieb li jiġġedded, għall-perijodu 2021-2026, il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża. Kien speċifikat, fl-Artikolu 2 tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim, ippreżentata mill-Kummissjoni, li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kellu jistabbilixxi "l-istrument ta' setgħat sħaħ biex jiġi ffirmat dan il-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna indikata mill-Kummissjoni". L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2021/1117 jiddisponi li "[l]-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni". Peress li r-Repubblika tal-Portugall kellha l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill, dan tal-aħħar fl-aħħar nett ħatar lir-rappreżentant permanenti ta' dak l-Istat Membru għall-Unjoni bħala persuna awtorizzata sabiex tiffirma l-Protokoll f'isem l-Unjoni [353].

---

[351] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1117 tat-28 ta' Ġunju 2021 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll ta' implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021-2026) (ĠU 2021, L 242, p. 3).

[352] L-Artikolu 17(1) TUE jipprevedi: "Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippromwovi l-interess ġenerali ta' l-Unjoni u tieħu l-inizjattivi xierqa għal dan il-għan. Hija għandha tissorvelja l-applikazzjoni tat-Trattati kif ukoll tal-miżuri adottati mill-Istituzzjonijiet skond dawn it-Trattati. Hija għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tad-dritt ta' l-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. Hija għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi. Għandha teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuzzjoni u amministrazzjoni, skond il-kondizzjonijiet previsti fit-Trattati. Bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, u ta' każijiet oħrajn previsti fit-Trattati, hija għandha tassigura r-rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni. Hija għandha tieħu l-inizjattiva għall-programmazzjoni annwali u pluriennali ta' l-Unjoni sabiex jintlaħqu ftehim interistituzzjonali."

[353] Fid-29 ta' Ġunju 2021, dan ir-rappreżentant permanenti ffirma l-protokoll f'isem l-Unjoni. Fit-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġew informati b'dan l-iffirmar u bl-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll mid-29 ta' Ġunju 2021.

Il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2021/1117 minħabba, b'mod partikolari, ksur tal-Artikolu 17(1) TUE, moqri flimkien mal-Artikolu 13(1) u (2) TUE [354].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fl-ewwel lok, li, konformement mat-tqassim tal-kompetenzi previst fl-Artikolu 17(1) TUE, kif ukoll fl-Artikolu 218(2) u (5) TFUE, huwa l-Kunsill, fuq proposta tan-negozjatur, li għandu jawtorizza l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni, att li jipparteċipa fid-definizzjoni tal-politiki tal-Unjoni u fit-tfassil tal-azzjoni esterna tagħha, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 16(1) u tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(6) TUE. Madankollu, id-deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali ma tinkludix l-att sussegwenti li jikkonsisti fl-iffirmar stess ta' dan il-ftehim. Fil-fatt, din il-firma għandha, sussegwentement għall-awtorizzazzjoni, tingħata wara li jkunu ttieħdu l-passi kollha neċessarji għal dan l-għan, b'mod partikolari fir-rigward tal-pajjiż terz ikkonċernat. Fost dawn il-passi hemm il-ħruġ tas-setgħat sħaħ li jaħtru l-persuna awtorizzata tiffirma l-ftehim f'isem l-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din il-ħatra ma teżiġix evalwazzjoni li taqa' taħt id-"definizzjoni tal-politiki" tal-Unjoni jew tal-funzjonijiet ta' "koordinazzjoni" jew tat-"tfassil tal-azzjoni esterna" tagħha, fis-sens tal-Artikolu 16(1) u (6) TUE u għaldaqstant ma tagħmilx parti mill-evalwazzjoni politika li fuqha tkun ibbażata tali deċiżjoni, li fi tmiemha din l-istituzzjoni tat il-kunsens tagħha għall-effetti legali li ser jiġu prodotti mill-firma skont ir-regoli rilevanti tad-dritt internazzjonali.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-punt dwar jekk il-ħatra tal-firmatarju hijiex att li "[j]assigura r-rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni", fis-sens tas-sitt sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, skont is-sens abitwali tiegħu, il-kunċett ġuridiku ta' "rappreżentanza" jimplika azzjoni f'isem suġġett quddiem terz, fejn tali azzjoni tista' tkun manifestazzjoni ta' rieda ta' dan is-suġġett fir-rigward ta' dan it-terz. Issa, l-għoti, mill-persuna maħtura għal dan l-għan, tal-firma tagħha fuq ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni tesprimi ġustament il-manifestazzjoni tar-rieda tal-Unjoni, kif iddefinita mill-Kunsill, fir-rigward tal-pajjiż terz li miegħu ġie nnegozjat dan il-ftehim. Għalhekk, il-formulazzjoni tas-sitt sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE, li tipprovdi li l-Kummissjoni għandha "tassigura r-rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni", hija intiża li tistabbilixxi li din id-dispożizzjoni tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tieħu, barra mill-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u sakemm it-Trattati ma jipprevedux, fuq dan il-punt, tqassim differenti tal-kompetenzi, kull azzjoni li, wara d-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-iffirmar ta' ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni, tiżgura li dan l-iffirmar isir.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fit-tielet lok, li din l-interpretazzjoni letterali tas-sitt sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE hija konformi mad-dritt internazzjonali konswetudinarju [355], li minnu jirriżulta li kull persuna indikata f'dokument li joriġina mill-awtorità kompetenti ta' Stat jew mill-korp kompetenti ta' organizzazzjoni internazzjonali sabiex iwettaq l-att ta' firma għandha titqies, bis-saħħa ta' dawn is-setgħat sħaħ, bħala li tirrappreżenta lil dan l-Istat jew lil din l-organizzazzjoni internazzjonali. Għalhekk, l-għoti, minn tali persuna, tal-firma tagħha fuq ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni jaqa', mill-perspettiva tar-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, taħt ir-"rappreżentanza" ta' din tal-aħħar. Għalhekk, għandu jitqies, fid-dawl tas-sitt sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE, li l-passi neċessarji għall-finijiet tal-iffirmar ta' ftehim internazzjonali, fosthom dak li jinħatar il-firmatarju, wara li dan l-iffirmar ikun ġie awtorizzat mill-Kunsill, jaqgħu, barra mill-PESK, taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni li "tassigura r-rappreżentanza esterna ta' l-Unjoni", sakemm it-Trattat UE jew it-Trattat FUE ma jagħtux il-kompetenza li jiġi organizzat dan l-iffirmar lil istituzzjoni oħra tal-Unjoni.

---

[354] L-Artikolu 13(2) TUE jipprevedi: "Kull Istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, u skond il-proċeduri, il-kondizzjonijiet u l-finijiet previsti minnhom. L-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw bejniethom il-koperazzjoni leali."

[355] Kif ikkodifikat fl-Artikolu 2(1)(c) u fl-Artikolu 7(1)(a) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 1155, p. 331).

F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, kuntrarjament għall-Artikolu 218(3) TFUE, li jagħti lill-Kunsill, fir-rigward tan-negozjar ta’ ftehimiet internazzjonali, il-kompetenza mhux biss sabiex jawtorizza l-ftuħ tan-negozjati iżda wkoll sabiex jaħtar in-negozjatur jew il-kap tal-grupp ta’ negozjati tal-Unjoni, l-Artikolu 218(5) TFUE jsemmi kompetenza tal-Kunsill sabiex jawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim internazzjonali u mhux kompetenza sabiex jaħtar il-firmatarju tiegħu, b’tali mod li din l-aħħar dispożizzjoni ma tinkludix deroga mis-sitt sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE. Minn dan isegwi li, fil-każ fejn il-Kunsill ikun awtorizza l-iffirmar ta’ ftehim internazzjonali li ma jaqax taħt il-PESK jew taħt “każijiet oħrajn previsti fit-Trattati”, hija l-Kummissjoni, bis-saħħa tas-sitt sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE, li għandha tiżgura l-iffirmar stess ta’ dan il-ftehim. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, minkejja li l-Kunsill kompla, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattati UE u FUE, jaħtar il-firmatarji tal-ftehimiet internazzjonali, prassi, anki jekk kostanti, ma tistax temenda r-regoli tat-Trattati li l-istituzzjonijiet huma obbligati josservaw.

Fir-raba’ u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Kummissjoni għandha wkoll, konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE, teżerċita l-kompetenza tagħha fir-rigward tal-iffirmar tal-ftehimiet internazzjonali fl-interess ġenerali tal-Unjoni u li hija obbligata tosserva l-obbligu ta’ kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 13(2) TUE.

## 2. Kontenut u portata [356]

### a. Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija

**Sentenza tad-29 ta’ Frar 2024, Raad van bestuur va de Sociale verzekeringsbank (Trasferiment ta’ benefiċċji tas-superstiti) (C-549/22, EU:C:2024:184)**

*“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija – Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti Alġerini u s-superstiti tagħhom – Trasferiment ta’ benefiċċji lejn l-Alġerija bir-rati applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru debitur – Benefiċċji tas-superstiti – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika l-prinċipju tal-pajjiż ta’ residenza – Klawżola ta’ residenza li tinkludi tnaqqis tal-ammont tal-benefiċċju tas-superstiti għall-benefiċjarji residenti fl-Alġerija”*

[356] F’din it-taqsima għandha tissemma wkoll din is-sentenza: is-sentenza tas-27 ta’ Frar 2024 (Awla Manja), ***EUIPO vs The KaiKai Company Jaeger Wichmann*** (C-382/21 P, EU:C:2024:172), ippreżentata fit-Taqsima XIV.1, “Disinni Komunitarji”.

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa miċ-Centrale Raad van Beroep (il-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u tas-Servizz Pubbliku, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-"qorti tar-rinviju"), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 68(4) [357] tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Alġerija [358], fil-qasam tad-dritt ta' trasferiment liberu ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, għandu effett dirett u ma jipprekludix it-tnaqqis tal-ammont tal-benefiċċji tas-superstiti minħabba l-fatt li l-benefiċjarji tagħhom jirrisjedu fl-Alġerija, meta dawn ikunu intiżi li jiggarantixxu dħul bażiku kkalkolat skont l-għoli tal-ħajja fl-Istat Membru debitur u meta l-imsemmi tnaqqis josserva s-sustanza tal-imsemmi dritt.

X kienet tirrisjedi fl-Alġerija. Bħala superstiti tal-konjuġi tagħha li ħadem fil-Pajjiżi l-Baxxi u li kien assigurat taħt l-Algemene nabestaandenwet (il-Liġi Ġenerali dwar l-Assigurazzjoni tas-Superstiti, iktar 'il quddiem l-"ANW") fil-mument tal-mewt tiegħu, hija kellha dritt għal benefiċċju tas-superstiti mill-1 ta' Jannar 1999. Wara li fl-2018 stabbilixxa mill-ġdid, b'effett retroattiv, il-benefiċċju tas-superstiti ta' X li huwa kien temm fl-2012, ir-Raad van bestuur van de Sociale verzekeringsbank (il-Bord tad-Diretturi tal-Bank tas-Sigurtà Soċjali, il-Pajjiżi l-Baxxi) informa lil X li dan il-benefiċċju kien ser jitnaqqas mill-1 ta' Jannar 2013 minħabba li kellu jitħallas skont il-prinċipju tal-pajjiż ta' residenza, jiġifieri, fil-każ ineżami, b'perċentwali li jirrifletti l-livell tal-għoli tal-ħajja fl-Alġerija meta mqabbel mal-għoli tal-ħajja fil-Pajjiżi l-Baxxi [359].

Wara li ġew miċħuda diversi azzjonijiet kontra din id-deċiżjoni, X appellat quddiem il-qorti tar-rinviju, li ddeċidiet li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68(4) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Alġerija sabiex issir taf jekk dan il-ftehim kienx jipprekludi t-tnaqqis, ibbażat fuq il-prinċipju tal-pajjiż ta' residenza, tal-ammont tal-benefiċċju tas-superstiti ta' X.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet, l-ewwel nett, għad-domanda dwar jekk, fid-dawl tal-kliem, tal-għan u tan-natura tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Alġerija, l-Artikolu 68(4) tiegħu għandux effett dirett.

---

**357** L-Artikolu 68 ta' dan il-ftehim huwa fformulat kif ġej:

"1. B'riżerva għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi segwenti, il-ħaddiema ta' nazzjonalità Alġerina u l-membri tal-familja tagħhom li joqogħdu magħhom għandhom jibbenefikaw, fil-qasam tas-sigurtà soċjali, minn trattament ħieles minn kull diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità meta mqabbla ma' ċittadini tal-Istati Membri fejn ikunu impjegati. Il-kunċett 'sigurtà soċjali' għandu jkopri l-fergħat tas-sigurtà soċjali li jirrigwardaw il-benefiċċji tal-mard u tal-maternità, l-invalidità, il-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti, il-benefiċċji tal-inċidenti industrijali u mard ikkaġunat mix-xogħol u l-benefiċċji tal-mewt, tal-qgħad u tal-familja.

Dawn id-dispożizzjonijiet, madankollu, ma għandhomx irendu applikabbli ir-regoli ta' koordinazzjoni oħra pprovduti fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità bbażata fuq l-Artikolu 42 tat-Trattat KE, ħlief skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 70 tal-Ftehim.

[...]

4. Il-ħaddiema inkwistjoni għandhom ikunu jistgħu jittrasferixxu liberament lejn l-Alġerija, bir-rati applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru jew Stati Membri debituri, kwalunkwe pensjonijiet jew annwalitajiet fir-rigward tax-xjuħija, tal-istatus ta' superstiti, tal-inċidenti industrijali jew tal-mard ikkaġunat mix-xogħol, ħlief fil-każ ta' benefiċċji speċjali mhux kontributorji. [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

**358** Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija, min-naħa l-oħra, approvat f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/690/KE tat-18 ta' Lulju 2005 (ĠU 2005, L 265, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Alġerija").

**359** Dan il-perċentwal kien stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tar-Regeling woonlandbeginsel in de sociale zekerheid 2012 (ir-Regolament tal-2012 dwar il-Prinċipju tal-Pajjiż ta' Residenza fis-Sigurtà Soċjali), adottat abbażi tal-Artikolu 17(3) tal-ANW, kif emendata bil-Wet woonlandbeginsel in de sociale zekerheid (il-Liġi dwar il-Prinċipju tal-Pajjiż ta' Residenza fis-Sigurtà Soċjali). Għall-Alġerija, dan il-perċentwali kien jammonta għal 60 % tal-ammont massimu tal-benefiċċju tas-superstiti mill-1 ta' Jannar 2013, u għal 40 % tal-imsemmi ammont massimu mill-1 ta' Jannar 2016.

F’dan ir-rigward, hija kkonstatat li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi f’termini ċari, preċiżi u inkundizzjonati d-dritt ta’ trasferiment liberu lejn l-Alġerija tal-pensjonijiet u tal-annwalitajiet imsemmija f’din id-dispożizzjoni, u dan bir-rati applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru debitur. Għaldaqstant, l-imsemmija dispożizzjoni tinkludi, għall-Istati Membri, obbligu ta’ riżultat ċar u preċiż li jikkonsisti f’li jippermettu lill-persuni kkonċernati jibbenefikaw minn tali trasferiment liberu, obbligu li bħala tali ma huwiex suġġett, fl-eżekuzzjoni jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta’ xi att ulterjuri.

Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li dan id-dritt ta’ trasferiment liberu ma huwiex assolut, peress li l-effetti konkreti tiegħu f’kull każ jiddependu mir-“rati applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru jew Stati Membri debituri”, dan ma jistax jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu b’mod diskrezzjonali l-imsemmi dritt għal trasferiment liberu u jċaħħduh mis-sustanza tiegħu. Hija osservat ukoll li l-eżekuzzjoni jew l-effetti tad-dritt previst f’din id-dispożizzjoni ma humiex suġġetti għall-intervent ta’ att ieħor, u b’mod partikolari għall-adozzjoni, mill-Kunsill ta’ Assoċjazzjoni, tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 70(1) tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija, li konsegwentement ma jistax jitqies li jikkundizzjona l-applikazzjoni immedjata ta’ dan id-dritt. Dwar dan is-suġġett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 68(4) tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija għandu effett dirett, b’tali mod li l-persuni li għalihom tapplika din id-dispożizzjoni għandhom id-dritt li jinvokawha direttament quddiem il-qrati tal-Istati Membri sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt nazzjonali li jmorru kontriha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad irrispondiet għad-domanda dwar il-kamp ta’ applikazzjoni *ratione personae* tal-Artikolu 68(4) tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija.

Filwaqt li osservat li l-Artikolu 68(4) isemmi espressament biss “[i]l-ħaddiema”, li jirreferi għall-“ħaddiema ta’ nazzjonalità Alġerina” msemmija fil-paragrafu 1 tal-istess artikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-pensjonijiet u l-annwalitajiet tas-superstiti kienu jinsabu fost il-benefiċċji li jistgħu jiġu ttrasferiti liberament lejn l-Alġerija, li l-benefiċjarji tagħhom jistgħu biss, mid-definizzjoni stess, ikunu s-superstiti tal-imsemmija ħaddiema. L-Artikolu 68(4) tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija għalhekk jiċċaħħad minn effett utli jekk dawn is-superstiti jiġu esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni *ratione personae* tiegħu. Hija osservat ukoll li jkun imur kontra l-loġika li fuqha huwa bbażat il-prinċipju stess ta’ rasferiment liberu tal-benefiċċji lejn l-Alġerija jekk ikun meħtieġ li l-benefiċjarju jkun obbligat jirrisjedi fl-Istat Membru debitur, fil-każ ineżami l-Pajjiżi l-Baxxi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 68(4) tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija japplika għas-superstiti ta’ ħaddiem li, filwaqt li jkunu jixtiequ jittrasferixxu l-benefiċċju tas-superstiti tagħhom lejn l-Alġerija, ma jkunux huma stess ħaddiema u jkunu jirrisjedu fl-Alġerija.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kompatibbiltà tat-tnaqqis tal-ammont ta’ benefiċċju tas-superstiti minħabba l-fatt li l-benefiċjarju ta’ dan il-benefiċċju jirrisjedi fl-Alġerija mal-Artikolu 68(4) tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni KE-Alġerija, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din id-dispożizzjoni tipprevedi d-dritt għat-trasferiment liberu tal-benefiċċji inkwistjoni lejn l-Alġerija bir-“rati applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru jew Stati Membri debituri”. Għaldaqstant, l-Istat Membru debitur għandu marġni ta’ evalwazzjoni sabiex jistabbilixxi regoli dwar il-kalkolu tal-ammont tal-benefiċċji msemmija fl-imsemmija dispożizzjoni, u dan l-Istat Membru jista’ għalhekk jipprevedi regoli intiżi li jadattaw l-ammont tal-imsemmija benefiċċji fl-okkażjoni ta’ dan it-trasferiment, bħalma hija r-regola bbażata fuq il-prinċipju ta’ pajjiż ta’ residenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat madankollu li tali regoli għandhom josservaw is-sustanza tad-dritt ta’ trasferiment liberu tal-benefiċċji, mingħajr ma jċaħħdu lil dan id-dritt mill-effett utli tiegħu, u eżaminat, għal dan l-għan, l-elementi li kienu jikkaratterizzaw il-benefiċċju tas-superstiti inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Hija kkonstatat li l-ammont tiegħu kien stabbilit skont l-għoli tal-ħajja fil-Pajjiżi l-Baxxi u li, konsegwentement, dan il-benefiċċju kien intiż li jiggarantixxi li s-superstiti jkollhom dħul bażiku kkalkolat skont l-għoli tal-ħajja f’dan l-Istat Membru. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-ammont tal-benefiċċju ttrasferit jiġi adattat sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-għoli tal-ħajja fl-Alġerija ma kienx jidher li seta’ jċaħħad mis-sustanza tiegħu d-dritt ta’ trasferiment liberu, sakemm id-

determinazzjoni tar-rata użata għall-finijiet ta' dan l-adattament tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi, aspett li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

### b. Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Euratom u r-Renju Unit

**Sentenza tad-29 ta' Lulju 2024 (Awla Manja), Alchaster (C-202/24, [EU:C:2024:649](EU:C:2024:649))**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra – Konsenja ta' persuna lir-Renju Unit għall-finijiet ta' proċedura kriminali – Kompetenza tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni – Riskju ta' ksur ta' dritt fundamentali – Artikolu 49(1) u Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Prinċipju ta' nullum crimen, nulla poena sine lege – Modifika, li hija sfavorevoli għal dik il-persuna, tar-reġim ta' libertà kundizzjonata"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mis-Supreme Court (il-Qorti Suprema, l-Irlanda), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat l-obbligi tal-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni meta persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest maħruġ abbażi tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni konkluż mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (iktar 'il quddiem il-"FKK") [360] tinvoka riskju ta' ksur ta' dritt fundamentali fil-każ ta' konsenja lir-Renju Unit.

L-imħallef sedenti fil-Maġistrates' Courts of Northern Ireland (il-Qorti Distrettwali tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit) ħareġ erba' mandati ta' arrest kontra MA għal reati li kienu jaqgħu taħt it-terroriżmu li twettqu f'Lulju 2020 u li wħud minnhom setgħu jiġġustifikaw l-għoti ta' piena ta' priġunerija għal għomru.

Fil-ħarifa tal-2022, l-High Court (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) ordnat il-konsenja ta' MA lir-Renju Unit. MA ppreżenta appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa sostna li l-konsenja tiegħu lir-Renju Unit kienet inkompatibbli mal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, stabbilit, b'mod partikolari, fl-Artikolu 7 tal-KEDB [361].

Il-qorti tar-rinviju ppreċiżat li, fil-każ ta' konsenja u ta' kundanna ta' MA fir-Renju Unit, l-eventwali liberazzjoni kundizzjonata tiegħu kienet ser tkun irregolata minn leġiżlazzjoni tar-Renju Unit adottata wara t-twettiq preżunt tar-reati inkwistjoni. Il-libertà kundizzjonata ta' persuna kkundannata għal reati bħal dawk li MA kien issuspettat li wettaq kellha, minn dak il-mument, tiġi approvata minn awtorità speċjalizzata u setgħet isseħħ biss wara li din il-persuna tkun skontat żewġ terzi tal-piena tagħha. Dan ma kienx il-każ taħt is-sistema l-antika, li kienet tipprevedi libertà kundizzjonata awtomatika wara li l-persuna kkundannata tkun skontat nofs il-piena tagħha.

F'dan il-kuntest, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-garanziji offruti mis-sistema ġudizzjarja tar-Renju Unit fir-rigward tal-applikazzjoni tal-KEDB, tal-assenza ta' prova tal-eżistenza ta' nuqqas sistemiku li jwassal li jiġi preżunt ksur probabbli u flaganti tad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB fil-każ ta' konsenja ta' MA kif ukoll tal-possibbiltà għal dan tal-aħħar li jadixxi lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-qorti tar-rinviju ċaħdet l-argument ta' MA bbażat fuq riskju ta' ksur tal-Artikolu 7 tal-KEDB.

---

[360] Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU 2021, L 149, p. 10).

[361] Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

Madankollu, din il-qorti staqsiet jekk kienx possibbli li tintlaħaq konklużjoni simili fir-rigward ta' riskju ta' ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta [362], li jistabbilixxi, b'mod partikolari, li ma għandha tingħata ebda piena ikbar minn dik li kienet applikabbli fil-mument meta jkun twettaq ir-reat. Barra minn hekk, hija staqsiet dwar il-kompetenza tal-Istat ta' eżekuzzjoni sabiex jagħti deċiżjoni dwar argument ibbażat fuq l-inkompatibbiltà mal-Artikolu 49(1) tal-Karta ta' dispożizzjonijiet fil-qasam tal-pieni li jistgħu jiġu applikati fl-Istat emittenti, f'sitwazzjoni fejn dan tal-aħħar ma huwiex obbligat li josserva l-Karta u fejn il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet rekwiżiti għolja fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istat Membru emittenti.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li eskludiet l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [363] għall-eżekuzzjoni tal-mandati ta' arrest inkwistjoni fil-kawża prinċipali, irrilevat li mill-istruttura tat-Titolu VII tat-Tielet Parti tal-FKK, li tirrigwarda l-kooperazzjoni fil-qasam kriminali, u b'mod partikolari mill-funzjonijiet rispettivi tal-Artikoli 600 sa 604 tal-istess ftehim [364], jirriżulta li Stat Membru jista' jirrifjuta li jeżegwixxi mandat ta' arrest maħruġ mir-Renju Unit biss għal raġunijiet li jirriżultaw mill-FKK.

F'dan il-kuntest, kif ifakkar l-Artikolu 524(2) tal-FKK, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li josservaw il-Karta, peress li deċiżjoni ta' konsenja tikkostitwixxi implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta. L-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni tal-Istati Membri huma għalhekk obbligati li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti, fost oħrajn, mill-Artikolu 49(1) tal-Karta lill-persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest maħruġ abbażi tal-FKK, mingħajr ma l-fatt li l-Karta ma hijiex applikabbli għar-Renju Unit huwa rilevanti f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li r-rekwiżit li jitwettaq eżami f'żewġ stadji li jirriżulta mill-ġurisprudenza dwar id-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [365] ma jistax jiġi traspost għall-FKK. Fil-fatt, is-sistema ssemplifikata u effikaċi ta' konsenja stabbilita minn din id-deċiżjoni qafas hija bbażata fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li jikkaratterizza b'mod speċifiku r-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u li minnu tirriżulta l-preżunzjoni ta' rispett tad-drittijiet fundamentali mill-Istat Membru emittenti. Ċertament, ma huwiex eskluż li ftehim internazzjonali jista' jistabbilixxi livell għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri u ċerti pajjiżi terzi, bħalma huma ċerti Stati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea. Madankollu, din il-kunsiderazzjoni ma tistax tiġi estiża għall-pajjiżi terzi kollha u, b'mod partikolari, għar-Renju Unit.

L-ewwel nett, il-FKK ma jistabbilixxix, bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, relazzjonijiet privileġġati li jistgħu jiġġustifikaw dan il-livell għoli ta' fiduċja. B'mod partikolari, ir-Renju Unit ma jagħmilx parti miż-żona Ewropea mingħajr fruntieri interni li l-bini tagħha huwa permess, fost l-oħrajn, mill-prinċipju ta' fiduċja reċiproka. Sussegwentement, għalkemm mill-FKK jirriżulta li l-kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri hija bbażata fuq ir-rispett għal żmien twil tal-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet

[362] Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

[363] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).

[364] Dawn l-artikoli jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-każijiet ta' rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest maħruġ abbażi tal-FKK kif ukoll il-garanziji li għandhom jiġu pprovduti mill-Istat emittenti f'każijiet partikolari.

[365] F'dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, fil-kuntest tal-ewwel stadju, tiddetermina jekk ikunx hemm elementi li juru l-eżistenza ta' riskju reali ta' ksur, fl-Istat Membru emittenti, ta' dritt fundamentali rilevanti minħabba nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati, jew minħabba nuqqasijiet li jaffettwaw iktar speċifikament grupp oġġettivament identifikabbli ta' persuni. Fil-kuntest tat-tieni stadju, hija għandha tivverifika, b'mod konkret u preċiż, kemm in-nuqqasijiet identifikati matul l-ewwel stadju jkunu jistgħu jaffettwaw il-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew u jekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni personali tagħha, ikunx hemm raġunijiet serji u kkonfermati li jwasslu lil wieħed jemmen li din il-persuna tkun ser tiġi esposta għal riskju reali ta' ksur ta' dritt fundamentali rilevanti fil-każ ta' konsenja lill-Istat Membru emittenti.

fundamentali tal-persuni [366], din il-kooperazzjoni ma hijiex ippreżentata bħala li hija bbażata fuq il-preżervazzjoni tal-fiduċja reċiproka bejn l-Istati kkonċernati li kienet teżisti qabel il-ħruġ mill-Unjoni tar-Renju Unit fil-31 ta' Jannar 2020. Fl-aħħar nett, hemm differenzi sostanzjali bejn id-dispożizzjonijiet tal-FKK dwar il-mekkaniżmu ta' konsenja u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eżami li għandha twettaq l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni meta l-persuna kkonċernata tinvoka quddiemha l-eżistenza ta' riskju ta' ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta fil-każ ta' konsenja lir-Renju Unit. Hija enfasizzat li l-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali jimponi fuq din l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tiddetermina konkretament, wara eżami xieraq, jekk ikunx hemm raġunijiet validi biex wieħed jemmen li l-imsemmija persuna tkun ser tiġi esposta għar-riskju reali ta' tali ksur. Għal dan il-għan, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha teżamina l-elementi rilevanti kollha sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni prevedibbli tal-persuna rikjesta fil-każ tal-konsenja tagħha lir-Renju Unit, li jippreżupponi, b'differenza mill-eżami f'żewġ stadji msemmi iktar 'il fuq, li jittieħdu inkunsiderazzjoni simultanjament kemm ir-regoli u l-prattiki fis-seħħ ġeneralment f'dan il-pajjiż kif ukoll l-ispeċifiċitajiet tas-sitwazzjoni individwali ta' din il-persuna. Hija tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest maħruġ abbażi tal-FKK biss jekk hija jkollha, fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna rikjesta, elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament aġġornati li jistabbilixxu raġunijiet validi biex wieħed jemmen li jkun jeżisti riskju reali ta' ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta.

Barra minn hekk, qabel ma tkun tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, konformement mal-obbligu ta' assistenza reċiproka *in bona fide* stabbilit fl-Artikolu 3(1) tal-FKK, titlob minn qabel lill-awtorità ġudizzjarja emittenti informazzjoni dwar ir-regoli tad-dritt tal-Istat emittenti u l-mod kif dawn jistgħu jiġu applikati għas-sitwazzjoni individwali tal-persuna rikjesta kif ukoll, jekk ikun il-każ, garanziji addizzjonali sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' ksur tal-Artikolu 49(1) tal-Karta.

Fl-aħħar lok, f'dak li jirrigwarda l-portata ta' din l-aħħar dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li miżura relatata mal-eżekuzzjoni ta' piena tkun inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni biss jekk tinvolvi emenda retroattiva tal-portata stess tal-piena mġarrba fil-jum tat-twettiq tar-reat inkwistjoni, u b'hekk timplika l-impożizzjoni ta' piena ikbar. Dan ma jkunx il-każ meta din il-miżura sempliċement ittawwal il-limitu ta' ammissibbiltà għal-libertà kundizzjonata. Madankollu, is-sitwazzjoni tista' tkun differenti, b'mod partikolari, jekk l-imsemmija miżura tħassar essenzjalment il-possibbiltà ta' libertà kundizzjonata jew jekk hija tkun tagħmel parti minn numru ta' miżuri li jwasslu għall-aggravazzjoni tan-natura intrinsika tal-piena inizjalment mġarrba.

### c. Ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni mar-Renju tal-Marokk

**Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Confédération paysanne (Bettieħ u tadam mis-Saħara tal-Punent) (C-399/22, EU:C:2024:839)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika kummerċjali komuni – Ftehimiet internazzjonali – Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra – Modifika tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju – Regolament (UE) Nru 1169/2011 – Artikolu 9 – Artikolu 26(2) – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 – Artikolu 3(1) u (2) – Artikolu 5(1) u (2) – Artikolu 8 – Artikolu 15(1) u (4) – Anness I – Anness IV – Regolament (UE) Nru 1308/2013 – Artikolu 76 – Informazzjoni lill-konsumaturi dwar*

[366] Artikolu 524(1) tal-FKK.

*il-prodotti tal-ikel – Indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta’ oriġini jew tal-post ta’ provenjenza ta’ prodott tal-ikel – Frott u ħaxix maħsuda fis-Saħara tal-Punent – Talba magħmula lil Stat Membru sabiex jipprojbixxi unilateralment l-importazzjonijiet ta’ dawn il-prodotti fit-territorju tiegħu – Indikazzjoni obbligatorja tas-Saħara tal-Punent bħala l-post ta’ provenjenza tat-tadam u tal-bettieħ maħsud f’dan it-territorju“*

Adita b’talba għal deċiżjoni preliminari mill-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li l-Artikolu 207 TFUE, ir-Regolament Nru 2015/478 [367] u r-Regolament Nru 1308/2013 [368] ma jippermettux lil Stat Membru jadotta unilateralment miżura li tipprojbixxi l-importazzjoni ta’ prodotti agrikoli li l-ittikkettjar tagħhom ikun sistematikament mhux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-indikazzjoni tal-pajjiż jew tat-territorju ta’ oriġini. Hija enfasizzat, barra minn hekk, li l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 1308/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni Nru 543/2011 [369], għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-istadji tal-importazzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur, l-ittikkettjar tal-bettieħ charentais u tat-tadam cherry maħsuda fit-territorju tas-Saħara tal-Punent għandu jindika biss is-Saħara tal-Punent bħala l-pajjiż ta’ oriġini tagħhom.

Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn, minn naħa, il-Confédération paysanne, sindakat agrikolu Franċiż, u, min-naħa l-oħra, il-ministre de l’Agriculture et de la Souveraineté alimentaire (il-Ministru għall-Agrikoltura u għas-Sovranità tal-Ikel, Franza) u l-ministre de l’Économie, des Finances et de la Souveraineté industrielle et numérique (il-Ministru għall-Ekonomija, għall-Finanzi u għas-Sovranità Industrijali u Diġitali, Franza) dwar il-legalità ta’ deċiżjoni impliċita ta’ rifjut li kienet ittieħdet minn dawn tal-aħħar fuq talba ta’ dan is-sindakat sabiex tiġi ordnata l-projbizzjoni tal-importazzjoni tat-tadam cherry u tal-bettieħ tal-varjetà charentais maħsuda fit-territorju tas-Saħara tal-Punent (iktar ’il quddiem il-“prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali”).

Fit-2 ta’ Ottubru 2020, il-Confédération paysanne ippreżenta rikors quddiem il-Kunsill tal-Istat, il-qorti tar-rinviju, intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta’ ċaħda tat-talba tiegħu meħuda minn dawn il-Ministri u, min-naħa l-oħra, sabiex dawn il-Ministri jiġu obbligati jadottaw l-imsemmija ordni. Huwa sostna li t-territorju tas-Saħara tal-Punent ma jagħmilx parti mit-territorju tar-Renju tal-Marokk u li l-ittikkettjar li kien jindika li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu joriġinaw mill-Marokk kien jikser, għalhekk, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar l-informazzjoni lill-konsumaturi dwar l-oriġini tal-frott u tal-ħaxix offruti għall-bejgħ.

Il-qorti tar-rinviju staqsiet b’mod partikolari jekk il-leġiżlazzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni kinitx tawtorizza lil Stat Membru jadotta miżura nazzjonali ta’ projbizzjoni ta’ importazzjonijiet, provenjenti minn pajjiż terz, ta’ prodotti li l-ittikkettjar tagħhom ma jindikax b’mod korrett il-pajjiż jew it-territorju li joriġinaw minnu u jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni kinitx tippermetti, fl-istadju tal-importazzjoni tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll f’dak tal-bejgħ tagħhom lill-konsumatur, li l-ittikkettjar tal-imsemmija prodotti jindika lir-Renju tal-Marokk bħala pajjiż ta’ oriġini jew jekk għandux jindika biss it-territorju tas-Saħara tal-Punent.

---

367 Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 2015, L 83, p. 16, iktar ’il quddiem ir-“Regolament bażiku dwar is-salvagwardja”).

368 Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifika fil-ĠU 2013, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130, p. 8, fil-ĠU 2020, L 1, p. 5, fil-ĠU 2022, L 195, p. 106, fil-ĠU 2023, L 200, p. 51).

369 Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta’ Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU 2011, L 157, p. 1), kif emendat bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 594/2013 tal-21 ta’ Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 170, p. 43).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 207 TFUE, ir-Regolament bażiku dwar is-salvagwardja u r-Regolament Nru 1308/2013 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lil Stat Membru jadotta unilateralment miżura li tipprojbixxi l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli li l-ittikkettjar tagħhom ikun sistematikament mhux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-indikazzjoni tal-pajjiż jew tat-territorju ta' oriġini, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 3(1)(e) TFUE jagħti lill-Unjoni kompetenza esklużiva fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, li, skont l-Artikolu 207(1) TFUE, hija bbażata fuq prinċipji uniformi u għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, hija ppreċiżat li, meta t-Trattati jagħtu kompetenza esklużiva lill-Unjoni f'qasam partikolari, hija biss l-Unjoni li tista' tilleġiżla u tadotta atti legalment vinkolanti [370]. L-Istati Membri jistgħu, fil-fatt, jilleġiżlaw u jadottaw atti legalment vinkolanti f'tali qasam biss jekk ikunu awtorizzati jagħmlu dan mill-Unjoni jew sabiex jimplimentaw l-atti tal-Unjoni. Fl-assenza ta' tali awtorizzazzjoni, l-Istati Membri ma jistgħux, għaldaqstant, jadottaw unilateralment miżura li tipprojbixxi l-importazzjoni ta' kategorija ta' prodotti li joriġinaw minn territorju jew minn pajjiż terz, peress li l-imsemmija importazzjoni tkun fil-fatt permessa u rregolata minn ftehim kummerċjali konkluż mill-Unjoni.

Ċertament, l-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament bażiku dwar is-salvagwardji jipprovdi li dan ir-regolament ma jipprekludix l-adozzjoni jew l-applikazzjoni, mill-Istati Membri, ta' projbizzjonijiet, ta' restrizzjonijiet kwantitattivi jew ta' miżuri ta' sorveljanza għal ċerti raġunijiet speċifiċi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li din id-dispożizzjoni hija bla ħsara għal dispożizzjonijiet rilevanti oħra tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, fil-qasam tal-importazzjoni ta' prodotti agrikoli, l-Artikolu 194 tar-Regolament Nru 1308/2013 jirriżerva lill-Kummissjoni Ewropea l-kompetenza sabiex tieħu miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1308/2013. L-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament bażiku dwar is-salvagwardji ma jistax, konsegwentement, jinftiehem fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri jadottaw, unilateralment, miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjoni ta' prodotti agrikoli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, f'dan ir-rigward, enfasizzat li, fl-ipoteżi ta' ksur ġeneralizzat tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar l-informazzjoni tal-konsumaturi dwar l-oriġini tal-frott u tal-ħaxix mibjugħ mill-esportaturi, ma huwiex, jekk ikun il-każ, Stat Membru, iżda l-Kummissjoni li għandha tintervjeni fil-kuntest stabbilit mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni previsti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 1308/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 543/2011, għandux jiġi interpretat fis-sens li, fl-istadji tal-importazzjoni u tal-bejgħ lill-konsumatur, l-ittikkettjar tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jindika s-Saħara tal-Punent, mingħajr ma jista' jindika r-Renju tal-Marokk, bħala l-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dan ir-rigward, li l-premessa 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 543/2011, li fid-dawl tagħha għandhom jinqraw ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament, tipprovdi, essenzjalment, li l-indikazzjonijiet meħtieġa mir-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jidhru b'mod ċar fuq l-imballaġġ u/jew fuq it-tikketta tal-prodotti kkonċernati, b'mod partikolari sabiex jiġi evitat li l-konsumatur jiġi mqarraq. Għalhekk, l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini li għandha neċessarjament tidher fuq il-prodotti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex tkun qarrieqa.

[370] Artikolu 2(1) TFUE.

Fid-dawl tal-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 952/2013 [371], l-obbligu li jissemma l-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali li jirriżulta, minn naħa, mir-regoli ġenerali ta' kummerċjalizzazzjoni previsti fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 543/2011, kif ukoll mill-istandards speċifiċi ta' kummerċjalizzazzjoni li jinsabu fil-Parti 10 tal-Parti B tal-Anness I ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, u, min-naħa l-oħra, mill-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 1308/2013, japplika mhux biss għall-prodotti li joriġinaw minn "pajjiż", iżda wkoll għal dawk li joriġinaw minn "territorji", li jistgħu jinkludu spazji ġeografiċi li, filwaqt li jinsabu taħt il-ġurisdizzjoni jew taħt ir-responsabbiltà internazzjonali ta' Stat, għandhom madankollu, fir-rigward tad-dritt internazzjoni, status proprju u li huwa distint minn dak ta' dan l-Istat.

Peress li l-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu nħasdu fit-territorju tas-Saħara tal-Punent, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dan jikkostitwixxi territorju distint minn dak tar-Renju tal-Marokk [372]. Barra minn hekk, l-Anness 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/1470 [373] jipprovdi kodiċi u testi distinti għas-Saħara tal-Punent u għar-Renju tal-Marokk.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-territorju tas-Saħara tal-Punent għandu jitqies li huwa territorju doganali, fis-sens tal-Artikolu 60 tar-Regolament Nru 952/2013 u, konsegwentement, tar-Regolament Nru 1308/2013 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 543/2011. Għaldaqstant, l-indikazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini li kellha tidher fuq il-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħet tindika biss is-Saħara tal-Punent bħala tali, peress li l-imsemmija prodotti nħasdu f'dan it-territorju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li kull indikazzjoni oħra tkun qarrieqa peress li twassal lill-konsumaturi għal żball fir-rigward tal-oriġini vera tal-prodotti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn setgħet tagħti x'tifhem li dawn tal-aħħar joriġinaw minn post ieħor li ma huwiex it-territorju fejn ġew maħsuda.

### Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario (C-778/21 P u C-798/21 P, EU:C:2024:833)

*"Appell – Azzjoni esterna – Ftehimiet internazzjonali – Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk – Deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta' dan il-ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu – Allegazzjonijiet dwar ksur tad-dritt internazzjonali minħabba l-applikabbiltà tal-imsemmi ftehim għall-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Locus standi in judicio – Locus standi – Kundizzjoni li tgħid li rikorrent għandu, f'ċerti każijiet, ikun ikkonċernat direttament u individwalment mill-miżura kontenzjuża – Prinċipju ta' effett relattiv tat-Trattati – Prinċipju ta' awtodeterminazzjoni – Territorji mhux awtonomi – Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti – Setgħa ta' evalwazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Dritt internazzjonali konswetudinarju – Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni – Kunsens tal-poplu ta' territorju mhux awtonomu li għandu d-dritt għall-awtodeterminazzjoni bħala terz għal ftehim internazzjonali"*

### Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Front Polisario (C-779/21 P u C-799/21 P, EU:C:2024:835)

*"Appell – Azzjoni esterna – Ftehimiet internazzjonali – Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra – Ftehim dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 ta' dan il-Ftehim – Att ta' konklużjoni – Allegazzjonijiet dwar ksur tad-dritt internazzjonali minħabba l-applikabbiltà tat-tieni ftehim għat-territorju tas-Saħara tal-*

---

371 Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2).

372 Ara s-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973, punt 92), u tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punt 62).

373 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1470 tat-12 ta' Ottubru 2020 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika Ewropea dwar il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija u dwar it-tqassim ġeografiku għal statistika oħra tan-negozju (ĠU 2020, L 334, p. 2, rettifika fil-ĠU 2021, L 104, p. 55).

*Punent – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Locus standi in judicio – Locus standi – Kundizzjoni li rikorrent għandu, f'ċerti każijiet, ikun direttament u individwalment ikkonċernat mill-miżura kontenzjuża – Prinċipju ta' effett relattiv tat-trattati – Prinċipju ta' awtodeterminazzjoni – Territorji mhux awtonomi – Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti – Setgħa ta' evalwazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Dritt konswetudinarju internazzjonali – Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni – Kunsens tal-poplu ta' territorju mhux awtonomu detentur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni bħala terz għal ftehim internazzjonali"*

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet, permezz ta' żewġ sentenzi li għaqqdu, sentenza minnhom, il-Kawżi C-778/21 P u C-798/21 P, u s-sentenza l-oħra, il-Kawżi C-779/21 P u C-799/21 P, l-appelli ppreżentati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea minn żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali li kienu annullaw id-deċiżjonijiet tal-Kunsill li japprovaw il-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk wara rikorsi għal annullament ippreżentati minn Front populaire pour la libération de la Saguia el-Hamra et du Rio de Oro (Front Polisario) kontra dawk id-deċiżjonijiet.

Permezz tad-Deċiżjoni 2019/217 [374], il-Kunsill kien approva l-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda ta' ċerti protokolli tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra [375]. Il-Kunsill kien approva wkoll, permezz tad-Deċiżjoni 2019/441 [376], il-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija fil-qasam tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll l-iskambju ta' ittri relatat mal-ftehim u, permezz tar-Regolament 2019/440, it-tqassim tal-possibbiltajiet ta' sajd skont l-imsemmi ftehim u l-protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu [377]. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet segwew is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973), li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet b'mod partikolari ppreċiżat li l-ftehim ta' assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju kien ikopri biss it-territorju tar-Renju tal-Marokk u mhux dak, mhux awtonomu, tas-Saħara tal-Punent, kif ukoll is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet segwiet raġunament simili ħafna fir-rigward ta' ftehimiet fil-qasam tas-sajd mar-Renju tal-Marokk f'dak li jirrigwarda l-ibħra li jmissu mas-Saħara tal-Punent.

Il-ftehim approvat permezz tad-Deċiżjoni 2019/217 emenda l-protokolli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar is-sistema applikabbli għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea tal-prodotti agrikoli, tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Marokk, u dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw minn" sabiex il-benefiċċju tal-preferenzi tariffarji mogħtija lill-prodotti ta' oriġini Marokkina esportati fl-Unjoni jiġi estiż għall-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent esportati taħt il-kontroll tal-awtoritajiet doganali Marokkini. Il-ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk [378] min-naħa tiegħu, ġie emendat billi ġew inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim l-ibħra li jmissu mat-territorju tas-Saħara tal-Punent.

---

**374** Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/217 tat-28 ta' Jannar 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar l-emenda tal-Protokolli Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (ĠU 2019, L 34, p. 1).

**375** Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fis-26 ta' Frar 1996 (ĠU 2000, L 70, p. 2).

**376** Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/441 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu u tal-iskambju ta' ittri li jakkumpanja l-Ftehim (ĠU 2019, L 77, p. 4).

**377** Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/440 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (ĠU 2019, L 77, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"regolament kontenzjuż").

**378** Ftehim ta' Assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ĠU 2006, L 294M, p. 134).

Permezz ta' rikorsi ppreżentati fl-2019 kontra dawn l-atti fi tliet kawżi, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19, T-344/19 u T-356/19), Front Polisario kien talab l-annullament tad-deċiżjonijiet u tar-regolament kontenzjużi.

Il-Qorti Ġenerali, fil-kawża li tat lok għas-sentenza Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19) [379], minn naħa, u fil-kawżi magħquda li taw lok għas-sentenza Front Polisario vs Il-Kunsill (T-344/19 u T-356/19) [380], min-naħa l-oħra, annullat id-deċiżjonijiet u r-regolament kontenzjużi minħabba li r-rekwiżit dwar il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent ma kienx ġie osservat. Fil-fatt, il-Kunsill ma kienx ħa inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-elementi rilevanti kollha relatati mas-sitwazzjoni tas-Saħara tal-Punent u kien ikkunsidra, b'mod żbaljat, li huwa kellu marġni ta' evalwazzjoni dwar l-osservanza tar-rekwiżit li l-poplu ta' dan it-territorju kellu jesprimi l-kunsens tiegħu għall-applikazzjoni tal-ftehimiet kontenzjużi f'dan it-territorju, bħala terz għall-ftehimiet kontenzjużi fis-sens tal-prinċipju ta' effett relattiv tat-trattati flimkien mal-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni.

Kemm il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni appellaw minn dawn is-sentenzi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

1. *Fuq l-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ippreżentati minn Front Polisario quddiem il-Qorti Ġenerali*

*(a) Il-locus standi in judicio ta' Front Polisario*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, tippreżenta rikors kontra l-atti indirizzati lilha jew li jikkonċernawha direttament u individwalment, kif ukoll kontra l-atti regolatorji li jikkonċernawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet il-*locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni lil entitajiet indipendentement mill-kwistjoni tal-kostituzzjoni tagħhom bħala persuna ġuridika fid-dritt intern.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, Front Polisario kien moviment ta' liberazzjoni awtoproklamat li nħoloq sabiex jiġġieled għall-indipendenza, mir-Renju tal-Marokk, tat-territorju mhux awtonomu tas-Saħara tal-Punent u għall-ħolqien ta' Stat tas-Saħara tal-Punent sovran. Sa fejn dan il-moviment kien ifittex preċiżament, billi jibbaża ruħu fuq l-eżerċizzju tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, li jistabbilixxi ordinament ġuridiku statali għal dan it-territorju, huwa ma setax jintalab, sabiex jiġi rrikonoxxut lilu l-*locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni, li jkun ikkostitwit bħala persuna ġuridika konformement ma' ordinament ġuridiku nazzjonali partikolari. Barra minn hekk, Front Polisario kien wieħed mill-interlokuturi leġittimi fil-qafas tal-proċess immexxi għad-determinazzjoni tal-futur tas-Saħara tal-Punent taħt il-patroċinju tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, li d-deċiżjonijiet tiegħu jorbtu lill-Istati Membri kollha u lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Minn dan kien jirriżulta li Front Polisario, li kellu wkoll relazzjonijiet ġuridiċi bilaterali fil-livell internazzjonali, kellu eżistenza ġuridika suffiċjenti sabiex ikun jista' jkollu *locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni [381]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Qorti Ġenerali setgħet, mingħajr ma twettaq żball ta' liġi, tikkonkludi li Front Polisario kellu *locus standi in judicio* quddiem il-qrati tal-Unjoni, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

*(b) Il-locus standi ta' Front Polisario*

---

[379] Sentenza tad-29 ta' Settembru 2021, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19, EU:T:2021:639).

[380] Sentenza tad-29 ta' Settembru 2021, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-344/19 u T-356/19, EU:T:2021:640).

[381] Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat f'dan ir-rigward li l-kwistjoni dwar jekk din l-entità setgħetx leġittimament tirrappreżenta l-interessi tal-poplu tas-Saħara tal-Punent kienet tikkonċerna l-*locus standi* tagħha fil-kuntest ta' rikors għal annullament li jikkonċerna d-deċiżjoni kontenzjuża, u mhux il-*locus standi in judicio* tagħha quddiem il-qorti tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-*locus standi* ta' Front Polisario. Fir-rigward tal-punt dwar jekk Front Polisario kienx direttament ikkonċernat mid-deċiżjonijiet u mir-regolament kontenzjużi, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabelxejn, iż-żewġ kundizzjonijiet li kellhom jiġu ssodisfatti kumulattivament għal dan il-għan, jiġifieri li l-miżura kontenzjuża, minn naħa, toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-persuna kkonċernata u, min-naħa l-oħra, li ma tħalli ebda setgħa ta' evalwazzjoni lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha.

Hija kkonstatat, f'dan ir-rigward, li, permezz tar-rikorsi għal annullament tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, Front Polisario ried jipproteġi d-dritt għall-awtodeterminazzjoni tal-poplu tas-Saħara tal-Punent [382] u li, għaldaqstant, kien fid-dawl tal-effetti tal-atti kontenzjużi u, għaldaqstant, tal-ftehimiet kontenzjużi fuq is-sitwazzjoni legali ta' dan il-poplu, li kien hemm lok li jiġi eżaminat jekk Front Polisario kienx direttament ikkonċernat mill-atti kontenzjużi.

Hija fakkret li, filwaqt li ma ġiex uffiċjalment irrikonoxxut bħala r-rappreżentant esklużiv tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, Front Polisario kien, konformement mar-riżoluzzjonijiet tal-ogħla istanzi tan-Nazzjonijiet Uniti, interlokutur ipprivileġġjat bil-għan tad-determinazzjoni tal-istatus futur tas-Saħara tal-Punent. Dawn iċ-ċirkustanzi partikolari kienu jippermettu li jitqies li Front Polisario seta' jikkontesta quddiem il-qorti tal-Unjoni l-legalità ta' att tal-Unjoni li jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika ta' dan il-poplu. F'dan ir-rigward, l-atti kontenzjużi u, b'estensjoni, il-ftehimiet kontenzjużi, kienu jissodisfaw, permezz tal-effett li kellhom fuq id-dritt tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-awtodeterminazzjoni, il-kundizzjoni legali li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors tagħha. Fid-dawl tal-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, din il-kundizzjoni kellha tiġi evalwata, f'dan il-każ, fir-rigward tas-sitwazzjoni ġuridika tal-poplu tas-Saħara tal-Punent, li kien irrappreżentat għall-finijiet ta' dawn il-kawżi minn Front Polisario.

Id-deċiżjoni li tikkonċerna l-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali tikkostitwixxi, barra minn hekk, att definittiv fl-ordinament ġuridiku intern tal-Unjoni, li jesprimi r-rieda tal-Unjoni li tintrabat b'dan il-ftehim. Il-Qorti tal-Ġustizzja, li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tannulla ftehim internazzjonali, fakkret li din id-deċiżjoni tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat. Min-naħa l-oħra, kuntrarjament għal dak li sostnew ċerti partijiet, in-notifika tal-approvazzjoni ta' tali ftehim lill-parti kontraenti l-oħra tikkostitwixxi miżura ta' implimentazzjoni li, bħala prinċipju, għandha titqies li hija att li ma jistax jiġi kkontestat.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li Front Polisario kien direttament ikkonċernat mid-deċiżjonijiet kontenzjużi u li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żbalji ta' liġi f'dan ir-rigward.

F'dak li kien jirrigwarda l-interess individwali ta' Front Polisario, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat ukoll l-approċċ adottat mill-Qorti Ġenerali li kien jgħid li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi li wasslu għall-konklużjoni tal-inċidenza diretta tiegħu, huwa kellu jitqies li huwa individwalment affettwat mid-deċiżjonijiet kontenzjużi. Hija kkonstatat, f'dan ir-rigward, li l-poplu tas-Saħara tal-Punent, irrappreżentat minn Front Polisario, kien individwalment ikkonċernat mid-deċiżjoni kontenzjuża sa fejn inklużjoni espressa tat-territorju tas-Saħara tal-Punent fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, li jorbtu lill-Unjoni bis-saħħa tad-deċiżjonijiet kontenzjużi, kienet tbiddel is-sitwazzjoni ġuridika ta' dan il-poplu minħabba l-kwalità tiegħu ta' detentur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni fir-rigward ta' dan it-territorju, peress li din il-kwalità kienet tikkaratterizzah meta mqabbel ma' kull persuna jew entità oħra, inkluż fir-rigward ta' kull suġġett ieħor tad-dritt internazzjonali.

2. *Fuq il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-ftehimiet kontenzjużi u fuq il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-Qorti Ġenerali*

382 Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973, punti 88, 91 u 105).

Skont id-deċiżjonijiet kontenzjużi, il-ftehimiet inkwistjoni ġew approvati mill-Unjoni wara li l-Kummissjoni, flimkien mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, "ħadet il-miżuri raġonevoli u possibbli kollha [...] biex tinvolvi kif xieraq il-popolazzjonijiet milqutin sabiex tiżgura l-kunsens tagħhom għall-Ftehim" [383]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-parti l-kbira tal-popolazzjoni attwali tas-Saħara tal-Punent ma kinitx tagħmel parti mill-poplu detentur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni, jiġifieri l-poplu tas-Saħara tal-Punent, li fil-parti l-kbira tiegħu ċċaqlaq. Hija żiedet li teżisti differenza bejn il-kunċett ta' "popolazzjoni" ta' territorju mhux awtonomu, u dak ta' "poplu" ta' dan it-territorju. Dan tal-aħħar jagħmel riferiment, fil-fatt, għal unità politika, detentriċi tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni, filwaqt li l-kunċett ta' "popolazzjoni" jirreferi għall-abitanti ta' territorju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret sussegwentement li, skont il-prinċipju ġenerali tad-dritt internazzjonali tal-effett relattiv tat-trattati, dawn la għandhom jippreġudikaw u lanqas jiffavorixxu lil suġġetti terzi. Terz jista', f'dan ir-rigward, ikun affettwat mill-implimentazzjoni ta' ftehim fil-każ li fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi inkluż territorju li fir-rigward tiegħu l-imsemmi terz ikun sovran jew detentur tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni. L-implimentazzjoni ta' ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u r-Renju tal-Marokk fit-territorju tas-Saħara tal-Punent kellha jkollha, għaldaqstant, il-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent [384]. Peress li l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tikkontribwixxi, b'mod partikolari, għall-osservanza stretta tad-dritt internazzjonali u għall-osservanza tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti [385], il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-assenza ta' kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-imsemmija ftehimiet, li l-implimentazzjoni tagħhom kienet testendi fuq it-territorju tas-Saħara tal-Punent jew fl-ibħra li jmissu miegħu, setgħet taffettwa l-validità tal-atti tal-Unjoni li jirrigwardaw il-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet.

### 3. *Fuq in-neċessità tal-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent u fuq l-identifikazzjoni ta' Front Polisario bħala entità li għandha tesprimih*

Il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat, qabelxejn, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li l-ftehimiet kontenzjużi, billi taw lill-awtoritajiet Marokkini ċerti kompetenzi li l-eżerċizzju tagħhom kien previst fit-territorju tas-Saħara tal-Punent, kienu jimponu obbligu fuq il-poplu tas-Saħara tal-Punent [386]. Fil-fatt, għalkemm l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kontenzjużi kienet timplika li l-atti tal-awtoritajiet Marokkini mwettqa fit-territorju tas-Saħara tal-Punent kellhom effetti legali li jbiddlu s-sitwazzjoni legali tal-poplu ta' dan it-territorju, dan ma kienx jippermetti madankollu li jitqies li l-imsemmija ftehimiet kienu joħolqu obbligi legali fuq dan il-poplu, bħala suġġett tad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-ftehimiet kontenzjużi ma kinux jimplikaw ir-rikonoxximent mill-Unjoni tal-allegata sovranità tal-Marokk fuq is-Saħara tal-Punent. Bl-istess mod, il-poplu tas-Saħara tal-Punent ma kienx, pereżempju, id-destinatarju tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, jew ta' atti amministrattivi oħra, stabbiliti mill-awtoritajiet Marokkini fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li huwa kien ikun obbligat jirrikonoxxi, u lanqas tal-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, għaldaqstant, li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq premessa żbaljata meta kkonstatat li l-espressjoni tal-kunsens tal-poplu tas-Saħara tal-Punent għall-ftehimiet kontenzjużi kellha tkun espliċita.

---

383 Premessa 10 tad-Deċiżjoni 2019/217 u premessa 11 tad-Deċiżjoni 2019/441.

384 Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kunsill vs Front Polisario (C-104/16 P, EU:C:2016:973, punt 106).

385 Artikolu 3(5) u Artikolu 21(1) TUE.

386 Sentenzi tad-29 ta' Settembru 2021, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-279/19, EU:T:2021:639, punti 322 u 323), kif ukoll tad-29 ta' Settembru 2021, Front Polisario vs Il-Kunsill (T-344/19 u T-356/19, EU:T:2021:640, punt 318).

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li d-dritt internazzjonali konswetudinarju ma jipprevedix forma partikolari għall-espressjoni tal-kunsens ta' persuna terza għal ftehim li jagħtiha dritt [387] u ma jeskludix li tali kunsens ikun jista' jingħata b'mod impliċitu f'ċerti ċirkustanzi. Għalhekk, il-kunsens ta' poplu ta' territorju mhux awtonomu għal ftehim internazzjonali li fir-rigward tiegħu huwa jkollu l-kwalità ta' terz u li l-applikazzjoni tiegħu tkun prevista fit-territorju li għalih jirreferi d-dritt tiegħu għall-awtodeterminazzjoni jista' jiġi preżunt sakemm jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet. Minn naħa, il-ftehim inkwistjoni ma għandux joħloq obbligu impost fuq dan il-poplu. Min-naħa l-oħra, huwa għandu, b'mod partikolari, jipprevedi li l-poplu kkonċernat jirċievi huwa stess vantaġġ preċiż, konkret, sostanzjali u verifikabbli li jirriżulta mill-użu tar-riżorsi naturali ta' dan it-territorju, u proporzjonali għall-importanza ta' dan l-użu. Il-ftehim inkwistjoni għandu jipprevedi wkoll mekkaniżmu ta' kontroll regolari li jippermetti li tiġi vverifikata r-realtà tal-vantaġġ mogħti lill-poplu kkonċernat. L-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet hija meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà ta' tali ftehim mal-prinċipju, li jirriżulta mill-Artikolu 73 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u stabbilit fid-dritt konswetudinarju internazzjonali, ta' supremazija tal-interessi tal-popli tat-territorji mhux awtonomi.

Jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ikunu ssodisfatti, il-kunsens tal-poplu kkonċernat għandu jitqies li huwa miksub. Għalhekk, iċ-ċirkustanza li moviment li jippreżenta ruħu bħala r-rappreżentant leġittimu tal-imsemmi poplu huwa kontra dan il-ftehim ma tistax, bħala tali, tkun suffiċjenti sabiex tiġi kkontestata l-eżistenza ta' tali kunsens preżunt. Din il-preżunzjoni tista' madankollu tiġi kkonfutata meta rappreżentanti leġittimi ta' dan il-poplu jistabbilixxu li s-sistema ta' vantaġġ mogħti lil dan il-poplu mill-ftehim inkwistjoni, jew inkella l-mekkaniżmu ta' kontroll regolari li għandu jkun suġġett għalih, ma tissodisfax l-imsemmija kundizzjonijiet.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-ftehimiet kontenzjużi, minkejja li kienu jbiddlu s-sitwazzjoni legali tal-poplu tas-Saħara tal-Punent fid-dritt tal-Unjoni fir-rigward tad-dritt għall-awtodeterminazzjoni li huwa kellu, ma kinux joħolqu obbligi legali fuq dan il-poplu, bħala suġġett tad-dritt internazzjonali. Għaldaqstant, l-ewwel waħda miż-żewġ kundizzjonijiet kienet issodisfatta.

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li vantaġġ favur il-poplu tas-Saħara tal-Punent, li kien jissodisfa l-karatteristiċi msemmija preċedentement, kien manifestament nieqes fil-ftehimiet kontenzjużi. Hija ppreċiżat ukoll li, kieku ftehim kellu, fil-futur, jibbenefika lill-poplu tas-Saħara tal-Punent konformement mal-imsemmija rekwiżiti, il-possibbiltà li dan il-ftehim ikun ta' benefiċċju wkoll għall-abitanti ta' dan it-territorju b'mod ġenerali ma tkunx tista' tipprekludi l-konstatazzjoni ta' kunsens preżunt ta' dan il-poplu.

### 4. *Fuq l-invokabbiltà tad-dritt internazzjonali*

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Unjoni hija obbligata teżerċita l-kompetenzi tagħha b'osservanza tad-dritt internazzjonali u li għalhekk hija għandha ġurisdizzjoni, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, sabiex tevalwa l-kompatibbiltà ta' ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni mar-regoli tad-dritt internazzjonali. Konformement mat-Trattati, dawn ir-regoli jorbtu lill-Unjoni, u l-istħarriġ tal-validità mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-att li permezz tiegħu l-Unjoni tkun ikkonkludiet tali ftehim internazzjonali jista' jirrigwarda l-legalità ta' dan l-att fid-dawl tal-kontenut innifsu tal-ftehim internazzjonali inkwistjoni [388]. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali setgħet, ġustament, tqis li l-prinċipju ta' awtodeterminazzjoni u l-prinċipju ta' effett relattiv tat-trattati kienu invokabbli fil-kuntest tal-istħarriġ tal-validità tad-deċiżjonijiet kontenzjużi.

*Konklużjoni*

---

[387] Ara s-sentenza tal-Qorti Permanenti tal-Ġustizzja Internazzjonali tas-7 ta' Ġunju 1932, fil-kawża "Żoni Ħielsa tal-Haute-Savoie u tal-Pays de Gex" (Ġabra CPJI 1927, Serje A/B, Nru 46, p. 148).

[388] Sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Western Sahara Campaign UK (C-266/16, EU:C:2018:118, punti 47 sa 51).

Peress li ebda wieħed mill-aggravji mqajma insostenn tal-appelli ppreżentati mill-Kunsill u mill-Kummissjoni ma ntlaqa' mill-Qorti tal-Ġustizzja, hija ċaħdithom fl-intier tagħhom.

5. *Fuq iż-żamma tal-effetti tad-deċiżjonijiet kontenzjużi fil-każ ta' ċaħda tal-appelli ppreżentati mill-Kunsill u mill-Kummissjoni*

Fil-kawżi magħquda C-778/21 P u C-798/21 P, is-sentenza appellata kienet żammet l-effetti tad-deċiżjoni kontenzjuża sal-għoti ta' din is-sentenza. Issa, peress li l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-ftehim inkwistjoni skada fis-17 ta' Lulju 2023 u peress li l-Ftehim dwar is-Sajd ma kienx jawtorizza huwa stess l-aċċess tal-bastimenti tal-Unjoni għaż-"żona tas-sajd" ikkonċernata, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-talbiet sussidjarji tal-Kummissjoni u tal-Kunsill għaż-żamma tal-effetti tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kienx għad kellhom skop.

Fil-kawżi magħquda C-779/21 P u C-799/21 P, il-ftehim konkluż permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża kien daħal fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 2019. Peress li l-annullament ta' din id-deċiżjoni, mingħajr ma l-effetti tagħha jinżammu għal perijodu limitat, seta' jkollu konsegwenzi negattivi serji fuq l-azzjoni esterna tal-Unjoni u jimmina ċ-ċertezza legali tal-obbligi internazzjonali li għalihom tkun tat il-kunsens u li jorbtu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li żżomm l-effetti tagħha għal perijodu ta' tnax-il xahar mid-data tal-għoti tas-sentenza.

# XX. Politika estera u ta' sigurtà komuni

## 1. Miżuri restrittivi

**Sentenza tal-5 ta' Settembru 2024, Jemerak (C-109/23, EU:C:2024:681)**

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Regolament (UE) Nru 833/2014 – Artikolu 5n(2) u (6) – Projbizzjoni li jingħataw, direttament jew indirettament, servizzi ta' konsulenza legali lill-Gvern Russu jew lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja – Eżenzjoni li tikkonċerna l-għoti ta' servizzi li jkunu strettament meħtieġa biex jiġi żgurat l-aċċess għal proċeduri ġudizzjarji, amministrattivi jew ta' arbitraġġ fi Stat Membru – Awtentifikazzjoni u eżekuzzjoni, minn nutar, ta' kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli – Assistenza minn interpretu waqt tali awtentifikazzjoni"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mil-Landgericht Berlin (il-Qorti Reġjonali ta' Berlin, il-Ġermanja), il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni li jingħataw servizzi ta' konsulenza legali lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Russja prevista fl-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014 [389], kif emendat bir-Regolament 2022/1904 [390], li jikkonċerna miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina.

GM u ON, ċittadini Ġermaniżi, kienu ser jixtru appartament li jinsab f'Berlin (il-Ġermanja) u li kien jappartjeni lill-kumpannija Visit Moscow Ltd, persuna ġuridika stabbilita fir-Russja. Għall-finijiet ta' din it-tranżazzjoni, GM, ON u Visit Moscow marru għand PR, nutar li kien jipprattika fil-Ġermanja, u talbuh jirrediġi kuntratt ta' bejgħ fil-forma awtentika, u sussegwentement jeżegwixxih. Fl-2022, PR madankollu rrifjuta li jawtentifika l-kuntratt ta' bejgħ, għar-raġuni li ma setax jeskludi li l-awtentifikazzjoni kienet tmur kontra l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014. Peress li ma qabilx mat-talba ta' GM, ON u Visit Moscow li jikkunsidra mill-ġdid dan ir-rifjut, PR ittrażmetta r-rikors ippreżentat kontra dan ir-rifjut minn dawn tal-aħħar lill-Qorti Reġjonali ta' Berlin, li għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja diversi domandi preliminari dwar dan is-suġġett.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, skont is-sens abitwali tagħhom fil-lingwaġġ kurrenti, il-kliem "konsulenza legali" jirreferu, b'mod ġenerali, għal parir dwar kwistjoni ta' liġi. Użati flimkien mal-kelma "servizzi" fl-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014, huma jirreferu għalhekk għall-eżerċizzju ta' attività ta' natura ekonomika, ibbażata fuq relazzjoni bejn fornitur u l-klijent tiegħu, li jkollha bħala għan l-għoti ta' pariri legali, li permezz tagħha fornitur jipprovdi pariri dwar kwistjonijiet ta' liġi lill-persuni li jitolbuhom.

Din it-tifsira tal-kliem "servizzi ta' konsulenza legali" hija kkonfermata mill-premessa 19 tar-Regolament 2022/1904. Minn naħa, din il-premessa tirreferi għar-relazzjoni bejn fornitur u l-klijent tiegħu u ssemmi r-rwol ta' dan il-fornitur sa fejn jassisti u jagħti pariri lil dan il-klijent bl-aħjar mod possibbli fl-interess ta' dan tal-aħħar, fir-rigward tal-aspetti legali tat-tranżazzjonijiet ma' terzi. Min-naħa l-oħra, hija ssemmi l-attivitajiet anċillari li jikkonsistu fit-"tħejjija, l-eżekuzzjoni u l-verifika ta' dokumenti legali".

---

[389] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifika fil-ĠU 2014, L 246, p. 59).

[390] Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1904 tas-6 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2022, L 259 I, p. 3).

Għalhekk, l-attivitajiet koperti mill-kunċett ta’ “servizzi ta’ konsulenza legali” fis-sens tal-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014 huma nettament distinti minn dawk li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jkollhom iwettqu. Fil-fatt, dawn l-awtoritajiet pubbliċi ma għandhomx il-missjoni li jagħtu servizzi li jikkonsistu fl-għoti ta’ pariri dwar kwistjonijiet ta’ liġi lil persuni sabiex jippromwovu jew jiddefendu l-interessi partikolari tagħhom.

F’dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fil-kuntest ta’ awtentifikazzjoni ta’ kuntratt ta’ bejgħ ta’ proprjetà immobbli, in-nutar kien jidher li kien qiegħed jaġixxi mhux bil-għan li jippromwovi l-interessi speċifiċi ta’ waħda jew oħra mill-partijiet ikkonċernati jew ta’ dawn iż-żewġ partijiet, iżda b’mod imparzjali, ekwidistanti mill-partijiet u mill-interessi rispettivi tagħhom, unikament fl-interess tal-liġi u taċ-ċertezza legali. Għaldaqstant, fid-dawl tal-modalitajiet speċifiċi tal-proċedura ta’ awtentifikazzjoni nutarili tal-atti u tal-effetti legali marbuta mal-atti awtentifikati fl-ordinament ġuridiku Ġermaniż, awtentifikazzjoni, minn nutar, bħal dik irregolata mid-dritt Ġermaniż, ta’ kuntratt ta’ bejgħ ta’ proprjetà immobbli, proprjetà ta’ persuna ġuridika stabbilita fir-Russja, ma kinitx taqa’ taħt il-kunċett ta’ “servizzi ta’ konsulenza legali” msemmi fl-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014, u konsegwentement, fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-provvista ta’ dawn is-servizzi lil tali persuna ġuridika, prevista fil-punt (b) ta’ din id-dispożizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat f’dan ir-rigward li, jekk l-Artikolu 5n(2) tal-imsemmi regolament kellu jiġi interpretat fis-sens kuntrarju, dan iwassal għal inkoerenzi, minn naħa, fl-applikazzjoni ta’ dan ir-regolament u, min-naħa l-oħra, bejn l-imsemmi regolament u r-Regolament Nru 269/2014 [391].

Fil-fatt, it-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw proprjetajiet immobbli li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni u li jappartjenu lil persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Russja jibqgħu awtorizzati bis-saħħa tar-Regolament Nru 833/2014. Fil-prattika, dawn it-tranżazzjonijiet jistgħu madankollu jiġu ostakolati f’ċerti Stati Membri li fihom l-awtentifikazzjoni nutarili tal-kuntratt ta’ bejgħ ta’ proprjetà immobbli tikkostitwixxi kundizzjoni essenzjali għat-trasferiment ta’ tali proprjetà, u dan indipendentement mill-punt dwar jekk dawn il-persuni ġuridiċi jkunux, jew le, is-suġġett ta’ projbizzjoni li jiddisponu mill-assi tagħhom skont ir-Regolament Nru 269/2014.

Issa, tali varjabbiltà fl-effetti tal-projbizzjoni prevista mill-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014 minn Stat Membru għal ieħor, skont is-sistema nutarili eżistenti, ma setgħetx tkun fir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

Barra minn hekk, l-interpretazzjoni adottata ma tmurx kontra l-għan tar-Regolament Nru 833/2014, u lanqas kontra dak tar-Regolament Nru 269/2014.

Qabelxejn, la mid-Deċiżjoni 2022/1909 [392] u lanqas mir-Regolament Nru 833/2014 jew mir-Regolament 2022/1904 ma jirriżulta li, billi stabbilixxa l-projbizzjoni li jingħataw servizzi ta’ konsulenza legali, il-Kunsill ried jagħmel mod li l-persuni ġuridiċi stabbiliti fir-Russja jkunu jistgħu jsibu ruħhom, f’ċerti Stati Membri, fl-impossibbiltà li jiddisponu mill-proprjetajiet immobbli tagħhom.

Sussegwentement, l-għan wara l-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014 kien li jirrendi iktar diffiċli għall-persuni ġuridiċi Russi li joperaw fit-territorju tal-Unjoni l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tagħhom f’dan it-territorju u, permezz ta’ dan, li jkollhom impatt fuq l-ekonomija Russa. Issa, l-awtentifikazzjoni nutarili ta’ kuntratt ta’ bejgħ ta’ proprjetà immobbli li tappartjeni lil persuna ġuridika stabbilita fir-Russja ma tmurx kontra tali għan.

---

391 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta’ Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal Ukraina (ĠU 2014, L 78, rettifika fil-ĠU 2014, L 249 p. 64).

392 Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1909 tas-6 ta’ Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU 2022, L 259 I, p. 122).

Fl-aħħar nett, ma kienx jidher kif l-awtentifikazzjoni nutarili ta' kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli li tappartjeni lil persuna ġuridika stabbilita fir-Russja setgħet, *a priori* u b'mod ġenerali, tikkontribwixxi sabiex jiġu evitati l-miżuri restrittivi adottati.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa għal kull wieħed mill-kompiti li n-nutar iwettaq għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt ta' bejgħ jekk dawn kinux jimplikaw l-għoti min-nutar ta' konsulenza legali lill-partijiet fis-sens tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "servizzi ta' konsulenza legali" adottata preċedentement.

Fl-aħħar lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk is-servizzi ta' traduzzjoni mogħtija minn interpretu waqt l-awtentifikazzjoni nutarili kinux jikkostitwixxu servizzi ta' konsulenza legali fis-sens tal-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014, peress li l-professjoni ta' interpretu ma hijiex ta' natura ġuridika, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li dawn is-servizzi ma jistgħux jippreżentaw element ta' "konsulenza legali", anki meta l-għoti ta' servizzi kkonċernat jikkonsisti fl-għoti ta' assistenza lil professjonist legali li jaġixxi f'qasam ġuridiku. Barra minn hekk, ma kienx jidher li l-awtentifikazzjoni, minn nutar Ġermaniż, ta' att ta' bejgħ ta' proprjetà immobbli li tinsab fil-Ġermanja u li tappartjeni lil persuna ġuridika stabbilita fir-Russja kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014 li jingħataw servizzi ta' konsulenza legali. Minn dan segwa li, meta jagħti servizzi ta' traduzzjoni fil-kuntest tal-proċess ta' awtentifikazzjoni notarili ta' tali att, sabiex jassisti lir-rappreżentant ta' din il-persuna ġuridika li ma tkunx tifhem il-lingwa tal-proċedura ta' awtentifikazzjoni, l-interpretu ma jipprovdix "servizzi ta' konsulenza legali" lil tali persuna ġuridika, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

### Sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Neves 77 Solutions (C-351/22, EU:C:2024:723)

*"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Deċiżjoni 2014/512/PESK – Artikolu 2(2)(a) – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – L-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE – Artikolu 275 TFUE – Artikolu 215 TFUE – Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Dritt għall-proprjetà – Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nulla poena sine lege – Servizzi ta' senserija relatati ma' tagħmir militari – Projbizzjoni li jiġu pprovduti tali servizzi – Assenza ta' komunikazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti – Ksur amministrattiv – Multa – Konfiska awtomatika tas-somom miġbura inkambju għat-tranżazzjoni pprojbita"*

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mit-Tribunalul București (il-Qorti tal-Kontea ta' Bukarest, ir-Rumanija), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata tal-limitazzjonijiet tal-ġurisdizzjoni tagħha fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) [393]. Barra minn hekk, hija tat deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi ta' senserija fir-rigward ta' tagħmir militari prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK [394], dwar il-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina.

Il-kumpannija Rumena Neves 77 Solutions SRL (iktar 'il quddiem "Neves") kellha bħala attività prinċipali s-senserija fil-bejgħ ta' prodotti fil-qasam tal-avjazzjoni.

Fl-2019, Neves ikkonkludiet mal-kumpannija Ukrena SFTE Spetstechnoexport (iktar 'il quddiem "SFTE") kuntratt dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-proprjetà ta' 32 sett tar-radju li kellhom jiġu kkunsinnati fl-Emirati Għarab Magħquda. Wara li xtrat mingħand kumpannija Portugiża dan it-32 sett tar-radju,

---

[393] Dawn il-limitazzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 24(1) TUE u fl-Artikolu 275(1) TFUE.

[394] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 13, u rettifika fil-ĠU 2014, L 263, p. 35), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 (ĠU 2014, L 271, p. 54).

li 20 minnhom ġew immanifatturati fir-Russja u esportati lejn l-Emirati Għarab Magħquda, Neves ittrasferixxiethom, fuq talba ta' SFTE, lil kumpannija Indjana.

Peress li qieset, b'mod partikolari, li dan is-servizz ta' senserija kien jikser l-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni 2014/512, l-amministrazzjoni fiskali Rumena indirizzat, fl-2020, proċess verbal ta' ksur amministrattiv li impona fuq Neves multa amministrattiva u l-konfiska tas-somom miġbura bħala korrispettiv għal dan is-servizz.

Neves ippreżentat rikors intiż għall-annullament tal-imsemmi proċess verbal quddiem il-Judecătoria Sectorului 1 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tal-Ewwel Distrett ta' Bukarest, ir-Rumanija), li ċaħdet dan ir-rikors. Għalhekk, Neves appellat minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Kontea ta' Bukarest, il-qorti tar-rinviju.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinterpreta l-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni 2014/512, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabelxejn, li din id-dispożizzjoni tistabbilixxi miżura restrittiva ta' portata ġenerali li sservi bħala bażi għal miżura nazzjonali ta' sanzjoni. Għalkemm il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja bl-ebda mod ma hija limitata fir-rigward ta' regolament adottat abbażi tal-Artikolu 215 TFUE, li jagħti effett għall-pożizzjonijiet tal-Unjoni adottati fil-kuntest tal-PESK, il-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi ta' senserija prevista f'dan l-Artikolu 2(2)(a) ma kinitx ġiet implimentata f'regolament fid-data tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

Madankollu, fl-ewwel lok, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-osservanza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 40 TUE [395], il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiżgura b'mod partikolari li, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 215 TFUE, il-Kunsill ma jistax jevita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' regolament taħt dan l-artikolu. F'dan ir-rigward, mill-formulazzjoni ċara tal-Artikolu 215(1) TFUE jsegwi li l-Kunsill għandu jadotta l-miżuri neċessarji sabiex jagħti effett lil deċiżjoni PESK li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-interruzzjoni jew it-tnaqqis tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' pajjiż terz. Dik l-istituzzjoni tinsab għalhekk, fl-ipoteżi koperta minn dan il-paragrafu tal-aħħar, f'sitwazzjoni ta' kompetenza limitata.

Fit-tieni lok, il-possibbiltà li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'talba għal deċiżjoni preliminari prevista mit-Trattati dwar regolament adottat abbażi tal-Artikolu 215(1) TFUE għandha tkun miftuħa fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kollha li l-Kunsill kellu jinkludi f'tali regolament u li jservu bħala bażi għal miżura nazzjonali ta' sanzjoni meħuda fil-konfront ta' terzi. Din l-interpretazzjoni tippermetti li tiġi żgurata mhux biss l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni mill-qrati nazzjonali, iżda wkoll il-koerenza tas-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja prevista mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari [396], li tikkostitwixxi l-element ċentrali tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, tikkontribwixxi b'mod essenzjali għaż-żamma tal-valur tal-Istat tad-dritt li l-Unjoni hija bbażata fuqu [397].

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta miżura restrittiva ta' portata ġenerali fil-każ li l-Kunsill kellu jimplimenta din il-miżura, li sservi bħala bażi għal miżuri nazzjonali ta' sanzjoni, f'regolament skont l-Artikolu 215 TFUE. Issa, f'dan il-każ, il-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi ta' senserija inkwistjoni hija intiża li tirrestrinġi l-kapaċità tal-operaturi ekonomiċi li jwettqu tranżazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat FUE [398]. Din tista' tiġi implimentata fil-

---

[395] Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 40 TUE, l-implimentazzjoni tal-PESK ma taffettwax l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-portata rispettiva tal-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet previsti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 tat-Trattat FUE.

[396] Il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari hija prevista fl-Artikolu 19(3)(b) TUE u fl-Artikolu 267 TFUE.

[397] Ara l-Artikolu 2 TUE kif ukoll l-Artikolu 21 TUE, li jagħmel riferiment għalih l-Artikolu 23 TUE, dwar il-PESK.

[398] Il-kummerċ fl-armi, fit-tagħmir militari u fis-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni 2014/512 jaqa' fil-fatt taħt dan il-kamp ta' applikazzjoni, skont l-Artikoli 114 u 207 TFUE.

livell tal-Unjoni biss jekk tiġi segwita mill-adozzjoni ta' tali regolament u tkun taqa' taħt il-miżuri neċessarji sabiex jingħata effett lid-Deċiżjoni 2014/512 fuq il-livell tal-Unjoni, li l-Kunsill kellu jimplimenta fir-Regolament Nru 833/2014.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha ġurisdizzjoni biex tagħti risposta għad-domandi preliminari.

Fuq il-mertu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fl-ewwel lok, li l-projbizzjoni li jiġu pprovduti servizzi ta' senserija stabbilita fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Deċiżjoni 2014/512 hija applikabbli anki meta t-tagħmir militari li jkunx is-suġġett tas-senserija kkonċernata qatt ma ġie importat fit-territorju ta' Stat Membru.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-imsemmija dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tad-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni (iktar 'il quddiem il-"Karta") kif ukoll tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' *nulla poena sine lege*, ma tipprekludix miżura nazzjonali ta' konfiska tar-rikavat kollu minn tranżazzjoni ta' senserija msemmija f'dan l-Artikolu 2(2)(a), li sseħħ, b'mod awtomatiku, wara l-konstatazzjoni, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, ta' ksur tal-projbizzjoni li titwettaq din it-tranżazzjoni u tal-obbligu ta' komunikazzjoni tagħha.

Fir-rigward tad-dritt għall-proprjetà, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabelxejn il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB"), li tgħid li miżuri ta' konfiska li jirrigwardaw ir-rikavat minn reat jew minn attività illegali jew strument li serva għal reat li ma jappartjenix lil terz *in bona fide* jaqgħu, b'mod ġenerali, taħt il-leġiżlazzjoni tal-użu tal-oġġetti, anki jekk dawn iċaħħdu, min-natura tagħhom stess, lil persuna mill-proprjetà tagħha [399].

F'dan il-każ, din il-limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjetà kienet tidher li tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità u, għaldaqstant, li kienet iġġustifikata fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, aspett li madankollu kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, din il-limitazzjoni kienet prevista mil-liġi [400] u kienet tosserva l-kontenut essenzjali tad-dritt għall-proprjetà, peress li kienet taqa' taħt ir-regolamentazzjoni tal-użu tal-proprjetà, fis-sens tat-tielet sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta u ma kinitx tikkostitwixxi ċaħda tal-proprjetà, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1). Barra minn hekk, din il-miżura kienet tissodisfa għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni.

Fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-konfiska tal-korrispettiv sħiħ tar-rikavat mis-senserija pprojbita tidher li hija neċessarja sabiex tiddisswadi realment u b'mod effikaċi lill-operaturi ekonomiċi milli jiksru l-projbizzjoni li jipprovdu servizzi ta' senserija fir-rigward ta' tagħmir militari. Bl-istess mod, il-fatt li miżura ta' konfiska sseħħ b'mod awtomatiku huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tas-sanzjoni. Madankollu, fl-impożizzjoni ta' sanzjoni ta' konfiska indipendentement minn kundanna kriminali, huwa importanti, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, li l-proċedura kollha kemm hi tkun tippermetti lill-persuna kkonċernata tiddefendi ruħha kemm quddiem l-awtoritajiet nazzjonali li jkunu imponew fuqha din is-sanzjoni kif ukoll quddiem il-qrati aditi bir-rikors kontra d-deċiżjonijiet ta' dawn l-awtoritajiet, sabiex ikunu jistgħu jipproċedu għal eżami globali tad-diversi interessi involuti [401].

---

399 Ara, b'mod partikolari, il-Qorti EDB, 24 ta' Ottubru 1986, Agosi vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1986:1024JUD 000911880, punt 51; il-Qorti EDB, 12 ta' Mejju 2015, Gogitidze et vs Il-Ġeorġja, CE:ECHR:2015:0512JUD003686205, punt 94, kif ukoll il-Qorti EDB, 15 ta' Ottubru 2020, Karapetyan vs Il-Ġeorġja, CE:ECHR:2020:1015JUD006123312, punt 32).

400 Din il-miżura hija bbażata fuq l-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 202/2008 privind punerea în aplicare a sancțiunilor internaționale (id-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 202/2008 dwar l-Applikazzjoni ta' Sanzjonijiet Internazzjonali) tal-4 ta' Diċembru 2008 (Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 825 tat-8 ta' Diċembru 2008) kif ukoll fuq il-lista nazzjonali ta' teknoloġija u ta' tagħmir militari msemmija fl-Artikolu 12 tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944 u stabbilita, fir-rigward tar-Rumanija, permezz tad-Digrieti Nru 156/2018 u Nru 901/2019.

401 Ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 15 ta' Ottubru 2020, Karapetyan vs Il-Ġeorġja, CE:ECHR:2020:1015JUD 006123312, punt 35.

## 2. Rikors għad-danni

**Sentenza tal-10 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), KS *et* vs Il-Kunsill *et***
**(C-29/22 P u C-44/22 P, EU:C:2024:725)**

*"Appell – Politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) – Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK – Missjoni 'Stat tad-Dritt' tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo (Eulex Kosovo) – Rikors għad-danni – Dannu allegatament imġarrab minħabba diversi atti u ommissjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tal-Kummissjoni Ewropea u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni konġunta – Insuffiċjenza tal-investigazzjonijiet fuq it-tortura, l-għajbien u l-qtil ta' persuni – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tagħti deċiżjoni dwar dan ir-rikors – L-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE – Artikolu 275 TFUE"*

Filwaqt li annullat id-digriet KS u KD vs Il-Kunsill *et* tal-Qorti Ġenerali [402] (iktar 'il quddiem id-"digriet appellat"), sa fejn dik il-qorti ddikjarat li manifestament ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors ippreżentat minn KS u KD minħabba li kien jirrigwarda għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa fil-kuntest tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) [403], il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat il-portata tal-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK prevista fl-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE [404] u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE [405]. KS u KD kienu membri tal-familja fil-qrib ta' persuni ttorturati, li għejbu jew li ġew maqtula fil-Kosovo fl-1999, matul il-kunflitt li seħħ f'dan il-pajjiż. Fl-2008, permezz tal-Azzjoni Konġunta 2008/124 [406], l-Unjoni Ewropea stabbilixxiet missjoni ċivili "Stat tad-dritt" f'dan il-pajjiż terz, imsejħa Eulex Kosovo, inkarigata b'mod partikolari bl-investigazzjoni ta' tali reati. Fl-2009, abbażi ta' din l-azzjoni konġunta, l-Unjoni stabbilixxiet il-Bord ta' Reviżjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Bord ta' Reviżjoni"), responsabbli min-naħa tiegħu għall-eżami tal-ilmenti mressqa għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq minn Eulex Kosovo fl-eżerċizzju tal-mandat tagħha.

Wara lmenti mressqa minn KS u KD, il-Bord ta' Reviżjoni ikkonkluda, f'Novembru 2015 u f'Ottubru 2016, li kien hemm ksur ta' diversi drittijiet fundamentali protetti mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB") [407]. F'Marzu 2017, dan il-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda li jagħlaq il-fajls ikkonċernati, filwaqt li kkonstata, f'kull każ, l-implimentazzjoni parzjali biss, mill-kap ta' Eulex Kosovo, tar-rakkomandazzjonijiet li huwa kien għamillu.

F'Diċembru 2017, permezz tad-digriet KS vs Il-Kunsill *et* [408], il-Qorti Ġenerali ċaħdet, minħabba n-nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tiegħu, ir-rikors ippreżentat minn KS

---

402 Digriet tal-10 ta' Novembru 2021, KS u KD vs Il-Kunsill *et* (T-771/20, EU:T:2021:798).

403 Id-digriet iċċitat iktar 'il fuq ġie annullat sa fejn ir-rikors ippreżentat minn KS u KD kien jirrigwarda, b'mod partikolari, il-ksur ta' diversi drittijiet fundamentali kif ukoll l-użu ħażin jew l-abbuż tal-poter eżekuttiv imwettaq minn korp u istituzzjonijiet tal-Unjoni. Il-kumplament tal-appelli ġew miċħuda.

404 Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, "[i]l-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex ikollha ġurisdizzjoni fir-rigward [tad-dispożizzjonijiet dwar il-PESK], ħlief għall-kompetenza tagħha li tissorvelja l-konformità ma' l-Artikolu 40 [TUE] u sabiex tikkontrolla l-legalità ta' ċerti deċiżjonijiet previsti fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 275 [TFUE]".

405 Skont l-Artikolu 275 TFUE, "Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea m'għandiex tkun kompetenti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-[PESK], u lanqas fir-rigward ta' l-atti adottati abbażi tagħhom. Madankollu, il-Qorti għandha tkun kompetenti sabiex timmonitorja r-rispett ta' l-Artikolu 40 [TUE] u sabiex tiddeċiedi dwar rikorsi, mressqa skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 263 [TFUE] dwar il-legalità ta' deċiżjonijiet li jipprovdu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill abbażi tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V [TUE].".

406 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU 2008 L 42, p. 92).

407 Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

408 Digriet tal-14 ta' Diċembru 2017, KS vs Il-Kunsill *et* (T-840/16, EU:T:2017:938).

kontra l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), intiż b'mod partikolari għall-"annullament jew [għall-]emenda tal-Azzjoni Konġunta 2008/124", u għad-danni mhux kuntrattwali, minħabba ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-KEDB.

F'Novembru 2021, permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, għall-istess raġuni, ir-rikors ippreżentat minn KS u KD intiż li jinkiseb kumpens għad-dannu li qiesu li ġarrbu minħabba diversi atti u ommissjonijiet tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tas-SEAE, relatati, b'mod partikolari, mal-investigazzjonijiet imwettqa matul il-missjoni Eulex Kosovo u li kienu jirrigwardaw it-tortura, l-għajbien u l-qtil ta' membri tal-familji tagħhom. KS u KD kienu sadanittant ippreżentaw, f'Ġunju 2021, talba għal miżuri istruttorji, intiża li jiksbu l-produzzjoni tal-verżjoni integrali tal-pjan operattiv (OPLAN) ta' Eulex Kosovo mill-ħolqien ta' din il-missjoni fl-2008.

Fid-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali kkonstatat b'mod partikolari li r-rikors ippreżentat minn KS u KD kien joriġina minn atti jew aġir li kienu jaqgħu taħt kwistjonijiet politiċi jew strateġiċi marbuta mad-definizzjoni tal-attivitajiet, tal-prijoritajiet u tar-riżorsi ta' Eulex Kosovo kif ukoll mad-deċiżjoni li jiġi stabbilit Bord ta' Reviżjoni fil-kuntest ta' din il-missjoni u li, konformement mal-Azzjoni Konġunta 2008/124, l-istabbiliment u l-attivitajiet tal-missjoni Eulex Kosovo kienu jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE dwar il-PESK. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li, skont l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma kellhiex, bħala prinċipju, ġurisdizzjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-PESK kif ukoll tal-atti adottati abbażi ta' dawn id-dispożizzjonijiet u li l-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, previsti f'din l-ewwel dispożizzjoni u f'dan it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275, ma kinux applikabbli f'dan il-każ minħabba li dan ir-rikors la kien jikkonċerna miżuri restrittivi fil-konfront ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni, u lanqas l-osservanza tal-Artikolu 40 TUE [409].

Adita b'żewġ appelli ppreżentati rispettivament minn KS u KD (Kawża C-29/22 P) u mill-Kummissjoni (Kawża C-44/22 P), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat parzjalment dan id-digriet tal-Qorti Ġenerali u bagħtet lura l-kawża lilha sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u, jekk kellu jkun il-każ, dwar il-mertu ta' dan ir-rikors.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja***

Peress li KS u KD kif ukoll il-Kummissjoni kkontestaw l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors ippreżentat minn KS u minn KD, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-fondatezza tal-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali fuq dawn l-aspetti.

*Fuq l-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE*

Sabiex tinterpreta d-dispożizzjonijiet tat-Trattati li jipprevedu l-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat qabel kollox li l-inklużjoni ta' din il-politika fil-kuntest kostituzzjonali tal-Unjoni timplika li l-prinċipji fundamentali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni japplikaw għaliha wkoll. Fost dawn il-prinċipji hemm b'mod partikolari l-osservanza tal-Istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali, valuri li jeżiġu fost l-oħrajn li l-awtoritajiet tal-Unjoni jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

Madankollu, fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li, konformement mal-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE, "[il-PESK] hija suġġetta għal regoli u proċeduri speċifiċi", fosthom

[409] Dan l-artikolu jipprevedi: "L-implimentazzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni msemmija fl-Artikoli 3 sa 6 tat-Trattat [TFUE]. Bl-istess mod, l-implimentazzjoni tal-politika prevista f'dawk l-Artikoli m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi ta' l-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni taħt dan il-Kapitolu."

dawk li jillimitaw il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar il-PESK u tal-atti adottati abbażi tagħhom. Issa, tali limitazzjoni tista' tiġi rrikonċiljata kemm mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") kif ukoll mal-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB.

F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li l-Artikolu 47 tal-Karta la jista' joħloq ġurisdizzjoni għaliha nnifisha meta t-Trattati jeskluduha, u lanqas jimmodifika s-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju prevista mit-Trattati, li minnha jagħmlu parti r-regoli dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi diretti. Barra minn hekk, il-prinċipji ta' attribuzzjoni u ta' bilanċ istituzzjonali japplikaw ukoll fil-qasam tal-PESK. Għaldaqstant, l-allegazzjoni li l-atti jew l-ommissjonijiet li huma s-suġġett tar-rikors ta' individwu jiksru d-drittijiet fundamentali ta' dan tal-aħħar ma hijiex biżżejjed, waħedha, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ċertament tiżgura li l-interpretazzjoni li hija tagħti ta' dan l-Artikolu 47, li l-ewwel u t-tieni paragrafi tiegħu jikkorrispondu għall-Artikolu 6(1) u għall-Artikolu 13 tal-KEDB, tiżgura livell ta' protezzjoni li ma jmurx kontra dak iggarantit minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-KEDB, kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu, minn naħa, id-dritt iggarantit fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB ma huwiex assolut u jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet leġittimi. Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 13 tal-KEDB, li jiggarantixxi l-eżistenza fid-dritt intern ta' rikors li jippermetti li jiġu invokati d-drittijiet u l-libertajiet tal-KEDB, lanqas ma tista' titqies li hija assoluta, peress li l-kuntest tal-ksur allegat, jew il-kategorija ta' ksur allegat, jista' jiġġustifika limitazzjoni tar-rikorsi possibbli.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset, essenzjalment, li la l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u l-Artikolu 275 TFUE, minn naħa [410], u lanqas l-invokazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, min-naħa l-oħra, ma jiġġustifikaw, fihom infushom, li hija tiddikjara li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikors ippreżentat minn KS u KD. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2) TUE, li jipprevedi l-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEDB, ma jistax jiġi interpretat bħala li għandu l-effett li jwessa' l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-PESK, peress li s-sistema applikabbli għal din l-adeżjoni tipprevedi li l-ftehim ta' adeżjoni la jaffettwa l-kompetenzi tal-Unjoni u lanqas il-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tagħha.

Fit-tieni lok, fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-applikazzjoni tal-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u tal-Artikolu 275 TFUE għar-rikorsi għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni, irregolati mill-Artikoli 268 u 340 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li la n-natura esklużiva tal-ġurisdizzjoni rrikonoxxuta lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tagħti deċiżjoni dwar tali rikorsi u lanqas l-awtonomija ta' din il-kategorija ta' rikorsi ma jistgħu jkollhom l-effett li jestendu l-limiti tal-ġurisdizzjoni mogħtija lil din l-istituzzjoni mit-Trattati. L-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u l-Artikolu 275 TFUE, li jillimitaw il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK, għandhom, fir-rigward tar-rikorsi li jaqgħu taħt dan il-qasam, jitqiesu li huma *leges speciales* fir-rigward tal-Artikoli 268 u 340 TFUE. Għaldaqstant, ma setax jiġi aċċettat li l-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u l-Artikolu 275 TFUE ma jirrigwardawx ir-rikorsi għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat ruħha fuq is-sentenza Carvalho *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill [411], li tesprimi prinċipju ta' interpretazzjoni applikabbli għar-rimedji ġudizzjarji kollha previsti mit-Trattati, ikkonfermat ukoll l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali tad-dispożizzjonijiet tat-Trattati dwar il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni fid-dawl tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fis-sens li l-imsemmi dritt fundamentali ma jistax iwassal sabiex jitwarrbu l-kundizzjonijiet espressament previsti mit-Trattat FUE.

---

410 Moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 13 tal-KEDB kif ukoll tal-Artikolu 2, tal-Artikolu 3(5) u tal-Artikoli 6, 19, 21 u 23 TUE.

411 Sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Carvalho *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-565/19 P, EU:C:2021:252, punti 69 u 78).

*Fuq ir-rabta tal-atti u tal-ommissjonijiet inkwistjoni mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa fil-kuntest tal-PESK u li jikkonċernaw id-definizzjoni u l-implementazzjoni tal-PESK*

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-kuntest tal-eżami tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex tieħu konjizzjoni ta' rikors li jirrigwarda atti jew ommissjonijiet li jaqgħu taħt il-PESK, għandu jiġi vverifikat, fl-ewwel lok, jekk is-sitwazzjoni inkwistjoni taqax taħt wieħed mill-każijiet previsti fl-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 24(1) TUE u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE, li fihom din il-ġurisdizzjoni hija espliċitament aċċettata [412]. Jekk dan ma jkunx il-każ, għandu, fit-tieni lok, jiġi evalwat jekk l-imsemmija ġurisdizzjoni tkunx tista' tiġi bbażata fuq il-fatt li l-atti u l-ommissjonijiet inkwistjoni ma jkunux marbuta direttament mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni fil-kuntest tal-PESK, u b'mod partikolari tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) [413]. Għalhekk, filwaqt li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha ġurisdizzjoni biex tevalwa l-legalità ta' atti jew ommissjonijiet mhux relatati direttament ma' tali għażliet politiċi jew strateġiċi jew biex tinterpretahom, hija ma għandhiex tali ġurisdizzjoni jekk dawk l-atti jew ommissjonijiet ikunu direttament relatati ma' dawk l-għażliet politiċi jew strateġiċi [414].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja [415], eżaminat l-evalwazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali, billi wettqet analiżi konkreta ta' kull wieħed mill-atti u ta' kull waħda mill-ommissjonijiet tal-PESK, u b'mod partikolari tal-PSDK, imsemmija fir-rikors ippreżentat minn KS u KD [416].

---

412 Sentenzi tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft (C-72/15, EU:C:2017:236, punt 60), u tas-6 ta' Ottubru 2020, Bank Refah Kargaran vs Il-Kunsill (C-134/19 P, EU:C:2020:793, punt 27).

413 Dan jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ħarġet mill-punt 49 tas-sentenza tat-12 ta' Novembru 2015, Elitaliana vs Eulex Kosovo (C-439/13 P, EU:C:2015:753), mill-punt 55 tas-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, H vs Il-Kunsill *et* (C-455/14 P, EU:C:2016:569), kif ukoll mill-punt 66 tas-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, SATCEN vs KF (C-14/19 P, EU:C:2020:492).

414 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tevalwa l-legalità jew l-interpretazzjoni ta' atti jew ommissjonijiet relatati direttament mad-definizzjoni, mal-kondotta u mal-implimentazzjoni tal-PESK, u b'mod partikolari mal-PSDK, jiġifieri, b'mod partikolari, l-identifikazzjoni tal-interessi strateġiċi tal-Unjoni kif ukoll id-definizzjoni kemm tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u tal-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Unjoni kif ukoll tal-linji gwida ġenerali tal-PESK, fis-sens tal-Artikoli 24 sa 26, 28, 29, 37, 38, 42 u 43 TUE.

415 Din l-evalwazzjoni tinsab fil-punti 28 u 39 tad-digriet appellat.

416 Sabiex tagħmel dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-għan ta' ċertezza legali jeżiġi li l-qorti tal-Unjoni ma tkunx obbligata teżamina l-kawża fil-mertu sabiex tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha.

F'dan il-każ, fl-ewwel lok, mid-digriet appellat kien jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kienet ikkonstatat li dan ir-rikors ma kienx jaqa' taħt il-każijiet li fihom id-dispożizzjonijiet tat-Trattati jipprevedu espliċitament il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-PESK, li barra minn hekk ma kienx ikkontestat fil-kuntest tal-appelli. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali essenzjalment kienet qieset li l-atti u l-ommissjonijiet imsemmija minn dan ir-rikors [417] kienu marbuta direttament ma' din il-politika, fid-dawl tan-natura politika u strateġika tagħhom kif ukoll tar-rabta tagħhom mad-definizzjoni u mal-implimentazzjoni tal-PESK, raġuni li għaliha hija ddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-istess rikors.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, l-ewwel, li l-mezzi mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' missjoni PESK, u b'mod partikolari ta' missjoni PSDK, huma marbuta direttament, kif ġustament qieset il-Qorti Ġenerali, mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa fil-kuntest tal-PESK.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi sa fejn qieset li l-allegat nuqqas ta' persunal adegwat kien jaqa' taħt kwistjonijiet politiċi jew strateġiċi li jikkonċernaw id-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-PESK. Fil-fatt, il-kapaċità tal-missjoni Eulex Kosovo li timpjega persunal [418] tikkostitwixxi att ta' ġestjoni ta' kuljum li jaqa' fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-mandat tal-imsemmija missjoni. Għalhekk, id-deċiżjonijiet meħuda minn Eulex Kosovo dwar l-għażla tal-persunal li din il-missjoni timpjega ma kinux marbuta direttament mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa mill-imsemmija missjoni fil-kuntest tal-PESK.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet għall-istess konklużjoni ta' żball ta' liġi min-naħa tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-assenza ta' dispożizzjonijiet li jipprevedu għajnuna legali fil-kuntest tal-proċeduri mibdija quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. Fil-fatt, din il-parti tar-rikors ippreżentat minn KS u KD tirrigwarda r-regoli proċedurali ta' dan il-bord, li ma humiex marbuta direttament mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa fil-kuntest tal-PESK.

Bl-istess mod, fir-rigward tal-assenza ta' setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Bord ta' Reviżjoni jew ta' rimedji għall-ksur ikkonstatat minn dan l-istess bord, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat ruħha fuq l-għanijiet li wasslu għall-ħolqien tal-missjoni Eulex Kosovo [419], indikat li d-deċiżjoni li l-atti u l-ommissjonijiet ta' din il-missjoni jiġu suġġetti jew le għal mekkaniżmu ta' kontroll li jissodisfa dawn ir-

---

417 Dawn l-atti u ommissjonijiet jissemmew fil-punt 20 tas-sentenza. Dawn huma essenzjalment:

- in-nuqqas ta' investigazzjonijiet adegwati dwar l-għajbien u l-qtil ta' membri tal-familji ta' KS u ta' KD, minħabba nuqqas ta' riżorsi neċessarji u persunal adegwat ta' din il-missjoni sabiex jeżerċita l-mandat eżekuttiv tiegħu;;
- l-assenza ta' dispożizzjonijiet li jipprevedu għajnuna legali favur rikorrenti eliġibbli fil-proċeduri quddiem il-Bord Konsultattiv u l-ħolqien ta' dan il-Bord Konsultattiv mingħajr setgħa eżekuttiva tad-deċiżjonijiet tiegħu jew setgħa li joffri rimedju ġudizzjarju għall-ksur ikkonstatat;;
- l-assenza ta' adozzjoni ta' miżuri korrettivi li jippermettu li jiġi rrimedjat kompletament jew parzjalment il-ksur imsemmi fl-ewwel u fit-tieni inċiżi, filwaqt li l-konklużjonijiet tal-Bord Konsultattiv inġiebu għall-attenzjoni tal-Unjoni mill-kap ta' Eulex Kosovo;
- l-użu ħażin jew abbuż mis-setgħa eżekuttiva mill-Kunsill u mis-SEAE fit-12 ta' Ottubru 2017 bid-dikjarazzjoni li Eulex Kosovo għamlet l-għalmu kollu tagħha sabiex tinvestiga l-ħtif u l-omiċidju probabbli tar-raġel ta' KS u l-qtil tar-raġel u ta' iben KD;
- l-użu ħażin jew nuqqas ta' eżerċizzju adegwat tas-setgħa eżekuttiva minħabba r-revoka tal-mandat eżekuttiv ta' Eulex Kosovo permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/856 tat-8 ta' Ġunju 2018 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (ĠU 2018, L 146, p. 5), filwaqt li l-ksur imsemmi fl-ewwel u fit-tieni inċiż kien għadu jippersisti;
- l-użu ħażin jew abbuż mis-setgħa eżekuttiva dovut għan-nuqqas li jiġi żgurat li jitwettaq stħarriġ legalment adegwat fil-każ ta' KD, li prima facie kien jidher li kien każ ta' reat tal-gwerra, minn Eulex Kosovo u/jew mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat fil-qasam tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni quddiem l-Awla Speċjalizzata għall-Kosovo.

418 Din il-kapaċità tirriżulta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 15a tal-Azzjoni Konġunta 2008/124, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/349/PESK tat-12 ta' Ġunju 2014 (ĠU 2014, L 174, p. 42).

419 Ara l-Artikoli 1 u 2 tal-Azzjoni Konġunta 2008/124..

regoli ma kinitx marbuta direttament mal-għażliet politiċi jew strateġiċi relatati mal-imsemmija missjoni, iżda biss ma' aspett tal-ġestjoni amministrattiva tagħha.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-assenza kemm ta' miżuri korrettivi li jippermettu li jiġi rrimedjat il-ksur tad-drittijiet fundamentali kkonstatat mill-Bord ta' Reviżjoni kif ukoll ta' eżami legali serju tal-kawża ta' KD jikkonċernaw in-nuqqas ta' adozzjoni ta' miżuri individwali relatati mas-sitwazzjonijiet partikolari ta' KS u ta' KD u għalhekk ma humiex marbuta direttament mal-għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa fil-kuntest tal-PESK. L-istess japplika għad-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tas-SEAE li din il-missjoni kienet għamlet l-għalmu tagħha sabiex tinvestiga r-reati inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi wkoll fir-rigward ta' dawn l-aspetti tar-rikors.

Min-naħa l-oħra, ir-raba' nett, id-deċiżjoni li jiġi rrevokat il-mandat eżekuttiv ta' missjoni PESK, u b'mod partikolari ta' missjoni PSDK, kienet marbuta direttament ma' tali għażliet politiċi jew strateġiċi mwettqa fil-kuntest tal-PESK, fis-sens tal-Artikolu 28(1) u tal-Artikolu 43(2) TUE. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi sa fejn iddikjarat li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-ilmenti dwar ir-revoka tal-mandat eżekuttiv ta' Eulex Kosovo permezz tad-Deċiżjoni 2018/856 [420].

*Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali*

Il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li kkonstatat li hija ma kellhiex l-elementi neċessarji sabiex tagħti deċiżjoni definittiva la dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill, mill-Kummissjoni u mis-SEAE u lanqas fuq il-fondatezza tar-rikors ippreżentat minn KS u KD, bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija tagħti deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u, jekk ikun il-każ, fuq il-mertu ta' dan ir-rikors kif ukoll dwar it-talba għal aċċess għall-OPLAN ta' Eulex Kosovo.

[420] Din id-deċiżjoni neħħiet l-obbligu ta' din il-missjoni, stabbilit fl-Artikolu 3(d) tal-Azzjoni Konġunta 2008/124, li tiżgura li ċerti reati "jiġu debitament investigati, [u suġġett ta'] prosekuzzjonijiet, deċiżjonijiet ġudizzjarji u sanzjonijiet".

# Kapitolu 2 – Il-Qorti Ġenerali

## I. Kawżi tal-Unjoni

### 1. Rikors għal annullament

**Digriet tal-4 ta' Ġunju 2024 (Awla Manja), Medel *et* vs Il-Kunsill (Kawżi magħquda T-530/22 sa T-533/22, EU:T:2024:363)**

*"Rikors għal annullament – Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Polonja – Nuqqas ta' inċidenza diretta – Inammissibbiltà"*

Il-Qorti Ġenerali, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ċaħdet bħala inammissibbli rikorsi ppreżentati minn erba' assoċjazzjonijiet ta' mħallfin [421] intiżi għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Repubblika tal-Polonja [422].

Ir-rikorrenti kienu assoċjazzjonijiet rappreżentattivi ta' mħallfin fil-livell internazzjonali li l-membri tagħhom kienu, bħala regola ġenerali, assoċjazzjonijiet professjonali nazzjonali, inkluż assoċjazzjonijiet Pollakki tal-imħallfin.

Fit-12 ta' Frar 2021, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw ir-Regolament 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (iktar 'il quddiem il-"Faċilità") [423]. Taħt il-Faċilità, jistgħu jingħataw fondi lill-Istati Membri fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja, li tikkonsisti jew f'għajnuna finanzjarja li ma tistax titħallas lura jew fil-forma ta' self.

Permezz tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kunsill approva l-evalwazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Repubblika tal-Polonja u speċifika, fl-anness, it-tragwardi u l-miri li kellhom jintlaħqu minn dan l-Istat Membru sabiex il-kontribuzzjoni finanzjarja mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu fid-Deċiżjoni kkontestata setgħet tiġi żborsata. L-ewwel taqsima ta' dan l-anness tinkludi fiha, b'mod partikolari, il-miżuri dwar ir-riforma tal-ġustizzja fil-Polonja li huma ppreċiżati fit-tragwardi F1G, F2G u F3G [424]. Ir-rikorrenti kkontestaw id-Deċiżjoni kkontesta inkwantu t-tragwardi ma kinux kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Permezz tad-digriet tagħha, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill, skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, u, għaldaqstant, ċaħdet ir-rikorsi tar-rikorrenti.

---

421 Magistrats européens pour la démocratie et les libertés (Medel) fil-Kawża T-530/22, International Association of Judges (IAJ) fil-Kawża T-531/22, Association of European Administrative Judges (AEAJ) fil-Kawża T-532/22 u Stichting rechters voor rechters fil-Kawża T-533/22.

422 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Repubblika tal-Polonja, kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2023 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

423 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU 2021, L 57, p. 17, rettifika fil-ĠU 2023, L 137, p. 70).

424 It-tragwardi indikati, li huma lkoll miżuri ta' progress lejn it-twettiq ta' riforma, jeżiġu li jissaħħu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin Pollakki (it-tragward F1G), li jiġi żgurat li l-imħallfin ikkonċernati mid-deċiżjonijiet tal-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari) tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) (iktar 'il quddiem l-"Awla Dixxiplinari") ikollhom aċċess għal proċedura li tippermetti eżami mill-ġdid tad-deċiżjonijiet tal-imsemmija awla li jaffettwawhom (it-tragward F2G) u li jiġi żgurat li l-proċeduri ta' eżami mill-ġdid imsemmija fit-tragward F2G kellhom, fil-prinċipju u skont l-iskeda indikattiva, jingħalqu matul ir-raba' trimestru tal-2023 (it-tragward F3G).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali osservat li, sa fejn id-Deċiżjoni kkontestata kienet indirizzata lir-Repubblika tal-Polonja, l-ammissibbiltà tar-rikorsi kellha tiġi eżaminata fid-dawl tat-tieni u tat-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li fihom hija prevista l-kundizzjoni ta' inċidenza diretta [425].

Il-Qorti Ġenerali analizzat, qabelxejn, l-ammissibbiltà tar-rikorsi tar-rikorrenti li jaġixxu f'isimhom stess.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ebda dispożizzjoni legali dwar il-Faċilità ma tagħtihom din il-possibbiltà proċedurali. Bl-istess mod, il-fatt li huma jintervjenu bħala interlokuturi regolari tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fuq il-kwistjoni tal-indipendenza ġudizzjarja ma jistabbilixxix il-*locus standi* tagħhom.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ammissibbiltà tar-rikorsi tar-rikorrenti li jaġixxu f'isem il-membri tagħhom li l-interessi tagħhom huma mħarsa mir-rikorrenti.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ddistingwew bejn tliet gruppi ta' mħallfin, fosthom, b'mod partikolari, l-imħallfin Pollakki kkonċernati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari u direttament affettwati mill-proċedura ta' eżami mill-ġdid prevista fit-tragwardi F2G u F3G, l-imħallfin Pollakki kollha direttament affettwati minn din il-proċedura ta' eżami mill-ġdid u mit-tragward F1G, kif ukoll l-imħallfin Ewropej l-oħra kollha wkoll direttament affettwati minn dawn it-tragwardi.

Fir-rigward tal-imħallfin tal-ewwel grupp, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fl-ewwel lok, is-sustanza tad-Deċiżjoni kkontestata, evalwata fid-dawl tal-kontenut tagħha kif ukoll tal-kuntest tagħha.

Hija kkonstatat li d-Deċiżjoni kkontestata kienet issuġġettat il-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja għall-osservanza ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza evalwati mill-Kummissjoni Ewropea u approvati mill-Kunsill, inkluż l-ilħiq ta' tragwardi u ta' miri, li huma lkoll miżuri ta' progress ikkompletati fit-twettiq ta' riforma. Peress li għandhom in-natura ta' kundizzjonalità baġitarja, inkwantu t-twettiq tagħhom jikkundizzjona finanzjament mogħti taħt il-Faċilità, it-tragwardi F1G, F2G u F3G jirriflettu r-rabta bejn l-osservanza tal-valur tal-Istat tad-dritt, minn naħa, u l-implimentazzjoni tajba tal-baġit tal-Unjoni, konformement mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll ta' protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, min-naħa l-oħra.

Madankollu, huwa u jistabbilixxi l-imsemmija tragwardi, il-Kunsill ma riedx jissostitwixxi r-regoli dwar il-valur tal-Istat tad-dritt jew dwar il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, kif iċċarati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan ifisser li l-Kunsill, billi stabbilixxa l-imsemmija tragwardi, ma kellux l-intenzjoni jawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja ma toqgħodx għal sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li jikkonstataw in-nuqqas ta' osservanza, minn din tal-aħħar, tal-valur tal-Istat tad-dritt jew tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fid-dawl ta' dawn l-evalwazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fit-tieni lok, l-inċidenza diretta tad-Deċiżjoni kkontestata għall-imħallfin tal-ewwel grupp fir-rigward tat-tragward F2G. Hija rrilevat li, sabiex l-imħallfin ikkonċernati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari jkunu direttament affettwati, kellu jkun hemm rabta diretta bejn id-Deċiżjoni kkontestata u l-effetti tagħha fuq dawn l-imħallfin.

F'dan ir-rigward, it-tragward F2G kien sempliċement jimponi kundizzjoni li kellha tiġi ssodisfatta mir-Repubblika tal-Polonja sabiex tkun tista' tibbenefika minn finanzjament. Id-Deċiżjoni kkontestata la kellha l-effett li tissuġġetta lill-imħallfin affettwati minn deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari għall-

[425] Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu, tippreżenta appell kontra att indirizzat lilha jew li jirrigwardaha direttament u individwalment, kif ukoll kontra att regolatorju li jirrigwardaha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni.

kundizzjonijiet previsti minnha, u lanqas ma għamlet direttament applikabbli regola speċifika fir-rigward tagħhom. Għalhekk, billi pprevediet it-tragward F2G, id-Deċiżjoni kkontestata ma imponietx, definittivament, obbligi speċifiċi fir-relazzjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja mal-imħallfin affettwati minn deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari u l-eżistenza ta' rabta diretta kienet nieqsa.

Konsegwentement, anki wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, is-sitwazzjoni tal-imħallfin affettwati mid-deċiżjonijiet tal-Awla Dixxiplinari baqgħet irregolata mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt Pollakk applikabbli għall-imsemmija sitwazzjoni, kif ukoll mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma t-tragward F2G speċifikat f'din id-deċiżjoni kellu impatt billi bidel direttament is-sitwazzjoni legali ta' dawn l-imħallfin, fis-sens meħtieġ mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fir-rigward tal-imħallfin tat-tieni grupp, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti ma wrewx l-eżistenza ta' rabta mill-qrib biżżejjed bejn is-sitwazzjoni tal-imħallfin Pollakki kollha u t-tragward F1G. Fir-rigward tal-imħallfin fit-tielet grupp, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-argument tar-rikorrenti li t-tragwardi F1G, F2G u F3G kienu jaffettwaw direttament l-imħallfin Ewropej l-oħra kollha.

B'hekk, peress li l-imħallfin li l-interessi tagħhom huma mħarsa mir-rikorrenti ma kellhomx, huma nnifishom, *locus standi*, ir-rikorrenti lanqas ma ssodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex ir-rikorsi tagħhom ikunu ammissibbli.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti intiż li il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà jsiru iktar flessibbli. Fil-fatt, tali llaxkar imur kontra kemm ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. In-nuqqasijiet sistemiċi tas-sistema ġudizzjarja fil-Polonja, li jallegaw ir-rikorrenti, ma setgħux, fi kwalunkwe każ, jiġġustifikaw li l-Qorti Ġenerali tidderoga mill-kundizzjoni ta' inċidenza diretta li tapplika għar-rikorsi ppreżentati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Il-Qorti Ġenerali saħqet li din il-konstatazzjoni kienet bla ħsara għall-obbligu tar-Repubblika tal-Polonja, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 266 TFUE, li tirrimedja malajr kemm jista' jkun in-nuqqasijiet ikkonstatati mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-kriżi tal-Istat tad-dritt. Bl-istess mod, din id-deċiżjoni la kellha effett fuq il-possibbiltà għall-Istati Membri u għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jippreżentaw rikors kontra d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti, u lanqas fuq l-azzjonijiet tal-Kummissjoni bil-għan li tgħin sabiex tkun żgurata l-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mir-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-Istat tad-dritt.

## 2. Rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali

### Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2024, Keserű Művek vs L-Unjoni Ewropea (T-519/23, EU:T:2024:733)

*"Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Kontroll tal-akkwist u tal-pussess ta' armi – Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/69 – Rabta kawżali – Kunċett ta' 'arma tan-nar' – Kunċett ta' 'armi tal-allarm u tas-sinjal'"*

Adita b'rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali bbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, li hija ċaħdet, peress li ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ġdida ta' jekk armi li jużaw propellent kombustibbli biex jisparaw projjettili tal-gomma kinux jifformaw parti mill-kategorija ta' armi tan-nar, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, u dwar jekk id-detenturi tagħhom kellhomx, għalhekk, ikunu suġġetti għal sistema ta' awtorizzazzjoni jew ta' dikjarazzjoni.

Ir-rikorrenti, Keserű Művek Fegyvergyár Kft., kienet kumpannija stabbilita fl-Ungerija li l-attività tagħha kienet il-manifattura u l-kummerċ tal-armi. Hija ddikjarat li kellha d-drittijiet esklużivi ta' manifattura u ta' kummerċjalizzazzjoni ta' mudell ta' arma li setgħet tispara projjettili tal-gomma (iktar 'il quddiem l-"arma Keserű"). Wara t-traspożizzjoni mill-Ungerija tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2019/69 [426], peress li qieset li kkawżatilha dannu, sa fejn din kellha bħala konsegwenza li tirrestrinġi l-bejgħ tal-arma Keserű biss għall-persuni b'liċenzja għall-pussess ta' armi, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Wara li fakkret li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni huwa suġġett għall-fatt li jkunu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ksur tal-obbligu tal-awtur tal-att u d-dannu mġarrab mill-persuni leżi, il-Qorti Ġenerali eżaminat qabelxejn il-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali.

Għal dan il-għan, hija rrilevat li d-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2019/69 għandha l-għan li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-immarkar tal-armi tal-allarm u tas-sinjal [427]. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali vverifikat, qabel kollox, jekk arma li jkollha karatteristiċi tal-arma Keserű tistax tiġi kklassifikata bħala "arma tal-allarm u tas-sinjal" fis-sens tad-Direttiva 2021/555 u jekk, għalhekk, id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2019/69, li skont ir-rikorrenti kienet il-kawża tad-dannu mġarrab minnha, kellhiex tipprevedi eċċezzjoni għat-tip ta' armi li jkollhom karatteristiċi simili għal dawk tal-arma Keserű.

Il-kunċett ta' "arma tan-nar" [428] jinkludi kwalunkwe arma li tinġarr li tispara tir, balla jew projjettili permezz tal-azzjoni ta' propellent kombustibbli. Ma humiex inklużi fid-definizzjoni ta' "arma tan-nar" [429] l-oġġetti li jikkorrispondu għal din id-definizzjoni iżda li jkunu ddisinjati għall-allarm, biex jagħtu sinjali, għas-salvataġġ, għall-qtil tal-annimali jew is-sajd bil-ħarpun jew għal finijiet industrijali jew tekniċi, sakemm ikunu jistgħu jintużaw biss għal dan l-użu speċifiku.

Il-kunċett ta' "armi tal-allarm u tas-sinjal" [430] huwa ddefinit, min-naħa tiegħu, bħala li jirreferi għall-"apparati b'kontenitur tal-iskrataċ li jkunu ġew imfassla biex jisparaw biss inbjank, sustanzi irritanti, sustanzi attivi oħra jew rounds piroteknici tas-sinjal u li ma jkunux kapaċi li jiġu konvertiti biex jisparaw tir, balla jew projettili bl-azzjoni ta' propellant kombustibbli".

Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-arma Keserű kienet arma li tista' tinġarr, li tispara "projjettili", f'dan il-każ tal-gomma, permezz tal-azzjoni ta' propellent kombustibbli u li, għalhekk, kellha tiġi kklassifikata bħala "arma tan-nar". Għalhekk, is-sempliċi fatt li l-imsemmija arma kienet iddisinjata sabiex tispara projjettili tal-gomma permezz tal-azzjoni ta' propellent kombustibbli kien biżżejjed għall-klassifikazzjoni tagħha bħala "arma tan-nar".

Barra minn hekk, l-arma Keserű lanqas ma kienet taqa' taħt il-kategorija ta' armi msemmija fil-punt III(a) tal-Anness I tad-Direttiva 2021/555, liema armi ma kinux inklużi fid-definizzjoni ta' "arma

426 Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/69 tas-16 ta' Jannar 2019 li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-armi tal-allarm u tas-sinjal skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU 2019, L 15, p. 22).

427 Skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 11, p. 3), li tħassret bid-Direttiva (UE) 2021/555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU 2021, Vol. 115, p. 1).

428 Skont il-punt 1 tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2021/555.

429 Skont il-punt III(a) tal-Anness I tad-Direttiva 2021/555.

430 Skont il-punt 4 tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2021/555.

tan-nar". Fil-fatt, din l-arma ma kinitx iddisinjata għall-finijiet tal-allarm jew tas-sinjal u għalhekk ma kinitx tissodisfa l-kundizzjoni li din tista' tintuża biss għal dan l-użu speċifiku. Fi kwalunkwe każ, anki li kieku kellu jitqies li l-imsemmija arma kienet iddisinjata għall-finijiet tal-allarm, xorta jibqa' l-fatt li din setgħet tispara wkoll projjettili tal-gomma, użu dan li ma setax jiġi kklassifikat bħala użu għall-finijiet biss tal-allarm. Fl-aħħar nett, il-fatt li din l-arma kienet iddisinjata bħala arma mhux letali ma kienx kriterju rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk din kinitx "arma tan-nar".

Minn dan isegwi li l-arma Keserű ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala "arma tal-allarm u tas-sinjal" fis-sens tad-Direttiva 2021/555 u li, konsegwentement, ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2019/69. Għaldaqstant, id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2019/69 ma setgħetx tikkawża d-dannu invokat mir-rikorrenti.

Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-kundizzjoni dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir ikkritikat u d-dannu invokat ma kinitx issodisfatta.

## II. Dritt istituzzjonali: attività inkompatibbli mal-funzjonijiet

### Sentenza tal-11 ta’ Settembru 2024, CQ vs Il-Qorti tal-Awdituri (T-386/19, EU:T:2024:613)

*“Dritt istituzzjonali – Membru tal-Qorti tal-Awdituri – Attività inkompatibbli mal-funzjonijiet ta’ Membru tal-Qorti tal-Awdituri – Spejjeż meqjusa li huma indebiti – Deċiżjoni ta’ rkupru – Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar il-ksur tal-obbligi li jirriżultaw mill-kariga ta’ Membru tal-Qorti tal-Awdituri – Regolarità tal-investigazzjoni u tar-rapport finali tal-OLAF – Obbligu ta’ motivazzjoni – Terminu ta’ preskrizzjoni – Artikolu 98(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 – Aspettattivi leġittimi – Żball ta’ evalwazzjoni – Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Dannu morali”*

B’awla estiża ta’ ħames imħallfin bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, għall-ewwel darba, dwar il-konsegwenzi finanzjarji tal-irregolaritajiet allegati fil-konfront ta’ persuna li tkun tokkupa kariga għolja fi ħdan istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea fit-twettiq tal-obbligi li jkunu jirriżultaw mill-kariga tagħha, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li kkonstatat in-nuqqas ta’ osservanza ta’ dawn l-obbligi.

Ir-rikorrent, CQ, kien Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, fejn huwa wettaq żewġ mandati. F’dan ir-rigward, CQ ibbenefika b’mod partikolari mir-rimbors ta’ diversi spejjeż, minn karozza uffiċjali u mit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ xufier.

Matul il-mandat tiegħu, waslet għand il-Qorti tal-Awdituri informazzjoni dwar diversi irregolaritajiet serji imputati lir-rikorrent.

Sussegwentement, is-Segretarju Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri bagħat fajl lill-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) dwar l-attivitajiet ta’ CQ li kienu wasslu għal spejjeż possibbilment indebiti mħallsa mill-baġit tal-Unjoni.

Wara li wettaq investigazzjoni, l-OLAF bagħat ir-rapport finali tiegħu lill-Qorti tal-Awdituri, li fih huwa ikkonkluda, fost oħrajn, li CQ kien abbuża mir-riżorsi tal-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest ta’ attivitajiet li kienu estranji għall-funzjonijiet tiegħu.

Wara li rċeviet ir-rapport tal-OLAF, il-Qorti tal-Awdituri kkonstatat il-kreditu tar-rikorrent u kklassifikat is-somma ta’ EUR 153 407.58 bħala ammont indebitament irċevut għal spejjeż tal-missjonijiet u tal-allowances ta’ kuljum, għal spejjeż ta’ rappreżentanza kif ukoll għall-użu tas-servizzi ta’ xufiera. Abbażi ta’ dan, hija ordnat l-irkupru ta’ din is-somma (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

Permezz tar-rikors tiegħu, ippreżentat fl-24 ta’ Ġunju 2019, ir-rikorrent talab, minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, u, min-naħa l-oħra, il-kumpens għad-dannu morali li huwa ġarrab [431].

Indipendentement minn dan ir-rikors għal annullament, il-Qorti tal-Awdituri kienet ippreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat fuq il-ksur, minn CQ, tal-obbligi li kienu jirriżultaw mill-kariga tiegħu mal-Qorti tal-Awdituri [432]. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li r-rikorrent kien effettivament kiser dawn l-obbligi u ddikjarat it-telf ta’ żewġ terzi mid-dritt għall-pensjoni tiegħu.

#### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

Fir-rigward tal-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-motiv ibbażat fuq l-argument li l-Qorti tal-Awdituri ma setgħetx tibgħat lir-rikorrent nota ta’ debitu ddatata

[431] Abbażi tal-Artikoli 263 u 268 TFUE.

[432] Fis-sens tal-Artikolu 286(6) TFUE.

iktar minn ħames snin wara l-konstatazzjoni ta' kreditu minħabba t-terminu previst fl-Artikolu 98 tar-Regolament 2018/1046 [433].

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu, jiġifieri l-mument li fih l-istituzzjoni kkonċernata normalment tkun f'pożizzjoni li tinvoka l-kreditu tagħha, ma jikkorrispondix neċessarjament għall-mument li fih persuna bħar-rikorrent titlob lil istituzzjoni l-ħlas ta' somma flus. Dan jista' jikkorrispondi, f'ċerti ċirkustanzi, għall-mument li fih l-OLAF jibgħat rapport lil din l-istituzzjoni.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-maġġoranza tal-krediti, meqjusa mill-Qorti tal-Awdituri li kienu indebitament irċevuti minn CQ, ma kinux preskritti, peress li l-Qorti tal-Awdituri sabet ruħha f'pożizzjoni li tinvoka l-kreditu tagħha biss wara l-investigazzjoni tal-OLAF. Għall-kuntrarju, numru limitat ħafna ta' krediti, ta' ammont totali ta' EUR 3 170.19, tqiesu li kienu preskritti, peress li, li kieku l-Qorti tal-Awdituri kienet aġixxiet bid-diliġenza meħtieġa, hija kienet tkun f'pożizzjoni li tinvoka l-kreditu tagħha sa mit-tressiq tat-talbiet għal rimbors ikkonċernati.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-motiv ibbażat, essenzjalment, fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u fuq l-eżistenza ta' "żbalji manifesti" fid-deċiżjoni kkontestata, f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni, mill-Qorti tal-Awdituri, tas-somom li r-rikorrent kien responsabbli għalihom.

Fir-rigward tal-portata tal-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali, din tal-aħħar enfasizzat qabelxejn li, fis-sentenza Il-Qorti tal-Awdituri vs Pinxten [434], il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ippreċiżat li l-evalwazzjonijiet tagħha relatati mal-irregolaritajiet allegati fir-rigward tar-rikorrent ma kinux jirrigwardaw id-determinazzjoni ta' somom li huwa kien responsabbli għalihom u għalhekk kienu bla ħsara għall-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali li kellha ssir fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata fil-kuntest ta' rikors għal annullament.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, li s-suġġett tar-rikors ippreżentat abbażi tal-Artikolu 286(6) TFUE, li fil-kuntest tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja kienet adottat il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tar-rikorrent, kien distint minn dan ir-rikors. Fil-fatt, l-ewwel wieħed kien jirrigwarda l-konstatazzjoni tal-ksur tal-obbligi li kienu jirriżultaw mill-kariga ta' Membru tal-Qorti tal-Awdituri u l-għoti eventwali ta' sanzjoni. Għall-kuntrarju, is-suġġett ta' dan ir-rikors, ippreżentat konformement mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kien il-kwistjoni tal-irkupru ta' somom indebitament imħallsa u l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

Min-naħa l-oħra, l-oneru tal-prova fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u f'dik quddiem il-Qorti Ġenerali kien differenti. F'dan ir-rikors, l-oneru tal-prova kien jaqa' fuq ir-rikorrent sabiex juri, fir-rigward ta' kull talba għal rimbors, li huwa kien sostna l-ispejjeż inkwistjoni b'osservanza tar-regoli applikabbli.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fis-sentenza Il-Qorti tal-Awdituri vs Pinxten, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet evalwat ġuridikament kull waħda mill-attivitajiet tar-rikorrent meqjusa mill-Qorti tal-Awdituri li kienu irregolari. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonkludiet, parzjalment, favur ir-regolarità

---

433 B'mod iktar preċiż, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 98(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36): "L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jibgħat in-nota ta' debitu minnufih wara li jistabbilixxi l-ammont riċevibbli u mhux aktar tard minn fi żmien perijodu ta' ħames snin minn meta l-istituzzjoni tal-Unjoni kienet, f'ċirkustanzi normali, f'pożizzjoni li tagħmel pretensjoni għad-dejn tagħha. Dan il-perijodu ma għandux ikun japplika meta l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jistabbilixxi li, minkejja l-isforzi għamlet li l-istituzzjoni tal-Unjoni, id-dewmien fit-teħid ta' azzjoni kkaġunat mill-aġir tad-debitur".

434 Sentenza tat-30 ta' Settembru 2021 (Seduta Plenarja), ***Il-Qorti tal-Awdituri vs Pinxten*** (C-130/19, EU:C:2021:782).

tagħhom jew favur l-assenza tal-irregolarità manifesta tagħhom u, parzjalment, favur l-irregolarità tagħhom jew favur l-irregolarità manifesta tagħhom.

Madankollu, fid-dawl tan-natura distinta tas-suġġett taż-żewġ rikorsi, tan-natura differenti tal-oneru tal-prova, kif ukoll tal-fatt li, f'dan il-każ, ċerti atti proċedurali ġew ippreżentati biss wara l-għoti tas-sentenza Il-Qorti tal-Awdituri vs Pinxten, il-partijiet setgħu jippreżentaw f'din il-proċedura kjarifiki u argumenti ġodda u setgħu jipproduċu provi ġodda.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali wettqet evalwazzjoni ta' kull attività tar-rikorrent marbuta mat-talbiet għal rimbors inkwistjoni, fid-dawl tal-argumenti u tal-ispjegazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet quddiemha, sabiex iddeterminat jekk kellhiex tiġi adottata jew le l-istess evalwazzjoni bħal dik adottata fis-sentenza Il-Qorti tal-Awdituri vs Pinxten.

B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali qieset li spejjeż relatati mal-laqgħat ma' mexxejja politiċi, membri ta' partit politiku fuq livell nazzjonali, ma kellhomx rabta mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tar-rikorrent bħala Membru tal-Qorti tal-Awdituri. Hija kkonkludiet favur l-irregolarità tagħhom, billi rreferiet b'mod partikolari għall-kuntest speċifiku ta' tali laqgħat li kien jirriżulta mir-rapport tal-OLAF. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors f'dak li jirrigwarda dawn l-ispejjeż.

Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata sa fejn din ordnat l-irkupru ta' ċerti talbiet għar-rimbors tal-ispejjeż, għal ammont totali ta' EUR 16 084.01. Fil-fatt, hija kkonkludiet li dawn l-ispejjeż ma kienu vvizzjati b'ebda irregolarità.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u wara li ċaħdet il-motivi l-oħra tar-rikors, li kienu jirrigwardaw b'mod partikolari l-irregolarità tal-investigazzjoni mmexxija mill-OLAF u l-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata sa fejn din kienet tirrigwarda ammont ta' EUR 19 254.2 u ppreċiżat l-interessi moratorji li kellhom jitħallsu fuq dan l-ammont. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għad-danni bbażata fuq id-dannu morali allegatament imġarrab mir-rikorrent.

# III. Kompetizzjoni

## 1. Akkordji (Artikolu 101 TFUE)

**Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, Crown Holdings u Crown Cork & Seal Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-587/22, EU:T:2024:661)**

*"Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-imballaġġi tal-metall – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE – Kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni – Ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni mill-Kummissjoni fuq talba ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni – Terminu għall-assenjazzjoni mill-ġdid – Obbligu ta' motivazzjoni – Aspettattivi leġittimi – Prinċipju ta' sussidjarjetà – Drittijiet tad-difiża – Proporzjonalità – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Kontrotalba għal evalwazzjoni mill-ġdid tal-ammont tal-multa wara proċedura għar-riżolviment"*

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet kemm ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Crown Holdings, Inc. u minn Crown Cork & Seal Deutschland Holdings GmbH kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li timponilhom multa għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE [435], kif ukoll il-kontrotalba ta' din tal-aħħar intiża għaż-żieda tal-ammont tal-multa imposta. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali pprovdiet preċiżazzjonijiet dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fil-kuntest tal-assenjazzjoni mill-ġdid ta' każ favur il-Kummissjoni fuq talba tal-imsemmija awtoritajiet. F'dan il-kuntest hija ċċarat li l-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-network tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni [436] ma tistax toħloq aspettattiva leġittima fi ħdan l-impriżi kkonċernati fir-rigward tal-fatt li kull assenjazzjoni mill-ġdid ta' każ għandha ssir f'terminu ta' xahrejn. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, hija ddeċidiet dwar il-kontrotalba tal-Kummissjoni intiża għall-irtirar tal-vantaġġ mogħti lir-rikorrenti għall-kooperazzjoni tagħhom matul il-proċedura għar-riżolviment minħabba li, permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti kkontestaw, għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali, il-kompetenza tal-Kummissjoni li tittratta l-każ minflok awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.

Fl-2015, il-Bundeskartellamt (l-Uffiċċju Federali tal-Akkordji, il-Ġermanja) fetaħ investigazzjoni fil-konfront ta' diversi kumpanniji li joperaw fis-settur tal-imballaġġi tal-metall, fosthom ir-rikorrenti. Fl-2018, peress li qies li l-aġir antikompetittiv issuspettat seta' jestendi għal swieq oħra minbarra dak tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u li d-dritt Ġermaniż applikabbli dak iż-żmien ma kienx jippermettilu jissanzjona l-impriżi tar-rikorrenti li kienu ġew xolti jew riorganizzati qabel il-konklużjoni tal-investigazzjoni tiegħu, l-Uffiċċju Federali tal-Akkordji talab li l-investigazzjoni tiegħu tiġi assenjata mill-ġdid lill-Kummissjoni, li fetħet proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE fir-rigward tar-rikorrenti.

Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kkontestata, li permezz tagħha hija kkonstatat li r-rikorrenti kienu pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE fis-settur tal-imballaġġi tal-metall fil-Ġermanja u kkundannathom għal multa ta' EUR 7 670 000. Dan l-ammont kien jieħu inkunsiderazzjoni tnaqqis tal-multa ta' 50 % mogħti lir-rikorrenti għall-kooperazzjoni

[435] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2022) 4761 final tat-12 ta' Lulju 2022 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (Każ AT.40522 – Imballaġġ tal-metall) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

[436] Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-network tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni (2004/C 101/03) (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni").

tagħhom skont il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2006 [437], kif ukoll tnaqqis ta' 10 % għall-kooperazzjoni tagħhom fil-kuntest tal-proċedura għar-riżolviment [438].

F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors kontra d-Deċiżjoni kkontestata, mhux sabiex jikkontestaw il-kontenut tagħha li huma kienu diġà aċċettaw fil-kuntest tal-proċedura għar-riżolviment, iżda minħabba diversi irregolaritajiet proċedurali li wasslu għall-assenjazzjoni mill-ġdid tal-każ lill-Kummissjoni u fl-aħħar nett għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fil-kuntest tar-rikors għal annullament, ir-rikorrenti sostnew b'mod partikolari li billi aċċettat li l-każ li kien quddiem awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali jiġi assenjat mill-ġdid lilha wara t-terminu inizjali previst mill-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni, il-Kummissjoni kisret il-prinċipji stabbiliti fl-imsemmija komunikazzjoni u l-aspettattivi leġittimi tar-rikorrenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta l-Kummissjoni tadotta regoli ta' kondotta u tħabbar permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom li minn dak il-mument 'il quddiem hija sejra tapplikahom għall-każijiet ikkonċernati minnhom, hija tillimita lilha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha u ma tistax titbiegħed minn dawn ir-regoli mingħajr ma tkun suġġetta għal sanzjoni, jekk ikun il-każ, minħabba ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħalma huwa l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

Din il-ġurisprudenza tapplika wkoll għall-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni peress li, fis-sentenza Sped-Pro vs Il-Kummissjoni [439] il-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet li, meta adottat din il-komunikazzjoni li tinkludi linji gwida intiżi għad-determinazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni li tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex teżamina lment, il-Kummissjoni llimitat ruħha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha fit-trattament tal-ilmenti fil-qasam tal-kompetizzjoni.

Għalhekk, l-argument tal-Kummissjoni li din is-sentenza ma kinitx applikabbli sa fejn tirrigwarda każ imressaq wara lment filwaqt li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ħadet konjizzjoni *ex officio* wara talba minn awtorità tal-kompetizzjoni nazzjonali ma setax jintlaqa'. Fil-fatt, il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tittratta konġuntament iż-żewġ każijiet u ma tagħmel ebda distinzjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-assenjazzjoni mill-ġdid, skont jekk każ jiġix investigat *ex officio* jew wara lment. Konsegwentement, minkejja l-fatt li l-iskambji fi ħdan in-network huma kwistjoni bejn awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jaġixxu fl-interess pubbliku u li bl-ebda mod ma jbiddlu d-drittijiet jew l-obbligi tal-impriżi implikati, bl-adozzjoni ta' din il-komunikazzjoni l-Kummissjoni ma llimitatx lilha nnifisha biss fir-rigward tal-lanjanti, iżda wkoll fir-rigward tal-impriżi li l-attivitajiet tagħhom ikunu s-suġġett ta' investigazzjoni.

Wara li ppreċiżat dan, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni dwar jekk il-punti 18 u 19 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni li jittrattaw il-kwistjonijiet ta' assenjazzjoni mill-ġdid setgħux inisslu fir-rikorrenti aspettattivi leġittimi dwar il-fatt li kull assenjazzjoni mill-ġdid ta' każ kellha ssir f'terminu inizjali ta' xahrejn.

F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, jeħtieġ li hija tkun tat lill-persuna li tkun suġġetta għal miżuri amministrattivi garanziji preċiżi li jkunu nisslu aspettattivi fondati f'din il-

437 Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2006, C 298, p. 17).

438 Avviż tal-Kummissjoni dwar il-mod ta' proċedimenti ta' riżolviment ta' tilwim bil-għan li jiġu adottati Deċiżjonijiet skond l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-każijiet tal-kartelli (ĠU 2008, C 167, p. 1) (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar ir-riżolviment".

439 Sentenza tad-9 ta' Frar 2022, Sped-Pro vs Il-Kummissjoni (T-791/19, EU:T:2022:67).

persuna. Issa, il-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni ma tipprovdi ebda garanzija preċiża li t-terminu ta' assenjazzjoni mill-ġdid ma jistax ikun itwal minn perijodu ta' xahrejn.

Fil-fatt, minn naħa, l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-każijiet, prevista fil-punt 18 ta' din il-komunikazzjoni, għandha ssir "bħala prinċipju" f'terminu ta' xahrejn, b'tali mod li dan it-terminu ma huwiex vinkolanti. F'kull każ, dan it-terminu jikkonċerna l-każijiet fejn ikun hemm problemi ta' assenjazzjoni mill-ġdid ta' każijiet bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, li ma kienx il-każ hawnhekk peress li l-Kummissjoni fetħet il-proċedura ta' eżami fuq talba tal-Uffiċċju Federali tal-Akkordji.

Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda l-punt 19 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni, li jipprevedi li l-assenjazzjoni mill-ġdid ta' każ lil hinn mit-terminu inizjali ta' xahrejn għandha ssir biss fil-każ ta' żvilupp sinjifikattiv, matul il-proċedura, tal-fatti magħrufa tal-każ, il-Qorti Ġenerali ċċarat li l-espressjoni "fatti magħrufa tal-każ" ma tistax tiġi interpretata bħala li tkopri biss il-fatti li jirriżultaw rilevanti għad-determinazzjoni ta' jekk twettaqx ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, mill-kuntest li minnu jifforma parti dan il-punt [440] jirriżulta li, wara l-perijodu ta' assenjazzjoni inizjali ta' xahrejn, il-Kummissjoni tista' tiġġustifika l-ftuħ ta' proċedura ta' eżami f'diversi eżempji li jmorru lil hinn mill-fatti li jirriżultaw rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk twettaqx ksur. Għaldaqstant, din l-espressjoni għandha tiġi interpretata bħala li tkopri kull fatt rilevanti li jiġi żvelat matul il-proċedura.

Fit-tkomplija tal-analiżi tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Għalhekk, għalkemm ir-Regolament Nru 1/2003 [441] jorganizza, konformement ma' dan il-prinċipju, assoċjazzjoni iktar wiesgħa tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni żżomm rwol predominanti fit-tfittxija għall-ksur u fit-teħid ta' azzjoni kontrih. B'dan il-mod, l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprovdi, bla ħsara għal sempliċi konsultazzjoni tal-awtorità nazzjonali kkonċernata, li l-Kummissjoni żżomm il-possibbiltà li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni anki jekk, bħalma ġara f'dan il-każ, awtorità nazzjonali tkun diġà qiegħda tittratta l-każ. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni, li fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni fuq talba tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni Ġermaniża nnifisha, kienet tabilħaqq osservat il-kundizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni u għalhekk ma ppreġudikatx il-prerogattivi tal-Istat Membru kkonċernat.

Fir-rigward tal-kontrotalba tal-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali bdiet billi ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà eċċepita mir-rikorrenti billi enfasizzat li għalkemm huma r-rikorrenti li l-iktar spiss jitolbu l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tħassar, tnaqqas jew iżżid l-ammont ta' multa imposta mill-Kummissjoni sabiex jiksbu tnaqqis tal-ammont tal-multa, xejn ma jipprekludi lill-Kummissjoni milli tressaq talba għal żieda ta' dan l-ammont.

Fuq il-mertu ta' din il-kontrotalba, il-Qorti Ġenerali osservat, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni la kienet f'pożizzjoni li turi li r-rikorrenti, matul il-proċedura għar-riżolviment, kienu rrikonoxxew il-kompetenza tagħha minflok dik tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, u lanqas li hija setgħet raġonevolment tassumi li r-rikorrenti ma kinux ser jikkontestaw din il-kompetenza.

Fil-fatt, il-Kummissjoni ma pproduċiet ebda prova li setgħet tistabbilixxi l-allegat rikonoxximent tal-kompetenza tagħha mir-rikorrenti. Kien biss waqt is-seduta li l-Kummissjoni indikat li kienet disposta li tipprovdi, fil-kuntest ta' miżura istruttorja ordnata mill-Qorti Ġenerali, il-proposta għar-riżolviment li tinkludi indikazzjonijiet ta' rikonoxximent ta' din il-kompetenza. Issa, il-Kummissjoni la pprovdiet ġustifikazzjoni valida għad-dewmien fl-approċċ tagħha u lanqas ma spjegat għaliex tali miżura istruttorja kienet neċessarja f'dan il-każ, iżda llimitat ruħha li tinvoka, b'mod ġeneriku, allegati raġunijiet ta' kunfidenzjalità jew ta' sensittività, filwaqt li d-dokumenti li hija pproponiet li tipproduċi kienu joriġinaw mir-rikorrenti nnifishom.

---

440 Ara, f'dan is-sens, il-punt 54 tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni.

441 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

Barra minn hekk, mill-elementi li jinsabu fil-proposta għar-riżolviment, b'mod partikolari r-rikonoxximent mir-rikorrenti tar-responsabbiltà tagħhom kif ukoll l-indikazzjoni tal-ammont massimu tal-multa li huma kienu lesti jaċċettaw, ma jistax jiġi dedott li dawn kienu rrikonoxxew il-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tittratta l-każ, peress li r-rikonoxximent ta' din il-kompetenza ma huwiex previst, b'differenza mill-elementi ċċitati iktar 'il fuq, mill-Komunikazzjoni dwar ir-riżolviment. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'ċirkustanzi analogi għal dawk ta' din il-kawża [442], li l-kwistjoni tal-kompetenza tal-awtur tal-att taqa' taħt l-istħarriġ eżerċitat mill-qorti tal-Unjoni Ewropea, li għandha tivverifika jekk twettqux illegalitajiet f'dan ir-rigward.

Fit-tieni lok, iż-żieda tal-multa la tista' tiġi ġġustifikata mill-allegat telf ta' benefiċċji proċedurali, u lanqas mill-allegat piż amministrattiv addizzjonali kkawżat mill-preżentata ta' dan ir-rikors. Fil-fatt, il-benefiċċji proċedurali li l-Kummissjoni kisbet mill-proċedura għar-riżolviment jibqgħu kweżiti, indipendentement mill-preżentata ta' dan ir-rikors. Il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-Kummissjoni sabiex tiddefendi d-Deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali hija inerenti għal kull proċedura ġudizzjarja u ma ddaħħalx inkwistjoni dawn il-benefiċċji.

### Sentenza tas-6 ta' Novembru 2024, Crédit agricole *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-386/21 u T-406/21, EU:T:2024:776)

*"Kompetizzjoni – Akkordji – Settur tal-bonds supra-sovrani, tal-bonds sovrani u tal-bonds tal-aġenziji ddenominati f'dollari Amerikani – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE – Koordinazzjoni tal-prezzijiet u tal-attivitajiet ta' negozjar ta' bonds – Skambji ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva – Ksur uniku u kontinwu – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Kalkolu tal-ammont tal-multa – Ammont bażiku – Valur ta' sostituzzjoni tal-valur tal-bejgħ – Rikors għal annullament – Ġurisdizzjoni sħiħa"*

Il-Qorti Ġenerali, b'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat essenzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea [443] li kienet ikkonstatat li l-banek Crédit agricole SA u Crédit agricole Corporate and Investment Bank (iktar 'il quddiem "Crédit agricole") kif ukoll Credit Suisse Group AG u Credit Suisse Securities (Europe) Ltd (iktar 'il quddiem "Credit Suisse") kienu pparteċipaw f'kartell fis-settur tal-bonds supra-sovrani, tal-bonds sovrani u tal-bonds ta' organi pubbliċi ddenominati f'dollari Amerikani (iktar 'il quddiem il-"BSSA"). Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-multi imposti fuq l-imsemmija banek għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

Fl-2015, Deutsche Bank ressqet quddiem il-Kummissjoni talba għal klemenza fejn informatha bl-eżistenza ta' kartell fis-suq sekondarju tal-BSSA. Il-BSSA huma titoli ta' kreditu li jippermettu lill-emittent tagħhom jiġġenera fondi biex jiffinanzja ċerti spejjeż jew investimenti. Il-BSSA jiġu offruti għall-bejgħ għall-ewwel darba minn, jew f'isem, l-emittent tagħhom fis-suq primarju. Sussegwentement, huma jiġu skambjati "over the counter" bejn investituri fis-suq sekondarju, mingħajr borża ċentrali.

F'dan is-suq sekondarju, il-banek jippruvaw jiġġeneraw dħul billi jagħmlu profitt mid-differenza bejn il-prezz tal-offerta u l-prezz tat-talba tal-BSSA.

Wara li fetħet investigazzjoni bl-għan li teżamina l-prattiki rrapportati minn Deutsche Bank, il-Kummissjoni kkonstatat li t-traders ta' diversi banek, fosthom Crédit agricole u Credit Suisse, kienu kkollaboraw u skambjaw informazzjoni sabiex jiksbu vantaġġ kompetittiv fis-suq sekondarju tal-BSSA. Barra minn hekk, peress li qieset li dan l-aġir kien jagħmel parti minn pjan ġenerali li jfittex l-istess

---

[442] Digriet tad-29 ta' Jannar 2020, ***Silgan Closures u Silgan Holdings vs Il-Kummissjoni*** (C-418/19 P, EU:C:2020:43, punti 63 u 64).

[443] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 2871 final tat-28 ta' April 2011, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.40346 - Bonds SSA) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

għan antikompetittiv, il-Kummissjoni qieset li l-banek ikkonċernati kienu wettqu ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101(1) TFUE permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet jew permezz tal-implimentazzjoni ta' prattiki miftiehma li kellhom bħala għan ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tal-BSSA fiż-ŻEE. Konsegwentement, ġew imposti multi li jammontaw għal EUR 3 993 000 u EUR 11 859 000 rispettivament fuq Crédit agricole u fuq Credit Suisse.

UBS Group AG, aventi kawża ta' Credit Suisse, kif ukoll Crédit agricole, ippreżentaw quddiem il-Qorti Ġenerali żewġ rikorsi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni sa fejn din kienet tikkonċernahom. Crédit agricole talbet ukoll lill-Qorti Ġenerali tnaqqas l-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqha, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha prevista fl-Artikolu 261 TFUE u fl-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet ikkonstatat l-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu wieħed imwettaq minn Crédit agricole. Għalhekk, hija ċaħdet l-argumenti ta' dan il-bank, fis-sens li l-Kummissjoni kienet ikkonstatat l-eżistenza ta' ħames ksur awtonomi li kellhom jiġu kklassifikati bħala "restrizzjoni minħabba l-għan", bħala argumenti li kienu bbażati fuq qari żbaljat tad-Deċiżjoni kkontestata.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-motivi għal annullament tar-rikorrenti kienu essenzjalment ibbażati fuq tliet kategoriji ta' kritiki li kienu bbażati:

- l-ewwel nett, fuq żbalji fil-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala "ksur uniku u kontinwu" tal-Artikolu 101(1) TFUE, kif ukoll fuq il-portata tal-parteċipazzjoni tagħhom f'dan il-ksur,
- it-tieni nett, fuq żbalji fil-klassifikazzjoni ta' dan il-ksur bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" u,
- it-tielet nett, fuq żbalji fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multi imposti.

Qabel ma indirizzat dawn it-tliet sensiliet ta' motivi komuni għaż-żewġ rikorsi, il-Qorti Ġenerali eżaminat minn qabel il-motiv ta' Crédit agricole ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza.

*Fuq l-osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza*

Fir-rigward tal-osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza, Crédit agricole sostniet, minn naħa, li l-Kummissjoni kienet ippreżumiet b'mod żbaljat li t-traders involuti u, b'mod partikolari, it-trader tagħha kellhom għarfien tal-informazzjoni kollha skambjata fil-fora ta' diskussjonijiet permanenti li magħhom huma kienu konnessi, indipendentement mill-parteċipazzjoni attiva tagħhom fl-imsemmija skambji.

Dan l-ilment ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali, li enfasizzat li l-fora inkwistjoni kienu kkaratterizzati mit-trażmissjoni f'ħin reali tal-messaġġi lill-persuni kollha konnessi. Fid-dawl ta' din il-partikolarità, il-Kummissjoni kellha raġun tqis li Crédit agricole kienet taf bid-diskussjonijiet li kienu saru f'dawn il-fora sa mill-mument li fih it-trader tagħha kien ingħaqad magħhom, anki jekk dan tal-aħħar ma kienx jipparteċipa attivament f'dawn id-diskussjonijiet jew anki jekk huwa kelllu għad-dispożizzjoni tiegħu diversi sorsi oħra ta' informazzjoni konkomitanti. Is-sitwazzjoni setgħet tkun differenti biss li kieku Crédit agricole kienet uriet, permezz ta' provi ċerti u preċiżi mil-lat kronoloġiku, li t-trader tagħha ma kienx effettivament sar jaf bil-messaġġ jew bil-messaġġi inkriminati. Issa, tali prova ma kinitx ġiet prodotta minn Crédit agricole. F'dan is-sens, il-modalitajiet tad-diskussjonijiet ikkonċernati kienu differenti minn dawk li wasslu għas-sentenza Eturas *et* [444].

---

[444] Sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Eturas et (C-74/14, EU:C:2016:42).

Għall-kuntarju, u min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza meta ffissat il-punt ta' tluq tal-parteċipazzjoni ta' Crédit agricole fil-ksur fid-data tal-ewwel konnessjoni tat-trader tagħha mal-forum ta' diskussjonijiet kontenzjużi bl-identifikaturi ta' dan il-bank, li seħħet fl-10 ta' Jannar 2013.

Fil-fatt, sabiex din l-ewwel konnessjoni titqies bħala prova ta' aġir antikompetittiv li jimmarka l-bidu tal-parteċipazzjoni ta' Crédit agricole fil-ksur, kienet il-Kummissjoni li kellha turi li, fl-istess jum ta' din l-ewwel konnessjoni, it-trader ta' Crédit agricole kien minn tal-inqas assista b'mod passiv għal diskussjoni antikompetittiva. Issa, f'dan il-każ, la mid-Deċiżjoni kkontestata u lanqas mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti Ġenerali ma rriżulta li kienu ġew skambjati messaġġi ta' natura antikompetittiva fuq il-forum ta' diskussjonijiet inkwistjoni fl-10 ta' Jannar 2013 wara l-ewwel konnessjoni tat-trader ta' Crédit agricole ma' dan il-forum.

*Fuq il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fi ksur uniku u kontinwu*

Fir-rigward tal-motivi li kkontestaw il-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala "ksur uniku u kontinwu" imputabbli lir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali osservat, fl-ewwel lok, li huwa biss l-aġir inkluż fi "pjan ġenerali" li jfittex għan antikompetittiv uniku li jista' jiġi kklassifikat bħala ksur uniku u kontinwu.

Fir-rigward tan-natura unika tal-ksur, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni kienet ġustament qieset li l-għan antikompetittiv uniku mfittex mit-traders tal-banek ikkonċernati kien li jiġi mmassimizzat id-dħul ta' dawn tal-aħħar filwaqt li jitnaqqas it-telf li seta' jirriżulta mill-inċertezza marbuta mal-aġir tat-traders l-oħra.

Peress li l-Kummissjoni wriet b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-aġir adottat mit-traders tal-banek ikkonċernati bejn Jannar 2010 u Frar 2013 kien jaqa' fi pjan ġenerali li jfittex dan il-għan antikompetittiv uniku, il-Qorti Ġenerali qieset, barra minn hekk, li l-projbizzjoni indirizzata minn Deutsche Bank, fi Frar 2013, lit-traders tagħha milli jużaw fora ta' diskussjonijiet multilaterali permanenti ma kinitx ipprekludiet lit-traders tal-banek ikkonċernati milli jwettqu l-imsemmi għan. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali indikat li n-natura unika ta' ksur tirriżulta mill-uniċità tal-għan imfittex mill-parteċipanti fl-akkordju. Issa, ma kienx ikkontestat li t-traders tal-banek ikkonċernati kienu evitaw il-projbizzjoni indirizzata lit-traders ta' Deutsche Bank fi Frar 2013 permezz ta' network ta' diskussjonijiet bilaterali, li kien jopera bl-istess mod bħall-fora ta' diskussjonijiet multilaterali permanenti.

Fir-rigward tan-natura kontinwa tal-ksur, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-kuntest tal-funzjonament tal-akkordju kkonstatat kien jippermetti li tiġi sostnuta l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-banek ikkonċernati kienu pparteċipaw fi ksur kontinwu bejn Jannar 2010 u Marzu 2015. Fil-fatt, għalkemm l-iskambji bejn it-traders tal-imsemmija banek kienu saru inqas frekwenti wara Frar 2013, xorta kien jibqa' l-fatt li huma komplew bid-diskussjonijiet ta' natura antikompetittiva tagħhom b'mod rikorrenti, bl-iskambju liberu ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' negozjar tagħhom fis-seħħ.

L-argument ta' Crédit agricole bbażat fuq l-assenza ta' parteċipazzjoni tagħha fil-ksur matul ċerti perijodi lanqas ma kien ta' natura li jikkontesta n-natura kontinwa tal-ksur fl-intier tiegħu peress li l-interruzzjonijiet invokati minn dan il-bank ma kinux jieħdu inkunsiderazzjoni l-aġir tal-parteċipanti l-oħra.

Fir-rigward tal-imputabbiltà lir-rikorrenti tal-ksur uniku u kontinwu, il-Qorti Ġenerali fakkret, fit-tieni lok, li din l-imputabbiltà kellha tiġi evalwata fid-dawl ta' żewġ elementi, jiġifieri, l-ewwel nett, il-kontribuzzjoni intenzjonali tagħhom għall-għanijiet komuni mfittxija mill-banek ikkonċernati kollha u, it-tieni nett, l-għarfien tagħhom tal-aġir li kien jikkostitwixxi ksur previst jew implimentat minn dawn il-banek sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet jew il-fatt li huma setgħu raġonevolment jipprevedu u kienu lesti jaċċettaw ir-riskju.

Wara li għamlet din il-preċiżazzjoni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti kollha mressqa mir-rikorrenti intiżi li jikkontestaw kemm il-kontribuzzjoni intenzjonali tagħhom għall-pjan ġenerali identifikat mill-Kummissjoni kif ukoll l-għarfien tagħhom tal-aġir kollu li kien jikkostitwixxi ksur inkwistjoni jew, skont il-każ, il-kapaċità tagħhom li jippreveduh.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li Crédit agricole setgħet, tal-inqas, raġonevolment tipprevedi l-aġir kollu li kien jikkostitwixxi ksur tal-banek l-oħra kienet b'mod partikolari kkorroborata mill-fatt li, qabel ma beda jaħdem ma' Crédit agricole, it-trader tagħha kien, fil-kwalità tiegħu ta' trader ta' bank ieħor, ipparteċipa direttament fl-aġir li kien jikkostitwixxi ksur inkwistjoni.

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-għarfien miksub minn impjegat qabel id-dħul tiegħu fis-servizz ta' impriża ġdida u li dan jaqsam ma' din il-persuna li timpjegah il-ġdida jista' jitqies li huwa għarfien kondiviż minn din tal-aħħar. Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq kuntatti preċedenti jew sussegwenti għall-perijodu tal-ksur sabiex tibni stampa globali u turi l-istadji preparatorji tal-akkordju kif ukoll sabiex tikkorrobora l-interpretazzjoni ta' ċerti provi.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti kollha tar-rikorrenti li kienu jikkontestaw, minn naħa, il-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala "ksur uniku u kontinwu" u, min-naħa l-oħra, l-imputabbiltà ta' dan il-ksur lir-rikorrenti.

*Fuq il-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan"*

Filwaqt li għamlet riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali fakkret li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan", il-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa turi li dan l-aġir kellu livell għoli ħafna ta' dannu għall-kompetizzjoni, kif kienet qiegħda ssostni Crédit agricole, iżda li kellu biss livell suffiċjenti ta' dannu għaliha.

Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, barra minn hekk, li l-evalwazzjoni tal-livell ta' dannu ta' aġir għall-kompetizzjoni għandha ssir fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tal-imsemmi aġir u mingħajr kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni partikolari ta' kull impriża li pparteċipat fih. Għalhekk, ir-rwol minuri ta' impriża f'akkordju ma huwiex ta' natura li jinfluwenza l-klassifikazzjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" ta' dan l-akkordju fil-konfront tal-impriżi kollha li pparteċipaw fih. Għall-istess raġunijiet, Crédit agricole ma setgħetx tinvoka b'mod utli, sabiex tikkontesta l-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan", il-fatt li hija ma kinitx pparteċipat f'ċerti diskussjonijiet.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ċaħdet sussegwentement l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni, l-ewwel, fl-evalwazzjoni tal-kuntest ekonomiku tal-aġir inkwistjoni, it-tieni, fl-evalwazzjoni tad-dannu tal-aġir għall-kompetizzjoni kif ukoll, it-tielet, fl-evalwazzjoni tan-natura ġġustifikata tiegħu minħabba l-effetti tiegħu favur il-kompetizzjoni.

F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-evalwazzjoni tal-kuntest ekonomiku tal-aġir inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li għalkemm, f'suq kumpless bħal f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tistax tillimita l-analiżi tagħha ta' dan il-kuntest għal dak li jirriżulta li huwa strettament neċessarju sabiex jiġi konkluż li teżisti restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, ir-rikorrenti baqgħu ma wrew ebda insuffiċjenza tal-analiżi tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku mwettqa mill-Kummissjoni.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-evalwazzjoni tad-dannu tal-aġir inkwistjoni għall-kompetizzjoni, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li, fis-suq sekondarju tal-BSSA, l-iskambji ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva li seħħew bejn il-banek ikkonċernati, li kienu kollha "ġeneraturi

tas-suq”[445], kienu ta’ natura suffiċjentement dannuża għall-kompetizzjoni sabiex jikkontribwixxu għall-klassifikazzjoni tal-aġir eżaminat, fl-intier tiegħu, bħala “restrizzjoni minħabba l-għan”.

Din il-konklużjoni ma setgħetx tiġi kkontestata mill-allegazzjoni ta’ Crédit agricole bbażata fuq il-fatt li s-suq sekondarju tal-BSSA huwa suq b’asimetrija sinjifikattiva ta’ informazzjoni bejn il-ġeneraturi tas-suq, b’tali mod li ż-żieda ta’ din l-asimetrija eżistenti minn qabel minħabba l-iskambji ta’ informazzjoni inkwistjoni ma kinitx ta’ dannu suffiċjenti għall-kompetizzjoni. Fil-fatt, anki li kieku kellu jitqies li kienet teżisti din l-asimetrija fl-informazzjoni, l-argument ta’ Crédit agricole kien imur kontra l-effett utli li kellu jiġi ggarantit lill-kunċett ta’ “restrizzjoni minħabba l-għan” u b’mod iktar wiesa’ lill-Artikolu 101 TFUE.

Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-argumenti tar-rikorrenti fis-sens li l-aġir inkwistjoni kien iġġustifikat fid-dawl tal-effetti favur il-kompetizzjoni tiegħu, il-Qorti Ġenerali fakkret li ma kienx hemm lok li l-effetti favur il-kompetizzjoni allegati mir-rikorrenti jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala tali, fl-istadju tal-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni bħala “restrizzjoni minħabba l-għan”.

Fi kwalunkwe każ, anki li kieku kellu jitqies li l-effetti “favorevoli” allegati tal-aġir inkwistjoni setgħu jew kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b’xi mod jew ieħor, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tiegħu bħala “restrizzjoni minħabba l-għan”, ir-rikorrenti ma wrewx l-eżistenza ta’ implikazzjonijiet favorevoli ta’ natura li jikkontestaw il-klassifikazzjoni ta’ “restrizzjoni minħabba l-għan” tal-imsemmi aġir.

Sa fejn ir-rikorrenti ddeskrivew l-aġir inkwistjoni wkoll bħala “restrizzjonijiet anċillari” għat-twettiq tal-funzjoni tagħhom ta’ ġeneratur tas-suq tal-BSSA, il-Qorti Ġenerali osservat li l-ġurisprudenza dwar l-eċċezzjoni tar-restrizzjonijiet anċillari għal ftehimiet leġittimi ma kinitx, fi kwalunkwe każ, applikabbli f’dan il-każ peress li r-rikorrenti ma kinux urew li l-attività tagħhom ta’ ġeneratur tas-suq kienet tkun impossibbli fl-assenza tal-aġir li jikkostitwixxi ksur.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti bbażati fuq il-fatt li l-ġeneraturi tas-suq ta’ BSSA kienu sistematikament żvantaġġati fuq il-livell ta’ informazzjoni fil-konfront tal-kontropartijiet li ma kinux jiżguraw preżenza permanenti fis-suq, b’tali mod li kellhom jikkumpensaw dan id-defiċit ta’ informazzjoni billi jfittxu informazzjoni mingħand ċertu numru ta’ sorsi.

Fil-fatt, ma jistax jiġi aċċettat li impriżi jippruvaw jikkumpensaw għall-effetti ta’ sitwazzjonijiet fattwali li huma jqisu li jkunu eċċessivament sfavorevoli, bħalma huma eventwali asimetriji ta’ riskji eżistenti bejn it-traders ta’ suq, permezz ta’ prattiki kollużorji li jkollhom l-għan li jikkoreġu dawn l-iżvantaġġi. Tali sitwazzjonijiet fattwali ma jistgħux jilleġittimaw ksur tal-Artikolu 101 TFUE, iktar u iktar peress li r-rikorrenti ma kinux joperaw fis-suq sekondarju tal-BSSA biss bħala ġeneraturi tas-suq u peress li huma kienu jeżerċitaw din l-attività volontarjament.

*Fuq id-determinazzjoni tal-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti*

Sabiex iddeterminat l-ammont tal-multi imposti fuq ir-rikorrenti, il-Kummissjoni, essenzjalment, segwiet il-metodu previst mil-Linji Gwida tal-2006[446]. Madankollu, f’dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-ammont bażiku, il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża valur ta’ sostituzzjoni minflok il-valur tal-bejgħ previst fil-punt 13 tal-imsemmija linji gwida. Bħala punt ta’ tluq għall-kalkolu ta’ dan il-valur ta’ sostituzzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat il-volumi u l-valuri nozzjonali annwalizzati tal-BSSA (iktar ’il quddiem l-“ammonti nozzjonali annwalizzati”) li l-banek ikkonċernati kienu skambjaw matul il-perijodu individwali tagħhom ta’ parteċipazzjoni fil-ksur kontenzjuż. Dawn l-ammonti nozzjonali annwalizzati

[445] “Ġeneraturi tas-suq” (market makers) huma istituzzjonijiet jew individwi li huma lesti li jixtru jew ibiegħu prodotti finanzjarji fis-suq sekondarju tal-BSSA b’mod ġenerali u kontinwu, minflok tranżazzjoni bi tranżazzjoni, bi prezzijiet li jiddeterminaw huma stess.

[446] Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2; iktar ’il quddiem il-“Linji Gwida tal-2006”).

ġew sussegwentement immultiplikati b'fattur ta' aġġustament li l-Kummissjoni kkalkolat bl-użu ta' 33 kategorija ta' BSSA rappreżentattivi, maħruġa minn tmien emittenti.

F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti lmentaw b'mod partikolari li l-Kummissjoni kisret il-Linji Gwida tal-2006 billi bbażat ruħha fuq sensiela ta' BSSA rappreżentattivi u mhux fuq id-data tat-tranżazzjonijiet tagħhom stess għall-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament, kif ukoll dwar il-fatt li użat data pubblika li tirriżulta mill-pjattaforma Bloomberg, li kabbar dan il-fattur ta' aġġustament (iktar 'il quddiem id-"data BGN").

Credit Suisse lmentat, barra minn hekk, li l-Kummissjoni ssopravalutat il-valur ta' sostituzzjoni billi inkludiet fl-ammonti nozzjonali kkunsidrati fir-rigward tagħha t-tranżazzjonijiet relatati max-xiri ta' likwidità (hedging).

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, għalkemm, bl-adozzjoni tal-Linji Gwida tal-2006, il-Kummissjoni llimitat lilha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li għandha fir-rigward tal-metodu ta' kalkolu tal-multi, hija kellha l-possibbiltà li ma tapplikahomx, bil-kundizzjoni li timmotiva u tiġġustifika l-għażla tagħha b'mod suffiċjenti fid-dritt.

Madankollu, meta l-Kummissjoni tagħżel li ma tapplikax il-Linji Gwida, mhux fl-intier tagħhom, kif jawtorizzaha tagħmel il-punt 37 tagħhom, iżda, bħal f'dan il-każ, li ma tapplikax biss il-punt 13 tagħhom, hija ma tistax tinjora l-prinċipji gwida kif ukoll il-loġika li fuqhom huma bbażati l-imsemmija linji gwida. Għalhekk, fl-implimentazzjoni tal-metodoloġija li hija tiddefinixxi, hija għandha, b'mod partikolari, tiżgura li tieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar data disponibbli, taħt l-istħarriġ fil-fond, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, tal-qorti tal-Unjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali nnotat, fl-ewwel lok, li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet immotivat u ġġustifikat suffiċjentement fid-dritt l-għażla tagħha li ma tapplikax il-metodoloġija prevista fil-punt 13 tal-Linji Gwida u li tibbaża l-kalkolu tagħha tal-ammont bażiku fuq valur ta' sostituzzjoni tal-valur tal-bejgħ li ġie kkalkolat bil-multiplikazzjoni tal-ammonti nozzjonali annwalizzati ta' kull wieħed mill-banek ikkonċernati b'fattur ta' aġġustament, ikkalkolat abbażi tal-kampjun ta' 33-il kategorija ta' BSSA.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tar-rikorrenti fis-sens li l-Kummissjoni kellha tuża metodoloġija ta' kalkolu tal-fattur ta' aġġustament ibbażata fuq it-tranżazzjonijiet tagħhom stess.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali indikat li metodoloġija bbażata fuq id-data tat-tranżazzjonijiet tal-banek ikkonċernati kienet tippreżupponi li jsiru kalkoli ta' kumplessità ħafna ikbar minn dawk diġà kumplessi mwettqa f'dan il-każ, minkejja li n-natura rappreżentattiva tal-BSSA kkunsidrati kienet tiggarantixxi ġustament li d-data meħuda inkunsiderazzjoni tibqa' rilevanti għall-kalkolu tal-multa u tippermetti li tiġi riflessa l-importanza ekonomika tal-ksur kontenzjuż bil-grad ta' preċiżjoni meħtieġ mill-ġurisprudenza. Issa, tali metodoloġija alternattiva kienet twassal sabiex timponi fuq il-Kummissjoni piż amministrattiv sproporzjonat.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti tar-rikorrenti fis-sens li d-data BGN li l-Kummissjoni kienet użat kienet inadegwata għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni sa fejn din kienet tkabbar il-fattur ta' aġġustament.

Wara li fakkret li l-Kummissjoni kellha tiżgura li tieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar data disponibbli, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet ċaħdet b'mod immotivat l-argumenti mressqa mill-banek ikkonċernati matul il-proċedura amministrattiva sabiex jikkontestaw l-użu tad-data BGN. Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma setgħux sempliċement isostnu quddiem il-Qorti Ġenerali li d-data użata mill-Kummissjoni kienet ivvizzjata minn nuqqas wieħed jew iktar, iżda, għall-kuntrarju, kellhom juri li, fil-kuntest tal-metodoloġija li din l-istituzzjoni ddeterminat legalment, kienet teżisti effettivament data aħjar minn dik ikkunsidrata minn din l-istituzzjoni u li din kienet effettivament disponibbli.

Billi kkonstatat li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jippreżentaw data aħjar minn dik ikkunsidrata mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, barra minn hekk, il-kritika ta' Credit Suisse bbażata fuq in-natura mhux magħrufa tal-metodu ta' elaborazzjoni tad-data BGN. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-data BGN kienet tikkostitwixxi data ta' riferiment fost it-traders, li kienet imfassla minn terz għall-proċedura abbażi tal-prezzijiet ta' diversi traders. Għaldaqstant, ma setax jiġi validament sostnut li, minħabba n-natura parzjalment mhux magħrufa tal-metodu ta' elaborazzjoni tagħha, id-data ta' riferiment li kienet id-data BGN ma setgħetx tintuża mill-Kummissjoni, b'mod partikolari meta Credit Suisse bl-ebda mod ma semmiet pjattaformi tas-suq li kienu jipprovdu informazzjoni iktar eżatta jew iktar rilevanti mill-pjattaforma Bloomberg.

Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni lanqas ma setgħet tiġi kkritikata talli użat data li ma kinitx tirrifletti eżattament is-sitwazzjoni ta' Credit Suisse, meta ġustament din l-istituzzjoni ma kellhiex data eżatta suffiċjentement rappreżentattiva, u, konsegwentement, hija kienet obbligata tuża metodoloġija bbażata fuq data alternattiva neċessarjament inqas preċiża, sabiex tikkostitwixxi mill-ġdid valur ta' sostituzzjoni.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ta' Credit Suisse fis-sens li l-Kummissjoni kienet issopravvalutat il-valur ta' sostituzzjoni tal-valur tal-bejgħ billi inkludiet fl-ammonti nozzjonali kkunsidrati fir-rigward tagħha t-tranżazzjonijiet relatati max-xiri ta' likwidità.

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fil-kuntest tal-Linji Gwida tal-2006, il-kunċett ta' "valur ta' sostituzzjoni", l-istess bħal dak ta' "valur tal-bejgħ", huwa intiż li jadotta bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-multa imposta fuq impriża ammont li jirrifletti l-importanza ekonomika tal-ksur kontenzjuż u l-piż ta' din l-impriża fih. Minn dan kien jirriżulta li d-determinazzjoni tal-valur ta' sostituzzjoni kienet tinvolvi t-teħid inkunsiderazzjoni tat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa fis-suq ikkonċernat mill-ksur, u dan għal kull wieħed mill-impriżi li jkunu pparteċipaw fil-ksur kontenzjuż.

Filwaqt li l-metodoloġija użata mill-Kummissjoni ċertament wasslet għal teħid inkunsiderazzjoni tal-ammont nozzjonali skambjat fuq tranżazzjoni ta' xiri ta' likwidità partikolari kemm għall-bejjiegħ tal-BSSA kkonċernat kif ukoll għax-xerrej tiegħu meta t-tnejn ikunu ħadu sehem fil-ksur kontenzjuż, dan it-teħid inkunsiderazzjoni doppju jirriżulta mill-prinċipji stess li jirregolaw id-determinazzjoni tal-multi skont il-Linji Gwida tal-2006 fil-kuntest speċifiku tal-każ. Barra minn hekk, l-esklużjoni mill-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni ta' parti mit-tranżazzjonijiet li jaqgħu mingħajr dubju fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kkontestat ikollha l-konsegwenza li timminimizza b'mod artifiċjali l-importanza ekonomika tal-ksur kontenzjuż, b'tali mod li tippreġudika l-għan ta' proċeduri kriminali u ta' sanzjoni effikaċi tal-ksur fl-Artikolu 101 TFUE.

Wara li b'hekk ivvalidat il-valuri ta' sostituzzjoni adottati fir-rigward tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fl-aħħar nett, l-argumenti tagħhom li kkontestaw il-koeffiċjent multiplikatur ta' gravità li l-Kummissjoni kienet applikat għall-imsemmija valuri konformement mal-punti 20 sa 23 tal-Linji Gwida tal-2006.

Fid-dawl tal-fatt li dan il-koeffiċjent multiplikatur ta' gravità kien ġie ffissat għal 16 % għall-banek ikkonċernati kollha, Crédit agricole sostniet b'mod partikolari li l-Kummissjoni kellha, fir-rigward tagħha, tistabbilixxi koeffiċjent multiplikatur individwalizzat u iktar baxx.

Peress li Crédit agricole għamlet riferiment, insostenn ta' dan l-argument, għal sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li kienu jippreċedu d-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida tal-2006, il-Qorti Ġenerali qabel kollox irrilevat li dawn is-sentenzi ma setgħux jimponu fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni elementi oħra minbarra l-gravità intrinsika tal-ksur kontenzjuż fl-istadju tad-determinazzjoni tal-koeffiċjent multiplikatur tal-gravità skont il-Linji Gwida tal-2006.

Barra minn hekk, għalkemm, fil-kuntest tal-kalkolu tal-multi imposti abbażi tal-Artikolu 101 TFUE, il-Kummissjoni ma tistax tinjora l-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, kemm mill-punt 22 tal-Linji Gwida tal-2006 kif ukoll mill-ġurisprudenza li tikkonċernah kien jirriżulta li l-koeffiċjent

multiplikatur tal-gravità jirrifletti, bħala prinċipju, il-gravità tal-ksur kontenzjuż u mhux il-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni f'dan il-ksur ta' kull waħda mill-impriżi kkonċernati. Huwa f'dan is-sens li l-punti 19 sa 22 tal-Linji Gwida tal-2006 jipprevedu d-determinazzjoni tal-koeffiċjent multiplikatur ta' gravità għall-ksur ikkonċernat u mhux għal kull impriża li tkun ipparteċipat fih. Għalhekk, l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi individwali ssir, bħala prinċipju, mhux fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, jiġifieri waqt l-iffissar tal-ammont bażiku tal-multa, iżda fil-kuntest tal-aġġustament tal-ammont bażiku skont iċ-ċirkustanzi attenwanti u aggravanti.

Barra minn hekk, billi rrilevat li koeffiċjent multiplikatur ta' gravità ta' 16 % għal ksur bħal dak ikkonstatat fid-Deċiżjoni kkontestata ma setax jitqies li huwa mhux xieraq jew sproporzjonat, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argumenti mressqa f'dan ir-rigward minn Crédit agricole.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Crédit Suisse fl-intier tiegħu. Għall-kuntrarju, hija annullat id-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward ta' Crédit agricole sa fejn, minn naħa, ikkonstatat li Crédit agricole kienet ipparteċipat fil-ksur mill-10 ta' Jannar 2013 sal-24 ta' Marzu 2015, u mhux mill-11 ta' Jannar 2013 sal-24 ta' Marzu 2015, u, min-naħa l-oħra, iffissat l-ammont tal-multa imposta fuq Crédit agricole għal EUR 3 993 000. Madankollu, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-ammont tal-multa imposta fuq Crédit agricole.

## 2. Konċentrazzjonijiet [447]

### Sentenza tat-13 ta' Novembru 2024, NetCologne vs Il-Kummissjoni (T-58/20, EU:T:2024:813)

*"Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Swieq Ġermaniżi tas-servizzi televiżivi u tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE – Impenji – Evalwazzjoni tal-effetti orizzontali, vertikali u konglomerati tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni – Relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni – Bidla speċifika għall-konċentrazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni"*

### Sentenza tat-13 ta' Novembru 2024, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-64/20, EU:T:2024:815)

*"Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Swieq Ġermaniżi tas-servizzi televiżivi u tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE – Impenji – Evalwazzjoni tal-effetti orizzontali u vertikali tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni – Relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni – Bidla speċifika għall-konċentrazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni"*

### Sentenza tat-13 ta' Novembru 2024, Tele Columbus vs Il-Kummissjoni (T-69/20, EU:T:2024:816)

*"Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Swieq Ġermaniżi tas-servizzi televiżivi u tas-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet – Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE – Impenji – Evalwazzjoni tal-effetti orizzontali u vertikali tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni – Relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni – Bidla speċifika għall-konċentrazzjoni – Żball manifest ta' evalwazzjoni"*

[447] Sunt komuni għall-kawżi ***NetCologne vs Il-Kummissjoni*** (T-58/20), ***Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni*** (T-64/20) u ***Tele Columbus vs Il-Kummissjoni*** (T-69/20).

Permezz ta' sentenzi tal-istess jum, il-Qorti Ġenerali ċaħdet tliet rikorsi ppreżentati sabiex jinkiseb l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li awtorizzat, bħala kompatibbli mas-suq intern, konċentrazzjoni fis-settur tas-servizzi televiżi u ta' telekomunikazzjoni intiża għall-akkwist minn Vodafone Group plc ta' ċerti assi ta' Liberty Global plc [448]. Permezz ta' dawn is-sentenzi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata li, fl-eżami tal-kompatibbiltà ta' din il-konċentrazzjoni mas-suq intern li hija kellha twettaq skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 139/2004 [449], ipprivileġġat il-kriterju tal-ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva fuq dak tad-dominanza.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, Vodafone u Liberty Group kienu żewġ operaturi attivi fis-settur tas-servizzi televiżivi u tat-telekomunikazzjoni f'diversi pajjiżi tal-Unjoni, fosthom il-Ġermanja. F'dan il-pajjiż, Liberty Group kienet preżenti permezz tas-sussidjarja tagħha Unitymedia GmbH.

Fl-2018, Vodafone kkomunikat lill-Kummissjoni, konformement mar-Regolament KE dwar il-konċentrazzjonijiet, abbozz ta' konċentrazzjoni intiż li jippermettilha tikseb il-kontroll esklużiv tal-attivitajiet ta' telekomunikazzjonijiet ta' Liberty Global f'diversi Stati Membri, fosthom il-Ġermanja. Il-konċentrazzjoni kienet tikkonsisti f'kuntratt ta' xiri u ta' bejgħ li permezz tiegħu Vodafone kienet qiegħda tipprevedi li takkwista 100 % tal-azzjonijiet ta' Unitymedia (iktar 'il quddiem il-"konċentrazzjoni inkwistjoni").

Peress li qieset li din il-konċentrazzjoni kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura ta' eżami fil-fond. Fi tmiem din il-proċedura, il-konċentrazzjoni ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bla ħsara għall-osservanza ta' ċerti impenji minn Vodafone [450].

Fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, fl-ewwel lok, evalwat l-effetti orizzontali, vertikali u konglomerattivi tal-konċentrazzjoni, b'mod partikolari fil-Ġermanja. Fi tmiem l-analiżi tagħha, minkejja li kkonkludiet li ma kienx hemm ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva (iktar 'il quddiem "OSKE") fis-suq tal-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni, fis-suq tal-provvista bl-imnut ta' offerti multiservizzi u fis-suq tal-provvista bl-imnut ta' servizzi televiżivi, hija kkonstatat OSKE fis-suq tal-aċċess fiss għall-internet u fis-suq ta' xiri lura ta' sinjali tat-televiżjoni.

Fit-tieni lok, hija vverifikat jekk l-impenji proposti minn Vodafone kinux ta' natura li jirrendu l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward taż-żewġt iswieq li fihom kienu ġew identifikati problemi ta' kompetizzjoni.

Ir-rikorrenti, Deutsche Telekom AG, Tele Columbus AG u NetCologne Gesellschaft für Telekommunikation mbH, kienu, fi żmien il-fatti tal-kawża, kumpanniji stabbiliti fil-Ġermanja li kienu joffru servizzi televiżivi, tal-internet u tat-telefonija. Huma adixxew lill-Qorti Ġenerali b'rikors għal annullament kontra d-Deċiżjoni kkontestata, kull waħda sa fejn kienet tikkonċernaha.

---

**448** Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 5187 final tat-18 ta' Lulju 2019 li tiddikjara kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim ŻEE l-konċentrazzjoni intiża għall-akkwist minn Vodafone Group plc ta' ċerti assi ta' Liberty Global plc (Każ COMP/M.8864 – Vodafone/Certain Liberty Global Assets) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

**449** Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (iktar 'il quddiem ir-"Regolament KE dwar il-konċentrazzjonijiet") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

**450** Dawn l-impenji kienu jinkludu b'mod partikolari: l-impenn WCBA ("Wholesale Cable Broadband Access"), li kien jipprevedi l-ftuħ tal-aċċess għan-network bil-kejbil tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni lil operatur terz sabiex dan ikun jista' joffri servizzi ta' aċċess fiss bl-imnut għall-internet, kif ukoll is-servizzi tiegħu ta' televiżjoni OTT (over the top) jew dawk ta' terzi; l-impenn OTT, li kien jipprekludi lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni milli tillimita l-possibbiltà għax-xandara li l-kontenut tagħhom kien imxandar fuq il-pjattaforma tagħha milli jiddistribwixxu dan il-kontenut permezz ta' servizz OTT u li kien jiggarantilhom, għal dan l-għan, kapaċità ta' interkonnessjoni diretta suffiċjenti; l-impenn HBBTV (Hybrid Broadcast Broadband TV), li kien iġiegħel lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni tkompli xxandar is-sinjal HBBTV tax-xandara mingħajr ħlas; u l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura, li kien jipprekludi lill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni milli żżid it-tariffi ta' xiri lura mħallsa lilha mix-xandara mingħajr ħlas.

Permezz tar-rikorsi rispettivi tagħhom, huma sostnew b'mod partikolari, minn naħa, żball ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari fis-suq tal-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni u fis-suq ta' xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni, kif ukoll dwar l-effetti vertikali fis-suq intermedjarju tat-trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni. Min-naħa l-oħra, huma kkontestaw in-natura suffiċjenti u xierqa tal-impenji magħmula vinkolanti bid-Deċiżjoni kkontestata sabiex il-konċentrazzjoni ssir kompatibbli mas-suq intern.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali fakkret il-prinċipji ġurisprudenzjali applikabbli, kemm fir-rigward tal-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju li kellha twettaq kif ukoll fir-rigward tal-prova tal-assenza ta' ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva li kellha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni.

F'dan ir-rigward, hija ppreċiżat li, fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet, ir-Regolament KE dwar il-Konċentrazzjonijiet jagħti lill-Kummissjoni ċerta setgħa diskrezzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjonijiet ta' natura ekonomika. F'dan il-kuntest, għalkemm il-Qorti Ġenerali ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika tal-Kummissjoni b'dik tagħha, din il-qorti għandha, b'mod partikolari, mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data rilevanti kollha li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni ta' sitwazzjoni kumplessa u jekk dawn humiex ta' natura li jsostnu l-konklużjonijiet dedotti minnha.

Fir-rigward tar-rekwiżiti ta' prova imposti fuq il-Kummissjoni sabiex turi li konċentrazzjoni kkomunikata tostakola kompetizzjoni effettiva b'mod sinjifikattiv jew le u li din il-konċentrazzjoni kellha għalhekk tiġi ddikjarata inkompatibbli jew kompatibbli mas-suq intern, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, fid-dawl tan-natura prospettiva tal-analiżi ekonomika meħtieġa, kien biżżejjed li l-Kummissjoni turi, permezz ta' elementi suffiċjentement sinjifikattivi u konkordanti, li kien iktar probabbli milli improbabbli li din il-konċentrazzjoni tostakola kompetizzjoni effettiva b'mod sinjifikattiv jew le fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu.

Kien fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti Ġenerali analizzat qabelxejn l-effetti tal-konċentrazzjoni fis-suq Ġermaniż u, sussegwentement, l-impenji li saru vinkolanti bid-Deċiżjoni kkontestata.

*1. Fuq l-analiżi tal-effetti tal-konċentrazzjoni*

*(a) Fuq l-effetti orizzontali mhux ikkoordinati tal-konċentrazzjoni fis-suq tal-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni lil klijenti li jgħixu fi proprjetajiet immobbli b'diversi akkomodazzjonijiet*

Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi allegatament imwettqa mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha tal-effetti orizzontali fis-suq tal-provvista bl-imnut ta' servizzi ta' trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni lil klijenti li jgħixu fi proprjetajiet immobbli b'diversi akkomodazzjonijiet (multi dwelling units (MDU), iktar 'il quddiem is-"suq MDU").

Fir-rigward tar-restrizzjonijiet kompetittivi reċiproċi eżerċitati mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, il-Qorti Ġenerali qieset, fl-ewwel lok, li, fid-dawl tan-nuqqas ta' sovrappożizzjoni sinjifikattiva bejn l-attivitajiet tagħhom, il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li huma ma kinux kompetituri diretti qabel il-konċentrazzjoni, u dan minkejja s-sitwazzjonijiet ta' sovrapożizzjoni eċċezzjonali meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, li n-natura negliġibbli tagħhom ma ġietx ikkontestata permezz ta' elementi probatorji. Minn dan kien jirriżulta li l-prodotti kkummerċjalizzati mill-partijiet fil-konċentrazzjoni ma kinux, fil-prattika, f'kompetizzjoni.

Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li ma kienx hemm kompetizzjoni indiretta bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li impriżi jkunu jinsabu f'relazzjoni ta' kompetizzjoni indiretta, b'mod partikolari, meta jkunu suġġetti għal pressjonijiet kompetittivi simili min-naħa ta' impriżi oħra minbarra kull waħda minnhom direttament jew meta fatturi oħra, bħalma huma r-rekwiżiti imposti mill-klijenti, jillimitaw b'mod paragunabbli l-possibbiltajiet tagħhom li jiffissaw il-prezzijiet tagħhom u l-kundizzjonijiet kummerċjali tagħhom.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fir-rigward tal-fatt li l-partijiet fil-konċentrazzjoni kienu jissorveljaw l-attivitajiet rispettivi tagħhom u kienu jipparagunaw l-offerti ta' prodotti tagħhom, dawn l-analiżi komparattivi ma kinux imorru lil hinn minn sempliċi analiżi komparattivi kummerċjali intiżi li jissorveljaw u eventwalment jimitaw l-aħjar prattiki fis-settur. Issa, din il-forma ta' paragun, li tikkonsisti f'analiżi tal-prestazzjoni tas-suq jew tal-aħjar prattiki fis-settur, inkluż fi Stati Membri oħra jew fi Stati terzi, ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala pressjonijiet kompetittivi indiretti. Barra minn hekk, mid-Deċiżjoni kkontestata kien isegwi li l-kuntratti konklużi mal-proprjetarji tal-MDU (iktar 'il quddiem il-"klijenti MDU") kienu r-riżultat ta' negozjati, ta' sejħiet għal offerti jew ta' proċeduri formali ta' sejħa għal offerti. Għaldaqstant, dawn ma kinux kuntratti standard li setgħu jkunu s-suġġett ta' analiżi komparattiva abbażi ta' sempliċi osservazzjoni tal-prattiki tas-settur.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-infrastruttura bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li l-attivitajiet ta' investiment u ta' innovazzjoni fin-network implimentati minn kull parti fil-konċentrazzjoni ma kellhom l-ebda impatt kompetittiv dirett fuq l-istrateġija ta' innovazzjoni u ta' investiment fin-network tal-parti l-oħra u li s-sorveljanza minn kull parti tal-attivitajiet imwettqa mill-parti l-oħra f'dan il-kuntest kienet sempliċi analiżi komparattiva kummerċjali, li ma kinitx tikkorrispondi għal forma ta' pressjonijiet kompetittivi indiretti.

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti lanqas ma wrew l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni, b'tali mod li huma kkritikaw mingħajr suċċess lill-Kummissjoni li kienet qieset li ma tantx kien probabbli li dawn il-partijiet, fl-assenza tal-konċentrazzjoni inkwistjoni, kienu ser jestendu l-attivitajiet tagħhom fl-impronta bil-kejbil tal-parti l-oħra, b'tali mod li jeliminaw kompetizzjoni potenzjali, u li għalhekk jagħtu lok għal OSKE.

Fir-raba' lok, fir-rigward tal-allegata eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva qabel il-konċentrazzjoni inkwistjoni li kienet tirriżulta minn kollużjoni taċita bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni, li kienet tispjega l-assenza ta' kompetizzjoni reali jew potenzjali bejniethom fis-suq MDU, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, jekk dan l-argument kien intiż li jirrapporta akkordju, dan l-ilment kien ineffettiv, peress li l-imsemmi argument ma kienx jirrigwarda s-suġġett tad-Deċiżjoni kkontestata, iżda pjuttost prattiki li kienu potenzjalment jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 jew 102 TFUE. Fi kwalunkwe każ, huwa irrilevanti, għall-finijiet tal-kontroll ta' konċentrazzjoni, li jiġu eżaminati l-kawżi, li jkunu jirrigwardaw, skont il-każ, ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, ta' assenza ta' kompetizzjoni bejn il-partijiet fil-konċentrazzjoni.

Għall-kuntrarju, jekk dan l-argument kien intiż li jirrapporta l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti kollettiva, dawn l-allegazzjonijiet ma ġewx ikkonfermati minn eżami tad-dokumenti interni tal-imsemmija partijiet u kienu kontradetti mir-raġuni, potenzjalment kuntrarja għad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, għaliex il-partijiet fil-konċentrazzjoni ma ppruvawx jikkompetu bejniethom qabel.

Fil-ħames lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni taż-żieda fir-riżorsi li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni, li kien jippermetti lill-partijiet fil-konċentrazzjoni jeskludu lill-kompetituri tagħhom bl-applikazzjoni, b'mod partikolari, ta' prezzijiet predatorji, il-Qorti Ġenerali rrilevat li tali żieda, anki jekk ipprovata, ma kinitx suffiċjenti, fiha nnifisha, sabiex l-imsemmija konċentrazzjoni tiġi ddikjarata inkompatibbli mas-suq intern. Fil-fatt, il-Kummissjoni tista' tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern biss jekk hija tikkonstata OSKE li jkun il-konsegwenza diretta u immedjata tal-konċentrazzjoni. Tali OSKE, li jkun jirriżulta mid-deċiżjonijiet futuri tal-entità li

tirriżulta mill-konċentrazzjoni, jista' jitqies li jkun konsegwenza diretta u immedjata tal-konċentrazzjoni biss jekk dan l-aġir futur isir possibbli u ekonomikament razzjonali permezz tat-tibdil fil-karatteristiċi u fl-istruttura tas-suq ikkawżat bil-konċentrazzjoni. Issa, f'dan il-każ, il-partijiet fil-konċentrazzjoni diġà kellhom is-setgħa li jaġixxu, b'mod kunsiderevoli, b'mod indipendenti fil-konfront tal-kompetituri tagħhom u tal-klijenti MDU tagħhom, indipendentement miż-żieda eventwali tar-riżorsi li jirriżultaw mill-konċentrazzjoni.

Għall-istess raġunijiet, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument li l-konċentrazzjoni inkwistjoni kienet tnaqqas b'mod sinjifikattiv il-pressjoni kompetittiva eżerċitata mill-kompetituri fis-suq MDU, li seta' jagħti lok għal OSKE. B'mod iktar preċiż, is-saħħa finanzjarja tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni meta mqabbla mal-kompetituri tagħha kienet tippermettilha li timpedixxi lill-imsemmija kompetituri milli jiżviluppaw. Issa, għalkemm kien minnu li t-tnaqqis tal-pressjoni kompetittiva eżerċitata mill-kompetituri bħala konsegwenza ta' konċentrazzjoni seta' jagħti lok għal OSKE, il-konstatazzjoni ta' żieda tas-saħħa finanzjarja tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ma kinitx tippermetti waħedha li jiġi konkluż li kien hemm tali ostakolu. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni għadd ta' fatturi oħra sabiex tevalwa l-kompatibbiltà ta' konċentrazzjoni mas-suq intern, bħalma huma l-istruttura tas-swieq inkwistjoni, il-kompetizzjoni reali jew potenzjali minn impriżi, il-pożizzjoni tal-impriżi kkonċernati u s-saħħa ekonomika u finanzjarja tagħhom, l-għażliet possibbli tal-fornituri u tal-utenti, l-eżistenza ta' ostakoli għad-dħul kif ukoll it-tendenzi fil-provvista u fid-domanda.

Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti ta' Vodafone fis-suq MDU, li kien jagħti lok għal OSKE, il-Qorti Ġenerali fakkret li, konformement mar-Regolament KE dwar il-konċentrazzjonijiet [451], fil-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk konċentrazzjoni tkunx ta' natura li tostakola b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, peress li ċ-ċirkustanza li konċentrazzjoni toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti ma hijiex, fiha nnifisha, suffiċjenti sabiex jitqies li din il-konċentrazzjoni hija inkompatibbli mas-suq intern. Tali analiżi prospettiva tikkonsisti f'eżami ta' kif konċentrazzjoni tista' tbiddel il-fatturi li jiddeterminaw l-istat tal-kompetizzjoni f'suq partikolari. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata li, f'dan il-każ, wettqet analiżi prospettiva li kienet tirrigwarda b'mod partikolari l-effetti orizzontali mhux ikkoordinati tal-konċentrazzjoni fis-suq MDU. Issa, fil-kuntest ta' din l-analiżi, peress li l-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm OSKE, sa fejn il-konċentrazzjoni inkwistjoni ma kinitx telimina restrizzjonijiet kompetittivi bejn il-partijiet u lanqas ma kienet iddgħajjef ir-restrizzjonijiet kompetittivi eżerċitati mill-kompetituri rimanenti, hija ma kinitx obbligata teżamina jekk l-imsemmija konċentrazzjoni kinitx ser toħloq jew issaħħaħ pożizzjoni dominanti, b'mod partikolari minħabba l-firxa ta' portata nazzjonali, wara l-konċentrazzjoni tan-networks tal-kejbil ikkombinati tal-partijiet fiha.

Barra minn hekk, il-firxa tan-network bil-kejbil tal-partijiet fil-konċentrazzjoni ma setgħetx titqies bħala fattur determinanti tal-istat tal-konċentrazzjoni fis-suq MDU li l-modifika tiegħu kienet ser tagħti lok għal OSKE. Minn dan kien isegwi li s-sempliċi estensjoni ġeografika tan-network bil-kejbil tal-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, kemm jekk din kienet rispettiva għaliha jew le, ma kinitx tagħti neċessarjament lok għal bidla ta' fattur determinanti tal-istat tal-kompetizzjoni fis-suq MDU u, għaldaqstant, għal OSKE.

*(b) Fuq l-effetti vertikali tal-konċentrazzjoni*

Sussegwentement, fir-rigward tal-analiżi tal-effetti vertikali tal-konċentrazzjoni inkwistjoni, li wasslet lill-Kummissjoni sabiex teżamina, b'mod partikolari, il-probabbiltà ta' esklużjoni tal-fornituri bl-imnut ta' servizzi ta' trażmissjoni ta' sinjali tat-televiżjoni lill-klijenti MDU, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, waqt l-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' xenarju ta' esklużjoni antikompetittiva mis-suq tal-input, il-Kummissjoni teżamina, konformement mal-Linji Gwida dwar il-konċentrazzjonijiet mhux

451 Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament KE dwar il-konċentrazzjonijiet.

orizzontali [452], l-ewwel, jekk l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jistax ikollha, wara l-konċentrazzjoni, il-kapaċità li teskludi l-aċċess għall-inputs b'mod sinjifikattiv, it-tieni, jekk hija tistax tiġi inċentivata li tagħmel dan u, it-tielet, jekk strateġija ta' esklużjoni mis-suq jistax ikollha effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni tal-output. Peress li dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi, l-assenza ta' waħda minnhom hija suffiċjenti sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' esklużjoni tal-inputs.

Fir-rigward b'mod iktar partikolari tat-tielet kundizzjoni, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li strateġija eventwali ta' esklużjoni mis-suq implimentata mill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni fi kwalunkwe każ ma kienx ser ikollha effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni tal-output, peress li l-konċentrazzjoni inkwistjoni ma kienet tagħti lok għal ebda bidla speċifika fl-istruttura tas-swieq ikkonċernati, kemm tal-input kif ukoll tal-output. B'mod iktar preċiż, il-konċentrazzjoni inkwistjoni ma kienet twassal għal ebda bidla fil-kapaċità u fl-inċentiv tal-partijiet li jeskludu lill-fornituri bl-imnut tas-servizzi ta' trażmissjoni tas-sinjali tat-televiżjoni, b'mod partikolari Tele Columbus, minn klijenti MDU fil-Ġermanja. Issa, peress li r-rikorrenti ma wrewx li l-imsemmija evalwazzjoni tal-Kummissjoni kienet ivvizzjata bi żball manifest, l-assenza tat-tielet kundizzjoni kienet suffiċjenti sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta' esklużjoni tal-input antikompetittiv.

*(c) Fuq l-effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni*

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li Tele Columbus sostniet mingħajr suċċess li, fl-eżami tagħha, il-Kummissjoni kienet evalwat b'mod manifestament żbaljat l-effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni, li kienu jirriżultaw mill-konklużjoni, mill-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni, ta' ftehim ta' esklużività max-xandara.

L-ewwel, sa fejn il-Kummissjoni kienet qiegħda tiġi kkritikata li ma wettqitx l-eżamijiet kollha mixtieqa jew meqjusa utli mir-rikorrenti, bħalma huma ċerti funzjonalitajiet tekniċi u ċerti aspetti kummerċjali, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma spjegat kif dawn setgħu jiġu affettwati mill-konċentrazzjoni, u b'mod iktar partikolari r-raġunijiet li għalihom, u l-mod li bih, l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni kien ser ikollha l-kapaċità, u fuq kollox l-interess, li tiddeterjora dawn il-funzjonalitajiet u aspetti kummerċjali waqt in-negozjati tagħha max-xandara, kif, fid-dawl b'mod partikolari tal-importanza tagħhom, dan seta' jkollu l-effett li jostakola b'mod sinjifikattiv kompetizzjoni effettiva fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni u kif tali deterjorament probabbli ta' dawn il-funzjonalitajiet u aspetti kummerċjali kien ser ikun speċifiku għall-konċentrazzjoni.

It-tieni, fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni kien ser ikollha l-kapaċità u l-inċentiv li tistabbilixxi esklużività parzjali sabiex tipprojbixxi x-xandir ta' kontenut permezz ta' wħud mill-kompetituri tagħha, bħalha stess, ir-rikorrenti ma wrietx li tali strateġija kien ser ikollha effett negattiv sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni tal-output. Barra minn hekk, ma tantx kien probabbli li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni kienet ser tkun inċentivata tikkonkludi ftehim ta' esklużività totali jew parzjali ma' xandar, fid-dawl tan-natura potenzjalment illegali tal-aġir inkwistjoni li jmur kontra d-dritt tal-kompetizzjoni.

It-tielet, fir-rigward tal-allegazzjoni li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni setgħet tuża fis-suq MDU l-vantaġġi li hija kienet tibbenefika minnhom fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni, jiġifieri l-ġbir ta' tariffi ta' xiri lura u l-akkwist ta' kontenut b'kundizzjonijiet iktar vantaġġużi mill-iżgħar operaturi tal-kejbil, kellu jiġi rrilevat, minn naħa, li għalkemm dawn il-vantaġġi kienu jippermettu li jiġu offruti prezzijiet iktar vantaġġużi lill-klijenti MDU, dan kien juri effetti pożittivi għall-konsumaturi, peress li kien probabbli li tali tnaqqis fil-prezz kien ser jiġi rifless fl-ammont tal-kera fix-xahar tal-kera tal-proprjetajiet immobbli kkonċernati, pjuttost milli ta' OSKE. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma wrietx li dawn il-vantaġġi kienu speċifiċi għall-konċentrazzjoni.

---

452 Linji Gwida dwar l-evalwazzjoni ta' amalgamazzjonijiet mhux orizzontali taħt ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU 2008, C 265, p. 6).

*2. Fuq l-impenji li saru vinkolanti bid-Deċiżjoni kkontestata*

Fid-Deċiżjoni kkontestata, peress li l-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm OSKE fis-suq tal-aċċess fiss għall-internet u fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni, hija eżaminat l-analiżi tal-impenji proposti minn Vodafone u minn dan iddeduċiet li l-konċentrazzjoni inkwistjoni, kif emendata bl-imsemmija impenji, ma kinitx tostakola b'mod sinjifikattiv il-kompetizzjoni effettiva fl-imsemmija swieq.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni fuq dan il-punt ma setgħet tiġi kkritikata bl-ebda mod dwar l-insuffiċjenza allegata u dwar in-natura mhux xierqa tal-impenji li kienu jirrigwardaw is-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni [453] kif ukoll dwar l-allegata ineffettività tal-impenn dwar is-suq ta' aċċess fiss (l-impenn WCBA) għall-internet propost minn Vodafone.

F'dan ir-rigward, hija ċaħdet l-ilment ibbażat fuq il-fatt li dawn l-impenji kienu jirrigwardaw biss l-aġir u, għaldaqstant, kienu insuffiċjenti sabiex jirrimedjaw problemi ta' kompetizzjoni ta' natura orizzontali. Fil-fatt, għalkemm fl-Avviż dwar ir-rimedji, il-Kummissjoni turi preferenza għall-impenji strutturali, b'mod partikolari minħabba l-faċilità tal-implimentazzjoni tagħhom, hija prinċipalment in-natura xierqa u suffiċjenti tal-impenji sabiex tiġi solvuta l-problema ta' kompetizzjoni identifikata, kif ukoll iċ-ċertezza li l-imsemmija impenji jistgħu jiġu implimentati, li tirregola l-aċċettazzjoni ta' dawn tal-aħħar.

Fir-rigward b'mod iktar preċiż tal-impenji li kienu jirrigwardaw is-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni, l-allegazzjoni li t-terminoloġija użata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata kienet turi li din tal-aħħar ma kellha ebda ċertezza li dawn l-impenji kienu ser ikunu suffiċjenti u effettivi sabiex jirrimedjaw għall-OSKE kkonstatat fis-suq tax-xiri lura tas-sinjali tat-televiżjoni, ma setgħetx tintlaqa'. Fil-fatt, għalkemm il-Kummissjoni għandu jkollha ċ-ċertezza li l-impenji proposti jistgħu jiġu implimentati u li huma suffiċjentement vijabbli u sostenibbli, hija tista' tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli jekk ikun suffiċjentement probabbli li l-imsemmija impenji jkunu suffiċjenti u effikaċi sabiex jeliminaw l-OSKE kkonstatat.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-preżentazzjoni tard tal-impenn dwar it-tariffi tax-xiri lura, il-Kummissjoni tista' taċċetta impenji tard, l-ewwel, jekk dawn ikunu jsolvu b'mod ċar u mingħajr bżonn ta' investigazzjoni addizzjonali l-problemi ta' kompetizzjoni identifikati minn qabel u, it-tieni, jekk ikun jeżisti biżżejjed żmien sabiex l-Istati Membri jiġu kkonsultati dwar dawn l-impenji. Issa, peress li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet kumulattivi kienu ssodisfatti f'dan il-każ, il-Kummissjoni setgħet tieħu inkunsiderazzjoni l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura minkejja li ġie ppreżentat tard.

Fir-rigward tal-impenn WCBA, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilment ibbażat fuq l-allegata ineffiċjenza bbażata fuq il-fatt li dan l-impenn ma kienx jippermetti li tiġi kkumpensata t-tneħħija tal-pressjoni kompetittiva bl-infrastrutturi u bl-innovazzjonijiet eżerċitata minn Unitymedia qabel il-konċentrazzjoni.

Fil-fatt, l-għan ta' dan l-impenn, li kien jipprevedi d-dħul ta' operatur terz fis-suq, jiġifieri Telefónica, kien li jirrimedja l-problema kompetittiva li tirriżulta mit-tneħħija ta' operatur (Vodafone) fl-impronta tal-kejbil ta' Unitymedia, u mhux li jikkumpensa t-tneħħija tal-pressjoni kompetittiva bl-infrastrutturi u bl-innovazzjonijiet eżerċitata minn din tal-aħħar qabel il-konċentrazzjoni. Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, ma ntweriex li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni kienet ser tieqaf tinvesti u tagħmel innovazzjonijiet fl-impronta bil-kejbil l-antika ta' Unitymedia bil-konsegwenza li l-konċentrazzjoni kienet ser twassal għat-tneħħija tal-pressjoni kompetittiva li tirriżulta minn tali investimenti u innovazzjonijiet.

Fuq l-allegata inkapaċità ta' Telefónica li teżerċita pressjoni kompetittiva qawwija fis-suq tal-aċċess fiss għall-internet, kellu jiġi kkonstatat li tali allegazzjoni kienet tirriżulta minn ċerti konstatazzjonijiet li

[453] Dawn l-impenji kienu jinkludu l-impenn OTT, l-impenn dwar it-tariffi ta' xiri lura u l-impenn HBBTV.

saru mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata fuq is-sitwazzjoni ta' Telefónica fin-nuqqas tal-impenn inkwistjoni u li dawn tal-aħħar, għaldaqstant, ma kinux jieħdu inkunsiderazzjoni l-obbligi kollha assunti minn Vodafone fil-kuntest tal-imsemmi impenn. Konsegwentement, dawn il-konstatazzjonijiet ma kienu jippermettu li tinsilet ebda konklużjoni dwar il-kapaċità u l-inċentiv ta' Telefónica li topera bħala saħħa kompetittiva vijabbli u attiva ladarba jiġi implimentat dan l-impenn.

Għal dak li jirrigwarda l-argument li l-impenn WCBA kien jippreġudika s-suq u jsaħħaħ l-istruttura oligopolistika tiegħu billi jagħti aċċess bl-ingrossa għal kundizzjonijiet privileġġati lil Telefónica, il-Kummissjoni spjegat li dan ir-rimedju kien isaħħaħ lil dan l-operatur, iżda li dan ma kienx jagħti lok għal problemi ta' kompetizzjoni, peress li Telefónica ma kinitx kompetitur b'saħħtu b'mod partikolari fis-swieq tal-aċċess fiss għall-internet.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-ilment ibbażat fuq allegata insuffiċjenza tal-eżami mwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tal-impenn WCBA kif ukoll fuq allegata insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-imsemmi impenn, peress li l-Kummissjoni kienet ivverifikat sew li dan kien jelimina kompletament il-problemi ta' kompetizzjoni kkonstatati u li ma kellux effetti negattivi, inkluż fuq l-investimenti fil-fibra ottika jew fis-suq bl-imnut tal-offerti multiservizzi. Hija esponiet ukoll b'mod iddettaljat ir-raġunijiet li għalihom hija kienet tqis li dan ma kienx il-każ.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu.

## 3. Għajnuna mill-Istat

### Sentenza tal-24 ta' Jannar 2024, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (T-409/21, EU:T:2024:34)

*"Għajnuna mill-Istat – Għajnuna mogħtija minn ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi Ġermaniża emendata dwar il-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku – Riforma tal-iskema ta' għajnuna għall-koġenerazzjoni – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Kunċett ta' 'għajnuna mill-Istat' – Riżorsi tal-Istat"*

Adita b'rikors għal annullament ippreżentat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tikklassifika bħala għajnuna mill-Istat diversi miżuri adottati minn dan l-Istat Membru insostenn tal-produzzjoni tal-elettriku mill-impjanti ta' koġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku (iktar 'il quddiem iċ-"CHP") [454]. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-kundizzjoni, prevista mill-Artikolu 107(1) TFUE, li huma biss l-interventi mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat li jistgħu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Bejn l-2019 u l-2021, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkomunikat lill-Kummissjoni emendi leġiżlattivi li kienu jipprevedu, minn naħa, miżuri ta' għajnuna finanzjarja lill-operaturi tal-impjanti CHP u ta' installazzjonijiet oħra marbuta mal-koġenerazzjoni tas-sħana u tal-elettriku (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, l-"operaturi CHP") u, min-naħa l-oħra, il-limitu massimu ta' imposta li setgħet jiġi impost, f'dan il-kuntest, fuq il-produtturi tal-idroġenu.

Fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, li madankollu kienu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE.

454 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3918 final tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.56826 (2020/N) - Il-Ġermanja - Riforma 2020 tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Koġenerazzjoni u l-Għajnuna mill-Istat SA.53308 (2019/N) - Il-Ġermanja - Modifika tal-iskema ta' għajnuna għall-impjanti ta' koġenerazzjoni ta' sħana u ta' elettriku eżistenti (Artikolu 13 tal-Gesetz zur Neuregelung des Kraft-Wärme-Kopplungsgesetzes (il-Liġi li Tistabbilixxi Leġiżlazzjoni Ġdida bil-Liġi dwar il-Koġenerazzjoni tas-Sħana u tal-Elettriku)), tal-21 ta' Diċembru 2015 (BGBl. 2015 I, p. 2498, (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

Insostenn tal-klassifikazzjoni tagħha tal-miżuri kkomunikati bħala għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni qieset b'mod partikolari li dawn il-miżuri kienu ngħataw permezz ta' riżorsi tal-Istat. Permezz tar-rikors għal annullament tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kkontestat din il-konklużjoni tal-Kummissjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Il-Qorti Ġenerali fakkret li l-klassifikazzjoni ta' miżura bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE tippreżupponi li jkunu ssodisfatti diversi kundizzjonijiet, fosthom b'mod partikolari dik marbuta mal-eżistenza ta' intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat.

Skont il-ġurisprudenza, jistgħu jiġu kklassifikati bħala riżorsi tal-Istat, minn naħa, fondi pprovduti permezz ta' taxxa jew imposti obbligatorji oħra skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u amministrati u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni (l-ewwel kriterju) u, min-naħa l-oħra, somom li jibqgħu kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali (it-tieni kriterju). Dawn iż-żewġ kriterji jikkostitwixxu kriterji alternattivi tal-kunċett ta' "riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-miżuri ta' sostenn finanzjarju lill-operaturi CHP, il-Kummissjoni qieset, fid-Deċiżjoni kkontestata, li dawn il-miżuri kienu ffinanzjati mid-dħul ta' kontribuzzjoni obbligatorja fid-dritt imposta mill-Istat, amministrat u allokat skont id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni (l-ewwel kriterju).

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-miżuri ta' appoġġ lill-operaturi CHP ikkomunikati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienu kkaratterizzati mill-eżistenza ta' "żewġ livelli" fil-katina ta' provvista tal-elettriku, fejn l-"ewwel livell" kien jikkorrispondi għar-relazzjoni bejn l-operaturi CHP u l-ġestjonarji ta' network u t-"tieni livell" għar-relazzjoni bejn dawn il-ġestjonarji ta' network u l-klijenti tagħhom.

Bħala parti mill-"ewwel livell" tal-katina tal-provvista, il-miżuri kkomunikati kienu jipprevedu obbligu legali fuq il-ġestjonarji ta' network, li kienu entitajiet privati, li jħallsu appoġġ finanzjarju lill-operaturi CHP. Fil-kuntest tat-"tieni livell", dawn il-ġestjonarji ta' network setgħu, mingħajr ma kienu obbligati mil-liġi, jgħaddu l-piż finanzjarju li jirriżulta minn dan l-obbligu fuq il-klijenti tagħhom permezz ta' imposta.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-obbligu impost fuq il-ġestjonarji ta' network li jħallsu somom lill-operaturi CHP, fl-"ewwel livell" tal-katina ta' provvista, kien suffiċjenti sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' taxxa jew ta' imposta obbligatorja oħra ta' natura li tikkaratterizza l-impenn ta' riżorsi tal-Istat, mingħajr ma kien hemm lok li tiġi identifikata kontribuzzjoni obbligatorja oħra f'"livell" ieħor tal-katina ta' provvista, peress li l-imposta fit-"tieni livell" tal-imsemmija katina ma tikkostitwixxix imposta obbligatorja fid-dritt.

Fil-fatt, l-eżistenza ta' taxxa jew ta' imposta obbligatorja oħra skont il-liġi tirrigwarda l-oriġini tal-fondi użati sabiex jingħata vantaġġ, fis-sens li tippermetti li jiġi kkonstatat li fondi tal-Istat ikunu ntużaw għall-finanzjament ta' dan il-vantaġġ. Hija ma għandhiex tiġi konfuża mal-allokazzjoni ta' dawn il-fondi skont il-liġi. Issa, l-obbligu legali li għandhom il-ġestjonarji ta' network fl-"ewwel livell" tal-katina tal-provvista kien jirrigwarda biss l-allokazzjoni tal-fondi skont il-liġi, iżda ma kien jagħti l-ebda indikazzjoni dwar il-provenjenza tal-fondi użati mill-ġestjonarji ta' network sabiex jimplimentawha.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ma setgħetx issostni li l-Istat kien qiegħed juża r-riżorsi tal-ġestjonarji ta' network, peress li dawn tal-aħħar ma kinux neċessarjament id-debituri finali tal-piż finanzjarju kkawżat mill-miżuri ta' sostenn lill-operaturi CHP.

Barra minn hekk, il-fatt li l-liġi Ġermaniża kienet tipprevedi fid-dettall il-modalitajiet ta' allokazzjoni tal-appoġġ finanzjarju lill-operaturi CHP ma kienx ta' natura li jikkaratterizza trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, iżda biss l-imputabbiltà lill-Istat ta' dawn il-miżuri ta' appoġġ.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni żbaljat meta bbażat ruħha fuq l-ewwel kriterju espost iktar 'il fuq, dwar l-eżistenza ta' taxxa jew ta' imposti obbligatorji oħra, sabiex qieset li l-miżuri ta' appoġġ finanzjarju lill-operaturi CHP kienu ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat.

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat ukoll li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta eskludiet l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra [455].

Fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet eskludiet l-applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza minħabba li l-miżuri ta' appoġġ lill-operaturi CHP ma kinux jikkostitwixxu miżura ta' "sempliċi regolamentazzjoni tal-prezzijiet". Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li qieset il-Kummissjoni, l-element deċiżiv sabiex tiġi eskluża l-eżistenza ta' trasferiment ta' riżorsi tal-Istat skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza PreussenElektra ma huwiex il-fatt jekk il-miżuri inkwistjoni jikkostitwixxux miżura ta' "sempliċi regolamentazzjoni tal-prezzijiet", iżda l-fatt li l-entitajiet privati inkwistjoni jiġu inkarigati mill-Istat sabiex jiġġestixxu riżors tal-Istat.

B'hekk, sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza PreussenElektra, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi li l-vantaġġ favur l-operaturi CHP ma kienx ingħata mill-ġestjonarji ta' network permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess, iżda li dawn kienu ġew inkarigati mill-Istat sabiex jiġġestixxu riżors tal-Istat, ħaġa li hija baqgħet ma pprovatx.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx validament tinvoka l-effett utli tal-Artikolu 107(1) TFUE sabiex tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza PreussenElektra għall-każijiet ta' "sempliċi regolamentazzjoni tal-prezzijiet", għaliex dan l-artikolu ma jistax jiġi applikat għal aġir tal-Istat li ma jaqax taħtu, bħalma kienet, f'dan il-każ, miżura deċiża mill-Istat iżda ffinanzjata minn impriżi privati.

It-tieni nett, fir-rigward tal-limitu massimu tal-imposta li setgħet tiġi imposta fuq il-produtturi tal-idroġenu mill-ġestjonarji ta' network, il-Kummissjoni qieset li din kienet tikkostitwixxi rinunzja għal riżorsi tal-Istat li setgħet tiġi kklassifikata bħala trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-imposta inkwistjoni ma kinitx tikkostitwixxi riżors tal-Istat skont l-ewwel kriterju espost iktar 'il fuq, fin-nuqqas ta' natura obbligatorja fid-dritt. Minn dan kien isegwi li t-tnaqqis ta' din l-imposta għall-produtturi tal-idroġenu lanqas ma seta' jikkostitwixxi rinunzja għal riżorsi tal-Istat.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors għal annullament sa fejn il-Kummissjoni kkonstatat b'mod żbaljat li l-miżuri kollha kkomunikati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat iffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat.

### Sentenza tat-28 ta' Frar 2024, Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-390/20, EU:T:2024:126)

*"Għajnuna mill-Istat – Finanzjament pubbliku tal-konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq fl-Istrett ta' Fehmarn – Għajnuna mogħtija mid-Danimarka lil Femern – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Għajnuna individwali – Proġett importanti ta' interess Ewropew komuni – Neċessità tal-għajnuna – Proporzjonalità – Ibbilanċjar tal-effetti benefiċi tal-għajnuna mal-effetti negattivi tagħha fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u fuq iż-żamma ta' kompetizzjoni mhux distorta – Komunikazzjoni dwar il-*

[455] Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160).

*kriterji relatati mal-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat maħsuba biex tippromwovi t-twettiq ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni*"

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-kumpanniji marittimi Scandlines Danmark ApS u Scandlines Deutschland GmbH kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2020 [456] li permezz tagħha din tal-aħħar ikkonstatat li l-miżuri ta' appoġġ mogħtija mid-Danimarka lill-impriża pubblika Femern A/S għall-ippjanar, għall-kostruzzjoni u għall-operat ta' konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq fl-Istrett ta' Fehmarn bejn id-Danimarka u l-Ġermanja kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Kummissjoni ta' miżuri ta' għajnuna li jkunu s-suġġett ta' ħlas f'diversi partijiet. Il-Qorti Ġenerali kellha wkoll tistħarreġ l-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' ċerti punti tal-Komunikazzjoni tagħha dwar it-twettiq ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni [457] (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar il-PIIEK").

Fl-2008, id-Danimarka u l-Ġermanja ffirmaw trattat dwar proġett ta' konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Fehmarn li kien jikkonsisti, minn naħa, f'mina ferrovjarja u triq taħt il-Baħar Baltiku bejn id-Danimarka u l-Ġermanja (iktar 'il quddiem il-"konnessjoni fissa") u, min-naħa l-oħra, f'konnessjonijiet bit-triq u dawk ferrovjarji lejn il-partijiet interni tat-territorju Daniż.

L-impriża pubblika Daniża Femern kienet responsabbli għall-finanzjament, għall-kostruzzjoni u għall-operat tal-konnessjoni fissa. Peress li kienet ibbenefikat minn injezzjonijiet ta' kapital, minn self iggarantit mill-Istat kif ukoll minn self mogħti mid-Danimarka, Femern kienet ser tiġbor tariffi mill-utenti mit-tqegħid fis-servizz tal-konnessjoni fissa sabiex tirrimborsa d-dejn tagħha.

Fit-tmiem l-2014, l-awtoritajiet Daniżi kkomunikaw lill-Kummissjoni l-mudell ta' finanzjament tal-proġett ta' konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Fehmarn. Mingħajr ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżuri kkomunikati [458].

Permezz ta' sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2018 [459], il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment dik id-deċiżjoni. Fir-rigward tal-finanzjamenti pubbliċi mogħtija lil Femern, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 108(3) TFUE li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali minħabba l-eżistenza ta' diffikultajiet serji.

Wara li fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali wara dawn is-sentenzi, il-Kummissjoni qieset, permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Marzu 2020, li l-miżuri li kienu jikkonsistu f'injezzjonijiet ta' kapital u f'kombinazzjoni ta' self mill-Istat u ta' garanziji mill-Istat mogħtija lil Femern għall-ippjanar, għall-kostruzzjoni u għall-operat tal-konnessjoni fissa kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE [460], sa fejn dawn kienu intiżi li jippromwovu t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

456 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 1683 final tal-20 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.39078 – 2019/C (ex 2014/N) li implimentat id-Danimarka għal Femern A/S (ĠU 2020, L 339, p. 1).

457 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2014 dwar il-kriterji għall-analiżi tal-kompatibilità mas-suq intern tal-għajnuna mill-Istat biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (ĠU 2014, C 188, p. 4).

458 Deċiżjoni C(2015) 5023 final, dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.39078 (2014/N) (id-Danimarka), dwar il-finanzjament tal-proġett ta' konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Fehmarn (ĠU 2015, C 325, p. 5).

459 Sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2018, *Scandlines Danmark et Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni* (T-630/15, EU:T:2018:942) u tat- 13 ta' Diċembru 2018, *Stena Line Scandinavia vs Il-Kummissjoni* (T-631/15, EU:T:2018:944).

460 Skont din id-dispożizzjoni, l-għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

Il-kumpanniji marittimi Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland ippreżentaw rikors għal annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fid-dawl tal-fatt li l-garanziji mill-Istat u s-self mill-Istat favur Femern kienu ngħataw f'partijiet suċċessivi mħallsa skont il-progress tal-proġett ta' konnessjoni fissa, ir-rikorrenti kkritikaw lill-Kummissjoni talli qieset b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li d-diversi miżuri ta' appoġġ finanzjarju setgħu jinġabru fi tliet għajnuniet individwali, jiġifieri l-ewwel għajnuna fil-forma ta' injezzjoni ta' kapital magħmula fl-2005, it-tieni għajnuna fil-forma ta' injezzjoni ta' kapital, ta' garanziji mill-Istat u ta' self mill-Istat mogħtija skont liġi adottata fl-2009 [461] kif ukoll it-tielet għajnuna fil-forma ta' self mill-Istat u ta' garanziji mill-Istat mogħtija skont liġi adottata fl-2015 [462].

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li diversi interventi konsekuttivi tal-Istat jistgħu jitqiesu bħala intervent wieħed, bil-kundizzjoni li dawn jippreżentaw, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kronoloġija tagħhom, tal-għan tagħhom u tas-sitwazzjoni tal-impriża fil-mumemt ta' dawn l-interventi, rabtiet tant stretti bejniethom li jkun impossibbli li dawn jiġu sseparati. Peress li din il-kundizzjoni kienet issodisfatta għall-finanzjamenti kollha mogħtija skont il-liġi adottata fl-2009 kif ukoll għal dawk mogħtija skont il-liġi adottata fl-2015, il-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta kklassifikathom bħala għajnuna individwali. Minn dan kien isegwi li l-Kummissjoni lanqas ma kienet obbligata teżiġi li l-awtoritajiet Daniżi jikkomunikawlha separatament kull self mill-Istat u kull garanzija mill-Istat mogħtija lil Femern skont l-imsemmija liġijiet.

Barra minn hekk, peress li t-tliet għajnuniet individwali mogħtija lil Femern fl-2005, fl-2009 u fl-2015 kienu intiżi għall-finanzjament tal-istess proġett, il-Kummissjoni ma marritx lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha meta eżaminat flimkien il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern. Kien preċiżament billi ħadet inkunsiderazzjoni dawn l-għajnuniet kollha li l-Kummissjoni setgħet tevalwa l-effett tagħhom fuq il-kompetizzjoni fil-kuntest tal-eżami ta' waħda mid-derogi previsti fl-Artikolu 107(3) TFUE, b'mod partikolari għal proġett importanti ta' interess Ewropew komuni li t-twettiq tiegħu jimplika l-ħlas ta' finanzjamenti pubbliċi fuq perijodu twil.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, barra minn hekk, il-motiv għal annullament ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, li jirriżulta mill-fatt li l-Kummissjoni kklassifikat b'mod żbaljat il-proġett inkwistjoni bħala proġett ta' interess Ewropew komuni u mill-fatt li hija kkonkludiet b'mod żbaljat li l-għajnuna kienet ta' natura neċessarja u proporzjonata.

L-ewwel, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-proġett ta' konnessjoni fissa bħala proġett ta' interess Ewropew komuni fis-sens tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kunċett ta' "interess Ewropew komuni" previst f'din id-dispożizzjoni għandu jiġi interpretat b'mod strett u li inizjattiva għandha tiġi kklassifikata bħala proġett ta' interess Ewropew komuni biss meta tkun tagħmel parti minn programm transkonfinali Ewropew, sostnut konġuntament minn gvernijiet differenti ta' Stati Membri jew meta tkun taqa' taħt azzjoni miftiehma ta' diversi Stati Membri bl-għan li tiġi miġġielda theddida komuni.

Il-kunċett ta' "interess Ewropew komuni" ġie, barra minn hekk, ippreċiżat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK, li tistabbilixxi l-kriterji kumulattivi ġenerali li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex proġett ikun jista' jaqa' taħt dan il-kunċett, kif ukoll indikaturi pożittivi li jiġġustifikaw approċċ iktar favorevoli tal-Kummissjoni għall-finijiet tal-klassifikazzjoni bħala proġett ta' interess Ewropew komuni, fosthom dak tal-kofinanzjament tal-proġett minn fond tal-Unjoni.

---

**461** Liġi Nru 285 dwar l-Ippjanar tal-Konnessjoni Fissa fl-Istrett ta' Fehmarn u tal-Konnessjonijiet mal-Partijiet Interni tat-Territorju Daniż, tal-15 ta' April 2009.

**462** Liġi Nru 575 dwar il-Kostruzzjoni u l-Operat tal-Konnessjoni Fissa fl-Istrett ta' Fehmarn u tal-Konnessjonijiet lejn il-Partijiet Interni tat-Territorju Daniż, tal-4 ta' Mejju 2015.

Issa, peress li l-proġett ta’ konnessjoni fissa kien jissodisfa l-kriterji kumulattivi ġenerali stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK u peress li dan il-proġett kien, barra minn hekk, ibbenefika minn finanzjament tal-Unjoni, il-Kummissjoni setgħet validament tikkonkludi, abbażi ta’ dawn il-kriterji u indikaturi biss, li l-proġett ta’ konnessjoni fissa kien jippreżenta interess Ewropew komuni.

It-tieni, fir-rigward tan-natura neċessarja tal-għajnuna, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, fil-kuntest tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, l-għajnuna intiża li tippromwovi l-eżekuzzjoni ta’ proġett importanti ta’ interess Ewropew komuni għandu jkollha, sabiex tkun kompatibbli mas-suq intern, effett ta’ inċentiv fuq l-impriżi benefiċjarji. Għal dan l-għan, għandu jiġi pprovat li, fl-assenza tal-għajnuna ppjanata, l-investiment intiż għat-twettiq tal-proġett inkwistjoni ma jkunx ser isir. F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-konstatazzjoni ta’ nuqqas ta’ neċessità ta’ għajnuna tista’ b’mod partikolari toħroġ mill-fatt li l-proġett megħjun ikun diġà nbeda, jew saħansitra jkun tlesta, mill-impriża kkonċernata qabel ma t-talba għal għajnuna tkun tressqet quddiem l-awtoritajiet kompetenti, li jeskludi l-possibbiltà li l-għajnuna kkonċernata seta’ jkollha effett ta’ inċentiv (kriterju tal-preeżistenza tat-talba).

Dwar dan l-aħħar punt, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-argument tal-Kummissjoni li, f’dan il-każ, il-kriterju tal-preċedenza tat-talba kien issodisfatt minħabba li l-applikazzjoni għal għajnuna kienet inerenti għall-ħolqien ta’ Femern. F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, bħala kumpannija b’għan speċifiku maħluqa mill-awtoritajiet pubbliċi għat-twettiq tal-proġett ta’ konnessjoni fissa, Femern kienet tiddependi mill-finanzjamenti pubbliċi sakemm tibda topera l-konnessjoni fissa. Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni setgħet teżamina flimkien il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-finanzjamenti kollha mogħtija lil Femern sa mill-ħolqien tagħha, il-kriterju tal-preeżistenza tat-talba ma kellux jiġi vverifikat għal kull waħda mit-tliet għajnuniet individwali.

Il-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball meta qieset li x-xenarju kontrofattwali meħud inkunsiderazzjoni, skont il-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-neċessità tal-għajnuna nnotifikata, kien jikkonsisti fl-assenza ta’ proġett alternattiv. B’mod iktar partikolari, ir-rikorrenti u l-intervenjenti ma wrewx li kien jeżisti proġett alternattiv li seta’ jitwettaq mingħajr għajnuna ta’ skala jew ta’ daqs paragunabbli jew li kien ser jagħti benefiċċji ekwivalenti għal dawk mistennija mill-proġett ta’ konnessjoni fissa.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, barra minn hekk, l-ilment li l-Kummissjoni kienet wettqet żbalji manifesti ta’ evalwazzjoni billi bbażat ruħha fuq tul tal-ħajja ta’ 40 sena sabiex twettaq kemm il-kalkolu tar-rata ta’ rendiment interna tal-proġett ta’ konnessjoni fissa (neċessità tal-għajnuna) kif ukoll il-kalkolu tad-defiċit ta’ finanzjament (proporzjonalità tal-għajnuna), filwaqt li l-proġett ta’ konnessjoni fissa kellu tul ta’ ħajja ta’ 120 sena.

F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret, minn naħa, li, skont il-paragrafu 30 tal-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK, fl-assenza ta’ proġett alternattiv, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-ammont tal-għajnuna ma jeċċedix il-minimu neċessarju sabiex il-proġett li jibbenefika mill-għajnuna jkun suffiċjentement profittabbli, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li l-ispejjeż u l-vantaġġi kollha mistennija kkonċernati għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni matul it-tul tal-ħajja tal-proġett. Peress li dan ir-riferiment għat-tul tal-ħajja għandu jinftiehem bħala li jkopri t-tul tal-ħajja ekonomika tal-proġett ta’ investiment u mhux tal-infrastruttura fuq livell tekniku, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta rreferiet għall-aġir tal-investituri fis-suq ikkonċernat sabiex tikkalkola r-rata ta’ rendiment interna abbażi ta’ tul tal-ħajja ekonomika tal-investiment ta’ 40 sena.

Min-naħa l-oħra, skont il-paragrafu 31 tal-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK, l-ammont massimu tal-għajnuna għandu jiġi ddeterminat skont id-defiċit ta’ finanzjament, li jikkorrispondi għad-differenza bejn il-flussi tal-flus pożittivi u l-flussi tal-flus negattivi tul il-ħajja tal-investiment. Issa, peress li l-analiżi tad-defiċit tal-finanzjament hija intiża li tiddetermina sa fejn il-proġett ikun jista’ jiġi ffinanzjat skont il-kundizzjonijiet tas-suq, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata li ħadet inkunsiderazzjoni, sabiex twettaq din l-analiżi, it-tul ta’ żmien li investitur raġonevoli f’dan il-proġett kien jieħu inkunsiderazzjoni, stmat għal 40 sena.

It-tielet, f'dak li jirrigwarda n-natura proporzjonata tal-għajnuna, il-Qorti Ġenerali rrilevat, qabelxejn, li r-rikorrenti ma setgħux jikkritikaw lill-Kummissjoni li kisret ir-rekwiżit ta' limitazzjoni *ratione temporis* tal-għajnuna fil-forma ta' garanzija jew ta' self, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK, peress li d-deċiżjoni kkontestata kienet tippreċiża, minn naħa, li, sa mhux iktar tard minn sittax-il sena wara l-ftuħ tal-konnessjoni fissa, is-self kollu li bbenefika minn garanzija kellu jkun ingħalaq u s-self kollu mill-Istat kellu jiġi rrimborsat u, min-naħa l-oħra, li l-awtoritajiet Daniżi ma kinux awtorizzati jagħtu tali self u garanziji lil Femern għal ammont li jeċċedi l-ammont massimu ggarantit stabbilit għal 69.3 biljun krona Daniża (DKK) (madwar EUR 9.3 biljun).

Sussegwentement, il-Kummissjoni ma ssottovalutatx id-dħul ta' Femern sabiex iżżid b'mod artifiċjali d-deficit ta' finanzjament. Minn naħa, il-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK ma teħtieġx li d-dħul ikopri l-ispejjeż kollha tal-proġett. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti u l-intervenjenti ma pproduċewx il-prova li struttura ta' prezzijiet għat-traffiku fit-triq differenti minn dik adottata mill-Kummissjoni kienet ser twassal awtomatikament għal żieda fid-dħul minħabba l-elastiċità tad-domanda u l-kompetizzjoni fis-suq.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma kisritx il-Komunikazzjoni dwar il-PIIEK billi inkludiet spejjeż tal-operat tal-konnessjoni fissa fl-ispejjeż eliġibbli għall-kalkolu tad-deficit tal-finanzjament. Fil-fatt, l-inklużjoni ta' dawn l-ispejjeż fil-flussi ta' flus negattivi tal-proġett ta' konnessjoni fissa ma kellhiex bħala effett l-għoti ta' għajnuna għall-funzjonament, peress li d-dħul mill-operat ta' din il-konnessjoni fissa, li kellu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni bħala flussi tal-flus pożittivi, kien jaqbeż sew l-ispejjeż tal-operat. Barra minn hekk, ma ġie prodott ebda element ta' natura li jikkontesta l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni insostenn tal-inklużjoni ta' dawn l-ispejjeż fl-analiżi tad-deficit tal-finanzjament.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

### Sentenza tat-28 ta' Frar 2024, Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni (T-364/20, EU:T:2024:125)

*"Għajnuna mill-Istat – Finanzjament pubbliku tal-konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq fl-Istrett ta' Fehmarn – Għajnuna mogħtija mid-Danimarka lil Femern – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Rikors għal annullament – Natura separabbli – Ammissibbiltà – Kunċett ta' 'impriża' – Kunċett ta' 'attività ekonomika' – Attivitajiet ta' kostruzzjoni u tal-operat ta' konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq – Effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni tal-kompetizzjoni"*

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament parzjali ppreżentat mir-Renju tad-Danimarka kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Marzu 2020 [463] li permezz tagħha din tal-aħħar ikkonstatat li l-miżuri ta' appoġġ mogħtija mid-Danimarka lill-impriża pubblika Femern A/S għall-ippjanar, għall-kostruzzjoni u għall-operat ta' konnessjoni fissa bil-ferrovija u bit-triq fl-Istrett ta' Fehmarn bejn id-Danimarka u l-Ġermanja kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' "attività ta' natura ekonomika" suġġetta għad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Fl-2008, id-Danimarka u l-Ġermanja ffirmaw trattat dwar proġett ta' konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Fehmarn li kien jikkonsisti, minn naħa, f'mina ferrovjarja u tat-triq taħt il-Baħar Baltiku bejn id-Danimarka u l-Ġermanja (iktar 'il quddiem il-"konnessjoni fissa") u, min-naħa l-oħra, f'konnessjonijiet bit-triq u dawk ferrovjarji lejn il-partijiet interni tat-territorju Daniż.

L-impriża pubblika Daniża Femern kienet responsabbli għall-finanzjament, għall-kostruzzjoni u għall-operat tal-konnessjoni fissa. Peress li kienet ibbenefikat minn injezzjonijiet ta' kapital, minn self

---

463 Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 1683 final tal-20 ta' Marzu 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.39078 – 2019/C (ex 2014/N) li implimentat id-Danimarka għal Femern A/S (ĠU 2020, L 339, p. 1).

iggarantit mill-Istat kif ukoll minn self mogħti mid-Danimarka, Femern kienet ser tiġbor tariffi mingħand l-utenti mit-tqegħid fis-servizz tal-konnessjoni fissa sabiex tirrimborsa d-dejn tagħha.

Fi tmiem l-2014, l-awtoritajiet Daniżi kkomunikaw lill-Kummissjoni l-mudell ta' finanzjament tal-proġett ta' konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Fehmarn. Mingħajr ma fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżuri nnotifikati [464].

Permezz ta' sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2018 [465], il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment din id-deċiżjoni. Fir-rigward tal-finanzjamenti pubbliċi mogħtija lil Femern, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet naqset milli twettaq l-obbligu tagħha taħt l-Artikolu 108(3) TFUE li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali minħabba l-eżistenza ta' diffikultajiet serji.

Wara li fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali wara dawn is-sentenzi, il-Kummissjoni qieset, permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Marzu 2020, li l-miżuri li kienu jikkonsistu f'injezzjonijiet ta' kapital u f'kombinazzjoni ta' self mill-Istat u ta' garanziji mill-Istat mogħtija lil Femern għall-ippjanar, għall-kostruzzjoni u għall-operat tal-konnessjoni fissa kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE [466].

Id-Danimarka adixxiet lill-Qorti Ġenerali b'rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni sa fejn din tikklassifika l-finanzjamenti pubbliċi mogħtija lil Femern bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tad-Danimarka li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ssuġġettat l-attivitajiet ta' Femern għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni meta l-attivitajiet tagħha kienu marbuta mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika.

Skont il-ġurisprudenza, l-attivitajiet li jaqgħu taħt l-awtorità pubblika jew li jkunu marbuta mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika ma humiex ta' natura ekonomika li tiġġustifika l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni previsti mit-Trattat FUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bdiet billi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li entità teżerċita prerogattivi ta' awtorità pubblika meta l-attività tagħha tkun marbuta mal-funzjonijiet essenzjali tal-Istat minħabba n-natura tagħha, l-għan tagħha u r-regoli li għalihom tkun suġġetta.

B'dan premess, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Daniżi matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali ma kinitx tikkostitwixxi elementi li, meħuda waħedhom jew flimkien, setgħu jwasslu għall-konstatazzjoni li l-kostruzzjoni u l-operat tal-konnessjoni fissa minn Femern kienu marbuta mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika.

B'mod iktar partikolari, il-fatt li Femern tqiegħdet taħt il-kontroll strett tal-awtoritajiet pubbliċi u kienet suġġetta għall-osservanza ta' ċerti obbligi tad-dritt pubbliku applikabbli għall-amministrazzjonijiet pubbliċi ma kienx biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-attivitajiet tagħha kienu marbuta mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika. Barra minn hekk, għalkemm l-attivitajiet ta' Femern kellhom l-għan li jiżguraw l-implimentazzjoni ta' ftehim internazzjonali, xorta kien jibqa' l-fatt li t-Trattat dwar l-Istrett ta'

464 Deċiżjoni C(2015) 5023 final, dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.39078 (2014/N) (Id-Danimarka), dwar il-finanzjament tal-proġett ta' konnessjoni fissa fl-Istrett ta' Fehmarn (ĠU 2015, C 325, p. 5).

465 Sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2018, Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni (T-630/15, EU:T:2018:942) u tat-13 ta' Diċembru 2018, Stena Line Scandinavia vs Il-Kummissjoni (T-631/15, EU:T:2018:944).

466 Skont din id-dispożizzjoni, l-għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi t-twettiq ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

Fehmarn ma kien jinkludi ebda dispożizzjoni li kienet tippermetti li jiġi kkonstatat li, bħala tali, l-attivitajiet ta' kostruzzjoni u ta' operat tal-konnessjoni fissa kienu marbuta mal-eżerċizzju ta' tali prerogattivi. Ulterjorment, l-assenza ta' liberalizzazzjoni ta' settur ta' attività ma tikkostitwixxix indizju li jippermetti li jiġi konkluż li, bħala prinċipju, attività hija marbuta mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata li ma eżaminatx b'mod iddettaljat jekk il-funzjonijiet iddelegati lil Femern bħala awtorità tat-toroq u amministratur tal-infrastruttura ferrovjarja kif ukoll fir-rigward tat-tħejjija tal-pjanijiet ta' sigurtà tal-konnessjoni fissa kinux marbuta mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika, peress li d-Danimarka ma kinitx invokat espliċitament dan l-argument matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet id-diversi lmenti bbażati fuq il-fatt li l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni meta qieset li l-operat tal-konnessjoni fissa kien jikkostitwixxi attività ekonomika suġġetta għad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

Skont ġurisprudenza stabbilita, tikkostitwixxi impriża, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni, kull entità li teżerċita attività ekonomika u tikkostitwixxi attività ekonomika kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti jew servizzi f'suq partikolari. Sabiex jiġi ddeterminat jekk entità twettaqx attività ekonomika, il-Kummissjoni għandha, għalhekk, tistabbilixxi li l-entità toffri oġġetti jew servizzi f'suq f'kompetizzjoni ma' operaturi bi skop ta' lukru.

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, qabelxejn, il-kritika fformulata mid-Danimarka kontra l-konstatazzjoni li saret fid-deċiżjoni kkontestata fis-sens li s-servizzi li kienu ser jiġu offruti minn Femern wara t-tqegħid fis-servizz tal-konnessjoni fissa kienu ser ikunu f'kompetizzjoni diretta ma' dawk offruti mill-operatur privat ta' laneċ li kien diġà jopera, bi skop ta' lukru, fl-Istrett ta' Fehmarn. Fil-fatt, anki jekk Femern u dan l-operatur ta' laneċ privati joffru servizzi li l-karatteristiċi tagħhom ikunu differenti f'ċerti aspetti, huma ser ikunu qegħdin joperaw fl-istess suq, jiġifieri dak tas-servizzi ta' trasport għall-qsim tal-Istrett ta' Fehmarn, li fuqu l-konsumaturi jkunu ser ikollhom l-għażla bejn is-servizzi offruti mill-operatur tal-laneċ u dawk offruti minn Femern fil-kuntest tal-operat tal-konnessjoni fissa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet identifikat ukoll suq ta' servizzi ta' trasport fuq konnessjonijiet oħra li kienu jikkostitwixxu alternattiva għall-qsim tal-Istrett ta' Fehmarn.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta qieset li n-natura bi ħlas tal-użu tal-konnessjoni fissa kienet tikkostitwixxi element rilevanti sabiex l-operat ta' din il-konnessjoni jiġi kklassifikat bħala attività ekonomika. Fil-fatt, meta Stat Membru jiddeċiedi, bħal f'dan il-każ, li jissuġġetta l-aċċess għal infrastruttura għall-ħlas ta' tariffa sabiex jiġi ġġenerat dħul assenjat b'mod partikolari għar-rimbors tad-dejn inkors sabiex jiffinanzja l-ippjanar u l-kostruzzjoni ta' din l-infrastruttura, hemm lok li jitqies li din tkun is-suġġett ta' operat ekonomiku.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-attività ta' kostruzzjoni tal-konnessjoni fissa kellha natura ekonomika peress li kienet marbuta b'mod inseparabbli mal-operat ekonomiku ta' din l-infrastruttura.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-operat kummerċjali u l-kostruzzjoni ta' infrastrutturi tat-trasport bl-għan ta' tali użu kummerċjali jistgħu jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi. F'dan il-kuntest, ġie deċiż [467] b'mod partikolari li l-Kummissjoni setgħet b'mod validu tikkonkludi li l-attività ta' operat ta' ajruport kummerċjali u l-attività ta' kostruzzjoni ta' mitjar ġdid ta' dan l-ajruport kienu inseparabbli peress li t-taxxi tal-ajruport kienu ser jikkostitwixxu s-sors prinċipali ta' dħul għall-finanzjament ta' dan il-mitjar il-ġdid u li l-operat ta' dan il-mitjar kien jipparteċipa fl-attività ekonomika tal-ajruport. Issa, il-

[467] Sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2012, Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig-Halle vs Il-Kummissjoni (C-288/11 P, EU:C:2012:821), u tal-24 ta' Marzu 2011, Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt vs Il-Kummissjoni (T-443/08 u T-455/08, EU:T:2011:117).

prinċipji stabbiliti f'dawn is-sentenzi ma jistgħux ikunu limitati biss għall-ipoteżi tal-estensjoni ta' infrastruttura tat-trasport diġà eżistenti li kienet is-suġġett ta' operat ekonomiku, iżda jistgħu jikkonċernaw ukoll il-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida intiża li tkun is-suġġett ta' operat ekonomiku futur, bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-argument tad-Danimarka li, essenzjalment, Femern ma kienet preżenti fl-ebda suq matul il-fażi ta' kostruzzjoni, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-dħul mill-operat tal-konnessjoni fissa kien ser jintuża b'mod partikolari minn Femern sabiex tirrimborsa s-self meħud għall-ippjanar u għall-kostruzzjoni tal-konnessjoni fissa. Issa, jekk l-attività ta' kostruzzjoni kellha titqies li kienet separabbli mill-operat u, għaldaqstant, li kienet attività mhux ekonomika, il-finanzjamenti preferenzjali miksuba għall-kostruzzjoni tal-konnessjoni fissa ma jkunux jistgħu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat. Minn dan kien isegwi li, fl-istadju tal-operat tal-konnessjoni fissa, Femern kienet tibbenefika mill-possibbiltà li topera infrastruttura ssussidjata, u dan kien jagħtiha vantaġġ ekonomiku li ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-effett utli tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jipprekludi wkoll li l-attivitajiet ta' kostruzzjoni u ta' operat tal-konnessjoni fissa jiġu sseparati għar-raġuni li d-dħul fis-servizz ta' din il-konnessjoni jseħħ biss meta titlesta l-kostruzzjoni tagħha.

Barra minn hekk, il-fatt li l-liġi Daniża kienet tattribwixxi esklużivament lil Femern il-kostruzzjoni u l-operat tal-konnessjoni fissa lanqas ma kien jipprekludi li dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala attivitajiet ekonomiċi, peress li l-operat tal-konnessjoni fissa kien ser jikkonsisti fil-provvista ta' servizzi ta' trasport f'suq liberalizzat u miftuħ għall-kompetizzjoni. Fil-fatt, fil-każ kuntrarju, ikun biżżejjed li Stat Membru jagħti drittijiet esklużivi lil entità msejħa sabiex toffri servizzi f'suq liberalizzat sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata.

## Sentenza tal-10 ta' April 2024, Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni (T-486/18 RENV, EU:T:2024:217)

"*Għajnuna mill-Istat – Skema ta' kontribuzzjonijiet għall-ġbir ta' ilma mormi – Ilment ta' kompetitur – Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna mill-Istat fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari – Rekwiżit ta' imparzjalità – Imparzjalità oġġettiva – Kunċett ta' 'vantaġġ' – Prinċipju ta' operatur privat f'ekonomija tas-suq – Analiżi ex ante tal-profittabbiltà marġinali – Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' 'għajnuna mill-Istat*'"

Il-Qorti Ġenerali, adita wara li l-Qorti tal-Ġustizzja bagħtet il-kawża lura quddiemha, annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni [468] li permezz tagħha hija kienet ikkonstatat li l-leġiżlazzjoni Daniża dwar il-kontribuzzjonijiet dovuti lill-operaturi ta' trattament tal-ilma mormi ma kinitx tagħti lok għal għajnuna mill-Istat favur il-biċċeriji l-kbar. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tat spjegazzjonijiet, minn naħa, dwar ir-rekwiżit ta' imparzjalità tal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' operatur privat f'ekonomija tas-suq f'kuntest bħal dak hawnhekk. Dwar dan l-aħħar punt, il-Qorti Ġenerali fakkret, barra minn hekk, l-obbligu tal-Kummissjoni li tosserva l-kriterji previsti f'dan ir-rigward fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat [469].

---

**468** Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 2259 final tad-19 ta' April 2018 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.37433 (2017/FC) - id-Danimarka (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

**469** Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, C 262, p. 1).

Permezz ta' liġi adottata fl-2013 [470] (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-2013"), id-Danimarka ssostitwixxiet l-iskema ta' tariffa unitarja għal kull metru kubu ta' ilma għall-konsumaturi ta' ilma kollha konnessi mal-istess impjant ta' trattament tal-ilma mormi permezz ta' mudell digressiv gradwali li kien jipprevedi tariffa skont il-volum ta' ilma mormi skarikat (iktar 'il quddiem it-"tariffikazzjoni gradwali"). Dan il-mudell ta' tariffikazzjoni ġdid ippreveda, essenzjalment, tnaqqis fit-tariffa għal kull metru kubu minn ċertu volum ta' ilma mormi skarikat, li kellu bħala effett li jnaqqas it-tariffi dovuti mill-iktar konsumaturi kbar tal-ilma.

Danske Slagtermestre, assoċjazzjoni professjonali li tgħid li tirrappreżenta lil impriżi żgħar ta' bejjiegħa tal-laħam, biċċeriji, bejjiegħa bl-ingrossa u impriżi ta' pproċessar Daniżi, ressqet ilment quddiem il-Kummissjoni għar-raġuni li l-liġi msemmija iktar 'il fuq kienet tat għajnuna mill-Istat lill-biċċeriji l-kbar taħt forma ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet għat-trattament tal-ilma mormi.

Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' April 2018, il-Kummissjoni qieset li t-tariffikazzjoni gradwali introdotta bil-Liġi tal-2013 ma kienet tagħti ebda vantaġġ partikolari lil impriżi speċifiċi u li għaldaqstant ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Insostenn ta' din il-konklużjoni, il-Kummissjoni, billi rreferiet għall-Komunikazzjoni tagħha dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, qieset li operatur privat f'ekonomija tas-suq kien ukoll jimplimenta l-mudell gradwali.

Danske Slagtermestre adixxiet lill-Qorti Ġenerali permezz ta' rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni.

Permezz ta' digriet tal-1 ta' Diċembru 2020 [471], il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli minħabba li Danske Slagtermestre ma kellhiex *locus standi*. Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din l-assoċjazzjoni professjonali kellha *locus standi*, annullat id-digriet imsemmi iktar 'il fuq u bagħtet il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija teżaminaha fuq il-mertu [472].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-motiv għal annullament ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tar-rekwiżit ta' imparzjalità previst fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skont ir-rikorrenti, dan ir-rekwiżit kien inkiser meta ġiet adottata d-Deċiżjoni kkontestata peress li l-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-kompetizzjoni, li kienet iffirmatha kienet ukoll ikkooperat, fil-kapaċità tagħha bħala Ministru tal-Gvern Daniż, għall-adozzjoni tal-Liġi tal-2013.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni għandhom l-obbligu li jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżit ta' imparzjalità b'mod partikolari fl-aspett tiegħu dwar l-imparzjalità oġġettiva, li tgħid li l-istituzzjoni kkonċernata għandha toffri garanziji suffiċjenti biex jiġi eskluż kull dubju leġittimu fir-rigward ta' possibbiltà ta' nuqqas ta' imparzjalità, fejn l-apparenzi wkoll jistgħu jkunu ta' importanza.

B'dan premess, il-Qorti Ġenerali osservat li, l-ewwel nett, fil-mument tas-sottomissjoni tal-abbozz tal-Liġi tal-2013 u tal-adozzjoni tagħha, il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-kompetizzjoni li ffirmat id-Deċiżjoni kkontestata kienet Ministru għall-Ekonomija u għall-Intern, kif ukoll Viċi Prim Ministru tar-Renju tad-Danimarka. It-tieni nett, peress li t-tariffikazzjoni gradwali kienet intiża li jkollha effett fuq l-ispejjeż tal-individwi u tal-impriżi, kien raġonevoli li jiġi jitqies li din setgħet kienet ġiet proposta bi ftehim mal-imsemmija ministru. It-tielet nett, il-Membru tal-Kummissjoni inkwistjoni

---

[470] Liġi Nru 902/2013, li Temenda l-Liġi li Tistabbilixxi r-Regoli dwar il-Kontribuzzjonijiet Dovuti lill-Operaturi ta' Trattament tal-Ilma Mormi (Struttura tal-Kontribuzzjonijiet għar-Rimi ta' Ilma Mormi, li Tawtorizza l-Istabbiliment ta' Kontribuzzjonijiet Partikolari għat-Trattament ta' Ilma Mormi Partikolarment Imniġġes, eċċ).

[471] Digriet tal-1 ta' Diċembru 2020, Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni (T-486/18, EU:T:2020:576).

[472] Sentenza tat-30 ta' Ġunju 2022, Danske Slagtermestre vs Il-Kummissjoni (C-99/21 P, EU:C:2022:510).

kienet ħadet pożizzjoni dwar il-pjan nazzjonali, pubblikament u espliċitament, favur it-tariffikazzjoni gradwali.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali qieset li seta' leġittimament jitqies li l-Membru tal-Kummissjoni inkwistjoni kellha interess biex il-kontribuzzjoni għat-trattament tal-ilma mormi prevista mil-Liġi tal-2013 ma titqegħidx inkwistjoni minħabba l-illegalità tagħha fir-rigward tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali vverifikat jekk il-proċedura ta' adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata kinitx toffri garanziji suffiċjenti biex jiġi eskluż li tali interess kien ivvizzja l-imsemmija proċedura bi ksur tar-rekwiżit ta' imparzjalità.

Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, minkejja n-natura kolleġġjali tal-metodu ta' adozzjoni tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-Kummissjoni, il-Membru tal-Kummissjoni inkwistjoni kienet mhux biss responsabbli għat-tfassil tad-Deċiżjoni kkontestata, iżda kienet barra minn hekk l-unika firmatarja ta' din id-deċiżjoni.

Issa, tali sitwazzjoni kienet ta' natura li tqajjem, fil-ħsieb ta' terzi, dubji leġittimi dwar possibbiltà ta' nuqqas ta' imparzjalità ta' din il-Membru tal-Kummissjoni, u dan indipendentement mill-kondotta personali tagħha. Għalhekk, il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata ma kinitx toffri garanziji suffiċjenti fejn tidħol imparzjalità oġġettiva.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat, għal finijiet ta' kompletezza, il-motiv għal annullament ibbażat fuq l-allegat ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE minħabba li kienet ikkonkludiet b'mod żbaljat li kien assenti l-vantaġġ mogħti lil ċerti impriżi permezz tal-introduzzjoni tat-tariffikazzjoni gradwali.

Wara li kkonfermat li l-Kummissjoni ġustament kienet eżaminat l-eżistenza ta' vantaġġ fir-rigward tal-kriterju tal-operatur privat, il-Qorti Ġenerali osservat, qabel kollox, li l-Kummissjoni kellha għalhekk tiddetermina jekk l-impriżi li kienu jibbenefikaw minn tariffi mnaqqsa għat-trattament tal-ilma mormi setgħux jiksbu vantaġġ paragunabbli min-naħa ta' operatur privat normalment prudenti u diliġenti, b'mod partikolari fid-dawl tal-perspettivi tiegħu ta' profittabbiltà.

Peress li l-Kummissjoni kienet applikat, għall-finijiet ta' dan l-eżami, il-metodu ta' analiżi *ex ante* tal-profittabbiltà previst fil-paragrafu 228 tal-Komunikazzjoni tagħha dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, barra minn hekk, li, meta adottat din il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni llimitat lilha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha fir-rigward tal-ispjegazzjonijiet li hija pprovdiet fiha dwar il-punti marbuta mal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat. Konformement mal-paragrafu 228 tal-imsemmija komunikazzjoni, il-Kummissjoni kienet, konsegwentement, marbuta teżamina, għal kull impriża konnessa ma' impjant ta' trattament tal-ilma mormi, jekk il-kontribuzzjoni mħallsa bis-saħħa tat-tariffikazzjoni gradwali kinitx ta' natura li tkopri l-ispejjeż li jirriżultaw mill-użu tagħha tal-infrastruttura inkwistjoni.

Issa, peress li l-Kummissjoni kienet ibbażat l-eżami tagħha biss fuq data medja relatata mal-ispejjeż totali u mad-dħul totali ta' sitta mit-tmienja u disgħin lokalità Daniża, hija marret kontra l-paragrafu 228 tal-Komunikazzjoni tagħha dwar il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" u, konsegwentement, kontra l-limiti li hija imponiet fuq is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha permezz tal-adozzjoni ta' din il-komunikazzjoni.

Fi kwalunkwe każ, anki li kieku kellu jitqies li l-Kummissjoni setgħet tapplika l-metodu ta' analiżi *ex ante* tal-profittabbiltà mingħajr ma twettaq eżami ta' kull utent, hija missha minn tal-inqas kienet f'qagħda li tivverifika li t-tariffikazzjoni gradwali kienet ser tippermetti, b'mod suffiċjentement probabbli, li l-ispejjeż marġinali, jiġifieri l-ispejjeż direttament ikkawżati mill-użu mill-utenti ta' impjant ta' trattament tal-ilma mormi, jiġu imputati lil dawn l-utenti.

Issa, fid-Deċiżjoni kkontestata, l-ispejjeż kollha li ma kinux marbuta mal-kwantità ta' ilma kkunsmat tqiesu li kienu spejjeż fissi u, għalhekk, tqassmu bejn l-utenti differenti kollha, minkejja li tali spejjeż kienu jeżistu minħabba s-sempliċi preżenza ta' utent speċifiku fin-network. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddikjara li kienet ivverifikat jekk il-kontribuzzjoni għat-trattament tal-ilma mormi, iddeterminata b'applikazzjoni tal-mudell gradwali, kinitx tippermetti li jiġu koperti l-ispejjeż marġinali fuq perijodu medju.

Konsegwentement, kien bi ksur tal-limiti li hija imponiet fuq is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha meta adottat il-Komunikazzjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat li l-Kummissjoni kienet qieset li l-kontribuzzjoni għat-trattament tal-ilma mormi kienet konformi mal-prinċipju ta' operatur privat.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta intervent ta' operatur pubbliku jeskludi kull perspettiva ta' profittabbiltà, anki fit-tul, dan ma jistax jitqies li jkun konformi mal-prinċipju ta' operatur privat. Madankollu, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet ikkonstatat li t-tnaqqis introdott bit-tariffikazzjoni gradwali seta' jissodisfa l-prinċipju ta' operatur privat sempliċement jekk il-kontribuzzjoni għat-trattament tal-ilma mormi tkopri l-ispejjeż sostnuti mill-operaturi ta' impjanti ta' tratament tal-ilma mormi.

Barra minn hekk, billi ma eżaminatx jekk l-applikazzjoni tat-tariffikazzjoni gradwali kinitx tippermetti lill-operaturi ta' impjanti ta' trattament tal-ilma mormi jirriżervaw marġni ta' profitti għalihom infushom meta kien paċifiku li din it-tariffikazzjoni l-ġdida kienet tagħti lok, komplessivament, għal tnaqqis fl-ammont tal-kontribuzzjoni għat-trattament tal-ilma mormi meta mqabbel mas-sistema ta' tariffa unitarja li kienet ġiet issostitwita b'din it-tariffikazzjoni, il-Kummissjoni, għal darba oħra, marret kontra r-rekwiżit ta' profittabbiltà u, għalhekk, kontra l-prinċipju ta' operatur privat. B'hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-analiżi *ex ante* tal-profittabbiltà ddefinita fil-paragrafu 228 tal-Komunikazzjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat timplika li l-miżura nazzjonali eżaminata mill-Kummissjoni kienet tikkontribwixxi "progressivament" għall-profittabbiltà tal-operatur ta' infrastruttura, fejn, biex tkun konformi mal-prinċipju ta' operatur privat, l-imsemmija miżura tkun mistennija li żżid tali profittabbiltà, anki fit-tul, u mhux tnaqqasha.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kienet qieset b'mod żbaljat, fid-Deċiżjoni kkontestata, li operatur privat kien jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li ż-żamma ta' tarriffi għoljin għat-trattament tal-ilma kienet ser iġġib magħha r-riskju li l-iktar konsumaturi kbar tal-ilma jagħżlu li jwaqqfu l-konnessjoni tagħhom man-network iċċentralizzat ta' trattament tal-ilma mormi, meta r-riskju ta' tali twaqqif tal-konnessjoni kien ta' natura ipotetika u ma kienx suffiċjentement issostanzjat.

B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni marret kontra l-Artikolu 107(1) TFUE kif ukoll kontra l-Komunikazzjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat meta qieset li l-kontribuzzjoni għat-trattament tal-ilma mormi ma kienet iġġib magħha ebda vantaġġ minħabba li kienet ġiet deċiża minn operatur privat.

Fid-dawl tal-punti preċedenti kollha, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni kkontestata.

### Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024, European Food *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-624/15 RENV, T-694/15 RENV u T-704/15 RENV, EU:T:2024:659)

*"Għajnuna mill-Istat – Artikoli 107 u 108 TFUE – Trattat bilaterali tal-investiment – Klawżola ta' arbitraġġ – Ir-Rumanija – Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea – Tħassir ta' skema ta' inċentivi fiskali qabel l-adeżjoni – Deċiżjoni ta' arbitraġġ li tagħti l-ħlas ta' danni wara l-adeżjoni – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE – Obbligu ta' motivazzjoni – Kunċett ta' 'għajnuna mill-Istat' – Vantaġġ – Natura selettiva – Imputabbiltà lill-Istat – Kompatibbiltà mas-suq intern – Għajnuna maħsuba biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni żvantaġġati – Irkupru – Kunċett ta' 'unità ekonomika' – Aspettattivi leġittimi – Dritt għal smigħ"*

Il-Qorti Ġenerali, adita wara li l-kawżi ntbagħtu lura quddiemha mill-Qorti tal-Ġustizzja, ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni [473] li kienet ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern il-ħlas mir-Rumanija ta' kumpens lil investituri Svediżi b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ. F'dan il-kuntest, hija ppreċiżat il-portata tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE, li jipprovdi li d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn konvenzjonijiet konklużi bejn Stat Membru qabel l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni u Stat terz wieħed jew iktar ma għandhomx jintlaqtu mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali analizzat il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-benefiċjarji ta' miżura ta' għajnuna fil-preżenza ta' entità ekonomika unika.

Fid-29 ta' Mejju 2002, ir-Renju tal-Isvezja u r-Rumanija kkonkludew trattat bilaterali ta' investiment għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka tal-investimenti (iktar 'il quddiem it-"TBI"), li kien jipprevedi miżuri ta' protezzjoni meta l-investituri ta' pajjiż kienu jinvestu fil-pajjiż l-ieħor, inkluż għall-investimenti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ tat-TBI. It-TBI kien jipprevedi, barra minn hekk, li t-tilwim bejn l-investituri u l-pajjiżi firmatarji kellu jiġi rregolat minn tribunal tal-arbitraġġ imqiegħed taħt l-awspiċji taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar l-Investiment (ĊISTI), skont il-Konvenzjoni ĊISTI [474].

Fl-2005, fil-kuntest tan-negozjati għall-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, il-Gvern Rumen kien ħassar skema nazzjonali ta' inċentivi fiskali stabbilita fl-1998 favur ċerti investituri f'reġjuni żvantaġġati (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' inċentivi fiskali").

Diversi kumpanniji li kienu jappartjenu għal European Food and Drinks Group (EFDG), li tiegħu ċ-ċittadini Svediżi Ioan u Viorel Micula kienu l-azzjonisti maġġoritarji, kienu preċedentement għamlu investimenti f'żona żvantaġġata koperta mill-iskema ta' inċentivi fiskali. Billi qiesu li, meta ħassret din tal-aħħar, ir-Rumanija kienet kisret l-obbligu tagħha li tiżgura trattament ġust u ekwu għall-investimenti tagħhom konformement mat-TBI, Ioan u Viorel Micula kif ukoll tlieta minn dawn il-kumpanniji (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fl-arbitraġġ") talbu l-kostituzzjoni ta' tribunal ta' arbitraġġ, bl-għan li jiksbu kumpens għad-dannu kkawżat. Permezz ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ tal-11 ta' Diċembru 2013, dak it-tribunal ikkundanna lir-Rumanija tħallas lir-rikorrenti fl-arbitraġġ, bħala danni, ammont ta' madwar EUR 178 miljun.

Fl-1 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni informat lir-Rumanija bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE għal dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni parzjali mir-Rumanija tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ fil-bidu tas-sena 2014 kif ukoll fir-rigward ta' kull implimentazzjoni jew eżekuzzjoni ulterjuri tal-imsemmija deċiżjoni.

Permezz tad-Deċiżjoni kontenzjuża, adottata fit-30 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni qieset li l-ħlas tal-kumpens imsemmi iktar 'il fuq kien sar favur l-unità ekonomika unika komposta minn Ioan u Viorel Micula u l-grupp ta' kumpanniji miżmuma minn dawn tal-aħħar. Hija kklassifikat dan il-ħlas bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern, ipprojbixxiet l-implimentazzjoni tiegħu u ordnat l-irkupru tas-somom diġà mħallsa.

Adita b'diversi rikorsi, il-Qorti Ġenerali annullat dik id-deċiżjoni [475] għar-raġuni, essenzjalment, li l-Kummissjoni kienet applikat b'mod retroattiv il-kompetenzi tagħha għal fatti li seħħew qabel l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007.

---

473 Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1470 tat-30 ta' Marzu 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38517 (2014/C) (ex 2014/NN) et seq implimentata mir-Rumanija — Deċiżjoni ta' Arbitraġġ Micula vs ir-Rumanija tal-11 ta' Diċembru 2013 (ĠU 2015, L 232, p. 43; iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża").

474 Konvenzjoni għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar l-Investimenti bejn l-Istati u ċ-Ċittadini ta' Stati oħra, konkluża fit-18 ta' Marzu 1965.

475 Sentenza tat-18 ta' Ġunju 2019, European Food et vs Il-Kummissjoni (T-624/15, T-694/15 u T-704/15, EU:T:2019:423).

Fuq appell, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat din is-sentenza u bagħtet lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali [476] sabiex hija tagħti deċiżjoni dwar il-motivi u l-argumenti mqajma quddiemha li dwarhom hija ma kinitx tat deċiżjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fir-rigward tal-fondatezza tar-rikorsi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel lok, li d-Deċiżjoni kontenzjuża ma kisritx l-Artikolu 351 TFUE, li jipprovdi li d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ftehim konkluż bejn Stat Membru qabel l-adeżjoni tiegħu u Stati terzi ma humiex affettwati mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati.

Fil-fatt, l-Artikolu 351 TFUE ma huwiex applikabbli għat-trattati bilaterali konklużi bejn Stati Membri. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, wara l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, it-TBI kellu jitqies li kien trattat li kien jikkonċerna żewġ Stati Membri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-data li fiha ngħatat l-għajnuna, jiġifieri fil-jum tal-għoti tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ, it-TBI ma setax jitqies li huwa ftehim li minnu kienu jirriżultaw, fis-sens tal-Artikolu 351 TFUE, drittijiet għal Stati terzi u obbligi għal dan l-Istat Membru li setgħu jiġu affettwati mill-implimentazzjoni, skont id-Deċiżjoni kontenzjuża, tal-Artikoli 107 u 108 TFUE. Il-fatt li t-tħassir tal-iskema ta' inċentivi fiskali jew il-fatti li fuqhom kienet ibbażata r-responsabbiltà tar-Rumanija seħħew qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni ma qiegħedx fid-dubju din l-interpretazzjoni, peress li d-dritt li jinkiseb il-kumpens inkwistjoni ngħata permezz tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ, wara l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li s-sistema ta' rimedji ġudizzjarji prevista mit-Trattati UE u FUE ssostitwixxiet il-proċedura ta' arbitraġġ prevista mit-TBI b'effett mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007. Issa, it-tribunal ta' arbitraġġ inkwistjoni f'dan il-każ ma kienx jinsab fis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, b'tali mod li d-deċiżjoni tal-arbitraġġ kontenzjuża, li huwa kien adotta wara l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, ma setgħet tipproduċi ebda effett u lanqas ma setgħet tiġi eżegwita sabiex isir il-ħlas tal-kumpens mogħti minnha.

Minn dan kien isegwi li l-Konvenzjoni ĊISTI, li kienet tipprevedi l-obbligu tal-partijiet għal deċiżjoni li jagħtuha effett kif ukoll l-obbligu ta' kull Stat kontraenti li jirrikonoxxi l-effett vinkolanti tagħha, la ħolqot obbligi lejn ir-Rumanija li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 351 TFUE u lanqas drittijiet korrispondenti favur Stati terzi.

Il-Qorti Ġenerali żiedet li, sa fejn il-Konvenzjoni ĊISTI kellha l-għan li tirregola relazzjonijiet bilaterali bejn il-partijiet kontraenti b'mod analogu għal trattat bilaterali, din il-konvenzjoni ma setgħetx tiġi interpretata bħala li ħolqot drittijiet, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 351 TFUE, favur Stati terzi firmatarji ta' din il-konvenzjoni, li kienu jikkorrispondu għall-obbligi tar-Rumanija li teżegwixxi d-deċiżjoni ta' arbitraġġ.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv fis-sens li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(1) TFUE billi qieset li l-kundizzjonijiet tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat inkompatibbli kienu ssodisfatti.

Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta identifikat il-miżura ta' għajnuna inkwistjoni bħala li kienet tikkonsisti fil-ħlas tal-kumpens ta' madwar EUR 178 miljun u mhux fid-deċiżjoni ta' arbitraġġ li timponi dan il-kumpens. Din il-konstatazzjoni ma kinitx ikkontestata mill-fatt li, fis-sentenza tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-dritt għall-kumpens ingħata lir-rikorrenti fl-arbitraġġ biss permezz tad-deċiżjoni ta' arbitraġġ. Fil-fatt, b'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet biss dwar il-kompetenza *ratione temporis* tal-Kummissjoni sabiex tadotta d-Deċiżjoni kontenzjuża skont l-Artikolu 108 TFUE, u mhux dwar il-klassifikazzjoni tal-ħlas tas-somom inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

---

**476** Sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et* (C-638/19 P, EU:C:2022:50, iktar 'il quddiem is-"sentenza tal-appell").

Wara li rrilevat li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ kienet tikkumpensa lir-rikorrenti fl-arbitraġġ għall-konsegwenzi pekunjarji tat-tħassir tal-iskema ta' inċentivi fiskali u mhux, kif kienu sostnew dawn tal-aħħar, ta' nuqqas tar-Rumanija li tiżgura għall-investimenti ta' dawn tal-aħħar trattament ġust u ekwu, bi ksur tat-TBI, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll it-teżi li lanqas il-kumpens tal-konsegwenzi indiretti tat-tħassir tal-iskema ta' inċentivi fiskali ma seta' jiġi kklassifikat bħala vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-ġurisprudenza invokata mir-rikorrenti, li tgħid li l-irkupru ta' għajnuna illegali bl-għan li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti ma jimplikax ir-restituzzjoni tal-eventwali benefiċċju ekonomiku magħmul mill-benefiċjarju mill-operat tal-vantaġġ mogħti minn din l-għajnuna, ma kinitx applikabbli f'dan il-każ. Fil-fatt, id-Deċiżjoni kontenzjuża ordnat l-irkupru tal-kumpens mogħti skont id-deċiżjoni ta' arbitraġġ, u mhux l-irkupru ta' vantaġġ ipotetiku li seta' rriżulta mill-operat tiegħu mill-benefiċjarju. Barra minn hekk, azzjoni għad-danni ma tistax twassal għal evitar tal-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. B'hekk, id-danni mħallsa minħabba t-tħassir ta' skema ta' għajnuna ma jistgħux jevitaw il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat meta tali danni jikkostitwixxu vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-imsemmija regoli.

Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li kienu qegħdin isostnu r-rikorrenti, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza Asteris [477], li tgħid li l-għajnuna pubblika għandha natura legali fundamentalment differenti mid-danni, ma kinitx tipprekludi li l-kumpens miksub mir-rikorrenti f'dan il-każ jiġi kklassifikat bħala vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Peress li d-deċiżjoni ta' arbitraġġ ma setax ikollha effetti fir-rigward tar-rikorrenti fis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni sa mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, il-Kummissjoni kellha d-dritt tanalizza l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat indipendentement mill-klassifikazzjoni legali adottata mit-tribunal ta' arbitraġġ. Issa, hija kkonkludiet, mingħajr ma ġiet ikkonfutata mir-rikorrenti, li l-miżura inkwistjoni kienet tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku mogħti bħala kumpens għall-konsegwenzi tat-tħassir tal-iskema ta' inċentivi fiskali. Peress li l-ħlas tas-somom kontenzjużi ma kellux bħala effett il-kumpens għal dannu li kien irriżulta minn aġir allegatament żbaljat tar-Rumanija, is-sentenza Asteris ma kinitx tippermetti li tiġi eskluża l-klassifikazzjoni ta' din il-miżura bħala għajnuna mill-Istat.

It-tieni nett, fir-rigward tal-imputabbiltà tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li l-imsemmija miżura ma kinitx imputabbli lir-Rumanija, peress li din kellha l-obbligu, fil-konfront tal-firmatarji l-oħra tal-Konvenzjoni ĊISTI, li teżegwixxi d-deċiżjoni ta' arbitraġġ. Dwar dan il-punt, hija tenniet li, peress li r-Rumanija kienet suġġetta għas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni mill-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, hija kienet obbligata twarrab id-deċiżjoni ta' arbitraġġ u r-rikorrenti ma setgħux jinvokaw l-allegat obbligu tagħha li teżegwixxi din id-deċiżjoni.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ġustament indikat bħala benefiċjarja tal-miżura ta' għajnuna l-entità ekonomika unika komposta minn Ioan u Viorel Micula u l-grupp ta' kumpanniji miżmuma minn dawn tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, hija fakkret qabelxejn li, meta persuni fiżiċi jew ġuridiċi legalment distinti jikkostitwixxu unità ekonomika, hemm lok li dawn jiġu ttrattati bħala impriża waħda, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ li jiġi identifikat il-benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat.

F'dan is-sens, entità li żżomm holdings ta' kontroll f'kumpannija u li teżerċita effettivament dan il-kontroll billi tipparteċipa direttament jew indirettament fil-ġestjoni tagħha għandha titqies bħala li tipparteċipa fl-attività ekonomika eżerċitata mill-impriża kkontrollata, u għandha għalhekk hija stess, minħabba f'hekk, tiġi kklassifikata bħala impriża, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali osservat li Ioan u Viorel Micula kienu jintervjenu fl-attivitajiet ekonomiċi tal-impriżi rikorrenti fl-arbitraġġ, billi kienu jinvolvu ruħhom direttament jew indirettament fil-ġestjoni

---

[477] Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Asteris *et* (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457).

tagħhom. Il-fatt li t-tribunal tal-arbitraġġ ta kumpens kollettiv lir-rikorrenti fl-arbitraġġ kien jikkorrobora wkoll l-assenza ta' awtonomija kemm funzjonali kif ukoll organizzattiva ta' dawn l-impriżi fir-rigward ta' Ioan u Viorel Micula. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tal-arbitraġġ kien jirriżulta li dawn tal-aħħar ma ġewx ikkumpensati esklużivament fil-kwalità tagħhom ta' azzjonisti tal-impriżi inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ma kkunsidratx li Ioan u Viorel Micula kellhom, kull wieħed minnhom, jitqiesu wkoll bħala impriżi huwa irrilevanti għall-klassifikazzjoni tal-benefiċjarji tal-miżura bħala għajnuna inkwistjoni. Fil-fatt, id-Deċiżjoni kontenzjuża kkonstatat li huma kienu jifformaw flimkien mal-impriżi rikorrenti kollha entità ekonomika waħda, li kienet tikkostitwixxi l-impriża inkwistjoni għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball meta indikat ċerti impriżi li ma kinux partijiet fil-proċedura ta' arbitraġġ, u li għalhekk ma kienu kisbu ebda kumpens, bħala benefiċjarji tal-miżura ta' għajnuna, peress li dawn l-impriżi kienu kkontrollati minn Ioan u Viorel Micula u peress li l-impriżi kollha kkontrollati minn dawn l-azzjonisti kienu jifformaw grupp wieħed li jikkostitwixxi unità koerenti, fuq il-livell finanzjarju kif ukoll fuq il-livell industrijali.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-funzjonijiet ta' inizjattiva u ta' sostenn finanzjarju ta' Ioan u Viorel Micula, is-somom imħallsa lir-rikorrenti fl-arbitraġġ setgħu jibbenefikaw, direttament jew indirettament, lill-impriżi li ma kinux partijiet fil-proċedura ta' arbitraġġ.

Fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' liġi fl-irkupru tal-għajnuna.

Fuq dan il-punt, ir-rikorrenti kienu sostnew b'mod partikolari li, skont il-ġurisprudenza [478] l-irkupru tas-somom kontenzjużi ma setax isir mingħand l-entità ekonomika unika msemmija iktar 'il fuq, iżda biss mingħand l-impriżi li dehru li effettivament gawdew minn dawn is-somom.

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, li s-sentenzi ċċitati mir-rikorrenti ma kinux jikkonċernaw l-irkupru ta' miżura ta' għajnuna mingħand impriżi li kienu jagħmlu parti minn entità ekonomika waħda, bħal f'dan il-każ. Hija fakkret, min-naħa l-oħra, li l-kriterju deċiżiv għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kien l-eżistenza ta' aġir unitarju fis-suq. Issa, permezz tal-funzjonijiet tagħhom ta' inizjattiva u ta' sostenn finanzjarju, Ioan u Viorel Micula setgħu jibbenefikaw lill-impriżi kollha tal-grupp EFDG mill-miżura ta' għajnuna inkwistjoni. Il-ħlas lura ta' din il-miżura ta' għajnuna mill-entità ekonomika unika msemmija iktar 'il fuq kien jippermetti għalhekk li tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti għall-ħlas tal-għajnuna billi jiġi eliminat il-vantaġġ kompetittiv li jirriżulta għal din l-entità.

Peress li l-Qorti Ġenerali ċaħdet fil-mertu l-motivi kollha tar-rikorrenti, hija ċaħdet ir-rikorsi fl-intier tagħhom.

---

478 Sentenzi tal-11 ta' Mejju 2005, Saxonia Edelmetalle u ZEMAG vs Il-Kummissjoni (T-111/01 u T-133/01, EU:T:2005:166, punt 113), u tad-19 ta' Ottubru 2005, Freistaat Thüringen vs Il-Kummissjoni (T-318/00, EU:T:2005:363, punt 324).

# IV. Proprjetà intellettwali

## 1. Trade mark tal-Unjoni Ewropea

### Digriet tat-8 ta' Frar 2024, Fly Persia u Barmodeh vs EUIPO – Dubai Aviation (flyPersia) (T-30/23, EU:T:2024:86)

*"Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Intervent – Artikolu 173(1) u Artikolu 179 tar-Regoli tal-Proċedura – Risposta ppreżentata barra mit-terminu – Artikoli 142 sa 145 tar-Regoli tal-Proċedura – Inapplikabbiltà – Ċaħda"*

B'awla estiża ta' ħames imħallfin bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali ma aċċettatx lil Dubai Aviation Corp., parti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), sabiex tipparteċipa fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali bħala intervenjenti, wara li hija qabżet it-terminu għall-preżentata tar-risposta konformement mal-Artikoli 173 u 179 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Dawn id-dispożizzjonijiet jipprevedu regoli speċifiċi fil-qasam tal-proprjetà intellettwali dwar l-intervent quddiem il-Qorti Ġenerali ta' parti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell li ma tkunx ir-rikorrent [479]. Skont id-digriet mogħti, id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-intervent, jiġifieri l-Artikoli 142 sa 145 ta' dawn ir-Regoli, ma humiex applikabbli għal tali parti meta din tkun tilfet il-possibbiltà li ssir parti fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali konformement mal-Artikolu 173 tal-imsemmija Regoli.

F'dan il-każ, ir-rikorrenti, Fly Persia IKE u Ali Barmodeh, kienu applikaw għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea quddiem l-EUIPO. Dubai Aviation Corp. oġġezzjonat għal din ir-reġistrazzjoni. Id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-EUIPO laqgħet parzjalment l-oppożizzjoni. L-appell minn dik id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Bord tal-Appell tal-EUIPO (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Permezz ta' rikors ippreżentat fir-registru tal-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Fit-13 ta' Frar 2023, ir-rikors ġie nnotifikat lil Dubai Aviation Corp. bħala parti quddiem il-Bord tal-Appell. Fis-26 ta' April 2023, din il-kumpannija ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali dokument intitolat "Risposta", u b'hekk qabżet it-terminu li kien mogħti lilha konformement mal-Artikolu 179 tar-Regoli tal-Proċedura [480].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-istatus quddiem il-Qorti Ġenerali ta' parti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell li ma tkunx ir-rikorrent quddiem il-Qorti Ġenerali huwa rregolat mill-Artikolu 173 tar-Regoli tal-Proċedura. Meta tali parti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell ma tkunx ippreżentat risposta għar-rikors fit-terminu previst f'dan ir-rigward mill-Artikolu 179 tar-Regoli tal-Proċedura, hija ma jkollhiex il-kwalità ta' parti quddiem il-Qorti Ġenerali. Wara dan it-terminu, hija ma tkunx tista' għalhekk tippreżenta osservazzjonijiet matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

F'dan il-każ, Dubai Aviation Corp. ma ppreżentat l-ebda att proċedurali qabel l-iskadenza tat-terminu previst għall-preżentata tar-risposta u ppreżentat ir-risposta tagħha 'l barra minn dan it-terminu. Barra minn hekk, hija ma invokatx l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li kienu jikkostitwixxu każ

479 Skont l-Artikolu 173(1) u (2) tar-Regoli tal-Proċedura, "[p]arti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell, li ma tkunx ir-rikorrent, tista' tipparteċipa fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali bħala intervenjent billi twieġeb għar-rikors fil-forom u fit-termini previsti". Qabel l-iskadenza tat-terminu previst għall-preżentata tar-risposta, parti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell, li ma tkunx ir-rikorrent, tikseb l-istatus ta' parti fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali bħala intervenjent mal-preżentata ta' att proċedurali. Tali parti titlef l-istatus tagħha ta' intervenjent quddiem il-Qorti Ġenerali jekk ma twieġibx għar-rikors fil-forom u fit-termini previsti.". L-Artikolu 179 tar-Regoli tal-Proċedura jippreċiża li parti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell, li ma tkunx ir-rikorrent, għandha tippreżenta r-risposta tagħha għar-rikors f'terminu ta' xahrejn li jiddekorri min-notifika tiegħu.

480 Moqri flimkien mal-Artikolu 60 ta' dawn ir-Regoli.

fortuwitu jew ta' forza maġġuri. Għaldaqstant, Dubai Aviation Corp. ma saritx parti fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali bħala intervenjenti konformement mal-Artikolu 173(1) u (2) tar-Regoli tal-Proċedura.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk Dubai Aviation Corp. setgħetx tiġi ammessa tintervjeni abbażi tal-Artikoli 142 sa 145 tar-Regoli tal-Proċedura, li jistabbilixxu r-regoli ġenerali dwar il-preżentata u l-eżami tat-talbiet għal intervent quddiem il-Qorti Ġenerali. Din l-ipoteżi kienet tippermettilha tibbenefika minn terminu ġenerali [481].

Issa, il-Qorti Ġenerali osservat li dawn id-dispożizzjonijiet, li jagħmlu parti mit-Titolu III tar-Regoli tal-Proċedura dwar ir-rikorsi diretti, huma applikabbli għall-proċeduri previsti fit-Titolu IV tagħhom dwar il-kawżi dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet partikolari ta' dan it-Titolu IV. Sa fejn it-Titolu IV jipprevedi, fl-Artikoli 173 u 179 tar-Regoli tal-Proċedura, regoli speċifiċi dwar l-intervent quddiem il-Qorti Ġenerali ta' parti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell li ma tkunx ir-rikorrent, l-Artikoli 142 sa 145 ta' dawn ir-Regoli ma humiex applikabbli għal din il-parti.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, wara li tilfet il-possibbiltà li ssir parti fil-proċedura bħala intervenjenti konformement mal-Artikolu 173 tar-Regoli tal-Proċedura, Dubai Aviation Corp. ma setgħetx tiġi ammessa tintervjeni skont l-Artikoli 142 sa 145 ta' dawn ir-Regoli. Għalhekk kien eskluż li hija setgħet tibbenefika mit-terminu previst mill-Artikolu 143(1) tal-imsemmija Regoli.

### Sentenza tat-13 ta' Novembru 2024, Administration of the State Border Guard Service of Ukraine vs EUIPO (RUSSIAN WARSHIP, GO F**K YOURSELF) (T-82/24, EU:T:2020:821)

*"Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea RUSSIAN WARSHIP, GO F**K YOURSELF – Raġuni assoluta għal rifjut – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Slogan politiku – Ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Artikolu 71(1) tar-Regolament 2017/1001"*

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali indirizzat, għall-ewwel darba, il-kwistjoni tal-possibbiltà ta' reġistrazzjoni ta' "slogan politiku" bħala trade mark.

Gwardja tal-fruntiera Ukraina, predeċessur legali tar-rikorrenti, Administration of the State Border Guard Service of Ukraine, ippreżenta lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv "RUSSIAN WARSHIP, GO F**K YOURSELF" bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea għal diversi prodotti u servizzi [482]. L-eżaminatur ċaħad din l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni fl-intier tagħha abbażi tal-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament 2017/1001 [483], li jipprovdi li r-reġistrazzjoni ta' trademarks li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità għandha tiġi rrifjutata. Ir-rikorrenti ppreżentat appell quddiem l-EUIPO mid-deċiżjoni tal-eżaminatur. Permezz tad-deċiżjoni kkontestata [484], il-Bord tal-Appell ċaħad l-appell minħabba li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet nieqsa minn karattru distintiv għall-prodotti u għas-servizzi inkwistjoni u għalhekk ir-reġistrazzjoni tagħha kellha tiġi rrifjutata skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001.

---

481 Skont l-Artikolu 143(1) tar-Regoli tal-Proċedura, it-talbiet għal intervent għandhom jiġu ppreżentati f'terminu ta' sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tal-avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rikors promotur relatat.

482 Iktar speċifikament, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet tindika l-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet 9, 14, 16, 18, 25, 28 u 41, fis-sens tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.

483 Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

484 Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-1 ta' Diċembru 2023 (Każ R 438/2023-1).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-rikorrenti sostniet għalxejn li l-Bord tal-Appell wettaq żball meta kklassifika t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni bħala "slogan politiku".

Fil-fatt, il-frażi rriprodotta fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet intużat b'mod wiesa', immedjatament wara l-ewwel użu tagħha, sabiex tiġbor appoġġ għall-Ukraina u għalhekk kienet saret, malajr ħafna, simbolu tal-ġlieda tal-Ukraina kontra l-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk, din il-frażi ntużat f'kuntest politiku, b'mod repetittiv u bl-għan li jiġi espress u promoss appoġġ għall-Ukraina. Tali sitwazzjoni kienet tikkorrispondi perfettament mad-definizzjoni tal-espressjoni "slogan politiku", imressqa mir-rikorrenti stess fir-rikors tagħha, jiġifieri espressjoni, użata f'kuntest politiku jew soċjali, repetittiva ta' idea jew ta' għan, bl-iskop li tipperswadi lill-pubbliku jew grupp fil-mira fi ħdan dan il-pubbliku.

Il-frażi rriprodotta fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni intużat b'mod intensiv ħafna f'kuntest mhux kummerċjali u kienet ser tiġi neċessarjament assoċjata mill-qrib ħafna ma' dan il-kuntest mill-pubbliku rilevanti. Fil-fatt, il-frażi rriprodotta fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni saret malajr ħafna wieħed mis-simboli tal-ġlieda tal-Ukraina kontra l-aggressjoni Russa, assoċjat ma' suldat tal-armata Ukraina u, għalhekk, mal-Ukraina. Minħabba l-portata tal-kopertura fil-mezzi tal-komunikazzjoni ta' dan l-avveniment, din il-frażi kienet ser tiġi assoċjata ma' dan il-mument storiku reċenti, magħruf sew mill-konsumatur medju tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' liġi meta qies li l-prinċipju ġenerali li l-pubbliku rilevanti ftit ikun attent fir-rigward ta' sinjal li ma jagħtihx mal-ewwel indikazzjoni dwar l-oriġini tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati, peress li la jipperċepixxih u lanqas jimmemorizzah bħala trade mark, kien japplika wkoll għal sinjali li l-messaġġ prinċipali tagħhom ikun ta' natura politika.

Issa, fid-dawl tal-funzjoni essenzjali ta' trade mark, jiġifieri dik li tidentifika l-oriġini tal-prodott jew tas-servizz kopert minnha, sinjal ma jkunx kapaċi jissodisfa din il-funzjoni jekk il-konsumatur medju ma jipperċepixxix, fil-preżenza tiegħu, l-indikazzjoni tal-oriġini tal-prodott jew tas-servizz, iżda biss messaġġ politiku.

Fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta l-istess raġuni għal rifjut tiġi invokata għal kategorija jew għal grupp ta' prodotti jew ta' servizzi, l-awtorità kompetenti tista' sempliċement tagħti motivazzjoni globali għall-prodotti jew għas-servizzi kkonċernati kollha. Huwa ċertament minnu li l-ġurisprudenza ppreċiżat li tali possibbiltà testendi biss għal prodotti u għal servizzi li jkollhom, bejniethom, rabta suffiċjentement diretta u konkreta, sal-punt li jifformaw kategorija jew grupp ta' prodotti jew ta' servizzi ta' omoġeneità suffiċjenti. Madankollu, hija indikat li, sabiex jiġi evalwat jekk il-prodotti u s-servizzi jkollhomx, bejniethom, rabta suffiċjentement diretta u konkreta u jekk ikunux jistgħu jitqassmu f'kategoriji jew f'gruppi ta' omoġeneità suffiċjenti, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan ta' dan l-eżerċizzju li jkun intiż li jippermetti u li jiffaċilita l-evalwazzjoni *in concreto* tal-kwistjoni dwar jekk it-trade mark ikkonċernata mill-applikazzjoni għal reġistrazzjoni taqax jew le taħt waħda mir-raġunijiet assoluti għal rifjut. Barra minn hekk, it-tqassim tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni f'wieħed jew f'diversi gruppi jew kategoriji għandu jsir, b'mod partikolari, abbażi tal-karatteristiċi li jkunu komuni għalihom u li jkollhom rilevanza għall-analiżi tal-oppożizzjoni, jew le, għat-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni għall-imsemmija prodotti u servizzi, minħabba raġuni assoluta għal rifjut speċifika. Minn dan isegwi li tali evalwazzjoni għandha ssir *in concreto* għall-eżami ta' kull applikazzjoni għal reġistrazzjoni u, fejn ikun il-każ, għal kull waħda mid-diversi raġunijiet assoluti għal rifjut eventwalment applikabbli.

F'dan il-każ, il-Bord tal-Appell kiem qies, fid-deċiżjoni kkontestata, li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma kinitx ser tiġi pperċepita, mill-pubbliku rilevanti, bħala li tindika oriġini kummerċjali. Barra minn hekk, huwa ppreċiża li l-frażi rriprodotta fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet, qabel kollox, ser tiġi interpretata bħala messaġġ politiku u li din il-perċezzjoni kienet identika

għall-prodotti jew għas-servizzi kollha koperti minn din it-trade mark. Minn dan segwa li l-Bord tal-Appell qies li l-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienu kienu jifformaw grupp suffiċjentement omoġenju, fid-dawl tar-raġuni assoluta għal rifjut li, fil-fehma tiegħu, ma kinitx tippermetti r-reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark.

Peress li l-Bord tal-Appell qies, ġustament, li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma kinitx ser tiġi pperċepita, mill-pubbliku rilevanti, bħala indikazzjoni ta' oriġini kummerċjali, iżda bħala messaġġ politiku li kien jippromwovi l-appoġġ għall-ġlieda tal-Ukraina kontra l-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa, huwa seta' validament jiġbor il-prodotti u s-servizzi kollha koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni f'kategorija waħda, minkejja li kienu jippreżentaw karatteristiċi inerenti differenti.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-ispeċifiċità tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u tal-perċezzjoni identika tagħha mill-pubbliku rilevanti fid-dawl tal-prodotti u tas-servizzi kollha koperti mill-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball ta' evalwazzjoni meta qies li l-imsemmija prodotti u servizzi kienu jagħmlu parti minn grupp wieħed li għalih kienet tapplika, bl-istess mod, ir-raġuni għal rifjut li huwa kien invoka u li huwa kien ikkonkluda, ġustament, li t-trade mark li għaliha kienet saret l-applikazzjoni kienet nieqsa minn karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001.

## 2. Disinni

### Sentenza tat-23 ta' Ottubru 2024, Orgatex vs EUIPO – Longton (Marki fl-art) (T-25/23, EU:T:2024:725)

*"Disinn Komunitarju – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta marki fl-art – Artikolu 3(a) u Artikolu 25(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 – Uniċità tad-disinn – Koerenza tal-perspettivi"*

Adita b'rikors għal annullament, li hija ċaħdet, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ġdida tal-koerenza tal-perspettivi fid-dawl tar-rekwiżit ta' uniċità ta' disinn. Hija pprovdiet ukoll kjarifiki dwar l-assenza tal-prinċipju ta' interpretazzjoni favorevoli għar-reġistrazzjoni ta' disinn Komunitarju fi proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Orgatex GmbH & Co. KG., ir-rikorrenti, kienet il-proprjetarja ta' disinn Komunitarju li jirrappreżenta marki fl-art. L. Longton ressaq talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' dan id-disinn quddiem l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), liema talba ġiet miċħuda mid-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.

Madankollu, il-Bord tal-Appell annulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u ddikjara d-disinn ikkontestat invalidu, billi qies li dan tal-aħħar kien ġie rreġistrat bi ksur tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002 [485], peress li l-erba' perspettivi ppreżentati ma kinux konklużivi u kellhom mill-inqas żewġ disinni differenti.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-eżami ta' disinn skont l-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002 għandu jsir abbażi tar-rappreżentazzjoni rreġistrata fir-reġistru, li tiddetermina s-suġġett u l-portata tal-protezzjoni. L-osservazzjonijiet magħmula mill-applikant jew mill-proprjetarju matul il-proċedura jistgħu għalhekk jittieħdu inkunsiderazzjoni biss jekk dawn jirriżultaw mir-rappreżentazzjoni tad-disinn. Għalhekk, hija eżaminat jekk il-perspettivi li kienu jikkostitwixxu r-

[485] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

rappreżentazzjoni fl-intier tagħha kinux juru d-dehra ta' prodott uniku jew unitarju, jiġifieri jekk kienx hemm uniċità tad-disinn.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali indikat li r-rekwiżit ta' koerenza tal-perspettivi jimplika li l-perspettivi kollha juru d-dehra tal-istess prodott wieħed, b'tali mod li dawn il-perspettivi jippermettu li jiġi identifikat b'mod ċar l-istess disinn wieħed. Inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet bejn il-perspettivi ppreżentati jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li r-rappreżentazzjoni turi prodotti differenti. Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta l-perspettivi jkunu jikkostitwixxu inkorporazzjonijiet jew verżjonijiet differenti tal-istess kunċett, jew meta l-użu ta' linji intiżi li jidentifikaw id-disinn jew l-użu ta' esklużjonijiet ta' ċerti karatteristiċi ma jkunx koerenti b'mod ġenerali. Fil-fatt, ma jistax ikun hemm uniċità tad-disinn jekk il-perspettivi jkunu f'inkoerenza insolubbli jew f'kontradizzjoni insurmontabbli, peress li d-dehra ta' prodott wieħed ma tkunx tista' tiġi ddeterminata u, għalhekk, ir-rappreżentazzjoni ma tippermettix li jiġi identifikat b'mod ċar disinn wieħed. Għall-kuntrarju, l-uniċità tad-disinn tista' tiġi kkonstatata minkejja diverġenzi żgħar bejn il-perspettivi, strettament sa fejn dawn il-perspettivi jistgħu jiġu rrikonċiljati fis-sens ta' disinn unitarju. B'dan premess, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-istanzi tal-EUIPO ma humiex obbligati jikkunsidraw il-kombinazzjonijiet kollha possibbli bejn il-perspettivi pprovduti mill-applikant fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, iżda biss il-kombinazzjonijiet li jidhru loġiċi u plawżibbli fid-dawl tal-esperjenza komuni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali osservat li ma hemm xejn fir-Regolament Nru 6/2002 li jeżiġi prinċipju ta' interpretazzjoni favorevoli għall-applikant jew għall-proprjetarju ta' disinn Komunitarju u minn dan iddeduċiet li tali prinċipju ma jeżistix fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-ipoteżi li l-perspettivi 1.1 u 1.2 tad-disinn ikkontestat kienu juru n-naħa ta' quddiem u l-perspettivi 1.3 u 1.4 n-naħa ta' wara, kull waħda b'perspettiva minn fuq u b'perspettiva prospettika, kienet tidher loġika u plawżibbli fid-dawl tal-esperjenza komuni. Dawn il-perspettivi kellhom inkoerenzi insolubbli u ma kinux juru disinn unitarju, b'tali mod li d-disinn ikkontestat kien ġie rreġistrat fir-reġistru tal-EUIPO bi ksur tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 6/2002.

Fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ipoteżi invokata mir-rikorrenti bħala li hija l-iktar favorevoli għaliha, li tgħid li l-perspettiva 1.1 kienet turi n-naħa ta' quddiem u l-perspettivi 1.2, 1.3 u 1.4 n-naħa ta' wara tad-disinn ikkontestat. Minn naħa, hija ppreċiżat li l-istanzi tal-EUIPO ma kinux obbligati jikkunsidraw tali ipoteżi. Fil-fatt, din l-ipoteżi la kienet loġika u lanqas plawżibbli fid-dawl tal-esperjenza komuni, peress li, ħlief f'ċirkustanzi partikolari, li ma ġewx ipprovati jew li kienu assenti f'dan il-każ, kien jidher illoġiku u ftit li xejn plawżibbli li tintwera perspettiva waħda tan-naħa ta' quddiem u tliet perspettivi tan-naħa ta' wara. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li din l-ipoteżi kienet twassal ukoll għal inkoerenzi insolubbli bejn il-perspettivi u enfasizzat li dawn l-inkoerenzi ma setgħux jingħelbu permezz ta' paragun ma' prodotti allegatament ikkummerċjalizzati. Fil-fatt, għalkemm il-prodotti kkummerċjalizzati li jikkorrispondu għal disinn jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-impressjoni ġenerali, f'dan il-każ, ma kinitx kwistjoni li jiġi evalwat jekk żewġ disinni kunfliġġenti jipproduċux l-istess impressjoni globali fuq l-utent avżat, iżda li jiġi ddeterminat jekk disinn ikollux uniċità abbażi tar-rappreżentazzjoni rreġistrata fir-reġistru.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, anki jekk kellha tiġi ammessa l-ipoteżi invokata mir-rikorrenti, kien hemm kontradizzjonijiet insurmontabbli jew inkoerenzi insolubbli bejn il-perspettivi u li, għaldaqstant, dawn ma kinux jirrappreżentaw disinn unitarju.

# V. Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi

## 1. Il-Bjelorussja

### Sentenza tal-20 ta' Marzu 2024, Belshyna vs Il-Kunsill (T-115/22, EU:T:2024:187)

*"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bjelorussja u l-involviment tal-Bjelorussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-organi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni u żamma tal-isem tar-rikorrent fil-listi – Appoġġ għar-reġim ta' Lukashenko – Appoġġ finanzjarju – Impriża li tappartjeni lill-Istat – Repressjoni tas-soċjetà ċivili – Żball ta' evalwazzjoni"*

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Belshyna AAT kontra l-atti li permezz tagħhom hija kienet ġiet inkluża, u sussegwentement inżammet għat-tieni darba, mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fil-Bjelorussja. Din il-kawża tat l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet dwar l-ammissibbiltà, fid-dawl tal-Artikolu 86(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ta' talba għall-adattament tar-rikors fil-kontenzjuż dwar miżuri restrittivi.

Din is-sentenza ngħatat fl-ambitu tal-miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea sa mill-2004 minħabba s-sitwazzjoni fil-Bjelorussja fir-rigward tad-demokrazija, tal-Istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-miżuri kienu jipprevedu b'mod partikolari l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lil persuni, entitajiet jew organi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom jimminaw serjament id-demokrazija jew l-Istat tad-dritt fil-Bjelorussja, kif ukoll lil persuni, entitajiet jew organi li jappoġġaw ir-reġim ta' Lukashenko [486]. Ir-rikorrenti, impriża stabbilita fil-Bjelorussja li kienet tipproduċi tajers, ġiet inkluża fl-imsemmija lista fl-2021 [487] mill-Kunsill, u sussegwentement inżammet fiha fl-2022 [488] u 2023 [489], sa fejn kienet tirrappreżenta sors importanti ta' dħul għar-reġim ta' Lukashenko u sa fejn kienet tat is-sensja lil impjegati li ħarġu fuq strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020. Wara li talbet l-annullament tal-atti inizjali, hija adattat ir-rikors tagħha sabiex titlob ukoll l-annullament tal-atti ta' żamma tal-2023 mingħajr madankollu ma wettqet tali talba għall-atti ta' żamma tal-2022.

---

486 Artikolu 4(1)(a) u (b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU 2012, L 285, p. 1) u l-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Belarus (ĠU 2006, L 134, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1014/2012 tas-6 ta' Novembru 2012 (ĠU 2012, L 307, p. 1).

487 Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2125 tat-2 ta' Diċembru 2021 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU 2021, L 430 I, p. 16) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2124 tat-2 ta' Diċembru 2021 li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja (ĠU 2021, L 430 I, p. 1) (iktar 'il quddiem l-"atti inizjali").

488 Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/307 tal-24 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU 2022, L 46, p. 97) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/300 tal-24 ta' Frar 2022 li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja (ĠU 2022, L 46, p. 3) (iktar 'il quddiem l-"atti tal-2022").

489 Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/421 tal-24 ta' Frar 2023 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU 2023, L. 61, p. 41) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/419 tal-24 ta' Frar 2023 li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU 2023, L 61, p. 20).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fir-rigward tal-eżami tal-ammissibbiltà tal-adattament tar-rikors, li hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, il-Qorti Ġenerali fakkret li meta att li jkun qiegħed jintalab l-annullament tiegħu jiġi ssostitwit jew emendat b'att ieħor li jkollu l-istess suġġett, ir-rikorrent jista', qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura jew qabel id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li taqta' l-kawża mingħajr il-fażi orali tal-proċedura, jadatta r-rikors sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-element ġdid [490].

F'dan il-każ, hija osservat, l-ewwel nett, li kemm l-atti inizjali kif ukoll l-atti taż-żamma, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrenti, kellhom l-għan li jimponu fuqha miżuri restrittivi individwali li jikkonsistu fl-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi kollha tagħha [491].

Sussegwentement hija rrelevat li dawn il-miżuri restrittivi individwali ħadu l-forma ta' inklużjoni tal-isem tal-persuni, tal-entitajiet jew tal-organi identifikati fil-listi kontenzjużi li jinsabu fl-annessi tad-Deċiżjoni 2012/642 u tar-Regolament Nru 765/2006.

F'dan il-kuntest, l-atti inizjali emendaw l-annessi tad-Deċiżjoni 2012/642 u tar-Regolament Nru 765/2006 sabiex inkludew, b'mod partikolari, l-isem tar-rikorrenti fil-listi kontenzjużi. Fir-rigward tal-atti taż-żamma, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, li d-Deċiżjoni 2023/421 estendiet sat-28 ta' Frar 2024 l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni 2012/642, li l-Anness I tagħha, kif emendat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2021/2125, kien isemmi isem ir-rikorrenti. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2023/419 emenda l-Anness I tar-Regolament Nru 765/2006, filwaqt li żamm, tal-inqas impliċitament, l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fl-imsemmi anness. Għaldaqstant, l-atti taż-żamma kellhom jitqiesu bħala li emendaw l-atti inizjali fis-sens tal-Artikolu 86(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li sa fejn ir-rikorrenti kienet talbet l-annullament tal-atti inizjali fir-rikors, hija kellha d-dritt tadatta r-rikors sabiex titlob l-annullament tal-atti taż-żamma tal-2023 minkejja li hija ma kinitx preċedentement adattat ir-rikors sabiex titlob l-annullament tal-atti tal-2022.

## 2. L-Ukraina

### Sentenza tal-11 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Timchenko u Timchenko vs Il-Kunsill (T-644/22, EU:T:2024:621)

*"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-organi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista – Obbligu ta' dikjarazzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lir-rikorrenti jew li huma jippossjedu, li jżommu jew li jikkontrollaw – Obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtorità nazzjonali kompetenti – Parteċipazzjoni f'attivitajiet li jkollhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri restrittivi – Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 – Rikors għal annullament – Locus standi – Inċidenza diretta – Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Użu ħażin ta' poter – Kompetenza tal-Kunsill – Proporzjonalità – Ċertezza legali"*

F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat il-kompetenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea sabiex jadotta obbligi ta' dikjarazzjoni tal-fondi u ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi, minn naħa, u sabiex jassimila n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi ma' evażjoni tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, min-naħa l-oħra.

---

490 Artikolu 86(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

491 Skont l-Artikolu 4(1)(a) u (b) tad-Deċiżjoni 2012/642 u l-Artikolu 2(4) u (5) tar-Regolament Nru 765/2006.

Din is-sentenza tidħol fil-kuntest ta' sensiela ta' miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea wara l-operazzjonijiet ta' gwerra mwettqa mill-Federazzjoni tar-Russja kontra l-Ukraina minn Marzu 2014. Fl-2022, G. N. Timchenko, negozjant ta' nazzjonalità Russa u Finlandiża, u martu, ġew inklużi fil-listi tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi suġġetti għal miżuri restrittivi li kienu jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145 [492] u fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014 [493].

F'dan il-każ, huma talbu lill-Qorti Ġenerali tannulla l-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat bil-punt 4 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2022/1273 [494]. Dawn il-paragrafi kienu jipprevedu rispettivament obbligi ta' dikjarazzjoni tal-fondi u ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kif ukoll l-assimilazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi mal-parteċipazzjoni f'evażjoni tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi.

Skont ir-rikorrenti, meta adotta dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kunsill eċċeda l-kompetenzi mogħtija lilu bis-saħħa tal-Artikolu 215(2) TFUE u ħa post l-Istati Membri sabiex jiddeċiedi kif il-miżuri restrittivi għandhom jiġu implimentati u ssanzjonati fit-territorju tal-Istati Membri. Huma sostnew ukoll li dan l-obbligu ta' dikjarazzjoni kien jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn kien ibbażat fuq kunċetti impreċiżi.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-dispożizzjonijiet kontenzjużi abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, il-Qorti Ġenerali fakkret, minn naħa, li, bis-saħħa tal-Artikoli 24 u 29 TUE, il-Kunsill għandu jiddefinixxi, fid-deċiżjonijiet meħuda unanimament fil-qasam tal-PESK, l-għan tal-miżuri restrittivi li l-Unjoni tadotta f'dan il-qasam, filwaqt li jgawdi minn diskrezzjoni kbira. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 215 TFUE jippermetti lill-Kunsill jadotta regolamenti sabiex jimplementa jew jagħti effett lill-miżuri restrittivi u sabiex jiggarantixxi l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha. Tali miżuri ma humiex limitati għal obbligi li wieħed ma jagħmilx xi ħaġa.

Għalhekk, id-deċiżjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 29 TUE jistabbilixxu l-pożizzjoni tal-Unjoni f'dak li jirrigwarda l-miżuri restrittivi li għandhom jiġu adottati, filwaqt li r-regolamenti adottati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE huma marbuta mal-imsemmija deċiżjonijiet u jikkostitwixxu l-istrument sabiex jingħataw effett fuq il-livell tal-Unjoni.

F'dan il-każ, l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni previsti fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, ġew stabbiliti sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-regolament fit-territorju tal-Unjoni u sabiex jiġu evitati l-istrateġiji ta' evażjoni tal-miżuri restrittivi, li saru possibbli, b'mod partikolari, permezz tal-użu ta' sistemi legali u finanzjarji kumplessi. Konsegwentement, dawn huma ta' natura li jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi u uniformi tal-miżuri restrittivi ta' ffriżar ta' fondi previsti mid-Deċiżjoni 2014/145, li magħha huma marbuta.

---

492 Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022 (ĠU 2022, L 59, p. 1), u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022 (ĠU 2022, L 110, p. 55).

493 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2014, L 78, p. 6), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022 (ĠU 2022, L 58, p. 1), u bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/581 tat-8 ta' April 2022 (ĠU 2022, L 110, p. 3).

494 Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1273 tal-21 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 194, p. 1).

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill seta', abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE u mingħajr ma jikser l-Artikolu 29 TUE, jadotta tali obbligi permezz ta' regolament tal-Unjoni, indipendentement mill-fatt li dawn l-obbligi ma kinux espressament previsti fid-deċiżjoni relatata magħhom.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali qieset li kemm l-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, kif ukoll l-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament, kif emendat bir-Regolament 2022/880 [495], setgħu jiġu adottati mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE u li għalhekk il-Kunsill ma setax jiġi kkritikat li ħa post indebitament l-Istati Membri fl-eżerċizzju tal-kompetenza leġiżlattiva tagħhom. Dawn id-dispożizzjonijiet ma setgħux jitqiesu li jikkostitwixxu ksur ta' natura kriminali u, għaldaqstant, bħala li ġew adottati bi ksur tal-Artikolu 83 TFUE.

Fil-fatt, il-klassifikazzjoni bħala parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' evażjoni ma tistax, bħala tali, titqies li tikkostitwixxi ksur ta' natura kriminali. Barra minn hekk, il-formulazzjoni tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, l-istess bħall-aħħar frażi tal-ħames premessa tar-Regolament 2022/880 jimplikaw li d-determinazzjoni tan-natura ċivili, amministrattiva jew kriminali tas-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tar-Regolament Nru 269/2014 tirriżulta mill-kompetenza mogħtija lill-Istati Membri, inkluż fil-każ ta' applikazzjoni tas-sanzjoni ta' konfiska tar-rikavat minn ksur.

Peress li s-sistema legali applikabbli għall-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni kif ukoll għas-sanzjonijiet previsti fil-każ ta' ksur ta' dawn l-obbligi ma jaqgħux taħt il-qasam kriminali, b'tali mod li l-Artikolu 83 TFUE ma nkisirx, il-Kunsill lanqas ma kiser l-Artikolu 40 TUE.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-kunċett ta' miżuri restrittivi billi ddistingwietu minn dak ta' "sanzjoni ta' konfiska" tar-rikavat mill-ksur fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni previsti fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014. Fil-fatt, tali sanzjoni tapplika biss għar-"rikavat mill-ksur" filwaqt li l-għan tal-miżuri restrittivi, li jżommu n-natura kawtelatorja u temporanja tagħhom, jirrigwarda l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kif iddeterminati mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 269/2014. Għaldaqstant, is-sanzjonijiet marbuta mal-evażjoni msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, ma jbiddlux in-natura tal-miżuri restrittivi.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-preċiżjoni tal-kunċetti użati bħala bażi għall-obbligu ta' dikjarazzjoni inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-prinċipju ta' ċertezza legali jimplika li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha tkun ċara u preċiża u li l-applikazzjoni tagħha għandha tkun prevedibbli għal dawk kollha kkonċernati.

F'dan il-każ, il-kliem użat mill-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, jirreferi għall-kunċetti ta' "appartenenza", ta' "pussess", ta' "żamma" jew ta' "kontroll", li jikkostitwixxu kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni, li għandhom għalhekk jiġu interpretati b'mod uniformi fit-territorju ta' din tal-aħħar, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-formulazzjoni u l-kuntest tal-imsemmija dispożizzjoni kif ukoll l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti.

F'dan ir-rigward, waqt l-adozzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat, l-għan tal-Kunsill kien li jeżerċita pressjoni, fuq il-persuni u l-entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi, li taffettwa lill-awtoritajiet Russi u li hija intiża, b'mod partikolari, li żżid l-ispiża tal-azzjonijiet tal-Federazzjoni Russa intiżi li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. F'dan il-kuntest, għandu jitqies li, bl-użu tal-kunċetti ta' "appartenenza", ta' "pussess", ta' "żamma" jew ta' "kontroll", il-Kunsill indika d-dritt li wieħed jiddisponi jew juża fondi jew riżorsi ekonomiċi, kif iddefiniti fl-Artikolu 1(d) u (g) tar-Regolament Nru 269/2014.

---

[495] Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/880 tat-ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 153, p. 75). L-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014 issa jipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni, inklużi sanzjonijiet kriminali fejn xieraq, li għandhom jiġu applikati għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll għal miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur".

Għalhekk, dawn il-kunċetti ma huma suġġetti għal ebda ambigwità li tista' tikkaratterizza l-eżistenza ta' inċertezza legali fir-rigward tal-portata jew tas-sens tagħhom għall-persuni suġġetti għal miżuri ta' ffriżar ta' fondi. F'dan ir-rigward, il-fatt li l-Kunsill organizza konferenza jew irrikorra għal gwida ta' prattiki tajba intiża għall-awtoritajiet nazzjonali, sabiex jiġu ppreċiżati l-kunċetti użati fil-qasam tal-miżuri restrittivi, ma kienx fih innifsu ta' natura li jikkaratterizza l-eżistenza ta' tali inċertezza legali.

### Sentenza tal-11 ta' Settembru 2024 (Awla Manja), Fridman *et* vs Il-Kunsill (T-635/22, EU:T:2024:620)

*"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tal-azzjonijiet li jikkompromettu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina – Iffriżar ta' fondi – Lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-organi li għalihom japplika l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-lista – Obbligu ta' dikjarazzjoni tal-fondi jew tar-riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lir-rikorrenti jew li huma jippossjedu, li jżommu jew li jikkontrollaw – Obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtorità nazzjonali kompetenti – Parteċipazzjoni f'attivitajiet li jkollhom l-għan jew l-effett li jevitaw il-miżuri restrittivi – Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 269/2014 – Rikors għal annullament – Locus standi – Inċidenza diretta – Att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Kompetenza tal-Kunsill – Proporzjonalità"*

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat il-kompetenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea sabiex jadotta obbligi ta' dikjarazzjoni tal-fondi u ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-persuni suġġetti għal miżuri restrittivi, minn naħa, u sabiex jassimila n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi ma' evażjoni tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, min-naħa l-oħra.

Din is-sentenza tidħol fil-kuntest ta' sensiela ta' miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea wara l-operazzjonijiet ta' gwerra mwettqa mill-Federazzjoni tar-Russja kontra l-Ukraina minn Marzu 2014. Fl-2022, l-ismijiet ta' M. Fridman u G. Khan, ta' nazzjonalità Russa u Iżraeljana, u ta' P. Aven, ta' nazzjonalità Russa u Latvjana, ġew inklużi fil-listi tal-persuni, tal-entitajiet u tal-korpi suġġetti għal miżuri restrittivi li kienu jinsabu fl-Anness tad-Deċiżjoni 2014/145 [496] u fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014 [497].

F'dan il-każ, dawn tal-aħħar talbu lill-Qorti Ġenerali tannulla l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Nru 269/2014, kif emendat bil-punt 4 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2022/1273 [498], li kien jipprevedi rispettivament obbligi ta' dikjarazzjoni tal-fondi u ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward, u l-assimilazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza ta' dawn l-obbligi ma' evażjoni tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi.

Skont ir-rikorrenti, il-Kunsill ma setax jimponi obbligi pożittivi fuq il-persuni ssanzjonati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE. Barra minn hekk, l-obbligu li jiġi żvelat il-kontenut tal-patrimonju tagħhom kien

---

[496] Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU 2014, L 78, p. 16). L-ismijiet tar-rikorrenti ġew inklużi fl-anness ta' din id-deċiżjoni abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145 (ĠU 2022, L 59, p. 1), fir-rigward ta' P. Aven u M. Fridman, u abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429, tal-15 ta' Marzu 2022, li temenda d-Deċiżjoni 2014/145 (ĠU 2022, L 87I, p. 44), fir-rigward ta' G. Khan.

[497] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 2014, L 78, p. 6). L-ismijiet tar-rikorrenti ġew miżjuda fl-anness ta' dan ir-regolament abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/336 tat-28 ta' Frar 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 (ĠU 2022, L 58, p. 1), fir-rigward ta' P. Aven u M. Fridman, u abbażi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/427 tal-15 ta' Marzu 2022 li jimplimenta r-Regolament Nru 269/2014 (ĠU 2022, L 87I, p. 1), fir-rigward ta' G. Khan.

[498] Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1273 tal-25 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU 2022, L 194, p. 1).

forma ta' sanzjoni u mhux "miżura restrittiva" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, dawn l-obbligi kienu ta' preġudizzju għall-ħajja privata, eċċessivi u inċerti, għaliex kienu bbażati fuq kliem vag u mhux iddefinit. Huma kellhom ukoll portata extraterritorjali. Barra minn hekk, meta adotta d-dispożizzjonijiet ikkontestati, filwaqt li kien jaf li 25 mis-27 Stat Membru kienu jissanzjonaw kriminalment l-evażjoni tas-sanzjonijiet, il-Kunsill stabbilixxa ruħu bħala leġiżlatur kriminali, filwaqt li din il-kompetenza kienet tappartjeni lill-Istati Membri.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ammissibbiltà tar-rikors u, b'mod iktar partikolari, il-*locus standi* tar-rikorrenti kif ukoll l-interess tagħhom li l-att ikkontestat jiġi annullat.

F'dan il-kuntest, minn naħa, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-dispożizzjonijiet ikkontestati kienu jaffettwaw direttament lir-rikorrenti, peress li dawn kienu jipproduċu direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħhom. Fil-fatt, l-obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni, kif ukoll l-effetti tan-nuqqas ta' osservanza tagħhom, kienu japplikaw għar-rikorrenti bħala persuni inklużi fil-lista li kienet tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 269/2014 fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija dispożizzjonijiet. Barra minn hekk, l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tar-rikorrenti ma kienet teħtieġ l-adozzjoni ta' ebda miżura ta' implimentazzjoni u ma kienet tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha, b'tali mod li dawn kienu jaffettwaw b'mod purament awtomatiku s-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, indipendentement mill-fatt jekk ir-rikorrenti jew persuni oħra jkunux iddikjaraw jew le l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni u, jekk ikun il-każ, ikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, jew jekk l-imsemmija fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunux ġew iffriżati jew le, ir-rikorrenti żammew interess li jiksbu l-annullament tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, li kienu jimponu fuqhom obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kooperazzjoni li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom seta' jwassal għal konsegwenzi serji. Fil-fatt, l-interess ġuridiku ma jisparixxix minħabba li r-rikorrent ikun eżegwixxa l-obbligi li huwa jkun qiegħed jikkontesta. Konsegwentement, l-interess ġuridiku tar-rikorrenti baqa' stabbilit mingħajr ma kellhom għalfejn juru li huma kienu kisru l-obbligi tagħhom.

Barra minn hekk, l-osservanza tal-obbligu ta' dikjarazzjoni ma twassalx għall-estinzjoni tal-obbligi kollha previsti mid-dispożizzjonijiet ikkontestati. Fil-fatt, ladarba l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jiġu ddikjarati mal-awtorità nazzjonali kompetenti, l-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014 jobbliga lill-persuni li jkunu għamlu din id-dikjarazzjoni jikkooperaw ma' din l-awtorità nazzjonali għall-finijiet ta' kull verifika. Minn dan kien jirriżulta li r-rikorrenti kellhom interess reali u attwali li jaġixxu kontra din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward tal-mertu, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kompetenza tal-Kunsill sabiex jadotta d-dispożizzjonijiet kontenzjużi abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE, il-Qorti Ġenerali rrilevat, qabel kollox, li d-dispożizzjonijiet ikkontestati kienu ġew stabbiliti sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament Nru 269/2014 fit-territorju tal-Unjoni u sabiex jiġu evitati l-istrateġiji ta' evażjoni tal-miżuri restrittivi, li saru possibbli, b'mod partikolari, permezz tal-użu ta' sistemi legali u finanzjarji kumplessi. Għalhekk, dawn ma kinux jikkostitwixxu miżuri restrittivi bħala tali, iżda miżuri li jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi u uniformi ta' miżuri restrittivi previsti mid-Deċiżjoni 2014/145. Għaldaqstant, il-miżuri kkontestati ġew adottati ġustament abbażi tal-Artikolu 215(2) TFUE.

Sussegwentement, fir-rigward tal-allegat ksur tad-dritt għall-ħajja privata, il-Qorti Ġenerali indikat, l-ewwel nett, li l-obbligi inkwistjoni kienu "previsti mil-liġi", peress li kienu stabbiliti fir-Regolament 2022/1273, li kellu bażi legali ċara fid-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-Artikolu 215 TFUE, kif ukoll prevedibbiltà suffiċjenti. It-tieni nett, dawn l-obbligi ma kinux jippreġudikaw il-kontenut essenzjali tad-dritt għall-ħajja privata sa fejn kienu limitati għall-fondi jew riżorsi ekonomiċi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u kienu imposti fuq ir-rikorrenti minħabba li isimhom kien inkluż fl-

Anness I tar-Regolament Nru 269/2014. It-tielet nett, l-għan tal-imsemmija obbligi kien li jippermetti l-identifikazzjoni tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi fil-pussess, miżmuma jew ikkontrollati mill-persuni u mill-entitajiet li kienu s-suġġett ta’ miżuri restrittivi u, b’dan il-mod, li jiġu implimentati b’mod effikaċi u uniformi l-imsemmija miżuri, li jikkostitwixxi għan li jaqa’ fil-kuntest tal-għan iktar ġenerali tal-miżuri restrittivi. Issa, l-importanza tal-għanijiet hekk imfittxija kienet ta’ natura li tiġġustifika konsegwenzi negattivi marbuta mal-indħil fid-dritt għall-ħajja privata allegat mir-rikorrenti. Ir-raba’ nett, fir-rigward tan-natura xierqa u neċessarja tal-obbligi inkwistjoni, modalitajiet ġodda ta’ implimentazzjoni tal-miżuri restrittivi kienu ġġustifikati min-neċessità li jiġu żgurati l-effikaċja u l-applikazzjoni uniformi tas-sistema ta’ miżuri restrittivi li jikkonċernaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, b’mod partikolari fid-dawl tal-evażjoni tagħhom li kienet tirriżulta mill-implimentazzjoni ta’ sistemi ta’ kumplessità dejjem tikber.

Fl-aħħar nett, f’dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li l-obbligi kkontestati kienu jiksru l-prinċipju ta’ ċertezza legali minħabba li kienu bbażati fuq kliem vag u mhux iddefinit, il-Qorti Ġenerali qieset li r-riferiment magħmul mill-Artikolu 9(2) tar-Regolament Nru 269/2014 għall-kunċetti ta’ “appartenenza”, ta’ “pussess”, ta’ “żamma” jew ta’ “kontroll” ta’ fondi jew ta’ riżorsi ekonomiċi kien juri b’mod suffiċjentement ċar u li jinftiehem dak li jkopru tali kunċetti, b’mod li l-persuni kkonċernati setgħu jikkonformaw ruħhom mal-obbligu ta’ dikjarazzjoni. Barra minn hekk, minn din id-dispożizzjoni kien jirriżulta li l-assi li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Stat Membru ma kinux koperti mill-imsemmija obbligi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-persuni li kienu jinsabu barra mill-Unjoni, kienu biss l-assi tagħhom li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni li kienu kkonċernati, li kien jikkostitwixxi rabta suffiċjenti mal-Unjoni. Għaldaqstant, l-argument ibbażat fuq il-portata extraterritorjali tal-obbligi inkwistjoni kellu jiġi miċħud.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-argument tar-rikorrenti li, meta adotta d-dispożizzjonijiet ikkontestati, il-Kunsill stabbilixxa ruħu bħala leġiżlatur kriminali. F’dan ir-rigward, hija indikat li, anki jekk il-Kunsill kien konxju li l-evażjoni tas-sanzjonijiet kienet issanzjonata kriminalment fl-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni ta’ tnejn minnhom, minn dan ma setax jiġi dedott li, bl-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, din l-istituzzjoni ġiegħlet lill-Istati Membri jissanzjonaw kriminalment l-evażjoni tal-iffriżar ta’ fondi. Fil-fatt, il-fatt li, fl-Istati Membri li diġà kienu jissanzjonaw kriminalment l-evażjoni tal-miżuri restrittivi, is-sanzjonijiet applikati fil-każ ta’ ksur taż-żewġ obbligi inkwistjoni kienu, bħala konsegwenza, ukoll kriminali, ma kienx jirriżulta mid-dispożizzjonijiet ikkontestati, iżda mill-għażla tal-Istati Membri fil-qasam tas-sanzjonijiet.

Din il-konstatazzjoni ma kinitx tinbidel minn qari flimkien tal-Artikoli 9 u 15 tar-Regolament Nru 269/2014. Fil-fatt, mill-Artikolu 15(1) ta’ dan ir-regolament jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu s-sistema ta’ sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati fil-każ ta’ ksur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament. Konsegwentement, fil-każ ta’ nuqqas ta’ osservanza tal-obbligi inkwistjoni, ikklassifikat bħala evażjoni tal-miżuri restrittivi, id-determinazzjoni tas-sistema ta’ sanzjonijiet, inkluża n-natura tagħhom, kriminali jew le, tibqa’ fil-kompetenza tal-Istati Membri.

Fl-aħħar nett, din il-konstatazzjoni lanqas ma kienet tinbidel bl-adozzjoni, fit-28 ta’ Novembru 2022, tad-Deċiżjoni 2022/2332 jew b’dik, fit-2 ta’ Diċembru 2022, mill-Kummissjoni, tal-proposta ta’ direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni tar-reati kriminali u tas-sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta’ ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li dan l-approċċ leġiżlattiv intiż għall-armonizzazzjoni tad-dritt kriminali tal-Istati Membri kien preċiżament differenti minn dak tar-Regolament 2022/1273, ibbażat fuq l-Artikolu 215(2) TFUE, li kien intiż biss sabiex jiżgura l-implimentazzjoni effikaċi u uniformi tar-Regolament Nru 269/2014. Fil-fatt, b’differenza minn direttiva, li tiddefinixxi r-reati u s-sanzjonijiet kriminali fil-każ ta’ evażjoni tal-miżuri restrittivi, adottata abbażi tal-Artikolu 83(1) TFUE, li torbot lill-Istati Membri destinatarji fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq fil-qasam kriminali, is-sistema ta’ sanzjonijiet prevista fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 269/2014 tħalli lill-Istati Membri libertà ta’ għażla f’dak li jirrigwarda n-natura kriminali, amministrattiva jew ċivili, tas-sanzjonijiet li jkollhom jiġu adottati fil-każ ta’ ksur tal-projbizzjoni ta’ evażjoni tal-miżuri restrittivi.

## 3. Ir-Russja

**Sentenza tat-2 ta' Ottubru 2024 (Awla Manja), Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles *et* vs Il-Kunsill (T-797/22, [EU:T:2024:670](EU:T:2024:670))**

*"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina – Projbizzjoni ta' għoti ta' servizzi ta' konsulenza legali lill-Gvern Russu u lil entitajiet stabbiliti fir-Russja – Rwol fundamentali tal-avukati f'soċjetà demokratika – Dritt tal-avukati li jipprovdu servizzi ta' konsulenza legali – Dritt għal parir ta' avukat – Artikoli 7, 47 u 52(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Indipendenza tal-avukat – Stat tad-dritt – Proporzjonalità – Ċertezza legali"*

Il-Qorti Ġenerali, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkonfermat il-legalità tal-projbizzjoni, stabbilita fl-Artikolu 5n(2) tar-Regolament Nru 833/2014 [499], li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, servizzi ta' konsulenza legali lill-Gvern Russu u lil persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbiliti fir-Russja (iktar 'il quddiem il-"projbizzjoni kontenzjuża"). Il-kawża kienet tittratta l-kwistjoni dwar jekk kienx jeżisti dritt fundamentali ta' aċċess għal avukat, inkluż f'sitwazzjonijiet li ma kellhom l-ebda rabta ma' proċedura ġudizzjarja. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat b'mod partikolari l-portata tad-dritt għal rimedju effettiv, iggarantit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), u tad-dritt għas-sigriet professjonali, iggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fuq il-mertu, mingħajr ma tat deċiżjoni dwar l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà bbażati, b'mod partikolari, fuq in-nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrenti.

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' sensiela ta' miżuri restrittivi adottati mill-Unjoni Ewropea wara l-aggressjoni militari mwettqa mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukraina fl-24 ta' Frar 2022. Insostenn tar-rikors tagħhom għal annullament kontra l-atti li introduċew, u sussegwentement żammew [500], il-projbizzjoni inkwistjoni, ir-rikorrenti, fosthom l-Ordre néerlandais des avocats du barreau de Bruxelles, sostnew, b'mod partikolari, li din il-projbizzjoni kienet tinvolvi ksur tad-dritt ta' aċċess għall-konsulenza legali ta' avukat, indħil fis-sigriet professjonali tal-avukat, kif ukoll indħil fl-indipendenza tal-avukat.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt li wieħed imur għand avukat sabiex jikseb pariri legali.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-possibbiltà li persuna tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata minn avukat, prevista, abbażi tad-dritt għal rimedju effettiv u tad-dritt għal smigħ xieraq, mill-Artikolu 47 tal-Karta, kellha tiġi rrikonoxxuta biss jekk kienet teżisti rabta ma' proċedura ġudizzjarja. F'dan ir-rigward, hija fakkret li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet il-missjoni fundamentali tal-avukati fi Stat tad-dritt biss sa fejn dawn jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tal-ġustizzja u jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tal-klijent. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-protezzjoni tas-sigriet professjonali stabbilita mill-Artikolu 7 tal-Karta kienet irrikonoxxuta fl-assenza ta' kwalunkwe rabta ma' proċedura ġudizzjarja. Madankollu, din il-protezzjoni ma kinitx intiża li tiggarantixxi dritt fundamentali ta' aċċess għal avukat u ta' benefiċċju mill-pariri legali tiegħu indipendentement minn kull rabta ma' proċedura ġudizzjarja, iżda kellha biss l-iskop, fir-rigward tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, li tippreżerva l-kunfidenzjalità tal-korrispondenza bejn l-avukat u l-klijent tiegħu.

---

499 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 229, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2014, L 246, p. 59 u fil-ĠU 2022, L 114, p. 214), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2014 tas-6 ta' Ottubru 2022 (ĠU 2022, L 259I, p. 3).

500 Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2474 tas-16 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament Nru 833/2014 (ĠU 2022, L 322I, p. 1, rettifika fil-ĠU 2023, L 48, p. 103), u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/427 tal-25 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament Nru 833/2014 (ĠU 2023, L 59I, p. 6, rettifika fil-ĠU 2023, L 68, p. 181).

Konsegwentement, il-protezzjonijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 47 tal-Karta, meħuda waħedhom jew flimkien, ma kinux ta’ natura li jistabbilixxu l-eżistenza ta’ dritt fundamentali għal kull persuna li jkollha aċċess għal avukat u li tibbenefika mill-pariri tiegħu lil hinn minn kuntest kontenzjuż, attwali jew probabbli. Id-dritt fundamentali ta’ aċċess għal avukat u ta’ benefiċċju mill-pariri tiegħu kellu għalhekk jiġi rrikonoxxut biss jekk kienet teżisti rabta ma’ proċedura ġudizzjarja, kemm jekk tali proċedura kienet diġà nfetħet jew kienet tista’ tiġi prevista jew antiċipata, abbażi ta’ elementi tanġibbli, fl-okkażjoni tal-fażi ta’ evalwazzjoni mill-avukat tas-sitwazzjoni legali tal-klijent tiegħu.

F’dan il-każ, l-Artikolu 5n(5) u (6) tar-Regolament Nru 833/2014 jippermetti lil avukat iwettaq evalwazzjoni minn qabel tas-sitwazzjoni legali ta’ persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li jikkonsultawh, bl-għan li jiddetermina jekk il-pariri li jintalbu min-naħa tiegħu jkunux strettament neċessarji sabiex jiġi ggarantit l-aċċess, b’mod partikolari, għal proċedura ġudizzjarja, sabiex tiġi evitata jew antiċipata tali proċedura jew sabiex jiġi żgurat l-iżvolġiment tajjeb tagħha jekk din tkun diġà miftuħa.

Minn naħa, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn dan li l-projbizzjoni kontenzjuża ma kinitx tikser id-dritt li persuna tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata minn avukat, kif protett mill-Artikolu 47 tal-Karta. Min-naħa l-oħra, peress li l-Artikolu 7 tal-Karta ma jiggarantixxix dritt ta’ aċċess għal avukat, la fil-kuntest ta’ proċedura ġudizzjarja u lanqas f’kuntest mhux kontenzjuż, il-projbizzjoni kontenzjuża ma setgħetx tikkostitwixxi ndħil fi dritt li jirriżulta minn dan l-artikolu.

Fit-tieni lok, fir-rigward tas-sigriet professjonali tal-avukat, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-iżvelar minn avukat, b’mod partikolari, tal-identità tiegħu jew tal-eżistenza ta’ konsultazzjoni li jkun responsabbli għaliha, f’sitwazzjoni fejn ikun ġie mġiegħel u li seħħ mingħajr il-kunsens tal-klijent tiegħu, kien jikkaratterizza ndħil fid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, tad-domiċilju tiegħu u tal-komunikazzjonijiet ta’ dan tal-aħħar, kif iggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta.

F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li għalkemm id-dispożizzjonijiet ta’ eżenzjoni kienu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jneħħu l-projbizzjoni kontenzjuża f’ċerti sitwazzjonijiet preċiżament identifikati, huma madankollu kienu jħallu marġni ta’ evalwazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-modalitajiet li bihom talba għal eżenzjoni kellha tiġi fformulata, imressqa u pproċessata. Għalhekk, bħala eżempju, id-dispożizzjonijiet ta’ eżenzjoni ma kinux jirregolaw l-identità tal-awtur tat-talba mressqa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet kontenzjużi ma kinux jissuġġerixxu li l-avukat kien obbligat jaqsam mal-awtoritajiet kompetenti, mingħajr il-kunsens tal-klijent tiegħu, informazzjoni li kienet taqa’ taħt is-sigriet professjonali ggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta. Fir-rigward tal-informazzjoni neċessarja għall-ipproċessar tat-talba għal eżenzjoni, id-dispożizzjonijiet ta’ eżenzjoni lanqas ma kienu jsemmu l-elementi li kellu jkollha l-awtorità kompetenti sabiex twettaq l-eżami tagħha.

Madankollu, meta jiddefinixxu l-modalitajiet tal-implimentazzjoni tal-proċeduri ta’ eżenzjoni, l-Istati Membri jkunu qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, u għalhekk huma obbligati jiżguraw l-osservanza tal-Artikolu 7 tal-Karta, b’osservanza tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 52(1) tagħha. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset li d-dispożizzjonijiet ta’ eżenzjoni ma kinux iwasslu, fihom infushom, għal indħil fid-dritt iggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta.

Fi kwalunkwe każ, anki jekk kellu jitqies li ndħil fis-sigriet professjonali tal-avukat iggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta kien jirriżulta mid-dispożizzjonijiet ta’ eżenzjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta’ dan id-dritt huma ammessi, konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, sakemm dawn ikunu previsti mil-liġi, ikunu josservaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmi dritt u sakemm, fl-osservanza tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta’ interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni.

Issa, f’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-projbizzjoni kontenzjuża kienet prevista mil-liġi u kienet tosserva l-kontenut essenzjali tad-dritt għar-rispett tal-komunikazzjonijiet bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom, stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta. Barra minn hekk, din il-projbizzjoni kienet tissodisfa b’mod

xieraq u koerenti l-għan li tkompli tintensifika l-pressjoni fuq il-Federazzjoni Russa sabiex ittemm il-gwerra tagħha ta' aggressjoni kontra l-Ukraina. Id-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni, sa fejn kienu jippermettu t-tneħħija tal-projbizzjoni kontenzjuża f'sitwazzjonijiet identifikati b'mod preċiż, kienu jsegwu huma stess dan l-għan ta' interess ġenerali, konformement mal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 21 TUE, li fid-dawl tagħhom kienu jidhru proporzjonati. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat f'dan ir-rigward li d-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni intiżi li jneħħu l-projbizzjoni kontenzjuża kienu fihom infushom limitati għal dak li kien neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija mir-Regolamenti kkontestati.

Fl-aħħar lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq allegat indħil fl-indipendenza tal-avukat minħabba l-projbizzjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali fakkret li d-dritt tal-individwu li jibbenefika minn pariri legali mogħtija b'indipendenza sħiħa minn avukat kien inerenti għad-dritt għal rimedju effettiv. Peress li l-projbizzjoni kontenzjuża ma kienet tinvolvi l-ebda ndħil fid-dritt għal rimedju effettiv iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx stabbilit li l-projbizzjoni kontenzjuża setgħet twassal għal indħil fl-indipendenza tal-avukat.

F'dan ir-rigward, minkejja l-ineżistenza ta' regola tad-dritt primarju li tistabbilixxi u tiddefinixxi l-indipendenza tal-avukat, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-importanza ta' tali indipendenza sabiex tiggarantixxi d-dritt tal-partijiet fil-kawża għal rimedju effettiv, f'kuntesti li jinkludu rabta ma' proċedura ġudizzjarja. Għalkemm mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika tal-Avukati kien jirriżulta li l-indipendenza setgħet testendi wkoll għall-attivitajiet ta' konsulenza legali li ma kellhom l-ebda rabta ma' proċedura ġudizzjarja, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika tal-Avukati Ewropej ma kinux jikkostitwixxu, madankollu, regoli tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk ma setgħux jikkostitwixxu bażi legali li fuqha kien ibbażat ir-rikonoxximent tal-indipendenza tal-avukat fil-livell tal-Unjoni.

Anki jekk jitqies li l-indipendenza tal-avukat kellha, bl-istess mod bħall-protezzjoni tas-sigriet professjonali li tirriżulta mill-Artikolu 7 tal-Karta, tiġi rrikonoxxuta wkoll barra minn kuntest kontenzjuż u jekk jiġi kkonstatat indħil f'din l-indipendenza, il-Qorti Ġenerali fakkret ukoll li l-indipendenza tal-avukat ma timplikax li l-professjoni ta' avukat ma tistax tkun suġġetta għal limitazzjonijiet. Din l-indipendenza tista', fil-fatt, tkun suġġetta għal restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni, bil-kundizzjoni li tali restrizzjonijiet ma jkunux jikkostitwixxu, fir-rigward tal-għan imfittex, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tal-indipendenza tal-avukati.

Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li, anki jekk jitqies li kien hemm indħil fl-indipendenza tal-avukati, dan kien iġġustifikat u proporzjonat. Minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-projbizzjoni kontenzjuża, kif iddefinita b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni, kienet tfittex għanijiet ta' interess ġenerali. Min-naħa l-oħra, għalkemm id-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni kienu jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti l-possibbiltà li jneħħu l-projbizzjoni kontenzjuża fir-rigward ta' ċerti servizzi ta' konsulenza legali, dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jkollhom influwenza fuq il-kontenut stess tal-parir li seta', jekk kien il-każ, jiġi pprovdut mill-avukat lill-Gvern Russu jew lil entità stabbilita fir-Russja. L-istess kien japplika fir-rigward tal-projbizzjoni kontenzjuża nnifisha. Il-projbizzjoni kontenzjuża u, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet ta' eżenzjoni għalhekk ma kinux jikkostitwixxu intervent sproporzjonat u intollerabbli li kien jippreġudika s-sustanza stess tal-indipendenza tal-avukati.

## VI. Servizzi diġitali

### Sentenza tas-17 ta' Lulju 2024, Bytedance vs Il-Kummissjoni (T-1077/23, EU:T:2024:478)

*"Servizzi diġitali – Regolament (UE) 2022/1925 – Nomina bħala gwardjan – Servizzi ta' network soċjali online – Artikolu 3(1), (2) u (5) tar-Regolament 2022/1925 – Rekwiżiti – Preżunzjonijiet – Konfutazzjoni tal-preżunzjonijiet – Drittijiet tad-difiża – Ugwaljanza fit-trattament"*

Filwaqt li interpretat għall-ewwel darba r-Regolament dwar is-swieq diġitali [501] (iktar 'il quddiem id-"DMA"), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat minn Bytedance Ltd kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea [502] li indikat lil din l-impriża kif ukoll lill-kumpanniji li hija kienet tikkontrolla direttament jew indirettament (iktar 'il quddiem, flimkien, "ByteDance") bħala gwardjan fis-sens tal-imsemmi regolament.

Peress li ċerti servizzi diġitali, imsejħa "servizzi ewlenin ta' pjattaforma" (iktar 'il quddiem "SEP"), spiss ikollhom karatteristiċi li, flimkien ma' prattiki żleali min-naħa tal-impriżi li jipprovdu dawn is-servizzi, jistgħu jikkompromettu b'mod sinjifikattiv il-kontestabbiltà tas-SEP, kif ukoll jimminaw l-ekwità tar-relazzjoni kummerċjali bejn l-impriżi li jipprovdu dawn is-servizzi u l-impriżi utenti tagħhom u l-utenti finali tagħhom, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li jadotta d-DMA.

Għaldaqstant, id-DMA għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli intiżi li jiżguraw il-kontestabbiltà u l-ekwità tas-swieq fis-settur diġitali b'mod ġenerali u għall-impriżi utenti u għall-utenti finali tas-SEP ipprovduti mill-impriżi nnominati bħala "gwardjani" b'mod partikolari. Għal dan l-għan, id-DMA jipprevedi sensiela mmirata ta' obbligi li l-impriżi nnominati mill-Kummissjoni bħala gwardjani għandhom josservaw fir-rigward ta' kull wieħed mis-SEP li jkunu elenkati fid-deċiżjoni ta' nomina.

Skont l-Artikolu 3(1) tad-DMA, il-Kummissjoni għandha tinnomina impriża bħala gwardjan meta din tissodisfa t-tliet rekwiżiti kumulattivi li ġejjin:

(a) ikollha impatt sinjifikattiv fuq is-suq intern;

(b) tipprovdi SEP li jikkostitwixxi punt ta' aċċess importanti li jippermetti lill-impriżi utenti jilħqu lill-utenti finali tagħhom (iktar 'il quddiem "punt ta' aċċess importanti"), u

(c) tgawdi minn pożizzjoni soda u sostenibbli, fl-attivitajiet tagħha, jew ikun prevedibbli li fil-futur qrib ser tgawdi minn tali pożizzjoni.

Skont l-Artikolu 3(2) tad-DMA, impriża għandha titqies li tissodisfa l-imsemmija rekwiżiti meta tilħaq ċerti limiti kwantitattivi, li huma mibnija b'mod partikolari fuq id-dħul mill-bejgħ magħmul mill-impriża kkonċernata fl-Unjoni jew fuq il-valur tas-suq dinji tagħha, fuq in-numru ta' utenti finali u ta' impriżi utenti tas-SEP ikkonċernat stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni, u fuq in-numru ta' snin li matulhom ikun intlaħaq dan l-aħħar limitu fuq in-numru ta' utenti.

Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(5) tad-DMA, l-impriża kkonċernata tista' tressaq, flimkien mal-komunikazzjoni tagħha skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-DMA, argumenti suffiċjentement issostanzjati sabiex turi li, eċċezzjonalment, minkejja li tilħaq il-limiti kollha previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA u minħabba ċ-ċirkustanzi li fihom jopera s-SEP ikkonċernat, hija ma tissodisfax

[501] Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU 2022, L. 265, p. 1).

[502] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2023) 6102 final tal-5 ta' Settembru 2023 li taħtar lil ByteDance bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tad-DMA.

ir-rekwiżiti elenkati fil-paragrafu 1 tal-imsemmi artikolu. Jekk l-impriża tressaq tali argumenti suffiċjentement issostanzjati, li jikkontestaw manifestament il-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA, il-Kummissjoni tkun tista' tiftaħ investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 17(3) tad-DMA.

Bytedance Ltd, stabbilita fiċ-Ċina fl-2012 u kkostitwita skont id-dritt tal-Gżejjer Kajman, kienet topera, flimkien mal-kumpanniji li kienet tikkontrolla direttament jew indirettament, b'mod partikolari l-pjattaforma diġitali TikTok. Din il-pjattaforma diġitali, li tnediet fl-Unjoni, fil-verżjoni attwali tagħha, f'Awwissu 2018, tippermetti lill-utenti tagħha jfittxu, jaraw u jxandru videos, kif ukoll jinteraġixxu, jikkomunikaw u jikkondividu kontenut ma' utenti oħra.

Wara komunikazzjoni ppreżentata minn Bytedance Ltd skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(3) tad-DMA, il-Kummissjoni, l-ewwel nett, qieset li TikTok kien servizz ta' network soċjali online fis-sens tad-DMA u, konsegwentement, SEP. It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonstatat li ByteDance kienet laħqet il-limiti previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA, f'dak li jirrigwarda TikTok, li kien jippermetti li jiġi preżunt li r-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1) tad-DMA, dwar in-nomina tagħha bħala gwardjan, kienu ssodisfatti. It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset li l-argumenti mressqa minn Bytedance Ltd sabiex tikkonfuta l-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA ma kinux issostanzjati biżżejjed sabiex dawn jiġu manifestament ikkontestati. Il-Kummissjoni għalhekk innominat lil ByteDance bħala gwardjan, mingħajr ma fetħet investigazzjoni tas-suq, u qieset li s-servizz ta' network soċjali online TikTok kien punt ta' aċċess importanti fis-sens tad-DMA [503].

Bytedance Ltd adixxiet lill-Qorti Ġenerali permezz ta' rikors għall-annullament ta' din id-deċiżjoni. Il-Qorti Ġenerali, fuq talba ta' Bytedance Ltd, iddeċidiet li tagħti deċiżjoni fuq ir-rikors skont il-proċedura mħaffa.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti qajmet tliet motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 3(1) u (5) tad-DMA, it-tieni wieħed, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

*1. Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 3(1) u (5) tad-DMA*

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti ma kkontestatx li TikTok kienet tikkostitwixxi servizz ta' network soċjali online fis-sens tad-DMA. Hija lanqas ma kkontestat li l-limiti previsti fl-Artikolu 3(2)(a) sa (c) tad-DMA kienu ntlaħqu u li, konsegwentement, ByteDance kienet meqjusa li tissodisfa r-rekwiżiti rispettivi tal-Artikolu 3(1) tad-DMA għall-finijiet tan-nomina tagħha bħala gwardjan.

Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti qieset li l-Kummissjoni wettqet żbalji meta qieset li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(5) tad-DMA, ma kinux suffiċjentement issostanzjati sabiex jikkontestaw manifestament il-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA, fir-rigward ta' TikTok.

*(a) Fuq il-kriterju legali applikat mill-Kummissjoni waqt l-eżami tal-argumenti mressqa sabiex jiġu kkonfutati l-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA*

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet qabelxejn l-ilmenti li kienu jgħidu li l-Kummissjoni applikat kriterju legali żbaljat waqt l-eżami tagħha tal-argumenti u tal-provi prodotti mir-rikorrenti sabiex tikkonfuta l-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, li, għalkemm l-Artikolu 3(5) tad-DMA jippermetti lill-impriża kkonċernata tressaq, sabiex tikkonfuta l-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA,

503 Deċiżjoni tal-5 ta' Settembru 2023. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna bin-numru 5022.

argumenti u provi, kemm jekk ikunu espressi f'valuri f'ċifri jew le, dawn għandhom madankollu jkunu direttament marbuta ma' waħda jew iktar minn dawn il-preżunzjonijiet, li jieħdu l-forma ta' limiti kwantitattivi. F'dan il-każ, il-Kummissjoni setgħet tiċħad ċerti argumenti tar-rikorrenti li kienu jikkonsistu b'mod partikolari f'dikjarazzjonijiet ġenerali dwar l-għanijiet li kellhom jintlaħqu mid-DMA u l-għan u l-effett utli tal-Artikolu 3(5) tad-DMA, peress li dawn ma kinux intiżi li jikkonfutaw konkretament u speċifikament waħda mit-tliet preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA u, għaldaqstant, ma kinux direttament marbuta magħhom.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali indikat li l-livell ta' prova meħtieġ sabiex jiġu kkontestati l-imsemmija preżunzjonijiet jirriżulta direttament mill-Artikolu 3(5) tad-DMA, li jeżiġi li l-impriża kkonċernata, li fuqha jaqa' l-oneru tal-prova, tressaq argumenti suffiċjentement issostanzjati, li jikkontestaw manifestament dawn il-preżunzjonijiet. Minn dan isegwi li l-argumenti mressqa minn din l-impriża għandhom ikunu jistgħu juru, b'livell għoli ta' plawżibbiltà, li l-preżunzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA jkunu qegħdin jiġu kkontestati. Il-Qorti Ġenerali żiedet li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet iddikjarat li kien ġie applikat il-livell ta' prova previst fl-Artikolu 3(5) tad-DMA, u xejn fl-analiżi tagħha ma kien jissuġġerixxi li l-livell ta' prova li hija kienet fil-fatt applikat kien ogħla minn dak iddeterminat f'din id-dispożizzjoni.

*(b) Fuq il-preżunzjoni li ByteDance kellha impatt sinjifikattiv fuq is-suq intern*

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali sussegwentement eżaminat l-ilmenti tar-rikorrenti li kienu jgħidu li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 3(1)(a) u (5) tad-DMA meta ċaħdet l-argumenti tagħha intiżi li juru li ByteDance ma kellhiex impatt sinjifikattiv fuq is-suq intern. Ir-rikorrenti essenzjalment sostniet li l-impatt ta' ByteDance fuq is-suq intern ma kienx sinjifikattiv, kif intwera b'mod partikolari mill-fatt li d-dħul mill-bejgħ tagħha fl-Unjoni kien baxx u li l-valur tas-suq globali ta' ByteDance kien dovut prinċipalment għall-attivitajiet tagħha fiċ-Ċina, b'mod li dan ma kienx rappreżentattiv tal-impatt tagħha fuq is-suq intern.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kienet b'mod partikolari ċaħdet, bħala irrilevanti, l-argument ibbażat fuq il-fatt li d-dħul ta' ByteDance fl-Unjoni kien inqas mil-limitu tad-dħul mill-bejgħ miksub fl-Unjoni previst fl-Artikolu 3(2)(a) tad-DMA.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Artikolu 3(2)(a) tad-DMA jippermetti li jiġi preżunt li impriża għandha impatt sinjifikattiv fuq is-suq intern fis-sens tal-paragrafu 1(a) tal-istess artikolu, meta l-impriża tipprovdi s-SEP inkwistjoni f'mill-inqas tliet Stati Membri u meta jew id-dħul mill-bejgħ annwali tagħha mwettaq fl-Unjoni jkun ta' EUR 7.5 biljun jew iktar matul kull wieħed mill-aħħar tliet snin finanzjarji, jew il-kapitalizzazzjoni medja tas-suq tagħha jew il-valur tas-suq ġust ekwivalenti tagħha jkun laħaq mill-inqas EUR 75 biljun matul l-aħħar sena finanzjarja.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li ma kienx ikkontestat li ByteDance ma kinitx tilħaq il-limitu ta' dħul mill-bejgħ miksub fl-Unjoni. Għall-kuntrarju, kien aċċettat li ByteDance kienet laħqet il-limitu alternattiv tal-valur tas-suq dinji u li, minħabba f'hekk, hija kienet meqjusa li kellha impatt sinjifikattiv fuq is-suq intern.

Fir-rigward tar-relazzjoni bejn iż-żewġ limiti msemmija iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li dawn jirriflettu ipoteżijiet qrib ta' xulxin, iżda distinti. Filwaqt li dħul mill-bejgħ għoli fl-Unjoni għandu t-tendenza li juri li l-impriża inkwistjoni diġà tgawdi minn kapaċità li timmonetizza l-utenti tagħha fis-suq intern, kapitalizzazzjoni tas-suq jew valur tas-suq ġust fuq livell dinji għoli pjuttost jindikaw li l-imsemmija impriża għandha l-potenzjal li timmonetizza l-utenti tagħha fis-suq intern fil-futur qrib. Barra minn hekk, id-dħul mill-bejgħ imwettaq mill-impriża inkwistjoni fl-Unjoni ġie speċifikament adottat mil-leġiżlatur tal-Unjoni bħala indikatur tal-impatt tagħha fuq is-suq intern.

Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li l-impriża kkonċernata tista' turi, abbażi ta' diversi argumenti suffiċjentement issostanzjati, fosthom id-dħul mill-bejgħ baxx tagħha mwettaq fl-Unjoni, li, minkejja l-valur tas-suq dinji kbir ħafna tagħha, hija għandha biss preżenza limitata fis-suq intern, b'tali mod li l-

imsemmi valur tas-suq ma jirriflettix potenzjal li jiġu monetizzati l-utenti tagħha fl-Unjoni fil-futur qrib u li, għaldaqstant, hija ma għandhiex impatt sinjifikattiv fuq is-suq intern fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tad-DMA.

Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni wettqet żball meta ċaħdet bħala irrilevanti, sabiex tikkontesta l-preżunzjoni dwar l-impatt sinjifikattiv ta' ByteDance fuq is-suq intern, l-argument tar-rikorrenti dwar id-dħul mill-bejgħ baxx ta' ByteDance mwettaq fl-Unjoni.

B'dan premess, skont il-ġurisprudenza, dan l-iżball kien iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata biss jekk seta' kellu influwenza determinanti, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, fuq iċ-ċaħda, mill-Kummissjoni, tal-argumenti mressqa mir-rikorrenti sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(a) tad-DMA.

Issa, dan ma kienx il-każ, peress li l-elementi l-oħra kollha meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li ByteDance kellha potenzjal kbir li timmonetizza lill-utenti tagħha fl-Unjoni fil-futur qrib baqgħu validi. Fil-fatt, insostenn ta' din il-konklużjoni, il-Kummissjoni fakkret ukoll li d-dħul mill-bejgħ ta' ByteDance fl-Unjoni, għalkemm taħt il-livell previst fl-Artikolu 3(2)(a) tad-DMA, xorta waħda ma waqafx jiżdied, li l-valur tas-suq ġust ta' ByteDance kien ferm ogħla mil-limitu ta' EUR 75 biljun u li n-numru ta' utenti finali u ta' impriżi utenti ta' TikTok fl-Unjoni kien kompla jiżdied matul l-aħħar tliet snin finanzjarji, li qabeż sew il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA.

*(c) Fuq il-preżunzjoni li TikTok kienet punt ta' aċċess importanti*

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti tar-rikorrenti li kienu jgħidu li l-Kummissjoni kienet kisret l-Artikolu 3(1)(b) u (5) tad-DMA meta kklassifikat lil TikTok bħala punt ta' aċċess importanti b'applikazzjoni tal-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA, minkejja li kienu tressqu argumenti kuntrarji mir-rikorrenti.

Konformement mal-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA, impriża għandha titqies li tipprovdi SEP li jikkostitwixxi punt ta' aċċess importanti jekk tipprovdi SEP li, matul l-aħħar sena finanzjarja, kellu mill-inqas 45 miljun utent finali attivi fix-xahar stabbiliti jew li jinsabu fl-Unjoni u mill-inqas 10 000 impriża utenti attivi fis-sena stabbiliti fl-Unjoni.

*(i) Fuq l-allegata assenza ta' ekosistema u ta' effetti sinjifikattivi ta' network*

Sabiex tikkontesta l-klassifikazzjoni ta' TikTok bħala punt ta' aċċess importanti skont il-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA, ir-rikorrenti sostniet, fl-ewwel lok, li, kuntrarjament għal impriżi oħra attivi fis-settur diġitali, ByteDance ma kellhiex ekosistema u ma kinitx tibbenefika minn effetti sinjifikattivi ta' network.

Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li ekosistema ta' pjattaformi diġitali tista' tikkonsisti f'SEP wieħed, jew saħansitra f'diversi SEP kif ukoll f'servizzi oħra konnessi magħhom, pereżempju permezz ta' links teknoloġiċi jew l-interoperabbiltà, u li dan jista' jżid l-ostakoli għad-dħul għall-kompetituri ta' dawn l-impriżi u jżid l-ispejjeż ta' bdil ta' fornitur għall-utenti finali, li jfisser li operaturi tas-suq eżistenti jew ġodda jsibuha iktar diffiċli sabiex jikkompetu jew sabiex jikkontestaw il-pożizzjoni tagħhom fil-konfront ta' dawn l-impriżi.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti ma ssostanzjatx l-argument tagħha li ByteDance ma kellhiex ekosistema li minnha TikTok kienet tagħmel parti.

Fl-aħħar nett, skont il-Qorti Ġenerali, anki li kieku kellu jitqies li ByteDance ma kellhiex ekosistema, il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' TikTok bħala punt ta' aċċess importanti kienet tibqa' valida, peress li mid-deċiżjoni kkontestata kien jirriżulta li, mit-tnedija fl-Unjoni, fl-2018, tal-verżjoni attwali tagħha, TikTok irnexxielha fi żmien qasir tattira numru għoli ħafna ta' utenti finali kif

ukoll ta' impriżi utenti, li kien jaqbeż sew il-limiti previsti f'dan ir-rigward fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA u kien jilħaq nofs id-daqs ta' Facebook u dak ta' Instagram.

Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li allegat ir-rikorrenti, l-ebda element tad-DMA ma kien jagħti x'jifhem li SEP jista' jipproduċi effetti sinjifikattivi ta' network biss fil-preżenza ta' ekosistema. Bl-istess mod, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda argument awtonomu li seta' jissuġġerixxi li TikTok ma kellhiex effetti sinjifikattivi ta' network.

*(ii) Fuq l-eżistenza ta' multi-homing u l-allegata assenza ta' effetti ta' esklużjoni*

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkonfermat il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-eżistenza ta' ċertu livell ta' multi-homing [504] mill-utenti finali u mill-impriżi utenti fir-rigward ta' TikTok u ta' networks soċjali oħra online kienet insuffiċjenti sabiex tikkontesta manifestament il-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li għalkemm l-eżistenza jew l-assenza ta' multi-homing u ta' effetti ta' esklużjoni jistgħu jikkostitwixxu, skont il-każ, elementi rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk din il-preżunzjoni tistax manifestament tiġi kkontestata, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi u konkreti tal-imsemmi multi-homing u tal-effetti ta' esklużjoni hekk kif jimmanifestaw ruħhom fiċ-ċirkustanzi li fihom jopera s-SEP ikkonċernat.

Issa, peress li l-prevalenza tal-multi-homing fost l-utenti tan-networks soċjali online ntweriet mid-data ppreżentata mir-rikorrenti stess, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-SEP ikkonċernat, is-sempliċi eżistenza ta' multi-homing, anki fi proporzjonijiet sinjifikattivi, ma kinitx biżżejjed fiha nnifisha sabiex tikkontesta manifestament il-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA f'dan il-każ.

Barra minn hekk, l-argumenti u l-provi prodotti mir-rikorrenti, li fuqha kien jaqa' l-oneru tal-prova, matul il-proċedura amministrattiva, kienu jikkonċernaw biss l-eżistenza ta' multi-homing b'mod ġenerali, u mhux l-intensità tal-użu tad-diversi pjattaformi ta' networks soċjali online, filwaqt li ġie ppreċiżat li TikTok kienet tibbenefika minn rata ta' impenn ogħla min-networks soċjali l-oħra, fejn l-utenti finali, b'mod partikolari ż-żgħażagħ, iqattgħu iktar ħin fuq TikTok milli fuq networks soċjali oħra.

Fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-fatt li madwar 82 % u 77 % tal-utenti finali ta' TikTok kienu jużaw ukoll, rispettivament, Instagram u Facebook, filwaqt li 38 % u 48 % biss tal-utenti finali, rispettivament, ta' Facebook u ta' Instagram, kienu jużaw ukoll TikTok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti, fi kwalunkwe każ, ma wrietx li n-natura asimetrika tal-multi-homing ipprattikat mill-utenti ta' TikTok, minn naħa, u ta' Facebook u ta' Instagram, min-naħa l-oħra, ma kinitx dovuta għall-kuntest ekonomiku u storiku li fih joperaw in-networks soċjali online fl-Unjoni, iżda għall-assenza ta' effetti ta' network u ta' esklużjoni fuq TikTok.

*(iii) Fuq l-iskala iżgħar ta' TikTok meta mqabbla ma' dik ta' pjattaformi oħra u n-numru kbir ta' kompetituri*

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni qieset ġustament li l-argumenti mressqa mir-rikorrenti, dwar l-iskala żgħira ta' TikTok meta mqabbla ma' dik ta' ċerti servizzi oħra ta' networks soċjali online, kif ukoll dwar l-eżistenza ta' numru kbir ta' kompetituri, lanqas ma kienu suffiċjentement issostanzjati sabiex jikkontestaw manifestament il-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA.

---

[504] Fil-kuntest tas-servizzi diġitali b'mod ġenerali u tal-pjattaformi online b'mod partikolari, il-kunċett ta' "multi-homing" jiddeskrivi s-sitwazzjoni fejn l-utenti jużaw b'mod parallel diversi servizzi diġitali kompetituri, f'dan il-każ servizzi ta' networks soċjali online.

Fost l-elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni waqt l-eżami tagħha tal-argumenti intiżi li jikkonfutaw il-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA hemm, skont il-premessa 23 tad-DMA, l-"importanza tas-[SEP] tal-[impriża kkonċernata], meta titqies l-iskala kumplessiva tal-attivitajiet tas-[SEP] rispettiv". Madankollu, din il-premessa tad-DMA ma tippreċiżax il-parametri li abbażi tagħhom għandhom jitkejlu l-importanza u l-iskala tas-SEP inkwistjoni.

F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti sostniet li TikTok ma kinitx tikkostitwixxi punt ta' aċċess importanti, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tad-DMA, minħabba li TikTok kellha daqs iżgħar minn dak ta' pjattaformi oħra stabbiliti sew, bħalma huma Facebook u Instagram, b'mod partikolari f'termini ta' numru ta' utenti finali.

Madankollu, peress li r-rikorrenti ressqet, sabiex turi l-allegata skala żgħira ta' TikTok, argumenti u data li hija ma kinitx ippreżentat matul il-proċedura amministrattiva, il-Qorti Ġenerali ddikjarathom inammissibbli.

Hija ċaħdet dawn l-argumenti ġodda wkoll bħala infondati u, f'dan il-kuntest, ikkonfermat b'mod partikolari li d-daqs ta' TikTok f'termini ta' numru ta' utenti finali ma setax jiġi eżaminat b'mod statiku, iżda kellu jittieħed inkunsiderazzjoni t-tkabbir mgħaġġel u sinjifikattiv tan-numru ta' utenti finali fl-Unjoni, li fi ftit snin laħaq madwar nofs id-daqs ta' Facebook u dak ta' Instagram.

*(iv) Fuq id-dħul mir-reklamar u l-livell ta' interazzjoni tal-impriżi utenti rreġistrati fuq TikTok*

Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-fatt li d-dħul mir-reklamar ta' ByteDance, id-dħul medju tagħha għal kull utent jew saħansitra l-livell ta' interazzjoni tal-persuni li jirreklamaw u tal-impriżi utenti rreġistrati fuq TikTok kienu baxxi u iktar baxxi minn dawk ta' ċerti pjattaformi oħra, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fir-raba' lok, li l-Kummissjoni wettqet żball meta ċaħdet dawn l-argumenti bħala irrilevanti sabiex tiġi kkonfutata l-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat, minn naħa, li, għalkemm il-Kummissjoni kklassifikat lil TikTok bħala servizz ta' network soċjali online u mhux bħala servizz ta' reklamar online fis-sens tad-DMA, xorta kien jibqa' l-fatt li TikTok kienet tikkostitwixxi pjattaforma unika, li fuqha l-utenti kienu jinteraġixxu b'mod partikolari billi jikkondividu u jaraw videos, filwaqt li dawk li jirreklamaw kienu jħallsu sabiex jippubblikaw reklami li ġeneralment kienu jiddaħħlu bejn il-videos li l-imsemmija utenti kienu jaraw.

Min-naħa l-oħra, ma setax jiġi miċħud li d-dħul mir-reklamar jew id-dħul medju għal kull utent iġġenerat minn TikTok seta', bħala prinċipju, jikkostitwixxi indizju fost oħrajn tal-importanza li din il-pjattaforma kienet tirrappreżenta għall-impriżi utenti tal-imsemmija pjattaforma sabiex jilħqu lill-utenti finali, peress li r-reklamar kien wieħed mill-mezzi użati komunement minn dawn l-impriżi utenti sabiex jilħqu l-klijenti tagħhom.

Madankollu, peress li l-Kummissjoni kienet, fi kwalunkwe każ, stabbilixxiet ukoll li l-argumenti u l-provi tar-rikorrenti dwar ir-reklamar online ma kinux suffiċjentement issostanzjati sabiex jikkontestaw b'mod manifest il-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(b) tad-DMA, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-iżball imwettaq mill-Kummissjoni ma kienx jaffettwa l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat b'mod partikolari li l-Kummissjoni kienet ġustament ikkonstatat li l-argumenti u l-provi mressqa mir-rikorrenti ma kinux suffiċjentement rappreżentattivi tal-impriżi utenti kollha ta' TikTok.

*(d) Fuq il-preżunzjoni li ByteDance kienet tgawdi minn pożizzjoni soda u sostenibbli*

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti tar-rikorrenti li kienu jgħidu li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 3(1)(c) u (5) tad-DMA meta ċaħdet l-argumenti tagħha intiżi li jikkontestaw il-konklużjoni li, fir-rigward tal-preżunzjoni prevista fl-Artikolu 3(2)(c) tad-DMA, TikTok kienet tgawdi minn pożizzjoni soda

u sostenibbli fl-attivitajiet tagħha. Ir-rikorrenti essenzjalment sostniet li hija kienet kompetitur ġdid fis-suq u li l-pożizzjoni tagħha kienet ġiet ikkontestata b'suċċess minn kompetituri bħalma huma Meta u Alphabet, li kienu nedew servizzi ġodda bħalma huma Reels u Shorts, li, billi imitaw il-karatteristiċi prinċipali ta' TikTok, kienu kibru malajr.

Wara li rrilevat, minn naħa, li l-kunċett ta' pożizzjoni "soda u sostenibbli" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(c) tad-DMA huwa intiż li jkopri l-kontestabbiltà dgħajfa tal-pożizzjoni tal-impriża inkwistjoni kif ukoll l-istabbiltà *ratione temporis* ta' din il-pożizzjoni u, min-naħa l-oħra, li dan il-kunċett ma jikkoinċidix neċessarjament ma' dak ta' "pożizzjoni dominanti", fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE, il-Qorti Ġenerali osservat li pożizzjoni solida u sostenibbli ta' impriża fl-attivitajiet tagħha ma teskludix l-eżistenza ta' ċertu livell ta' kontestabbiltà.

Bi tweġiba għall-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-fatt li gwardjani oħra fl-istess kategorija ta' SEP, jiġifieri Meta u Alphabet, kienu kkontestaw il-pożizzjoni ta' ByteDance, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, barra minn hekk, li d-DMA għandu l-għan li jiżgura l-kontestabbiltà tal-pożizzjoni tal-gwardjani mhux biss minn gwardjani oħra, iżda wkoll, jew saħansitra fuq kollox, minn operaturi oħra li ma kinux gwardjani għal SEP partikolari. Minn dan isegwi li s-sempliċi riferimenti għall-attivitajiet ta' Meta u ta' Alphabet ma kinux jippermettu li jiġi konkluż li l-pożizzjoni ta' ByteDance ma kinitx soda u sostenibbli fis-sens tad-DMA.

Barra minn hekk, xejn ma jipprekludi li impriża bħalma kienet ByteDance, li fl-2018 kienet kompetitriċi ġdida fis-suq intern intiża li tikkontesta l-pożizzjoni tal-gwardjani, tkun tista' fi żmien ftit snin issir gwardjan hija stess.

*2. Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża*

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti invokat ukoll ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea mill-Kummissjoni, minħabba li, fid-deċiżjoni kkontestata, din tal-aħħar ibbażat ruħha fuq punti ta' fatt u ta' liġi li dwarhom hija ma kellhiex l-opportunità tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha matul il-proċedura amministrattiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesprimi, b'mod utli u effettiv, il-fehmiet tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa sfavorevolment l-interessi tagħha.

Wara li għamlet dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, minkejja d-diversi skambji li seħħew bejn ir-rikorrenti u l-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti ma kellhiex l-opportunità li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, matul il-proċedura amministrattiva, dwar ċerti elementi kkunsidrati fir-rigward tagħha mill-Kummissjoni.

Madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, ksur tad-dritt għal smigħ ma jimplikax awtomatikament l-annullament tal-att ikkontestat. Fil-fatt, ikun meħtieġ ukoll li r-rikorrent juri li ma huwiex totalment eskluż li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet tkun differenti fl-assenza tal-irregolarità proċedurali inkwistjoni, peress li dan ir-rikorrent kien ikun jista' jiżgura aħjar id-difiża tiegħu fl-assenza ta' din l-irregolarità. Issa, peress li r-rikorrenti ma pproduċietx din il-prova f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv tagħha bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

*3. Fuq il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament*

Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta ċaħdet, fid-deċiżjoni kkontestata, uħud mill-argumenti tagħha, filwaqt li, f'deċiżjonijiet oħra, hija laqgħet dan it-tip ta' argumenti.

Dwar dan il-punt, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Kummissjoni hija obbligata twettaq analiżi individwalizzata taċ-ċirkustanzi speċifiċi għal kull każ, mingħajr ma tkun marbuta minn deċiżjonijiet preċedenti li jikkonċernaw operaturi ekonomiċi oħra jew SEP oħra u li, fi kwalunkwe każ, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat.

Issa, peress li l-premessi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni ċċitati mir-rikorrenti fir-rikors tagħha kienu jikkonċernaw kategoriji oħra ta' SEP, u mhux servizzi ta' networks soċjali online, u peress li r-rikorrenti ma spjegatx għal liema raġuni ċ-ċirkustanzi li fihom kienu joperaw dawn il-kategoriji l-oħra ta' SEP kienu komparabbli ma' dawk li fihom kien jopera servizz ta' network soċjali online bħal TikTok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bħala infondat.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

# VII. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

**Sentenza tas-7 ta’ Frar 2024, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni (T-501/22, EU:T:2024:71)**

*“FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Infiq imwettaq mill-Awstrija – Koeffiċjent tat-tnaqqis – Artikolu 24(6) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 – Artikolu 30(7)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013 – Artikolu 52(4)(a) tar-Regolament (UE) 1306/2013 – Obbligu ta’ motivazzjoni”*

Adita b’rikors għal annullament ippreżentat mir-Repubblika tal-Awstrija, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2022/908 [505], sa fejn din teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea l-infiq sostnut minn dan l-Istat Membru taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) qabel is-27 ta’ Novembru 2016. F’dan il-kuntest, hija tat, għall-ewwel darba, deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 24(6) tar-Regolament Nru 1307/2013 [506] u dwar il-kunċett ta’ “żvantaġġi speċifiċi” fis-sens tal-Artikolu 30(7)(b) tal-istess regolament.

Fil-kuntest tal-iskema tal-pagament bażiku, ir-Repubblika tal-Awstrija ddeċidiet li tapplika koeffiċjent tat-tnaqqis għall-ħbula ta’ art ikklassifikati, skont id-dritt Awstrijak, bħala “mergħat” u “mergħat Alpini”. Fl-2016, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni fil-konfront tagħha sabiex tivverifika jekk, għas-snin 2015 u 2016, il-ġestjoni u l-kontroll tal-iskemi ta’ għajnuna skont is-superfiċji mħallsa lill-bdiewa taħt il-FAEG kinux twettqu konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Wara li qieset, fi tmiem din l-investigazzjoni, li l-awtoritajiet Awstrijaċi kienu għamlu applikazzjoni ineżatta tal-Artikolu 24(6) tar-Regolament Nru 1307/2013 fir-rigward tal-“mergħat”, il-Kummissjoni imponiet korrezzjoni finanzjarja [507] fuq ir-Repubblika tal-Awstrija. Konsegwentement, din tal-aħħar, bħala miżura korrettiva, allokat lill-bdiewa kkonċernati drittijiet għall-pagament supplimentari għal kull ettaru eliġibbli ta’ “mergħat”, mir-riżerva nazzjonali li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skont l-istess regolament [508], b’effett mis-sena 2017.

Fl-2018, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni ġdida kontra r-Repubblika tal-Awstrija. Mir-rapport ta’ sinteżi tagħha rriżulta, minn naħa, li l-awtoritajiet Awstrijaċi applikaw b’mod ineżatt l-Artikolu 24(6) tar-Regolament Nru 1307/2013 fir-rigward tal-“mergħat”, fatt li wassal għal differenzi fit-trattament mhux iġġustifikati sa fejn, fi ħdan l-istess żona, il-koeffiċjent tat-tnaqqis ma ġiex applikat għall-ħbula tal-art kollha suġġetti għall-istess kundizzjonijiet klimatiċi. Min-naħa l-oħra, dan ir-rapport stabbilixxa li r-Repubblika tal-Awstrija użat b’mod illegali r-riżerva nazzjonali sabiex tiffinanzja l-miżura korrettiva relatata mal-“mergħat”. Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, l-Kummissjoni għalhekk, minħabba ż-żewġ nuqqasijiet ta’ twettiq ta’ obbligu li bihom kienet akkużata r-Repubblika tal-Awstrija, eskludiet mill-finanzjament tal-Unjoni l-infiq iddikjarat taħt il-FAEG minn dan l-Istat Membru li kien jammonta għal EUR 68 146 449.98.

---

505 Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/908 tat-8 ta’ Ġunju 2022 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nefqa imġarrab mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2022, L 157, p. 15).

506 Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

507 Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/265 tat-12 ta’ Frar 2019 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2019, L 44, p. 14).

508 Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament Nru 1306/2013 [509] li kien jirriżulta minn korrezzjoni finanzjarja bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 24(6) tar-Regolament Nru 1307/2013.

F'dan ir-rigward, il-fatt li l-koeffiċjent tat-tnaqqis ġie applikat għall-"mergħat" u mhux għall-ħbula tal-art fil-qrib ma kienx juri neċessarjament applikazzjoni ineżatta tal-Artikolu 24(6) tar-Regolament Nru 1307/2013. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda preċiżazzjoni fir-rigward tal-portata taż-żoni li fir-rigward tagħhom għandu jiġi evalwat jekk il-kriterju tal-kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli huwiex sodisfatt. Madankollu, l-approċċ tal-awtoritajiet Awstrijaċi, li kien jikkonsisti fl-applikazzjoni tal-koeffiċjent tat-tnaqqis għall-ħbula tal-art ikklassifikati bħala "mergħat Alpini" biss, mingħajr ma ntwera f'dan il-każ li l-awtoritajiet kompetenti pproċedew konkretament u sistematikament għal tali klassifikazzjoni billi bbażaw ruħhom fuq l-eżistenza ta' kundizzjonijiet klimatiċi partikolari, speċifiċi għal dawn il-ħbula tal-art, ma kienx jippermetti li jiġi ggarantit li dan il-koeffiċjent ġie applikat għall-ħbula tal-art kollha li jinsabu f'żoni kkaratterizzati minn kundizzjonijiet klimatiċi diffiċli, u lanqas li jiġi żgurat li dan il-koeffiċjent ġie applikat biss għal ħbula tal-art li effettivament jissodisfaw dan il-kriterju.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ġustament qieset li l-allokazzjoni ta' drittijiet għall-pagament supplimentari lill-bdiewa li jaħdmu "mergħat" sabiex tiġi rrimedjata l-applikazzjoni ineżatta tal-koeffiċjent tat-tnaqqis ma setgħetx tiġi ffinanzjata mir-riżerva nazzjonali abbażi tal-Artikolu 30(7)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013.

Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali interpretat l-Artikolu 30(7)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013, li r-Repubblika tal-Awstrija invokat bħala bażi legali għall-użu tagħha tar-riżerva nazzjonali, billi ħadet inkunsiderazzjoni l-kliem tiegħu, il-kuntest tiegħu u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward tal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-aġġettiv "speċifiku" jimmilita favur interpretazzjoni li abbażi tagħha l-iżvantaġġi inkwistjoni jikkonċernaw ċerti kategoriji ta' bdiewa, li huma distinti minn oħrajn minħabba partikolaritajiet inerenti għas-sitwazzjoni tagħhom. Issa, il-fatt li bdiewa jbatu l-konsegwenzi ta' żball imwettaq minn Stat Membru fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jidhirx li huwa suffiċjenti sabiex jitqies li dawn il-bdiewa jaqgħu taħt kategorija partikolari u li l-iżvantaġġ li huma jġarrbu minħabba dan l-iżball għandu, għal din ir-raġuni, jitqies li huwa speċifiku għalihom. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-kuntest li fih tinsab id-dispożizzjoni inkwistjoni, b'mod partikolari mill-Artikolu 31(2) tar-Regolament Nru 639/2014 [510].

Fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, l-implimentazzjoni tar-riżerva hija intiża li tippermetti lill-Istati Membri jagħtu appoġġ lill-bdiewa li jinsabu f'sitwazzjonijiet partikolari, bi prijorità lill-bdiewa żgħażagħ u lil dawk li jibdew jeżerċitaw attività agrikola.

Issa, f'dan il-każ, l-iżvantaġġ imġarrab mill-bdiewa li jaħdmu "mergħat" ma kienx inerenti għas-sitwazzjoni tagħhom jew marbut ma' kwalità li hija partikolari għalihom, iżda kien jirriżulta mill-fatt li l-awtoritajiet Awstrijaċi, billi applikaw b'mod ineżatt l-Artikolu 24(6) tar-Regolament Nru 1307/2013, ċaħduhom minn drittijiet għall-pagament li kellhom jiġu allokati lilhom mill-bidu.

---

**509** Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83).

**510** Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1).

Għaldaqstant, il-fatt, invokat mir-Repubblika tal-Awstrija, li l-applikazzjoni ineżatta tad-dritt tal-Unjoni affettwat biss lill-possessuri ta' "mergħat", fatt li barra minn hekk kien kontestabbli fid-dawl tal-effett ta' dan l-iżball fuq il-valur tad-drittijiet għall-pagament tal-bdiewa Awstrijaċi kollha, ma setax, għaldaqstant, iwassal sabiex jitqies li l-possessuri ta' "mergħat" kienu jinsabu f'sitwazzjoni li tikkostitwixxi żvantaġġ speċifiku li kien jippermetti lir-Repubblika tal-Awstrija tagħtihom drittijiet għall-pagament supplimentari mir-riżerva nazzjonali abbażi tal-Artikolu 30(7)(b) tar-Regolament Nru 1307/2013.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali laqgħet it-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(4)(a) tar-Regolament Nru 1306/2013.

F'dan ir-rigward, il-komunikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 908/2014 [511] tikkostitwixxi l-element ta' referenza għall-kalkolu tat-terminu ta' 24 xahar previst fl-Artikolu 52(4)(a) tar-Regolament Nru 1306/2013, sa fejn din tidentifika b'mod suffiċjentement preċiż is-suġġett tal-investigazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni u n-nuqqasijiet ikkonstatati minnha matul l-investigazzjoni. Il-limitazzjoni tal-perijodu li matulu l-Kummissjoni tista' teskludi ċertu nfiq mill-finanzjament tal-Unjoni għandha l-għan li tipproteġi lill-Istati Membri kontra l-assenza ta' ċertezza legali li tkun teżisti jekk il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tikkontesta nfiq imwettaq diversi snin qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-konformità.

Peress li hija kienet tidentifika, għall-ewwel darba, b'mod suffiċjentement preċiż in-nuqqas ikkonstatat mill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ineżatta tal-koeffiċjent tat-tnaqqis għall-"mergħat Alpini", il-komunikazzjoni tas-27 ta' Novembru 2018 ikkostitwixxiet, f'dan il-każ, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu ta' 24 xahar imsemmi fl-Artikolu 52(4)(a) tar-Regolament Nru 1306/2013. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni l-infiq magħmul qabel is-27 ta' Novembru 2016.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi annullata sa fejn, fir-rigward tal-ewwel korrezzjoni finanzjarja inkwistjoni, eskludiet mill-finanzjament tal-Unjoni nfiq imwettaq qabel is-27 ta' Novembru 2016.

---

[511] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU 2014, L 255, p. 59, rettifika fil-ĠU 2015, L 114, p. 25).

# VIII. Saħħa pubblika

**Sentenza tal-21 ta' Frar 2024, PAN Europe vs Il-Kummissjoni (T-536/22, EU:T:2024:98)**

*"Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Sustanza attiva cypermethrin – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2049 – Talba għal eżami mill-ġdid intern – Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 – Ċaħda tat-talba – Identifikazzjoni ta' oqsma kritiċi ta' tħassib mill-EFSA – Evalwazzjoni u mmaniġġjar tar-riskju – Prinċipju ta' prekawzjoni – Setgħa ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni"*

Fil-kuntest ta' rikors għal annullament marbut mat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva cypermethrin, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat ir-regoli ta' ammissibbiltà ta' tali rikors ippreżentat minn organizzazzjoni mhux governattiva abbażi tar-Regolament Nru 1367/2006 [512], kif ukoll il-portata tal-marġni ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bħala amministratur tar-riskji fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Is-cypermethrin hija insettiċida użata fl-Unjoni Ewropea, li l-inkorporazzjoni tagħha fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ġiet awtorizzata fl-2005 [513].

Fil-kuntest tal-proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-cypermethrin, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) identifikat, fil-konklużjonijiet xjentifiċi tagħha ta' Lulju 2018, erba' oqsma kritiċi ta' tħassib (critical areas of concern) dwar din is-sustanza attiva. Sussegwentement, f'Settembru 2019, hija ppubblikat dikjarazzjoni dwar il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għas-cypermethrin.

Wara din l-evalwazzjoni tar-riskji, il-Kummissjoni adottat, fl-24 ta' Novembru 2021, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/2049 [514] li jġedded l-approvazzjoni tas-cypermethrin, flimkien ma' sensiela ta' dispożizzjonijiet speċifiċi.

Fl-20 ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti, l-organizzazzjoni ambjentali Pesticide Action Network Europe (PAN Europe), bagħtet lill-Kummissjoni talba għal eżami mill-ġdid intern [515] tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/2049.

Il-Kummissjoni rrifjutat din it-talba b'deċiżjoni tat-23 ta' Ġunju 2022.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti Ġenerali tannulla din id-deċiżjoni ta' ċaħda. Insostenn tar-rikors tagħha, hija invokat il-ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni u tal-obbligu tal-Unjoni li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. Hija allegat, fost l-oħrajn, li, peress li l-EFSA kienet identifikat ċerti oqsma kritiċi ta' tħassib dwar is-cypermethrin, il-Kummissjoni ma kellhiex iġġedded l-approvazzjoni ta' din is-sustanza. Hija sostniet li, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda setgħa diskrezzjonali u ma setgħetx tinvoka r-rwol tagħha ta' amministratur tar-riskju f'dan ir-rigward.

---

512 Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13), b'mod partikolari abbażi tal-Artikolu 12 tiegħu.

513 Is-sustanza msemmija kienet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 11, p. 332), mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/53/KE tas-16 ta' Settembru 2005 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE sabiex tinkludi l-chlorothalonil, il-chlorotoluron, is-cypermethrin, id-daminozide u t-thiophanate-methyl bħala sustanzi attivi (ĠU L 287M, 18.10.2006, p. 338).

514 Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2049 tal-24 ta' Novembru 2021 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva ċipermetrina bħala kandidat għas-sostituzzjoni, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2021, L 420, p. 6).

515 Abbażi tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1367/2006.

Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet ta' natura proċedurali dwar il-portata tar-regola ta' konkordanza bejn it-talba għal eżami mill-ġdid u r-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni adottata bi tweġiba għal din it-talba.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li tali rikors għal annullament ikun ammissibbli biss jekk ikun dirett kontra t-tweġiba għall-imsemmija talba u jekk il-motivi invokati insostenn tal-annullament ikunu jirrigwardaw speċifikament din ir-risposta.

Tali rikors ma jistax ikun ibbażat fuq motivi ġodda jew fuq provi li ma jidhrux fit-talba għal eżami mill-ġdid, taħt piena li r-rekwiżit dwar il-motivazzjoni ta' tali talba jiġi mċaħħad mill-effett utli tiegħu u li jinbidel is-suġġett tal-proċedura mibdija minn din it-talba [516].

Madankollu, minn naħa, rikorrent skont ir-Regolament Nru 1367/2006 għandu jkun jista' jqajjem, fl-istadju tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, argumenti intiżi li jikkritikaw, fid-dritt, il-fondatezza tat-tweġiba għat-talba tiegħu għal eżami mill-ġdid, bil-kundizzjoni li dawn l-argumenti ma jbiddlux is-suġġett tal-proċedura mibdija minn din it-talba. Min-naħa l-oħra, argument li ma jkunx tqajjem fl-istadju tat-talba għal eżami mill-ġdid ma jistax jitqies li huwa ġdid jekk jikkostitwixxi biss elaborazzjoni ta' argument diġà żviluppat fil-kuntest ta' din it-talba, jiġifieri jekk ikollu, mal-motivi jew mal-ilmenti inizjalment esposti, rabta suffiċjentement stretta sabiex ikun jista' jitqies li jirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, sabiex tkun tista' tilħaq effettivament l-għanijiet mogħtija lilha mir-Regolament Nru 1107/2009, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa. Dan jgħodd, b'mod partikolari, għad-deċiżjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju li hija għandha tieħu b'applikazzjoni tal-imsemmi regolament [517].

Il-ġestjoni tar-riskju tikkorrispondi għall-azzjonijiet kollha meħuda minn istituzzjoni li għandha taffronta riskju sabiex tnaqqas dan ir-riskju għal livell meqjus aċċettabbli għas-soċjetà fid-dawl tal-obbligu tagħha, abbażi tal-prinċipju ta' prekawżjoni, li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika, tas-sigurtà u tal-ambjent [518].

Dan jimplika li ssir evalwazzjoni minn qabel tar-riskji li tikkonsisti, minn naħa, fl-evalwazzjoni b'mod xjentifiku tal-imsemmija riskji, abbażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli, u, min-naħa l-oħra, fid-determinazzjoni ta' jekk dawn jaqbżux il-livell ta' riskju meqjus aċċettabbli għas-soċjetà, li jaqa' taħt l-għażla politika li jikkostitwixxi l-iffissar ta' livell ta' protezzjoni xieraq għall-imsemmija soċjetà.

Għalhekk, għalkemm, fil-kuntest tal-proċedura ta' tiġdid tas-sustanzi attivi, il-Kummissjoni għandha "tieħu inkunsiderazzjoni", b'mod partikolari, il-konklużjonijiet xjentifiċi tal-EFSA [519], hija ma hijiex marbuta, bħala amministratur tar-riskji, mill-konstatazzjonijiet magħmula mill-EFSA. Tali teħid

---

[516] Sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, TestBioTech *et* vs Il-Kummissjoni (C-82/17 P, EU:C:2019:719, punt 39).

[517] Sentenza tas-17 ta' Mejju 2018, Bayer CropScience *et* vs Il-Kummissjoni (T-429/13 u T-451/13, EU:T:2018:280, punt 143).

[518] Sentenzi tat-12 ta' April 2013, Du Pont de Nemours (France) *et* vs Il-Kummissjoni (T-31/07, mhux ippubblikata, EU:T:2013:167, punt 148); tas-17 ta' Mejju 2018, Bayer CropScience *et* vs Il-Kummissjoni (T-429/13 u T-451/13, EU:T:2018:280, punt 125); u tas-17 ta' Marzu 2021, FMC vs Il-Kummissjoni (T-719/17, EU:T:2021:143, punt 78).

[519] Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 844/2012 tat-18 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' tiġdid għas-sustanzi attivi, kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU 2012, L 252, p. 26).

inkunsiderazzjoni ma jistax fil-fatt jiġi interpretat bħala obbligu għall-Kummissjoni li ssegwi l-punti kollha tal-konklużjonijiet tal-EFSA.

Madankollu, is-setgħa ta’ evalwazzjoni wiesgħa tal-Kummissjoni bħala amministratur tar-riskju tibqa’ rregolata mill-osservanza neċessarja tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1107/2009, b’mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu [520], moqri flimkien mal-Anness II ta’ dan ir-regolament, kif ukoll mill-prinċipju ta’ prekawzjoni li fuqu huma bbażati d-dispożizzjonijiet kollha ta’ dan ir-regolament.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tista’ ġġedded l-approvazzjoni ta’ sustanza attiva biss jekk jintwera b’mod suffiċjenti li, minkejja l-identifikazzjoni ta’ oqsma kritiċi ta’ tħassib, miżuri ta’ mitigazzjoni tar-riskji jippermettu li jiġi konkluż li l-kriterji tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1107/2009 huma osservati. B’hekk, ir-rwol tal-Kummissjoni huwa preċiżament id-determinazzjoni tar-riskji li huma aċċettabbli għas-soċjetà, b’limitu ta’ tolleranza ogħla f’dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-ambjent minn dak li jirrigwarda s-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali, u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni miżuri ta’ ġestjoni sabiex jitnaqqsu r-riskji speċifiċi.

F’dan il-każ, is-sempliċi fatt li l-EFSA kienet identifikat erba’ oqsma kritiċi ta’ tħassib fil-konklużjonijiet tagħha fir-rigward tas-cypermethrin ma kienx jippermetti li jitqies li l-Kummissjoni ma kellha ebda marġni ta’ evalwazzjoni, bħala amministratur tar-riskji, bil-kundizzjoni li tkun żgurat li l-kriterji indikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1107/2009 kienu ssodisfatti. Fi kliem ieħor, ma kienx eskluż għall-Kummissjoni li tivverifika, fl-osservanza tal-prinċipju ta’ prekawzjoni, jekk ir-riskju setax isir aċċettabbli billi jiġu imposti ċerti miżuri.

### Sentenza tal-15 ta’ Mejju 2024, Fresenius Kabi Austria *et* vs Il-Kummissjoni (T-416/22, EU:T:2024:316)

*“Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem – Sospensjoni tal-awtorizzazzjonijiet nazzjonali ta’ tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem li fih is-sustanza attiva hydroxyethyl starch (HEA), soluzzjonijiet għall-infużjoni – Rikors għal annullament – Inċidenza diretta – Inammissibbiltà parzjali – Obbligu ta’ motivazzjoni – Żball ta’ liġi – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Prinċipju ta’ prekawzjoni – Proporzjonalità – Artikolu 116 tad-Direttiva 2001/83/KE”*

B’awla estiża ta’ ħames imħallfin bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn Fresenius Kabi Austria GmbH u persuni ġuridiċi oħra (iktar ’il quddiem ir-“rikorrenti”) intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tobbliga lill-Istati Membri kkonċernati jissospendu l-awtorizzazzjonijiet ta’ tqegħid fis-suq (iktar ’il quddiem l-“ATS”) tal-prodotti mediċinali li fihom il-hydroxyethyl starch (HEA) [521].

Ir-rikorrenti kienu jifformaw parti mill-grupp dinji Fresenius. Dan tal-aħħar kien jimmanifattura u jiddistribwixxi, b’mod partikolari, prodotti mediċinali li kien fihom il-HEA bħala sustanza attiva li, fil-forma ta’ soluzzjonijiet għal infużjoni, kienu jintużaw prinċipalment għat-trattament tal-ipovolemija (volum baxx ta’ demm) ikkawżata mit-telf akut (f’daqqa) tad-demm, meta trattament b’soluzzjonijiet għal infużjoni alternattivi ma jkunx jitqies li huwa suffiċjenti. Ir-rikorrenti kienu detenturi tal-ATS ta’ parti minn dawn il-prodotti mediċinali.

---

**520** Skont dan l-artikolu, l-approvazzjoni ta’ sustanza attiva tista’ tingħata biss jekk jintwera li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni previsti fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu huma ssodisfatti, taħt kundizzjonijiet realistiċi ta’ użu. Għandha tiġi stabbilita preżunzjoni li tgħid li dawn il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni għandhom jitqiesu li ġew issodisfatti jekk ikun ġie stabbilit li dan huwa l-każ għal mill-inqas użu rappreżentattiv ta’ mill-inqas prodott wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih din is-sustanza attiva.

**521** Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 3591 final, tal-24 ta’ Mejju 2022, li tikkonċerna, fil-kuntest tal-Artikolu 107p tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtorizzazzjonijiet ta’ tqegħid fis-suq ta’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li fihom is-sustanza attiva “hydroxyethyl starch (HEA), soluzzjonijiet għall-infużjoni” wara l-evalwazzjoni ta’ studju dwar is-sigurtà wara l-awtorizzazzjoni (iktar ’il quddiem id-“Deċiżjoni kkontestata”).

Wara diversi evalwazzjonijiet, li saru mill-2013, u tentattivi suċċessivi sabiex jiġu stabbiliti miżuri ta' minimizzazzjoni tar-riskji (iktar 'il quddiem il-"MMR"), il-Kummissjoni kkonstatat, permezz tad-Deċiżjoni kkontestata, li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' dawn il-prodotti mediċinali ma setax jitqies li huwa favorevoli, b'mod partikolari minħabba r-riskji marbuta mal-użu tagħhom mhux skont l-ATS. Hija ordnat is-sospensjoni tal-ATS ta' dawn il-prodotti mediċinali.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali tannulla d-Deċiżjoni kkontestata minħabba, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni kienet interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju" fis-sens tad-Direttiva 2001/83 [522] sa fejn, fl-evalwazzjoni tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodotti mediċinali inkwistjoni, hija ħadet inkunsiderazzjoni r-riskji li jirriżultaw mill-użu tagħhom mhux skont l-ATS. Huma sostnew ukoll li l-MMR stabbiliti ġew osservati fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-MMR fi Stati Membri oħra ma kellux, fil-fehma tagħhom, iwassal sabiex jitqies li dawn il-MMR ma kinux effikaċi fil-prevenzjoni tar-riskji inkwistjoni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Qabel kollox, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-kundizzjonijiet ta' emenda, ta' sospensjoni jew ta' rtirar ta' ATS previsti mid-Direttiva 2001/83, jiġifieri l-konstatazzjoni li l-prodott mediċinali huwa noċiv, li l-effett terapewtiku huwa nieqes, li l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ma huwiex favorevoli jew li l-prodott mediċinali ma għandux il-kompożizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva ddikjarata [523], huma alternattivi u mhux kumulattivi. Barra minn hekk, dawn għandhom jiġu interpretati skont il-prinċipju ġenerali li l-protezzjoni tas-saħħa pubblika għandha inkontestabbilment tiġi rrikonoxxuta li hija ta' importanza predominanti fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kundizzjoni relatata mal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tal-prodott mediċinali u, konkretament, dwar il-kunċett ta' "bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju".

Hija osservat, fl-ewwel lok, li, fir-rigward tal-interpretazzjoni letterali, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83 li jirrigwardaw id-definizzjoni ta' dan il-kunċett kif ukoll dik ta' "riskji relatati mal-użu tal-prodott mediċinali" [524] la jinkludu u lanqas jeskludu espliċitament it-teħid inkunsiderazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-użu mhux skont l-ATS ta' prodott mediċinali fl-evalwazzjoni tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tiegħu. Għall-kuntrarju, dawn id-dispożizzjonijiet jirreferu għal "kull riskju" għas-saħħa tal-pazjent jew għas-saħħa pubblika marbut mal-kwalità, mas-sigurtà jew mal-effikaċja tal-prodott mediċinali u ma jillimitawx il-kunċett ta' "sigurtà tal-prodott mediċinali" għal użu speċifiku. Għalhekk, dawn ma jeskludux ir-riskji li jirriżultaw minn użu mhux skont l-ATS ta' prodott mediċinali mill-kunċett ta' riskji marbuta mas-sigurtà ta' dan il-prodott mediċinali.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni kuntestwali ta' dan il-kunċett, il-Qorti Ġenerali analizzat id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83 li jistabbilixxu ċerti obbligi ta' informazzjoni imposti fuq detentur ta' ATS ta' prodott mediċinali [525]. Hija rrilevat li dawn id-dispożizzjonijiet kienu jipprevedu b'mod espliċitu l-obbligu ta' komunikazzjoni lill-awtorità nazzjonali kompetenti tad-"data dwar l-użu tal-prodott mediċinali fejn tali jkun barra t-termini tal-[ATS]" li tista' tkun "tagħrif ġdid ieħor li jista' jinfluwenza l-valutazzjoni tal-benefiċċji u tar-riskji tal-prodott mediċinali kkonċernat."

---

522 Kunċett li jinsab fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 116 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2010/84/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 fir-rigward tal-farmakoviġilanza (ĠU 2010, L 348, p. 74, rettifiki fil-ĠU 2011, L 21, p. 8 u fil-ĠU 2011, L 276, p. 63).

523 Kundizzjonijiet previsti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 116 tad-Direttiva 2001/83.

524 Rispettivament, fil-punti 28a u fl-ewwel inċiż tal-punt 28 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83.

525 Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2001/83.

Barra minn hekk, filwaqt li għamlet riferiment għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83 li jiddeskrivu l-għan tas-sistema ta' farmakoviġilanza u l-portata tal-informazzjoni li din isservi sabiex tiġbor [526], il-Qorti Ġenerali indikat li minn dan jirriżulta, minn naħa, li l-kunċett ta' "riskji għas-saħħa tal-pazjenti jew għas-saħħa pubblika" jkopri wkoll ir-riskji li jirriżultaw minn użu "tali [li] jkun barra t-termini tal-[ATS]." Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni kollha miġbura fil-kuntest tas-sistema ta' farmakoviġilanza, inkluża l-informazzjoni dwar ir-riskji marbuta mal-użu mhux skont l-ATS ta' prodott mediċinali, sabiex jeżaminaw l-għażliet li jippermettu li jiġu evitati r-riskji jew li jitnaqqsu u, jekk ikun hemm bżonn, jieħdu miżuri ta' natura regolatorja dwar l-ATS inkwistjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jinkludu ebda indikazzjoni fis-sens li s-sospensjoni jew ir-revoka ta' ATS hija eskluża bħala prinċipju mill-miżuri li l-Istati Membri jistgħu jieħdu sabiex jindirizzaw ir-riskji marbuta mal-użu mhux skont l-ATS ta' prodott mediċinali.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, permezz tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/83 li jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-għoti ta' ATS taħt ċerti kundizzjonijiet [527], il-leġiżlatur ippreveda espressament il-kundizzjonijiet li fihom l-informazzjoni dwar l-effikaċja u s-sigurtà ta' prodott mediċinali relatata mal-użu tiegħu "taħt kondizzjonijiet tal-użu normali" tista' tiġi limitata. Il-fatt li d-dispożizzjoni tal-istess direttiva li tipprevedi s-sospensjoni ta' ATS ma tinkludi ebda riferiment għall-"kondizzjonijiet normali" tal-użu jikkorrobora l-interpretazzjoni fis-sens li l-kunċett ta' "riskji relatati mal-użu tal-prodott mediċinali" ikopri wkoll ir-riskji marbuta mal-użu tiegħu mhux skont l-ATS.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeduċiet minn dan li l-interpretazzjoni kuntestwali tal-kunċett ta' "bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju" tikkorrobora l-konklużjoni li dan il-kunċett ikopri r-riskji marbuta mal-użu mhux skont l-ATS ta' prodott mediċinali.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, fir-rigward tal-interpretazzjoni teleoloġika tal-istess kunċett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, sa fejn id-Direttiva 2001/83 kienet timponi fuq l-awtoritajiet kompetenti l-obbligu li jissospendu, jirtiraw jew jemendaw l-ATS meta l-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju ta' prodott mediċinali jkun jitqies li huwa sfavorevoli, hija kienet qegħda ssegwi l-għan essenzjali tagħha li tipproteġi s-saħħa pubblika.

Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li dan l-għan jintlaħaq b'mod effettiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar ir-riskji kollha ta' prodott mediċinali għas-saħħa pubblika, inklużi dawk relatati mal-użu tiegħu mhux skont ATS. Fil-fatt, l-użu mhux skont ATS ta' prodott mediċinali ma huwiex rari u għandu jsir fuq il-bażi tad-deċiżjoni professjonali ta' prattikant mediku, li jibbilanċja l-benefiċċji u r-riskji tiegħu u għandu jinżamm informat b'mod l-iktar eżawrjenti possibbli, u jista' joħloq riskji għas-saħħa pubblika simili għal dawk marbuta mal-użu skont l-ATS ta' dan il-prodott mediċinali. L-interpretazzjoni teleoloġika tal-kunċett ta' "bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju" tikkonferma għalhekk il-konklużjoni li dan il-kunċett ikopri wkoll ir-riskji marbuta ma' użu mhux skont l-ATS ta' prodott mediċinali.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, billi ħadet inkunsiderazzjoni r-riskji marbuta mal-użu mhux skont l-ATS tal-prodotti mediċinali inkwistjoni fl-evalwazzjoni tal-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju tagħhom, il-Kummissjoni ma kinitx interpretat dan il-kunċett b'mod żbaljat.

Fir-rigward tal-osservanza tal-MMR, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li l-użu mhux skont l-ATS tal-prodotti mediċinali kkonċernati baqa' jippersisti minkejja l-MMR implimentati.

---

**526** Artikolu 101(1) tad-Direttiva 2001/83.

**527** It-tieni paragrafu tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2001/83.

# IX. Enerġija

**Sentenza tas-27 ta' Novembru 2024, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19 RENV, EU:T:2024:864)**

*"Enerġija – Suq intern tal-gass naturali – Direttiva (UE) 2019/692 – Emenda tad-Direttiva 2009/73/KE – Ċertezza legali – Ugwaljanza fit-trattament – Proporzjonalità – Użu ħażin ta' poter – Irregolaritajiet proċedurali"*

Adita bil-kawża wara li ntbagħtet lura quddiemha mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ċaħdet fl-intier tiegħu r-rikors ippreżentat mill-kumpannija Nord Stream 2 AG kontra d-Direttiva 2019/692 [528] dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali. B'dan il-mod, hija ċaħdet l-argument ċentrali ta' Nord Stream 2 li kien jgħid, essenzjalment, li d-Direttiva kkontestata kienet speċifikament indirizzata kontra tagħha, bi ksur b'mod partikolari tal-prinċipju ta' ċertezza legali, tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, Nord Stream 2 kienet kumpannija rregolata mid-dritt Svizzeru li l-uniku azzjonist tagħha kien il-kumpannija b'responsabbiltà limitata pubblika Russa Gazprom. Hija kienet responsabbli għall-ippjanar, għall-kostruzzjoni u għall-operat tal-pipeline offshore Nord Stream 2, intiż li jiżgura t-trasport tal-gass bejn Oust-Louga (ir-Russja) u Lubmin (il-Ġermanja).

Fis-17 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw id-Direttiva kkontestata, li daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2019. Din id-direttiva hija intiża li tiggarantixxi li r-regoli previsti mid-Direttiva 2009/73 għal-linji ta' trasport tal-gass li jgħaqqdu żewġ Stati Membri jew iktar ikunu applikabbli wkoll, ġewwa l-Unjoni Ewropea, għal-linji ta' trasport tal-gass lejn u minn pajjiżi terzi, bħalma huwa l-pipeline Nord Stream 2.

F'dan il-kuntest, l-Artikolu 49a(1) tad-Direttiva 2009/73, kif emendata (iktar 'il quddiem l-"Artikolu 49a") jipprevedi madankollu li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz li kienu tlestew qabel it-23 ta' Mejju 2019 jistgħu jingħataw deroga mill-obbligi previsti mill-imsemmija direttiva (iktar 'il quddiem id-"deroga kontenzjuża"). Minbarra dan, l-Artikolu 36, kif emendat, jipprovdi li l-infrastrutturi l-ġodda tal-gass jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni taħt ċerti kundizzjonijiet (iktar 'il quddiem l-"eżenzjoni kontenzjuża"). Madankollu, il-pipeline Nord Stream 2 la seta' jibbenefika mid-deroga u lanqas mill-eżenzjoni ċċitati iktar 'il fuq.

Permezz ta' digriet tal-20 ta' Mejju 2020 [529], il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors intiż għall-annullament tad-Direttiva kkontestata ppreżentat minn Nord Stream 2. Adita b'appell ippreżentat minn din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-digriet tal-Qorti Ġenerali [530], filwaqt li ddikjarat ir-rikors parzjalment ammissibbli u bagħtet lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni fuq il-mertu.

Fid-dawl tat-talbiet ta' Nord Stream 2, kif ippreċiżati waqt is-seduta, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikors kien ammissibbli sa fejn kien intiż għall-annullament tal-punt 9 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva kkontestata, li kien introduċa l-Artikolu 49a fid-Direttiva 2009/73.

---

528 Direttiva (UE) 2019/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (ĠU 2019, L 117, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva kkontestata").

529 Digriet tal-20 ta' Mejju 2020, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-526/19, EU:T:2020:210).

530 Sentenza tat-12 ta' Lulju 2022, Nord Stream 2 vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-348/20 P, EU:C:2022:548).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-fatt li Nord Stream 2 la setgħet tibbenefika mill-eżenzjoni kontenzjuża u lanqas mid-deroga kontenzjuża fid-data tal-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata ma setax juri li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-korollarju tiegħu, il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-osservanza tal-imsemmija prinċipji għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-konoxxenzi li operatur ekonomiku avżat u informat seta' raġonevolment ikollu fir-rigward tal-iżvilupp tal-kuntest ġuridiku u tal-konsegwenzi li kellu jislet minnu sabiex jiddefinixxi l-aġir tiegħu. Din l-osservanza għandha tiġi eżaminata wkoll fid-dawl taċ-ċirkustanzi madwar dan l-iżvilupp u, b'mod partikolari, tal-aġir tal-istituzzjonijiet kompetenti.

Issa, fir-rigward tal-impossibbiltà li jittieħed benefiċċju mill-eżenzjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li Nord Stream 2 iddeċidiet li tinvesti f'kuntest ikkaratterizzat għal żmien twil minn rieda soda u kontinwa, b'mod partikolari ta' diversi Stati Membri, tal-Parlament u tal-Kummissjoni, li l-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'mod ġenerali, u l-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari, ikunu suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

Minbarra dan, Nord Stream 2 kompliet bl-investimenti tagħha mingħajr interruzzjoni wara li din ir-rieda kkonkretizzat ruħha permezz ta' proposti ppreżentati mill-Kummissjoni u minkejja l-fatt li hija setgħet għalhekk raġonevolment tipprevedi tali applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73. Barra minn hekk, hija ma wrietx li kien sar impossibbli għaliha li tadatta ruħha sabiex tkun tista' tibbenefika mill-eżenzjoni kontenzjuża meta daħlet fis-seħħ id-Direttiva kkontestata.

Konsegwentement, il-fatt li Nord Stream 2 ma setgħetx tibbenefika minn din l-eżenzjoni ma kienx jobbliga lil-leġiżlatur tal-Unjoni jadatta l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49a għas-sitwazzjoni partikolari ta' din tal-aħħar sabiex tkun tista' tibbenefika mid-deroga kontenzjuża.

Fir-rigward tal-fatt li Nord Stream 2 ma setgħetx tibbenefika mid-deroga kontenzjuża peress li l-kostruzzjoni tal-pipeline tagħha tlestiet biss wara t-23 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali rrilevat qabelxejn li l-kriterju tat-tlestija tal-pipeline qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata kien diġà jinsab fil-proposta għal direttiva u li Nord Stream 2 kienet fil-pożizzjoni li tipprevedi li l-pipeline tagħha ma kienx ser jitlesta f'din id-data.

Il-Qorti Ġenerali żiedet li dan il-kriterju huwa konformi mal-prinċipju ta' ċertezza legali u mal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, sa fejn huwa ċar, preċiż u oġġettiv u jirrifletti l-prinċipju li dispożizzjoni legali ġdida tapplika sa mid-dħul fis-seħħ tal-att li joħloqha. Dan il-kriterju oġġettiv juri, barra minn hekk, li l-leġiżlatur ikun ħa inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-pipelines li tlestew.

Barra minn hekk, Nord Stream 2 kellha terminu addizzjonali sabiex temenda l-modalitajiet previsti ta' operat tal-pipeline tagħha, peress li t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva kkontestata kien ġie ffissat għal għaxar xhur wara l-adozzjoni tagħha. Barra minn hekk, l-impossibbiltà li tibbenefika mid-deroga kontenzjuża ma pprekludithiex milli topera l-pipeline tagħha b'mod ekonomikament aċċettabbli.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ta' Nord Stream 2 ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn l-Artikolu 49a jwassal għal differenza fit-trattament mhux iġġustifikata bejn sitwazzjonijiet komparabbli.

F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li l-pipelines li tlestew fit-23 ta' Mejju 2019, minn naħa, u l-pipelines li ma tlestewx f'din id-data, u b'mod partikolari dawk li kienu għadhom qegħdin jinbnew bħall-pipeline Nord Stream 2, min-naħa l-oħra, ma kinux jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli. Fil-fatt, pipeline fis-servizz fl-imsemmija data neċessarjament ta lok għal investiment preċedenti li ma kienx għadu

possibbli li jsir rinunzja għalih, u kien beda jiġi operat fil-kuntest ta' sistema legali li ma kinitx tipprevedi l-applikazzjoni, għas-sitwazzjoni tiegħu, tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73.

Għall-kuntrarju, investitur f'pipeline li ma kienx tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata seta' għamel inqas spejjeż jew seta' kellu iktar possibbiltajiet li jadatta l-investiment tiegħu. Barra minn hekk, anki jekk il-pipeline inkwistjoni seta' ta lok għal investimenti kbar u għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni, dawn setgħu ġew deċiżi b'għarfien tal-fatti, f'kuntest prevedibbli ta' emenda tal-leġiżlazzjoni applikabbli, bħal fil-każ ta' Nord Stream 2. Fl-aħħar nett, investitur f'tali pipeline kellu ż-żmien sabiex jaġġusta ruħu għall-emendi leġiżlattivi previsti mid-Direttiva kkontestata, peress li kien ġie informat dwar dan diversi xhur qabel u peress li l-Istati Membri kellhom terminu ta' traspożizzjoni.

Il-Qorti Ġenerali tippreċiżat li s-sitwazzjoni taż-żewġ kategoriji ta' pipelines imsemmija iktar 'il fuq kienet differenti fid-dawl mhux biss tal-għan tal-Artikolu 49a, iżda wkoll tal-għanijiet tad-Direttiva kkontestata kif ukoll tal-prinċipji u tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija.

Fil-fatt, l-effett ta' pipeline tal-gass li jkun diġà tlesta fuq il-funzjonament tas-suq intern jista' jiġi evalwat *ex post*, abbażi tal-esperjenza miksuba waqt l-operat tal-pipeline inkwistjoni. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għal tali pipelines tirriskja li tfixkel il-kapaċitajiet u l-flussi tal-provvista, u dan jiġġustifika eżami mħaffef tas-sitwazzjoni tagħhom fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 49a.

Madankollu, fil-preżenza ta' pipeline tal-gass li ma jkunx tlesta fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, l-evalwazzjoni tal-effett tiegħu fis-suq intern u fuq is-sigurtà tal-provvista tista' tkun prospettiva biss u teżiġi evalwazzjonijiet iktar fil-fond u kumplessi. Barra minn hekk, peress li tali pipeline ma jkunx kapaċi jiġi operat, l-applikazzjoni tad-Direttiva kkontestata għalih ma tippreżentax riskju ta' tfixkil tal-flussi tal-provvista.

Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 49a jwassal sabiex sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod differenti.

Il-Qorti Ġenerali żiedet li, anki jekk l-Artikolu 49a kien iwassal għal differenza fit-trattament bejn sitwazzjonijiet komparabbli, din kienet iġġustifikata. F'dan is-sens, hija rrilevat, l-ewwel nett, li l-kriterju ta' tlestija qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata, previst minn dan l-artikolu, huwa oġġettiv u raġonevoli. It-tieni nett, l-eventwali differenza fit-trattament li tirriżulta minn dan il-kriterju hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan, imfittex minn dan l-artikolu, li tittieħed inkunsiderazzjoni l-assenza ta' regoli applikabbli għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva kkontestata. Dan il-kriterju effettivament jippermetti kemm lill-proprjetarji tal-pipelines kif ukoll lill-Istati Membri jevalwaw faċilment jekk pipeline jidħolx jew le fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 49a. It-tielet nett, l-eventwali differenza fit-trattament li tirriżulta mill-kriterju msemmi iktar 'il fuq ma taqbiżx il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għan li għandu jintlaħaq minn dan l-artikolu, peress li b'mod partikolari l-importanza ta' dan l-għan tiġġustifika r-restrizzjonijiet sostnuti minn investituri bħal Nord Stream 2 minħabba l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għal pipeline li ma jkunx tlesta qabel it-23 ta' Mejju 2019.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali qieset li Nord Stream 2 ma wrietx li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz kienet tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Il-Qorti Ġenerali osservat, qabelxejn, li d-Direttiva kkontestata hija adatta sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' ċertezza legali u ta' konsistenza tal-qafas legali li hija essenzjalment tfittex, sa fejn hija testendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73 u għalhekk tal-obbligi li din tal-aħħar tipprevedi. Il-fatt li Nord Stream 2 kienet l-unika waħda li la setgħet tibbenefika mill-eżenzjoni kontenzjuża u lanqas mid-deroga kontenzjuża ma kellu l-ebda effett fuq din il-konstatazzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz, b'mod ġenerali, u għall-pipeline Nord Stream 2, b'mod partikolari, hija wkoll adatta sabiex jintlaħaq l-għan ta' tlestija tas-suq intern tal-gass naturali billi jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-sigurtà tal-provvista. Fil-fatt, id-Direttiva 2009/73 tipprovdi b'mod partikolari obbligu ta' separazzjoni (unbundling) min-network ta' trasport u mill-operatur tan-network ta' trasport, obbligu ta' aċċess ta' terzi għan-network kif ukoll obbligi oħra li jirrigwardaw b'mod partikolari t-trasparenza tariffarja u mhux tariffarja. Issa, fid-dawl tal-iskop tagħhom, il-fatt li dawn l-obbligi japplikaw biss għal taqsima ta' pipelines bejn Stat Membru u pajjiż terz bl-ebda mod ma jaffettwa l-kapaċità tagħhom li jilħqu l-għan imsemmi iktar 'il fuq.

Bl-istess mod, il-fatt li d-Direttiva kkontestata tapplika biss għal parti mill-kapaċità ta' importazzjoni tal-pajjiżi terzi, jiġifieri l-kapaċità tal-pipeline Nord Stream 2, ma setax iqajjem dubju dwar din il-kapaċità. Fil-fatt, il-proġett ta' pipeline Nord Stream 2 kien tnieda f'kuntest partikolari, li fih diversi Stati Membri kienu ġew ikkonfrontati b'nuqqasijiet ta' gass minħabba tilwim li kien jinvolvi lill-Federazzjoni Russa. Barra minn hekk, id-Direttiva kkontestata tapplika għall-pipelines kollha eżistenti u futuri, terrestri jew offshore. Fl-aħħar nett, din id-direttiva ġiet adottata f'kuntest li fih diversi pipelines li tlestew bejn Stat Membru u pajjiż terz kienu diġà suġġetti għall-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73, b'tali mod li hija żżid il-kapaċità ta' importazzjoni tal-pajjiżi terzi koperta mill-obbligi previsti minn din tal-aħħar, u dan anki jekk il-pipeline Nord Stream 2 kien l-uniku li ma setax jibbenefika minn eżenzjoni jew minn deroga.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-Direttiva kkontestata ma taqbiżx il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet tagħha.

Nord Stream 2 b'mod partikolari la wriet li d-Direttiva kkontestata kienet timponi fuqha obbligi li ma kinux neċessarji fid-dawl tal-għan tat-tlestija tas-suq intern u lanqas li l-inkonvenjenzi, għaliha jew għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha, li kienu jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 kienu manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-importanza tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu u tal-vantaġġi miksuba mill-Unjoni minn dawn l-obbligi. F'dan is-sens, il-fatt li Nord Stream 2 ma setgħetx topera l-pipeline tagħha bħalma hija kienet inizjalment ipprevediet ma kienx juri li d-Direttiva kkontestata imponiet fuqha restrizzjonijiet sproporzjonati. Barra minn hekk, hija ma wrietx il-konsegwenzi finanzjarji marbuta mal-applikazzjoni tal-obbligi previsti mid-Direttiva 2009/73 għall-pipeline tagħha, pipeline li hija setgħet tkompli topera b'mod ekonomikament aċċettabbli.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ta' Nord Stream 2 ibbażat fuq użu ħażin ta' poter. Hija fakkret, qabelxejn, li l-bażi legali tad-Direttiva kkontestata, li din tal-aħħar ma kkontestatx, kienet l-Artikolu 194 TFUE. Issa, is-sempliċi fatt li din id-direttiva affettwat negattivament il-pipeline Nord Stream 2 ma kienx biżżejjed sabiex jintwera li l-leġiżlatur xtaq jilħaq għan differenti minn dawk imsemmija fl-Artikolu 194(1) TFUE.

Barra minn hekk, Nord Stream 2 ma wrietx li d-Direttiva kkontestata kienet ġiet adottata sabiex jintlaħqu għanijiet differenti minn dawk imsemmija fl-imsemmija direttiva, li hija intiża li tirrimedja problemi usa' minn dawk marbuta mal-proġett ta' pipeline tagħha, jiġifieri, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' ostakoli għat-tlestija tas-suq intern tal-gass naturali.

Barra minn hekk, Nord Stream 2 lanqas ma kellha bażi sabiex issostni li d-Direttiva kkontestata kellha l-għan li tevita d-diffikultajiet legali mqajma mit-talba għal mandat indirizzata mill-Kummissjoni lill-Kunsill sabiex jiġi nnegozjat ftehim internazzjonali mal-Federazzjoni Russa rigward il-pipeline Nord Stream 2. Fil-fatt, id-Direttiva kkontestata u n-negozjar ta' tali ftehim huma strumenti komplementari u mhux sostitwibbli.

Peress li l-aħħar motiv ta' Nord Stream 2, ibbażat fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali, lanqas ma ntlaqa', il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

# X. Politika kummerċjali komuni

**Sentenza tal-21 ta' Frar 2024, Sinopec Chongqing SVW Chemical *et* vs Il-Kummissjoni (T-762/20, EU:T:2024:113)**

*"Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw miċ-Ċina – Dazju antidumping definittiv – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1336 – Kalkolu tal-valur normali – Distorsjonijiet sinjifikattivi fil-pajjiż esportatur – Artikolu 2(6a) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Dritt tal-WTO – Prinċipju ta' interpretazzjoni konformi – Aġġustamenti – VAT mhux rimborsabbli – Funzjonijiet li jistgħu jiġu assimilati ma' dawk ta' aġent li jaħdem abbażi ta' kummissjonijiet – Paragun ġust tal-prezz tal-esportazzjoni u tal-valur normali – Oneru tal-prova – Artikolu 2(10)(b) u (i) tar-Regolament 2016/1036 – Nuqqas ta' kooperazzjoni – Informazzjoni disponibbli – Artikolu 18 tar-Regolament 2016/1036 – Applikazzjoni doppja – Applikazzjoni penalizzanti – Proċessi ta' produzzjoni differenti – Twaqqigħ tal-prezzijiet – Segmenti tas-suq – Metodu tan-numri ta' kontroll tal-prodott – Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament 2016/1036 – Drittijiet tad-difiża – Trattament kunfidenzjali – Artikoli 19 u 20 tar-Regolament 2016/1036"*

Abbażi ta' rikors ippreżentat minn entitajiet tal-grupp Ċiniż Sinopec, il-Qorti Ġenerali annullat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2020/1336 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil (iktar 'il quddiem il-"PVAL") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina [531]. F'din l-okkażjoni, fil-kuntest tal-paragun xieraq bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali, il-qorti ppreċiżat il-portata tal-oneru tal-prova li għandha l-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' aġġustament għat-tnaqqis tal-prezz tal-esportazzjoni, minħabba li kumpannija ta' bejgħ relatata ma' produttur teżerċita funzjonijiet li jistgħu jiġu assimilati ma' dawk ta' aġent li jaħdem abbażi ta' kummissjonijiet. Hija ddeċidiet ukoll dwar il-kwistjoni jekk, fil-każ fejn il-Kummissjoni tibbaża l-konklużjonijiet tagħha abbażi tal-informazzjoni disponibbli wara l-konstatazzjoni tal-assenza ta' kooperazzjoni ta' kumpannija, hija tistax tapplika preżunzjoni li l-valur normali tal-prodotti mibjugħa minn din il-kumpannija jikkorrispondi għall-ogħla valur normali fost dawk tal-produtturi-esportaturi l-oħra.

F'dan il-każ, il-Kummissjoni, adita b'ilment ippreżentat minn Kuraray Europe GmbH, produttur prinċipali ta' PVAL tal-Unjoni Ewropea, kienet fetħet investigazzjoni antidumping li fi tmiemha hija adottat ir-Regolament ikkontestat.

Kien f'dan il-kuntest li l-entitajiet tal-grupp Sinopec, jiġifieri Sinopec Chongqing SVW Chemical Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Sinopec Chongqing") u Sinopec Great Wall Energy & Chemical (Ningxia) Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Sinopec Ningxia"), impriżi Ċiniżi li jipproduċu l-PVAL, kif ukoll Central-China Company, Sinopec Chemical Commercial Holding Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Sinopec Central-China"), impriża Ċiniża relatata ma' dawk preċedenti, li kienet tesporta b'mod partikolari lejn l-Unjoni Ewropea prodotti mmanifatturati minn dawn tal-aħħar, li qiesu li kienu leżi mid-dazji antidumping stabbiliti mill-Kummissjoni, adixxew lill-Qorti Ġenerali b'rikors għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/1336 sa fejn jikkonċernahom [532].

---

[531] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2020, L 315, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat").

[532] Għandhom jissemmew żewġ sentenzi oħra mogħtija fl-istess jum li jiddeċiedu dwar żewġ rikorsi għal annullament kontra r-Regolament ikkontestat: is-sentenza Inner Mongolia Shuangxin Environment-Friendly Material vs Il-Kummissjoni (T-763/20, EU:T:2024:114) u s-sentenza Anhui Wanwei Updated High-Tech Material Industry u Inner Mongolia Mengwei Technology vs Il-Kummissjoni (T-764/20, EU:T:2024:115).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti sostnew, qabel kollox, li l-applikazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament 2016/1036 [533], bl-għan li jiġi ddeterminat il-valur normali tal-prodotti mmanifatturati minnhom, kienet tmur kontra l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi sistema speċjali li tiffissa r-regoli għad-determinazzjoni tal-valur normali fil-każ ta' esportazzjonijiet minn pajjiżi fejn huwa stabbilit li s-suq intern tagħhom għandu distorsjonijiet sinjifikattivi, kif iddefiniti minn din l-istess dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali pprećiżat li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata twettaq interpretazzjoni konformi ta' din id-dispożizzjoni fid-dawl tar-regoli tal-WTO. Fil-fatt, anki jekk it-testi tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari meta jkunu intiżi li jimplimentaw ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni, xorta jibqa' l-fatt li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ma jistax jitqies li huwa dispożizzjoni intiża li timplimenta l-obbligi speċifiċi tal-ftehimiet konklużi fil-kuntest tal-WTO, peress li d-dritt tal-WTO ma jinkludix regoli speċifiċi intiżi għall-kalkolu tal-valur normali fis-sitwazzjonijiet koperti mid-dispożizzjoni inkwistjoni.

Sussegwentement, fir-rigward tal-paragun bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali tal-prodotti kkonċernati, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat aġġustament għat-tnaqqis tal-prezzijiet tal-esportazzjoni, skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, hija wettqet żball ta' evalwazzjoni meta qieset li, minkejja l-eżistenza ta' kontroll komuni, ir-rikorrenti ma kinux jikkostitwixxu entità ekonomika komuni, peress li, skont il-Kummissjoni, Sinopec Central-China, kumpannija ta' bejgħ relatata maż-żewġ rikorrenti l-oħra, ma kinitx taġixxi bħala dipartiment ta' bejgħ intern, iżda kienet teżerċita pjuttost funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaħdem abbażi ta' kummissjonijiet.

F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jqisu li għandu jiġi applikat aġġustament għat-tnaqqis tal-prezz tal-esportazzjoni għaliex kumpannija ta' bejgħ relatata ma' produttur teżerċita funzjonijiet li jistgħu jiġu assimilati ma' dawk ta' aġent li jaħdem abbażi ta' kummissjonijiet, huma dawn l-istituzzjonijiet li għandhom mill-inqas jipprovdu indizji konverġenti li juru li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta.

Għalhekk, kienet il-Kummissjoni li kellha tipprovdi biżżejjed indizji konverġenti li jippermettu li jintwera li, minkejja l-eżistenza ta' kontroll komuni, Sinopec Central-China kienet teżerċita funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaħdem abbażi ta' kummissjoni u ma kinitx taġixxi bħala dipartiment ta' bejgħ intern. Issa, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova li kellha, peress li l-indizji prodotti kienu jew irrilevanti, jew mingħajr valur probatorju fir-rigward tal-funzjonijiet eżerċitati minn Sinopec Central-China.

Fir-rigward tal-kalkolu tal-valur normali tal-prodotti mibjugħa minn Sinopec Ningxia, il-Qorti Ġenerali nnotat, barra minn hekk, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta applikat preżunzjoni li tgħid li dan il-valur kien jikkorrispondi għall-ogħla valur normali fost dawk tal-produtturi-esportaturi l-oħra.

F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti ma setgħux jipprovdu l-informazzjoni neċessarja dwar Sinopec Ningxia lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni kkalkolat il-valur normali tal-prodotti mibjugħa minnha billi bbażat ruħha fuq l-informazzjoni disponibbli, fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. L-informazzjoni li kienet tinsab fil-pussess tagħha ġiet b'hekk ipparagunata. Issa, għalkemm hija ma hijiex obbligata tispjega kif l-informazzjoni disponibbli użata kienet l-aħjar possibbli, peress li tali obbligu la jirriżulta mill-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u lanqas mill-ġurisprudenza, hija għandha madankollu tispjega kif l-informazzjoni użata hija rilevanti.

---

[533] Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21, iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku").

Għalhekk, jekk, minħabba d-differenzi bejn il-proċessi ta' produzzjoni segwiti minn Sinopec Ningxia u minn Sinopec Chongqing, il-Kummissjoni kellha d-dritt li twarrab, bħala informazzjoni rilevanti, l-informazzjoni dwar din tal-aħħar u tuża dik relatata mal-produtturi-esportaturi l-oħra, hija kellha tiġġustifika l-għażla tagħha li tuża, għal kull tip ta' prodott mibjugħ minn Sinopec Ningxia, l-ogħla valur normali fost dawk tal-produtturi-esportaturi l-oħra. Fil-fatt, din l-għażla ma setgħetx tkun ibbażata fuq preżunzjoni bbażata fuq is-sempliċi konstatazzjoni tal-assenza ta' kooperazzjoni tar-rikorrenti, peress li l-Kummissjoni ma għandhiex id-dritt li tissanzjona produttur-esportatur minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tiegħu.

Barra minn hekk, l-użu ta' preżunzjoni, anki jekk ikun diffiċli li tiġi kkonfutata, jibqa' aċċettabbli sakemm teżisti b'mod partikolari l-possibbiltà li tiġi prodotta l-prova kuntrarja. Issa, f'dan il-każ, il-konfutazzjoni tal-preżunzjoni inkwistjoni kienet possibbli biss li kieku r-rikorrenti kienu pprovdew lill-Kummissjoni l-informazzjoni li l-assenza ta' produzzjoni tagħha kienet tikkostitwixxi preċiżament il-fattur li wassal għall-użu mill-Kummissjoni tal-informazzjoni disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kisritx id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti meta rrifjutat li tiżvelalhom informazzjoni dwar il-kwantitajiet mibjugħa u l-prezzijiet ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, kif ukoll il-marġni ta' twaqqigħ tal-prezzijiet u tal-prezzijiet indikattivi, peress li din l-informazzjoni kienet ta' natura kunfidenzjali.

Din l-assenza ta' żball kienet ikkorroborata mill-fatt li r-rikorrenti, meta rċevew il-messaġġ elettroniku tal-Kummissjoni li kien jiċħad it-talba tagħhom għal aċċess għall-informazzjoni msemmija iktar 'il fuq, ma ressqux din il-kwistjoni quddiem l-uffiċjal tas-seduta, minkejja li huma setgħu jagħmlu dan [534]. B'dan il-mod, huma qablu mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet tirriżulta minn ibbilanċjar tal-għanijiet li kellhom jintlaħqu mir-Regolament bażiku, jiġifieri li l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jiddefendu l-interessi tagħhom b'mod utli u li tiġi ppreżervata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni [535].

### Sentenza tal-21 ta' Frar 2024, Inner Mongolia Shuangxin Environment-Friendly Material vs Il-Kummissjoni (T-763/20, EU:T:2024:114)

*"Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw miċ-Ċina – Dazju antidumping definittiv – Regolament ta' implimentazzjoni (UE) 2020/1336 – Kalkolu tal-valur normali – Distorsjonijiet sinjifikattivi fil-pajjiż esportatur – Artikolu 2(6a) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Dritt tal-WTO – Prinċipju ta' interpretazzjoni konformi – Għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq – Informazzjoni faċilment disponibbli – Nuqqas ta' kooperazzjoni – Kunċett ta' 'informazzjoni neċessarja' – Artikolu 18 tar-Regolament 2016/1036 – Twaqqigħ tal-prezzijiet – Segmenti tas-suq – Metodu tan-numri ta' kontroll tal-prodott – Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament 2016/1036 – Drittijiet tad-difiża – Trattament kunfidenzjali – Artikoli 19 u 20 tar-Regolament 2016/1036"*

Adita minn produttur-esportatur Ċiniż, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors intiż għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2020/1336 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil (iktar 'il quddiem il-"PVAL") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina [536]. F'din l-okkażjoni, il-qorti ppreċiżat il-kunċett ta' informazzjoni "faċilment disponibbli" fil-kuntest tal-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-kalkolu tal-valur

---

[534] Artikolu 15 tad-Deċiżjoni (UE) 2019/339 tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Frar 2019 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti kummerċjali (ĠU 2019, L 60, p. 20).

[535] Ara, f'dan is-sens, l-Artikoli 6(7), 19 u 20 tar-Regolament bażiku.

[536] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat") (ĠU 2020, L 315, p. 1).

normali tal-prodott ikkonċernat minn investigazzjoni antidumping fil-preżenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi tas-suq fil-pajjiż esportatur. Hija għamlet ukoll preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja" li għandha tingħata mill-partijiet ikkonċernati lill-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni antidumping. F'dan il-każ, il-Kummissjoni, adita b'ilment ippreżentat minn Kuraray Europe GmbH, il-produttur prinċipali ta' PVAL tal-Unjoni Ewropea, kienet fetħet investigazzjoni antidumping li fi tmiemha hija adottat ir-Regolament ikkontestat.

Kien f'dan il-kuntest li Inner Mongolia Shuangxin Environment-Friendly Material Co. Ltd, kumpannija Ċiniża li tipproduċi u tesporta l-PVAL lejn l-Unjoni Ewropea, li qieset li kienet leża mid-dazji antidumping stabbiliti mill-Kummissjoni, adixxiet lill-Qorti Ġenerali b'rikors għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2020/1336 sa fejn jikkonċernaha [537].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti sostniet, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni interpretat l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku [538] b'mod żbaljat. Dan l-artikolu jipprevedi li, meta jitqies li ma jkunx xieraq li wieħed jibbaża ruħu fuq il-prezzijiet u l-ispejjeż fis-suq domestiku tal-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi f'dan is-suq, il-valur normali tal-prodott ikkonċernat għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-ispejjeż ta' produzzjoni u ta' bejgħ li jirrappreżentaw prezzijiet jew valuri ta' referenza mhux distorti. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' tuża bħala sorsi ta' informazzjoni, b'mod partikolari, l-ispejjeż korrispondenti ta' produzzjoni u ta' bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, li jkollu livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur, sakemm l-informazzjoni rilevanti tkun faċilment disponibbli. Jekk tkun possibbli l-għażla ta' diversi pajjiżi, għandha tingħata preferenza lill-pajjiż li japplika livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta għażlet lit-Turkija, u mhux lill-Messiku, bħala pajjiż rappreżentattiv sabiex tibni l-valur normali tal-prodott ikkonċernat. Fil-fatt, il-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha biss fuq l-informazzjoni pprovduta minn kumpannija stabbilita fit-Turkija, peress li l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanniji stabbiliti fil-Messiku ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala informazzjoni "faċilment disponibbli".

Għalhekk, fir-rigward, qabelxejn, tal-kunċett ta' informazzjoni "faċilment disponibbli", il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-interpretazzjoni letterali adottata mill-Kummissjoni fir-Regolament ikkontestat li abbażi tagħha "aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser disponibbli għall-pubbliku ġenerali filwaqt li "faċilment disponibbli" tfisser disponibbli għal kulħadd sakemm ċerti kundizzjonijiet, bħall-ħlas ta' tariffa, ikunu ssodisfatti. Issa, l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanniji stabbiliti fil-Messiku kienet jew ġiet trażmessa biss f'forma kunfidenzjali mhux aċċessibbli għall-pubbliku, jew kienet disponibbli biss għal perijodu differenti minn dak kopert mill-investigazzjoni.

Billi bbażat ruħha fuq interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika, il-qorti qieset li dan il-kunċett għandu jiġi interpretat fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku ddedikati għat-trattament kunfidenzjali u għall-informazzjoni tal-partijiet, sabiex jiġu protetti d-drittijiet tad-difiża ta' dawn tal-aħħar. B'hekk, ir-Regolament bażiku għandu żewġ għanijiet, jiġifieri, minn naħa, li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jiddefendu l-interessi tagħhom b'mod utli u, min-naħa l-oħra, li jippreżerva l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni [539]. Għalhekk, meta hija

[537] Għandhom jissemmew żewġ sentenzi oħra mogħtija fl-istess jum li jiddeċiedu dwar żewġ rikorsi għal annullament kontra r-Regolament ikkontestat: is-sentenza Sinopec Chongqing SVW Chemical et vs Il-Kummissjoni (T-762/20, EU:T:2024:113) u s-sentenza Anhui Wanwei Updated High-Tech Material Industry et Inner Mongolia Mengwei Technology vs Il-Kummissjoni (T-764/20, EU:T:2024:115).

[538] Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21, iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku").

[539] Ara, f'dan is-sens, l-Artikolu 6(7) u l-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament bażiku.

tfittex li tikseb informazzjoni "faċilment disponibbli", il-Kummissjoni għandha, fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, id-dritt tirrifjuta li tuża informazzjoni li titqies, mill-parti li tkun ipprovdietha, bħala kunfidenzjali u li mingħandha hija ma tkunx tista' tikseb sunt mhux kunfidenzjali li abbażi tiegħu l-partijiet l-oħra kkonċernati mill-investigazzjoni jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, meta aċċettat l-informazzjoni pprovduta mill-kumpannija stabbilita fit-Turkija, il-Kummissjoni ma kisritx id-dmir ta' diliġenza tagħha billi kkalkolat il-valur normali tal-prodott ikkonċernat b'mod mhux xieraq jew irraġonevoli. Fil-fatt, l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jikkontestaw ir-rilevanza tad-data magħżula – fir-rigward tal-perijodu ta' investigazzjoni kif ukoll tal-elementi li jinsabu f'din l-informazzjoni – ma kinux sostnuti f'dan il-każ. Għaldaqstant, hija ma pproduċietx provi suffiċjenti li jċaħħdu mill-plawżibbiltà l-evalwazzjonijiet tal-fatti stabbiliti fir-Regolament ikkontestat.

Fl-aħħar nett, peress li kkonkludiet li t-Turkija kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq, il-Kummissjoni ġustament ikkonkludiet li hija ma kellhiex twettaq l-evalwazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali prevista fl-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-ksur tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni, sabiex tikkalkola l-valur normali, użat b'mod żbaljat l-informazzjoni disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku minkejja l-fatt li r-rikorrenti kkooperat bl-aħjar mod possibbli.

Fil-fatt, l-għan tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku huwa li jippermetti lill-Kummissjoni twettaq l-investigazzjoni antidumping anki jekk il-partijiet ikkonċernati jirrifjutaw li jikkooperaw jew jikkooperaw b'mod insuffiċjenti. Huwa għalhekk li l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni jippermetti lill-Kummissjoni tuża l-informazzjoni disponibbli jekk l-informazzjoni mitluba fl-aħħar nett ma tinkisibx. Sabiex jitqiesu li jikkooperaw skont din id-dispożizzjoni, il-partijiet għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom u li l-istituzzjonijiet iqisu neċessarja sabiex jistabbilixxu l-konklużjonijiet tagħhom.

Fir-rigward tal-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja", mill-kliem, mill-kuntest u mill-iskop tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku jirriżulta li dan il-kunċett jirreferi għall-informazzjoni li l-partijiet ikkonċernati jkollhom u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitolbuhom jipprovdu sabiex jistabbilixxu l-konklużjonijiet li huma meħtieġa fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping. Għalhekk, l-informazzjoni dwar il-volumi ta' produzzjoni u l-ispejjeż ta' manifattura tal-prodott ikkonċernat minn investigazzjoni antidumping tikkostitwixxi informazzjoni neċessarja fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali nnotat, qabelxejn, li r-rikorrenti ma pprovdietx l-elementi li l-Kummissjoni kienet talbitha fir-rigward tal-inputs tal-fatturi ta' produzzjoni li pproduċiet hija stess, filwaqt li din l-informazzjoni kienet neċessarja fid-dawl tad-determinazzjoni tal-valur normali. Fil-fatt, peress li l-valur normali nbena skont metodu bbażat fuq l-ispejjeż ta' produzzjoni, kien neċessarju li jkunu magħrufa l-volumi ta' konsum tal-inputs kollha użati għall-produzzjoni tal-PVAL, inklużi l-inputs neċessarji għall-produzzjoni tal-fatturi ta' produzzjoni li pproduċa l-produttur stess. Peress li r-rikorrenti ma wrietx l-allegata impossibbiltà li tipprovdi l-imsemmija informazzjoni, il-Kummissjoni ma kisritx l-Artikolu 18(1) billi użat l-informazzjoni disponibbli sabiex tissostitwixxi din l-informazzjoni.

Sussegwentement, fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-paragrafi 1 u 3 tiegħu jirrigwardaw sitwazzjonijiet differenti. B'hekk, filwaqt li l-Artikolu 18(1) jiddeskrivi, b'mod ġenerali, il-każijiet li fihom l-informazzjoni li tkun neċessarja għall-istituzzjonijiet, għall-finijiet tal-investigazzjoni, ma tkunx ġiet ipprovduta, il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jipprevedi l-każijiet li fihom l-informazzjoni neċessarja, għall-finijiet tal-investigazzjoni, tkun ġiet ipprovduta, iżda ma tkunx rilevanti, b'tali mod li l-informazzjoni disponibbli ma jkollhiex neċessarjament tintuża. Issa, sa fejn ir-rikorrenti ma kkomunikatx l-informazzjoni meħtieġa, l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku ma kienx applikabbli, peress li l-Kummissjoni setgħet tuża biss l-informazzjoni disponibbli sabiex tissostitwixxi l-informazzjoni nieqsa.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni lanqas ma kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, sa fejn hija ma kkomunikatilhiex fi żmien xieraq ir-"rapport ta' verifika", li kellu jintbagħtilha qabel l-ittra li permezz tagħha l-Kummissjoni informatha bl-intenzjoni tagħha li tuża l-informazzjoni disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita sew jirriżulta li ksur tad-drittijiet tad-difiża jwassal għall-annullament ta' deċiżjoni adottata fi tmiem proċedura biss jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti. Issa, ir-rikorrenti ma invokat l-ebda prova li setgħet turi li ma kienx eskluż li l-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti li kieku hija kienet irċeviet l-imsemmi rapport qabel.

Fir-rigward tal-motivi l-oħra li kkontestaw il-marġni ta' dumping adottat mill-Kummissjoni fir-Regolament ikkontestat, mill-analiżi tal-imsemmija motivi rriżulta li ma kienx hemm żball fil-kalkolu tal-marġni ta' dumping, b'tali mod li dan baqa' ogħla mill-marġni tad-dannu, peress li dan tal-aħħar ittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata r-rata antidumping b'applikazzjoni tar-regola ta' dazju inferjuri. Għalhekk, peress li dawn il-motivi l-oħra ma kinux ta' natura li jikkontestaw din il-konklużjoni, il-Qorti Ġenerali ċaħdithom bħala ineffettivi.

# XI. Politika ekonomika u monetarja

## 1. Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni

### Sentenza tal-10 ta' Lulju 2024, Franza vs SRB (T-540/22, EU:T:2024:459)

*"Politika ekonomika u monetarja – Unjoni bankarja – Mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi ta' investiment (MRU) – Regolament (UE) Nru 806/2014 – Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli – Deċiżjoni tas-SRB li ma tingħatax eżenzjoni – Rikors quddiem il-Kumitat tal-Appell tas-SRB – Ċaħda – Kundizzjoni tal-assenza ta' ostakolu għat-trasferiment immedjat ta' fondi proprji – Marġni ta' evalwazzjoni tas-SRB – Ċertezza legali – Obbligu ta' motivazzjoni"*

Adita b'rikors għal annullament, li hija ċaħdet, ippreżentat mir-Repubblika Franċiża kontra deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appell tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) (iktar 'il quddiem il-"Kumitat tal-Appell") [540], il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni għall-ewwel darba dwar deċiżjoni tal-Kumitat tal-Appell li vverifika l-eżami mwettaq mis-SRB sabiex jiddetermina jekk grupp bankarju kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji sabiex ikun jista' jiġi eżentat mir-rekwiżit minimu ta' fondi proprji, stabbiliti fl-Artikolu 12h tar-Regolament Nru 806/2014 [541].

Fis-6 ta' Novembru 2020, grupp bankarju kien issottometta, għal waħda mis-sussidjarji tiegħu, quddiem is-SRB, talba għall-eżenzjoni mir-rekwiżit minimu ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli (iktar 'il quddiem ir-"RMOE") applikata fuq bażi individwali skont l-Artikolu 12g tar-Regolament Nru 806/2014. Adit b'appell mid-deċiżjoni tas-SRB li ċaħdet l-imsemmija talba [542], ippreżentat mill-Autorité de contrôle prudentiel et de résolution (l-Awtorità ta' Kontroll Prudenzjali u ta' Riżoluzzjoni, Franza) (iktar 'il quddiem l-"appellanti quddiem il-Kumitat tal-Appell"), il-Kumitat tal-Appell ċaħad, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, l-imsemmi appell.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-portata tal-Artikolu 12h(1) tar-Regolament Nru 806/2014 (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjoni kkonċernata"), il-Qorti Ġenerali kkonstatat, qabelxejn, skont interpretazzjoni letterali, li l-Artikolu 12h(1)(c) ta' dan ir-regolament ma jipprevedix il-possibbiltà li tintalab garanzija speċifika sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni ta' assenza ta' ostakolu sinjifikattiv, attwali jew previst, għat-trasferiment mgħaġġel ta' fondi proprji jew għar-rimbors mgħaġġel ta' obbligazzjonijiet, u lanqas ma jinkludi indikazzjoni li tipprojbixxi lis-SRB milli jeżiġi garanzija speċifika f'dan ir-rigward.

[540] Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) Nru 3/2021 tat-8 ta' Ġunju 2022 li tiċħad ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni SRB/EES/2021/44, tal-4 ta' Novembru 2021, li tiddetermina r-rekwiżit minimu ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

[541] Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/877 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 (ĠU 2019, L 150, p. 226).

[542] Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni SRB/EES/2021/44 tal-4 ta' Novembru 2021.

Sussegwentement, mill-perspettiva ta' interpretazzjoni kuntestwali, hija qieset li r-rekwiżit ta' garanziji koperti minn garanziji bejn l-impriża omm u s-sussidjarji tagħha huwa previst fl-Artikolu 12g tar-Regolament Nru 806/2014 biss bħala mezz sabiex wieħed jikkonforma ruħu mar-RMOE intern u li l-kundizzjoni ta' garanzija ma tinsabx fl-Artikolu 12h tal-istess regolament fil-kuntest ta' eżenzjoni, b'differenza minn dak li l-leġiżlatur kien ippreveda fid-Direttiva 2014/59 [543]. Għalhekk, il-possibbiltà li tinkiseb eżenzjoni skont id-dispożizzjoni kkonċernata bl-ebda mod ma tista' tiġi kkundizzjonata mir-rekwiżit ta' garanzija akkumpanjata minn garanzija li tkun simili għal dik prevista fl-Artikolu 12g(3) tal-istess regolament. L-approċċ kuntrarju jwassal sabiex id-dispożizzjoni kkonċernata titlef kull effett utli u għalhekk ikun jikkostitwixxi ksur flagranti ta' din id-dispożizzjoni.

Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali qieset li mill-interpretazzjoni kuntestwali tad-dispożizzjoni kkonċernata ma jistax jiġi dedott li l-assenza ta' riferiment għal garanzija fid-dispożizzjoni dwar l-eżami ta' talba għal eżenzjoni tar-RMOE intern [544] tipprekludi *ipso jure* lis-SRB milli jimponi rekwiżit ta' dan it-tip fil-kuntest tal-imsemmi eżami. Għalhekk, għalkemm is-SRB huwa obbligat jiċħad talba għal eżenzjoni meta waħda mill-kundizzjonijiet kumulattivi previsti fid-dispożizzjoni kkonċernata ma tkunx issodisfatta, huwa għandu, għall-kuntrarju, ċertu marġni ta' evalwazzjoni sabiex jiddetermina f'liema ċirkustanzi tkun issodisfatta t-tielet waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, marbuta mal-assenza ta' ostakolu għat-trasferiment mgħaġġel ta' fondi proprji. Għaldaqstant, ma huwiex eskluż li, fid-dawl ta' dan il-marġni ta' evalwazzjoni, is-SRB ikun iġġustifikat li jimponi garanzija - differenti minn dik prevista fl-Artikolu 12g(3) tar-Regolament Nru 806/2014 - sabiex tiġi indirizzata l-eżistenza ta' ostakolu għat-trasferiment mgħaġġel ta' fondi proprji.

Fl-aħħar nett, permezz ta' interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjoni kkonċernata, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-għan prinċipali komuni tar-Regolament Nru 806/2014 u tad-Direttiva 2014/59, imfittex mil-leġiżlatur billi impona r-RMOE fuq l-istabbilimenti kollha ta' grupp bankarju, huwa li tiġi żgurata riżoluzzjoni effikaċi b'impatt negattiv minimu fuq l-ekonomija reali, is-sistema finanzjarja u l-finanzi pubbliċi. Għalhekk, meta s-SRB jeżamina talba għal eżenzjoni tar-RMOE intern, huwa għandu jevalwa jekk ikunux jeżistu arranġamenti oħra li jistgħu jservu bħala sostituti funzjonali tar-RMOE intern. Fil-kuntest tal-marġni ta' evalwazzjoni li huwa għandu, xejn ma jipprekludih milli jqis li, skont iċ-ċirkustanzi proprji ta' kull talba għal eżenzjoni, garanzija tkun neċessarja sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni tal-assenza ta' ostakolu għat-trasferiment mgħaġġel ta' fondi proprji. Għall-kuntrarju, is-SRB ma jistax jeżiġi garanzija li l-karatteristiċi tagħha jkunu simili għal dawk tal-garanzija prevista fl-Artikolu 12g(3) tar-Regolament Nru 806/2014.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li mid-Deċiżjoni kkontestata ma kienx jirriżulta li s-SRB eżiġa mingħand il-grupp bankarju kkonċernat garanzija li kienet tikkorrispondi għal jew li kellha karatteristiċi simili għal dik tal-Artikolu 12g(3) tar-Regolament Nru 806/2014, u lanqas, *a fortiori*, li l-Kumitat tal-Appell approva tali approċċ tas-SRB.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżami, mill-Kumitat tal-Appell, tal-uniċi aggravji li bihom ġie adit, il-Qorti Ġenerali fakkret preliminarjament li, skont ir-Regolament Nru 806/2014 [545], kull persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta appell quddiem il-Kumitat tal-Appell minn deċiżjoni tas-SRB, li l-appell għandu jinkludi l-aggravji li fuqhom ikun ibbażat u li huwa l-Kumitat tal-Appell li għandu jagħti deċiżjoni fuq l-imsemmi appell. Minn dan jirriżulta li l-Kumitat tal-Appell jeżamina l-aggravji mressqa quddiemu. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-argumenti ppreżentati mill-appellanti

---

**543** Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 (ĠU 2019, L 150, p. 296, rettifiki fil-ĠU 2020, L 283, p. 2, u fil-ĠU L, 2024/90017).

**544** Jiġifieri l-Artikolu 12h(1) tar-Regolament Nru 806/2014.

**545** Ara l-Artikolu 85(3) u (4) ta' dan ir-regolament.

quddiem il-Kumitat tal-Appell insostenn tal-ewwel aggravju tagħha ma kinux jirrigwardaw l-evalwazzjonijiet sostantivi mwettqa mis-SRB dwar il-garanziji tal-2014 u tal-2015 li invoka l-grupp bankarju kkonċernat sabiex isostni li l-kundizzjoni ta' assenza ta' ostakolu għat-trasferiment mgħaġġel ta' fondi proprji kienet issodisfatta. Fil-fatt, l-argumenti inkwistjoni kienu jirrigwardaw l-allegat żball ta' liġi mwettaq mis-SRB sa fejn eċċeda l-kompetenza tiegħu billi applika mekkanikament u awtomatikament kundizzjoni li ma tinsabx fl-Artikolu 12h tar-Regolament Nru 806/2014.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li kien il-Kumitat tal-Appell li kellu jivverifika li l-evalwazzjoni mwettqa mis-SRB ma kinitx tikkonsisti f'eżami *in abstracto* moħbi tal-garanziji tal-2014 u tal-2015, iżda f'eżami *in concreto* kredibbli tas-sitwazzjoni tal-grupp bankarju kkonċernat u tal-imsemmija garanziji ppreżentati insostenn tat-talba tiegħu għal eżenzjoni, u li l-limiti tal-marġni ta' evalwazzjoni tas-SRB kienu għalhekk ġew osservati. Għaldaqstant, hija ċaħdet l-ilment li l-aggravji u l-argumenti mqajma mill-appellanti quddiem il-Kumitat tal-Appell, ibbażati fuq l-iżball ta' liġi mwettaq mis-SRB sa fejn applika b'mod żbaljat id-dispożizzjoni kkonċernata u eċċeda l-limiti tal-kompetenza tiegħu, kellhom neċessarjament iwasslu lill-Kumitat tal-Appell jeżamina jekk is-SRB kienx fondat, fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, li jeżiġi garanzija speċifika.

Fl-aħħar lok, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-Qorti Ġenerali osservat, minn naħa, li ma jistax ikun mistenni li l-Artikolu 12h(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014 isemmi d-diversi ipoteżijiet konkreti li fihom tkun issodisfatta jew le l-kundizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni, sa fejn dawn l-ipoteżijiet kollha ma jistgħux jiġu ddeterminati minn qabel mil-leġiżlatur. Fil-fatt, ma huwiex possibbli li jiġu elenkati l-eżempji ta' ostakoli għat-trasferiment mgħaġġel ta' fondi proprji bl-istess mod kif ma jistax jiġi rikjest mil-leġiżlatur li jiġu ċċitati pożittivament il-miżuri li jiżguraw l-osservanza tal-kundizzjoni ta' assenza tal-imsemmija ostakoli. Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jipprekludix lill-awtoritajiet ikkonċernati milli jgawdu minn marġni ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji li jkunu ġew iddefiniti mil-leġiżlazzjoni. F'dan il-każ, il-fatt li s-SRB għandu marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' ostakolu għat-trasferiment mgħaġġel ta' fondi proprji jew fir-rigward tal-mod xieraq li bih din il-kundizzjoni jkollha tiġi ssodisfatta ma jimplikax madankollu li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

## 2. Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu [546]

### Sentenza tat-28 ta' Frar 2024, Sber vs BĊE (Kawżi magħquda T-647/21 u T-99/22, EU:T:2024:127)

*"Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Applikazzjoni mill-BĊE tal-interessi ta' rkupru skont id-dritt Awstrijak fil-każ ta' ksur tal-Artikolu 395 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u wara deċiżjoni li imponiet sanzjoni amministrattiva pekunjarja skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1024/2013 – Proporzjonalità"*

### Sentenza tat-28 ta' Frar 2024, BAWAG PSK vs BĊE (T-667/21, EU:T:2024:131)

*"Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Eżerċizzju dirett mill-BĊE ta' setgħa ta' awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni – Impożizzjoni mid-dritt Awstrijak ta' interessi ta' rkupru fil-każ ta' ksur tal-Artikolu 395 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 – Kompetenzi tal-BĊE – Artikolu 65(1) u Artikolu 70 tad-Direttiva 2013/36/UE – Proporzjonalità"*

---

546 Sunt komuni għall-kawżi magħquda ***Sber vs BĊE*** (T-647/21 u T-99/22) u għall-kawża ***BAWAG PSK vs BĊE*** (T-667/21).

Filwaqt li laqgħet ir-rikorsi għal annullament kontra d-deċiżjonijiet adottati mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li jimponu interessi ta' rkupru abbażi tar-Regolament MSU [547] u b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali, permezz ta' żewġ sentenzi mogħtija fl-istess jum, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat iċ-ċirkustanzi li fihom huwa possibbli għaliha li tirrikorri għal interpretazzjoni konformi tad-dritt nazzjonali li jittrasponi direttiva billi tinjora l-interpretazzjoni tal-qrati nazzjonali.

Barra minn hekk, fis-sentenza Sber vs BĊE (Kawżi magħquda T-647/21 u T-99/22), hija tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ġdida tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* meta l-BĊE jimponi sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji skont ir-Regolament MSU, filwaqt li fis-sentenza BAWAG PSK vs BĊE (T-667/21), hija żviluppat il-ġurisprudenza tagħha dwar il-portata tal-kompetenza tal-BĊE skont dan l-istess regolament.

Il-kawżi kienu jikkonċernaw żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu Awstrijaċi, suġġetti għas-sorveljanza prudenzjali diretta tal-BĊE.

B'hekk, fil-Kawżi magħquda T-647/21 u T-99/22, il-BĊE kien impona fuq ir-rikorrenti, Sber Vermögensverwaltungs AG, sanzjoni amministrattiva pekunjarja skont ir-Regolament MSU minħabba li kienu nqabżu l-limiti għal skoperturi kbar stabbiliti mir-Regolament Nru 575/2013 [548], kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi kkonsolidata. Sussegwentement, abbażi tar-Regolament MSU [549] u skont il-punt 2 tal-Artikolu 97(1) tal-BWG [550], il-BĊE ddeċieda li jimponi fuqha interessi ta' rkupru fuq is-somom ikkonċernati mill-imsemmija istanzi ta' qbiż tal-limitu

Wara opinjoni mogħtija mill-Bord Amministrattiv ta' Rieżami tal-BĊE li kkonstatat l-eżistenza ta' difetti fid-deċiżjoni inizjali tal-BĊE, fil-21 ta' Diċembru 2021, il-BĊE ssostitwixxa din id-deċiżjoni b'deċiżjoni ġdida [551], filwaqt li żamm l-ammont tal-interessi ta' rkupru. Huwa ppreċiża li, fil-każ ta' ksur tal-obbligi ta' stabbiliment skont ir-Regolament Nru 575/2013, l-impożizzjoni ta' interessi ta' rkupru abbażi tal-BWG kienet taqa' taħt l-eżerċizzju ta' setgħa marbuta mill-awtorità kompetenti, li ma tħallilu ebda marġni ta' evalwazzjoni.

Permezz ta' żewġ rikorsi separati, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti Ġenerali tannulla kemm id-deċiżjoni inizjali kif ukoll id-deċiżjoni tal-21 ta' Diċembru 2021, adottati mill-BĊE.

Fil-Kawża T-667/21, ir-rikorrenti, BAWAG PSK Bank für Arbeit und Wirtschaft und Österreichische Postsparkasse AG, kienet akkwistat indirettament portafoll ta' self għal proprjetà immobbli residenzjali fi Franza. Dan il-portafoll ġie ttrasferit f'fond komuni mingħajr personalità ġuridika, li tiegħu hija akkwistat l-ishma kollha, u b'hekk saret il-benefiċjarju effettiv.

Wara spezzjoni fil-bini tar-rikorrenti, il-BĊE kkonstata li r-rikorrenti ma kellhiex data li kienet tippermetti l-identifikazzjoni ta' kull wieħed mid-debituri tas-self sottostanti u li hija kienet kisret il-limitu ta' espożizzjoni għal skoperturi kbar previst mir-Regolament Nru 575/2013 fir-rigward tal-portafoll. Għalhekk, permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Awwissu 2021 [552], billi bbażat ruħu fuq l-istess

---

547 Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament MSU").

548 Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68; ĠU 2013, L 321, p. 6; ĠU 2017, L 20, p. 2; u fil-ĠU 2023, L 92, p. 29).

549 Artikolu 4(1)(d) u (3), kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament MSU..

550 Bundesgesetz über das Bankwesen (Bankwesengesetz) (il-Liġi dwar is-Settur Bankarju) tat-30 ta' Lulju 1993 (BGBl. 532/1993), kif emendata bil-Liġi tat-28 ta' Mejju 2021 (BGBl. I, 98/2021 (iktar 'il quddiem il-"BWG").

551 Deċiżjoni ECB-SSM-2021-ATSBE-12.

552 Deċiżjoni ECB/SSM/2021-ATBAW-7-ESA-2018–0000126.

dispożizzjonijiet leġiżlattivi bħal dawk imsemmija fil-preżentazzjoni tal-kawżi magħquda msemmija iktar 'il fuq, il-BĊE impona fuqha interessi ta' rkupru. Ir-rikorrenti kkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali.

Permezz tas-sentenzi tagħha Sber vs BĊE (Kawżi magħquda T-647/21 u T-99/22) u BAWAG PSK vs BĊE (T-667/21), il-Qorti Ġenerali annullat, rispettivament, id-deċiżjoni tal-BĊE tal-21 ta' Diċembru 2021 li ssostitwixxiet id-deċiżjoni inizjali tiegħu u dik tat-2 ta' Awwissu 2021, minħabba li, meta impona interessi ta' rkupru, il-BĊE ma kienx eżamina ċ-ċirkustanzi tal-każ.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

*Fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ne bis in idem*

Il-Qorti Ġenerali qieset li l-impożizzjoni ta' interessi ta' rkupru mill-BĊE skont il-punt 2 tal-Artikolu 97(1) tal-BWG għal aġir li diġà kien is-suġġett ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja skont ir-Regolament MSU ma kinitx tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

F'dan ir-rigward, hija fakkret li l-applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li jipprojbixxi kumulu kemm ta' proċeduri kif ukoll ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali għall-istess fatti u kontra l-istess persuna, ma hijiex limitata biss għall-proċeduri u għas-sanzjonijiet li huma kklassifikati bħala "kriminali" mid-dritt nazzjonali. Fil-fatt, hija testendi għal proċeduri u għal sanzjonijiet li għandhom jitqiesu li jkollhom natura kriminali abbażi tan-natura stess tal-ksur u tal-grad ta' severità tas-sanzjoni li l-persuna kkonċernata tista' ġġarrab.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li s-sanzjonijiet amministrattivi pekunjarji imposti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament MSU jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta. Hija osservat li dawn is-sanzjonijiet huma ċarament imfassla fuq il-multi li l-Kummissjoni Ewropea tista' timponi fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni [553] u għandhom natura u grad ta' severità ekwivalenti. Issa, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* għandu jiġi osservat fil-proċeduri intiżi għall-impożizzjoni ta' multi li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni. Din il-klassifikazzjoni għandha, għaldaqstant, tiġi applikata b'analoġija għall-imsemmija sanzjonijiet.

Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li mill-ġurisprudenza tal-qrati Awstrijaċi jsegwi li l-interessi ta' rkupru kienu kklassifikati bħala miżuri prudenzjali mingħajr natura punittiva. Peress li la n-natura tal-ksur u lanqas il-grad ta' severità tas-sanzjoni ma kienu jwasslu li l-interessi ta' rkupru jaqgħu fil-qasam tad-dritt kriminali, l-applikazzjoni tagħhom skont il-BWG ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Karta. Barra minn hekk, din il-konklużjoni kienet ikkonfermata mis-sentenza VTB Bank (Austria) [554], li fiha, fir-rigward tal-interessi ta' rkupru, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreferiet il-klassifikazzjoni bħala "miżura amministrattiva" minflok dik ta' "sanzjoni amministrattiva".

*Fuq il-kompetenza tal-BĊE sabiex jimponi interessi ta' rkupru*

Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-BĊE kellu kompetenza sabiex jimponi interessi ta' rkupru skont l-Artikolu 97 tal-BWG abbażi tar-Regolament MSU.

Qabelxejn, hija enfasizzat li, sabiex iwettaq il-kompiti prudenzjali tiegħu, il-BĊE għandu tliet kategoriji ta' setgħat ta' sorveljanza u ta' investigazzjoni, jiġifieri dawk previsti mir-Regolament MSU, is-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, u s-setgħa li jagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jużaw is-setgħat tagħhom, konformement mad-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ.

---

553 Skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

554 Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, VTB Bank (Austria) (C-52/17, EU:C:2018:648, punti 40 sa 42).

Fl-analiżi tal-punt dwar jekk, f'dan il-każ, il-BĊE kellux setgħat li jappartjenu għat-tieni kategorija, jiġifieri dawk tal-awtoritajiet kompetenti skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-espressjoni "skont id-dritt tal-Unjoni" ġiet interpretata bħala li tinkludi s-setgħat kollha li jirriżultaw mill-qafas ġuridiku stabbilit minn direttiva, li jirriżultaw minn obbligu jew minn possibbiltà għall-Istat Membru li jilleġiżla, għall-kuntrarju tar-rikonoxximent minn din l-istess direttiva tas-setgħa tal-Istati Membri skont id-dritt nazzjonali li jipprevedu dispożizzjonijiet iktar stretti barra mill-kuntest tas-sistema stabbilita minn din l-istess direttiva [555].

Issa, fis-sentenza VTB Bank (Austria) [556], ġie deċiż, fir-rigward ta' verżjoni preċedenti tal-Artikolu 97 tal-BWG, li l-impożizzjoni ta' interessi ta' rkupru kienet tixbah miżura amministrattiva li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 65(1) tad-Direttiva 2013/36 [557] u li, f'dan il-każ, kienet tagħmel parti mill-qafas ġuridiku rilevanti. Iċ-ċirkustanza li dawn l-interessi ma jissemmewx f'lista ta' sanzjonijiet u ta' miżuri amministrattivi oħra msemmija f'din id-direttiva hija irrilevanti, peress li din il-lista ma hijiex eżawrjenti, u din l-istess direttiva tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha li huma jqisu neċessarji sabiex jiggarantixxu l-applikazzjoni tal-imsemmija direttiva u tar-Regolament Nru 575/2013. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet enfasizzat li r-rekwiżiti prudenzjali minimi adottati mid-dritt tal-Unjoni kellhom jiżguraw massimu ta' armonizzazzjoni u li, fil-każ li jinqabżu l-limiti previsti mir-Regolament Nru 575/2013, l-Istati Membri jkunu obbligati jimponu, fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu, mhux miżura li taqa' taħt id-dritt nazzjonali tagħhom, iżda sanzjoni amministrattiva jew miżura amministrattiva oħra fis-sens tal-Artikolu 65(1) tad-Direttiva 2013/36.

Għalhekk, iċ-ċirkustanza li l-impożizzjoni ta' interessi ta' rkupru ma tissemmiex fil-lista li tinsab fid-Direttiva 2013/36 ma tipprekludix li din taqa' taħt is-sistema legali stabbilita minn din l-istess direttiva. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din hija simili għal setgħa li l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha "skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tat-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament MSU, u li, konsegwentement, għandu l-BĊE.

*Fuq l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali*

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, meta bbażа ruħu fuq l-interpretazzjoni tal-qrati Awstrijaċi fir-rigward tan-natura awtomatika tal-impożizzjoni ta' interessi ta' rkupru fil-każ li jinqabżu l-limiti għal skoperturi kbar u billi ma eżaminax iċ-ċirkustanzi tal-każ, il-BĊE bbażа ruħu fuq premessa żbaljata fid-dritt, li vvizzjat l-eżami tiegħu tan-natura proporzjonata tal-applikazzjoni tal-punt 2 tal-Artikolu 97(1) tal-BWG.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta tintalab tistħarreġ il-fondatezza tal-applikazzjoni, mill-BĊE, tad-dritt nazzjonali li jittrasponi direttiva, l-interpretazzjoni tal-qrati nazzjonali tkun biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-portata tal-imsemmi dritt nazzjonali meta minnha tirriżulta konstatazzjoni ta' kompatibbiltà mad-direttiva li hija tiżgura t-traspożizzjoni tagħha. Għall-kuntrarju, meta l-interpretazzjoni tal-qrati nazzjonali ma tkunx tippermetti li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali ma' direttiva, l-osservanza tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni timplika li, bħal qorti nazzjonali, il-Qorti Ġenerali tinterpreta, jekk dan ikun neċessarju, id-dritt nazzjonali sa fejn ikun possibbli fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva trasposta sabiex jintlaħaq ir-riżultat previst minnha. Għalhekk, ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni konformi jinkludi l-obbligu li tiġi emendata, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva.

---

555 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, Safe Interenvíos (C-235/14, EU:C:2016:154, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

556 Sentenza ċċitata iktar 'il fuq tas-7 ta' Awwissu 2018, punti 31 sa 44..

557 Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, fil-ĠU 2017, L 20, p. 1, u fil-ĠU 2020, L 203, p. 95).

Barra minn hekk, fin-nuqqas tal-possibbiltà li tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali konformement mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali, bħall-qorti nazzjonali li jkollha l-obbligu li tapplika d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, ikollha l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ tagħhom billi jekk ikun hemm bżonn tħalli mhux applikata, *ipso jure*, kull leġiżlazzjoni nazzjonali, anki jekk sussegwenti, li tkun kuntrarja għal dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jkollha effett dirett.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset, skont interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 70 tad-Direttiva 2013/36 [558], li dan għandu jinftiehem bħala li jimplika li hija l-awtorità nazzjonali kompetenti u, konsegwentement, il-BĊE, li għandha tiddetermina t-tip ta' miżura amministrattiva billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha, li jimplika neċessarjament l-eżistenza ta' marġni ta' evalwazzjoni min-naħa tagħhom u li jeskludi li dawn ikunu f'sitwazzjoni ta' kompetenza marbuta fir-rigward tal-applikazzjoni tal-interessi ta' rkupru imposti skont il-punt 2 tal-Artikolu 97(1) tal-BWG.

### Sentenza tal-10 ta' Lulju 2024, PH *et* vs BĊE (T-323/22, EU:T:2024:460)

*"Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Oppożizzjoni mill-BĊE għall-akkwist ta' holdings kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu – Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Inċidenza diretta – Inammissibbiltà parzjali – Reputazzjoni tajba u kompetenza professjonali tal-akkwirent propost – Solidità finanzjarja – Konformità mar-rekwiżiti prudenzjali – Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu – Proporzjonalità"*

Adita b'rikors għal annullament, li hija ċaħdet, kontra deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li opponiet l-akkwist ta' holding kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ġdida tal-*locus standi* ta' kumpannija, bejjiegħa ta' tali holding, sabiex tippreżenta rikors għal annullament kontra deċiżjoni li rrifjutat lill-akkwirent propost l-akkwist tal-imsemmi sehem. Barra minn hekk, hija tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-reputazzjoni tajba tal-akkwirent propost, il-BĊE jistax jevalwa l-kompetenza professjonali ta' dan tal-aħħar.

HKB Bank GmbH (iktar 'il quddiem il-"bank fil-mira") kienet istituzzjoni ta' kreditu kklassifikata bħala "inqas sinjiifikanti" [559], taħt is-sorveljanza prudenzjali diretta tal-Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht (l-Awtorità Federali għas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji, il-Ġermanja, iktar 'il quddiem il-"BaFin"). Fid-9 ta' April 2020 u fid-9 ta' Lulju 2020, PH, PI u PJ (iktar 'il quddiem l-"akkwirenti proposti") ikkomunikaw lill-BaFin l-intenzjoni tagħhom li jakkwistaw holding kwalifikanti u li jaqbżu 50 % tal-kapital u tad-drittijiet ta' vot fil-bank fil-mira (iktar 'il quddiem l-"akkwist propost"), permezz tal-akkwist tal-ishma kollha miżmuma minn Socrates Capital fil-bank fil-mira. Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, ikkomunikata lill-akkwirenti proposti fit-22 ta' Marzu 2022, ‚il-BĊE oġġezzjona għall-akkwist propost għar-raġuni li l-akkwirenti proposti ma kinux jissodisfaw il-kriterji ta' reputazzjoni tajba, ta' solidità finanzjarja, ta' osservanza tar-rekwiżiti prudenzjali u tal-ġlieda kontra r-riskju ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu.

#### ***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali minn Socrates Capital u mill-akkwirenti proposti, il-Qorti Ġenerali fakkret li, peress li dan kien jirrigwarda rikors wieħed biss, u peress li PH, PI u PJ kellhom *locus standi*, ma kienx hemmx lok li jiġi eżaminat il-*locus standi* ta' Socrates Capital. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset opportun, għall-finijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u minħabba l-importanza partikolari tal-kwistjoni tal-ammissibbiltà mqajma mill-BĊE, li tagħti deċiżjoni dwar din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

---

[558] Moqri flimkien mal-Artikolu 4(1), l-Artikolu 65(1) u l-premessa 37 tad-Direttiva 2013/36.

[559] Fis-sens tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

F’dan ir-rigward, wara li fakkret ir-regoli li jikkundizzjonaw ir-rikonoxximent tal-*locus standi* ta’ persuna fiżika jew ġuridika li tippreżenta rikors kontra att li tiegħu hija ma tkunx destinatarja, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f’dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx ġiet ikkomunikata lil Socrates Capital. Barra minn hekk, ebda dispożizzjoni ma kienet teżiġi tali komunikazzjoni lil din ir-rikorrenti fil-kwalità tagħha ta’ ċedenti tal-holding kwalifikanti inkwistjoni. Peress li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx att regolatorju, il-Qorti Ġenerali eżaminat għalhekk jekk ir-rikors, sa fejn ġie ppreżentat minn Socrates Capital, kienx jissodisfa l-kundizzjoni ta’ inċidenza diretta.

F’dan il-rigward, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-mekkaniżmu ta’ kontroll tal-holdings kwalifikanti huwa intiż li jevalwa, qabel l-akkwist ta’ tali holdings, il-kwalità ta’ akkwirenti proposti li jkunu jixtiequ jaċċedu għas-settur bankarju bħala proprjetarji. F’dawn iċ-ċirkustanzi, l-oppożizzjoni għall-akkwist ta’ holding kwalifikanti f’istituzzjoni ta’ kreditu għandha titqies li ma tbiddilx is-sitwazzjoni legali tal-kumpannija bejjiegħa ta’ tali holding. Fil-fatt, għalkemm tali oppożizzjoni tikkontesta l-possibbiltà għall-akkwirenti proposti li jikkonkludu kuntratt mal-bejjiegħ ta’ holding kwalifikanti, hija, għall-kuntrarju, ma tikkontestax id-dritt tal-bejjiegħ li jwettaq tranżazzjoni ta’ trasferiment, li huwa jista’ b’mod partikolari jikkonkludi ma’ akkwirent potenzjali ieħor. Din l-oppożizzjoni tikkorrispondi biss għal rifjut ta’ awtorizzazzjoni għall-akkwirenti proposti sabiex jaċċedu għas-settur bankarju bħala proprjetarji.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din il-konklużjoni kienet ikkorroborata mill-kuntest ġuridiku li kienet taqa’ fih id-deċiżjoni kkontestata. Id-Direttiva 2013/36 [560] la ssemmi l-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-akkwist ta’ holding kwalifikanti f’istituzzjoni ta’ kreditu, la l-possibbiltà li persuni terzi jiġu assoċjati mal-proċedura amministrattiva, u lanqas il-pubblikazzjoni sistematika tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti. Fil-każ ta’ nuqqas ta’ osservanza tal-oppożizzjoni għall-akkwist ta’ holding kwalifikanti, hija tipprevedi biss sanzjonijiet dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet ta’ vot li jikkorrispondu għall-holding miksub mill-akkwirenti proposti. Għalhekk, f’dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata evalwat il-kwalità tal-akkwirenti proposti u mhux il-legalità tal-kuntratt ta’ xiri u ta’ bejgħ.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li l-klawżola tal-kuntratt ta’ xiri u ta’ bejgħ li kienet tgħid li dan il-kuntratt ma kienx ser jidħol fis-seħħ fl-assenza ta’ awtorizzazzjoni tal-BĊE kienet inkluża volontarjament mill-partijiet fil-kuntratt. Ċertament, klawżola kuntrattwali tista’ tkun ir-rifless tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, f’dan il-każ, l-imsemmija klawżola kienet ir-rifless ta’ leġiżlazzjoni li tissuġġetta individwalment lill-akkwirent propost għal awtorizzazzjoni amministrattiva intiża li tevalwa jekk ikollux il-kwalità li jaċċedi għas-settur bankarju bħala proprjetarju. Għalhekk, il-BĊE ma jagħtix deċiżjoni dwar il-konformità tal-kuntratt eventwalment konkluż bejn l-akkwirenti proposti u l-bejjiegħ ta’ holding f’istituzzjoni ta’ kreditu meta jevalwa l-komunikazzjoni tal-imsemmi akkwist.

Fl-aħħar nett, għalkemm id-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi ndħil fid-dritt għall-proprjetà u fil-libertà ta’ intrapriża tal-akkwirenti proposti, hija ma setgħetx titqies li tikkostitwixxi ndħil fl-istess drittijiet fir-rigward ta’ Socrates Capital. Fil-fatt, id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tippreġudika direttament id-dritt ta’ Socrates Capital li tbigħ l-ishma tagħha fil-bank fil-mira.

Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet għalhekk li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx ekwivalenti għal projbizzjoni ġenerali għal Socrates Capital milli tbigħ l-ishma tagħha fil-bank fil-mira u li, għaldaqstant, Socrates Capital ma kinitx direttament ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata. Konsegwentement, hija ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli sa fejn kien jikkonċerna lil Socrates Capital.

Fir-rigward tal-possibbiltà għall-BĊE, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-reputazzjoni tajba tal-akkwirenti proposti, li jevalwa l-kompetenza professjonali tagħhom, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, ċertament, l-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 2013/36 isemmi biss, fil-punt (a), ir-reputazzjoni tajba tal-akkwirent

---

560 Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338).

propost [561], filwaqt li dan l-istess artikolu jsemmi, fil-punt (b), ir-reputazzjoni tajba, l-għarfien [562], il-kompetenzi u l-esperjenza [563], ta' kull membru tal-korp ta' ġestjoni li jkun ser imexxi n-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu wara l-akkwist propost.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, skont it-tifsira komuni tagħhom, il-kliem "reputazzjoni tajba" jfissru "li huwa denju ta' stima" jew "li r-rispettabbiltà tiegħu hija magħrufa". Tali definizzjoni, li tirreferi b'mod partikolari għall-opinjoni tal-pubbliku, ma teskludix li r-reputazzjoni tajba ta' persuna tkun tiddependi mill-kompetenza professjonali tagħha. Barra minn hekk, skont il-premessa 8 tad-Direttiva 2007/44 [564], li d-dispożizzjonijiet tagħha kienu ġew riprodotti fid-Direttiva 2013/36, l-applikazzjoni tal-kriterju relatat mar-reputazzjoni tal-akkwirent propost tippreżupponi li jiġi ddeterminat jekk jeżistux dubji dwar l-integrità "u l-kompetenza professjonali" tiegħu u jekk l-imsemmija dubji jkunux fondati.

Il-Qorti Ġenerali qieset ukoll li t-teħid inkunsiderazzjoni, fl-eżami tar-reputazzjoni tajba tal-akkwirent propost, tal-kompetenza professjonali tiegħu kien koerenti mal-evalwazzjoni tan-"natura xierqa" tal-akkwirent propost, kif ukoll mal-għan tal-kontroll tal-akkwist tal-holdings kwalifikanti, li huwa li tiġi żgurata ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta' kreditu. Peress li d-detentur ta' holding kwalifikanti jista' jeżerċita influwenza fuq l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, il-kompetenza professjonali tiegħu tikkontribwixxi għal tali ġestjoni soda u prudenti ta' din l-istituzzjoni. Il-Linji Gwida komuni [565] jikkorroboraw din l-interpretazzjoni, peress li jindikaw li r-reputazzjoni tal-akkwirent propost għandha tkopri l-integrità u l-kompetenza professjonali tiegħu. Barra minn hekk, il-kliem użati mid-dritt Ġermaniż f'dan il-qasam ma jippermettux li tiġi eskluża tali interpretazzjoni, peress li l-espożizzjoni tal-motivi tal-liġi Ġermaniża li tittrasponi d-Direttiva 2007/44 issemmi li l-kriterju ta' affidabbiltà jikkonsisti fil-verifika tal-eżistenza ta' dubji dwar l-integrità "u l-kapaċità professjonali" tal-akkwirent propost u l-fondatezza ta' dawn id-dubji.

Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-kriterju ta' reputazzjoni tajba msemmi fid-Direttiva 2013/36 għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi l-evalwazzjoni tal-kompetenza professjonali tal-akkwirent propost.

---

**561** Artikolu 23(1)(a) tad-Direttiva 2013/36..

**562** Artikolu 23(1)(b) tad-Direttiva 2013/36.

**563** Artikolu 91(1) tad-Direttiva 2013/36.

**564** Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju (ĠU 2007, L 247, p. 1).

**565** Linji Gwida komuni għall-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti f'entitajiet tas-settur finanzjarju, adottati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), ippubblikati fl-20 ta' Diċembru 2016.

# XII. Kuntratti pubbliċi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni

### Sentenza tal-21 ta' Frar 2024, Inivos u Inivos vs Il-Kummissjoni (T-38/21, EU:T:2024:100)

*"Kuntratti pubbliċi – Proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt – Forniment ta' robots ta' diżinfezzjoni lill-isptarijiet Ewropej – Urġenza imperattiva – COVID-19 – Assenza ta' parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proċedura għall-għoti ta' kuntratt – Rikors għal annullament – Nuqqas ta' inċidenza individwali – Natura kuntrattwali tat-tilwima – Inammissibbiltà – Responsabbiltà"*

B'awla estiża ta' ħames imħallfin bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti, Inivos Ltd u Inivos BV, intiż b'mod partikolari għall-annullament ta' tliet deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-għoti ta' kuntratt pubbliku tal-Unjoni għall-akkwist ta' robots ta' diżinfezzjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-rikors ta' operatur ekonomiku li ma ġiex mistieden jipparteċipa fi proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt (iktar 'il quddiem il-"PNMPMQ"), intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt meħuda fil-kuntest ta' din il-proċedura.

Il-Kummissjoni kienet iddeċidiet, abbażi tar-raġuni ta' urġenza li rriżultat mill-kriżi tal-COVID-19, li tuża l-PNMPMQ biex takkwista 200 robot ta' diżinfezzjoni awtonomu li jużaw ir-radjazzjoni UV sabiex tużahom fl-isptarijiet Ewropej [566]. Konsultazzjoni preliminari tas-suq kienet ippermettiet li jiġu identifikati sitt fornituri, minbarra r-rikorrenti, li kienu jissodisfaw kriterji ddefiniti minn qabel u li ġew mistiedna mill-Kummissjoni jissottomettu offerta fil-kuntest tal-PNMPMQ. Din tal-aħħar adottat id-deċiżjoni li tagħti dan il-kuntratt lil tnejn minnhom, li magħhom ġew konklużi kuntratti qafas dwar ir-robots ta' diżinfezzjoni.

Wara l-avviż ta' għoti tal-kuntratt tad-9 ta' Diċembru 2020, li indika li l-kuntratti qafas inkwistjoni kienu ġew konklużi fid-19 ta' Novembru 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni li tintuża PNMPMQ, tad-deċiżjoni ta' għoti ta' dan il-kuntratt (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' għoti kkontestata"), u tad-deċiżjoni li jiġu konklużi l-kuntratti qafas maż-żewġ operaturi magħżula, kif ukoll rikors għad-danni.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tal-kap tat-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-għoti kkontestata, il-Qorti Ġenerali tat b'mod partikolari deċiżjoni dwar il-kwistjoni tal-*locus standi* tar-rikorrenti [567].

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk ir-rikorrenti kinux direttament ikkonċernati mid-deċiżjoni ta' għoti kkontestata. Hija kkonstatat, l-ewwel nett, li din id-deċiżjoni kellha l-effett li ċċaħħadhom definittivament mill-possibbiltà li jipparteċipaw fil-PNMPMQ u bl-istess mod li teskludihom minnha. Għalhekk, id-deċiżjoni msemmija pproduċiet direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħhom. Filwaqt li enfasizzat li r-rikorrenti kellhom jipprovaw li kienu operaturi li joperaw fis-suq ikkonċernat, il-Qorti Ġenerali qieset li huma kienu wrew b'mod suffiċjenti li kienu attivi fis-suq tar-robots awtonomi ta' diżinfezzjoni li jużaw ir-raġġi UV.

---

[566] Skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36)

[567] Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kull persuna fiżika jew ġuridika tista' tippreżenta rikors kontra l-atti indirizzati lilha jew li jikkonċernawha direttament u individwalment.

It-tieni nett, id-deċiżjoni ta’ għoti kkontestata indikat definittivament lil żewġ operaturi bħala li ngħataw il-kuntratt inkwistjoni b’effett immedjat u vinkolanti. Peress li din id-deċiżjoni pproduċiet l-effetti legali tagħha mingħajr ma kienet meħtieġa ebda miżura addizzjonali, hija ma ħalliet l-ebda setgħa ta’ evalwazzjoni lid-destinatarji responsabbli għall-implimentazzjoni tagħha. Minn dan il-QĠ kkonkludiet li d-deċiżjoni ta’ għoti kkontestata affettwat lir-rikorrenti direttament.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk ir-rikorrenti kinux ikkonċernati individwalment mid-deċiżjoni ta’ għoti kkontestata. Fiċ-ċirkustanzi speċifiċi ta’ PNMPMQ, operatur li ma jkunx ġie mistieden jipparteċipa fl-imsemmija proċedura, meta kien f’pożizzjoni li jissodisfa l-kriterji applikati mill-awtorità kontraenti sabiex tagħżel l-impriżi li lilhom kellha tintbagħat stedina għal offerta, għandu jitqies li jifforma parti minn ċirku ristrett ta’ kompetituri li jkunu jistgħu jissottomettu offerta jekk ikunu ġew mistiedna jipparteċipaw fil-proċedura.

F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni spjegat li l-kriterji użati fil-proċedura inkwistjoni kienu l-marka CE, kapaċità ta’ produzzjoni ta’ mill-inqas 20 unità fix-xahar u esperjenza fil-qasam tal-użu ta’ mill-inqas 10 robots fl-isptarijiet. Dawn il-kriterji ġew ikkomunikati lir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-kriterju dwar il-marka CE, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti kienu wrew li r-robot tagħhom kien jissodisfa dan il-kriterju.

It-tieni nett, fir-rigward tal-kriterju dwar il-kapaċità ta’ produzzjoni, għalkemm ir-rikorrenti sostnew, matul is-seduta, li kienu jissodisfaw dan il-kriterju u anki li kienu f’pożizzjoni li jżidu l-kapaċità ta’ produzzjoni tagħhom, il-Qorti Ġenerali rrilevat li huma ma ressqu ebda prova li kienet tistabbilixxi li l-kapaċità ta’ produzzjoni tagħhom setgħet tilħaq l-20 robot fix-xahar.

It-tielet nett, fir-rigward tal-kriterju dwar l-esperjenza meħtieġa fil-qasam tal-użu tar-robots fl-isptarijiet, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-provi prodotti mir-rikorrenti ma kinux jippermettu li jiġi ddeterminat in-numru eżatt ta’ robots użati.

Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li r-rikorrenti ma kinux ipprovaw li huma kienu f’pożizzjoni li jissodisfaw il-kriterji użati mill-Kummissjoni sabiex tagħżel lill-operaturi mistiedna jissottomettu offerti fil-kuntest tal-PNMPMQ. Konsegwentement, huma ma kinux ipproduċew il-prova li huma kienu jifformaw parti minn ċirku ristrett ta’ operaturi li setgħu jiġu mistiedna jagħmlu u jissottomettu offerta. B’hekk, ir-rikorrenti ma kinux individwalment ikkonċernati mid-deċiżjoni ta’ għoti kkontestata.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-kap tat-talbiet intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta’ għoti kkontestata kien inammissibbli. Wara li ċaħdet bħala inammissibbli l-kapijiet tat-talbiet diretti kontra ż-żewġ deċiżjonijiet ikkontestati l-oħra, hija ċaħdet ir-rikors għal annullament fl-intier tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll ir-rikors għad-danni ppreżentat mir-rikorrenti.

### Sentenza tat-2 ta’ Ottubru 2024, VC vs EU-OSHA (Esklużjoni mill-kuntratti pubbliċi abbażi ta’ deċiżjoni amministrattiva nazzjonali sospiża) (T-126/23, EU:T:2024:666)

*“Kuntratti pubbliċi – Regolament finanzjarju – Esklużjoni għal tul ta’ żmien ta’ sentejn mill-proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti u mill-għoti ta’ sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u mill-FEŻ – Pubblikazzjoni tal-esklużjoni – Inklużjoni fid-database tas-sistema ta’ identifikazzjoni bikrija u ta’ esklużjoni – Nuqqas professjonali serju – Deċiżjoni ta’ awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni – Sospensjoni mill-qorti nazzjonali – Obbligu ta’ motivazzjoni – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Miżuri korrettivi – Ġurisdizzjoni sħiħa – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Żball ta’ evalwazzjoni – Proporzjonalità”*

B’awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat mir-rikorrenti, VC, kontra d-deċiżjoni li eskludietha, għal perijodu ta’ sentejn, mill-parteċipazzjoni fil-

proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea minħabba nuqqas professjonali serju [568]. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni, minn naħa, għall-ewwel darba, dwar l-effetti ta' deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li tissospendi d-deċiżjoni amministrattiva li tkun serviet bħala bażi għall-esklużjoni. Hija ppreċiżat, min-naħa l-oħra, għall-ewwel darba, il-parametri tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tevalwa n-natura suffiċjenti tal-miżuri korrettivi adottati minn offerent, kif ukoll in-neċessità li sanzjoni ta' esklużjoni tiġi ssostitwita b'sanzjoni finanzjarja.

Ir-rikorrenti kienet ippreżentat offerta għal lott tas-sejħa għal offerti ppubblikata mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) dwar il-provvista ta' servizzi ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. L-EU-OSHA kienet, wara li saret taf bl-eżistenza ta' deċiżjoni tal-Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Swieq u tal-Kompetizzjoni, Spanja) (iktar 'il quddiem iċ-"CNMC") li kkonstatat il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni taċ-CNMC"), talbet li korp, maħtur konformement mar-Regolament Finanzjarju [569], jifformula rakkomandazzjoni dwar l-esklużjoni jew is-sanzjoni finanzjarja tar-rikorrenti.

Sussegwentement, l-Audiencia Nacional (il-Qorti Nazzjonali, Spanja) ordnat is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni"). Madankollu, wara li pproċeda għall-klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir tar-rikorrenti [570], il-korp iċċitat iktar 'il fuq irrakkomanda l-esklużjoni tagħha lill-EU-OSHA, billi qies li l-aġir tagħha kellu jitqies li kien "nuqqas professjonali serju". L-EU-OSHA segwiet din ir-rakkomandazzjoni u adottat id-deċiżjoni kkontestata.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċċarat il-portata tal-effetti tad-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li mir-Regolament Finanzjarju [571] jirriżulta li entità tista' tiġi eskluża mill-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi, fl-assenza ta' sentenza definittiva jew ta' deċiżjoni amministrattiva definittiva, abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir tagħha mill-awtorità kompetenti tal-Unjoni fir-rigward ta' fatti stabbiliti jew ta' konstatazzjonijiet imwettqa b'mod partikolari mid-deċiżjonijiet ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. Minn dan jirriżulta li l-assenza ta' sentenza jew ta' deċiżjoni ta' natura definittiva li tikkonstata l-aġir illegali inkwistjoni ma tostakolax l-adozzjoni ta' miżura ta' esklużjoni mill-awtorità kompetenti tal-Unjoni.

Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jippermetti lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess tal-atti mwettqa mill-operatur ekonomiku kkonċernat, mingħajr ma tistenna li qorti tagħti s-sentenza tagħha.

---

568 Deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol tat-13 ta' Jannar 2023 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

569 Artikolu 143 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU L 60, 28.2.2019, p. 36) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju").

570 Ara l-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju.

571 Artikolu 106 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2015/1929 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Ottubru 2015 (ĠU 2015, L 286, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju preċedenti"), u Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju.

Għalhekk, f'dan il-każ, fl-assenza ta' deċiżjoni definittiva, l-EU-OSHA kellha twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess tal-aġir tar-rikorrenti abbażi tad-deċiżjoni taċ-CNMC, iżda wkoll ta' elementi rilevanti oħra tal-kuntest, fosthom, b'mod partikolari, is-sospensjoni ta' din id-deċiżjoni.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-EU-OSHA effettivament ħadet inkunsiderazzjoni s-sospensjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC u li hija ġustament qieset li s-sospensjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC ma kinitx tipprekludi li l-konstatazzjonijiet ta' din id-deċiżjoni jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tintwera l-eżistenza ta' nuqqas professjonali serju tar-rikorrenti u sabiex tiġi adottata miżura ta' esklużjoni.

Fil-fatt, qabelxejn, il-fatti allegati fil-konfront tar-rikorrenti ma kinux ibbażati fuq sempliċi suppożizzjonijiet jew preżunzjonijiet, iżda kienu ġew ikkonstatati abbażi tal-elementi li rriżultaw minn investigazzjoni mwettqa miċ-CNMC.

Sussegwentement, ebda teħid ta' pożizzjoni dwar il-fondatezza tad-deċiżjoni taċ-CNMC ma kien jirriżulta mid-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-konstatazzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet tad-deċiżjoni taċ-CNMC dwar il-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni mir-rikorrenti għalhekk bl-ebda mod ma kienu kkontestati, u lanqas ma kienu tqajmu dubji dwarhom mill-qorti nazzjonali, li bbażat id-deċiżjoni tagħha ta' sospensjoni fuq kunsiderazzjonijiet ibbażati biss fuq il-konsegwenzi tal-multa imposta u tal-projbizzjoni li jiġi konkluż kuntratt fuq it-tkomplija tal-attivitajiet tar-rikorrenti. Fi kwalunkwe każ, il-fatt li, kif sostniet ir-rikorrenti, billi tat miżura provviżorja, il-qorti nazzjonali impliċitament iżda neċessarjament irrikonoxxiet il-plawżibbiltà tal-allegazzjonijiet tagħha ma kienx biżżejjed sabiex jiġu kkontestati l-konstatazzjonijiet u l-kunsiderazzjonijiet espliċiti tad-deċiżjoni taċ-CNMC.

Fl-aħħar nett, kien irrilevanti li d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni kienet issospendiet ukoll, minbarra l-ħlas tal-multa imposta bid-deċiżjoni taċ-CNMC, il-projbizzjoni għar-rikorrenti milli tikkonkludi kuntratti fi Spanja imposta minn din id-deċiżjoni. Fil-fatt, il-motivi tas-sospensjoni tad-deċiżjoni taċ-CNMC ma kkontestawx il-materjalità tal-fatti li fuqhom id-deċiżjoni kkontestata kienet ibbażata sabiex tiġi ddikajarata l-esklużjoni tar-rikorrenti. Barra minn hekk, ebda informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' miżuri korrettivi mir-rikorrenti u dwar il-ġustifikazzjoni tas-sospensjoni permezz tal-adozzjoni ta' tali miżuri ma kienet tirriżulta mid-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni.

It-tieni nett, fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva bl-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' esklużjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret il-ġurisprudenza tagħha li tgħid li leġiżlazzjoni li tinjora totalment l-effetti tal-preżentata ta' rikors amministrattiv jew ġudizzjarju fuq il-possibbiltà ta' parteċipazzjoni fi proċedura għall-għoti ta' kuntratt tista' tikser id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Issa, kif ġie espost iktar 'il fuq, f'dan il-każ ma setax jitqies li d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni kienet ġiet injorata u li l-protezzjoni ġudizzjarja tar-rikorrent kienet ġiet ippreġudikata.

Barra minn hekk, l-eżerċizzju tal-possibbiltà li jiġu esklużi mill-proċeduri ta' għoti tal-kuntratti pubbliċi tal-Unjoni persuna jew entità, f'dan il-każ ir-rikorrenti, abbażi ta' klassifikazzjoni ġuridika preliminari tal-aġir tagħha, ma jiksirx l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, l-eżistenza ta' rimedju sabiex tiġi kkontestata d-deċiżjoni kkontestata quddiem il-qorti tal-Unjoni tippermetti preċiżament li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja tar-rikorrenti.

Il-Qorti Ġenerali qieset li għalhekk ma kienx hemm lok li jiġi rrikonoxxut li d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni kellha l-istess effett bħal dak irrikonoxxut lid-deċiżjonijiet jew lis-sentenzi definittivi. Li kieku s-setgħa ta' esklużjoni tal-awtoritajiet tal-Unjoni setgħet tiġi pparalizzata sempliċement minħabba l-preżentata ta' rikors sospensiv kontra d-deċiżjoni nazzjonali li setgħet isservi bħala bażi għall-esklużjoni jew għas-sospensjoni ta' din id-deċiżjoni, tali rikors iċaħħad lil tali setgħa mill-effett utli tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali żiedet li, fil-każ li d-deċiżjoni nazzjonali ta' sospensjoni tiġi segwita minn sentenza definittiva li tannulla d-deċiżjoni taċ-CNMC, ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi [572] li l-uffiċjal awtorizzanti għandu jtemm l-esklużjoni mingħajr dewmien, u b'hekk għandu jagħti effett sħiħ lid-deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali u fl-istess ħin jiggarantixxi l-protezzjoni ġudizzjarja tar-rikorrent, li kienet marbuta f'dan il-każ mad-deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali li kienet torbot f'dan il-każ lill-awtorità tal-Unjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat in-natura tal-ġurisdizzjoni tagħha u l-intensità tal-istħarriġ tagħha fuq il-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti.

Fl-ewwel lok, wara li fakkret li għandha ġurisdizzjoni sħiħa sabiex teżamina mill-ġdid deċiżjoni ta' esklużjoni [573], il-Qorti Ġenerali qieset li l-portata ta' din il-ġurisdizzjoni għandha tkun strettament limitata għad-determinazzjoni tas-sanzjoni, bl-esklużjoni ta' kull modifika tal-elementi li jikkostitwixxu l-aġir li jiġġustifika din is-sanzjoni.

Issa, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-eżami tal-miżuri korrettivi kien jaqa' taħt l-evalwazzjoni tal-aġir li jiġġustifika sanzjoni. Fil-fatt, l-evalwazzjoni li kellha ssir fuq il-miżuri korrettivi kienet ekwivalenti għall-verifika tal-persistenza tan-nuqqas professjonali serju, dedott f'dan il-każ mill-ksur ikkonstatat minn awtorità nazzjonali, u l-possibbiltà li dan jerġa' jseħħ. Huwa irrilevanti, f'dan ir-rigward, li l-miżuri korrettivi jseħħu ġeneralment wara li jseħħ il-ksur ikkonstatat mill-awtorità nazzjonali. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li hija ma setgħetx teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha għall-finijiet tal-eżami tal-motiv dwar il-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti. B'hekk hija ma setgħetx tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-miżuri korrettivi inkwistjoni għal dik tal-EU-OSHA u kellha tillimita ruħha li tistħarreġ il-legalità tal-imsemmija evalwazzjoni.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżami mill-qorti tal-Unjoni tal-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li, sabiex jiġi stabbilit li istituzzjoni tkun wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni ta' fatti kumplessi, il-provi prodotti mir-rikorrent kellhom ikunu suffiċjenti sabiex iċaħħdu mill-plawżibbiltà l-evalwazzjonijiet tal-fatti sostnuti f'dan l-att. Bla ħsara għal dan l-eżami tal-plawżibbiltà, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti kumplessi flok dik tal-awtur ta' din id-deċiżjoni. Fil-fatt, sa fejn l-istituzzjonijiet għandhom marġni ta' evalwazzjoni sabiex jevalwaw jekk aġir jistax jiġi kklassifikat bħala nuqqas professjonali serju u sa fejn l-evalwazzjoni tal-miżuri korrettivi tagħmel parti integrali minn dik ta' tali aġir, marġni ta' evalwazzjoni għandu jiġi rrikonoxxut lilhom ukoll sabiex jiġu evalwati l-miżuri korrettivi.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat l-elementi li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi eżerċitat l-istħarriġ tagħha tal-legalità tal-evalwazzjoni mill-EU-OSHA tal-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti. Billi jipprevedi li persuna jew entità ma għandhiex tiġi eskluża jekk tkun ħadet miżuri ta' rimedju suffiċjenti sabiex turi l-affidabbiltà tagħha [574], ir-Regolament Finanzjarju jimponi fuq il-persuna jew l-entità inkwistjoni l-oneru li tistabbilixxi li l-miżuri ta' rimedju adottati huma ta' natura li jipprekludu l-esklużjoni tagħha. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet li, mingħajr ma jitneħħa l-effett tal-oneru tal-prova impost minn dawn id-dispożizzjonijiet, ma jistax jiġi aċċettat li l-operatur ikkonċernat jipproduċi quddiem il-Qorti Ġenerali provi mhux ikkomunikati matul il-proċedura ta' esklużjoni. *A fortiori*, fil-kuntest ta' din l-istanza, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tagħti deċiżjoni dwar miżuri korrettivi mhux ippreżentati quddiem l-EU-OSHA.

Barra minn hekk, ikun ta' preġudizzju għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u għall-ekwilibriju istituzzjonali jekk il-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni dwar miżuri korrettivi ġodda jew provi ġodda prodotti, jekk ikun il-każ, simultanjament lill-uffiċjal awtorizzanti u li jistgħu jwasslu lil dan tal-aħħar

---

572 It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 136(2) tar-Regolament Finanzjarju.

573 Artikolu 143(9) tar-Regolament Finanzjarju.

574 Artikolu 106(7)(c) tar-Regolament Finanzjarju preċedenti u Artikolu 136(6)(a) tar-Regolament Finanzjarju.

jirrevedi d-deċiżjoni kkontestata fil-mori tal-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-provi kkomunikati lill-EU-OSHA qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali nnotat, fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità tas-sanzjoni ta' esklużjoni, li l-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-EU-OSHA bħala ċirkustanzi attenwanti sabiex jiġi llimitat it-tul tal-esklużjoni. Għalhekk, f'dan il-każ, kellhom jiġu analizzati l-miżuri korrettivi adottati mir-rikorrenti sa fejn dawn kienu jikkontribwixxu, mhux għad-determinazzjoni tal-aġir żbaljat, iżda għal dik tas-sanzjoni tagħha, u għaldaqstant kienu jiġġustifikaw li l-Qorti Ġenerali teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha.

Sabiex teżerċita din il-kompetenza, il-Qorti Ġenerali kienet għalhekk awtorizzata tieħu inkunsiderazzjoni provi prodotti għall-ewwel darba fil-kuntest ta' din l-istanza li ma kinux ġew ikkomunikati minn qabel lill-EU-OSHA, bla ħsara madankollu għall-osservanza tar-regoli ta' ammissibbiltà stabbiliti mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-allegata assenza ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' sanzjoni finanzjarja bħala alternattiva għall-esklużjoni.

Minn naħa, mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju [575] l-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-EU-OSHA ma kinitx, f'dan il-każ, obbligata teżamina l-ipoteżi ta' sostituzzjoni tas-sanzjoni ta' esklużjoni b'sanzjoni finanzjarja.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-talba magħmula lill-Qorti Ġenerali intiża li hija stess twettaq din is-sostituzzjoni fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet din it-talba bħala infondata. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma speċifikatx ir-raġunijiet li għalihom is-sanzjoni ta' esklużjoni kellha, f'dan il-każ, tiġi ssostitwita b'sanzjoni finanzjarja. Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, hija qieset li mill-eżami tal-argumenti tar-rikorrenti rriżulta li din is-sanzjoni ta' esklużjoni imposta f'dan il-każ kienet xierqa u ma kellhiex, għaldaqstant, tiġi ssostitwita b'sanzjoni finanzjarja.

575 Artikolu 106(13)(a) tar-Regolament Finanzjarju preċedenti.

# XIII. Klawżola ta' arbitraġġ

**Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2024, UIV Servizi vs REA (T-440/22, EU:T:2024:898)**

*"Klawżola ta' arbitraġġ – Ftehim ta' sussidju relatat mal-proġett TTD.EU ('European Quality Wines: Taste the Difference') – Miżuri ta' għoti ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ta' prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi – Sospensjoni tal-ftehim ta' sussidju – Suspetti ta' frodi fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali dwar ftehim ta' sussidju ieħor – Responsabbiltà kuntrattwali"*

Adita, abbażi tal-Artikolu 272 TFUE, skont klawżola ta' arbitraġġ, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni – li ma kienet qatt qamet qabel – tal-validità tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA) li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU [576] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ddikjarat l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata, ikkonstatat li ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba intiża li r-REA tiġi ordnata tneħħi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, u ċaħdet it-talba għad-danni li kienet ukoll tressqet quddiemha.

F'Diċembru 2019, wara sejħa għal proposti għal sussidji fir-rigward ta' miżuri ta' għoti ta' informazzjoni u ta' promozzjoni li jikkonċernaw il-prodotti agrikoli adottati fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi, ir-rikorrenti, l-assoċjazzjoni Taljana Unione Italiana Vini Servizi Soc. coop. arl (UIV Servizi), ikkonkludiet mal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (Chafea) il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU. B'effett minn April 2021, ir-REA ġiet fdata bl-implimentazzjoni tal-miżuri iggarantiti miċ-Chafea.

F'Mejju 2021, inbdew proċeduri kriminali fuq livell nazzjonali, fl-Italja, kontra l-President-Direttur Ġenerali u d-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti fuq suspett ta' frodi fil-kuntest ta' ftehim ta' sussidju kkoordinat mir-rikorrenti li ma kienx il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU (iktar 'il quddiem l-"investigazzjoni kriminali Taljana"). F'Lulju 2021, ir-rikorrenti informat lir-REA li l-Guardia di Finanza di Milano (il-Gwardja tal-Finanzi ta' Milano, l-Italja) kienet wettqet awditu fir-rigward tar-rikorrenti fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni kriminali. Sussegwentement, f'Awwissu 2021, iltaqgħu r-rikorrenti u l-persuna responsabbli għall-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fi ħdan ir-REA. Matul din il-laqgħa, il-persuna responsabbli fi ħdan ir-REA allegatament ikkonstatat li, peress li l-investigazzjoni kriminali Taljana kienet tikkonċerna ftehim ieħor, il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU seta' jkompli bl-eżekuzzjoni normali tiegħu, mingħajr ma kien meħtieġ li tittieħed miżura li tikkonċerna l-imsemmija eżekuzzjoni.

F'Jannar 2022, ir-REA ġiet informata mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) li, f'Diċembru 2021, dan tal-aħħar kien fetaħ investigazzjoni dwar allegazzjonijiet ta' frodi u irregolaritajiet oħra fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sussidju konklużi mir-rikorrenti, fosthom il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

Xahar wara, ir-REA indikat lir-rikorrenti, permezz ta' ittra ta' informazzjoni minn qabel, l-intenzjoni tagħha li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU. Wara li ċaħdet l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti, ir-REA, f'Mejju 2022, ikkonfermat li riedet tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU permezz tad-deċiżjoni kkontestata, abbażi tal-Artikolu 33.2.1(a) tal-imsemmi ftehim, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont dan l-artikolu, ir-REA tista' tissospendi l-implimentazzjoni ta' miżura tal-ftehim ta' sussidju "[j]ekk benefiċjarju (jew kwalunkwe persuna fiżika awtorizzata tirrappreżentah jew tieħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun wettaq jew ikun issuspettat li wettaq żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, jew ksur serju tal-obbligi li jirriżultaw minn dan il-ftehim […]". Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-rikorrenti adixxiet lill-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tikkonstata l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata, tordna lir-REA tneħħi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u tikkundanna lir-REA tħallasha kumpens għad-dannu morali u materjali li hija allegatament ġarrbet.

---

576 Ftehim ta' sussidju Nru 874904 li għandu bħala għan it-twettiq ta' proġett intitolat "European Quality Wines: Taste the Difference – TTD.EU", intiż li jippromwovi l-inbejjed Taljani u Spanjoli fis-swieq taċ-Ċina u tal-Istati Uniti (iktar 'il quddiem il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU").

F'Diċembru 2022, wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, ingħalqet l-investigazzjoni tal-OLAF. Abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni, l-OLAF kien għamel rakkomandazzjonijiet finanzjarji lir-REA, li, fid-data tas-seduta, l-implimentazzjoni tagħhom, fir-rigward tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, ma kinitx wasslet għal miżuri ta' implimentazzjoni.

Sussegwentement, ir-REA ressqet talba għall-konstatazzjoni li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni u fiha informat lill-Qorti Ġenerali bil-fatt li s-sospensjoni tal-imsemmi ftehim kienet tneħħiet. Wara l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, ir-rikorrenti ppreżentat osservazzjonijiet dwar din it-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, liema talba hija opponiet.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Fl-ewwel lok, wara li, minn naħa, fakkret id-dispożizzjonijiet rilevanti, kemm tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll tad-dritt ċivili Belġjan, li kien jirregola l-kuntratt li fih iddaħħlet il-klawżola ta' arbitraġġ inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, ċaħdet it-talba tar-REA għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, sa fejn ir-rikorrenti, permezz tar-rikors tagħha, fittxet li tikseb li l-Qorti Ġenerali taqta' t-tilwima bejnha u r-REA fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u tiddikjara l-invalidità tad-deċiżjoni li l-imsemmi ftehim jiġi sospiż, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-validità tad-deċiżjoni kkontestata. Għal dan il-għan, hija interpretat l-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

Qabel kollox, fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 33.2.1(a)(i), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-President-Direttur Ġenerali u d-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti, li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni kriminali Taljana fuq suspett ta' frodi marbuta mal-eżekuzzjoni ta' ftehim ta' sussidju ieħor, kienu persuni fiżiċi awtorizzati sabiex jirrappreżentaw jew jieħdu deċiżjonijiet f'isem ir-rikorrenti. F'dan il-każ, id-Direttur Finanzjarju ffirma, f'isem ir-rikorrenti, kemm il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, kif ukoll il-ftehim ta' sussidju inkwistjoni fl-investigazzjoni kriminali Taljana, u l-President-Direttur Ġenerali ffirma, f'isem ir-rikorrenti, l-ittra ta' attribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-miżuri marbuta mal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali nnotat li s-suspetti ta' frodi fir-rigward tal-President-Direttur Ġenerali u tad-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti setgħu, bħala prinċipju, kienu jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-ftehim ta' sussidju, sa fejn huma kienu awtorizzati jirrappreżentaw jew jieħdu deċiżjonijiet f'isem ir-rikorrenti.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ddeterminat jekk ir-REA setgħetx tikklassifika lil dawn il-persuni fiżiċi bħala "persuni ssuspettati li wettqu frodi", fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a)(i), klassifikazzjoni li b'hekk kienet tiġġustifika s-sospensjoni tal-ftehim. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-imsemmi artikolu jirreferi b'mod ġenerali għas-suspetti li jkunu twettqu "żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi", mingħajr ma jispeċifika l-oriġini jew is-sors ta' tali suspetti. B'hekk, l-eżistenza ta' investigazzjoni kriminali bbażata fuq suspetti ta' frodi, bħal f'dan il-każ, tista' tikkostitwixxi, bħala prinċipju, sors ta' "suspetti ta' frodi" fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali indirizzat il-kwistjoni jekk ir-REA setgħetx, bl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU skont l-Artikolu 33.2.1(a)(i), minkejja l-fatt li s-suspetti ta' frodi fir-rigward tal-President-Direttur Ġenerali u tad-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti kienu jirriżultaw mill-investigazzjoni kriminali Taljana li kienet tikkonċerna ftehim ta' sussidju ieħor. Fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali tat interpretazzjoni ddettaljata tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 33.2.1, fid-dawl, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili Belġjan.

Minn naħa, fir-rigward tal-Artikolu 33.2.1(a), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-punt (a)(i) ma fih ebda riferiment għall-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, b'mod li s-suspetti ta' frodi relatati mal-eżekuzzjoni ta' ftehim ieħor setgħu jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU. Madankollu, il-punt (a)(ii), min-naħa tiegħu, fih tali riferiment. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 33.2.1(b), ir-REA tista' tissospendi l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' sussidju "[j]ekk benefiċjarju (jew kwalunkwe persuna fiżika awtorizzata tirrappreżentah jew tieħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun wettaq – fil-kuntest ta' sussidji oħra tal-[Unjoni] jew tal-Euratom mogħtija lilu taħt kundizzjonijiet simili – żbalji, irregolaritajiet, frodi [...]". B'hekk, li kellu wieħed jaqra l-Artikolu 33.2.1(a)(i) fis-sens li suspetti ta' frodi fir-rigward ta' ftehim

ieħor jistgħu jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-Ftehim TTD.EU jiġri li l-Artikolu 33.2.1(b) jitlef l-effett utli tiegħu.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali qieset li r-REA, billi ddeċidiet li tissospendi l-Ftehim ta’ sussidju TTD.EU minħabba l-fatt li l-President-Direttur Ġenerali u d-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti kienu ssuspettati bi frodi fil-kuntest ta’ ftehim ta’ sussidju ieħor, kisret l-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta’ sussidju TTD.EU, u rrendiet din id-deċiżjoni invalida.

Fit-tieni lok, billi fil-frattemp tneħħiet is-sospensjoni tal-Ftehim ta’ sussidju TTD.EU, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba intiża li l-Qorti Ġenerali tordna lir-REA tneħħi s-sospensjoni.

Fit-tielet lok, fir-rigward tat-talba għad-danni, il-Qorti Ġenerali, wara li kkonstatat li kien hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar din it-talba minkejja l-fatt li tneħħiet is-sospensjoni tal-Ftehim ta’ sussidju TTD.EU, irrilevat li, skont il-Kodiċi Ċivili Belġjan, kellhom jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi sabiex dannu ta’ oriġini kuntrattwali jiġi kkumpensat, jiġifieri n-nuqqas ta’ eżekuzzjoni tal-kuntratt, dannu u rabta kawżali bejn in-nuqqas ta’ eżekuzzjoni u d-dannu.

Kien minnu li l-Qorti Ġenerali osservat li r-REA kienet iddeċidiet, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, li tissospendi l-Ftehim ta’ sussidju TTD.EU, bi ksur tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tiegħu. Madankollu, hija qieset li, għad illi r-rikorrenti, wara s-sospensjoni tal-Ftehim ta’ sussidju TTD.EU, aktarx kellha tissospendi jew tikkanċella ċerti avvenimenti organizzati sabiex jiġi eżegwit il-Ftehim ta’ sussidju TTD.EU, hija ma pprovatx li d-danni materjali li hija allegat seħħew tassew f’dan il-każ. Ir-rikorrenti lanqas ma pprovat id-dannu morali, fil-forma ta’ ħsara lir-reputazzjoni tagħha u lill-impressjoni li l-pubbliku għandu tagħha, li hija allegat li ġarrbet.

# XIV. Baġit tal-Unjoni

**Sentenza tal-4 ta' Settembru 2024, IMG vs Il-Kummissjoni (T-509/21, EU:T:2024:590)**

*"Regoli finanzjarji tal-Unjoni – Implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni taħt ġestjoni indiretta minn organizzazzjoni internazzjonali – Deċiżjoni li tirrifjuta li tirrikonoxxi persuna ġuridika bħala organizzazzjoni internazzjonali – Rikors għal annullament – Legalità tal-mandat mogħti lill-avukati tar-rikorrent – Ammissibbiltà – Deċiżjoni adottata fl-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja – Artikolu 266 TFUE – Awtorità ta' res judicata – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Ċertezza legali – Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 – Artikolu 58 – Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 – Artikolu 43 – Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 – Artikolu 156 – Kunċetti ta' 'organizzazzjoni internazzjonali' u ta' 'ftehim internazzjonali' – Żbalji ta' liġi – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Responsabbiltà mhux kuntrattwali"*

B'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiċħad ir-rikors ippreżentat minn International Management Group (IMG), intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tat-8 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea rrifjutat li tirrikonoxxilu, b'effett retroattiv mis-16 ta' Diċembru 2014, l-istatus ta' organizzazzjoni internazzjonali previst mir-regoli finanzjarji tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni permezz ta' ġestjoni indiretta [577] (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni materjali u morali li huwa allegatament kien ġarrab. L-eżami tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata ta l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tippreċiża, minn naħa, il-livell ta' stħarriġ xieraq mill-qorti tal-Unjoni f'dan il-qasam kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-kunċetti ta' "ftehim internazzjonali" u ta' "organizzazzjoni internazzjonali", kif iddefiniti minn strumenti tad-dritt internazzjonali pubbliku u mill-ġurisprudenza, b'mod partikolari dik tal-qrati internazzjonali.

IMG, ir-rikorrent, inħoloq fil-25 ta' Novembru 1994 [578], bl-għan li jippermetti lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li kienu qegħdin jipparteċipaw fir-rikostruzzjoni tal-Bosnja-Ħerzegovina li jkollhom entità ddedikata għal dan l-għan.

Fis-7 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni dwar il-Programm ta' Azzjoni Annwali 2013 favur il-Mjanmar/Burma [579] ffinanzjat mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 966/2012 [580]. Din id-deċiżjoni pprevediet, b'mod partikolari, programm ta' żvilupp tal-kummerċ li kellu jiġi ffinanzjat mill-Unjoni u li l-implimentazzjoni tiegħu kellha titwettaq f'ġestjoni konġunta mar-rikorrent.

Fis-17 ta' Frar 2014, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) informa lill-Kummissjoni li kien fetaħ investigazzjoni fuq l-istatus tar-rikorrent. Fil-15 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni rċeviet ir-rapport imħejji mill-OLAF fi tmiem l-investigazzjoni tiegħu. F'dan ir-rapport, l-OLAF qies, essenzjalment, li r-

[577] Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament Nru 966/2012 (UE, Euratom) (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

[578] Stabbilit bid-dokument tal-25 ta' Novembru 1994 dwar l-istabbiliment ta' International Management Group - Infrastructure for Bosnia and Herzegovina IMG-IBH (iktar 'il quddiem ir-"riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 1994").

[579] Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2013) 7682 final.

[580] Artikolu 84 tar-Regolament Nru 966/2012.

rikorrent ma kienx jikkostitwixxi organizzazzjoni internazzjonali, fis-sens tar-Regolament Nru 1605/2002 [581] u tar-Regolament Nru 966/2012 li ssostitwixxieh.

Fis-16 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li tafda l-implimentazzjoni, taħt ġestjoni indiretta, tal-programm ta' żvilupp tal-kummerċ previst mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija iktar 'il fuq lil organizzazzjoni oħra li ma kinitx ir-rikorrent (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tas-16 ta' Diċembru 2014").

Fl-aħħar nett, fit-8 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrent ittra sabiex tinformah dwar l-azzjonijiet li kien biħsiebha tieħu fuq ir-rapport tal-OLAF, u fejn hija indikat li kienet iddeċidiet, *inter alia*, li, sakemm ikun hemm ċertezza assoluta dwar l-istatus tiegħu bħala organizzazzjoni internazzjonali, id-dipartimenti tagħha ma kinux ser jikkonkludu ftehimiet ta' delega ġodda miegħu skont il-metodu ta' ġestjoni indiretta previst mir-Regolament Nru 966/2012 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2015").

Ir-rikorrent ippreżenta żewġ rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali, intiżi, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tas-16 ta' Diċembru 2014 u, min-naħa l-oħra, għall-annullament tad-deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2015 kif ukoll għall-kumpens għad-danni kkawżati minnha. Wara ċ-ċaħda ta' dawn iż-żewġ rikorsi, permezz tas-sentenzi tat-2 ta' Frar 2017, International Management Group vs Il-Kummissjoni [582], u tat-2 ta' Frar 2017, IMG vs Il-Kummissjoni [583], ir-rikorrent ippreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Permezz ta' sentenza tal-31 ta' Jannar 2019, International Management Group vs Il-Kummissjoni [584], il-Qorti tal-Ġustizzja annullat dawn iż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali kif ukoll id-deċiżjonijiet tas-16 ta' Diċembru 2014 u tat-8 ta' Mejju 2015, u bagħtet lura l-Kawża T-381/15 quddiem il-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni dwar it-talba tar-rikorrent għal kumpens relatat mad-danni allegatament ikkawżati mid-deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2015.

Permezz ta' sentenza tad-9 ta' Settembru 2020, IMG vs Il-Kummissjoni [585], il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal kumpens għad-danni allegatament ikkawżati mid-deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2015. Huwa ppreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fit-8 ta' Ġunju 2021, wara skambji mar-rikorrent li ppreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni fl-aħħar nett adottat id-deċiżjoni kkontestata.

Permezz ta' sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, IMG vs Il-Kummissjoni [586], il-Qorti tal-Ġustizzja annullat parzjalment is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2020 u bagħtet lura l-Kawża T-381/15 RENV quddiemha sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talba tar-rikorrent intiża għall-kumpens għad-dannu materjali allegatament ikkawżat mid-deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2015.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Inizjalment, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

---

**581** Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/25 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74).

**582** Sentenza tat-2 ta' Frar 2017, International Management Group vs Il-Kummissjoni (T-29/15, EU:T:2017:56).

**583** Sentenza tat-2 ta' Frar 2017, IMG vs Il-Kummissjoni (T-381/15, EU:T:2017:57).

**584** Sentenza tal-31 ta' Jannar 2019, International Management Group vs Il-Kummissjoni (C-183/17 P u C-184/17 P, EU:C:2019:78).

**585** Sentenza tad-9 ta' Settembru 2020, IMG vs Il-Kummissjoni **(**T-381/15 RENV, EU:T:2020:406).

**586** Sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, IMG vs Il-Kummissjoni (C-619/20 P u C-620/20 P, EU:C:2022:722).

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat, qabel kollox, li d-deċiżjoni kkontestata esponiet suffiċjentement il-kunsiderazzjonijiet legali u fattwali li fuqhom kienet ibbażata u li kienu ta' natura li jippermettu lir-rikorrent jevalwa huwa stess il-legalità tagħha u li jippermettu lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel motiv tar-rikorrent, ibbażat fuq diversi żbalji ta' liġi, b'mod partikolari l-ksur tal-Artikolu 266 TFUE, tal-awtorità ta' *res judicata*, tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-atti tal-Unjoni u tal-prinċipju ta' ugwaljanza. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali kif ukoll it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' diliġenza u tal-prinċipju ta' imparzjalità.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-raba' motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u fuq żbalji ta' liġi li permezz tagħhom ir-rikorrent allega li l-Kummissjoni rrifjutat li tikklassifika l-istrument ta' kostituzzjoni tiegħu bħala ftehim internazzjonali li kien jistabbilixxi organizzazzjoni internazzjonali u li tirrikonoxxilu l-istatus ta' organizzazzjoni internazzjonali minkejja l-prassi sussegwenti tal-membri tiegħu.

*Fuq il-grad ta' stħarriġ tal-qorti tal-Unjoni f'dan il-każ*

Fil-kuntest tal-eżami tar-raba' motiv, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet dwar il-livell ta' stħarriġ tal-qorti tal-Unjoni dwar il-legalità ta' deċiżjoni, bħalma hija d-deċiżjoni kkontestata. Hija fakkret, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni għandha setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa meta teżerċita r-responsabbiltà tagħha li timplimenta l-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari meta tagħżel li timplimenta dan il-baġit skont il-metodu ta' ġestjoni indiretta, u meta, fl-applikazzjoni ta' dan il-metodu ta' ġestjoni, hija tafda kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil organizzazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk, meta l-Kummissjoni teżerċita l-prerogattivi ddefiniti iktar 'il fuq, id-deċiżjonijiet li jaffettwawha negattivament li tadotta f'dan il-kuntest huma suġġetti għal stħarriġ limitat għall-iżbalji manifesti ta' evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali, bla ħsara għall-eżami tal-motivi l-oħra ta' illegalità li jistgħu jiġu invokati fil-kuntest ta' rikors għal annullament, konformement mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Madankollu, meta, bħal f'dan il-każ, il-Kummissjoni tirrifjuta li tafda organizzazzjoni b'kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit skont il-metodu ta' ġestjoni indiretta fuq il-bażi li din l-organizzazzjoni ma jkollhiex l-istatus ta' organizzazzjoni internazzjonali, il-legalità ta' tali deċiżjoni tkun suġġetta għal stħarriġ mill-Qorti Ġenerali, kemm għal żbalji legali kif ukoll għal żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

Fil-fatt, f'każ bħal dan, l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni ta' regoli ta' natura ġenerali li jippermettu li jiġu ddefiniti u identifikati organizzazzjonijiet internazzjonali taqa' taħt stħarriġ tal-iżball ta' liġi, filwaqt li l-interpretazzjoni tar-regoli speċifiċi tal-organizzazzjoni li tallega li hija organizzazzjoni internazzjonali fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni skont il-metodu ta' ġestjoni indiretta kif ukoll l-interpretazzjoni tat-teħid ta' pożizzjoni tal-membri tagħha, li jistgħu jkollhom ċerta kumplessità, huma suġġetti għal kontroll limitat għall-iżball manifest ta' evalwazzjoni.

*Fuq il-kunċetti ta' "organizzazzjoni internazzjonali" u ta' "ftehim internazzjonali" previsti mir-regoli finanzjarji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha skont il-metodu ta' ġestjoni indiretta*

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kunċett ta' "organizzazzjoni internazzjonali", kif iddefinit mid-dispożizzjonijiet suċċessivi tar-regoli finanzjarji tal-Unjoni [587], ikopri organizzazzjonijiet irregolati mid-dritt internazzjonali pubbliku mwaqqfa permezz ta' ftehimiet internazzjonali. Fil-fatt, id-dritt tal-

[587] Il-kunċett ta' "organizzazzjoni internazzjonali", imsemmi fl-Artikoli 53 u 53d tar-Regolament Nru 1605/2002, fl-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 966/2012 u fl-Artikolu 62 tar-Regolament 2018/1046, ġie ddefinit, f'termini kważi identiċi, fl-Artikolu 43(2) tar-Regolament Nru 2342/2002, u sussegwentement fl-Artikolu 43(1) tar-Regolament Delegat Nru 1268/2012, li ħassar u ssostitwixxa r-Regolament Nru 2342/2002, u fl-Artikolu 156 tar-Regolament 2018/1046. Għalhekk, bis-saħħa ta' dawn l-aħħar tliet dispożizzjonijiet, dan il-kunċett ikopri l-organizzazzjonijiet tad-dritt internazzjonali pubbliku stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali.

Unjoni għandu jiġi interpretat fid-dawl tar-regoli rilevanti tad-dritt internazzjonali, peress li dan id-dritt jagħmel parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u jorbot lill-istituzzjonijiet tagħha.

Madankollu, sa fejn il-kunċetti ta' "organizzazzjoni internazzjonali" u ta' "ftehim internazzjonali" jintużaw mir-regoli finanzjarji tal-Unjoni bl-għan speċifiku tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħha, dawn għandhom jiġu interpretati b'mod strett, u dan sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Għalhekk, f'tilwima bħal dik f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali għandha tapplika l-kunċetti tad-dritt internazzjonali pubbliku li għalihom jirreferu r-regoli finanzjarji tal-Unjoni filwaqt li tirrikorri għall-istrumenti ta' dak id-dritt li jiddefinixxu dawn il-kunċetti, kif interpretati skont il-ġurisprudenza. B'mod partikolari, f'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali interpretat il-kunċetti ta' "organizzazzjoni internazzjonali" u ta' "ftehim internazzjonali" previsti fir-regoli finanzjarji tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha taħt ġestjoni indiretta fid-dawl tal-prinċipji konswetudinarji tad-dritt internazzjonali pubbliku li jinsabu, fost l-oħrajn, fil-Konvenzjoni ta' Vjenna [588] u fl-abbozz tal-artikoli dwar ir-responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet internazzjonali [589].

F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 2(1)(i) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna jirriżulta li t-terminu "organizzazzjoni internazzjonali" jfisser organizzazzjoni intergovernattiva. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(a) tal-abbozz tal-artikoli jispeċifika li dan it-terminu jirreferi għal kwalunkwe organizzazzjoni mwaqqfa minn trattat jew strument ieħor irregolat mid-dritt internazzjonali u li jkollha l-personalità ġuridika internazzjonali proprja tagħha u li, minbarra l-Istati, organizzazzjoni internazzjonali tista' tinkludi fost il-membri tiegħu entitajiet li ma humiex Stati.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kundizzjoni relatata mat-twaqqif permezz ta' trattat jew ta' strument ieħor irregolat mid-dritt internazzjonali, mill-Artikolu 2(1)(a) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna jirriżulta li t-terminu "trattat" ifisser ftehim internazzjonali konkluż bejn Stati b'forma miktuba u rregolat mid-dritt internazzjonali, kemm jekk imfassal fi strument wieħed jew f'iktar minn strument wieħed relatati u irrispettivament mill-isem partikolari li jingħata. Għaldaqstant, dan jew dawn l-istrumenti jistgħu jikkostitwixxu l-espressjoni tal-qbil ta' volontajiet ta' żewġ suġġetti jew iktar tad-dritt internazzjonali, liema volontajiet jiġu fformalizzati f'dawn l-istrumenti. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-qrati internazzjonali jirriżulta li, tkun xi tkun l-importanza tiegħu fuq livell politiku, dokument iffirmat mill-Istati ma jistax jikkostitwixxi ftehim internazzjonali jekk ma jinkludi ebda dispożizzjoni li toħloq drittijiet jew obbligi li għalihom dawn l-Istati jkunu taw il-kunsens tagħhom [590].

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kundizzjoni relatata mal-pussess ta' personalità ġuridika internazzjonali proprja, mill-ġurisprudenza tal-qrati internazzjonali jirriżulta, l-ewwel nett, li r-rikonoxximent ta' organizzazzjoni internazzjonali huwa suġġett għall-pussess, mill-organizzazzjoni kkonċernata, ta' personalità ġuridika. Fil-fatt, entità stabbilita minn Stati u, jekk ikun il-każ, minn organizzazzjoni internazzjonali waħda jew iktar ma jkollhiex, fl-assenza ta' personalità ġuridika tagħha stess, in-natura

---

588 Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati, tat-23 ta' Mejju 1969 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1155, p. 331, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Vjenna").

589 Abbozz tal-artikoli dwar ir-responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet internazzjonali adottat mill-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Internazzjonali fit-tlieta u sittin sessjoni tagħha, fl-2011, u ppreżentati lill-Assemblea Ġenerali bħala parti mir-rapport tagħha dwar il-ħidma ta' dik is-sessjoni (A/66/10) (Direttorju tal-Kummissjoni dwar id-Dritt Internazzjonali, 2011, vol. II(2), iktar 'il quddiem l-"abbozz tal-artikoli").

590 Ara s-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, Obbligu ta' negozjar tal-aċċess għall-Oċean Paċifiku (Il-Bolivja vs Iċ-Ċilì), tal-1 ta' Ottubru 2018, Ġabra 2018, p. 507, punti 105 u 106 u l-ġurisprudenza ċċitata.

ta' organizzazzjoni internazzjonali, iżda dik ta' korp dipendenti jew fuq l-Istati li jkunu waqqfuha [591], jew fuq organizzazzjoni internazzjonali li fiha din l-entità tiġi ospitata [592].

It-tieni nett, mill-ġurisprudenza tal-qrati internazzjonali jirriżulta wkoll li l-organizzazzjonijiet internazzjonali jibbenefikaw, bħala prinċipju, minn privileġġi u immunitajiet li jkunu meħtieġa għall-eżerċizzju tal-missjonijiet tagħhom [593]. Fil-fatt, għall-kuntrarju tal-immunità ġurisdizzjonali tal-Istati, li hija bbażata fuq il-prinċipju ta' "*par in parem non habet imperium*", l-immunitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħala prinċipju, jingħataw mit-trattati kostitwenti ta' dawn l-organizzazzjonijiet u jkunu ta' natura funzjonali fis-sens li jkollhom l-għan li jevitaw impediment għall-funzjonament u għall-indipendenza tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati.

It-tielet nett, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-atti kostitwenti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali huma trattati ta' tip partikolari, peress li l-għan tagħhom ikun li joħolqu suġġetti ġodda tal-liġi, mgħammra b'ċerta awtonomija, li lilhom il-partijiet jafdaw il-kompitu li jiksbu għanijiet komuni. B'hekk, l-organizzazzjonijiet internazzjonali huma rregolati mill-"prinċipju ta' speċjalità", jiġifieri jingħataw setgħat ta' attribuzzjoni mill-Istati li jwaqqfuhom, li l-limiti tagħhom jiddependu fuq l-interessi komuni li dawn l-Istati jagħtuhom il-kompitu li jippromwovu u li normalment ikunu s-suġġett ta' formulazzjoni espliċita fl-istrument ta' kostituzzjoni tagħhom [594].

Għalhekk, organizzazzjoni internazzjonali ma tistax titnaqqas għal sempliċiment mekkaniżmu fakultattiv magħmul disponibbli għall-partijiet, li kull waħda minnhom tkun tista' tużah skont il-ħtieġa. Tabilħaqq, billi joħolqu organizzazzjoni internazzjonali u jagħtuha l-mezzi kollha meħtieġa għall-funzjonament tagħha, il-fundaturi tagħha juru r-rieda tagħhom li jagħtu l-aħjar garanziji ta' stabbiltà, kontinwità u effiċjenza għall-eżerċizzju tal-kompiti fdati lil din l-organizzazzjoni, sabiex ma jkunux jistgħu jitilqu unilateralment minn dan il-qafas meta jidhrilhom, u lanqas ma jkunu jistgħu jissostitwixxuha permezz ta' kanali oħra ta' komunikazzjoni [595].

*Fuq il-klassifikazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-att li stabbilixxa lil IMG bħala "ftehim internazzjonali"*

Il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kontenut u l-portata tar-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 1994, sabiex tiddetermina jekk dan id-dokument kienx jinkludi impenji legalment vinkolanti għall-firmatarji tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li mit-termini tar-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 1994 kien jirriżulta li l-firmatarji tagħha approvaw ir-regoli tal-organizzazzjoni tar-rikorrent, b'mod partikolari billi kkonfermaw id-Direttur Ġenerali tiegħu u billi ħadu deċiżjoni dwar l-istabbiliment ta' kumitat tat-

---

591 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, Ċerti Artijiet tal-Fosfat f'Nauru (Nauru vs L-Awstralja), tas-26 ta' Ġunju 1992, eċċezzjonijiet preliminari, Ġabra 1992, p. 240, punt 47).

592 Ara, f'dan is-sens, l-opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, sentenza Nru 2867 tat-Tribunal Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar rikors kontra l-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu, tal-1 ta' Frar 2012, Ġabra 2012, p. 10, punt 57 u 61.

593 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Permanenti ta' Arbitraġġ, Dr. Reineccius et vs Bank for International Settlements, tat-22 ta' Novembru 2002, Kawża Nru 2000-04, punt 108; opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, sentenza Nru 2867 tat-Tribunal Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar rikors kontra l-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu, tal-1 ta' Frar 2012, Ġabra 2012, p. 10, punt 58; u s-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, Fabbriki tal-polpa tal-karta fuq ix-xmara tal-Urugwaj (L-Arġentina vs L-Urugwaj), tal-20 ta' April 2010, Ġabra 2010, p. 14, punt 88.

594 Ara, f'dan is-sens, l-opinjoni konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, Legalità tal-użu tal-armi nukleari minn Stat f'kunflitt armat, tat-8 ta' Lulju 1996, Ġabra 1996, p. 66, punti 19 u 25; sentenzi tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, Fruntiera fuq l-art u fil-baħar bejn il-Kamerun u n-Niġerja, tal-11 ta' Ġunju 1998, eċċezzjonijiet preliminari, Ġabra 1998, p. 275, punti 64 sa 67; u Fabbriki tal-polpa tal-karta fuq ix-xmara tal-Urugwaj (L-Arġentina vs L-Urugwaj), tal-20 ta' April 2010, Ġabra 2010, p. 14, punt 89.

595 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, Fabbriki tal-polpa tal-karta fuq ix-xmara tal-Urugwaj (L-Arġentina vs L-Urugwaj), tal-20 ta' April 2010, Ġabra 2010, p. 14, punti 90 u 91.

tmexxija fi ħdanu. B'mod partikolari, għalkemm din ir-riżoluzzjoni ma kienet tinvolvi l-ebda obbligu għall-firmatarji tagħha li jsiru membri tar-rikorrent, il-punt 5 tagħha kien jipprevedi l-obbligu għall-Istati firmatarji li jiddeċiedu jekk jintegrawx lir-rikorrent fil-qafas komprensiv għar-rikostruzzjoni tal-Bosnja-Ħerzegovina jew jekk itemmux gradwalment l-attivitajiet tiegħu. Għalhekk, l-imsemmija riżoluzzjoni kien fiha mill-inqas impenn legalment vinkolanti wieħed għall-firmatarji tagħha, b'tali mod ma li ma setgħetx titqies li kienet dikjarazzjoni li l-portata tagħha kienet esklużivament ta' natura politika.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni vvizzjat id-deċiżjoni kkontestata bi żball ta' liġi meta qieset li r-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 1994 kienet tikkostitwixxi dikjarazzjoni politika nieqsa minn natura legalment vinkolanti.

Il-Qorti Ġenerali qieset ukoll li l-Kummissjoni vvizzjat id-deċiżjoni kkontestata bi żball ta' liġi ieħor billi rrifjutat li tikkwalifika din ir-riżoluzzjoni bħala ftehim internazzjonali minħabba l-assenza ta' setgħat sħaħ tal-parteċipanti fil-laqgħa tal-istess jum, peress li l-firma tal-imsemmija riżoluzzjoni kienet ġiet sussegwentement ikkonfermata minn mill-inqas żewġ Stati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li meta dokument jiġi ffirmat minn persuni li ma jkollhomx l-awtorità meħtieġa sabiex jorbtu lill-Istati li jappartjenu għalihom, konformement mal-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, tali dokument ma jistax jitqies li jkun ftehim internazzjonali legalment vinkolanti, sakemm dawn il-persuni ma jkollhomx is-setgħa li jorbtu lill-Istati msemmija mingħajr ma jkollhom għalfejn jipproduċu setgħat sħaħ, skont il-paragrafu 2 tal-istess artikolu [596].

Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, bil-parteċipazzjoni tagħhom fl-adozzjoni tal-istatut inizjali jew sussegwenti tar-rikorrent jew billi poġġew fuq il-kumitat tat-tmexxija tiegħu jew il-Kumitat Permanenti tiegħu, ċerti Stati firmatarji tar-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 1994 aġixxew b'tali mod li ħallew li jidhru bħala miksuba l-atti ta' firma ta' dan l-att mir-rappreżentanti tagħhom u għalhekk sussegwentement ikkonfermaw, fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, l-iffirmar ta' din ir-riżoluzzjoni li kienet maħsuba biex twaqqaf ir-rikorrent.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li dawn l-iżbalji ta' liġi baqgħu, f'dan l-istadju tal-eżami, mingħajr impatt fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, peress li ma kinux jaffettwaw il-kundizzjoni prevista mir-regoli finanzjarji tal-Unjoni li r-rikorrent, sabiex ikun jista' jibbenefika mill-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni skont il-metodu ta' ġestjoni indiretta previst għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, irid ikun ġie stabbilit minn ftehim internazzjonali li l-għan tiegħu ikun li jistabbilixxih bħala organizzazzjoni internazzjonali. Għalhekk, l-illegalitajiet ikkonstatati ma kinux, fihom infushom, ta' natura li jwasslu għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

*Fuq l-interpretazzjoni mill-Qorti Ġenerali tal-intenzjoni tal-firmatarji tal-att fundatur ta' IMG u tal-prassi sussegwenti tal-Istati firmatarji u tal-Istati Membri ta' din l-entità*

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma vvizzjatx id-deċiżjoni kkontestata bi żball ta' liġi meta qieset li r-riżoluzzjoni tal-25 ta' Novembru 1994 la kellha l-għan u lanqas l-effett li tagħti lir-rikorrent l-istatus ta' organizzazzjoni internazzjonali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, li jesprimi d-dritt konswetudinarju internazzjonali, trattat għandu jiġi interpretat in *bona fide*, fis-sens ordinarju li għandu jingħata lit-termini ta' dan it-trattat fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tal-għan u s-suġġett tiegħu.

Għalhekk il-Qorti Ġenerali qieset sussegwentement li l-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' liġi meta qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-prassi sussegwenti għall-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tal-25 ta'

---

596 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar, Delimitazzjoni tal-Fruntiera Marittima fil-Bajja ta' Bengal (Il-Bangladexx vs Il-Mjanmar), tal-14 ta' Marzu 2012, Ġabra tat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar 2012, p. 4, punti 96 u 98.

Novembru 1994, imbagħad għall-adozzjoni tal-istatut inizjali u tal-istatut tal-2012, ma kinux jaffermaw rikonoxximent suffiċjentement wiesa' u ċar tal-istatus tar-rikorrent bħala organizzazzjoni internazzjonali, kemm mill-firmatarji ta' din ir-riżoluzzjoni kif ukoll mill-membri tiegħu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza li tgħid li l-istrumenti ma jistgħux jitqiesu li jikkostitwixxu ftehim sussegwenti jew prassi sussegwenti li jistabbilixxu l-qbil tal-partijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' trattat, fis-sens tal-Artikolu 31(3)(a) u (b) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, jekk dawn l-istrumenti jkunu ġew adottati mingħajr l-appoġġ tal-Istati kollha li jkunu partijiet għall-imsemmi trattat [597].

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talbiet għal kumpens tar-rikorrent intiżi għall-kumpens għad-danni materjali u morali li huwa allegatament ġarrab, filwaqt li fakkret b'mod partikolari li t-talbiet intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ġew miċħuda, b'tali mod li ma kinitx issodisfatta l-ewwel kundizzjoni li tippermetti li tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni u li tirrigwarda l-eżistenza ta' ksur ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi.

---

597 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, Kaċċa tal-baleni fl-Antartiku (L-Awstralja vs Il-Ġappun; in-New Zealand, intervenjent), tal-31 ta' Marzu 2014, Ġabra 2014, p. 226, punt 83.

# XV. Aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet

## 1. Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji

### Sentenza tal-10 ta' Lulju 2024, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni (T-104/22, EU:T:2022:391)

*"Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti relatati mal-korrispondenza mibgħuta lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Ungeriżi dwar abbozz ta' sejħa għal proposti kofinanzjata mill-Unjoni fil-kuntest tal-Fondi strutturali u ta' investiment Ewropej – Dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru – Oppożizzjoni manifestata mill-Istat Membru – Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali – Kunċett ta' 'dokument relatat ma' kwistjoni li dwarha l-istituzzjoni tkun għadha ma ħaditx deċiżjoni' – Obbligu ta' motivazzjoni – Kooperazzjoni leali"*

Filwaqt li ċaħdet ir-rikors għal annullament tal-Ungerija kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tagħti lil terz applikant l-aċċess għall-korrispondenza indirizzata mill-awtoritajiet Ungeriżi lil din l-istituzzjoni fir-rigward ta' abbozz ta' sejħa għal proposti ffinanzjata minn fondi tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-portata tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali prevista mir-Regolament Nru 1049/2001 [598], b'mod partikolari fid-dawl tad-definizzjoni preċiża tal-kunċett ta' "proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni". Barra minn hekk, din it-tilwima, relattivament rari, li permezz tagħha Stat Membru wera l-oppożizzjoni tiegħu għall-iżvelar, minn istituzzjoni tal-Unjoni, ta' dokumenti li joriġinaw mill-awtoritajiet tiegħu stess tat l-opportunità lill-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ġdida dwar jekk din l-eċċezzjoni tistax tiġi invokata minn Stat Membru sabiex jopponi l-iżvelar ta' dokumenti relatati ma' sejħa għal proposti mfassla minn awtorità nazzjonali ta' ġestjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (iktar 'il quddiem il-"Fondi SIE"), fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża tal-baġit tal-Unjoni.

Fl-2021, tressqet talba għal aċċess lill-Kummissjoni, intiża għall-korrispondenza uffiċjali bejnha u bejn l-awtoritajiet Ungeriżi dwar sejħa għal proposti li taqa' taħt programm operazzjonali ffinanzjat mill-Fondi SIE [599] skont ir-Regolament Nru 1303/2013 [600]. Waqt il-konsultazzjoni tagħhom skont ir-Regolament Nru 1049/2001 [601], l-awtoritajiet Ungeriżi opponew l-iżvelar tad-dokumenti li kienu joriġinaw minnhom, abbażi tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali. Huma rrilevaw li, peress li l-proċess deċiżjonali li kien jikkonċerna s-sejħa għal proposti inkwistjoni kien għadu għaddej, l-iżvelar tal-imsemmija dokumenti seta' jippreġudika serjament il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u ta' trasparenza.

Il-Kummissjoni tat qabelxejn lit-terz applikant l-aċċess għal sitta mill-ħdax-il dokument identifikati bħala li kienu jaqgħu taħt it-talba għal żvelar, iżda rrifjutat li tagħtih aċċess għad-dokumenti li kienu joriġinaw mill-awtoritajiet Ungeriżi. Madankollu, wara talba konfermatorja u konsultazzjoni ġdida mal-

---

598 Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

599 Sejħa għal proposta "EFOP 2.2.5", intitolata "Titjib tat-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura mhux istituzzjonali – sostituzzjoni tal-akkomodazzjoni istituzzjonali sal-2023".

600 Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifiki fil-ĠU 2016, L 200, p. 140, fil-ĠU 2019, L 66, p. 6 u fil-ĠU 2022, L 146, p. 155).

601 Artikolu 4(4) u (5) tar-Regolament Nru 1049/2001.

awtoritajiet Ungeriżi, minkejja l-oppożizzjoni li huwa esprimew, il-Kummissjoni tat aċċess għad-dokumenti li kienu joriġinaw mill-awtoritajiet Ungeriżi, inklużi d-dokumenti identifikati reċentement.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Meta tat deċiżjoni dwar il-motiv li permezz tiegħu l-Ungerija akkużat lill-Kummissjoni talli ma applikatx, f'dan il-każ, l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fl-ewwel lok, li ebda proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni ma kien pendenti fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

F'dan ir-rigward, hija nnotat li, għalkemm il-Fondi SIE jaqgħu taħt il-ġestjoni kondiviża, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1303/2013 [602] dwar il-kriterji li għandhom jiġu osservati sabiex jintgħażlu l-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati minn dawn il-fondi juru li s-sejħiet għal proposti jaqgħu taħt ir-responsabbiltà esklużiva tal-Istati Membri. Għalhekk, ir-Regolament Nru 1303/2013 ma jagħtix kompetenza partikolari lill-Kummissjoni fil-proċess ta' finalizzazzjoni ta' sejħa għal proposti rregolata minn dan ir-regolament.

Barra minn hekk, skont interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, il-Qorti Ġenerali osservat li l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni hija suġġetta għall-identifikazzjoni ta' proċess li fi tmiemu istituzzjoni tal-Unjoni jkollha s-setgħa taħt id-dritt tal-Unjoni li tadotta deċiżjoni partikolari. Issa, is-sempliċi parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fi proċedura rregolata mir-regoli baġitarji tal-ġestjoni kondiviża ma tistax tiġġustifika li din il-proċedura taqa' taħt il-proċess deċiżjonali ta' din l-istituzzjoni. Fil-fatt, id-delega, mill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali, li tikkaratterizza l-ġestjoni kondiviża, tibqa' mingħajr effett fuq il-kompetenzi rispettivi tagħha u tal-Istati Membri ddefiniti b'mod ċar mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1303/2013, b'tali mod li l-proċessi deċiżjonali ta' kull wieħed minnhom ma jistgħux jiġu konfużi.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kellhiex tadotta deċiżjoni. Għalhekk, id-dokumenti li hija rċeviet ma setgħux jitqiesu li jirrigwardaw proċess deċiżjonali ta' istituzzjoni tal-Unjoni li kien għadu għaddej. Konsegwentement, huma ma setgħux jitqiesu li jirrigwardaw "kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttiħditx [minn istituzzjoni tal-Unjoni]" [603].

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-Ungerija dwar l-applikabbiltà tal-eċċezzjoni bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 għall-proċess deċiżjonali tal-awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali.

F'dan ir-rigward, hija rrilevat li din id-dispożizzjoni ma hijiex intiża li tipproteġi l-proċessi deċiżjonali tal-Istati Membri jew tal-persuni ġuridiċi minbarra l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, peress li l-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni tkopri biss id-dokumenti li jirrigwardaw "kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttiħditx [mill-istituzzjoni]". Interpretazzjoni ta' din l-eċċezzjoni li tgħid li hija tipproteġi wkoll il-proċess deċiżjonali tal-awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali twassal għall-introduzzjoni mill-ġdid, b'mod mhux kif suppost, tar-regola tal-awtur imneħħija mil-leġiżlatur tal-Unjoni, għal kull dokument li jaffettwa t-teħid ta' deċiżjoni ta' Stat Membru. Issa, tali interpretazzjoni la tkun kompatibbli mal-għan u lanqas mal-iskop tal-Artikolu 15 TFUE u tar-Regolament Nru 1049/2001, li huwa li l-pubbliku jingħata dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet fl-oqsma kollha ta' attività tal-Unjoni li jkun l-iktar wiesa' possibbli. Barra minn hekk, kull interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li tmur lil hinn mill-formulazzjoni stess twassal għal interpretazzjoni estensiva tal-eċċezzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni li ma tippermettix li tiġi limitata l-portata tar-raġuni għal rifjut ikkonċernata.

---

602 Artikolu 110(2)(a) u Artikolu 125(3) tar-Regolament Nru 1303/2013.

603 Fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

## 2. Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-persuna

**Sentenza tat-8 ta' Mejju 2024, Izuzquiza *et* vs Il-Parlament (T-375/22, EU:T:2024:296)**

*"Aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tad-data personali – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti dwar l-allowances u l-ispejjeż imħallsa lil Membru tal-Parlament kif ukoll dwar is-salarji u l-allowances tal-assistenti parlamentari tiegħu – Rifjut ta' aċċess – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu – Artikolu 4(1)(b) u (6) tar-Regolament Nru 1049/2001 – Protezzjoni tal-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data – Neċessità tat-trażmissjoni ta' data personali għal għan speċifiku ta' interess pubbliku – Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725"*

Adita b'rikors għal annullament ippreżentat minn tliet persuni fiżiċi, il-Qorti Ġenerali, b'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' April 2022 [604] li permezz tagħha din l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti lir-rikorrenti aċċess għal dokumenti dwar l-ammonti mħallsa minn din l-istituzzjoni lil Ioannis Lagos, Membru tal-Parlament, kif ukoll lill-assistenti parlamentari tiegħu, fil-kuntest tal-mandat ta' dan il-membru parlamentari. Bid-deċiżjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat l-eċċezzjoni dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti, ibbażata fuq il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu, prevista fir-Regolament Nru 1049/2001 [605]. Hija kkonstatat li l-Parlament kien imissu awtorizza l-aċċess għad-dokumenti li kien fihom data personali li tikkonċerna lil I. Lagos u lill-assistenti parlamentari tiegħu u li kienu jikkonċernaw, b'mod iktar partikolari, ir-rimborsi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowances ta' soġġorn imħallsa lil I. Lagos minn din l-istituzzjoni u r-rimborsi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-assistenti tiegħu.

I. Lagos kien ġie elett fil-Greċja u daħal fil-kariga tiegħu bħala Membru tal-Parlament fit-2 ta' Lulju 2019. Fis-7 ta' Ottubru 2020, huwa ġie kkundannat mill-qrati Griegi għal piena ta' priġunerija ta' tlettax-il sena u tmien xhur kif ukoll għall-ħlas ta' multa minħabba s-sħubija fi u t-tmexxija ta' organizzazzjoni kriminali kif ukoll minħabba żewġ reati minuri. Wara t-tneħħija tal-immunità parlamentari tiegħu, fis-27 ta' April 2021, I. Lagos ġie arrestat mill-awtoritajiet Belġjani u kkonsenjat lill-awtoritajiet Griegi. Fil-mument tal-għoti tas-sentenza, huwa kien qiegħed jiskonta l-piena ta' priġunerija tiegħu fil-Greċja.

Wara l-kundanna kriminali tiegħu, it-tneħħija tal-immunità tiegħu u l-priġunerija tiegħu, I. Lagos ma rriżenjax mill-mandat tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Barra minn hekk, il-kundanna tiegħu ma tatx lok għal komunikazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet Griegi lill-Parlament dwar l-iskwalifika mill-mandat tiegħu.

Fis-7 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti ressqu quddiem il-Parlament talba għal aċċess għal dokumenti li jikkonċernaw lil I. Lagos, li kienet ibbażata fuq ir-Regolament Nru 1049/2001 u li kienet tikkonċerna d-dokumenti kollha dwar l-allowances mogħtija lil dan tal-aħħar kif ukoll dwar l-ispejjeż marbuta mas-salarji tal-assistenti parlamentari akkreditati u lokali tiegħu. Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Frar 2022, il-Parlament irrifjuta li jagħti lir-rikorrenti l-aċċess għal dawn id-dokumenti. Fuq talba konfermatorja min-naħa tar-rikorrenti, il-Parlament adotta d-deċiżjoni kkontestata li permezz tagħha kkonferma r-rifjut inizjali tiegħu li jagħtihom l-aċċess għad-dokumenti mitluba billi invoka l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti marbuta mal-protezzjoni tad-data personali, prevista fir-Regolament

[604] Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew bir-referenza A(2021) 10718C, tat-8 ta' April 2022 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

[605] B'mod partikolari fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331). Skont din id-dispożizzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw l-aċċess għal dokument fil-każ li l-iżvelar tiegħu jkun ser jippreġudika l-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu, b'mod partikolari konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.

Nru 1049/2001, kif ukoll l-obbligu tar-rikorrenti li jistabbilixxu n-neċessità tat-trażmissjoni tad-data personali għal għan speċifiku ta' interess pubbliku, skont ir-Regolament 2018/1725 [606].

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament 2018/1725 jissuġġetta t-trażmissjoni ta' data personali għar-rekwiżit li jkunu stabbiliti diversi kundizzjonijiet kumulattivi. B'hekk, min jitlob l-aċċess għandu juri n-neċessità tat-trażmissjoni ta' data personali għal għan speċifiku ta' interess pubbliku, u mbagħad għandu jistabbilixxi l-fatt li din it-trażmissjoni hija l-iktar miżura xierqa fost il-miżuri l-oħra possibbli sabiex jintlaħaq l-għan imfittex u li hija proporzjonata għal dan l-għan. Ladarba dan jiġi stabbilit, l-istituzzjoni kkonċernata tkun meħtieġa tivverifika jekk hemmx xi raġuni li tippermetti li wieħed jaħseb li din it-trażmissjoni ser tkun tista' tippreġudika l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data u, jekk dan ikun il-każ, għandha twettaq ibbilanċjar, b'mod li jkun jista' jiġi vverifikat, bejn id-diversi interessi kompetituri sabiex tevalwa l-proporzjonalità tat-trażmissjoni tad-data personali mitluba.

Għalhekk, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fil-kuntest tal-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti marbuta mal-protezzjoni tad-data personali [607], jekk ir-rikorrenti ssodisfawx l-obbligu li jipprovaw in-neċessità tat-trażmissjoni tad-data personali għal għan speċifiku ta' interess pubbliku [608].

L-ewwel nett, hija wettqet analiżi dwar jekk l-għan invokat mir-rikorrenti għat-trażmissjoni tad-data ta' natura personali inkwistjoni kienx jikkostitwixxi għan speċifiku ta' interess pubbliku.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li din it-trażmissjoni tista' tkun ibbażata fuq għan ġenerali, bħalma huwa d-dritt għall-informazzjoni tal-pubbliku dwar l-aġir tal-Membri tal-Parlament fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. F'dan il-każ, l-għan invokat mir-rikorrenti kien li jkunu magħrufa l-ammonti konkreti tas-somom mogħtija mill-Parlament lil I. Lagos matul il-perijodu kkonċernat u l-mod kif dawn is-somom kienu ntużaw fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-mandat tiegħu bħala membru parlamentari sabiex jiġi ffaċilitat kontroll pubbliku, fir-rigward tal-aċċess ta' I. Lagos għal fondi pubbliċi. Kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-Parlament, dan l-għan ma kienx għan ġenerali, iżda kien speċifikament marbut maċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, li kienu ta' natura kompletament eċċezzjonali. Fil-fatt, dawn iċ-ċirkustanzi kienu jikkonċernaw Membru tal-Parlament li, wara li ġie kkundannat, fost oħrajn, għal piena ta' tlettax-il sena u tmien xhur priġunerija u arrestat fil-ħabs, talli, b'mod partikolari, wettaq reati serji, bħalma huma s-sħubija f'organizzazzjoni kriminali u t-tmexxija tagħha, baqa' Membru tal-Parlament u kompla jirċievi allowances li jikkorrispondu għall-eżerċizzju ta' din il-funzjoni. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, il-Parlament żbalja meta rrifjuta li jirrikonoxxi l-għan invokat mir-rikorrenti bħala għan speċifiku ta' interess pubbliku.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali analizzat jekk ir-rikorrenti wrewx in-neċessità tat-trażmissjoni ta' data personali, u b'mod iktar partikolari, jekk din it-trażmissjoni kinitx l-iktar miżura xierqa sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku ta' interess pubbliku mfittex mir-rikorrenti u jekk kinitx proporzjonata għal dan l-għan.

---

606 Skont l-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39), data personali għandha tiġi trażmessa lil destinatarji stabbiliti fl-Unjoni li ma jkunux istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni fil-każ biss li d-destinatarju jistabbilixxi li huwa neċessarju li din id-data tiġi trażmessa għal għan speċifiku ta' interess pubbliku u jekk il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jistabbilixxi, fil-każ li jkun hemm raġunijiet sabiex wieħed jaħseb li din it-trażmissjoni tista' tippreġudika l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-data, li t-trażmissjoni tad-data personali għal dan il-għan speċifiku hija proporzjonata, u dan wara li jkun wettaq ibbilanċjar, b'mod li jkun jista' jiġi vverifikat, bejn id-diversi interessi kompetituri.

607 Kif prevista fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament Nru 1049/2001.

608 Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament 2018/1725.

Minn naħa, fir-rigward tal-allowance għall-ispejjeż ġenerali [609] u tas-salarju mensili [610] ta' I. Lagos, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-informazzjoni dwar dawn id-drittijiet hija aċċessibbli għall-pubbliku b'mod liberu u mingħajr ħlas fuq is-sit internet tal-Parlament. Peress li għalhekk l-iżvelar tad-data personali inkwistjoni ma kienx l-iktar miżura xierqa sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mir-rikorrenti, dawn tal-aħħar ma kienx irnexxielhom juru n-neċessità ta' tali trażmissjoni. Skont il-Qorti Ġenerali, is-sitwazzjoni kienet differenti f'dak li jirrigwarda r-rimbors tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-ħlas tal-allowance ta' soġġorn tal-membri parlamentari sa fejn l-informazzjoni pubblikament disponibbli f'dan ir-rigward ma kinitx tippermetti li jkunu magħrufa l-ammonti tas-somom imħallsa mill-Parlament lil I. Lagos, fl-eżerċizzju tal-mandat tiegħu bħala membru parlamentari, matul il-perijodu kkonċernat, u lanqas ma kienet tippermetti li jkunu magħrufa l-għan tal-vjaġġ, id-destinazzjoni jew il-vjaġġ li huwa wettaq. Għalhekk, sa fejn it-trażmissjoni ta' din id-data tippermetti lill-pubbliku jkollu aċċess għall-imsemmija informazzjoni, l-iżvelar tagħha kien miżura iktar xierqa sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mir-rikorrenti milli kien l-aċċess għall-informazzjoni li diġà hija fid-dominju pubbliku. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li t-trażmissjoni tad-data li tikkonċerna lil I. Lagos kienet tikkostitwixxi miżura neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku ta' interess pubbliku invokat mir-rikorrenti sabiex jiġġustifikaw it-trażmissjoni tad-data personali inkwistjoni u li l-Parlament żbalja meta qies li dawn ma kinux issodisfaw l-obbligu li juru n-neċessità ta' din it-trażmissjoni għal tali għan.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tas-salarji tal-assistenti akkreditati u lokali ta' I. Lagos, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li dawn jitħallsu lilhom indipendentement mill-attivitajiet konkreti tagħhom fil-kuntest tal-assistenza parlamentari mogħtija lil I. Lagos. Għaldaqstant, sa fejn it-trażmissjoni ta' dokumenti dwar il-ħlas ta' dawn is-salarji ma setgħetx tipprovdi lir-rikorrenti informazzjoni dwar eventwali kontribuzzjoni, diretta jew indiretta, għall-finanzjament jew għat-twettiq ta' attività kriminali jew illegali eżerċitata minn I. Lagos, ir-rikorrenti ma kienx irnexxielhom juru n-neċessità ta' tali trażmissjoni. Madankollu, l-ispejjeż li jikkonċernaw il-vjaġġi tal-assistenti parlamentari ta' I. Lagos kienu marbuta mill-qrib mal-attivitajiet ta' dan tal-aħħar u setgħu jagħtu indikazzjonijiet dwar eventwali rabta, anki jekk indiretta, ma' attivitajiet illegali li setgħu ġew eżerċiti minn I. Lagos. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li t-trażmissjoni tad-data personali li tinsab fid-dokumenti dwar ir-rimborsi ta' dawn l-ispejjeż kienet miżura neċessarja sabiex jintlaħaq l-għan invokat mir-rikorrenti u li l-Parlament żbalja meta qies li r-rikorrenti ma kinux wettqu l-obbligu li juru n-neċessità tat-trażmissjoni ta' data personali għal għan speċifiku ta' interess pubbliku.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar l-eventwali preġudizzju għall-interessi leġittimi ta' I. Lagos u tal-assistenti tiegħu, ikkawżat mit-trażmissjoni tad-data personali inkwistjoni. F'dan ir-rigward, fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità ta' din it-trażmissjoni, il-Qorti Ġenerali wettqet ibbilanċjar tad-diversi interessi kompetituri [611]. B'hekk, fir-rigward, minn naħa, tal-interess li jiġi protett l-eżerċizzju liberu tal-mandat bħala membru parlamentari, sa fejn kienet ikkonċernata t-talba għal aċċess għall-informazzjoni dwar ir-rimborsi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowances ta' soġġorn li rċieva I. Lagos, l-għarfien mill-pubbliku ta' tali vjaġġi ma kienx ta' natura li jillimita, b'xi mod jew ieħor, l-eżerċizzju liberu tal-mandat tiegħu. Għaldaqstant, ma ġiex stabbilit b'liema mod l-iżvelar ta' informazzjoni dwar il-vjaġġi mwettqa kien ser ikun ta' natura li jaffettwa l-eżerċizzju liberu tal-mandat bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-interess li tiġi ggarantita s-sigurtà ta' I. Lagos, sa fejn kienu kkonċernati dokumenti dwar l-allowances ta' soġġorn u dwar ir-rimborsi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li rċieva fil-passat, is-sigurtà ta' membru parlamentari, bħala prinċipju, ma tkunx għadha tista' titqies li hija mhedda mit-trażmissjoni tad-data personali inkwistjoni

---

[609] Mill-Artikoli 25 u 26 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew 2009/C 159/01 tad 19 ta' Mejju u tad 9 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2009, C 159, p. 1) jirriżulta li l-Membri tal-Parlament għandhom jirċievu, kull xahar, allowance fissa għall-ispejjeż ġenerali, wara talba unika mressqa fil-bidu tal-mandat tagħhom.

[610] Skont l-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 2005/684/KE, Euratom tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-istatut għall-membri tal-Parlament Ewropew (ĠU 2005, L 262, p. 1), is-salarju ta' kull xahar tal-Membri jitħallas awtomatikament.

[611] Kif previst fl-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament 2018/1725.

sa fejn dawn huma vjaġġi li kienu diġà seħħew fil-mument li fih tressqet it-talba tar-rikorrenti. Għalkemm kien minnu li l-iżvelar lill-pubbliku ta' vjaġġi rikorrenti ta' I. Lagos, b'mod partikolari lejn residenza privata fil-Greċja, seta' jkun ta' preġudizzju għas-sigurtà tiegħu, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li kien il-Parlament, fl-ibbilanċjar tal-interessi kompetituri, li kellu jiżgura l-protezzjoni tad-data personali indispensabbli għas-sigurtà ta' I. Lagos, bħalma huwa l-indirizz personali tiegħu. Barra minn hekk, fir-rigward tas-sigurtà ta' I. Lagos waqt il-vjaġġi futuri tiegħu fl-eżerċizzju tal-mandat tiegħu, il-kwistjoni ma tqumx sa fejn I. Lagos kien jinsab il-ħabs fid-data tad-deċiżjoni kkontestata u għalhekk ma setax jivvjaġġa. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset li, peress li l-vjaġġi inkwistjoni kienu seħħew matul perijodu li fih I. Lagos kien diġà ġie kkundannat għal reati serji, kien għalhekk leġittimu li r-rikorrenti jkunu jistgħu jiksbu elementi ta' informazzjoni dwar l-għan u d-destinazzjonijiet ta' dawn il-vjaġġi. Peress li r-riskji ta' eventwali preġudizzju għall-eżerċizzju liberu tal-mandat ta' I. Lagos bħala membru parlamentari u għas-sigurtà tiegħu ma kinux suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw ir-rifjut tal-iżvelar tad-data personali inkwistjoni, il-Parlament żbalja meta qies li t-trażmissjoni ta' din id-data kienet ser tippreġudika l-interessi leġittimi ta' I. Lagos u tal-assistenti tiegħu u meta, wara li bbilanċja d-diversi interessi kompetituri, qies li tali trażmissjoni ma kinitx proporzjonata.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Parlament irrifjuta li jagħti aċċess għad-dokumenti, li kien fihom data personali li tikkonċerna lil I. Lagos, dwar ir-rimborsi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-allowances ta' soġġorn imħallsa lil dan tal-aħħar mill-Parlament kif ukoll għad-dokumenti, li kien fihom data personali li tikkonċerna lill-assistenti personali ta' I. Lagos, dwar ir-rimborsi tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li rċevew dawn tal-aħħar.

# XVI. Servizz pubbliku

## 1. Proċedura dixxiplinari

**Sentenza tad-29 ta' Mejju 2024, Canel Ferreiro vs Il-Kunsill (T-766/22, EU:T:2024:336)**

*"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Proċedura dixxiplinari – Sanzjoni dixxiplinari – Twissija – Atti li jmorru kontra d-dinjità tal-funzjoni – Artikoli 12 u 21 tar-Regolamenti tal-Persunal – Kompetenza tal-awtur tal-att – Obbligu ta' motivazzjoni – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Imparzjalità – Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali"*

Adita b'rikors minn uffiċjal tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ġenerali, b'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat id-deċiżjoni ta' din l-istituzzjoni li imponiet fuq din l-uffiċjal is-sanzjoni dixxiplinari ta' twissija.

F'din l-okkażjoni, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni, minn naħa, dwar il-kwistjoni mingħajr preċedenti dwar jekk id-deċiżjoni ta' sanzjoni dixxiplinari u d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment kontra din is-sanzjoni jistgħux jittieħdu mill-istess persuna waħda. Min-naħa l-oħra, is-sentenza tagħha kienet intiża li ttemm id-diverġenza fil-ġurisprudenza dwar l-ordni ta' trattament, mill-Qorti Ġenerali, tal-motivi diretti, b'mod awtonomu, kontra d-deċiżjoni adottata wara lment.

F'dan il-każ, wara investigazzjoni amministrattiva li kkonċernat lir-rikorrenti, l-Awtorità tal-Ħatra kkonstatat li din tal-aħħar kienet għamlet kummenti inġurjużi u aggressivi fil-konfront tas-superjura ġerarkika tagħha meta akkużatha b'fastidju u imponiet fuq ir-rikorrenti s-sanzjoni dixxiplinari inkwistjoni. Ir-rikorrenti ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni li madankollu ġie miċħud mill-Awtorità tal-Ħatra. Konsegwentement, ir-rikorrenti adixxiet lill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, għall-annullament tad-deċiżjoni li imponietilha t-twissija u tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali fakkret li r-rikorrent għandu jkun f'pożizzjoni li jissuġġetta għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni l-legalità tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment tiegħu meta jinvoka motiv li jirrigwarda speċifikament il-proċedura ta' lment. Fil-fatt, li kieku r-rikorrent ikun jista' jikkontesta biss id-deċiżjoni inizjali, kull possibbiltà ta' kontestazzjoni relatata mal-proċedura prekontenzjuża tkun eskluża. Huwa b'hekk jitlef il-benefiċċju ta' proċedura li jkollha l-għan li tippermetti u li tiffavorixxi ftehim bonarju tat-tilwima li tkun qamet bejn il-membru tal-persunal u l-amministrazzjoni u li timponi fuq l-awtorità li minnha jiddependi dan il-membru tal-persunal l-obbligu li teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha, fl-osservanza tar-regoli, fid-dawl tal-oġġezzjonijiet eventwali ta' dan l-istess membru tal-persunal. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali qieset li kellu jiġi eżaminat, qabel kollox, il-motiv ibbażat fuq l-illegalità li tivvizzja l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment, qabel ma tingħata deċiżjoni dwar il-motivi intiżi kontra d-deċiżjoni li kienet is-suġġett tal-ilment. Fil-fatt, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment, tkun l-amministrazzjoni li jkollha teżamina mill-ġdid l-ilment billi tiżgura r-regolarità tal-proċedura prekontenzjuża. Fit-tali każ, it-talbiet imressqa kontra d-deċiżjoni inizjali jkollhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli, għaliex prematuri, peress li din id-deċiżjoni tista' tkun suġġetta għall-istħarriġ tal-qorti biss jekk tkun ġiet suġġetta minn qabel għal eżami mill-ġdid fil-kuntest ta' proċedura prekontenzjuża regolari.

Fir-rigward tal-persuna kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment, il-Qorti Ġenerali osservat, minn naħa, li l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") bl-ebda mod ma jimponi li awtorità li ma tkunx l-Awtorità tal-Ħatra li tkun adottat l-att li jikkawża preġudizzju għandha tieħu konoxxenza tal-ilment imressaq kontra dan l-att. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li minn dan kien jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda sitwazzjoni li fiha l-istess awtorità tieħu deċiżjoni li tikkawża preġudizzju lill-uffiċjal, u sussegwentement tagħti deċiżjoni dwar l-ilment imressaq kontra din id-deċiżjoni.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward tan-natura stess tal-proċedura ta' lment, din ma tikkostitwixxix proċedura ta' appell, iżda għandha l-għan li tobbliga lill-awtorità li minnha jiddependi l-uffiċjal tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha fid-dawl tal-oġġezzjonijiet li jista' jkollu.

Għalhekk, fid-dawl tan-natura tal-proċedura ta' lment, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li ma setax jiġi konkluż li kien hemm ksur tal-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jiggarantixxi d-dritt ta' kull persuna li l-kawżi tagħha jiġu ttrattati b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, minħabba s-sempliċi fatt li d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment ittieħdet, konformement mar-regoli ta' organizzazzjoni interna tal-Kunsill, mill-istess persuna li kienet adottat id-deċiżjoni li kienet is-suġġett ta' dan l-ilment.

Fir-rigward tal-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni li tikkawża preġudizzju, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li din għandha l-għan, minn naħa, li tipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex tevalwa l-fondatezza tal-att li jikkawżalha preġudizzju u l-opportunità li tippreżenta rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li tippermetti lil din tal-aħħar teżerċita l-istħarriġ tagħha fuq il-legalità tal-att. In-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha, iżda wkoll tal-kuntest fattwali u legali li fih ikun ġie adottat l-att ikkontestat.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, l-espożizzjoni tal-fatti kkonstatati mill-Awtorità tal-Ħatra kontra r-rikorrenti sempliċement tirriproduċi parzjalment punt tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' investigazzjoni, li jikkostitwixxi biss sinteżi qasira tal-kunsiderazzjonijiet tal-investigaturi inklużi fil-partijiet preċedenti tal-imsemmi rapport. Iċċitata barra mill-kuntest tagħha, din is-silta ma kinitx ta' natura li tiżvela b'eżattezza l-fatti kkonstatati kontra r-rikorrenti.

L-Awtorità tal-Ħatra lanqas ma tat lir-rikorrenti spjegazzjonijiet dwar il-fatti kkonstatati kontriha fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment, minkejja l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li hija kienet qajmet insostenn tal-ilment tagħha. Din id-deċiżjoni llimitat ruħha, hija wkoll, sabiex ittenni parzjalment l-istess punt tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' investigazzjoni.

Madankollu, minkejja d-diversi kummenti dwar il-komunikazzjoni mhux xierqa tar-rikorrenti matul il-kollaborazzjoni tagħha mas-superjura ġerakika tagħha, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li mir-rapport ta' investigazzjoni ma kienx jirriżulta b'mod ċar u oġġettiv liema elementi kienu l-bażi tal-konklużjonijiet tal-investigaturi dwar il-ksur tar-Regolamenti tal-Persunal. Għaldaqstant, anki jekk id-deċiżjoni kkontestata ma ngħatatx f'kuntest kompletament mhux magħruf mir-rikorrenti, din tal-aħħar sostniet ġustament li d-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-imsemmi rapport ta' investigazzjoni, ma kinitx tinkludi motivazzjoni suffiċjenti. In-nuqqas ta' preċiżazzjonijiet dwar il-fatti allegati fil-konfront tar-rikorrenti kien jipprekludi lill-Qorti Ġenerali milli tistħarreġ il-fondatezza tad-deċiżjoni kkontestata, u dan kien jiġġustifika l-annullament tagħha.

## 2. Allowances

**Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2024, VA vs Il-Kummissjoni (T-123/23, EU:T:2024:359)**

*"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Remunerazzjoni – Allowances tal-familja – Allowance għall-wild dipendenti – Allowance tal-edukazzjoni – Deċiżjonijiet li jtemmu ċerti allowances – Kundizzjonijiet għall-għoti – Kunċett ta' 'tmiem l-istudji' – Ugwaljanza fit-trattament – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal – Responsabbiltà"*

Adita b'rikors ippreżentat minn uffiċjal tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, sa fejn dawn neħħew id-dritt ta' dan l-uffiċjal li jirċievi l-allowance għall-wild dipendenti, l-allowance tal-edukazzjoni kif ukoll it-tnaqqis tat-taxxa marbut mal-allowance għall-wild dipendenti, matul il-perijodu bejn l-aħħar eżami universitarju tal-wild tiegħu u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tar-riżultati finali mill-istituzzjoni edukattiva. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ġdida dwar minn liema data uffiċjal ma jibqax eliġibbli għall-

imsemmija drittijiet pekunjarji, peress li l-wild tiegħu ma jkunx qiegħed jirċievi iktar taħriġ edukattiv jew professjonali, fis-sens tal-Artikolu 2(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”), u ma jkunx għadu jattendi regolarment u full-time istituzzjoni ta’ tagħlim, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta’ dan l-anness.

F’dan il-każ, bint ir-rikorrent segwiet studji universitarji f’università Belġjana. B’mod partikolari, hija għamlet l-aħħar eżami taċ-ċiklu ta’ studju tagħha fit-18 ta’ Ġunju 2021, saret taf li hija kienet għaddiet mill-eżamijiet tagħha fit-2 ta’ Lulju 2021 u rċeviet ċertifikat ta’ suċċess fis-27 ta’ Awwissu 2021. Is-sena universitarja ntemmet fit-13 ta’ Settembru 2021.

Sa Settembru 2021, ir-rikorrent irċieva, għal bintu, l-allowance għall-wild dipendenti kif ukoll l-allowance tal-edukazzjoni, previsti fl-Artikoli 2 u 3 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, u bbenefika mit-tnaqqis tat-taxxa marbut mal-allowance għall-wild dipendenti. Madankollu, peress li bintu kienet għaddiet mill-eżamijiet tagħha f’Ġunju 2021 matul l-ewwel sessjoni ta’ eżamijiet, il-Kummissjoni ddeċidiet li r-rikorrent ma kellux iktar id-dritt li jirċievi d-drittijiet pekunjarji inkwistjoni minn Lulju 2021 u għalhekk irkuprat dawn id-drittijiet pekunjarji għax-xhur ta’ Lulju, Awwissu u Settembru 2021.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont l-Artikoli 2 u 3 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-allowance tal-edukazzjoni tista’ tingħata biss jekk il-kundizzjonijiet li jippermettu l-kisba tal-allowance għall-ulied dipendenti jkunu ssodisfatti minn qabel. Minn dan jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni tal-attendenza regolari u full-time f’istituzzjoni ta’ tagħlim għandha titwettaq sussegwentement, wara li jiġi stabbilit li l-wild li għalih tintalab l-allowance tal-edukazzjoni ikun ir-responsabbiltà tal-uffiċjal.

Fil-każ fejn wild isegwi studji universitarji, id-dritt għall-allowance għall-wild dipendenti huwa suġġett għas-sodisfazzjon ta’ tliet kundizzjonijiet, jiġifieri l-manteniment effettiv mill-uffiċjal tal-wild tiegħu, il-fatt li dan tal-aħħar ikollu bejn 18 u 26 sena, u l-fatt li l-wild jirċievi taħriġ edukattiv jew professjonali.

F’dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li “taħriġ” huwa kompost minn diversi stadji, bħalma huma l-parteċipazzjoni fil-korsijiet previsti mill-programm ta’ studji u fl-eżamijiet li jirrigwardaw dawn il-korsijiet, l-evalwazzjoni ta’ dawn tal-aħħar u, fi tmiem l-aħħar wieħed minn dawn l-eżamijiet, it-tqegħid għad-dispożizzjoni, mill-istituzzjoni ta’ tagħlim li tipprovdi t-taħriġ inkwistjoni, tar-riżultati finali li jiċċertifikaw is-suċċess tat-taħriġ. Dawn l-istadji huma inseparabbli minn xulxin, peress li l-parteċipazzjoni fl-eżamijiet tippermetti li tiġi evalwata l-kisba mill-istudent tal-kompetenzi u tal-għarfien mogħti fil-kuntest tal-korsijiet mogħtija.

Issa, peress li l-istudent jista’ jsir jaf bis-suċċess tat-taħriġ tiegħu biss wara li jkun temm l-eżamijiet kollha u ladarba r-riżultati ta’ dawn l-eżamijiet ikunu disponibbli mill-istituzzjoni tat-tagħlim, huwa mill-mument li r-riżultati finali jkunu disponibbli li l-istudent għandu jitqies li ma jirċevix iktar taħriġ fis-sens tal-Artikolu 2(3)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

B’hekk, il-wild ta’ bejn 18 u 26 sena li jirċievi taħriġ edukattiv jew professjonali jibqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal mhux sal-mument li fih dan il-wild jagħmel l-aħħar eżami tiegħu, iżda sal-mument li fih ir-riżultati finali jkunu disponibbli mill-istituzzjoni ta’ tagħlim.

F’dan il-kuntest, huwa għalhekk l-uffiċjal li għandu jinforma lill-amministrazzjoni bi tmiem l-istudji tal-wild tiegħu billi jikkomunikalha mingħajr dewmien id-data li fiha r-riżultati finali jkunu saru disponibbli mill-istituzzjoni edukattiva sabiex hija tkun tista’ immedjatament twaqqaf il-ħlas ta’ din l-allowance.

Fir-rigward tal-kundizzjoni tal-attendenza prevista fl-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-għoti tal-allowance tal-edukazzjoni, il-Qorti Ġenerali ttrasponiet għall-analiżi ta’ din il-kundizzjoni l-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-allowance għall-ulied dipendenti.

Minn dan jirriżulta li huwa mill-mument li fih ir-riżultati finali jkunu disponibbli mill-istituzzjoni ta' tagħlim li l-wild tal-uffiċjal għandu jitqies li ma jkunx qiegħed jattendi iktar regolarment u full-time istituzzjoni ta' tagħlim fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

## Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2024, Paraskevaidis vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (T-698/21, EU:T:2024:425)

*"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Remunerazzjoni – Allowances tal-familja – Allowance tal-edukazzjoni – Rifjut ta' għoti – Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Taħriġ professjonali – Edukazzjoni ogħla – Delega ta' poteri – Teħid lura tas-setgħat iddelegati – Awtorità tal-Ħatra kompetenti"*

Adita b'rikors ippreżentat minn uffiċjal tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ġenerali, b'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat id-deċiżjoni ta' din l-istituzzjoni, sa fejn din irrifjutat l-għoti tal-allowance tal-edukazzjoni lir-rikorrent minħabba li l-programm ta' taħriġ segwit minn bintu ma setax jitqies li kien edukazzjoni ogħla fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"). Fil-kuntest ta' dan ir-rikors, il-Qorti Ġenerali ddeterminat liema hija l-awtorità kompetenti u liema huwa l-att li jikkawża preġudizzju meta istituzzjoni tieħu lura, matul il-proċedura prekontenzjuża u għal każ individwali, setgħat li hija tkun iddelegat lil istituzzjoni oħra. Hija tat deċiżjoni wkoll dwar il-kwistjoni jekk l-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti l-għoti tal-allowance tal-edukazzjoni fil-każ fejn it-taħriġ segwit ikun ta' natura professjonali.

Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2019 [612], il-Kunsill inkariga lill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) tal-Kummissjoni bl-eżerċizzju tas-setgħat relatati mal-għoti u l-amministrazzjoni tal-allowances tal-edukazzjoni. Skont l-Artikolu 1(2) ta' din id-deċiżjoni, il-PMO jirrinunzja milli jeżerċita s-setgħat iddelegati lilu favur il-Kunsill jekk, f'każ individwali, l-Awtorità tal-Ħatra tal-Kunsill titlob dan.

F'dan il-każ, bejn ix-xhur ta' Novembru 2019 u ta' Awwissu 2020, it-tifla tar-rikorrent segwiet programm ta' taħriġ fil-psikopedagoġija. Skont l-Artikolu 3 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, allowance tal-edukazzjoni tħallset lir-rikorrent matul dan it-taħriġ. Fi Frar 2021, il-PMO kkomunika lir-rikorrent deċiżjoni li permezz tagħha ġie rrifjutat id-dritt għall-allowance tal-edukazzjoni, minħabba li l-programm ta' taħriġ inkwistjoni ma kienx ta' livell ogħla. Konsegwentement, l-ammonti li kienu tħallsu lilu għall-allowance tal-edukazzjoni kellhom jiġu rkuprati.

Wara talba għal eżami mill-ġdid tar-rikorrent, il-PMO tenna d-deċiżjoni tiegħu. Ir-rikorrent ressaq ilment quddiem il-Kunsill kontra d-deċiżjonijiet tal-PMO. Huwa ressaq ukoll ilment, f'termini identiċi, quddiem il-Kummissjoni. Il-Kunsill, filwaqt li informa lir-rikorrent dwar it-teħid lura tas-setgħat iddelegati, ċaħad l-ilment.

### *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kunsill, permezz tad-deċiżjoni dwar l-ilment, kien biddel kompletament ir-raġunijiet li jinsabu fid-deċiżjonijiet tal-PMO billi wettaq eżami mill-ġdid tas-sitwazzjoni tar-rikorrent. Għalhekk, l-imsemmija deċiżjoni kellha kontenut awtonomu u portata differenti mid-deċiżjonijiet tal-PMO u ma setgħetx titqies li kienet purament konfermattiva tagħhom. Għaldaqstant, id-deċiżjoni dwar l-ilment issostitwixxiet id-deċiżjonijiet tal-PMO u kienet tikkostitwixxi, f'dan il-każ, l-att li jikkawża preġudizzju.

Fir-rigward tal-kompetenza tal-Kunsill li jwettaq teħid lura tas-setgħat iddelegati għal każ individwali, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, li l-leġiżlatur ma eskludiex espliċitament, fir-Regolamenti tal-

[612] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/792 tat-13 ta' Mejju 2019 li tafda f'idejn il-Kummissjoni Ewropea – l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) – l-eżerċizzju ta' ċerti setgħat mogħtija lill-awtorità tal-ħatra u l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ (ĠU 2019, L 129, p. 3).

Persunal, il-possibbiltà ta' tali teħid lura. Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' ċertezza legali, li fuqu hija bbażata n-natura formali tal-operazzjonijiet ta' delega ta' kompetenza, jeżiġi li l-awtorità li tiddelega tadotta, minn qabel, att espliċitu li permezz tiegħu hija tirkupra l-kompetenza ddelegata. Għalhekk, bl-istess mod li delega ta' kompetenza teħtieġ l-adozzjoni ta' att espliċitu li jittrasferixxi s-setgħa kkonċernata, it-teħid lura tas-setgħat iddelegati għandu jsir ukoll permezz tal-adozzjoni ta' att espliċitu. Barra minn hekk, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba jippreżumi b'mod partikolari li t-tqassim tal-kompetenzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal jiġi ddefinit b'mod ċar u debitament ippubblikat.

F'dan il-każ, it-teħid lura tas-setgħat iddelegati osserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ċertezza legali. Fil-fatt, l-ewwel nett, l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2019/792 jawtorizza espliċitament lill-Kunsill iwettaq teħid lura tas-setgħat iddelegati, preċiżament f'każijiet individwali u wara li jitressaq ilment. It-tieni nett, l-imsemmija deċiżjoni ġiet debitament ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. It-tielet nett, il-Kunsill eżerċita l-kompetenza tiegħu biss wara att espliċitu u minn qabel, li permezz tiegħu talab lill-PMO jirrinunzja għall-eżerċizzju tas-setgħat iddelegati f'dan il-każ, talba li ntlaqgħet mill-PMO. Minkejja li l-informazzjoni dwar it-teħid tas-setgħat iddelegati ntbagħtet lir-rikorrent biss fl-istadju tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment, dan madankollu ma ġiex ippreġudikat, peress li huwa kien ippreżenta wkoll l-ilment quddiem il-Kunsill.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt b'mod partikolari li l-Artikolu 90c tar-Regolamenti tal-Persunal jindika li t-talbiet u l-ilmenti li jirrigwardaw is-setgħat iddelegati għandhom jitressqu quddiem l-Awtorità tal-Ħatra ddelegata ma jistax jiġi assimilat ma' projbizzjoni leġiżlattiva ta' teħid lura ta' tali setgħat mid-detentur tagħhom, kemm jekk tali teħid lura jkun sħiħ jew individwali. L-imsemmija dispożizzjoni lanqas ma tista' tiġi titqies li tipprojbixxi t-teħid lura tas-setgħat iddelegati matul il-proċedura prekontenzjuża, fid-dawl, b'mod partikolari, tan-natura evoluttiva tagħha.

Fir-rigward tan-natura professjonali tat-taħriġ, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din ma għandhiex effett fuq l-għoti tal-allowance tal-edukazzjoni skont l-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, kemm-il darba dan it-taħriġ jingħata minn stabbiliment ta' tagħlim.

Fil-fatt, din id-dispożizzjoni teżiġi b'mod partikolari tliet kundizzjonijiet għall-għoti ta' allowance tal-edukazzjoni, jiġifieri, l-ewwel nett, l-attendenza fi stabbiliment ta' edukazzjoni, it-tieni nett, in-natura regolari tal-imsemmija attendenza u, it-tielet nett, il-fatt li din l-attendenza tkun abbażi full-time.

Issa, għalkemm il-leġiżlatur ma invokax in-natura tat-taħriġ mogħti minn stabbiliment tal-edukazzjoni ogħla fil-kuntest tal-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, filwaqt li għamel dan fil-kuntest tal-Artikolu 2(3)(b) tal-istess anness, la hija l-Awtorità tal-Ħatra tal-istituzzjoni kkonċernata u lanqas il-Qorti Ġenerali li għandhom jistabbilixxu din in-natura bħala kundizzjoni addizzjonali.

Għalhekk, ċertament, id-distinzjoni bejn taħriġ edukattiv u taħriġ professjonali li tinsab fl-Artikolu 2(3)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tippermetti li jiġi eskluż il-ħlas tal-allowance tal-edukazzjoni prevista fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmi anness meta l-wild dipendenti jsegwi taħriġ professjonali mingħajr ebda rabta ma' stabbiliment tal-edukazzjoni. Għall-kuntrarju, din id-distinzjoni ma tipprekludix il-ħlas tal-allowance tal-edukazzjoni meta wild dipendenti jirċievi taħriġ professjonali mogħti minn stabbiliment tal-edukazzjoni ogħla li huwa jattendi regolarment u fuq bażi full-time.

## 3. Status ta' informatur

**Sentenza tal-11 ta' Settembru 2024, TU vs Il-Parlament (T-793/22, EU:T:2024:614)**

*"Servizz pubbliku – Assistenti parlamentari akkreditati – Tmiem tas-servizz – Kuntratt għal żmien determinat – Nuqqas ta' tiġdid – Status ta' informatur – Artikoli 22a sa 22c tar-Regolamenti tal-Persunal – Miżuri ta' protezzjoni – Kunfidenzjalità – Dannu morali"*

Filwaqt li laqgħet parzjalment rikors ippreżentat minn TU, ex assistent parlamentari akkreditat (iktar 'il quddiem "APA") tal-Parlament Ewropew, il-Qorti Ġenerali, b'awla estiża bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni inedita tal-protezzjoni li għandha tingħata minn din l-istituzzjoni lil APA fid-dawl tal-istatus tiegħu ta' informatur.

Ir-rikorrent kien ġie rreklutat bħala APA ma' grupp ta' deputati biex jassisti lil deputata, għal perijodu mix-xahar ta' Awwissu 2019 sax-xahar ta' Frar 2022. F'Lulju 2021, huwa ressaq talba għal assistenza u protezzjoni, taħt l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), dwar fatti ta' fastidju li kien ġarrab min-naħa tad-deputata inkwistjoni. Fil-posta elettronika tiegħu, ir-rikorrent kien indika wkoll li xtaq jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi pprovda, f'din it-talba, informazzjoni dwar irregolaritajiet finanzjarji allegatament imwettqa mill-istess deputata. Barra minn hekk, huwa ddenunzja dawn l-irregolaritajiet lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

Fl-istess xahar, il-Parlament adotta miżura ta' protezzjoni provviżorja intiża li tqiegħed lir-rikorrent taħt ir-responsabbiltà tal-President ta' Delegazzjoni, li kien ukoll membru tal-grupp li minnu kienet tagħmel parti d-deputata. Iktar tard, wara allegata ritaljazzjoni min-naħa tat-tmexxija ta' din id-delegazzjoni, ir-rikorrent ġie eżentat mill-funzjonijiet tiegħu fi ħdan id-delegazzjoni, fuq talba tiegħu, sa tmiem il-kuntratt tiegħu.

Ir-rikorrent kien talab ukoll li jiġi ttrasferit lejn kwalunkwe pożizzjoni oħra fi ħdan il-Parlament u talab lil dan tal-aħħar jikkunsidra l-estensjoni tal-kuntratt tiegħu sabiex ikun jista' jikkoopera ma' din l-istituzzjoni u mal-OLAF dwar l-investigazzjonijiet pendenti, filwaqt li jibbenefika minn protezzjoni sħiħa. Fl-aħħar nett huwa ressaq numru ta' talbiet ta' tiġdid tal-kuntratt tiegħu.

Peress li dawn ġew miċħuda, ir-rikorrent adixxa lill-Qorti Ġenerali b'rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament li ma jġeddidx il-kuntratt tiegħu ta' APA u tad-deċiżjoni impliċita li tirrifjuta li tirrikonoxxi l-istatus tiegħu ta' informatur u li tadotta miżuri oħra ta' protezzjoni addizzjonali għall-miżura ta' eżenzjoni mill-funzjoni kif ukoll, min-naħa l-oħra, għall-ħlas tad-dannu mġarrab.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Parlament ma kienx obbligat jadotta deċiżjoni li permezz tagħha kien jirrikonoxxi li r-rikorrent kellu jibbenefika mill-istatus ta' informatur. Fil-fatt, il-protezzjoni prevista fl-Artikolu 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal tingħata, mingħajr ebda formalità, lill-uffiċjali li jkunu taw informazzjoni dwar fatti li joħolqu preżunzjoni tal-eżistenza ta' attività illegali, mis-sempliċi fatt li jkunu pprovdew l-imsemmija informazzjoni.

Madankollu, din il-konstatazzjoni hija bla ħsara għall-ħtieġa għall-istituzzjoni li tirrispetta d-drittijiet li jirriżultaw mill-istatus ta' informatur tal-persuna kkonċernata.

F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, indipendentement mill-obbligi ta' informazzjoni tal-OLAF fir-rigward tar-rikorrent, il-Parlament, bħala awtorità kompetenti sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-membri tal-persunal tagħha li jkunu għamlu denunzji ta' irregolaritajiet serji, konformement mal-Artikoli 22a u 22b tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li ġie adit b'fatti msemmija fl-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, kellu, inizjalment, jikkonferma li rċieva din id-denunzja, u mbagħad, sussegwentement, jinforma lill-membru tal-persunal dwar l-azzjoni meħuda fir-rigward tad-denunzji tiegħu konformement mad-dmir tiegħu ta' premura u b'applikazzjoni tar-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 22c tar-Regolamenti tal-Persunal.

It-tieni nett, fir-rigward tal-oneru tal-prova tan-natura suffiċjenti tal-miżuri ta' protezzjoni, f'sitwazzjoni bħal dik f'dan il-każ, fejn ir-rikorrent ipproduċa indizji kredibbli li huwa ġarrab preġudizzju wara l-adozzjoni tal-miżura ta' trasferiment u fejn id-denunzji tiegħu dwar l-allegata ritaljazzjoni mwettqa mit-tmexxija tad-delegazzjoni kienu għadhom fuq kollox taħt eżami, kien il-Parlament li kellu juri li

huwa kien issodisfa d-dmir tiegħu ta’ protezzjoni tal-informatur billi adotta miżuri suffiċjenti għal dan il-għan.

Fil-fatt, f’sitwazzjoni fejn istituzzjoni tkun marbuta timplimenta d-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikoli 22a sa 22c tar-Regolamenti tal-Persunal, intiżi b’mod partikolari li jiżguraw protezzjoni għall-informaturi kontra miżuri possibbli ta’ ritaljazzjoni, din l-istituzzjoni ma tistax tipprevedi regoli inqas protettivi minn dawk li jkunu ġew speċifikament adottati, f’dan ir-rigward, mil-leġiżlatur tal-Unjoni għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-informaturi mill-Istati Membri [613].

It-tielet nett, fir-rigward tal-portata tal-obbligu tal-istituzzjoni li tipproteġi lill-informaturi, il-Qorti Ġenerali osservat li mill-Artikolu 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li l-istituzzjoni għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tiżgura lill-informaturi protezzjoni bbilanċjata u effikaċi kontra kull forma ta’ ritaljazzjoni, inkluż it-theddid u tentattivi ta’ ritaljazzjoni.

Huwa minnu li fl-assenza ta’ talba espliċita min-naħa ta’ deputat jew numru ta’ deputati tal-grupp, il-Parlament ma għandux il-possibbiltà li jġedded kuntratt ta’ APA. Fil-fatt, l-inizjattiva għat-tiġdid ta’ kuntratt ta’ APA tappartjeni biss lil deputat jew lil numru ta’ deputati, li ma jistgħux jiġu mġiegħla jikkollaboraw, jew ikomplu jikkollaboraw, ma’ APA li huma ma jkunux għażlu liberament. APA għandu mad-deputat jew deputati li jassisti relazzjoni ta’ xogħol ikkaratterizzata mill-eżistenza ta’ rabta ta’ fiduċja.

Bl-istess mod, id-dmir ta’ premura ma jistax jimplika li l-Parlament, bi ksur tar-regola, li tinsab fl-Artikolu 21 tal-Istatut tad-Deputati, li tipprovdi li d-deputati jagħżlu liberament il-kollaboraturi personali tagħhom, iġedded il-kuntratt ta’ APA, anki jekk dan ikun kiseb l-istatus ta’ informatur.

Madankollu, din il-konstatazzjoni hija mingħajr effett fuq id-dmir, li għandu l-Parlament, li jieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura lir-rikorrent protezzjoni bbilanċjata u effikaċi kontra kull forma ta’ ritaljazzjoni.

Il-Qorti Ġenerali qieset, f’dan ir-rigward, li, billi sempliċement informa lir-rikorrent li l-miżura ta’ eżenzjoni kienet l-unika miżura ta’ protezzjoni prevista, il-Parlament ma weriex li kien ħa l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżgura li r-rikorrent ma jġarrab ebda preġudizzju min-naħa tal-istituzzjoni minħabba l-istatus tiegħu ta’ informatur, b’applikazzjoni tal-Artikolu 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal. Fid-dawl tal-istatus ta’ informatur tar-rikorrent u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Parlament missu tah is-sostenn tiegħu, billi jipprova jassistih sabiex isib soluzzjoni, minbarra l-miżura ta’ eżenzjoni.

Barra minn hekk, billi sempliċement indika lir-rikorrent li ebda miżura oħra ħlief l-eżenzjoni ma kienet prevista għall-finijiet tal-protezzjoni tiegħu fir-rigward tal-istatus tiegħu ta’ informatur u li t-tiġdid tal-kuntratt tiegħu ma kienx miżura prevedibbli f’dan ir-rigward, il-Parlament ma weriex li kien ta lir-rikorrent il-parir u l-assistenza li kellu dmir jagħtih.

Fl-aħħar nett, billi informa lill-President tad-Delegazzjoni li r-rikorrent kien ser jiġi eżentat mill-funzjonijiet li kellu miegħu minħabba t-talba tiegħu għal assistenza, iżda wkoll minħabba l-istatus tiegħu ta’ informatur, mingħajr ma r-rikorrent kien awtorizza l-iżvelar ta’ dan l-istatus, il-Parlament kiser id-dmir tiegħu ta’ kunfidenzjalità u ta’ protezzjoni tal-identità tar-rikorrent bħala informatur.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien jeżisti dannu morali mġarrab mir-rikorrent li ma setax jiġi kkumpensat bis-sempliċi annullament tad-deċiżjoni impliċita, sa fejn, permezz ta’ din tal-aħħar, il-Parlament irrifjuta li jagħtih, bi tweġiba għat-talba tiegħu, miżura ta’ protezzjoni oħra minbarra l-miżura ta’ eżenzjoni. F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali annullat l-imsemmija deċiżjoni,

[613] Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta’ persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU 2019, L 305, p. 17).

laqgħet parzjalment it-talbiet għal kumpens, li kienu jammontaw għal EUR 10 000, u ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

# XVII. Talbiet għal miżuri provviżorji

### Digriet tad-9 ta' Frar 2024, Bytedance vs Il-Kummissjoni (T-1077/23 R, EU:T:2024:94)

*"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Servizzi diġitali – Regolament (UE) 2022/1925 – Nomina ta' gwardjan – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza"*

Il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji mressqa minn Bytedance Ltd u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea identifikatha bħala gwardjan fis-sens tar-Regolament dwar is-swieq diġitali [614] (iktar 'il quddiem id-"DMA"), għar-raġuni li l-kundizzjoni tal-urġenza ma kinitx issodisfatta.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, Bytedance, kumpannija holding mhux operattiva maħluqa fiċ-Ċina fl-2012, kienet tipprovdi l-pjattaforma ta' divertiment TikTok permezz ta' sussidjarji lokali. Permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Settembru 2023 [615], il-Kummissjoni identifikatha bħala gwardjan fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-DMA.

Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat minn Bytedance quddiem il-Qorti Ġenerali. Permezz ta' att separat, Bytedance ressqet quddiem il-Qorti Ġenerali talba għal miżuri provviżorji intiża, essenzjalment, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn imponiet fuqha l-obbligi applikabbli għall-gwardjani taħt id-DMA.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jistgħu jingħataw jekk jiġi stabbilit li l-għoti tagħhom ikun *prima facie* ġġustifikat fil-fatt u fid-dritt (*fumus boni juris*) u li jkunu urġenti. Peress li dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina, fl-ewwel lok, jekk il-kundizzjoni dwar l-urġenza kinitx issodisfatta f'dan il-każ.

B'mod ġenerali, il-kundizzjoni dwar l-urġenza għandha tiġi evalwa

ta fid-dawl tan-neċessità li tingħata deċiżjoni provviżorja sabiex jiġi evitat li jiġi kkawżat dannu gravi u irreparabbli għall-parti li tkun talbet il-protezzjoni provviżorja.

Issa, sabiex tistabbilixxi n-natura gravi u irreparabbli tad-dannu invokat, Bytedance essenzjalment sostniet li, fl-assenza tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tidentifikaha bħala gwardjan, hija kien ser ikollha tikkonforma ruħha mal-obbligi stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 5, 6 u 15 tad-DMA f'terminu ta' sitt xhur mill-identifikazzjoni tagħha, u li dan kien ser iwassal għal ksur irrimedjabbli tal-kunfidenzjalità kif ukoll għal bidliet irriversibbli fis-suq.

Fir-rigward, minn naħa, tal-allegat ksur irrimedjabbli tal-kunfidenzjalità, Bytedance sostniet li l-implimentazzjoni immedjata tal-obbligi previsti fl-Artikolu 15 tad-DMA kienet ser toħloq ir-riskju li tiġi żvelata informazzjoni ta' importanza strateġika kbira fir-rigward tal-prattiki ta' TikTok fil-qasam tal-profili tal-utenti, li fl-assenza ta' din l-iżvelar ma kinitx informazzjoni pubblika u li kienet ser tippermetti lill-kompetituri ta' TikTok u lil terzi oħra jkollhom informazzjoni dwar l-istrateġiji kummerċjali tagħha dwar TikTok b'mod li jippreġudika sinjifikattivament l-attivitajiet tagħha.

---

[614] Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali) (ĠU 2022, L. 265, p. 1).

[615] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2023) 6102 final tal-5 ta' Settembru 2023 li taħtar lil ByteDance bħala gwardjan, skont l-Artikolu 3 tad-DMA.

F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata, madankollu, li Bytedance kienet sempliċement qiegħda tallega li l-informazzjoni inkwistjoni kellha titqies li kienet kunfidenzjali għall-finijiet tal-istabbiliment tal-urġenza, mingħajr iżda ma wriet li tali allegazzjoni kienet tissodisfa l-kundizzjoni tal-*fumus boni juris*.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva, barra minn hekk, li, għalkemm l-Artikolu 15(1) tad-DMA jobbliga lill-gwardjan jikkomunika lill-Kummissjoni u, indirettament lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), deskrizzjoni li kienet is-suġġett ta' awditu indipendenti tat-tekniki kollha użati għall-bini ta' profil tal-konsumaturi applikati fil-kuntest tas-servizzi ta' pjattaforma essenzjali tagħha, din id-dispożizzjoni ma tirrikjedix li din id-deskrizzjoni għandha tiġi ppubblikata.

B'mod iktar partikolari, l-Artikolu 15(3) tad-DMA sempliċement jobbliga lill-gwardjan jippubblika "ħarsa ġenerali" tad-deskrizzjoni li kienet is-suġġett ta' awditu indipendenti, imfassla mill-gwardjan stess, li "jista' jqis il-ħtieġa li jiġu rrispettati s-sigrieti kummerċjali tiegħu". F'dan l-aħħar rigward, il-mudell finali ta' komunikazzjoni taħt l-Artikolu 15 tad-DMA jipprevedi espliċitament li l-ħarsa ġenerali mhux kunfidenzjali prevista fl-Artikolu 15(3) tad-DMA jippermetti lill-gwardjan, jekk ikun il-każ, li jagħmel sunt u li jħalli barra informazzjoni mid-deskrizzjoni, b'mod partikolari sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-ħtieġa li jipproteġi s-sigrieti kummerċjali jew informazzjoni kunfidenzjali oħra.

Barra minn hekk, Bytedance ma kienx irnexxielha turi b'mod suffiċjenti fid-dritt li r-riskju allegat ta' żvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali kien ser jagħti lok għal dannu gravi u irreparabbli jew li d-dannu gravi u irreparabbli allegat kien probabbli jew imminenti, kif teżiġi l-ġurisprudenza.

Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-allegati bidliet irriversibbli fis-suq, Bytedance kienet qiegħda tallega li l-Artikoli 5 u 6 tad-DMA kienu jipprekluduha milli tuża l-pjattaforma TikTok tagħha sabiex tintroduċi innovazzjonijiet u sabiex toffri funzjonalitajiet ġodda u prodotti ġodda. B'mod partikolari, Bytedance enfasizzat il-konsegwenzi negattivi li kienu jirriżultaw mir-restrizzjonijiet dwar il-kombinazzjoni u l-użu trażversali ta' data personali, previsti fl-Artikolu 5(2) tad-DMA.

Dwar dan il-punt, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata, madankollu, li d-dannu allegat minn Bytedance kien, minn naħa, purament ipotetiku u, min-naħa l-oħra, ta' natura finanzjarja.

F'dan l-aħħar rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li dannu ta' natura pekunjarja ma jistax, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jitqies li huwa irreparabbli jew saħansitra diffiċilment reparabbli, sa fejn, bħala regola ġenerali, kumpens pekunjarju jista' jistabbilixxi mill-ġdid lill-persuna leża fis-sitwazzjoni tagħha qabel seħħ id-dannu.

Issa, f'dan il-każ, Bytedance ma affermatx, u wisq inqas stabbilixxiet, in-natura gravi u irreparabbli tad-dannu finanzjarju li setgħet iġġarrab. Fil-fatt, id-dannu allegat, jekk jitqies li huwa stabbilit, jista' jkun is-suġġett ta' rikors għad-danni li Bytedance tista' tippreżenta fl-eventwalità li tirbaħ il-kawża fil-kuntest tal-proċedura prinċipali.

Fl-aħħar nett, il-President tal-Qorti Ġenerali enfasizza li, sa fejn id-dannu allegat minn Bytedance kien ta' natura pekunjarja, din tal-aħħar setgħet tippreżenta, konformement mal-Artikolu 9(1) tad-DMA, talba għas-sospensjoni tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5(2)(b) u (c) tal-imsemmi regolament billi turi li l-osservanza ta' dawn l-obbligi kienet ser thedded, minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali li ma kellhiex kontroll fuqhom, il-vijabbiltà ekonomika tal-attivitajiet tagħha fl-Unjoni. Issa, kif ikkonfermat il-Kummissjoni, sal-jum li fih ingħata d-digriet hija ma kienet irċeviet ebda talba f'dan is-sens wara l-komunikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata lir-rikorrenti.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji minħabba li Bytedance kienet naqset milli tistabbilixxi li l-kundizzjoni dwar l-urġenza kienet issodisfatta, mingħajr ma kien meħtieġ li jagħti deċiżjoni dwar il-*fumus boni juris* jew li jwettaq ibbilanċjar tal-interessi.

## Digriet tat-13 ta' Ġunju 2024, Vivendi vs Il-Kummissjoni (T-1097/23 R-RENV, EU:T:2024:381) [616]

*"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Talba għal informazzjoni – Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 – Talba għal miżuri provviżorji – Fumus boni juris – Ibbilanċjar tal-interessi"*

## Digriet tat-13 ta' Ġunju 2024, Lagardère vs Il-Kummissjoni (T-1119/23 R-RENV, EU:T:2024:382)

*"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Talba għal informazzjoni – Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 – Talba għal miżuri provviżorji – Fumus boni juris – Ibbilanċjar tal-interessi"*

Bil-Qorti Ġenerali adita mill-ġdid bil-kawża wara li ntbagħtet lura quddiemha mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talbiet għal miżuri provviżorji mressqa minn Vivendi SE u Lagardère SA dwar talba għal informazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' operazzjoni ta' konċentrazzjoni.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, Lagardère u Vivendi (iktar 'il quddiem, flimkien, ir-"rikorrenti") kienu l-kumpanniji omm ta' gruppi Franċiżi attivi fis-settur tal-mezzi tal-komunikazzjoni. Fl-2023, il-Kummissjoni awtorizzat operazzjoni ta' konċentrazzjoni li kienet tikkonsisti fl-akkwist tal-kontroll esklużiv ta' Lagardère minn Vivendi, bil-kundizzjoni li jiġu osservati l-impenji aċċettati minn din tal-aħħar. Madankollu, peress li kellha suspett li din l-operazzjoni ta' konċentrazzjoni kienet ser titwettaq iktar kmieni milli miftiehem, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni formali f'dan ir-rigward u, f'dan il-kuntest, bagħtet lir-rikorrenti talbiet għal informazzjoni permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tad-19 ta' Settembru 2023 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati") [617].

Ir-rikorrenti ppreżentaw, it-tnejn li huma, rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati. Huma ressqu wkoll żewġ talbiet għal miżuri provviżorji fejn talbu, minn naħa, is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet u, min-naħa l-oħra, li tinħareġ l-ordni, b'mod kawtelatorju, li jinżammu d-dokumenti kollha kkonċernati minnhom.

Permezz ta' digrieti tad-19 ta' Jannar 2024 [618], il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talbiet għal miżuri provviżorji. Fl-24 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni estendiet it-termini ffissati fid-deċiżjonijiet ikkontestati u rabtet it-termini kif estiżi ma' multa. Sussegwentement, ir-rikorrenti pprovdew lill-Kummissjoni parti mid-dokumenti li kienu jissodisfaw il-kriterji ddefiniti fid-deċiżjonijiet ikkontestati.

Permezz ta' digrieti tal-11 ta' April 2024 [619], il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja annulla d-digrieti tad-19 ta' Jannar 2024 imsemmija iktar 'il fuq. Barra minn hekk, b'deċiżjoni definittiva dwar il-kundizzjoni marbuta mal-urġenza, huwa kkonstata li din il-kundizzjoni kienet issodisfatta, u bagħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-kundizzjoni marbuta mal-*fumus boni juris* u sabiex twettaq, jekk ikun il-każ, ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni.

---

616 Sunt komuni għall-kawżi ***Vivendi vs Il-Kummissjoni*** (T-1097/23 R-RENV) u ***Lagardère vs Il-Kummissjoni*** (T-1119/23 R-RENV).

617 Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2023) 6428 final u C(2023) 6429 final tad-19 ta' Settembru 2023 dwar proċedura skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (Każ M.11184 – Vivendi/Lagardère), kif emendati bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2023) 7463 final u C(2023) 7464 final tas-27 ta' Ottubru 2023.

618 Digrieti tad-19 ta' Jannar 2024, Vivendi vs Il-Kummissjoni (T-1097/23 R, mhux ippubblikat, EU:T:2024:15) u Lagardère vs Il-Kummissjoni (T-1119/23 R, mhux ippubblikat, EU:T:2024:16).

619 Digrieti tal-11 ta' April 2024, Lagardère vs Il-Kummissjoni (C-89/24 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2024:312) u Vivendi vs Il-Kummissjoni (C-90/24 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2024:318).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-Viċi President tal-Qorti Ġenerali***

Il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali eżamina, l-ewwel nett, il-persistenza tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti u ddeċieda li, fir-rigward ta' Lagardère, ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal miżuri provviżorji sa fejn kienet tikkonċerna d-dokumenti diġà mogħtija lill-Kummissjoni b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li kienet tikkonċernaha. Fil-fatt, id-dannu gravi u irreparabbli identifikat mill-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tiegħu [620] kien jirriżulta mill-ġbir u mit-trażmissjoni, mir-rikorrenti, tad-dokumenti inkwistjoni u mhux mill-aċċess mill-membri tal-persunal u mill-uffiċjali tal-Kummissjoni għal dawn id-dokument jew mill-użu tagħhom. Lagardère, madankollu, żammet interess ġuridiku fir-rigward tad-dokumenti kollha li kienu għadhom ma ngħatawx lill-Kummissjoni.

Fir-rigward ta' Vivendi, id-dannu gravi u irreparabbli identifikat, b'mod definittiv, mill-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja [621], kien jirriżulta b'mod partikolari mill-fatt li d-data personali li kellha tinġabar u tintbagħat lill-Kummissjoni skont id-deċiżjoni kkontestata kienet ta' natura li tippermetti li jinstiltu konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati. Issa, id-dokumenti mogħtija lill-Kummissjoni b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata kienu ġew issiġillati, mingħajr ma l-Kummissjoni kellha aċċess għalihom minn qabel, u għalhekk Vivendi kien għad għandha interess li titlob is-sospensjoni tal-imsemmija deċiżjoni għad-dokumenti kollha koperti minnha.

Fuq il-mertu, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali beda billi eżamina l-kundizzjoni marbuta mal-*fumus boni juris* u ddeċieda li din kienet issodisfatta miż-żewġ rikorrenti.

Fir-rigward ta' Lagardère, huwa qies li l-ilmenti dwar, essenzjalment, l-impossibbiltà għaliha li timplimenta d-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma tesponi ruħha għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tagħha ma kinux jidhru, *prima facie*, li ma kellhomx bażi serja. Fil-fatt, sabiex teżegwixxi b'mod eżawrjenti din id-deċiżjoni, Lagardère kien ser ikollha taċċedi għall-komunikazzjonijiet ta' wħud mill-impjegati u diretturi tagħha, minkejja li ma kinitx awtorità pubblika u minkejja li d-dritt Franċiż ma kienx jagħtiha espliċitament tali setgħa. B'hekk, hija kienet ser tiġi mġiegħla tadotta aġir li seta' jesponiha għal sanzjonijiet kriminali.

Fir-rigward ta' Vivendi, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali qies li l-motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għall-ħajja privata [622] ma kienx jidher, *prima facie*, li ma kellux bażi serja. F'dan is-sens, huwa rrileva, b'mod partikolari, li, fir-rigward tan-natura wiesgħa ħafna tal-obbligi imposti fuq Vivendi mid-deċiżjoni kkontestata, kien jidher ferm probabbli li numru kbir ta' dokumenti li kellhom b'hekk jintbagħtu lill-Kummissjoni ma kinux ser jaqgħu fl-isfera professjonali u setgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-ħajja privata tal-persuni kkonċernati. Issa, id-deċiżjoni kkontestata ma kienet tipprevedi ebda mekkaniżmu maħsub sabiex jiġu evitati, b'mod ġenerali, il-ġbir u t-trażmissjoni lill-Kummissjoni ta' dokumenti marbuta mal-ħajja privata tal-persuni kkonċernati jew sabiex joffri garanziji fir-rigward tal-ipproċessar ta' tali dokumenti.

It-tieni nett, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali wettaq ibbilanċjar tal-interessi u kkonkluda li l-interess pubbliku li titħares l-effettività tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni ma setax jipprevali meta mqabbel mal-interess difiż minn kull waħda mir-rikorrenti sa fejn iċ-ċaħda tat-talbiet għal miżuri provviżorji rispettivi kienet ser iċċaħħad lil sentenza ta' annullament mill-effett utli tagħha.

F'dan il-każ, kellu jipprevali l-interess ta' Lagardère li tevita d-dannu gravi u irreparabbli li seta' jirriżulta mill-fatt li tiġi mġiegħla, sabiex teżegwixxi d-deċiżjoni kkontestata, tadotta aġir li jesponiha

[620] Digriet tal-11 ta' April 2024, Lagardère vs Il-Kummissjoni (C-89/24 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2024:312).

[621] Digriet tal-11 ta' April 2024, Vivendi vs Il-Kummissjoni (C-90/24 P(R), mhux ippubblikat, EU:C:2024:318).

[622] Iggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

probabbilment għal sanzjonijiet kriminali. Fil-fatt, iċ-ċaħda tat-talba għal miżuri provviżorji kienet ser tobbliga lil Lagardère tadotta tali aġir u, għaldaqstant, setgħet tikkontribwixxi għad-dannu gravi u irreparabbli li seta' jirriżulta minn dan l-aġir.

Bl-istess mod, kellu jipprevali l-interess ta' Vivendi li tevita d-dannu gravi u irreparabbli li seta' jirriżulta minn ksur tad-dritt għall-ħajja privata tal-persuni kkonċernati mill-implimentazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u dan għaliex iċ-ċaħda tat-talba għal miżuri provviżorji kienet ser tobbligaha tipprovdi l-informazzjoni mitluba li ma ngħatatx u kienet ser tippermetti l-konsultazzjoni tal-informazzjoni li ngħatat, u b'hekk kienet ser tikkontribwixxi għall-imsemmi dannu.

Peress li l-kundizzjonijiet kollha għal dan il-għan kienu ssodisfatti, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talbiet għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward, minn naħa, tad-dokumenti li ma ngħatawx lill-Kummissjoni minn Lagardère u, min-naħa l-oħra, fil-każ ta' Vivendi, tad-dokumenti li kien fihom data li tikkonċerna l-ħajja privata tal-persuni kkonċernati. Huwa barra minn hekk ordna lill-partijiet jieħdu miżuri komplementari sabiex jiżguraw iż-żamma tad-dokumenti inkwistjoni.

### Digriet tat-12 ta' Awwissu 2024, Nuctech Warsaw Company Limited u Nuctech Netherlands vs Il-Kummissjoni (T-284/24 R, EU:T:2024:564)

*"Proċeduri għal miżuri proviżorji – Sussidji barranin – Spezzjonijiet fl-Unjoni – Regolament (UE) 2022/2560 – Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza – Nuqqas ta' fumus boni juris – Ibbilanċjar tal-interessi"*

Il-President tal-Qorti Ġenerali, minħabba li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' sospensjoni ta' eżekuzzjoni ma kinux issodisfatti, ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji mressqa minn Nuctech Warsaw Company Limited sp. z o.o. u Nuctech Netherlands BV (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") fir-rigward ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li obbligathom jissottomettu ruħhom għal spezzjonijiet.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, ir-rikorrenti kienu kumpanniji attivi fl-iżvilupp, fil-produzzjoni u fil-provvista ta' tagħmir għall-ispezzjoni tas-sigurtà u ta' servizzi wara l-bejgħ ta' dan it-tagħmir. Huma kienu miżmuma kompletament minn Nuctech Hong Kong Co. Ltd, kumpannija rreġistrata fiċ-Ċina.

Fis-16 ta' April 2024, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni [623] li ordnat spezzjoni konformement mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament 2022/2560 dwar is-sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern [624].

B'applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni wettqet spezzjoni fil-bini tar-rikorrenti. F'dan il-kuntest, hija talbet lil dawn tal-aħħar jissiġillaw virtwalment is-sistemi tal-posta elettronika tal-impjegati li d-data tagħhom kienet tinsab f'servers li kienu jinsabu fiċ-Ċina.

Ir-rikorrenti ppreżentaw quddiem il-Qorti Ġenerali rikors intiż b'mod partikolari għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Fl-istess ħin, huma ressqu talba għal miżuri provviżorji li fiha talbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll ta' kull att jew talba ulterjuri tal-Kummissjoni u tat-talbiet għal tqegħid taħt siġill virtwali.

---

623 Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-16 ta' April 2024 li timponi fuq impriża attiva fis-settur tas-sistemi ta' identifikazzjoni ta' theddid l-obbligu li tissuġġetta ruħha għal spezzjonijiet skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Każ FS.100068 – MARE) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

624 Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħolqu distorsjoni fis-suq intern (ĠU 2022, L 330, p. 1, rettifika fil-ĠU L, 2024/90559).

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Preliminarjament, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jistgħu jingħataw jekk jiġi stabbilit li l-għoti tagħhom ikun iġġustifikat *prima facie* fil-fatt u fil-liġi (*fumus boni juris*) u jekk jiġi stabbilit li jkunu urġenti, kundizzjonijiet dawn li huma kumulattivi. L-Imħallef tal-miżuri provviżorji għandu jwettaq ukoll, jekk ikun il-każ, ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni.

Fir-rigward tal-kundizzjoni dwar il-*fumus boni juris*, il-President tal-Qorti Ġenerali osserva li talba għal miżuri provviżorji għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti, waħedha, lill-konvenut jipprepara l-osservazzjonijiet tiegħu u lill-Imħallef tal-miżuri provviżorji jagħti deċiżjoni dwar din it-talba. Issa, billi sempliċement esprimew ċerti motivi b'sentenza waħda, ir-rikorrenti ma ssodisfawx l-oneru tagħhom li juru l-eżistenza ta' *fumus boni juris* fir-rigward tal-imsemmija motivi.

Il-President tal-Qorti Ġenerali qies li l-miżuri l-oħra invokati lanqas ma kienu ta' natura li jistabbilixxu l-eżistenza ta' *fumus boni juris*. Fir-rigward tal-ewwel motiv, l-ewwel nett, il-President tal-Qorti Ġenerali osserva li l-approċċ tal-Kummissjoni li kien jikkonsisti f'deċiżjoni ta' spezzjoni indirizzata lil impriża inkorporata barra mill-Unjoni, li iżda topera fl-Unjoni, u fi spezzjonijiet imwettqa fil-bini ta' din l-impriża li jinsab fl-Unjoni ma kienx approċċ ġdid. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza applikabbli fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni jirriżulta li, sabiex tiġi stabbilita l-kompetenza tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku, huwa biżżejjed li jiġu stabbiliti l-effetti kkwalifikati tal-prattika jew l-implimentazzjoni tagħha fl-Unjoni. Minn dan jirriżulta li, għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, il-Kummissjoni għandha tkun tista' titlob informazzjoni mingħand impriżi li jinsabu barra mill-Unjoni sabiex tivverifika jekk l-aġir tagħhom jiksirx id-dritt tal-Unjoni u jekk jistax jipproduċi effett sostanzjali fuq is-suq intern. Din il-konstatazzjoni tapplika iktar u iktar għad-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan dan is-suq ikkawżati mis-sussidji barranin koperti mill-Artikolu 1 tar-Regolament 2022/2560. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Ċiniż li kienu jipprevedu sanzjonijiet kriminali, ir-rikorrenti la wrew li dawn id-dispożizzjonijiet kienu japplikaw għall-informazzjoni mitluba u lanqas ma wrew li huma kienu pprovaw jiksbu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa sabiex jibagħtu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pproponewx metodi oħra li kienu jippermettu li l-informazzjoni tingħata mingħajr ma jinkiser id-dritt Ċiniż. Fir-rigward tal-motiv li d-deċiżjoni kkontestata kienet illegali sa fejn kienet tobbliga lir-rikorrenti jiksru d-dritt Ċiniż, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li l-validità tal-imsemmija deċiżjoni u ta' kull miżura meħuda bis-saħħa tagħha kellha tiġi evalwata fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni u mhux fid-dawl tad-dritt Ċiniż.

It-tieni nett, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-urġenza, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li l-parti li titlob il-protezzjoni provviżorja għandha tipproduċi l-prova li hija ma tistax tistenna l-eżitu tal-proċedura dwar ir-rikors fuq il-mertu mingħajr ma ġġarrab dannu gravi u irreparabbli.

F'dan il-każ, ir-rikorrenti kienu qegħdin isostnu li t-tkomplija tal-ispezzjoni kienet ser tikkawża tali dannu għar-reputazzjoni tagħhom, minn naħa, u għall-vijabbiltà finanzjarja tagħhom, min-naħa l-oħra.

Fir-rigward tal-ħsara għar-reputazzjoni, il-President tal-Qorti Ġenerali osserva li d-dannu kien jirriżulta mill-impatt tal-kopertura mogħtija mill-mezzi ta' komunikazzjoni lill-ispezzjoni, b'tali mod li kull ħsara allegata għar-reputazzjoni kienet diġà teżisti. Issa, l-għan ta' proċedura għal miżuri provviżorji ma huwiex li jiġi żgurat il-kumpens ta' dannu li jkun diġà seħħ.

Fir-rigward tal-perikolu li fih tqiegħdet il-vijabbiltà finanzjarja tar-rikorrenti, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li dannu ta' natura pekunjarja ma jistax, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jitqies li huwa irreparabbli. Barra minn hekk, l-Imħallef tal-miżuri provviżorji għandu, fil-każijiet kollha, ikollu indikazzjonijiet konkreti u preċiżi, issostanzjati permezz ta' provi fil-forma ta' dokumenti ddettaljati u vverifikati, li juru s-sitwazzjoni li fiha tkun tinsab il-parti li titlob il-miżuri provviżorji.

Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti la kienu stabbilixxew u lanqas biss kienu allegaw li kienu jinsabu f'sitwazzjoni li setgħet tipperikola l-vijabbiltà finanzjarja tagħhom qabel tingħata d-deċiżjoni li tagħlaq

il-kawża fuq il-mertu. Barra minn hekk, it-teżi tar-rikorrenti fis-sens li sabiex jikkonformaw ruħhom mad-deċiżjoni kkontestata kienu ser jesponu lill-grupp li kienu jagħmlu parti minnu u lir-rappreżentanti tagħhom għar-riskju ta' sanzjonijiet kriminali fiċ-Ċina ġiet miċħuda għaliex ma stabbilixxewx li huma kienu ser jiġu mġiegħla jadottaw aġir li fir-rigward tiegħu kien probabbli li setgħet tiġi stabbilita r-responsabbiltà kriminali tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-President wettaq ibbilanċjar tal-interessi u ddeċieda li l-interess pubbliku li titħares l-effettività tad-dritt tal-Unjoni jipprevali fuq l-interess tar-rikorrenti li jevitaw id-dannu allegat li seta' jirriżulta mill-fatt li ser ikollhom, sabiex jeżegwixxu d-deċiżjoni kkontestata, jadottaw aġir li jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà legali tagħhom, inkluża r-responsabbiltà kriminali tagħhom.

F'dan is-sens, huwa rrileva li, meta għażlu li jeżerċitaw attivitajiet kummerċjali fis-suq intern tal-Unjoni, ir-rikorrenti ssuġġettaw ruħhom għar-regoli tal-Unjoni li jirregolaw il-funzjonament ta' dan is-suq, u għalhekk ma setgħux jinvokaw regoli ta' Stat terz sabiex jaħarbu minnhom. Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-interessi tal-Kummissjoni, din għandha l-missjoni li tiżgura li ma jkunx hemm distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern tal-Unjoni. Hija għalhekk għandha tkun tista' twettaq l-investigazzjonijiet tagħha b'mod effettiv u għandha tkun tista' titlob informazzjoni mingħand l-impriżi kollha li jeżerċitaw attivitajiet kummerċjali fl-Unjoni, irrispettivament minn jekk ikunux ikkontrollati minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri jew fi Stati terzi.

### Digriet tat-22 ta' Novembru 2024, UniCredit vs BĊE (T-324/24 R, EU:T:2024:858)

*"Proċeduri għal miżuri provviżorji – Politika ekonomika u monetarja – Sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu – Regolament (UE) Nru 1024/2013 – Iffissar tar-rekwiżiti prudenzjali – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta' urġenza – Nuqqas ta' fumus boni juris – Ibbilanċjar tal-interessi"*

Bil-Qorti Ġenerali adita abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad talba għal miżuri provviżorji intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li tistabbilixxi r-rekwiżiti prudenzjali intiżi li jkomplu jnaqqsu r-riskji marbuta mal-attivitajiet tar-rikorrenti, UniCredit SpA, fit-territorju tal-Federazzjoni Russa.

Fi żmien il-fatti tal-kawża, ir-rikorrenti kienet istituzzjoni ta' kreditu li kienet tmexxi grupp bankarju attiv fuq livell internazzjonali u li kienet teżerċita l-attivitajiet tagħha fir-Russja permezz ta' erba' sussidjarji, fosthom AO UniCredit Bank, li kienu miżmuma 100 % mir-rikorrenti u li kienu jiġu inklużi fid-dikjarazzjonijiet tal-kontabbiltà kkonsolidati tar-rikorrenti. Bħala entità sinjifikattiva [625], hija kienet taqa' taħt is-sorveljanza prudenzjali tal-BĊE.

Fit-22 ta' April 2024, il-BĊE adotta d-deċiżjoni kkontestata [626], li permezz tagħha impona fuq ir-rikorrenti ħames rekwiżiti u fformula rakkomandazzjoni. Wara dan, ir-rikorrenti ppreżentat pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni ta' wħud mir-rekwiżiti imposti fid-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, hija tenniet li kien impossibbli għaliha li timplimenta r-rekwiżiti kollha imposti fid-deċiżjoni kkontestata minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-qafas legali Russu.

Fl-istess ħin mal-preżentata ta' rikors intiż, prinċipalment, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti ressqet din it-talba għal miżuri provviżorji li, wara rinunzja parzjali, kienet intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn tipprevedi r-rekwiżit dwar id-depożiti u r-rekwiżit dwar il-ħlasijiet sa fejn tikkonċerna l-ħlasijiet f'euro, f'dollari Amerikani (USD), fi yuan Ċiniżi (CNY) u f'tenges tal-Kazakistan (KZT).

---

625 Fis-sens tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

626 Skont l-Artikolu 4(1)(f), l-Artikolu 16(1)(c) u l-Artikolu 16(2)(e) u (f) tar-Regolament Nru 1024/2013.

***Il-kunsiderazzjonijiet tal-President tal-Qorti Ġenerali***

Il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar il-kundizzjonijiet kumulattivi sabiex is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u l-miżuri provviżorji l-oħra jkunu jistgħu jingħataw mill-Imħallef tal-miżuri provviżorji, jiġifieri li jiġi stabbilit li l-għoti tagħhom ikun iġġustifikat *prima facie* fil-fatt u fid-dritt (*fumus boni juris*) u li jkunu urġenti, fis-sens li jkun meħtieġ, sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tal-parti li tkun talbithom, li dawn il-miżuri jiġu adottati u jkollhom l-effetti tagħhom qabel tingħata d-deċiżjoni fil-proċedura prinċipali. Barra minn hekk, l-Imħallef tal-miżuri provviżorji għandu jwettaq ukoll, jekk ikun il-każ, ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni.

Fl-ewwel lok, il-President tal-Qorti Ġenerali eżamina, qabel kollox, abbażi biss tal-informazzjoni mogħtija fil-kuntest ta' din it-talba għal miżuri provviżorji, jekk il-kundizzjoni dwar il-*fumus boni juris* kinitx issodisfatta. F'dan ir-rigward, huwa ċaħad il-motivi kollha invokati mir-rikorrenti sabiex turi li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata b'illegalità u ddeċieda li dan ma kienx il-każ hawnhekk.

B'mod partikolari, l-ewwel nett, fir-rigward tal-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba minħabba nuqqas ta' istruttorja, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad l-ewwel parti bbażata fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Huwa kkonstata li mid-deċiżjoni kkontestata kien jirriżulta li l-BĊE wettaq analiżi tar-riskji [627]. Fil-fatt, qabel kollox, huwa kien indika li r-rikorrenti u l-grupp tagħha kienu joperaw f'qafas legali li kompla jsir iktar kumpless minħabba d-diversi sistemi ta' miżuri restrittivi u ta' sanzjonijiet. Il-BĊE identifika wkoll l-aspetti tad-dritt Russu li kienu joħolqu riskji għall-ġestjoni soda u għall-konformità. Barra minn hekk, fir-rigward tar-relazzjoni bejn ir-rekwiżiti imposti fuq ir-rikorrenti u l-profil ta' riskju globali tagħha, il-BĊE qies li r-rikorrenti kienet għadha qiegħda taffaċċja l-ostakoli ewlenin marbuta ma' kopertura globali tar-riskju ta' konformità.

Fir-rigward tal-argument li l-BĊE ma setax jippreżumi li r-rikorrenti kienet ser tikser is-sistema ta' sanzjonijiet mingħajr ma kellu provi ddettaljati u preċiżi, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li l-BĊE indika l-elementi fattwali marbuta mal-qafas legali Russu u l-problemi ta' ġestjoni tas-sussidjarji li kienu jżidu r-riskju ta' nuqqas ta' konformità. Barra minn hekk, il-President tal-Qorti Ġenerali enfasizza li l-analiżi prudenzjali mwettqa mill-BĊE kienet ta' natura previżjonali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-motivazzjoni tal-proporzjonalità tar-rekwiżiti kkontestati, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li l-BĊE espona r-raġunijiet għaliex il-pjan ta' azzjoni tar-rikorrenti jew l-impożizzjoni ta' rekwiżiti ta' kapital u ta' likwidità addizzjonali ma kinux adegwati u suffiċjenti sabiex jiġu indirizzati r-riskji.

Il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad ukoll il-parti bbażata fuq allegat nuqqas ta' istruttorja. Mit-test stess tad-deċiżjoni kkontestata kien jirriżulta li l-BĊE stess kien enfasizza l-limitazzjonijiet legali u operattivi li kienu jirriżultaw mill-qafas legali Russu. Kienu preċiżament dawn il-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li wasslu lill-BĊE jadotta d-deċiżjoni kkontestata peress li kienu jikkumplikaw il-ġestjoni adegwata tar-riskji mir-rikorrenti.

Il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad ukoll it-tielet parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq allegat ksur tal-obbligu tal-BĊE li jwettaq eżami individwali. Fil-fatt, il-BĊE kien identifika, fid-deċiżjoni kkontestata, ir-riskji li kienu jirriżultaw mill-attivitajiet tar-rikorrenti fir-Russja filwaqt li ppreċiża l-aspetti tad-dritt Russu li kienu jdaħħlu inkwistjoni l-ġestjoni soda u l-kopertura tar-riskji. Il-BĊE analizza l-azzjonijiet diġà meħuda mir-rikorrenti u kkonkluda li kien hemm nuqqasijiet li ma kinux jippermettu ġestjoni soda u l-kopertura tar-riskji.

It-tieni nett, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad il-motiv ibbażat fuq l-impossibbiltà tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata minħabba ostakoli marbuta mal-qafas regolatorju Russu. Minn naħa, huwa ddeċieda li r-rikorrenti ma setgħetx tinvoka d-dritt Russu u l-imprevedibbiltà fl-applikazzjoni tiegħu

[627] Fid-dawl tar-rekwiżiti tal-Artikolu 16(1)(c) tar-Regolament Nru 1024/2013.

mill-awtoritajiet Russi sabiex tevita l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni. Bħala entità suġġetta għas-sorveljanza prudenzjali ta-BĊE, ir-rikorrenti kienet meħtieġa tirrimedja r-riskji prudenzjali identifikati mill-BĊE. Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ, fl-osservazzjonijiet tagħha li kienu disponibbli għall-BĊE, ir-rikorrenti kienet sempliċement invokat, b'termini ġenerali, l-inkompatibbiltà tar-rekwiżiti imposti permezz tad-deċiżjoni kkontestata mad-dritt Russu.

It-tielet nett, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan ir-rigward, huwa fakkar li r-Regolament Nru 1024/2013 huwa intiż li jikkontribwixxi għas-sigurtà u għas-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi ħdan l-Unjoni. L-għan tal-miżuri adottati [628] huwa li jiġu rrimedjati, fi stadju bikri, ir-riskji identifikati fil-kuntest tal-eżami prudenzjali mwettaq mill-BĊE. Barra minn hekk, il-BĊE għandu jibbaża ruħu, fil-kuntest tal-marġni wiesa' ta' evalwazzjoni tiegħu, fuq xenarji li ma jkunux improbabbli fir-rigward tad-data disponibbli, mingħajr ma huwa madankollu obbligat jipprova l-eżistenza ta' avvenimenti fil-passat li kellhom l-istess karatteristiċi bħax-xenarju analizzat.

Ir-raba' nett, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad il-motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-BĊE sabiex jadotta d-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, wara li fakkar li d-deċiżjoni kkontestata kienet indirizzata esklużivament lir-rikorrenti, bħala l-kumpannija omm tal-grupp UniCredit, istituzzjoni ta' kreditu suġġetta għas-sorveljanza prudenzjali tal-BĊE, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva, b'mod iktar partikolari, li [629] r-riskji li jheddu s-sigurtà u s-solidità ta' istituzzjoni ta' kreditu jistgħu jseħħu kemm fil-livell tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-veru sens tal-kelma u kemm fil-livell tal-grupp bankarju jew tal-konglomerat finanzjarju li minnu tagħmel parti din l-istituzzjoni ta' kreditu. Sabiex jiġu ggarantiti s-sigurtà u s-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, huwa meħtieġ li jiġu previsti dispożizzjonijiet fil-qasam tas-sorveljanza li jkunu intiżi speċifikament li jtaffu dawn ir-riskji. Minbarra s-sorveljanza fil-livell tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-veru sens tal-kelma, il-BĊE għandu wkoll il-missjoni li jeżerċita l-missjoni ta' sorveljanza tiegħu anki fuq "bażi kkonsolidata".

Fit-tieni lok, il-President tal-Qorti Ġenerali qies li l-kundizzjoni dwar l-urġenza ma kinitx issodisfatta f'dan il-każ.

L-ewwel nett, fir-rigward tad-dannu li allegatament kien jirriżulta mill-inkompatibbiltà tad-deċiżjoni kkontestata mal-qafas regolatorju Russu, l-eżistenza ta' tali inkompatibbiltà ma tikkostitwixxix fiha nnifisha dannu. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma ppreżentatx elementi li kienu jippermettu li tiġi identifikata l-materjalizzazzjoni ta' dannu u li tiġi evalwata n-natura gravi u irreparabbli tiegħu. Barra minn hekk, il-konsegwenzi negattivi li skont ir-rikorrenti kienu jirriżultaw mill-inkompatibbiltà mal-leġiżlazzjoni Russa kienu jikkostitwixxu dannu ta' natura pekunjarja.

Dwar dan il-punt, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li dannu ta' natura pekunjarja ma jistax, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali, jitqies li huwa irreparabbli sa fejn, bħala regola ġenerali, kumpens pekunjarju jista' jistabbilixxi mill-ġdid lill-persuna leża fis-sitwazzjoni tagħha qabel seħħ id-dannu. Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma pprovdiet ebda informazzjoni li kienet tippermetti li jiġi identifikat bi preċiżjoni u li jiġi kkwantifikat id-dannu pekunjarju li seta' jseħħ.

It-tieni nett, fir-rigward tad-dannu marbut mar-riskju ta' telf tal-kontroll u tal-proprjetà tas-sussidjarji Russi, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva, qabel kollox, li r-rikorrenti ma pprovdiet ebda element li kien jippermetti li jinftiehem kif dan id-dannu seta' jimmaterjalizza jew ir-raġunijiet li setgħu jippermettu li wieħed jaħseb li dan id-dannu kien ser ikun ta' natura gravi u irreparabbli. Barra minn hekk, id-dannu li jirriżulta mit-telf tal-kontroll u tal-proprjetà tas-sussidjarji kien ser ikun ta' natura pekunjarja. Issa, ir-rikorrenti ma pprovdiet ebda informazzjoni li kienet tippermetti li jiġi identifikat bi preċiżjoni u li jiġi kkwantifikat id-dannu pekunjarju li seta' jseħħ.

---

**628** Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 1024/2013.

**629** Konformement mal-premessa 26 tar-Regolament Nru 1024/2013.

It-tielet nett, fir-rigward tad-dannu marbut mas-sanzjonijiet personali potenzjali ta' natura gravi ħafna għall-persunal f'pożizzjonijiet ta' tmexxija tas-sussidjarji Russi, ir-rikorrenti indikat biss li r-rekwiżiti imposti mid-deċiżjoni kkontestata kienu ser iwasslu għal tali sanzjonijiet, mingħajr ma pprovdiet iktar preċiżjoni.

Fit-tielet u l-aħħar lok, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li l-għan stess tal-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni huwa li jiġi evalwat jekk, minkejja l-preġudizzju għall-interessi tal-parti li titlob il-miżuri provviżorji minħabba r-riskju għal din il-parti li ġġarrab dannu gravi u irreparabbli, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-interessi marbuta mal-eżekuzzjoni immedjata tad-deċiżjoni kkontestata kien ta' natura li jiġġustifika r-rifjut li jingħataw il-miżuri provviżorji mitluba.

Issa, f'dan il-każ, l-ewwel nett, ir-rikorrenti ma kienet ressqet ebda argument dwar l-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni. It-tieni nett, fir-rigward tal-interessi mfittxija mid-deċiżjoni kkontestata, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li l-missjonijiet speċifiċi fdati lill-BĊE huma intiżi li jikkontribwixxu għas-sigurtà u għas-solidità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi ħdan l-Unjoni u fi ħdan kull Stat Membru. Barra minn hekk, is-setgħa tal-BĊE li jeżiġi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jieħdu, fi stadju bikri, il-miżuri meħtieġa sabiex jirrimedjaw il-problemi kkonstatati minnu turi l-importanza li l-leġiżlatur jagħti lill-introduzzjoni ta' miżuri adegwati malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi evitata l-materjalizzazzjoni tar-riskji identifikati. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti stess sostniet li l-qafas regolatorju Russu kien ta' natura partikolarment ostili u fi żvilupp kostanti, suġġett għal fatturi lokali li mhux dejjem kienu prevedibbli jew li ma kinux jikkorrispondu għall-istandards li jirriżultaw minn proċessi demokratiċi. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom kienu jiddependu mill-evoluzzjoni tal-gwerra mibdija mir-Russja kontra l-Ukraina.

Minn dan il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li l-interess tar-rikorrenti ma setax jipprevali fuq l-interess difiż mill-BĊE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja
L-2925 Lussemburgu
Tel: +352 4303-1

Il-Qorti Ġenerali
L-2925 Lussemburgu
Tel: +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet:
curia.europa.eu

Test miktub fi Frar 2025 / Data vverifikata sal-31.12.2024

Tħejjija tal-pubblikazzjoni: Il-Qorti tal-Ġustizzja / Direttorat għar-Riċerka u d-Dokumentazzjoni, 2025

Ir-ritratti kollha huma © L-Unjoni Ewropea, ħlief jekk jingħad mod ieħor.

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

La l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lanqas kull persuna li taġixxi f'isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors.
© Unjoni Ewropea, 2025

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| PDF WEB | QD-01-25-004-MT-N | ISBN 978-92-829-4966-5 | ISSN 2812-3387 | doi: 10.2862/0133552 |
| PRINT | QD-01-25-004-MT-C | ISBN 978-92-829-4990-0 | ISSN 2812-4154 | doi: 10.2862/8619961 |

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat tar-Riċerka u tad-Dokumentazzjoni